2022

Rapporti Annwali

- **dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 u**
- **dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2022**

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

Skont l-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE, l-Artikolu 258 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323

il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħat tagħha tas-6 ta' Lulju u l-20 ta' Lulju 2023, adottat ir-

RAPPORTI ANNWALI
tagħha għas-sena finanzjarja 2022

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-Istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-Istituzzjonijiet l-oħra.

Fiż-żmien meta ġew adottati dawn ir-rapport, il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri kienu:

Tony Murphy (il-President), Ladislav Balko, Pietro Russo, Baudilio Tomé Muguruza, Iliana Ivanova, Nikolaos Milionis, Klaus-Heiner Lehne, Bettina Jakobsen, Jan Gregor, Mihails Kozlovs, Ildikó Gáll-Pelcz, Eva Lindström, Hannu Takkula, Annemie Turtelboom, Viorel Ştefan, Ivana Maletić, Francois-Roger Cazala, Joëlle Elvinger, Helga Berger, Marek Opioła, Jorg Kristijan Petrovič, Stef Blok, George Marius Hyzler, Lefteris Christoforou, Laima Liucija Andrikienė, Keit Pentus-Rosimannus

Werrej

Paġna

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 5

Risposti tal-istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 412

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022 515

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022 552

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022

Werrej

		Paġna
Introduzzjoni ġenerali		7
Kapitolu 1	Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn	10
Kapitolu 2	Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	57
Kapitolu 3	Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE	98
Kapitolu 4	Dħul	172
Kapitolu 5	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	199
Kapitolu 6	Koeżjoni, reżiljenza u valuri	222
Kapitolu 7	Riżorsi naturali u ambjent	273
Kapitolu 8	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri Sigurtà u difiża	293
Kapitolu 9	Viċinat u d-dinja	309
Kapitolu 10	Amministrazzjoni pubblika Ewropea	332
Kapitolu 11	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	344
Risposti tal-Istituzzjonijiet		382

Introduzzjoni ġenerali

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-awditur estern tal-finanzi tal-UE. F'din il-kapaċità, aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini kollha tal-UE, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE.

0.2. F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[1], ir-rapport annwali tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jkopri kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa. Huwa jippreżenta d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna dwar jekk il-kontijiet tal-UE humiex affidabbli u jekk il-baġit tal-UE ntużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Din id-dikjarazzjoni hija ssupplimentata minn valutazzjonijiet speċifiċi għal oqsma ewlenin ta' nfiq tal-baġit tal-UE. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi adottat kull sena mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. F'Mejju 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta n-*NextGenerationEU (NGEU)*, li huwa strument temporanju li ġie stabbilit b'rispons għall-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u li jiġi ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds. L-NGEU jipprovdi finanzjament għall-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*[2], li tirrappreżenta madwar 90 % tal-finanzjament taħt l-NGEU, kif ukoll għal supplimenti għall-programmi eżistenti tal-QFP 2021-2027, li jridu jintefqu f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur.

0.4. Kemm il-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll il-finanzjament taħt l-NGEU huma suġġetti għall-*proċedura ta' kwittanza*. Permezz ta' din il-proċedura, il-Parlament, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mingħand il-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni Ewropea tkunx issodisfat ir-responsabbiltajiet baġitarji tagħha b'mod sodisfaċenti. Ir-rapport annwali tagħna, ikkombinat kif xieraq mal-prodotti l-oħra li noħorġu, jipprovdi bażi għall-proċedura ta' kwittanza. Hekk kif jiġi ppubblikat, aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

[1] L-Artikoli 285 sa 287 tat-TFUE.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

0.5. Dan ir-rapport annwali huwa strutturat kif ġej:

— il-***Kapitolu 1*** fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, sommarju tar-riżultati tal-awditu li wettaqna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità[3] tat-tranżazzjonijiet, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni u sommarju tal-approċċ tal-awditjar tagħna;

— il-***Kapitolu 2*** jippreżenta l-analiżi li wettaqna tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;

— il-***Kapitolu 3*** jippreżenta aspetti tal-implimentazzjoni tal-baġit relatati mal-prestazzjoni (jiġifieri l-*ekonomija*, l-*effiċjenza* u l-*effettività*), u jiffoka fuq l-analiżi u s-sinteżi li wettaqna ta' informazzjoni ewlenija dwar il-prestazzjoni minn rapporti speċjali li ġew adottati fl-2022, kif ukoll fuq is-segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna tal-2019 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE u fir-rapporti speċjali tagħna tal-2019;

— il-***Kapitolu 4*** jippreżenta r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul tal-UE u tal-eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern għall-ġestjoni tad-dħul, kif ukoll tar-rieżaminar li għamilna tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni;

— il-***Kapitoli 5 sa 10*** juru, għall-intestaturi tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)* 2021-2027, ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u tar-rieżaminar li għamilna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni, elementi tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha u arranġamenti oħra ta' governanza.

— il-***Kapitolu 11*** jippreżenta r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-RRF, kif ukoll ir-rieżaminar li għamilna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li għażilna u l-approċċ tal-awditjar tagħna għall-RRF.

0.6. Aħna għandna l-għan li nippreżentaw is-sejbiet tagħna b'mod ċar u konċiż. Mhux dejjem inkunu nistgħu nevitaw li nużaw termini li huma speċifiċi għall-UE, għall-politiki u l-baġit tagħha, jew għall-kontabbiltà u l-awditjar. Fuq is-sit web tagħna, ippubblikajna glossarju bi spjegazzjonijiet tal-biċċa l-kbira minn dawn it-termini speċifiċi. It-termini ddefiniti fil-glossarju jidhru bil-*korsiv* meta jintużaw għall-ewwel darba f'kull kapitolu.

[3] Minn hawn 'il quddiem f'dan ir-rapport annwali, aħna nużaw it-terminu "regolarità" bl-istess tifsira bħal "legalità u regolarità".

0.7. Hija r-responsabbiltà tagħna, bħala awditur estern, li nirrappurtaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna u li nisiltu l-konklużjonijiet meħtieġa sabiex nipprovdu valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

0.8. Ir-risposti tal-Kummissjoni għas-sejbiet tagħna (u, fejn xieraq, ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE) huma ppreżentati flimkien ma' dan ir-rapport.

0.9. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nwettqu tista' tinstab fir-rapporti annwali tal-attività u fir-rapporti speċjali tagħna, kif ukoll fid-dokumenti analitiċi u fl-opinjonijiet tagħna dwar liġijiet tal-UE ġodda jew aġġornati jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja, li kollha huma disponibbli fuq is-sit web tagħna.

Kapitolu 1

Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni u informazzjoni ta’ sostenn

Werrej

Paragrafu

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti I. - XL.

Introduzzjoni 1.1. - 1.4.

L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika 1.3. - 1.4.

Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2022 1.5. - 1.43.

Affidabbiltà tal-kontijiet 1.5. - 1.8.

Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali 1.5. - 1.7.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar rigward ir-rapporti finanzjarji 2022 1.8.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet 1.9. - 1.30.

L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa li fuqhom huma bbażati l-kontijiet 1.10. - 1.13.

L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq 1.14. - 1.17.

Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta' żball 1.18. - 1.20.

In-nefqa b'riskju għoli tirrappreżenta proporzjon sostanzjali tal-popolazzjoni li awditjajna u hija milquta minn żball materjali 1.21. - 1.25.

L-iżbalji ta' eliġibbiltà huma dawk li għadhom jikkontribwixxu l-aktar għal-livell ta' żball stmat għan-nefqa b'riskju għoli 1.26. - 1.30.

L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni 1.31. - 1.43.

L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija sinifikattivament taħt il-firxa indikata minna 1.33. - 1.35.

Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni x'aktarx tistma l-livell ta' riskju b'mod insuffiċjenti 1.36. - 1.37.

Il-Kummissjoni tejbet ir-rappurtar imwettaq minnha dwar korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri 1.38. - 1.42.

Rappurtar dwar il-proċeduri tal-istat tad-dritt 1.43.

Aħna nirrappurtaw frodi suspettata lill-UPPE u lill-OLAF **1.44. - 1.51.**

Konklużjonijiet **1.52. - 1.56.**

Riżultati tal-awditjar **1.53. - 1.56.**

Annessi

Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati[1] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[2] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022, u li ġew approvati mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2023;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

II. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2022, ir-*riżultati* tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 966/2012 – ĠU L 193/30.7.2018, p. 1, l-Artikolu 243.

[2] *Ibid.*, l-Artikolu 244.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul

III. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Nefqa

IV. Għall-2022, aħna nkomplu nipprovdu żewġ opinjonijiet separati dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Dan jirrifletti l-fatt li l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)* hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti għall-infiq normali tal-baġit taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja

V. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja", in-nefqa baġitarja aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 hija milquta minn livell materjali ta' żball.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF

VI. Fl-opinjoni tagħna, bl-eċċezzjoni għall-effetti tal-kwistjonijiet deskritti taħt il-"Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti taħt l-RRF", in-nefqa taħt l-RRF aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 hija legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Bażi għal opinjoni

VII. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. F'dik it-taqsima, aħna nipprovdu wkoll aktar informazzjoni dwar il-bażi għall-opinjoni tagħna dwar id-dħul (ara l-paragrafu ***XXXV***) u n-nefqa taħt l-RRF (ara l-paragrafu ***XXXVII***). Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti.

Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja

VIII. Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għan-nefqa baġitarja aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 huwa ta' 4.2 %. Proporzjon sostanzjali ta' din in-nefqa huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan prinċipalment jirrigwarda n-nefqa bbażata fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 6.0 %. Din in-nefqa żdiedet għal EUR 110.1 biljun fl-2022, u tirrappreżenta 66.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna[3]. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF

IX. Mit-13-il pagament taħt l-RRF (u l-approvazzjonijiet relatati tal-prefinanzjamenti), 11 kienu milquta minn sejbiet kwantitattivi. Sitta minn dawn il-pagamenti kienu milquta minn żball materjali. Identifikajna wkoll każijiet ta' tfassil dgħajjef fil-miżuri u fl-istadji importanti jew fil-miri ta' bażi, u problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tagħhom. Abbażi ta' dawn l-elementi, inqisu li l-effetti kumplessivi tas-sejbiet tagħna huma materjali, iżda mhux pervażivi għan-nefqa taħt l-RRF aċċettata tas-sena.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

Aħna vvalutajna l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati

X. Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 80.6 biljun fi tmiem l-2022 (2021: EUR 122.5 biljun).

XI. Il-biċċa l-kbira mill-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija relatata mal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (PSEO), li tammonta għal EUR 73.1 biljun (2021: EUR 109.7 biljun). L-obbligazzjoni rreġistrata fil-kontijiet hija stima tal-valur attwali tal-pagamenti futuri mistennija li l-UE se jkollha twettaq biex tissodisfa l-obbligi tagħha tal-pensjoni.

[3] Aħna nipprovdu aktar informazzjoni fir-Rapport Annwali 2022 tagħna, fil-paragrafi ***1.22***-***1.26***.

XII. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet jitħallsu mill-baġit tal-UE. Filwaqt li l-UE ma ħolqotx fond tal-pensjonijiet imfassal apposta biex ikopri l-kost tal-obbligi futuri tal-pensjoni, l-Istati Membri jiggarantixxu b'mod konġunt il-pagament tal-benefiċċji, u l-uffiċjali jikkontribwixxu terz tal-kost għall-finanzjament tal-iskema. L-Eurostat jikkalkula din l-obbligazzjoni kull sena f'isem l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, billi juża parametri bħall-profil tal-età u l-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-UE, kif ukoll suppożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ekonomiċi futuri. Dawn il-parametri u s-suppożizzjonijiet jiġu wkoll ivvalutati mill-konsulenti attwarji tal-Kummissjoni.

XIII. It-tnaqqis fl-obbligazzjoni tal-pensjoni fl-2022 huwa prinċipalment dovut għaż-żieda fir-rata ta' skont nominali, li hija milquta minn rati tal-imgħax globali telgħin[4].

XIV. It-tieni l-akbar parti tal-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija kostitwita mill-obbligazzjoni stmata tal-UE lejn ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS), li ammontat għal EUR 5.7 biljun fi tmiem l-2022 (2021: EUR 10.3 biljun). Din l-obbligazzjoni hija relatata mal-kostijiet tal-kura tas-saħħa li huma pagabbli lill-membri tal-persunal tal-UE matul il-perjodi ta' wara l-attività (bit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tagħhom).

XV. Bħala parti mill-awditjar tagħna, aħna nivvalutaw is-suppożizzjonijiet attwarji li saru għal dawn l-iskemi u l-valwazzjoni riżultanti. Aħna nibbażaw l-evalwazzjoni tagħna fuq xogħol li jitwettaq minn esperti attwarji esterni indipendenti. Nivverifikaw id-*data* bażika li fuqha huma bbażati l-kalkoli, il-parametri attwarji u l-kalkolu tal-obbligazzjoni. Neżaminaw ukoll il-preżentazzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ konsolidata u n-noti għar-rapporti finanzjarji konsolidati.

XVI. Nikkonkludu li l-istima tal-obbligazzjoni kumplessiva għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija ppreżentata b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna stimi sinifikanti ta' tmiem is-sena li ġew ippreżentati fil-kontijiet

XVII. Fi tmiem l-2022, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li kienu għadhom ma ntalbux, kien ta' EUR 148.7 biljun (2021: EUR 129.9 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti[5].

---

[4] Il-kontijiet annwali tal-UE għall-2022, in-Nota 2.9.

[5] Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 85.9 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u, fuq in-naħa tal-assi, EUR 62.8 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament.

XVIII. Iż-żieda f'dik l-istima tirrigwarda prinċipalment l-RRF, li hija l-qofol tan-*NextGenerationEU* (NGEU), jiġifieri l-istrument ta' rkupru temporanju li għandu l-għan li jgħin isewwi l-ħsara ekonomika u soċjali immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-pagamenti lill-Istati Membri taħt din il-faċilità jsegwu profil ta' ħlas parzjali predefinit sal-2026. Fi tmiem l-2022, in-nefqa dovuta taħt l-RRF kienet tammonta għal EUR 22.6 biljun (2021: EUR 12.3 biljun).

XIX. Sabiex nivvalutaw dawn l-istimi ta' tmiem is-sena, aħna eżaminajna s-sistema li l-Kummissjoni kienet stabbiliet għall-kalkoli tal-cut-off biex niżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tagħhom fid-direttorati ġenerali li fihom iġġarrbu l-biċċa l-kbira mill-ispejjeż. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-kampjun ta' fatturi u ta' pagamenti ta' prefinanzjament, aħna eżaminajna l-kalkoli tal-cut-off rilevanti sabiex nindirizzaw ir-riskju li l-ammont dovut jiġi ddikjarat b'mod skorrett. Aħna fittixna kjarifika mis-servizzi kontabilistiċi tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija ġenerali għall-istabbiliment ta' dawn l-istimi.

XX. Nikkonkludu li l-istima tal-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti u ta' pagamenti bil-quddiem oħra mħallsa lill-Istati Membri huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna rrieżaminajna l-assi li ġie ġġenerat mill-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit

XXI. Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. Taħt il-ftehim dwar il-ħruġ, ir-Renju Unit għamel impenn biex jonora l-obbligi finanzjarji kollha tiegħu taħt QFP preċedenti li jirriżultaw mis-sħubija tiegħu fl-UE.

XXII. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, obbligi reċiproċi oħra min-naħa tal-UE u tar-Renju Unit wasslu għal ċerti obbligazzjonijiet u ammonti riċevibbli għall-UE. Dawn l-obbligi jridu jiġu riflessi fil-kontijiet annwali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-UE wrew ammont riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 23.9 biljun (2021: EUR 41.8 biljun), li minnhom huwa stmat li EUR 9.1 biljun se jitħallsu fit-12-il xahar wara d-data tar-rappurtar.

XXIII. Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, iddiskutejna mal-Kummissjoni dwar it-twaqqit, il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-assi rikonoxxut u l-pagamenti li saru. Aħna kkalkulajna mill-ġdid l-ammonti kkonċernati, irrikonċiljajniehom mar-reġistri ta' bażi u vverifikajna x-xerqien ta' kwalunkwe suppożizzjoni użata.

XXIV. Nikkonkludu li l-istima tal-assi totali rikonoxxut b'rabta mal-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit hija ppreżentata b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna l-impatt li l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna kellha fuq il-kontijiet

XXV. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja invadiet l-Ukrajna. Billi l-UE tipprovdi assistenza lill-Ukrajna fil-għamla ta' self u għotjiet, aħna vvalutajna l-kalkoli li l-Kummissjoni kienet għamlet rigward l-esponiment tal-UE għar-riskju finanzjarju assoċjat, kif ukoll il-bażi sottostanti tagħhom, biex niżguraw li l-konsegwenzi reali u potenzjali kienu riflessi b'mod xieraq fil-kontijiet tal-UE. Ivvalutajna l-kalkoli tal-Kummissjoni bi tqabbil mad-*data* proprja tagħna u ma' *data* li kienet teżisti dwar il-kwistjoni.

XXVI. Nikkonkludu li t-trattament tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-kontijiet konsolidati huwa ppreżentat b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna l-impatt tal-NGEU fuq il-kontijiet

XXVII. Bl-NGEU, l-UE mobilizzat mezzi sostanzjali biex tirrinforza s-setturi tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri u biex timmitiga l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija fl-UE. Biex tiffinanzja l-NGEU, il-Kummissjoni Ewropea tiġbor dejn fis-swieq kapitali. Dawn il-fondi qed jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fil-għamla ta' għotjiet mhux ripagabbli jew self sa ammont ta' allokazzjoni li dwarha jkun intlaħaq qbil qabel. Dawn l-inizjattivi għandhom effett sinifikanti fuq ir-rapporti finanzjarji. Il-parti l-aktar sinifikanti tal-NGEU hija l-RRF.

XXVIII. Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, aħna awditjajna l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-NGEU. Nikkonkludu li dawn huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Kwistjonijiet oħra

XXIX. Il-maniġment huwa responsabbli għall-provvediment ta' "informazzjoni oħra". Dan it-terminu jinkludi l-punti finanzjarji ewlenin tas-sena ("Financial highlights of the year"), iżda mhux il-kontijiet konsolidati jew ir-rapporti tagħna dwarhom. L-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet konsolidati ma tkoprix din l-informazzjoni l-oħra, u aħna ma nesprimu l-ebda forma ta' konklużjoni ta' aċċertament dwarha. Ir-responsabbiltà tagħna b'rabta mal-awditu tal-kontijiet konsolidati hija li naqraw l-informazzjoni l-oħra u nqisu jekk din l-informazzjoni tkunx materjalment inkonsistenti mal-kontijiet konsolidati jew mal-għarfien li nkunu ksibna fl-awditu, jew jekk jidhirx li tkun saret xi dikjarazzjoni skorretta materjali oħra. Jekk nikkonkludu li jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali tal-

informazzjoni l-oħra, aħna meħtieġa nirrappurtaw dan il-fatt kif meħtieġ. Aħna ma għandna xejn x'nirrappurtaw f'dan ir-rigward.

Responsabbiltajiet tal-maniġment

XXX. F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet konsolidati tal-UE abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet (liġijiet, regolamenti, prinċipji, regoli u standards) li jirregolawhom. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

XXXI. Fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-UE li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

XXXII. Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-UE.

XXXIII. Skont ir-Regolament Finanzjarju (it-Titolu XIII), l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jrid jippreżenta l-kontijiet konsolidati tal-UE biex jiġu awditjati, l-ewwel bħala kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara u mbagħad bħala kontijiet finali sal-31 ta' Lulju. Il-kontijiet proviżorji jridu diġà jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Għalhekk, huwa imperattiv li l-entrati kollha tal-kontijiet proviżorji jiġu ppreżentati bħala kalkoli finali, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nwettqu l-kompitu tagħna f'konformità mat-(Titolu XIII) tar-Regolament Finanzjarju u sad-dati ta' skadenza mogħtija. Kull bidla bejn il-kontijiet proviżorji u dawk finali normalment tkun tirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħna biss.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet konsolidati u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

XXXIV. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-UE jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta

materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet konsolidati.

XXXV. Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tal-VAT u tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sal-punt li fih il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsa proprja bbażata fuq skart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik, nirrieżaminaw il-proċess għall-kumpilazzjoni tad-*data* ta' tbassir u l-kontrolli tal-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri abbażi ta' din id-*data*, sal-punt meta l-ammonti tad-dħul ikunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jkunu ġew riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet. Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. Għalhekk id-dazji tal-importazzjoni realment miġbura se jkunu inqas mill-ammont li teoretikament jenħtieġ li jinġabar. Din id-differenza hija magħrufa bħala n-"nuqqas doganali". Dawn l-ammonti evaži ma jinqabdux mis-sistemi kontabilistiċi tar-RPT tal-Istati Membri u ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul.

XXXVI. Għan-nefqa, neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba n-nefqa tkun ġiet imġarrba, irreġistrata u aċċettata. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, ħlief il-pagamenti bil-quddiem. Aħna neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

XXXVII. Għan-nefqa taħt l-RRF, mhux bħal nefqa baġitarja oħra, il-kundizzjoni prinċipali għall-pagament hija l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew il-miri predefiniti. Konsegwentement, l-awditu li wettaqna jiffoka fuq jekk il-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà orizzontali ġewx issodisfati. Billi l-konformità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni għall-pagamenti taħt l-RRF, l-awditu li wettaqna ma jinvolvix valutazzjoni sistematika ta' dan l-aspett. Ir-Regolament dwar l-RRF ma

jistipulax kriterji ulterjuri dwar kif għandha tiġi interpretata l-kelma “sodisfaċenti”, u għalhekk lill-Kummissjoni jħallilha diskrezzjoni wiesgħa meta tivvaluta l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri. Il-valutazzjoni tal-kisbiet kwalitattivi tirrikjedi l-għemil ta’ diversi ġudizzji, fatt li jwassal għal interpretazzjonijiet possibbli differenti. Dan ir-riskju huwa preżenti partikolarment meta l-istadji importanti jew il-miri jkunu mfassla b’mod vag.

XXXVIII. Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

(a) Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta’ dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta’ nuqqas ta’ konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta’ bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta’ dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta’ nuqqas ta’ konformità b’riżultat ta’ frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b’riżultat ta’ żball, billi frodi tista’ tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B’konsegwenza ta’ dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(b) niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.

(c) nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

(d) Nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta’ negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta’ entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet konsolidati jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.

(e) Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet konsolidati, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet konsolidati jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta’ bażi b’mod ġust.

(f) Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar rigward l-informazzjoni finanzjarja dwar l-entitajiet koperti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-UE biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet konsolidati u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna għandna r-responsabbiltà li nidderieġu, nissorveljaw u nwettqu l-awditu, u aħna unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.

XXXIX. Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar osservazzjonijiet sinifikanti tal-awditjar, inkluża kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

XL. Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni u ma' entitajiet oħra awditjati, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet konsolidati, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

L-20 ta' Lulju 2023

Tony MURPHY
Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 il-Lussemburgu

Introduzzjoni

1.1. Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

(a) jiddeskrivi l-kuntest għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna u jagħti stampa ġenerali tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni;

(b) jinkludi informazzjoni dwar ir-rappurtar li nwettqu ta' każijiet ta' frodi suspettata lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Uffiċċju tal-UE ta' kontra l-frodi (OLAF) u dwar l-awditi li nwettqu rigward l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-frodi;

(c) jiġbor fil-qosor l-approċċ tal-awditjar tagħna (ara l-***Anness 1.1***).

1.2. Is-sena finanzjarja 2022 kienet it-tieni waħda li fiha xogħolna kopra l-pagamenti li saru mill-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* (RRF)[6]. Ir-riżultati ta' dan ix-xogħol jiffurmaw il-bażi għall-Opinjoni tagħna tal-2022 dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF. Billi l-RRF hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti mill-infiq tal-baġit taħt l-*oqfsa finanzjarji pluriennali* (QFP), nippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħna dwar in-nefqa taħt l-RRF f'kapitolu separat (il-***Kapitolu 11***).

L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika

1.3. L-infiq tal-UE huwa għodda importanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika, iżda mhuwiex l-unika waħda. Miżuri importanti oħra jinkludu oqfsa leġiżlattivi, strateġiji ta' politika konġunti, u d-dritt għall-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, kapital u persuni madwar l-UE. Fl-2022, l-infiq totali tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri (EUR 7 878 biljun) kien jirrappreżenta 50.8 % tal-*introjtu nazzjonali gross* tagħhom (EUR 15 494 biljun). L-infiq tal-baġit tal-UE ammonta għal EUR 196.0 biljun, li jirrappreżenta 2.5 % tal-infiq totali tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri tal-UE u 1.3 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom (ara l-***Figura 1.1***). Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pagamenti addizzjonali mid-*dħul assenjat* għall-għotjiet tal-RRF ta'

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-RRF.

EUR 47.3 biljun iffinanzjati mid-dejn tal-UE (ara l-paragrafu ***2.7***), il-pagamenti fl-2022 ammontaw għal total ta' EUR 243.3 biljun[7].

Figura 1.1 – Infiq tal-baġit tal-UE u nefqa tal-gvernijiet estiżi fl-2022 bħala sehem tal-introjtu nazzjonali gross (ING)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* dwar l-ING tal-EU-27 mill-kontijiet annwali konsolidati tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022 – l-Anness A – Dħul; nefqa tal-gvernijiet estiżi tal-EU-27: il-bażi ta' *data* tal-Eurostat – Government revenue, expenditure and main aggregates; (*data* estratta fil-25.4.2023); infiq tal-baġit tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea – il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

1.4. Il-fondi tal-UE jiġu żborżati lill-*benefiċjarji* jew permezz ta' pagamenti uniċi/pagamenti parzjali annwali jew inkella permezz ta' sensiela ta' pagamenti fi ħdan skemi ta' nfiq pluriennali. Il-pagamenti li saru mill-Baġit 2022 tal-UE ammontaw għal EUR 140.8 biljun li kienu jikkonsistu f'pagamenti *interim* jew finali, kif ukoll fi prefinanzjament ta' EUR 55.2 biljun. Kif turi l-***Figura 1.2***, l-akbar ishma tal-baġit tal-UE marru għand "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "Riżorsi naturali u ambjent", segwiti minn "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali".

[7] Il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni, it-Taqsima 6.3 QFP: implimentazzjoni tal-*approprjazzjonijiet* ta' pagament.

Figura 1.2 – Infiq tal-baġit tal-UE fl-2022 għal kull intestatura tal-QFP

(biljun EUR)



QFP 1 (il-Kapitolu 5)	Suq uniku, innovazzjoni u diġitali
QFP 2 (il-Kapitolu 6)	Koeżjoni, reżiljenza u valuri
QFP 3 (il-Kapitolu 7)	Riżorsi naturali u ambjent
QFP 4 (il-Kapitolu 8)	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri
QFP 5 (il-Kapitolu 8)	Sigurtà u difiża
QFP 6 (il-Kapitolu 9)	Vičinat u d-dinja
QFP 7 (il-Kapitolu 10)	Amministrazzjoni pubblika Ewropea
Strumenti speċjali	(lil hinn mill-QFP)

Sors: il-QEA.

Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2022

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali

1.5. Is-sejbiet tagħna jikkonċernaw il-*kontijiet konsolidati* (il-"kontijiet")[8] tal-UE għas-sena finanzjarja 2022. Aħna rċevejniehom, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fit-30 ta' Ġunju 2023, qabel id-data finali għall-preżentazzjoni stabbilita bir-*Regolament Finanzjarju*. Il-kontijiet huma akkumpanjati minn taqsima bit-titolu "Financial highlights of the year"[9], li mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna wettaqna valutazzjoni tal-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

1.6. Il-kontijiet ippubblikati mill-Kummissjoni juru li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 577.2 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 445.9 biljun. Id-differenza ta' EUR 131.3 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u dik il-parti tal-ispejjeż li l-UE kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri. Ir-*riżultat ekonomiku* (negattiv) għall-2022 kien ta' EUR 91.9 biljun. L-ammonti li ġġarrbu għan-*NextGenerationEU* kkontribwew sinifikattivament għall-ammonti negattivi msemmija.

1.7. L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE fil-***Kapitolu 2***.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar rigward ir-rapporti finanzjarji 2022

1.8. Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, skont il-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna

---

[8] L-Artikolu 241 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

[9] Il-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) bit-titolu "Financial Statement Discussion and Analysis", tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom kif ukoll aħna u nifformulaw l-opinjonijiet tagħna dwarhom, iżda ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet. Aħna nirrappurtaw dwar kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

1.9. Aħna eżaminajna d-dħul u n-nefqa tal-UE biex nivvalutaw jekk ir-riżorsi tagħha kinux inġabru u ntefqu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli[10]. Nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar tagħna għad-dħul fil-***Kapitolu 4*** u għan-nefqa fil-***Kapitoli 5-10***. Aħna nirrappurtaw dwar in-nefqa taħt l-RRF fil-***Kapitolu 11***.

L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

1.10. Għad-dħul, aħna ksibna aċċertament raġonevoli għall-opinjoni tal-awditjar tagħna billi vvalutajna s-sistemi ewlenin magħżula, ikkomplementati bi ttestjar tat-tranżazzjonijiet. Il-kampjun ta' 65 tranżazzjoni eżaminati tfassal biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul baġitarju tal-UE, li jinkludi dħul minn riżorsi proprji (dazji doganali u riżorsi bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud, skart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik u introjtu nazzjonali gross) u dħul provenjenti minn sorsi oħra. Il-kampjun tagħna kopra wkoll dħul assenjat estern li ntuża għall-finanzjament tal-komponent (għotja) mhux ripagabbli[11] tal-RRF (ara l-paragrafi ***4.2-4.4***).

1.11. Għan-nefqa, aħna għażilna kampjun rappreżentattiv ta' 760 tranżazzjoni, li jinkludu trasferimenti ta' fondi mill-baġit tal-UE lil *riċevituri finali* tal-infiq tal-UE (ara l-paragrafi ***(18)*** u ***(19)*** tal-***Anness 1.1***). L-ittestjar li wettaqna ta' dawn it-tranżazzjonijiet ikkontribwixxa għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u għall-istima tagħna tal-proporzjon ta' tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva li awditjajna, fi nfiq b'riskju għoli u fi nfiq b'riskju baxx (ara l-paragrafu ***1.18***) kif ukoll f'kull intestatura tal-QFP li għaliha aħna nipprovdu valutazzjoni speċifika (l-Intestaturi 1, 2, 3 u 7).

---

[10] Inklużi tranżazzjonijiet mill-QFP 2014-2020 u minn QFP preċedenti.

[11] Dan jinkludi l-ammonti mislufa mill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli lill-Istati Membri taħt l-NGEU. L-UE se jkollha tħallas lura dawn l-ammonti fil-ġejjieni.

1.12. Fl-2022, il-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tad-dħul kienet tammonta għal EUR 245.3 biljun (ara l-***Figura 4.1***). Il-popolazzjoni tagħna għall-ittestjar tan-nefqa kienet tammonta għal total ta' EUR 166.8 biljun, inklużi s-supplimenti tal-NGEU għall-programmi eżistenti tal-QFP 2021-2027, li jridu jintefqu f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur. Dawn l-ammonti jinkludu kemm kontribuzzjonijiet mir-Renju Unit kif ukoll pagamenti magħmula lilu, f'konformità mal-kundizzjonijiet deskritti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ[12].

1.13. Il-***Figura 1.3*** turi l-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tan-nefqa – diżaggregata f'pagamenti *interim* u finali; *approvazzjoni* ta' prefinanzjamenti; u deċiżjonijiet annwali dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet – bi tqabbil mal-infiq tal-UE għal kull intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu ***(18)*** tal-***Anness 1.1***).

[12] L-Artikoli 136 u 138 tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Figura 1.3 – Tqabbil bejn il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 166.8 biljun) u l-infiq tal-baġit tal-UE (EUR 196.0 biljun) skont l-intestatura tal-QFP fl-2022



(*) Ara l-paragrafi ***6.8*** u ***6.9*** dwar il-popolazzjoni li awditjajna ta' (EUR 66.9 biljun) għal "Koeżjoni, reżiljenza u valuri".

Sors: il-QEA.

L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq

1.14. F'dak li jikkonċerna r-regolarità tad-dħul u n-nefqa tal-UE, is-sejbiet ewlenin tagħna kienu:

(a) **Dħul**: l-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' *żball* fit-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul li eżaminajna kienu b'mod ġenerali effettivi. Madankollu, xi wħud mill-kontrolli interni ewlenin tar-*riżorsi proprji tradizzjonali* (RPT) li vvalutajna f'ċerti Stati Membri, il-ġestjoni ta' każijiet ta' tħassir tar-RPT, kif ukoll il-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-RPT fil-Kummissjoni kienu parzjalment effettivi. Barra minn hekk, bħalma ddikjarajna fir-rapport speċjali reċenti tagħna dwar l-ING[13], ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* kienu koperti sew b'mod ġenerali mill-verifika li twettqet mill-Kummissjoni iżda kien hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet tagħha. Sibna wkoll li kien hemm aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet magħżula fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fin-nuqqas doganali. Din id-dgħufija ma tolqotx l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul, billi ma tikkonċernax it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet iżda pjuttost ir-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti (ara l-***Kapitolu 4***).

(b) **Nefqa**: l-evidenza tagħna għall-awditjar tindika li l-livell kumplessiv ta' żball[14] kien materjali f'rata ta' 4.2 %[15] (ara l-***Figura 1.4***). Il-livell ta' żball huwa mmexxi prinċipalment minn "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" li kien l-akbar kontributur għal din ir-rata (2.5 punti perċentwali), segwit minn "Riżorsi naturali u ambjent" (0.8 punt perċentwali), "Viċinat u d-dinja" (0.4 punt perċentwali) u "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (0.3 punt perċentwali). Qed ikompli jkun hemm żball materjali fin-nefqa b'riskju għoli, li hija prinċipalment nefqa bbażata fuq rimborżi (ara l-paragrafi ***1.18***-***1.20***). Fl-2022, nefqa ta' dan it-tip kienet tirrappreżenta 66.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna.

---

[13] Ir-Rapport Speċjali 25/2022: "Verifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross għall-finanzjament tal-baġit tal-UE – Ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* jiġu koperti sew b'mod ġenerali, iżda hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet".

[14] Definizzjoni ta' "żball" fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***(24)***.

[15] Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-*livell ta' żball stmat* fil-popolazzjoni jinsab bejn 3.1 % u 5.3 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball, rispettivament).

Figura 1.4 – Livell ta' żball stmat u popolazzjoni li awditjajna (2018-2022)



Sors: il-QEA.

1.15. Il-***Figura 1.5*** tqabbel il-livelli ta' żball stmati minna għal "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali", "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "Riżorsi naturali u ambjent" bejn l-2018 u l-2022. Il-paragrafi ***1.16*** u ***1.17*** u l-***Kapitoli 5-7*** jipprovdu aktar informazzjoni.

Figura 1.5 – Livelli ta' żball stmati għall-Intestaturi 1, 2 u 3 tal-QFP (2018-2022)



Sors: il-QEA.

1.16. Din is-sena, kemm il-*livell ta' żball stmat* għall-Intestatura 2 ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri") tal-QFP u l-għadd ta' żbalji li sibna kienu ogħla milli fi snin preċedenti. Dawn iż-żidiet ma jsegwux xejra ġeografika. Madankollu, identifikajna żieda f'tipi speċifiċi ta' żball (bħal kostijiet ineliġibbli u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku) (ara l-paragrafu ***1.22***). Nosservaw ukoll li qed joqrob tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-programmi tal-perjodu 2014-2020 (il-31 ta' Diċembru 2023), u hemm pressjoni akbar favur l-assorbiment. Barra minn hekk, l-Istati Membri ngħataw flessibbiltà konsiderevoli fir-riprogrammazzjoni tal-fondi (inkluż finanzjament addizzjonali permezz tar-*REACT-EU*) u fid-dikjarazzjoni tan-nefqa mill-2020 'il hawn. B'żieda ma' dan, matul il-perjodu tal-COVID-19, l-effettività tal-verifiki mill-awtoritajiet maniġerjali u dawk tal-awditjar jaf tnaqqset (ara l-paragrafu ***6.17***).

1.17. Għall-Intestatura 3 ("Riżorsi naturali u ambjent") tal-QFP, nosservaw li l-għadd ta' dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar tal-erjas, kemm għall-pagamenti diretti kif ukoll għall-miżuri tal-iżvilupp rurali, żdied minn 4 żbalji fl-2021 għal 16-il żball fl-2022, li jaf jindikaw dgħufijiet speċifiċi fil-ġestjoni tas-*Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art* min-naħa ta' xi Stati Membri.

Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta' żball

1.18. B'segwitu għal analiżi tar-riskju li wettaqna, u li hija bbażata fuq riżultati tal-awditjar preċedenti tagħna u fuq valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, aħna qsamna l-popolazzjoni li awditjajna tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi nfiq b'riskju għoli u nfiq b'riskju baxx, sabiex nagħżlu l-kampjun rappreżentattiv tagħna. Aħna nqisu li:

— ir-riskju ta' żball huwa aktar baxx għan-nefqa li tkun suġġetta għal regoli simplifikati. Dan it-tip ta' nefqa jinkludi prinċipalment dawk il-**pagamenti bbażati fuq drittijiet** li għalihom il-benefiċjarji jeħtiġilhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet – li ta' sikwit ikunu sempliċi – kif ukoll parti min-nefqa amministrattiva (salarji u pensjonijiet tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-UE);

— ir-riskju ta' żball huwa għoli għan-nefqa li tkun suġġetta għal regoli kumplessi. Dan huwa l-każ prinċipalment għal **pagamenti bbażati fuq rimborżi** fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw talbiet għal kostijiet eliġibbli li jkunu ġarrbu. Għal dan il-fini, kif ukoll biex juru li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ, huma jridu jipprovdu evidenza tal-kostijiet rimborżabbli li jkunu ġarrbu. Meta jagħmlu dan, iridu ta' sikwit isegwu regoli kumplessi rigward x'jista' jintalab (eliġibbiltà) u kif il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu b'mod xieraq (regoli dwar l-akkwist pubbliku jew dwar l-*għajnuna mill-Istat*).

1.19. Fl-2022, aħna komplejna nsibu li n-nefqa b'riskju baxx kienet ħielsa minn żball materjali iżda li n-nefqa b'riskju għoli baqgħet milquta minn żball materjali. Għalhekk, ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2022 jaffermaw mill-ġdid il-valutazzjoni li wettaqna, kif riflessa fl-analiżi u fil-klassifikazzjoni li għamilna tar-riskji, li l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball.

1.20. Filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna fl-intestaturi kollha tal-QFP, aħna nistmaw li l-livell ta' żball fin-nefqa b'riskju għoli huwa ta' 6.0 % (2021: 4.7 %), li huwa ogħla mis-*soll ta' materjalità* ta' 2.0 %. Il-***Figura 1.6*** u l-paragrafi ***1.21***-***1.29*** jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-popolazzjoni b'riskju għoli u l-iżbalji li sibna fihom.

Figura 1.6 – Diżaggregazzjoni tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2022, f'nefqa b'riskju għoli u nefqa b'riskju baxx



Sors: il-QEA.

In-nefqa b'riskju għoli tirrappreżenta proporzjon sostanzjali tal-popolazzjoni li awditjajna u hija milquta minn żball materjali

1.21. In-nefqa b'riskju għoli tirrappreżenta 66.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna, u żdiedet meta mqabbla mas-sena l-oħra, meta kienet tirrappreżenta madwar 63.2 %. Il-***Figura 1.7*** turi li "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" jikkostitwixxi l-akbar sehem mill-popolazzjoni tagħna b'riskju għoli (EUR 64.8 biljun), segwit minn "Riżorsi naturali u ambjent" (EUR 19.5-il biljun), "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (EUR 12.4-il biljun) u "Viċinat u d-dinja" (EUR 8.1) biljun. Il-paragrafi ***1.22***-***1.25*** jiġbru fil-qosor is-sejbiet tagħna għal kull waħda minn dawn l-intestaturi.

Figura 1.7 – Diżaggregazzjoni tan-nefqa b'riskju għoli u ta' dik b'riskju baxx skont l-intestatura tal-QFP

(biljun EUR)



Sors: il-QEA.

1.22. "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" (il-***Kapitolu 6***): in-nefqa f'dan il-qasam tiġi implimentata prinċipalment permezz tal-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali* (FEŻR), il-*Fond ta' Koeżjoni* (FK)u l-*Fond Soċjali Ewropew Plus* (FSE+). Din hija predominata minn pagamenti bbażati fuq rimborżi, li aħna nqisu li huma b'riskju għoli. It-tipi prinċipali ta' żball li sibna u kkwantifikajna kienu: kostijiet u proġetti ineliġibbli u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku jew dawk tas-suq intern (b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

1.23. "Riżorsi naturali u ambjent" (il-***Kapitolu 7***): ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball kien materjali għall-oqsma ta' nfiq li identifikajna bħala li huma b'riskju għoli (żvilupp rurali, miżuri tas-suq u l-oqsma ta' politika l-oħra tal-Intestatura 3 tal-QFP lil hinn mill-*politika agrikola komuni (PAK)*). Dawn l-oqsma jirrappreżentaw madwar 34 % tan-nefqa taħt din l-intestatura, li prinċipalment tieħu l-għamla ta' rimborż.

Benefiċjarji jew nefqa ineliġibbli u nuqqas li jiġu ssodisfati l-impenji agroambjentali huma l-aktar żbalji komuni li jinstabu f'dawn l-oqsma.

1.24. "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (il-***Kapitolu 5***): bħal fi snin preċedenti f'dan il-qasam, in-nefqa għar-riċerka (prinċipalment Orizzont 2020) tibqa' b'riskju għoli u s-sors prinċipali ta' żbalji. L-iżbalji f'dan il-qasam jinkludu kategoriji differenti ta' kostijiet ineliġibbli (b'mod partikolari ammonti ineliġibbli relatati ma' kostijiet diretti għall-persunal u *kostijiet diretti* oħra u sottokuntrattar). Fil-każ ta' programmi u attivitajiet oħra, qbadna *żball kwantifikabbli* f'1 mill-35 tranżazzjoni li kkampjunajna. Dan kien jikkonċerna *irregolarità* fil-proċedura ta' akkwist ta' proġett tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

1.25. "Viċinat u d-dinja" (il-***Kapitolu 9***): in-nefqa f'dan il-qasam hija, fil-biċċa l-kbira, ibbażata fuq rimborżi u tkopri *azzjoni esterna* ffinanzjata mill-baġit tal-UE. Aħna nqisu t-tipi kollha ta' nefqa taħt din l-intestatura bħala b'riskju għoli, ħlief għal pagamenti relatati mal-*appoġġ baġitarju* u nefqa amministrattiva, li jirrappreżentaw madwar 20 %. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji misjuba fin-nefqa b'riskju għoli f'dan il-qasam kienu jikkonċernaw: kostijiet ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn, nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u nefqa mhux imġarrba.

L-iżbalji ta' eliġibbiltà huma dawk li għadhom jikkontribwixxu l-aktar għal-livell ta' żball stmat għan-nefqa b'riskju għoli

1.26. Bħalma għamilna fi snin reċenti, hawn taħt aħna niddeskrivu fid-dettall it-tipi ta' żball li nstabu fin-nefqa b'riskju għoli, billi hawnhekk huwa fejn hemm livell materjali ta' żball persistenti. Il-***Figura 1.8*** turi l-kontribut ta' kull tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat fir-rigward tan-nefqa b'riskju għoli fl-2022, flimkien mal-istimi mill-2018 sal-2022.

Figura 1.8 – Kontribut għal-livell ta' żball stmat għall-2022, fir-rigward tan-nefqa b'riskju għoli, skont it-tip ta' żball



(*) Żbalji li saru mill-Kummissjoni u mill-korpi intermedjarji u żbalji oħra kienu 0.4 % fl-2022.

Sors: il-QEA.

1.27. Fl-2022, aħna komplejna nsibu li żbalji ta' eliġibbiltà, prinċipalment f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri", "Riżorsi naturali u ambjent" u "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" kienu dawk li l-aktar li kkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għan-nefqa b'riskju għoli, f'rata ta' 74 % (2021: 63.3 %). Minn dawn l-iżbalji, il-kostijiet ineliġibbli inklużi fit-talbiet dwar il-kostijiet ikkontribwew 66 % u l-proġetti, l-attivitajiet jew il-benefiċjarji ineliġibbli kkontribwew 8 %.

1.28. Fl-2022, aħna sibna żbalji rigward ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri", "Viċinat u d-dinja", "Amministrazzjoni pubblika Ewropea", u "Sigurtà u difiża". Dawn l-iżbalji kkontribwew 20 % għal-livell ta' żball stmat minna għan-nefqa b'riskju għoli (2021: 19.1 %).

1.29. Barra minn hekk, pagamenti li għalihom ma ġiet ipprovduta l-ebda dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn baqgħu jolqtu l-livell ta' żball fin-nefqa b'riskju għoli, prinċipalment f'"Viċinat u d-dinja" u "Koeżjoni, reżiljenza u valuri". Dawn l-iżbalji kkontribwew 6% (2021: 12.1 %) għal-livell ta' żball stmat minna għan-nefqa b'riskju għoli.

Aħna ma sibniex livell materjali ta' żball fin-nefqa b'riskju baxx

1.30. Għan-nefqa b'riskju baxx, li kienet tirrappreżenta 34.0 % tal-popolazzjoni li awditjajna, aħna nikkonkludu li l-livell ta' żball stmat huwa taħt is-soll ta' materjalità tagħna ta' 2.0 %, kif kien ukoll il-każ fl-2020 u fl-2021. In-nefqa b'riskju baxx prinċipalment tinkludi pagamenti bbażati fuq drittijiet, parti min-nefqa amministrattiva ("Salarji u pensjonijiet tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-UE" – il-***Kapitolu 10***) u appoġġ baġitarju lil pajjiżi mhux tal-UE ("Viċinat u d-dinja" – il-***Kapitolu 9***) (ara l-***Figura 1.7***). Il-pagamenti bbażati fuq drittijiet jinkludu *għajnuna diretta* għall-bdiewa ("Riżorsi naturali u ambjent" – il-***Kapitolu 7***) u azzjonijiet għall-istudenti kif ukoll azzjonijiet oħra ta' mobbiltà taħt *Erasmus+* ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri" – il-***Kapitolu 6***).

L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni

1.31. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni (jiġifieri ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża). Il-Kummissjoni tagħti rendikont tal-azzjonijiet tagħha f'ħames dokumenti, li huma inklużi fil-"pakkett integrat ta' rappurtar finanzjarju u ta' obbligu ta' rendikont":

(a) ir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni* (AMPR);

(b) il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea;

(c) ir-rapport dwar is-segwitu għall-*kwittanza* tas-sena finanzjarja preċedenti;

(d) ir-rapport lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fis-sena finanzjarja preċedenti;

(e) il-previżjoni għal żmien twil ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ tal-baġit tal-UE.

1.32. L-AMPR jiġbor fil-qosor l-informazzjoni ewlenija dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja msemmija fir-*rapporti annwali tal-attività* (RAA) tad-diversi direttorati ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni. Ir-responsabbiltà għal dawn ir-rapporti ssegwi t-tqassim tar-responsabbiltajiet li huwa stabbilit fl-arranġamenti ta' governanza

tal-Kummissjoni. Id-diretturi ġenerali huma responsabbli mill-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fir-RAA rispettivi tagħhom, filwaqt li l-kulleġġ tal-Kummissarji jadotta l-AMPR u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar jibqa' jkollu s-sjieda tal-produzzjoni tar-rapport u tal-informazzjoni ppreżentata fih.

L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija sinifikattivament taħt il-firxa indikata minna

1.33. Fl-AMPR, il-Kummissjoni tippreżenta l-istima tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament[16] għat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-2022. Ir-riskju fil-waqt tal-pagament jirrappreżenta l-istima mill-Kummissjoni tal-ammont li, fil-mument tal-pagament, tħallas mingħajr ma ġew segwiti r-regoli applikabbli. Dan il-kunċett huwa l-eqreb għall-istima tagħna tal-livell ta' żball.

1.34. Il-*Figura 1.9* tippreżenta ċ-ċifri ppreżentati mill-Kummissjoni għar-riskju fil-waqt tal-pagament flimkien mal-firxa tal-livell ta' żball stmat minna. Fil-każ tal-Kummissjoni, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2022 huwa ta' 1.9 %, li huwa sinifikattivament taħt il-livell ta' żball stmat minna ta' 4.2 % (2021: 3.0 %) u taħt il-firxa indikata minna, li hija bejn 3.1 % u 5.3 %.

Figura 1.9 – L-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament meta mqabbla mal-livell ta' żball stmat minna



Sors: il-QEA.

[16] L-Artikolu 247(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-AMPR jinkludi stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-UE.

1.35. Ir-riskju fil-waqt tal-pagament jiġi ddivulgat b'mod individwali għal kull direttorat ġenerali (DĠ) fir-RAA rilevanti tiegħu bħala ċifri aggregati għal kull qasam ta' politika u għall-Kummissjoni fl-intier tagħha fl-AMPR. Il-***Figura 1.10*** tqabbel il-livell ta' żball stmat minna mal-istimi tal-Kummissjoni għat-tliet l-akbar intestaturi tal-QFP li għalihom nipprovdu valutazzjoni speċifika. It-tqabbil juri li ċ-ċifri tal-Kummissjoni huma taħt l-istimi li wettaqna għal tliet oqsma ta' politika. Aħna sibna li:

— għall-Intestatura 1 **"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"**, l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament ta' 1.5 % kienet fin-nofs inferjuri tal-firxa indikata minna, taħt il-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafi ***5.7*** u ***5.40***).

— għall-Intestatura 2 **"Koeżjoni, reżiljenza u valuri"**, l-istima mill-Kummissjoni kienet ta' 2.6 %, sinifikattivament taħt il-firxa indikata minna għal-livell ta' żball stmat (ara l-paragrafi ***6.16*** u ***6.77***).

— għall-Intestatura 3 **"Riżorsi naturali u ambjent"**, l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament (1.7 %) kienet fin-nofs inferjuri tal-firxa indikata minna, taħt il-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafi ***7.15*** u ***7.34***).

Figura 1.10 – Il-livell ta' żball stmat minna għall-2022 bi tqabbil mar-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni għall-Intestaturi 1, 2 u 3 tal-QFP



Sors: il-QEA.

Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni x'aktarx tistma l-livell ta' riskju b'mod insuffiċjenti

1.36. Fl-AMPR, il-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni tar-riskju kumplessiv tagħha tan-nefqa annwali tal-2022 sabiex tidentifika u tiffoka l-azzjoni fuq oqsma b'riskju għoli. Il-Kummissjoni taqsam din in-nefqa annwali f'oqsma fejn ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament ikun baxx (inqas minn 2.0 %), medju (bejn 2.0 % u 2.5 %) u għoli (ogħla minn 2.5 %). Hija tasal għal dan il-qsim billi tistma r-riskju fil-waqt tal-pagament għal kull programm u segment tan-nefqa rilevanti oħra. Għal "Riżorsi naturali u ambjent" u "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", hija tistma r-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament għal aġenziji tal-pagamenti u programmi operazzjonali individwali fl-Istati Membri u tassenjahom għall-kategorija ta' riskju xierqa (baxx, medju jew għoli). Abbażi ta' dan l-approċċ, il-Kummissjoni tistma li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa baxx għal 63 % (2021: 55 %) tan-nefqa, medju għal 12 % (2021: 23 %) u għoli għal 25 % (2021: 22 %).

1.37. Madankollu, xogħolna żvela l-limitazzjonijiet li ġejjin fil-verifiki *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni, li, meħuda flimkien, jolqtu r-robustezza tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni.

- L-Intestatura 1 **"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"** tal-QFP (nefqa rilevanti totali mill-Kummissjoni: EUR 20 biljun) prinċipalment tinkludi nefqa kklassifikata mill-Kummissjoni bħala b'riskju baxx (65 % tan-nefqa totali ta' din l-intestatura). Madankollu, preċedentement aħna rrappurtajna dgħufijiet fl-awditi *ex post* li l-Kummissjoni kienet wettqet f'dan il-qasam[17], li jistmaw b'mod insuffiċjenti l-istima li l-Kummissjoni twettaq tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-programmi kkonċernati. Għall-2022, aħna stmajna livell ta' żball ta' 2.7 % fl-Intestatura 1 tal-QFP (ara l-paragrafu ***5.7***), li jindika li dawn id-dgħufijiet għadhom jeżistu.

- L-Intestatura 2 **"Koeżjoni, reżiljenza u valuri"** tal-QFP (nefqa totali rilevanti mill-Kummissjoni: EUR 68 biljun) tinkludi programmi operazzjonali kklassifikati mill-Kummissjoni prinċipalment bħala b'riskju baxx jew medju (64 % tan-nefqa totali ta' din l-intestatura) skont x'kienu r-rati ta' żball ikkonfermati tagħhom. Għall-2022, aħna stmajna livell materjali ta' żball ta' 6.4 % fl-Intestatura 2 tal-QFP (ara l-paragrafu ***6.77***). Bħalma ġie ddikjarat fil-paragrafu ***6.68***, l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità rrappurtata mill-Kummissjoni fir-RAA tagħha tiddependi bil-kbir mill-kwalità tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-programmi. Il-Kummissjoni twettaq analiżijiet mhux fuq il-post u awditi tal-konformità biex tirrieżamina u tivvaluta x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Permezz tax-xogħol

[17] Ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 1.37, u r-Rapport Annwali 2019, il-Kaxxa 1.11.

tal-awditjar tagħna, sibna li l-Kummissjoni tkompli taqbad l-irregolaritajiet permezz tal-awditi tal-konformità tagħha, iżda l-analiżijiet mhux fuq il-post għandhom limitazzjonijiet inerenti fil-konferma tar-*rata tal-iżball residwu totali*[18]. Għall-2022, is-sejbiet tal-awditjar tagħna jagħtu x'jifhmu li l-indikatur tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament ġie vvalutat b'mod insuffiċjenti u li għalhekk xi programmi setgħu ġew ikklassifikati b'mod skorrett bħala b'riskju baxx jew medju.

- L-Intestatura 6 **"Viċinat u d-dinja"** tal-QFP (nefqa rilevanti totali mill-Kummissjoni: EUR 14-il biljun) hija kklassifikata mill-Kummissjoni prinċipalment bħala b'riskju baxx (90 % tan-nefqa totali tal-intestatura). Ir-rati ta' żball irrappurtati fl-istudju dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) huma kontributur importanti għar-riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura. Kemm fil-passat[19] kif ukoll f'dan ir-rapport (ara l-paragrafu ***9.21***), aħna kkonkludejna li l-limitazzjonijiet fl-istudju dwar l-RER jistgħu jikkontribwixxu għall-istima insuffiċjenti tar-riskju fil-waqt tal-pagament f'din l-intestatura, u li dan min-naħa tiegħu jkun jolqot il-klassifikazzjoni tar-riskju tagħha. Barra minn hekk, inkomplu nsibu għadd kbir ta' żbalji kwantifikabbli fin-nefqa ta' "Viċinat u d-dinja", u r-riżultati tal-awditjar tagħna jindikaw li r-riskju ta' żball f'din l-intestatura huwa għoli (ara l-paragrafi **9.8** u ***9.27***).

Il-Kummissjoni tejbet ir-rappurtar imwettaq minnha dwar korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri

1.38. Il-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, tipprovdi informazzjoni fl-AMPR dwar miżuri preventivi u korrettivi biex tipproteġi l-baġit minn nefqa illegali jew irregolari. Fir-rapport annwali tas-sena l-oħra[20], aħna sibna li l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-*korrezzjonijiet finanzjarji* u tal-irkupri fl-AMPR 2021 kienet inadegwata u suxxettibbli għal fehim skorrett, billi l-Kummissjoni kienet żiedet l-ammonti li jirriżultaw minn miżuri preventivi u korrettivi u ppreżentat dan it-total bħala "korrezzjonijiet għal pagamenti tal-passat"[21].

---

[18] Ir-Rapport Speċjali 26/2021: "Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE – Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali".

[19] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 8.22.

[20] *Ibid.*, il-paragrafi 1.42-1.45.

[21] L-AMPR 2021, il-Volum II, l-Anness 2, it-Taqsima 2.1, p. 49.

1.39. Fl-AMPR 2022, il-Kummissjoni indirizzat l-osservazzjoni tagħna billi ċċarat li l-ammont totali rrappurtat (EUR 4 950 miljun) jinkludi miżuri preventivi u korrettivi meħuda kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri[22]. Ipprovdiet ukoll informazzjoni dettaljata dwar it-total ta' miżuri preventivi u korrettivi u l-oriġini tagħhom (kontrolli tal-Istat Membru jew tal-UE), u ppreżentat biss l-ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri netti li ġew applikati fl-2022 għal pagamenti tal-passat jew għal nefqa aċċettata (miżuri korrettivi) bħala perċentwal tan-nefqa rilevanti fl-2022[23].

1.40. Il-***Figura 1.11*** turi l-kompożizzjoni tal-korrezzjonijiet reali implimentati mill-Kummissjoni u rrappurtati fl-AMPR 2022 (EUR 929 miljun (2021: EUR 765 miljun)). Il-korrezzjonijiet netti imposti fuq l-Istati Membri fl-2022 ammontaw għal total ta' EUR 734 miljun (2021: EUR 523 miljun), u l-pagamenti mhux dovuti rkuprati mir-riċevituri finali ammontaw għal EUR 195 miljun (2021: EUR 242 miljun).

[22] *Ibid.*, p. 59.

[23] L-AMPR 2022, il-Volum III, l-Anness 5, it-Taqsima 5.4, pp. 30 u 31.

Figura 1.11 – Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri (EUR 929 miljun) implimentati mill-Kummissjoni, kif irrappurtati fl-AMPR 2022

(*miljun EUR*)



(*) Dan l-ammont jirrigwarda perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-AMPR 2022.

1.41. Id-dispożizzjonijiet legali li ġew introdotti għall-perjodu 2014-2020 taw aktar setgħa lill-Kummissjoni biex tiżgura li n-nefqa irregolari ma tibqax tiġi rimborżata mill-baġit tal-UE. Dan, huma għamluh billi ppermettew lill-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti f'każijiet meta l-Istati Membri jonqsu milli jidentifikaw defiċjenzi serji, suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 145(7) tar-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni*. Fir-Rapport Annwali 2021[24] tagħna osservajna li, fi tmiem l-2021, l-ebda korrezzjoni netta ma kienet ġiet imposta fuq l-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020 fil-qasam ta' "Koeżjoni". Fi tmiem l-2022, il-Kummissjoni

[24] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 1.44.

kienet għadha ma implimentat l-ebda korrezzjoni finanzjarja netta f'dan il-qasam (ara l-paragrafu ***6.71***).

1.42. Aħna eżaminajna jekk, sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni (id-direttorati ġenerali prinċipali li jimmaniġġjaw l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni: Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (DĠ EMPL) u Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO)) kinitx iddivulgat kwalunkwe informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji netti li kienu għadhom għaddejjin. Id-DĠ REGIO rrapporta li kien għadu ma applikax xi korrezzjonijiet finanzjarji netti. Skont ir-RAA tad-DĠ EMPL, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti dehru li ġew issodisfati f'każ wieħed u proċedura għal dan il-fini jaf tinbeda fl-2023 (ara l-paragrafu ***6.72***).

Rappurtar dwar il-proċeduri tal-istat tad-dritt

1.43. B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tagħna fir-rapport annwali[25] tas-sena l-oħra, id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL inkludew sommarju, fir-RAA 2022 rispettivi tagħhom, tal-istatus tal-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Baġitarja (ara l-paragrafu ***6.77***)

[25] *Ibid.*, ir-Rakkomandazzjoni 5.6.

Aħna nirrappurtaw frodi suspettata lill-UPPE u lill-OLAF

1.44. Il-*frodi* hija kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni meħtieġa u l-użu mhux xieraq tal-fondi tal-UE[26]. Il-frodi għandha l-effett li tagħmel ħsara jew li potenzjalment tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE.

1.45. Ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi hija kemm f'idejn il-maniġment ta' entità kif ukoll f'idejn dawk inkarigati mill-governanza tagħha. L-Artikolu 325 tat-TFUE jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra l-frodi jew attivitajiet illegali oħra, li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE.

1.46. Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-UE. Aħna nieħdu kont tar-riskju ta' frodi qabel ma nagħtu bidu għall-awditi (ara l-paragrafi ***(31)***-***(33)*** fl-***Anness 1.1***) u nirreżaminaw il-proċeduri tagħna regolarment.

1.47. Aħna ngħaddu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kwalunkwe suspett ta' reati kriminali li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu u li jinvolvu lill-Istati Membri parteċipanti, u ngħaddu lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) kwalunkwe suspett ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-UE. Tali suspetti jistgħu jirriżultaw jew mix-xogħol tal-awditjar tagħna (inklużi l-awditi tal-prestazzjoni) jew inkella minn informazzjoni rrappurtata lilna direttament minn partijiet terzi. L-UPPE u l-OLAF imbagħad jagħtu segwitu għal dawn il-każijiet, jiddeċiedu jekk jibdewx investigazzjoni kriminali (fil-każ tal-UPPE) jew investigazzjoni amministrattiva (fil-każ tal-OLAF) u jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Minn Marzu 2022 'il hawn, għaddejna każijiet ta' frodi suspettata kemm lill-UPPE kif ukoll lill-OLAF simultanjament fejn il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza taż-żewġ korpi.

1.48. Fl-2022 lill-OLAF irrappurtajnielu 14-il każ (2021: 15-il każ) ta' frodi suspettata li konna identifikajna matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2021. B'segwitu għal dan ir-rappurtar, l-OLAF diġà fetaħ żewġ investigazzjonijiet. B'mod parallel,

---

[26] L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-"Direttiva PIF").

irrappurtajna sitta minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li minnhom l-UPPE fetaħ tliet investigazzjonijiet. Matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2022, diġà identifikajna 14-il każ ta' frodi suspettata.

1.49. L-atti frodulenti jew kriminali suspettati l-aktar ta' spiss kienu: il-ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb finanzjament mill-UE; l-użu ta' għotjiet għal skopijiet mhux awtorizzati; id-dikjarazzjoni ta' kostijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà; u irregolaritajiet fl-akkwist. Skont l-OLAF, huwa rrakkomanda l-irkupru ta' EUR 541.8 miljun b'kollox wara investigazzjonijiet magħluqa abbażi ta' informazzjoni li rriżultat mix-xogħol tal-awditjar tagħna bejn l-2011 u l-2022.

1.50. Minbarra li nirrappurtaw każijiet lill-UPPE u lill-OLAF, f'dan ir-rapport annwali nirrappurtaw dwar kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri implimentaw il-politiki tagħhom dwar ir-riskju ta' frodi. Fil-***Kapitolu 5***, nirrappurtaw il-fatt li d-deċiżjoni dwar somom f'daqqa ma kienx fiha l-ġustifikazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 181(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tar-riskju ta' irregolaritajiet u frodi (ara l-paragrafi ***5.29*** u ***5.30***). Fil-***Kapitolu 6*** nirrappurtaw il-fatt li, minkejja titjib, l-awtoritajiet tal-awditjar jibqgħu jindirizzaw ir-riskju ta' frodi b'mod insuffiċjenti (ara l-paragrafi ***6.55*** u ***6.56***), u li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jirrappurtawx każijiet ta' frodi suspettata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) kif meħtieġ (ara l-paragrafi ***6.57*** u ***6.58***).

1.51. Barra minn hekk, aħna nkopru l-frodi f'awditi separati. Ikkompletajna l-awditu li wettaqna dwar il-kunflitt ta' interess fil-ġestjoni kondiviża (il-PAK u l-politika ta' koeżjoni)[27]. Wettaqna wkoll segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali tagħna dwar il-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni[28] (ara l-paragrafu ***6.62***). Dan is-segwitu sab li xi dgħufijiet ippersistew: b'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet għadha ma ppubblikatx xi gwida speċifika għall-perjodu 2021-2027 dwar miżuri kontra l-frodi u kienet għadha ma ħaditx miżuri biex ixxerred b'mod regolari l-aħjar prattiki. Minbarra dan, sitt Stati Membri kienu għadhom ma adottawx strateġija nazzjonali kontra l-frodi. Barra minn hekk, inkopru riskji speċifiċi relatati mal-frodi fl-awditi li nwettqu tas-sistemi ta' kontroll li jintużaw mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-RRF.

---

[27] Ir-Rapport Speċjali 06/2023: "Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE – Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni".

[28] Ir-Rapport Speċjali 06/2019: "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE – Jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni".

Konklużjonijiet

1.52. Dan il-kapitolu jsostni l-opinjoni tal-awditjar ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar relatati fil-paragrafi ***1.53*** u ***1.54***.

Riżultati tal-awditjar

1.53. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

1.54. Fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, nikkonkludu li t-tranżazzjonijiet tad-dħul kienu ħielsa minn żball materjali. Għan-nefqa, ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru li l-livell ta' żball stmat żdied meta mqabbel mas-sena l-oħra, minn 3.0 % għal 4.2 %. Dan kien prinċipalment minħabba ż-żieda fl-Intestatura 2 ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri") tal-QFP. Aħna nikkonkludu li n-nefqa b'riskju għoli (prinċipalment dik ibbażata fuq rimborżi) kienet milquta minn livell materjali ta' żball. Din is-sena, il-proporzjon ta' nefqa b'riskju għoli fil-popolazzjoni li awditjajna żdied aktar għal 66.0 %, u jkompli jirrappreżenta parti sostanzjali mill-popolazzjoni li awditjajna.

1.55. L-istima ta' żball (riskju fil-waqt tal-pagament) imwettqa mill-Kummissjoni, kif iddivulgata fl-AMPR 2022, hija ta' 1.9 %, li hija sinifikattivament taħt il-firxa indikata minna.

1.56. Limitazzjonijiet fil-kontrolli *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, fl-Intestaturi 1, 2 u 6 tal-QFP, jolqtu r-riskju fil-waqt tal-pagament iddivulgat fl-AMPR u, b'hekk, il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni. Ir-rieżaminar li wettaqna tar-rappurtar mill-Kummissjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri juri li l-Kummissjoni indirizzat l-osservazzjoni assoċjata mir-Rapport Annwali 2021 tagħna billi tejbet il-preżentazzjoni tad-*data* rilevanti.

Annessi

Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

(1) Dan l-anness jiddeskrivi fil-qosor l-approċċ u l-metodoloġija tagħna għall-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tad-dħul u tan-nefqa (infiq tal-baġit) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). L-approċċ tal-awditjar tagħna għan-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li hija differenti u temporanja, huwa deskritt fil-qosor fil-***Kapitolu 11***.

(2) Dan l-anness jirreferi wkoll għad-differenzi prinċipali bejn l-approċċ tal-awditjar tagħna u l-mod kif il-Kummissjoni tistma u tirrapporta dwar il-livell ta' irregolaritajiet, filwaqt li teżerċita dmirijietha bħala l-maniġer tal-baġit tal-UE. Għal dan il-fini, nikkjarifikaw kif aħna:

— nestrapolaw l-iżbalji misjuba u nistrutturaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna madwar l-intestaturi tal-QFP (il-paragrafu ***(12)***);

— napplikaw regoli tal-UE u regoli nazzjonali (il-paragrafu ***(15)***); u

— nikkwantifikaw l-iżbalji fl-akkwist (il-paragrafu ***(27)***).

(3) L-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżguraw li l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa. Il-metodoloġija tal-awditjar tagħna hija disponibbli fuq is-sit web tagħna. Fl-ippjanar tagħna, aħna nqisu r-riskju li jseħħu l-iżbalji (riskju inerenti) u r-riskju li l-iżbalji ma jiġux ipprevenuti jew maqbuda u kkoreġuti (riskju tal-kontroll).

PARTI 1 – Approċċ tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet

(4) Aħna neżaminaw il-kontijiet konsolidati tal-UE biex niddeterminaw l-affidabbiltà tagħhom. Dawn jikkonsistu:

(a) fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

(b) fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

(5) Il-kontijiet konsolidati jridu jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:

(a) il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

(b) ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u

(c) il-bidliet fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.

(6) Fl-awditu tagħna, aħna:

(a) nevalwaw l-ambjent tal-kontroll kontabilistiku;

(b) nivverifikaw il-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena;

(c) nanalizzaw id-*data* kontabilistika prinċipali għall-konsistenza u r-raġonevolezza;

(d) nanalizzaw u nirrikonċiljaw il-kontijiet u/jew il-bilanċi;

(e) inwettqu testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ, ibbażat fuq kampjuni rappreżentattivi;

(f) nagħmlu użu minn xogħol ta' awdituri oħra fejn possibbli, skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, partikolarment waqt l-awditjar ta' attivitajiet ta' għoti u ta' teħid b'self immaniġġjati mill-Kummissjoni, u li għalihom ikun hemm disponibbli ċertifikati tal-awditjar estern.

PARTI 2 – Approċċ tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

(7) Għax-xogħol tagħna dwar il-baġit ġenerali, it-tranżazzjonijiet ta' bażi jinkludu pagamenti rreġistrati fil-kontijiet baġitarji tal-UE kif ukoll id-dħul u l-ispejjeż inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja tal-UE.

(8) L-approċċ tal-awditjar tagħna biex nivvalutaw jekk it-tranżazzjonijiet tan-nefqa li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-UE huwa li nserrħu prinċipalment fuq l-ittestjar dirett tal-konformità għal kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet magħżul b'mod aleatorju. Dan jista' jiġi kkomplementat minn eżaminar ta' sistemi magħżula ta' ġestjoni u kontroll.

Eżaminar tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

(9) Il-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif ukoll il-pajjiżi u r-reġjuni benefiċjarji jistabbilixxu sistemi ta' kontroll biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit u biex jissorveljaw u jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Kull sena, aħna neżaminaw is-sistemi magħżula ta' ġestjoni u kontroll biex nidentifikaw oqsma fejn jista' jsir titjib. Barra minn hekk, ir-riżultati

ta' dan ix-xogħol jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tar-riskju li nwettqu (ara l-paragrafi ***(11)*** u ***(29)***).

(10) Aħna nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol li wettaqna fuq is-sistemi b'rakkomandazzjonijiet għal titjib, fil-***Kapitoli 4-10***.

Għażla u ttestjar tat-tranżazzjonijiet

(11) Aħna niddeterminaw id-daqs tal-kampjun totali għall-popolazzjoni kumplessiva tan-nefqa tal-UE billi nikkategorizzaw in-nefqa tal-UE f'popolazzjonijiet b'riskju baxx (prinċipalment nefqa bbażata fuq drittijiet) u b'riskju għoli (prinċipalment nefqa bbażata fuq rimborżi).

(12) Norganizzaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna u nirrappurtaw ir-riżultati tiegħu madwar id-diversi intestaturi tal-QFP, f'konformità mal-istruttura tal-baġit deċiża mil-leġiżlatur. Aħna nibbażaw id-daqs tal-kampjun għal kull intestatura tal-QFP fuq l-ammont tan-nefqa aċċettat tagħha, il-kategorizzazzjoni tar-riskju tagħha u jekk nipprovdux valutazzjoni speċifika jew le. Għal dan l-iskop, nużaw mudell ta' aċċertament li jibni fuq il-valutazzjoni tar-riskju tagħna u jieħu kont tal-aċċertament li jista' jinkiseb mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

(13) Taħt kull intestatura tal-QFP li għaliha nipprovdu valutazzjoni speċifika (il-***Kapitoli 5-7*** u ***10***), nittestjaw kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet sabiex nipprovdu "livell ta' żball stmat" (ELE) għal din l-intestatura.

(14) Aħna nużaw *kampjunar f'unitajiet monetarji* (MUS) biex nagħżlu talbiet jew pagamenti u, f'livell aktar baxx, elementi individwali fi ħdan tranżazzjoni (eż. fatturi ta' proġetti, irqajja' art f'talba li ssir minn bidwi).

(15) Għal kull tranżazzjoni magħżula, niddeterminaw jekk it-talba jew jekk il-pagament ikunux saru għall-iskop approvat fil-baġit u speċifikat fil-leġiżlazzjoni, jew le, u kinux f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Il-valutazzjoni li nwettqu tieħu kont dovut tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali li tkun ingħatat minn qrati ġudizzjarji nazzjonali jew minn korpi independenti u awtoritattivi nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(16) Aħna neżaminaw kif l-ammont tat-talba jew tal-pagament ikun ġie kkalkulat (għal talbiet li jkunu akbar, nibbażaw dan fuq għażla li tkun rappreżentattiva tal-elementi kollha fit-tranżazzjoni). Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sar-riċevitur finali (eż. bidwi, l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ, jew proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp), filwaqt li nittestjaw il-konformità f'kull livell.

(17) Waqt l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tad-dħul (il-***Kapitolu 4***), l-eżaminar li nwettqu tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-ING jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi li fuq il-bażi tagħhom dawn jiġu kkalkulati. Għar-riżorsa proprja bbażata fuq skart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik, nirrieżaminaw il-proċess għall-kumpilazzjoni tad-*data* ta' tbassir, billi l-Istati Membri se jipprovdu biss l-ewwel stimi statistiċi tagħhom fl-2023. Aħna neżaminaw il-kontrolli tal-Kummissjoni fuq dawn il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri sal-punt meta l-kontribuzzjonijiet ikunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji – hawn ukoll sal-punt meta dawn ikunu ġew riċevuti u rreġistrati mill-Kummissjoni.

(18) Aħna neżaminaw in-nefqa kemm fil-punt meta ġġarrbet mir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE fit-twettiq ta' attivitajiet kif ukoll fil-punt meta sussegwentement ġiet aċċettata mill-Kummissjoni ("*nefqa aċċettata*"). Dan japplika għall-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi). Fil-prattika, dan ifisser li l-popolazzjoni ta' tranżazzjonijiet li nawditjaw tkopri l-pagamenti *interim* u dawk finali. Aħna ma neżaminawx il-pagamenti ta' prefinanzjamenti fil-punt meta jkunu saru, iżda pjuttost ladarba:

(a) ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) ikun ipprovda evidenza dwar l-użu tagħhom; u

(b) il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE) tkun aċċettat l-użu finali tal-fondi billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

(19) Il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-QFP 2014-2020 preċedenti għal "Koeżjoni" kellhom impatt fuq dik li l-Kummissjoni tqis li hija "nefqa aċċettata" f'dan il-qasam. Mill-2017 'il hawn, il-popolazzjoni li awditjajna għal din l-intestatura tal-QFP kienet u għadha tikkonsisti fin-nefqa inkluża fil-kontijiet aċċettati kull sena mill-Kummissjoni. Dan ifisser li aħna ttestjajna tranżazzjonijiet li għalihom suppost l-Istati Membri jkunu implimentaw l-azzjonijiet rilevanti kollha biex jikkoreġu żbalji li huma stess identifikaw. L-objettiv tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet minna fil-qasam ta' "Koeżjoni", minbarra li nikkontribwixxu għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2022, huwa li nirrieżaminaw ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u nikkonkludu dwar l-affidabbiltà tal-indikatur ewlieni tar-regolarità rrappurtat mill-Kummissjoni għal dan il-qasam – ir-rata tal-iżball residwu.

(20) Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa maħsub biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball għan-nefqa fl-intier tagħha aktar milli għal tranżazzjonijiet individwali (eż. proġett partikolari). Jenħtieġ li r-rati ta' żball li jiġu rrappurtati għall-elementi tal-kostijiet

magħżula ma jitqisux bħala konklużjoni dwar it-tranżazzjonijiet rispettivi tagħhom; pjuttost jikkontribwixxu direttament għal-livell kumplessiv ta' żball għan-nefqa tal-UE fl-intier tagħha.

(21) Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet li jsiru f'kull Stat Membru, Stat *benefiċjarju* u reġjun fi kwalunkwe sena partikolari. Filwaqt li nistgħu nsemmu ċerti Stati Membri, Stati benefiċjarji u/jew reġjuni, dan ma jfissirx li l-eżempji ma jseħħux fi bnadi oħra wkoll. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-Istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati.

(22) Madankollu, aħna nqisu jekk inkunux nistgħu nagħmlu użu effiċjenti mill-verifiki fuq ir-regolarità li jkunu diġà twettqu minn awdituri oħra. Jekk inkunu nixtiequ nużaw ir-riżultati ta' dawn il-verifiki fix-xogħol tal-awditjar tagħna, f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar, aħna nivvalutaw l-indipendenza u l-kompetenza ta' dawk l-awdituri l-oħra kif ukoll l-ambitu u l-adegwatezza ta' xogħolhom.

(23) Għall-parti tal-popolazzjoni li awditjajna rigward l-aġenziji u l-impriżi konġunti tal-UE, ninqdew bir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar li twettaq għar-rapporti annwali speċifiċi dwar dawn l-aġenziji[29] u l-impriżi [30].

Evalwazzjoni tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

(24) Aħna niddefinixxu "żball" bħala ammont ta' flus li ma kellux jitħallas mill-baġit tal-UE. Żbalji jseħħu meta l-flus ma jintużawx f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE jew mar-regoli nazzjonali speċifiċi rilevanti.

(25) Żball jista' jikkonċerna l-ammont kollu involut fi tranżazzjoni individwali, jew parti minnu. Aħna nqisu jekk l-iżbalji jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, jiġifieri jekk ikunx possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont eżaminat kien milqut mill-iżball.

(26) Żbalji li jkunu nqabdu u ġew ikkoreġuti qabel it-twettiq tal-verifiki tagħna u indipendentement minnhom jiġu esklużi mill-kalkolu ta' żball, peress li l-fatt li nqabdu u ġew ikkoreġuti juri li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv.

---

[29] Ir-Rapport Annwali 2021 dwar l-aġenziji tal-UE.

[30] Ir-Rapport Annwali 2021 dwar l-impriżi konġunti tal-UE.

(27) Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku jistgħu jkunu differenti minn dawk li jintużaw mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Aħna nikkwantifikaw biss ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist. Nikkwantifikaw bħala 100 % żbalji fl-akkwist dak il-ksur biss li jkun ippreviena l-aħjar offerta milli tirbaħ il-proċedura ta' sejħa għal offerti, u b'hekk in-nefqa kollha taħt dan il-kuntratt tisfa ineliġibbli. Aħna ma nużawx rati fissi għat-tipi differenti ta' ksur tar-regoli dwar l-akkwist, għall-kuntrarju ta' dak li tagħmel il-Kummissjoni[31]. Nibbażaw il-kwantifikazzjoni li nagħmlu tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fuq l-ammonti ta' nefqa ineliġibbli fit-tranżazzjonijiet eżaminati.

(28) Għal dawk l-intestaturi tal-QFP li għalihom nipprovdu valutazzjoni speċifika, kif ukoll għad-dħul u għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu, aħna nippreżentaw "livell ta' żball stmat" (ELE), li jieħu kont tal-iżbalji kwantifikabbli biss u jiġi espress bħala perċentwal. Eżempji ta' żbalji huma l-ksur kwantifikabbli tar-regolamenti, tar-regoli jew tal-kuntratti jew tal-kundizzjonijiet ta' għotjiet, li jkunu japplikaw. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL).

(29) Ma għadniex nibbażaw id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni unikament fuq l-istima kumplessiva ta' żball li ssir minna. Mill-2016 'il hawn, aħna komplejna nidentifikaw l-oqsma b'riskju baxx tal-baġit tal-UE, fejn nistennew li nsibu livell mhux materjali ta' żball fin-nefqa aċċettata, u oqsma b'riskju għoli, fejn aħna nassumu li jkun hemm livell materjali ta' żball. Għal dan l-iskop, minbarra r-riskji inerenti u r-riskji tal-kontroll, aħna nqisu l-valutazzjoni li nwettqu tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, flimkien mar-riżultati tal-awditjar preċedenti. Pereżempju, ibbażat fuq l-esperjenza tal-awditjar preċedenti tagħna, nittrattaw parti min-nefqa għall-iżvilupp rurali bbażata fuq drittijiet taħt l-Intestatura 3 tal-QFP u nefqa amministrattiva oħra (jiġifieri nefqa mhux relatata mas-salarji) taħt l-Intestatura 7 tal-QFP bħala nefqa b'riskju għoli. Dan il-qsim jippermettilna niddeterminaw b'mod kemm jista' jkun effiċjenti jekk l-iżbalji materjali li nstabu humiex "perważivi" (ara l-paragrafu ***(37)***).

(30) L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żbalji fil-popolazzjoni kollha. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar l-għadd ta' żbalji li jkunu nqabdu f'intestatura tal-QFP, fin-nefqa mmaniġġjata minn DĠ jew fl-infiq fi Stat Membru partikolari mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żbalji fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali.

---

[31] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3452 tal-14.5.2019 li tinkludi anness li jistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-UE għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

PARTI 3 – Proċeduri tal-awditjar fir-rigward ta' frodi

(31) Aħna nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball.

(32) Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(33) Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-UPPE u lill-OLAF, skont il-kompetenza tagħhom.

PARTI 4 – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni – iffurmar tal-opinjoni tal-awditjar tagħna

(34) Aħna nibbażaw l-opinjoni tagħna fuq evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti, rilevanti u affidabbli dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-UE. Niksbu din l-evidenza permezz ta' eżaminar tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u permezz tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet, u nirrappurtaw dwar ir-riżultati fil-***Kapitoli 4-10***. Dan ix-xogħol jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta' materjalità.

(35) Nużaw il-livell ta' 2.0 % bħala s-soll ta' materjalità għall-opinjoni tagħna. Nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji kif ukoll ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli.

(36) Meta nsibu livell materjali ta' żball u niddeterminaw l-impatt tiegħu fuq l-opinjoni tal-awditjar, jeħtiġilna niddeterminaw jekk l-iżbalji, jew in-nuqqas ta' evidenza għall-awditjar, ikunux "pervażivi"[32]. Meta l-iżbalji jkunu materjali u pervażivi, aħna nippreżentaw opinjoni avversa.

[32] International Standard on Auditing (ISA) 705 (revised), Modifications to the Opinion in the Independent Auditor's Report.

(37) Żball u/jew nuqqas ta' evidenza għall-awditjar jitqies "perważiv" jekk, fil-ġudizzju tal-awditur, ma jkunx ristrett għall-elementi, kontijiet jew entrati speċifiċi fir-rapporti finanzjarji (jiġifieri jseħħu fil-kontijiet jew fit-tranżazzjonijiet ittestjati). Anki jekk dan ikun ristrett b'dan il-mod, xorta jibqa' perważiv jekk jirrappreżenta, jew jista' jirrappreżenta, proporzjon sostanzjali tar-rapporti finanzjarji, jew ikun relatat ma' divulgazzjonijiet li jkunu fundamentali għall-fehim mill-utenti tar-rapporti finanzjarji.

PARTI 5 — Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet

(38) L-istandards internazzjonali tal-awditjar[33] jispeċifikaw li meta l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, fiha nfisha, ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

[33] Il-paragrafu 16 tal-ISSAI 4000.

Kapitolu 2

Ġestjoni bażitarja u finanzjarja

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**2.1.**
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2022	**2.2. - 2.26.**
Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE kienet għolja għall-impenji u l-pagamenti	**2.2. - 2.17.**
Fl-2022, intużaw il-biċċa l-kbira mill-approprjazzjonijiet ta' impenn	**2.4. - 2.5.**
L-approprjazzjonijiet ta' pagament finali ntużaw kważi kompletament	**2.6. - 2.7.**
L-assorbiment tal-FSIE 2014-2020 kompla fl-2022, għalkemm aktar bil-mod milli fl-2021 u fl-2020	**2.8. - 2.9.**
Il-Kummissjoni impenjat aktar riżorsi mill-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK, iżda l-approvazzjoni tardiva tal-programmi tal-Istati Membri wasslet għal pagamenti baxxi	**2.10. - 2.12.**
Diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE ntużaw bħala rispons għal emerġenza	**2.13. - 2.17.**
L-implimentazzjoni tal-NGEU aċċellerat fl-2022, iżda l-progress mexa aktar bil-mod milli mistenni	**2.18. - 2.22.**
L-impenji pendenti mill-baġit tal-UE u mill-finanzjament ta' għotjiet taħt l-NGEU laħqu ammont rekord ta' EUR 453 biljun	**2.23. - 2.26.**
Riskji u sfidi	**2.27. - 2.57.**
Id-dejn u l-esponiment tal-UE żdiedu fl-2022	**2.27. - 2.39.**
Il-kostijiet tat-teħid b'self għad-dejn tal-UE żdiedu sinifikattivament	**2.27. - 2.31.**
L-esponiment totali huwa ogħla prinċipalment minħabba self addizzjonali taħt l-RRF u taħt ix-SURE	**2.32. - 2.37.**
Il-fond ta' proviżjonament komuni żied l-assi tiegħu fl-2022	**2.38. - 2.39.**
Il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna tkabbar ir-riskji finanzjarji għall-baġits futuri tal-UE	**2.40. - 2.44.**
Implimentazzjoni parallela u mdewma ta' diversi strumenti żżid ir-riskju li l-Istati Membri jitilfu finanzjament	**2.45. - 2.49.**

L-inflazzjoni għolja tolqot il-bażit tal-UE 2.50. - 2.57.

Inflazzjoni għolja tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-bażit tal-UE, u b'hekk tnaqqas id-daqs reali tiegħu 2.52. - 2.56.

Inflazzjoni għolja tbiddel il-proporzjon ta' dħul tal-UE minn sorsi differenti 2.57.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 2.58. - 2.66.

Konklużjonijiet 2.58. - 2.66.

Rakkomandazzjonijiet

Introduzzjoni

2.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-kwistjonijiet prinċipali b'rabta mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-baġit tal-UE għall-2022 u l-finanzjament addizzjonali mill-istrument *NextGenerationEU* (*NGEU*)[1]. Nirrappurtaw ukoll dwar ir-riskji u l-isfidi baġitarji u finanzjarji li l-UE tista' tiffaċċja fis-snin futuri. Il-kapitolu huwa bbażat fuq ir-rieżaminar li wettaqna rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, u rigward dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni u minn partijiet ikkonċernati oħra. Huwa jieħu kont ukoll tax-xogħol li sar għar-rapport annwali, ir-rapporti speċjali, ir-rapporti analitiċi u l-opinjonijiet tagħna.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2022

Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE kienet għolja għall-impenji u l-pagamenti

2.2. F'din it-taqsima, nanalizzaw kif ġie implimentat il-baġit tal-UE fl-2022, li kienet it-tieni sena tal-*qafas finanzjarju pluriennali* (*QFP*) 2021-2027[2]. Il-***Figura 2.1*** turi d-disponibbiltà ġenerali tan-nefqa baġitarja tal-UE, inklużi l-għotjiet tal-NGEU.

Figura 2.1 – Disponibbiltà ġenerali tan-nefqa baġitarja tal-UE fl-2022, inklużi l-għotjiet tal-NGEU



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2022.

2.3. In-nefqa ffinanzjata minn *riporti* u d-*dħul assenjat* huma eskluži mill-analiżi tagħna minħabba li dawn ma jiffurmawx parti mill-baġit adottat u huma suġġetti għal regoli differenti. Madankollu, sa fejn huwa kkonċernat id-dħul assenjat, l-analiżi li wettaqna tkopri wkoll l-ammonti addizzjonali li ġejjin mill-istrument tal-NGEU (il-komponent ibbażat fuq l-*għotjiet* tal-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*[3] u supplimenti għall-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-QFP), iżda mhux il-

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 – "Ir-Regolament dwar il-QFP".

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/241.

komponent ibbażat fuq self tal-RRF, li jinżamm separat mill-bażit tal-UE. Il-***Figura 2.2*** turi skeda ta' żmien issimplifikata tal-implimentazzjoni tal-impenji bażitarji.

Figura 2.2 – Skeda ta' żmien issimplifikata tal-implimentazzjoni tal-impenji bażitarji għall-bażit ġenerali tal-UE



Impenji – wegħdiet legali li l-flus jintefqu fuq attivitajiet speċifiċi (eż. proġetti, kuntratti).

Impenji pendenti – somma ta' impenji li saru iżda li għadhom ma tħallsux.

Diżimpenji – kanċellament ta' impenji pendenti meta l-perjodi legali għall-pagament jiskadu.

(*) Għall-aħħar sena tal-QFP 2021-2027. Għall-FAEŻR 2023-2027, ir-regola tas-sena n+2 tapplika għall-perjodu kollu kemm hu.

(**) Oqsma ta' politika, bħal azzjonijiet esterni jew "kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" taħt ġestjoni diretta u indiretta, isegwu xejriet differenti fejn impenji jiġu kkanċellati meta ma jiġux issodisfati obbligi kuntrattwali.

Sors: il-QEA.

Fl-2022, intużaw il-bićća l-kbira mill-approprjazzjonijiet ta’ impenn

2.4. L-*awtorità baġitarja* approvat baġit inizjali ta’ EUR 169.5 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' *impenn*. Tul l-2022, kien hemm ħames emendi (l-approprjazzjonijiet ta' impenn inbidlu fi tlieta minn dawn), u finalment il-baġit żdied għal EUR 182.2 biljun. Minn din iż-żieda ta’ EUR 12.7-il biljun, EUR 12.2-il biljun kienu jikkorrispondu għal kwart tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)[4] li ma kinux intużaw fl-2021[5]. Dan huwa konformi mar-Regolament dwar il-QFP li, f’każ ta’ adozzjoni tardiva ta’ regoli jew ta’ programmi ġodda, jippermetti t-trasferiment ta’ dawn l-allokazzjonijiet, fi proporzjonijiet indaqs, lejn il-baġits annwali għas-snin 2022 sa 2025.

2.5. Il-baġit finali għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn, f’ammont ta’ EUR 182.2 biljun, kien ogħla mil-limitu massimu tal-QFP ta’ EUR 179.8 biljun (ara l-***Figura 2.3***). Dan sar possibbli bis-saħħa ta’ *strumenti speċjali*, bħall-*Istrument ta' Flessibbiltà*, ir-*riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit*, il-*Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni* u r-*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza*, għal ammonti li jaqbżu sew il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju ta’ seba’ snin (massimu ta’ EUR 21.1 biljun fi prezzijiet tal-2018 għall-QFP ta’ seba’ snin). Dawn l-istrumenti jintużaw meta jkun hemm avvenimenti ġodda jew mhux previsti, bħal diżastri naturali u sfidi ta’ migrazzjoni. Fil-baġit finali, ġie impenjat total ta’ EUR 179.4 biljun tul l-2022, u għaldaqstant intuża aktar minn 98 % tal-ammont disponibbli. L-impenji mhux użati b’valur ta’ EUR 0.1 biljun kienu relatati ma’ programm wieħed li ma ġiex adottat u kellu jiġi kkanċellat, u b’hekk l-Istat Membru “tilef” l-impenji relatati.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1060.

[5] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 2.8.

Figura 2.3 – Implimentazzjoni tal-baġit fl-2022



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament finali ntużaw kważi kompletament

2.6. Il-baġit inizjali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kien stabbilit fl-ammont ta' EUR 170.6 biljun. Permezz ta' diversi emendi fl-2022, fl-aħħar mill-aħħar l-awtorità baġitarja stabbilietu fl-ammont ta' EUR 170.0 biljun. Dan it-tnaqqis nett irriżulta minn ħtiġijiet ta' pagament aktar baxxi għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa ("EU4Health")[6], ta' EUR 0.8 biljun u EUR 0.1 biljun rispettivament. Għall-FAEŻR, it-tnaqqis fil-ħtiġijiet ta' pagament kien ikkawżat minn xi benefiċjarji li pposponew jew ikkanċellaw il-proġetti tagħhom minħabba inflazzjoni għolja. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, l-użu tal-finanzjament taħt l-NGEU biex jiġu ffinanzjati proġetti aċċellera sew, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-FAEŻR naqset[7]. Madankollu, it-tnaqqis kien parzjalment ikkumpensat minn ħtiġijiet addizzjonali ta' pagament f'fondi oħra li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll minn inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu. L-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 0.2 biljun irrinforzaw l-appoġġ għal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna u għall-aktar

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/522.

[7] L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5, COM(2022) 351, il-paragrafu 8.

Stati Membri milquta[8], filwaqt li EUR 0.2 biljun intużaw għan-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet[9]. Intużaw kważi l-approprjazzjonijiet ta' pagament kollha disponibbli fil-baġit tal-UE. Il-pagamenti laħqu EUR 167.3 biljun, jiġifieri 98 % tat-total tal-approprjazzjonijiet disponibbli. Ara l-***Figura 2.3***.

2.7. Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pagamenti addizzjonali ta' EUR 71.8 biljun mid-dħul assenjat (prinċipalment għotjiet mill-NGEU, inklużi supplimenti għall-programmi ta' finanzjament tal-QFP), u EUR 4.2 biljun ta' riporti mill-2021, it-total tal-pagament fl-2022 laħaq EUR 243.3 biljun. B'hekk, l-użu tal-baġit għall-pagamenti kien ta' 93 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kollha ta' EUR 261.3 biljun.

L-assorbiment tal-FSIE 2014-2020 kompla fl-2022, għalkemm aktar bil-mod milli fl-2021 u fl-2020

2.8. Il-pagamenti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), bl-esklużjoni tar-riżorsi tal-NGEU, ammontaw għal EUR 64.9 biljun, li huwa ammont aktar baxx minn dak fl-2021 (€75.1 biljun) u fl-2020 (€72.0 biljun). Fi tmiem l-2022, il-pagamenti kollha għall-programmi operazzjonali tal-FSIE 2014-2020 b'hekk ammontaw għal EUR 396.1 biljun, mill-allokazzjoni totali ta' EUR 492.6 biljun (80.4 %). Il-Kummissjoni tistenna li l-biċċa l-kbira mis-EUR 96.5 biljun li jifdal se titħallas sa tmiem l-2023[10]. L-aħħar sena kontabilistika għall-FSIE tintemm fit-30 ta' Ġunju 2024[11], u l-applikazzjonijiet finali għal pagamenti *interim* iridu jiġu ppreżentati sal-31 ta' Lulju 2024[12]. Fil-***Figura 2.4***, nippreżentaw ir-rati ta' assorbiment kumulattivi għal kull fond SIE bl-esklużjoni tar-riżorsi tal-NGEU, sa tmiem l-2022.

---

[8] L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3, COM(2022) 262, il-paragrafu 3.

[9] L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5, COM(2022) 351, il-paragrafu 7.

[10] Ir-rapport dwar tbassir fit-tul 2023-2027, COM(2022) 315.

[11] Il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għeluq tal-FSIE, 2021/C 417/01.

[12] L-Artikolu 135(2) tar-Regolament 1303/2013.

Figura 2.4 – Assorbiment tal-FSIE 2014-2020 (bl-esklużjoni tar-riżorsi tal-NGEU) sa tmiem l-2022



(*) Il-linja l-ħamra turi r-rata ta' assorbiment li kieku ġew eskluż l-allokazzjonijiet addizzjonali tal-2021 u l-2022 għall-FAEŻR ta' EUR 28.1 biljun mill-QFP 2021-2027. Il-FAEŻR irċieva allokazzjonijiet addizzjonali minħabba l-introduzzjoni ta' perjodu tranżizzjonali ta' sentejn, li warajh waqa' kompletament taħt il-qafas tal-pjanijiet strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu 2023-2027.

(**) Il-YEI tinkludi allokazzjoni speċifika mill-FSE.

Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-rapport dwar il-progress ta' kull xahar tal-Kummissjoni.

2.9. Osservajna differenzi sinifikanti fil-mod kif l-Istati Membri jassorbu l-FSIE. Min-naħa l-waħda, 11-il Stat Membru kienu rċevew 85 % jew aktar mill-ammonti allokati sa tmiem l-2022, li minnhom 3 Stati Membri rċevew 90 % jew aktar (il-Lussemburgu, l-Irlanda u l-Finlandja). Min-naħa l-oħra, għal tliet Stati Membri (id-Danimarka, Malta u l-Kroazja), ir-rati ta' assorbiment kienu taħt is-70 %. Ara l-***Figura 2.5***.

Figura 2.5 – Livelli ta' assorbiment tal-FSIE 2014-2020 (bl-esklużjoni tar-riżorsi tal-NGEU)



Nota: Ammonti "li jridu jiġu assorbiti" huma pagamenti li l-Istati Membri għad jistgħu jitolbu mill-Kummissjoni. Huma mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-progress sħiħ tal-implimentazzjoni tal-proġetti fl-Istati Membri. Id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni impenjat aktar riżorsi mill-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK, iżda l-approvazzjoni tardiva tal-programmi tal-Istati Membri wasslet għal pagamenti baxxi

2.10. Fil-bidu tal-QFP il-ġdid, kien hemm tranżizzjoni mill-FSIE 2014-2020 għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK. Il-bidliet prinċipali kienu jinkludu: il-konsolidazzjoni ta' tliet fondi fil-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[13]; il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)[14] li huwa s-suċċessur tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS); u l-istabbiliment tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) il-ġdid[15]biex jagħti appoġġ lid-diversifikazzjoni tal-ekonomija u r-rikonverżjoni ta' territorji milquta negattivament mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Il-FAEŻR kompla jaqa' taħt ir-RDK sal-2022[16], u mill-2023 'il quddiem huwa kopert mir-Regolament dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdid[17]. Ara l-***Figura 2.6***.

[13] Ir-Regolament (UE) 2021/1057.

[14] Ir-Regolament (UE) 2021/1139.

[15] Ir-Regolament (UE) 2021/1056.

[16] Ir-Regolament (UE) 2020/2220.

[17] Ir-Regolament (UE) 2021/2116.

Figura 2.6 – Tranżizzjoni mill-FSIE għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-RDK



FK: Fond ta' Koeżjoni
FAEŻR: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
FAEG: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija
FEMSA: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura
FSE: Fond Soċjali Ewropew

FSE+: Fond Soċjali Ewropew Plus
FEAD: Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn
FEMS: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
JTF: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta
YEI: Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

Nota: il-fondi taħt ir-RDK għall-perjodu 2021-2027 jinkludu wkoll il-fondi għall-migrazzjoni, għas-sigurtà interna u għall-ġestjoni tal-fruntieri li huma parzjalment taħt ġestjoni diretta u dik indiretta.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE.

2.11. Għal dawn il-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-RDK, l-Istati Membri impenjaw EUR 65.4 biljun fl-2022, jiġifieri 90 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli (fl-2021, huma impenjaw biss 2 % mill-EUR 50.1 biljun disponibbli), ara l-***Figura 2.7***. Dan seħħ minħabba li l-ftehimiet ta' sħubija kollha u l-biċċa l-kbira mill-programmi mal-Istati Membri ġew approvati fl-2022 għal dawn il-fondi.

Figura 2.7 – Impenji fl-2022 għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-RDK

(EUR miljun)



FK: Fond ta' Koeżjoni
FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
JTF: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta
FSE+: Fond Soċjali Ewropew Plus
FEMSA: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

2.12. Fl-2022, il-pagamenti annwali fil-konfront ta' dawn l-impenji kienu baxxi (EUR 5.7 biljun) u prinċipalment relatati mal-prefinanzjament.

Diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE ntużaw bħala rispons għal emerġenza

2.13. Fl-2020 u fl-2021, permezz tal-leġiżlatur tal-UE, ir-regoli tal-koeżjoni saru aktar flessibbli[18] biex b'hekk l-Istati Membri setgħu jirrilloka finanzjament mill-FSIE 2014-2020 biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19. Il-leġiżlazzjoni emendata wessgħet il-firxa ta' spejjeż eliġibbli biex tinkludi n-nefqa relatata mal-COVID-19, u ppermettiet kofinanzjament ta' 100 % mill-fondi tal-UE. B'hekk l-Istati Membri setgħu jallokaw mill-ġdid EUR 24.0 biljun sal-ewwel tliet xhur tal-2023. Il-FSIE ġew kumplementati minn riżorsi addizzjonali tal-NGEU f'ammont ta' EUR 50.6 biljun fl-istrument ta' Assistenza fl-irkupru għall-koeżjoni u għat-territorji tal-Ewropa (REACT-EU)[19] biex jiffinanzjaw "tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi" u jwittu t-triq għal irkupru ekonomiku ekoloġiku, diġitali u reżiljenti (b'nefqa eliġibbli sa tmiem l-2023 u pagamenti possibbli sa tmiem l-2026). Fl-2021 kien hemm il-possibbiltà li l-FAEŻR jintuża, taħt ċertu kundizzjonijiet, biex jindirizza problemi ta' likwidità kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u, mill-2022 'il hawn, mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russa kontra l-Ukrajna[20].

2.14. Fl-2022 ġew introdotti miżuri ta' flessibbiltà ġodda biex jgħinu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jittrattaw influssi ta' persuni li kienu qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-UE introduċiet l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE)[21]u s-suċċessur tagħha, l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji – Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (FAST-CARE)[22]. Il-CARE estendiet ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għas-sena kontabilistika 2021-2022 għall-programmi tal-perjodu 2014-2020, u għamlet disponibbli finanzjament ta' emerġenza bl-użu ta' riżorsi taħt il-FEŻR u l-FSE, inkluża r-REACT-EU, li kien għadu ma ġiex allokat lil proġetti biex jagħtu appoġġ lil refuġjati taħt "prijorità dedikata". Għall-perjodu 2014-2020, il-CARE pprovdiet EUR 3.5 biljun fi prefinanzjament addizzjonali lill-Istati Membri mir-riżorsi taħt ir-REACT-EU. Permezz

---

[18] Ir-Regolament (UE) 2020/460 u r-Regolament (UE) 2020/558.

[19] Ir-Regolament (UE) 2020/2221.

[20] Ir-Regolament(UE) 2020/872 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u r-Regolament (UE) 2022/1033 li jemenda r-Regolament (UE) 1305/2013.

[21] Ir-Regolament (UE) 2022/562.

[22] Ir-Regolament (UE) 2022/2039.

tal-FAST-CARE hija possibbli r-rata ta' kofinanzjament sa 100 % għal prijorità dedikata għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni (sa Ġunju 2024 għall-perjodu 2021-2027). Biha setgħu jintużaw ukoll riżorsi mill-FK u mill-FEMS għall-QFP 2014-2020. Għall-QFP 2021-2027 il-FAST-CARE, fost affarijiet oħra, ipprovdiet EUR 3.5 biljun fi prefinanzjament addizzjonali għal programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, u mill-FK, u ppermettiet programmazzjoni sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni inizjali mill-FEŻR u mill-FSE+ għal prijorità dedikata.

2.15. Il-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK jistgħu jintużaw ukoll b'rispons għal avvenimenti mhux mistennija[23]. Barra minn hekk, hemm flessibbiltà biex partijiet minn allokazzjonijiet ta' fondi nazzjonali inizjali jiġu trasferiti bejn strumenti ta' finanzjament[24]. Apparti dan, il-*Pjan REPowerEU*[25], li primarjament għandu l-għan li jkomplu jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi, ġie approvat fi Frar 2023[26]. Biex jimmobilizzaw finanzi għall-Pjan, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-RRF (self li jkun fadal u għotjiet ġodda), u wkoll sorsi oħra, bħall-allokazzjonijiet nazzjonali tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni.

2.16. Il-***Figura 2.8*** tippreżenta l-miżuri ewlenin tal-UE introdotti mill-2020 'il quddiem b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, u l-kriżi tal-enerġija.

---

[23] L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[24] *Ibid.*, l-Artikolu 26(1).

[25] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pjan REPowerEU, COM(2022) 230.

[26] Ir-Regolament (UE) 2023/435.

Figura 2.8 – Miżuri ewlenin tal-UE ta' rispons għall-kriżijiet fil-perjodu 2020-2023



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE.

2.17. Il-finanzjament ta' koeżjoni wkoll intuża bħala rispons ta' emerġenza għal avvenimenti mhux mistennija, partikolarment fl-aħħar tliet snin. Minn perspettiva baġitarja, dan inaqqas ir-riskju ta' diżimpenji, ara l-paragrafi ***2.48*** sa ***2.49***. Madankollu, nosservaw li l-għan strateġiku primarju tal-finanzjament ta' koeżjoni huwa li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni Ewropej[27].

L-implimentazzjoni tal-NGEU aċċellerat fl-2022, iżda l-progress mexa aktar bil-mod milli mistenni

2.18. Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirċievu l-għotjiet taħt l-RRF, l-ewwel nett, il-Kummissjoni trid tagħti valutazzjoni pożittiva tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, u mbagħad il-Kunsill irid japprovahom. Il-ħames pjanijiet li kien fadal ġew approvati tul l-2022, b'hekk il-pakketti finanzjarji tal-għotjiet taħt l-RRF issa ġew approvati għall-Istati Membri kollha. It-tieni nett, il-ftehimiet ta' finanzjament iridu jiġu ffirmati mal-Istati Membri. Sa tmiem l-2022, kważi 70 % tal-għotjiet kienu koperti minn dawn il-ftehimiet, u t-30 % li jifdal huma disponibbli għall-allokazzjoni fl-

[27] Ir-Rapport Speċjali 02/2023: L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19, il-paragrafu 85.

2023[28]. It-tielet, biex jirċievu pagamenti, minbarra l-prefinanzjament, l-Istati Membri jridu jissodisfaw ċerti stadji importanti u miri kif stipulati fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

2.19. L-2022 kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-għotjiet taħt l-RRF u ta' supplimenti tal-NGEU għall-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-QFP. L-impenji żdiedu minn EUR 143.5 biljun (fl-2021) għal EUR 306.0 biljun. L-Istati Membri se jeħtiġilhom jimpenjaw il-bqija tal-finanzjament taħt l-NGEU (EUR 115.1-il biljun) fl-2023, billi mhux se jkunu jistgħu jagħmlu dan wara li tispiċċa s-sena[29]

2.20. Il-prefinanzjament u l-pagamenti tal-għotjiet taħt l-RRF żdiedu biss kemxejn, minn EUR 46.4 biljun fl-2021 għal EUR 47.1 biljun fl-2022 (meta mqabbla ma' EUR 63.0 miljun mistennija mill-Kummissjoni[30]). B'riżultat ta' dan, EUR 244.5 biljun f'għotjiet taħt l-RRF iridu jitħallsu fil-perjodu 2023-2026, jekk l-allokazzjonijiet li fadal jiġu impenjati fl-2023[31]. Ara l-***Figura 2.9***.

Figura 2.9 – Implimentazzjoni tal-NGEU relatata mal-RRF



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022 u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-bażit mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

2.21. Fl-2022, il-Kummissjoni għamlet pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF f'ammont ta' EUR 47.1 biljun, li minnhom EUR 46.9 biljun kienu relatati mal-issodisfar ta' stadji importanti u ta' miri (2021: EUR 46.4 biljun u EUR 10.0 biljun rispettivament). Il-

[28] L-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

[29] *Ibid.*, l-Artikolu 12.

[30] Ir-rapport dwar tbassir fit-tul 2021-2027, COM(2021) 343.

[31] L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Figura 2.10 turi l-ammont ta' għotjiet taħt l-RRF li tħallsu u l-allokazzjonijiet li kien fadal għall-pagament sa tmiem l-2022.

Figure 2.10 – Pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF u l-allokazzjonijiet li kien fadal sa tmiem l-2022

(EUR biljun)



Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2022.

2.22. Is-supplimenti għall-programmi eżistenti tal-QFP żdiedu minn EUR 7.2 biljun fl-2021 għal EUR 16.1-il biljun fl-2022. Żewġ programmi – il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili – bdew jagħmlu pagamenti fl-2022. B'riżultat ta' dan, EUR 59.8 biljun f'supplimenti għall-programmi tal-UE jridu jitħallsu fil-perjodu 2023-2026, jekk l-allokazzjonijiet li fadal jiġu impenjati fl-2023[32]. Ara l-***Figura 2.11***.

[32] *Ibid.*, l-Artikolu 24.

Figura 2.11 – Implimentazzjoni tal-NGEU relatata mas-supplimenti għall-programmi tal-UE



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022 u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-bagit mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

L-impenji pendenti mill-bagit tal-UE u mill-finanzjament ta' għotjiet taħt l-NGEU laħqu ammont rekord ta' EUR 453 biljun

2.23. Sa tmiem l-2022, l-*impenji pendenti*, li huma impenji akkumulati li jkunu saru iżda li għadhom ma tħallsux, laħqu ammont rekord ġdid ta' EUR 452.8 biljun. Għall-2022, huma ffurmati minn dawk relatati mal-bagit tal-UE (EUR 263.7 biljun)u dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-NGEU (EUR 189.1 biljun). Iż-żieda ta' 33 % mill-impenji pendenti ta' EUR 341.6 biljun fl-2021 hija prinċipalment riżultat ta' impenn akbar ta' fondi matul it-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-NGEU, kif ukoll il-bidu tal-implimentazzjoni tal-fond taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027.

2.24. L-impenji pendenti mill-2022 jirrappreżentaw 55 % tal-impenji pendenti totali. Il-***Figura 2.12*** turi l-impenji pendenti skont is-sena ta' oriġini.

Figura 2.12 – Impenji pendenti skont is-sena u t-tip ta' finanzjament (mill-baġit tal-UE u mill-NGEU)



Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022 u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

2.25. Għall-2023, il-Kummissjoni qed tistenna li l-impenji pendenti jilħqu quċċata storika li tista' taqbeż EUR 458 biljun[33], prinċipalment minħabba impenji ġodda għall-NGEU (ara l-paragrafu ***2.18***) flimkien ma' impenji ġodda għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027. Billi ma hemmx impenji ġodda taħt l-NGEU wara l-2023, u billi l-pagamenti għall-NGEU se jkomplu jaqbżu l-impenji l-ġodda mill-baġit tal-UE sal-2026, l-impenji pendenti huma mistennija jonqsu bejn l-2024 u l-2026. Ara l-***Figura 2.13***.

[33] Ir-rapport dwar tbassir fit-tul 2023-2027, COM(2022) 315.

Figura 2.13 – Impenji pendenti, impenji u pagamenti għall-2007 sal-2022, u t-tbassir għall-2023 sal-2027



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2006-2022 u għall-projezzjonijiet sal-2027, u bbażat fuq *data* mir-rapport dwar tbassir fit-tul 2021-2027, COM(2022) 315.

2.26. Abbażi tas-suppożizzjonijiet u l-projezzjonijiet tal-Kummissjoni, l-impenji pendenti se jinżlu għal EUR 314.4-il biljun sa tmiem l-aħħar sena tal-QFP attwali (2027). Meta mqabbla mal-impenji pendenti fl-2020, l-aħħar sena tal-QFP preċedenti, dan xorta jkun ifisser żieda żgħira. Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat żewġ suppożizzjonijiet speċifiċi għall-projezzjonijiet tagħha: l-ewwel nett, li l-Istati Membri jagħmlu sforz akbar biex jaċċelleraw l-użu tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027, u t-tieni nett, illi l-aġġustamenti tekniċi awtomatiċi tal-limiti massimi tal-pagamenti jkunu suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament. Dawn iż-żewġ suppożizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati biex l-impenji pendenti jonqsu sal-punt muri fil-***Figura 2.13***.

Riskji u sfidi

Id-dejn u l-esponiment tal-UE żdiedu fl-2022

Il-kostijiet tat-teħid b'self għad-dejn tal-UE żdiedu sinifikattivament

2.27. Għall-analiżi li wettaqna tad-dejn tal-UE, qisna t-teħid b'self mis-swieq, prinċipalment bonds fuq żmien twil iggarantiti mill-baġit tal-UE, li kien sors ta' finanzjament għall-NGEU, u assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi (Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), l-Assistenza Makrofinanzjarja (AMF), il-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Euratom). Dan id-dejn (inkluż l-imgħax dovut) żdied fl-2022 għal EUR 344.3 biljun sa tmiem is-sena 2021: EUR 236.7 biljun), prinċipalment minħabba teħid b'self ġdid għall-NGEU f'ammont ta' EUR 96.9 biljun, għax-SURE f'ammont ta' EUR 8.7 biljun u għall-AMF f'ammont ta' EUR 7.5 biljun. Il-***Figura 2.14*** turi l-maturitajiet u r-rati tal-imgħax effettivi ta' dak it-teħid b'self.

Figura 2.14 – Il-maturitajiet u r-rati tal-imgħax effettivi tat-teħid b'self tal-baġit tal-UE



NGEU: NextGenerationEU
SURE: Strument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza
EFSM: Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja
AMF: Assistenza Makrofinanzjarja
BtP: Faċilità ta' għajnuna għall-Bilanċ tal-Pagamenti

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2022.

2.28. Minn dan it-teħid b'self, l-istrument tal-NGEU biss kien jinvolvi riskju tar-rata tal-imgħax għall-baġit tal-UE. Il-programmi ta' assistenza finanzjarja l-oħra joperaw fuq bażi ta' "back-to-back". Dan ifisser li l-Kummissjoni tipprovdi self lil Stati Membri jew lil pajjiżi terzi bl-istess termini u kundizzjonijiet (bħall-maturità u r-rata tal-imgħax) billi tissellef il-flus mingħand is-swieq. Peress li l-flussi tal-flus tas-self u tat-teħid b'self

huma paċuti, il-baġit tal-UE mhux se jiffaċċja riskju tar-rata tal-imgħax għal dak it-teħid b'self.

2.29. Il-Kummissjoni tista' tissellef sa EUR 806.9 biljun għall-NGEU u l-kostijiet medji ta' finanzjament tal-UE diġà għolew. L-istrateġija tal-NGEU talloka l-kostijiet tal-finanzjament lill-benefiċjarji (għal self) u lill-baġit tal-UE (għal għotjiet). Fl-2022, minħabba li r-rati tal-imgħax tas-suq kienu qed jiżdiedu, il-kost ta' finanzjament ġdid tal-NGEU żdied minn 0.14 % fit-tieni nofs tal-2021 għal 1.24 % fl-ewwel nofs tal-2022, u għal 2.60 % fit-tieni nofs tal-2022[34]. Il-kostijiet totali netti tat-teħid b'self ammontaw għal EUR 0.5 biljun fl-2022. Dawn il-kostijiet jinkludu kostijiet tal-imgħax fuq it-teħid b'self u dħul mill-imgħax fuq it-teħid b'self u selfiet.

2.30. Billi l-BĊE qed jissikka l-politika monetarja biex jiġġieled l-inflazzjoni, il-kostijiet ta' finanzjament għat-teħid b'self tal-NGEU huma mistennija jiżdiedu. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kellha żżid l-ammont riżervat fil-baġit tal-2023 b'EUR 0.3 biljun għall-pagamenti tal-imgħax relatati mat-teħid b'self tal-NGEU[35]. Hija użat l-*Istrument ta' Marġni Uniku*, jiġifieri l-marġnijiet mhux użati tas-snin preċedenti. Billi l-pagamenti tal-imgħax huma ġeneralment marbuta mar-rendimenti tas-suq, u dawn qegħdin fuq xejra li qed tikber, il-kostijiet tal-finanzjament jistgħu jiżdiedu b'mod sostanzjali matul is-snin li ġejjin.

2.31. Il-ħlas lura tat-teħid b'self tal-NGEU se jkollu jibda sal-2028 u jrid jiġi kkompletat sal-2058[36]. Il-parti tat-teħid b'self tal-NGEU li tiġi pprovduta sussegwentement bħala self lil Stati Membri individwali (EUR 385.8 biljun) trid titħallas lura minn dawn l-Istati Membri. Madankollu, is-sehem tal-NGEU żborżat bħala għotjiet (EUR 421.1 biljun) irid jitħallas lura mill-baġit tal-UE. F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni pproponiet tliet sorsi addizzjonali ta' dħul lill-baġit tal-UE, li jistgħu jintużaw għall-ħlas lura tal-komponent tal-għotja tal-NGEU[37]. Il-Kummissjoni se tipproponi sorsi ulterjuri ta' dħul sa tmiem l-2023.

---

[34] Rapporti ta' nofs is-sena dwar l-implimentazzjoni ta' self, ġestjoni tad-dejn u operazzjonijiet ta' self relatati għall-perjodu minn Ġunju 2021 sa Diċembru 2022, COM(2023) 93, COM(2022) 335 u COM(2022) 43.

[35] Il-Baġit annwali adottat tal-UE għall-2023.

[36] L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2053dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE.

[37] Il-proposti tal-Kummissjoni COM(2021) 569 u COM(2021) 570.

L-esponiment totali huwa ogħla prinċipalment minħabba self addizzjonali taħt l-RRF u taħt ix-SURE

2.32. Biex nippermettu li jsir tqabbil mal-Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna, din is-sena komplejna nanalizzaw l-esponiment tal-bażit tal-UE, li għalih qisna:

(a) il-garanziji tal-bażit tal-UE għat-teħid b'self mingħand is-swieq li kien sors ta' finanzjament għas-self żborżat lill-Istati Membri jew lill-pajjiżi terzi f'każ ta' inadempjenza ta' dawn is-selfiet;

(b) obbligazzjonijiet li hemm mnejn jinħolqu fil-futur jekk iseħħ avveniment speċifiku, li jiġu divulgati fil-kontijiet annwali bħala *obbligazzjonijiet kontinġenti*, u li huma magħmula minn garanziji bażitarji li jkunu diġa ġew estiżi[38].

2.33. L-esponiment tal-bażit tal-UE li rriżulta kien jammonta għal total ta' EUR 248.3 biljun sa tmiem l-2022, li kienet żieda minn EUR 204.9 biljun fl-2021 (li kienet tinkludi EUR 0.6 biljun fi mgħax akkumulat). Il-***Figura 2.15*** tipprovdi diżaggregazzjoni tal-esponiment skont it-tipi ta' sorsi u l-kopertura tar-riskju tiegħu.

[38] In-Nota 4.1.1 tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2022.

Figura 2.15 – Esponiment totali tal-baġit tal-UE fi tmiem l-2022, skont it-tip ta' sors u l-kopertura tar-riskju



(*) Self għall-Bilanċ tal-Pagamenti – EUR 0.2 biljun, self taħt l-Euratom – Stati Membri EUR 0.03 biljun.

(**) Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) – EUR 0.4 biljun, il-garanzija InvestEU – EUR 0.3 biljun u l-garanzija EFSD+ – EUR 0.2 biljun.

Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2022.

2.34. Iż-żieda fl-esponiment tal-baġit tal-UE kienet prinċipalment marbuta mat-teħid b'self għas-self addizzjonali taħt l-RRF u taħt ix-SURE, f'ammonti ta' EUR 27.2 biljun u EUR 8.7 biljun rispettivament (fi tmiem l-2021: EUR 18.0-il biljun u EUR 89.7 biljun rispettivament) li ngħata lill-Istati Membri, u s-self taħt l-AMF lill-Ukrajna fl-2022 ta' EUR 7.2 biljun, ara l-paragrafu ***2.43***. L-esponiment għall-obbligazzjonijiet kontinġenti żdied minn EUR 41.9 biljun għal EUR 42.9 biljun fi tmiem l-2022. Dan kien prinċipalment minħabba aktar żborżi għal investimenti li kienu koperti mill-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Fil-kontijiet konsolidati għall-2022, il-Kummissjoni biddlet id-divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti. Il-***Kaxxa 2.1*** tagħti spjegazzjoni ta' din il-bidla.

Kaxxa 2.1

Bidla fid-divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti

Fil-kontijiet konsolidati għall-2021 tagħha, il-Kummissjoni ddivulgat obbligazzjoni kontinġenti (garanziji pendenti fuq ammonti żborżati jew mislufa) li ammontaw għal EUR 277.9 biljun. Dan kien jinkludi EUR 236.0 biljun f'garanziji tal-baġit tal-UE biex ikopru t-teħid b'self marbut ma' self li ġie estiż prinċipalment lix-SURE, lill-RRF, lill-AMF u lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EUR 163.0 biljun) kif ukoll teħid b'self taħt l-NGEU għal għotjiet li ġew żborżati u għal self li kien għadu ma ġiex żborżat (EUR 73.0 biljun). Għall-2022, dawn il-garanziji ma baqgħux jiġu divulgati bħala obbligazzjonijiet kontinġenti. Kwalunkwe talba għal ħlas ta' dawn il-garanziji tiddependi minn adempjenza tas-self li jkun sar, b'hekk l-informazzjoni dwar il-garanziji hija ppreżentata fit-taqsima tal-kontijiet konsolidati dwar it-teħid b'self.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2021 u l-2022.

2.35. Barra minn hekk, fi tmiem l-2022, kienu diġà ngħataw EUR 109.0 biljun f'self taħt l-RRF lill-Istati Membri, iżda li kienu għadhom ma ġewx żborżati. B'żieda ma' dan, ingħataw EUR 18.0-il biljun lill-Ukrajna taħt l-istrument AMF+ biex jiġu żborżati fl-2023 (ara l-paragrafu ***2.44***).

2.36. L-esponiment kumplessiv ta' EUR 248.3 biljun fi tmiem l-2022 se jkompli jogħla, prinċipalment minħabba s-self taħt l-RRF u l-AMF+ fl-2023 u fl-2024, ara l-paragrafu ***2.44***. Il-***Figura 2.16*** tqabbel l-esponiment preċedenti u dak projettat tal-baġit tal-UE mill-2019 'il quddiem.

Figura 2.16 – L-esponiment preċedenti u dak projettat tal-baġit tal-UE



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2019-2022 u informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

2.37. L-esponiment totali jista' jiġi diżaggregat f'esponiment annwali, li huwa l-ammont massimu li jeħtieġ jiġi kopert mill-baġit tal-UE, jew mill-"marġni ta' manuvra"[39], jekk ikun hemm inadempjenza fil-pagamenti fi kwalunkwe sena partikolari. Il-"marġni ta' manuvra" huwa l-marġni bejn il-limiti fuq in-nefqa stabbiliti fil-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji sa fejn il-Kummissjoni, meta ma jkunx hemm triq oħra, għandha dritt tiġbor riżorsi mingħand l-Istati Membri biex tindirizza d-dejn tal-UE. Il-Kummissjoni pprovditilna *data* dwar l-esponiment annwali li jirriżulta mill-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi kif ukoll mill-Mandat ta' Self Estern li ammonta għal EUR 7.7 biljun fl-2023 (EUR 7.0 biljun għall-2022 u EUR 4.4 biljun għall-2021). Din iċ-ċifra ma tinkludix l-esponiment annwali tal-programmi li jifdal li huma koperti minn garanziji baġitarji (il-FEIS, l-InvestEU, l-EFSD u l-EFSD+). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippubblika l-esponiment annwali tal-baġit tal-UE li jirriżulta mill-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Istati Membri, iżda ma tippubblikax ċifra bħal din li tirriżulta minn garanziji baġitarji u mill-assistenza finanzjarja mogħtija lill-pajjiżi terzi.

[39] Għal aktar informazzjoni, ara r-Rapport Speċjali 05/2023: "Ix-xenarju finanzjarju tal-UE", il-Figura 2 u l-paragrafu 16.

Il-fond ta' proviżjonament komuni żied l-assi tiegħu fl-2022

2.38. Ir-riskju ta' esponiment tal-baġit tal-UE jista' jitnaqqas billi jiġu proviżjonati kif xieraq l-assi finanzjarji jew il-garanziji riċevuti mingħand l-Istati Membri. Kif inhu meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju[40], il-Kummissjoni waqqfet fond ta' proviżjonament komuni (CPF) fil-bidu tal-QFP 2021-2027. Dan jiġbor flimkien l-assi kollha proviżjonati mill-baġit tal-UE għall-garanziji baġitarji kif ukoll self għall-assistenza finanzjarja mogħtija lil pajjiżi terzi, iżda għandu "kompartimenti" għal kull wieħed minnhom, biex b'hekk l-ammonti jkunu jistgħu jintrabtu mal-programmi individwali. F'każ ta' inadempjenza, is-CPF ikopri talbiet għal ħlas ta' garanzija li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi mhux tal-UE qabel ma terġa' ssir talba lill-baġit tal-UE.

2.39. L-assi tas-CPF ammontaw għal EUR 12.3-il biljun fi tmiem l-2021. Fl-2022, il-fond ssaħħaħ aktar mill-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-UE b'EUR 3.3 biljun. Fil-biċċa l-kbira, l-assi jiġu investiti f'titoli ta' dejn b'rati tal-imgħax fissi u rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji tal-fond bil-prezz tas-suq tagħhom. Ir-rati tal-imgħax dejjem jiżdiedu fl-2022 fisser li l-valur ta' dawn l-assi naqas b'EUR 1.1 biljun u kien ta' EUR 14.4 -il biljun sa tmiem is-sena. Ara l-***Figura 2.17***.

[40] L-Artikolu 212 tar-Regolament (UE) 2018/1046.

Figura 2.17 – Il-fond ta' proviżjonament komuni u l-komponenti tiegħu fi tmiem l-2022

(EUR biljun)



Nota: id-differenzi huma dovuti għall-ittondjar.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-CPF fil-31 ta' Diċembru 2022.

Il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna tkabbar ir-riskji finanzjarji għall-baġits futuri tal-UE

2.40. Fi tmiem l-2021, l-Ukrajna kellha self pendenti b'valur nominali ta' EUR 4.7 biljun taħt l-istrumenti tal-AMF u tal-Euratom. Barra minn hekk, is-self tal-BEI lill-Ukrajna, appoġġat mill-garanziji tal-UE, ammonta għal EUR 2.1 biljun. Fir-Rapport Annwali 2021 tagħna, enfasizzajna r-riskji għall-baġit tal-UE li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, u osservajna li l-gwerra għandha mnejn tipperikola l-ħlas lura ta' dan is-self[41].

2.41. L-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi, li tinkludi s-self taħt l-AMF u taħt l-Euratom, hija suġġetta għal proviżjonament riżervat mill-baġit tal-UE għas-CPF. Dan jiġi determinat permezz ta' valutazzjoni tar-riskji finanzjarji rilevanti u f'konformità mal-

[41] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 2.54.

prinċipju tal-prudenza[42]. Ir-rata ta' proviżjonament għall-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi ġiet stabbilita f'livell ta' 9 %[43].

2.42. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni rrivalutat ir-riskju ta' inadempjenza tas-self il-ġdid taħt l-AMF lill-Ukrajna. B'riżultat ta' dan, u sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE, il-Kummissjoni stabbiliet ir-rata ta' proviżjonament tas-self ta' EUR 6 biljun lill-Ukrajna f'livell ta' 70 %. Biex jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit, flimkien mal-ewwel telfiet ta' 9 % koperti mis-CPF, l-Istati Membri kienu meħtieġa jipprovdu garanziji irrevokabbli li jikkorrispondu għal 61 % tal-ammonti żborżati taħt l-AMF. Din id-deċiżjoni[44] li tiġi applikata rata ta' proviżjonament ta' 70 % tirrigwarda wkoll self taħt l-ELM li ġie adattat għal skop differenti u żborżat mill-BEI lill-Ukrajna.

2.43. Matul l-2022, l-esponiment tal-baġit tal-UE għall-Ukrajna żdied b'EUR 7.2 biljun taħt l-AMF u EUR 1.7 biljun f'self żborżat mill-BEI u appoġġat mill-garanziji tal-UE. Fi tmiem l-2022, l-esponiment tal-baġit tal-UE għall-Ukrajna kien tela' għal EUR 15.6-il biljun (EUR 11.6-il biljun f'self taħt l-AMF, EUR 0.3 biljun f'self taħt l-Euratom, u EUR 3.7 biljun f'garanziji baġitarji għal self ipprovdut mill-BEI u minn istituzzjoni oħra). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni rrikonoxxiet provvediment għal indeboliment għas-self taħt l-AMF li ngħata lill-Ukrajna f'ammont ta' EUR 2.2 biljun, li jirrifletti t-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja tagħhom.

2.44. L-istrument tal-AMF+[45] ġie approvat fi tmiem l-2022. Dan japplika għal self ġdid lill-Ukrajna, u jawtorizza EUR 18.0-il biljun addizzjonali biex jiġu żborżati tul l-2023 jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Madankollu, l-AMF+ ma jeħtieġx xi proviżjonament biex ikopri r-riskju ta' inadempjenza, għall-kuntrarju ta' dak li hemm stabbilit għal pajjiżi terzi fir-Regolament Finanzjarju. Diġà enfasizzajna li din is-sitwazzjoni tippreżenta riskju għall-baġit tal-UE f'opinjoni preċedenti[46]. Fil-passat, kienet biss l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li ma kinitx teħtieġ proviżjonament. Kwalunkwe telf relatat mal-AMF+ se jkollu jiġi kopert minn baġits futuri tal-UE jew mill-

---

[42] L-Artikolu 211(2) tar-Regolament (UE) 2018/1046.

[43] L-Artikolu 31(5), it-tielet paragrafu tar-Regolament (UE) 2021/947 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

[44] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628.

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/2463.

[46] L-Opinjoni 07/2022 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali.

"marġni ta' manuvra" bażitarju bejn il-limitu massimu tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Ara l-***Figura 2.18***.

Figura 2.18 – Skeda ta' żmien ta' self approvat taħt l-AMF lill-Ukrajna, inklużi l-proviżjonamenti



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli.

Implimentazzjoni parallela u mdewma ta' diversi strumenti żżid ir-riskju li l-Istati Membri jitilfu finanzjament

2.45. Attwalment l-Istati Membri qed jassorbu fondi mingħand diversi strumenti fl-istess ħin, ara l-***Figura 2.19***. Jeħtiġilhom jagħlqu l-programmi tal-FSIE li fadal mill-QFP 2014-2020, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK bdiet ukoll, għalkemm b'dewmien. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri waslu għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-finanzjament tal-NGEU. Flimkien ma' dan, jeħtieġu jsegwu miżuri introdotti b'konnessjoni mal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna (bħal CARE u FAST-CARE). Is-sena l-oħra enfasizzajna r-riskji ppreżentati minn dawn l-attivitajiet simultanji għall-korpi kollha responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-fondi. Għadna nqisu li dawn ir-riskji

għadhom jeżistu, u li r-rakkomandazzjoni relatata għall-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm appoġġ ta' konsulenza addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali għadha valida[47].

Figura 2.19 – Skeda ta' żmien għall-impenjar u l-ħlas tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża tal-FSIE, l-RRF u r-RDK



(*) Għall-FAEŻR, ġie introdott perjodu tranżizzjonali għall-2021 u l-2022 li warajh se jaqa' kompletament taħt il-qafas tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK. Dan ifisser li l-perjodi għall-impenji u għall-pagamenti huma effettivament estiżi b'sentejn għall-FAEŻR (2022 u 2025 rispettivament).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli.

2.46. L-adozzjoni tardiva ta' leġiżlazzjoni għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża mill-QFP 2021-2027 u l-implimentazzjoni parallela ta' diversi strumenti wasslet għal pressjoni fuq ir-riżorsi amministrattivi. Din il-pressjoni mbagħad wasslet għal dewmien fl-approvazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija kollha mal-Istati Membri, u tal-bidċa l-kbira mill-programmi. Dawn il-kompiti kollha ma ġewx ikkompletati qabel it-tieni nofs tal-2022. Finalment, il-bidċa l-kbira mill-Istati Membri bdew jallokaw riżorsi finanzjarji għal proġetti tard fl-2022 biss jew kmieni fl-2023, madwar sentejn wara l-bidu tal-perjodu tal-QFP.

2.47. Ġeneralment, ir-regola tas-sena n+3 għad-diżimpenji tobbliga lill-Kummissjoni biex tiddiżimpenja ammonti f'programm li ma jkunux intużaw sa tmiem it-tielet sena finanzjarja wara s-sena tal-baġit. Madankollu, għall-aħħar sena tal-QFP 2021-2027, se tapplika r-regola aktar stretta tas-sena n+2. Din hija differenti mir-regoli għall-FSIE fil-perjodu preċedenti tal-QFP fejn ir-regola tas-sena N+3 kienet tapplika wkoll fl-aħħar sena. Il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-RDK għalhekk huwa iqsar minn dak għall-FSIE 2014-2020.

[47] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 2.41.

2.48. Ir-riskju ta' diżimpenn għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK għola sinifikattivament minħabba li qed jiġu implimentati diversi strumenti fl-istess ħin, qed jingħataw prijorità l-fondi li għad fadal taħt l-ESI u l-NGEU, u hemm dewmien fl-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi. Hemm ukoll perjodu għall-pagament iqsar b'sena għal dawk il-fondi meta mqabbla mal-perjodu preċedenti tal-QFP, u hemm trikkib mal-pagamenti taħt l-NGEU sal-2026.

2.49. Għalkemm il-miżuri deskritti fil-paragrafi ***2.13***-***2.17*** jgħinu fl-assorbiment tal-fondi, kwalunkwe żvilupp ekonomiku negattiv jista' jrendi impossibbli l-implimentazzjoni b'ritmu suffiċjenti fl-2023 u fl-2024, li jista' jżid ir-riskju ta' diżimpenji, partikolarment għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027. Dan minħabba li l-Istati Membri għandhom mnejn isibuha diffiċli biex jikkofinanzjaw proġetti u, minflok, jagħżlu li jużaw fondi oħra tal-UE li joffru aktar flessibbiltà. Il-Kummissjoni pproduċiet tbassir kemxejn aktar baxx għad-diżimpenji tul il-perjodu 2023-2027 ta' EUR 7.6 biljun meta mqabbel ma' EUR 8.4 biljun fit-tbassir għall-2021. Madankollu, jekk l-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża ma taċċellarax sinifikattivament fl-2024 u fl-2025, ir-riskju ta' diżimpenji aktar tard matul il-perjodu se jiżdied b'mod esponenzjali.[48]

L-inflazzjoni għolja tolqot il-baġit tal-UE

2.50. Ir-Regolament dwar il-QFP jistabbilixxi n-nefqa massima awtorizzata mill-baġit tal-UE għal perjodu ta' seba' snin. Barra minn hekk, il-limiti massimi annwali huma ddefiniti (approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament). Dawn l-ammonti kollha huma stabbiliti bil-prezzijiet tal-2018. L-aġġustament għall-prezzijiet attwali jsir fuq il-bażi ta' żieda annwali fissa ta' 2 %[49]. Dan id-deflatur fiss huwa konsistenti mal-mira għall-istabbiltà tal-prezz tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u wera li kien u għadu suffiċjenti matul dawn l-aħħar 20 sena. Sal-2021, l-inflazzjoni medja tal-UE kienet tvarja bejn 0 % u 4 % (għal nofs il-perjodu, kienet ogħla minn 2 %, u għan-nofs l-ieħor, taħt dak il-livell).

2.51. Madankollu, tul l-2022, l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-konsumatur żdiedet sinifikattivament, u r-rata medja annwali tal-UE laħqet 9.2 %[50]. It-tbassiriet tal-BĊE jissuġġerixxi li l-inflazzjoni tal-UE se tkompli f'livelli għolja matul il-ftit snin li ġejjin. Id-

[48] Ir-rapport dwar tbassir fit-tul 2023-2027, COM(2022) 315.

[49] L-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-QFP.

[50] Annual inflation more than tripled in the EU in 2022, l-Eurostat, id-9 ta' Marzu 2023.

deflatur fiss ta' 2 % stabbilit fir-Regolament dwar il-QFP għalhekk għandu mnejn ikun insuffiċjenti, jekk tibqa' tippersisti inflazzjoni għolja.

Inflazzjoni għolja tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE, u b'hekk tnaqqas id-daqs reali tiegħu

2.52. Billi ż-żieda fil-baġit annwali tal-UE hija aġġustata b'deflatur fiss ta' 2 %, il-kapaċità tal-akkwist tiegħu titnaqqas mid-differenza bejn dik iċ-ċifra u r-rata medja ta' inflazzjoni, jiġifieri bejn wieħed u ieħor 7.2 % fl-2022. Bażikament dan ifisser li d-daqs relattiv tal-baġit tal-UE jonqos approporzjon tad-daqs tal-ekonomiji tal-Istati Membri.

2.53. It-telf tal-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE se jiżdied kull sena li fiha r-rata tal-inflazzjoni tkun ogħla minn 2 %. Abbażi tat-tbassir tal-inflazzjoni tal-Kummissjoni[51], nistmaw li l-baġit tal-UE jista' jitlef kważi 10 % tal-kapaċità tal-akkwist tiegħu sal-2023, ara l-***Figura 2.20***.

Figura 2.20 – Bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE



Sors: il-QEA, ibbażat fuq it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

2.54. It-telf tal-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE se jolqot in-nefqa tagħha sa diversi livelli. Partijiet mill-baġit tal-UE huma kostijiet fissi u tipikament huma korrelatati mal-inflazzjoni. Dawn il-partiti tal-baġit b'hekk se jiżdiedu aktar milli kien mistenni fil-bidu tal-perjodu tal-QFP. Dan imbagħad se jitfa' aktar pressjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist ridotta tal-baġit tal-UE u jkollu impatt negattiv fuq l-ammont ta' flessibbiltà disponibbli għal kriżijiet u għal avvenimenti mhux mistennija.

[51] Il-Kummissjoni, it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2023.

2.55. Eżempju ewlieni huwa l-kostijiet amministrattivi, li jintlaqtu mill-inflazzjoni. Fl-2022, il-Kummissjoni diġà kellha talloka EUR 0.2 biljun addizzjonali lill-Intestastura 7– Amministrazzjoni Pubblika Ewropea – minħabba żieda fl-inflazzjoni u fil-prezzijiet tal-enerġija. Hija użat il-marġni disponibbli taħt is-sublimitu għan-nefqa tal-istituzzjonijiet u l-limitu massimu kumplessiv għall-Intestatura 7. Eżempju ieħor huwa l-kostijiet tal-finanzjament, ara l-paragrafu ***2.30***.

2.56. L-inflazzjoni u t-telf tal-kapaċità tal-akkwist sussegwenti jfissru li l-fondi mogħtija mill-UE jaf ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi tagħhom sal-istess livell. Fl-2022, il-Kummissjoni kienet diġà osservat riduzzjoni fil-ħtiġijiet ta' pagament mill-FAEŻR minħabba li xi benefiċjarji tal-fondi mogħtija mill-UE kienu pposponew jew ikkanċellaw proġetti, u bħala raġuni semmew iż-żieda fil-kostijiet[52] (ara l-paragrafu ***2.6***). Din is-sitwazzjoni jaf tkompli tul l-2023, u jaf tolqot negattivament l-iskeda ta' żmien tal-proġetti.

Inflazzjoni għolja tbiddel il-proporzjon ta' dħul tal-UE minn sorsi differenti

2.57. Fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja, sakemm il-fatturi l-oħra jkunu ndaqs, l-ammonti miġbura kemm mir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) u kif ukoll mir-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) x'aktarx jiżdiedu, billi t-tnejn huma korrelatati mal-prezzijiet tal-oġġetti mibjugħa. Dan, flimkien mat-tnaqqis fid-daqs relattiv tal-bażit tal-UE (ara l-paragrafu ***2.52***), ikun ifisser li s-sehem mir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) (ir-"riżorsa proprja ta' bbilanċjar") jaqa'.

[52] L-abbozz ta' bażit emendatorju Nru 5, COM(2022) 351, il-paragrafu 8.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijiet

2.58. Il-biċċa l-kbira mill-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli tal-baġit tal-UE ntużaw fl-2022, partikolarment minħabba li l-impenn tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 taħt ir-RDK beda f'dik is-sena. L-approprjazzjonijiet ta' pagament finali wkoll intużaw kważi kompletament. L-assorbiment tal-FSIE 2014-2020 kompla fl-2022, għalkemm aktar bil-mod milli fl-2021 u fl-2020. L-assorbiment tal-ammonti impenjati għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 baqa' baxx u kien relatat prinċipalment mal-prefinanzjament. Ara l-paragrafi ***2.2***-***2.12***.

2.59. Diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE ntużaw bħala rispons ta' emerġenza għal avvenimenti mhux mistennija. Ġew introdotti miżuri ta' flessibbiltà ġodda biex jgħinu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jittrattaw influssi ta' persuni li kienu qed jaħarbu mill-Ukrajna. Ara l-paragrafi ***2.13***-***2.17***.

2.60. L-impenji taħt l-NGEU aċċelleraw fl-2022. L-Istati Membri rċevew EUR 47.2 biljun f'pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF li kienu relatati kważi kompletament mal-issodisfar ta' stadji importanti u ta' miri. Dan kien aktar milli fl-2021, fejn il-pagamenti taħt l-NGEU kienu fil-biċċa l-kbira relatati mal-pagamenti, iżda mhux daqskemm kien mistenni. Ara l-paragrafi ***2.18***-***2.22***.

2.61. L-impenji pendenti mill-baġit tal-UE u mill-finanzjament ta' għotjiet taħt l-NGEU, li jirrappreżentaw djun futuri jekk ma jiġux diżimpenjati, laħqu livell rekord ta' aktar minn EUR 450 biljun fi tmiem l-2022. Dan ġara prinċipalment minħabba li kien hemm impenn akbar ta' fondi taħt l-NGEU, kif ukoll il-bidu tal-implimentazzjoni fl-2022 tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027. Skont il-Kummissjoni, wara żieda oħra għal xi EUR 460 biljun fl-2023, huwa mistenni li l-impenji pendenti jonqsu bejn l-2024 u l-2027 għal EUR 314-il biljun, speċjalment billi ma hemmx impenji ġodda taħt l-NGEU wara l-2023. Madankollu, dan l-ammont xorta jkun kemxejn ogħla meta mqabbel mal-2020, l-aħħar sena tal-QFP preċedenti. Ara l-paragrafi ***2.23***-***2.26***.

2.62. Fl-2022, id-dejn tal-UE żdied għal EUR 344.3 biljun sa tmiem is-sena (2021: EUR 236.7 biljun), prinċipalment minħabba teħid b'self ġdid għall-NGEU, għax-SURE u għall-AMF. Minn dan it-teħid b'self, l-istrument tal-NGEU biss kien jinvolvi riskju tar-rata tal-imgħax għall-baġit tal-UE. Fl-2022, l-imgħax nett imħallas fuq it-teħid b'self taħt l-NGEU kien jammonta għal EUR 0.5 biljun. Ara l-paragrafi ***2.27***-***2.31***.

2.63. L-esponiment tal-baġit tal-UE, li jikkonsisti f'garanziji fuq teħid b'self relatat ma' self żborżat permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament u f'obbligazzjonijiet kontinġenti li ġejjin mill-garanziji baġitarji tal-UE, żdied minn EUR 205 biljun fl-2021 għal EUR 248 biljun fl-2022. Dan kien dovut prinċipalment għas-self addizzjonali taħt l-RRF u taħt ix-SURE ipprovdut lill-Istati Membri u s-self taħt l-AMF ipprovdut lill-Ukrajna. Barra minn hekk, fi tmiem l-2022, kien hemm EUR 109 biljun addizzjonali f'self taħt l-RRF li kien diġà ngħata iżda għadu mhux żborżat, u EUR 18-il biljun f'self lill-Ukrajna li se jingħata fl-2023 mingħand l-AMF+ reċentement approvat. Għalhekk l-esponiment tal-baġit tal-UE se jkompli jiżdied. Ir-riskju ta' esponiment tal-baġit tal-UE huwa parzjalment immitigat minn garanziji riċevuti mingħand l-Istati Membri u mill-fond ta' proviżjonament komuni. L-ammonti mmaniġġjati mis-CPF żdiedu minn EUR 12.3-il biljun fl-2021 għal EUR 14.4-il biljun fl-2022 (ara l-paragrafi ***2.32***-***2.39***).

2.64. L-esponiment tal-baġit tal-UE għall-Ukrajna rdoppja u aktar fl-2022 meta mqabbel mal-2021 (minn EUR 7 biljun għal EUR 16-il biljun). L-approvazzjoni ta' EUR 18-il biljun addizzjonali għall-AMF+ fi tmiem l-2022 se jżid sinifikattivament dan l-esponiment għal baġits futuri. Barra minn hekk, billi l-ammont addizzjonali ta' EUR 18-il biljun ma jeħtieġx kwalunkwe proviżjonament, ir-riskju għal baġits futuri tal-UE jiżdied. Kwalunkwe telf relatat se jkollu jiġi kopert minn baġits futuri tal-UE jew mill-"marġni ta' manuvra" baġitarju bejn il-limitu massimu tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Ara l-paragrafi ***2.40***-***2.44***.

2.65. L-implimentazzjoni parallela u mdewma ta' diversi strumenti żżid ir-riskju li l-Istati Membri jitilfu finanzjament. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri bdew jallokaw riżorsi finanzjarji lil proġetti tard fl-2022 biss minħabba dewmien fl-approvazzjoni tal-leġiżlazzjoni u mbagħad tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi. Jekk l-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża ma taċċellarax b'mod sinifikanti fl-2024 u fl-2025, ir-riskju ta' diżimpenji aktar tard matul il-perjodu se jiżdied b'mod esponenzjali. Ara l-paragrafi ***2.45***-***2.49***.

2.66. Inflazzjoni għolja tolqot il-baġit tal-UE b'diversi modi. Hija tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tagħha, iżżid b'mod partikolari l-kostijiet fissi, bħall-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet ta' finanzjament, u tolqot ukoll il-proporzjon ta' dħul mingħand sorsi differenti. Ara l-paragrafi ***2.50***-***2.57***.

Rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni 2.1 – Tnaqqis sostanzjali tal-livell ta’ impenji pendenti

Fid-dawl tal-livell għoli ta’ impenji pendenti li qed jistennew il-pagament mingħand baġits futuri tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika modi biex tgħin lill-Istati Membri jaċċelleraw l-użu tal-fondi mogħtija mill-UE, b’mod partikolari tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, filwaqt li tirrispetta l-ġestjoni finanzjarja tajba.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2026

Rakkomandazzjoni 2.2 – Valutazzjoni tal-impatt ta’ inflazzjoni għolja fuq diversi snin fuq il-baġit tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta’ inflazzjoni għolja li tkompli fuq diversi snin fuq il-baġit tal-UE u tidentifika għodod biex timmitiga r-riskji ewlenin li jirriżultaw. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproteġi l-abbiltà tal-baġit tal-UE biex jissodisfa l-impenji legali u kuntrattwali tiegħu, bħall-kostijiet ta’ finanzjament li qed jiżdiedu.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 2.3 – Sostenibbiltà tal-esponiment tal-baġit tal-UE

Fid-dawl tal-esponiment dejjem jikber tal-baġit tal-UE mit-teħid b'self għal ħtiġijiet ta’ pagament addizzjonali, bħal dawk skattati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll mill-garanziji baġitarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu kwalunkwe azzjoni xierqa li tkun meħtieġa biex tiżgura li l-għodod ta’ mitigazzjoni tar-riskju tagħha, bħall-fond ta’ proviżjonament komuni, jkollhom kapaċità suffiċjenti, u tippubblika l-istima li tkun wettqet tal-esponiment annwali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Sa tmiem l-2025

Kapitolu 3

Kisba ta’ riżultati mill-bagit tal-UE

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**3.1. - 3.3.**
Parti 1 – Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni li wettaqna: messaġġi ewlenin	**3.4. - 3.76.**
Introduzzjoni	**3.4. - 3.10.**
Ir-rispons tal-UE għall-COVID-19 u l-irkupru wara l-kriżi	**3.11. - 3.22.**
Introduzzjoni	3.11.
Il-messaġġi ewlenin tagħna	3.12. - 3.16.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.17. - 3.22.
Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha	**3.23. - 3.39.**
Introduzzjoni	3.23.
Il-messaġġi ewlenin tagħna	3.24. - 3.33.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.34. - 3.39.
Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt	**3.40. - 3.51.**
Introduzzjoni	3.40.
Il-messaġġi ewlenin tagħna	3.41. - 3.45.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.46. - 3.51.
It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali	**3.52. - 3.65.**
Introduzzjoni	3.52.
Il-messaġġi ewlenin tagħna	3.53. - 3.58.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.59. - 3.65.
Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE	**3.66. - 3.76.**
Introduzzjoni	3.66.
Il-messaġġi ewlenin tagħna	3.67. - 3.71.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.72. - 3.76.

Parti 2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019 3.77. - 3.80.

Parti 3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2019 3.81. - 3.102.

Introduzzjoni 3.81. - 3.84.

Osservazzjonijiet 3.85. - 3.101.

Naqas kemxejn il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew aċċettati bis-sħiħ mill-entitajiet awditjati minna 3.85. - 3.86.

Naqas kemxejn ukoll il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti 3.87. - 3.88.

Il-Kummissjoni Ewropea implimentat bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti 73 % tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lilha 3.89. - 3.95.

56 % tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lil entitajiet oħra li awditjajna ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti 3.96. - 3.98.

Naqas il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu 3.99. - 3.100.

Il-livell ta' implimentazzjoni huwa korrelatat mal-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar min-naħa tal-entitajiet awditjati 3.101.

Konklużjoni 3.102.

Annessi

Anness 3.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-"Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019"

Anness 3.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2019 – il-Kummissjoni Ewropea

Anness 3.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2019 – Entitajiet awditjati oħra

Anness 3.4 – Rapporti speċjali fejn ir-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati lill-Kummissjoni ġew implimentati jew bis-sħiħ jew inkella fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

Introduzzjoni

3.1. Kull sena, aħna nanalizzaw għadd ta' aspetti relatati mal-*prestazzjoni* u r-*riżultati* miksuba mill-baġit tal-UE, li jiġi implimentat mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri[1].

3.2. Għas-snin finanzjarji 2019 sa 2021, bħala proġett pilota, aħna qsamna r-rapport annwali tagħna f'żewġ partijiet separati. L-ewwel parti kopriet l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u l-*legalità u r-regolarità* tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi, filwaqt li t-tieni parti kopriet il-prestazzjoni tal-*programmi* ta' nfiq taħt il-baġit tal-UE. Mis-sena finanzjarju 2022 'il quddiem, iddeċidejna li nerġgħu lura għal rapport annwali uniku li jinkludi kapitolu dwar il-prestazzjoni.

3.3. Din is-sena, il-kapitolu tagħna dwar il-prestazzjoni jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- il-Parti 1 – ir-riżultati u l-messaġġi ewlenin mir-rapporti speċjali tagħna tal-2022 dwar il-prestazzjoni, kif ukoll informazzjoni relatata li ksibna mingħand il-Kummissjoni u mingħand l-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill);
- il-Parti 2 – l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna tal-2019 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE;
- il-Parti 3 – l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-rapporti speċjali, li ppubblikajna fl-2019.

[1] L-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

Parti 1 – Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni li wettaqna: messaġġi ewlenin

Introduzzjoni

3.4. Ir-rapporti speċjali tagħna jeżaminaw kemm il-prinċipji tal-*ġestjoni finanzjarja tajba*[2] ġew applikati tajjeb fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Dawn jindirizzaw l-objettivi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-konformità. Fl-2022, ippubblikajna 28 rapport speċjali li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politiki tagħha.

3.5. Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna kien immirat lejn l-oqsma strateġiċi li ġejjin, li nqisu li huma prijoritajiet konformi mal-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025:

- ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru wara l-kriżi;
- iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;
- ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali; u
- il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE.

3.6. Il-***Figura 3.1*** tagħti stampa ġenerali tar-rapporti speċjali kollha li ppubblikajna fl-2022, skont il-qasam strateġiku.

[2] L-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju.

Figura 3.1 – Oqsma strateġiċi tal-QEA koperti minn rapporti speċjali fl-2022

 Rispons għall-COVID-19	▪ RS 13/2022: Moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 ▪ RS 18/2022: Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 ▪ RS 19/2022: L-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE ▪ RS 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ▪ RS 28/2022: Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)
 Kompetittività	▪ RS 03/2022: Tnedija tal-5G fl-UE ▪ RS 06/2022: Drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-UE ▪ RS 07/2022: Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs ▪ RS 08/2022: Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs ▪ RS 15/2022: Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 ▪ RS 16/2022: *Data* fil-Politika Agrikola Komuni ▪ RS 23/2022: Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ▪ RS 24/2022: Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji
 Ir-reżiljenza u l-valuri Ewropej	▪ RS 01/2022: L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent ▪ RS 05/2022: Ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE ▪ RS 14/2022: Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni ▪ RS 27/2022: Appoġġ mill-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera ma' pajjiżi tal-viċinat
 Tibdil fil-klima, ambjent u riżorsi naturali	▪ RS 02/2022: Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi ▪ RS 09/2022: L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 ▪ RS 10/2022: LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità ▪ RS 12/2022: Durabbiltà fl-iżvilupp rurali ▪ RS 20/2022: Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra s-sajd illegali ▪ RS 22/2022: L-appoġġ li ngħata mill-UE lir-reġjuni tal-faħam
 Il-politika fiskali u l-finanzi pubbliċi	▪ RS 04/2022: Fondi ta' investiment ▪ RS 11/2022: Protezzjoni tal-baġit tal-UE ▪ RS 17/2022: Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea ▪ RS 25/2022: Verifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross għall-finanzjament tal-baġit tal-UE ▪ RS 26/2022: Statistika Ewropea

Sors: il-QEA.

3.7. L-entitajiet li awditjajna għandhom id-dritt li jipprovdu risposti għall-osservazzjonijiet tagħna[3]. Dawn ir-risposti, li jindikaw ukoll jekk jaċċettawx jew le r-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu, jiġu ppubblikati flimkien mar-rapporti speċjali tagħna. Ir-rapport speċjali tagħna tal-2022 kien fihom 214-il rakkomandazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, li prinċipalment kienu indirizzati lill-Kummissjoni. L-entitajiet li awditjajna aċċettaw bis-sħiħ 91 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħna.

3.8. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jiddeċiedu li janalizzaw ir-rapporti speċjali tagħna. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Kunsill jista' jħejji konklużjonijiet. F'xi każijiet, il-Kunsill joqgħod lura milli jadotta konklużjonijiet għal rapporti speċjali, pereżempju meta l-Kummissjoni tkun diġà ppreżentat proposta leġiżlattiva fil-qasam indirizzat mir-rapport speċjali tagħna.

3.9. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) huwa l-kumitat prinċipali li jeżamina r-rapporti speċjali tagħna. Il-kumitat CONT jista' jiddeċiedi li jaħtar Membru tal-Kumitat għal rapport speċjali, li jista' jħejji/tista' tħejji dokument ta' ħidma taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu jew tagħha. Jekk jitħejja dokument ta' ħidma, dan tipikament se jiġbor fil-qosor l-osservazzjonijiet tagħna u jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Membru tal-Kumitat dwar il-kwistjoni, li ma jirrappreżentawx il-fehmiet tal-kumitat CONT kollu u lanqas dawk tal-Parlament. F'xi każijiet, ir-rapporti speċjali jiġu ppreżentati biss fil-kumitati li jispeċjalizzaw fis-suġġett tagħhom. F'każijiet bħal dawn, ma jitħejjewx dokumenti ta' ħidma. Xi elementi mir-rapporti speċjali tagħna jaf jiġu inklużi fir-riżoluzzjonijiet rigward il-proċedura annwali ta' *kwittanza* u, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-osservazzjonijiet f'dawn ir-riżoluzzjonijiet jirrappreżentaw fehmet il-Parlament Ewropew formalment. Fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu għall-2021, adottata f'Mejju 2023, il-Parlament Ewropew[4] appoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha kif ukoll f'rapporti speċjali relatati.

3.10. Fil-paragrafi li ġejjin, nippreżentaw il-messaġġi ewlenin tar-rapporti speċjali tagħna, skont il-qasam strateġiku. Ikkomplementajna dan b'ħarsa ġenerali lejn ir-referenzi li saru għar-rapporti speċjali tagħna mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu. Tajna wkoll eżempji ta' azzjonijiet bikrija meħuda mill-

---

[3] *Ibid.*, l-Artikolu 259.

[4] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2023 b'kummenti li huma parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, it-Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi.

Kummissjoni b'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fir-rapporti speċjali tagħna tal-2022. Dan jikkomplementa l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif inhija stipulata fir-risposti tagħha għar-rapporti speċjali tagħna, u huwa mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju ta' segwitu regolari li nwettqu wara tliet snin.

Ir-rispons tal-UE għall-COVID-19 u l-irkupru wara l-kriżi

Introduzzjoni

3.11. Fl-2022, ippubblikajna ħames rapporti speċjali dwar suġġetti fil-qasam strateġiku "Ir-rispons tal-UE għall-COVID-19 u l-irkupru wara l-kriżi" (ara l-***Figura 3.2***).

Figura 3.2 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2022 fil-qasam strateġiku tar-rispons tal-UE għall-COVID-19



Sors: il-QEA.

Il-messaġġi ewlenin tagħna

3.12. Effett wieħed tal-kriżi tal-COVID-19 kien li l-Istati Membri introduċew kontrolli fil-fruntieri interni biex jinfurzaw ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar biex jillimitaw it-tixrid tal-virus. Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx ħadet azzjoni effettiva

biex tipproteġi d-dritt tal-moviment liberu tal-persuni matul il-pandemija tal-COVID-19. Ikkonkludejna[5] li l-limitazzjonijiet fil-qafas legali fixklu s-superviżjoni li l-Kummissjoni wettqet rigward ir-restrizzjonijiet li ġew imposti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma eżerċitatx skrutinju xieraq biex tiżgura li l-kontrolli fil-fruntieri interni kienu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ta' Schengen. Minkejja l-inizjattivi tal-Kummissjoni, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li ġew imposti mill-Istati Membri kienu fil-biċċa l-kbira mhux ikkoordinati.

3.13. Ħarisna wkoll lejn kif l-istituzzjonijiet tal-UE kienu rnexxielhom ilaħħqu mal-pandemija tal-COVID-19, il-livell ta' tħejjija tagħhom u x'tagħlimiet kienu ħadu. Ikkonkludejna[6] li l-istituzzjonijiet tal-UE kienu reżiljenti meta ffaċċjaw il-kriżi tal-COVID-19, bis-saħħa tar-rispons rapidu u flessibbli tagħhom u l-investimenti preċedenti tagħhom fid-diġitalizzazzjoni. Madankollu, il-pjanijiet għall-kontinwità tal-operat tagħhom ma kinux maħsuba għal tfixkil b'terminu twil u l-valutazzjoni tal-*effiċjenza* tal-modi ġodda ta' ħidma kienet parzjali.

3.14. Ir-rapport tagħna dwar l-azzjoni tal-UE biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-COVID-19 ikkonkluda[7] li l-UE kienet iggarantiet portafoll ta' vaċċini diversifikat għall-Istati Membri, għalkemm kienet bdiet l-akkwist aktar tard mir-Renju Unit u l-Istati Uniti. In-negozjaturi tal-UE kienu f'pożizzjoni aħjar li jiggarantixxu l-objettivi ta' akkwist tal-UE fil-kuntratti sussegwenti li ġew iffirmati mal-manifatturi ta' vaċċini. Sibna wkoll li l-Kummissjoni kellha ingranaġġ limitat biex tegħleb l-isfidi fil-provvista u li l-firxa tal-*impatt* tagħha fuq iż-żieda fil-produzzjoni tal-vaċċini ma kinitx ċara.

3.15. Il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* (RRF) hija l-qalba tar-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. Sibna[8] li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) ippreżentati mill-Istati Membri kienet, inġenerali, xierqa meta jitqiesu l-kumplessità tal-proċess u r-restrizzjonijiet ta' ħin involuti. Madankollu, identifikajna għadd ta' dgħufijiet fil-proċess, kif ukoll riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-RRF. Pereżempju:

---

[5] Ir-Rapport Speċjali 13/2022.

[6] Ir-Rapport Speċjali 18/2022.

[7] Ir-Rapport Speċjali 19/2022.

[8] Ir-Rapport Speċjali 21/2022.

- il-profili ta' żborż irriżultaw minn negozjati aktar milli minn riflessjoni tal-ispejjeż ta' bażi, u l-Kummissjoni kienet għadha ma ddefinietx metodoloġija biex jiġu kkalkulati s-sospensjoni jew it-tnaqqis parzjali tal-pagamenti (ara l-paragrafu ***3.19***);

- xi stadji importanti u miri kienu nieqsa miċ-ċarezza jew ma koprewx l-istadji ewlenin kollha tal-implimentazzjoni ta' miżura.

3.16. Ir-rapport tagħna dwar *Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza* (SURE) sab[9] li filwaqt li kien hemm indikazzjonijiet li l-finanzjament kien laħaq miljuni ta' persuni, in-nuqqas ta' *data* komprensiva mingħand l-Istati Membri llimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tivvaluta kemm kienu ġew ippreservati impjiegi.

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni

3.17. Il-Kummissjoni ppubblikat żewġ studji li analizzaw l-impatt tal-miżuri, relatati mal-fruntieri, meħuda mill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-COVID-19. B'mod simili għar-rapport speċjali tagħna dwar dan is-suġġett, sejba ewlenija tal-ewwel studju[10] kienet li l-effett tal-linji gwida tal-Kummissjoni fuq l-għeluq tal-fruntieri ma kienx sistematiku.

3.18. Bħalma hemm indikat fir-rapport annwali dwar l-awditi interni mwettqa fl-2021, maħruġ mill-Kummissjoni, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni saħaq li d-direttorati ġenerali u s-servizzi jenħtieġ li jkomplu:

- jivvalutaw kif xieraq ir-riskji kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja; u

- jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni adegwati, bħall-aġġustament jew id-definizzjoni mill-ġdid tal-istrateġiji ta' kontroll tagħhom.

---

[9] Ir-Rapport Speċjali 28/2022.

[10] Il-Kummissjoni Ewropea: Analysis of the impact of border-related measures taken by Member States in the fight against COVID-19, 2022.

3.19. Fi Frar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat qafas biex tivvaluta t-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, u metodoloġija għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti skont l-RRF.

Dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

3.20. Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew ħejjew dokumenti ta' ħidma għal tlieta mill-ħames rapporti speċjali f'dan il-qasam[11]. Rapport minnhom[12] ġie riferit lil kumitati oħra, u għal rapport ieħor[13] tħejjiet nota ta' sfond, li tiġbor fil-qosor il-messaġġi ewlenin tiegħu.

3.21. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2021, tal-Parlament Ewropew, irreferiet għal erbgħa mill-ħames rapporti[14]. Pereżempju, rigward ir-rapport speċjali dwar l-akkwist ta' vaċċini, lill-Parlament Ewropew iddispjaċih li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet lill-Qorti aktar informazzjoni relatata mal-kontenut ta' dawn il-kuntratti. Rigward ir-rapport tagħna dwar il-valutazzjoni tal-RRPs nazzjonali, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tikkomunika lill-awtorità ta' kwittanza dwar kif kull talba għall-pagament kienet tirrigwarda l-għadd ta' stadji importanti u miri li kellhom jintlaħqu għal kull Stat Membru, u biex tipproponi miżuri li jiggarantixxu li l-istadji importanti kollha u l-miri kollha jiġu kkompletati sal-31 ta' Awwissu 2026.

3.22. Il-Kunsill ħejja konklużjonijiet għal tnejn mill-ħames rapporti speċjali f'dan il-qasam[15]. B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u kienu jinkludu kummenti addizzjonali. Pereżempju:

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport speċjali tagħna dwar ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE matul il-kriżi tal-COVID-19[16] ġibdu l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' kunsiderazzjoni bir-reqqa u ta' prijoritizzazzjoni tal-impatt ambjentali tal-modi ġodda ta' ħidma fl-istituzzjonijiet tal-UE bħala parti mill-istrateġiji fit-tul tagħhom għall-bini u l-*ekoloġizzazzjoni*;

---

[11] Ir-Rapporti Speċjali 18/2022, 19/2022 u 21/2022.

[12] Ir-Rapport Speċjali 13/2022.

[13] Ir-Rapport Speċjali 28/2022.

[14] Ir-Rapporti Speċjali 18/2022, 19/2022, 21/2022 u 28/2022.

[15] Ir-Rapporti Speċjali 18/2022, u 19/2022.

[16] Ir-Rapport Speċjali 18/2022.

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport speċjali tagħna dwar l-akkwist ta' vaċċini[17] stiednu lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni indipendenti dwar l-adegwatezza tal-proċeduri biex l-*effettività* tiġi vvalutata minn perspettiva tas-saħħa pubblika, dwar elementi tal-klawżoli tal-kuntratt, u dwar il-kriterji tal-għażla tat-tim tan-negozjati.

Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha

Introduzzjoni

3.23. Fl-2022, ippubblikajna tmien rapporti speċjali dwar suġġetti fil-qasam strateġiku "Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha" (ara l-***Figura 3.3***). Iffukajna x-xogħol tal-awditjar tagħna fuq l-appoġġ mogħti mill-UE għan-negozji, għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) kif ukoll għall-ekonomija diġitali u l-ġbir u l-analiżi tad-*data*.

[17] Ir-Rapport Speċjali 19/2022.

Figura 3.3 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2022 fil-qasam strateġiku tal-kompetittività tal-UE



Sors: il-QEA.

Il-messaġġi ewlenin tagħna

3.24. Eżaminajna jekk il-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali* (FEŻR) kienx ikkontribwixxa għat-titjib tal-kompetittività tal-*intrapriżi żgħar u medji* (SMEs). Ikkonkludejna[18] li għalkemm l-appoġġ taħt il-FEŻR għall-perjodu 2014-2020 kien stimula r-rieda tal-SMEs li jinvestu, l-effettività tiegħu biex iżid il-kompetittività tagħhom kienet ixxekklet minn nuqqasijiet fl-approċċ ta' finanzjament meħud mill-*awtoritajiet maniġerjali* tal-Istati Membri. Fil-biċċa l-kbira mill-programmi taħt il-FEŻR, is-sejħiet għas-sottomissjoni tal-proġetti naqsu milli jindirizzaw l-ostakli kollha rilevanti għall-kompetittività li ltaqgħu magħhom l-SMEs. Il-proċeduri tal-għażla ma kinux imfassla biex jagħtu finanzjament lill-proposti tal-proġetti l-aktar kompetittivi.

[18] Ir-Rapport Speċjali 08/2022.

3.25. Aħna awditjajna l-istrateġija tal-UE għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u tnejn mill-inizjattivi ewlenin f'dan il-qasam: in-Network Enterprise Europe u l-inizjattiva Startup Europe. Sibna[19] li l-istrateġija identifikat b'mod korrett l-ostakli prinċipali u li l-Istati Membri kienu daħħlu fis-seħħ għadd kbir ta' azzjonijiet biex jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs. Madankollu, ma kien hemm l-ebda inventarju aġġornat tal-azzjonijiet rilevanti kollha fil-qasam, u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-azzjonijiet tal-UE mhux dejjem ġiet indirizzata b'mod suffiċjenti.

3.26. Analizzajna jekk il-Kummissjoni pprovdietx il-miżuri leġiżlattivi u ta' appoġġ meħtieġa biex tipproteġi trademarks, disinji u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE. Sibna[20] li l-Kummissjoni kienet stabbiliet miżuri leġiżlattivi u ta' appoġġ xierqa biex tipproteġi t-trademarks tal-UE. Madankollu, il-leġiżlazzjoni dwar id-disinji tal-UE kienet inkompleta u mhux aġġornata, u kien hemm nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Barra minn hekk, identifikajna dgħufijiet fil-qafas ta' governanza u obbligu ta' rendikont tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-UE kif ukoll nuqqasijiet fil-qafas ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) tal-UE.

3.27. Fl-2022, ikkompletajna żewġ awditi fil-qasam tal-appoġġ għar-R&I: wieħed dwar it-twessigħ tal-parteċipazzjoni f'*Orizzont 2020* u ieħor dwar is-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-*Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej* (FSIE).

3.28. Ivvalutajna jekk il-miżuri ta' twessigħ taħt Orizzont 2020 kinux adatti għall-użu. Sibna[21] li filwaqt li dawn il-miżuri setgħu jagħtu spinta lill-progress fir-R&I fil-pajjiżi riċevituri, bidla sostenibbli ġenwina kienet tiddependi minn sitwazzjoni fejn il-gvernijiet nazzjonali jagħmlu l-parti tagħhom bis-sħiħ biex ir-R&I jsiru prijorità, f'termini kemm ta' investiment kif ukoll ta' riformi.

3.29. Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali rilevanti ta' implimentazzjoni kinux ħadu miżuri xierqa biex jistabbilixxu sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u l-FSIE. Ikkonkludejna[22] li l-implimentazzjoni tas-sinerġiji kienet tvarja. Pereżempju, filwaqt li l-miżuri ppjanati biex jinħolqu sinerġiji upstream (l-appoġġ taħt il-FSIE għal attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet biex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-*benefiċjarji* li sussegwentement jirċievu l-finanzjament taħt Orizzont 2020) ġew

[19] Ir-Rapport Speċjali 07/2022.

[20] Ir-Rapport Speċjali 06/2022.

[21] Ir-Rapport Speċjali 15/2022.

[22] Ir-Rapport Speċjali 23/2022.

implimentati tajjeb, il-miżuri biex jinħolqu sinerġiji downstream (il-finanzjament taħt il-FSIE għall-iżvilupp ulterjuri tar-riżultati tal-proġetti ta' Orizzont 2020) bilkemm ġew implimentati.

3.30. In-network tal-5G huwa ta' importanza strateġika għas-suq uniku tal-UE, iżda jġib miegħu wkoll riskji għas-sigurtà. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni tatx appoġġ effettiv lill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi tal-UE għat-tnedija tan-networks tal-5G tagħhom u biex jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà tal-5G b'mod konċertat. L-awditu li wettaqna wera[23] li kien hemm dewmien fit-tnedija mill-Istati Membri ta' networks tal-5G. Għalkemm il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lill-Istati Membri, hija ma ddefinietx b'mod ċar il-kwalità mistennija tas-servizzi tal-5G.

3.31. Awditjajna jekk l-azzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Gvern elettroniku mmirati lejn in-negozji kinux effettivi. Ikkonkludejna[24] li l-Kummissjoni kienet appoġġat l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-Gvern elettroniku min-naħa tal-Istati Membri permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, u dan billi pprovdiet appoġġ tekniku u billi rawmet il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, għalkemm il-Kummissjoni kienet ikkompletat il-pjan ta' azzjoni tal-UE tagħha f'dan il-qasam, mhux is-servizzi pubbliċi diġitali li ġew żviluppati reċentement kollha kienu disponibbli fl-UE kollha.

3.32. Awditu minnhom kien jikkonċerna l-ġbir u l-analiżi tad-*data* taħt il-*politika agrikola komuni* (PAK), li tirrappreżenta aktar minn terz tal-baġit tal-UE. Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni nqdietx tajjeb bid-*data* u bl-analitika biex twettaq analiżi tal-politika tal-PAK.

3.33. Sibna[25] li l-Kummissjoni żammet ammonti kbar ta' *data* għat-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK u prinċipalment użat għodod konvenzjonali biex tanalizza d-*data* li hija kienet tiġbor mingħand l-Istati Membri. Madankollu, id-*data* u l-għodod attwali tal-PAK disponibbli għall-Kummissjoni ma wasslux xi elementi sinifikanti li kienu meħtieġa għal tfassil ta' politika infurmat tajjeb. Il-Kummissjoni kienet ħadet diversi inizjattivi biex tinqeda aħjar bid-*data* li kienet teżisti, iżda kien jibqa' xi xkiel biex isir l-aħjar użu mid-*data* miġbura.

---

[23] Ir-Rapport Speċjali 03/2022.

[24] Ir-Rapport Speċjali 24/2022.

[25] Ir-Rapport Speċjali 16/2022.

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni

3.34. Il-Kummissjoni ħarġet diversi proposti leġiżlattivi rigward id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluża proposta għal rieżaminar tas-sistema tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli f'Marzu 2022 u proposta għal regolament dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, f'April 2022. Barra minn hekk, f'Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament dwar id-disinji Komunitarji u proposta għal direttiva dwar il-protezzjoni legali tad-disinji.

3.35. F'Novembru 2022, inħareġ Avviż tal-Kummissjoni li jġib it-titolu "Sinerġiji bejn il-programmi tal-Orizzont Ewropa u tal-FEŻR". L-iskop tiegħu huwa li jiddeskrivi fil-qosor l-opportunitajiet il-ġodda li hemm għad-disponibbiltà tal-awtoritajiet maniġerjali rigward programmi tal-politika ta' koeżjoni, punti ta' kuntatt nazzjonali ta' *Orizzont Ewropa* u promoturi/proponenti tal-proġetti ta' Orizzont Ewropa.

3.36. F'Settembru 2022, ġie adottat Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475, li jistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-pPjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Jistipula l-kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li l-Istati Membri huma meħtieġa jirrappurtaw lill-Kummissjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK.

Dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

3.37. Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew ħejjew dokumenti ta' ħidma għal erbgħa[26] minn tmien rapporti speċjali f'dan il-qasam, filwaqt li l-erba' rapporti speċjali l-oħra ġew riferiti lil kumitati oħra. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2021, tal-Parlament Ewropew, irreferiet għal erbgħa mit-tmien rapporti[27].

---

[26] Ir-Rapporti Speċjali 06/2022, 08/2022, 16/2022 u 23/2022.

[27] Ir-Rapporti Speċjali 07/2022, 08/2022, 15/2022 u 16/2022.

3.38. Il-Kunsill ħareġ konklużjonijiet għat-tmien rapporti speċjali kollha tagħna f'dan il-qasam strateġiku. B'mod ġenerali, dawn il-konklużjonijiet appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u kienu jinkludu kummenti addizzjonali. Pereżempju:

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar it-tnedija tal-5G stiednu lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tirrakkomanda politiki u miżuri sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej tal-konnettività u l-kopertura tal-5G taż-żoni popolati kollha fl-UE sal-2030, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi ġeopolitiċi u ekonomiċi kruċjali.

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar il-protezzjoni tad-DPI appellaw ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposta leġiżlattiva korrispondenti mingħajr aktar dewmien, biex il-protezzjoni tad-disinji ssir aktar aċċessibbli u attraenti għall-ħallieqa u għan-negozji.

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar Orizzont 2020 stiednu wkoll lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt tat-twessigħ tal-miżuri fuq il-parteċipazzjoni fil-programm, billi dawn ġew introdotti sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri bi prestazzjoni baxxa fir-R&I.

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-FSIE qiesu li l-insegwiment ta' sinerġiji bejn il-fondi ma għandux jinterferixxi mal-evalwazzjoni tal-proposti taħt Orizzont Ewropa, u għalhekk stieden lill-Kummissjoni biex tagħti l-attenzjoni dovuta lill-impatti potenzjali mhux mixtieqa tas-sinerġiji u tieħu miżuri ta' prekawzjoni jekk ikun meħtieġ.

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar il-Gvern elettroniku appellaw lill-Kummissjoni biex tiżgura koerenza bejn l-azzjonijiet meħtieġa u l-i*strumenti finanzjarji* rilevanti li jistgħu jassistu lill-Istati Membri fil-kisba tat-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi tagħhom.

3.39. Madankollu, fil-każ tal-appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs, il-Kunsill ma appoġġax ir-rakkomandazzjoni tagħna li l-proċeduri tal-għażla jitfasslu biex jagħtu finanzjament lill-proposti tal-proġetti l-aktar kompetittivi. Minflok, huwa kkondivida l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-awtorità maniġerjali hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mit-tfassil ta' proċeduri u kriterji tal-għażla ambizzjużi u xierqa li jintużaw għat-tagħżil tal-operazzjonijiet. Minkejja dan, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tqis il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' proċeduri tal-għażla kompetittivi u mhux kompetittivi fuq bażi ta' każ b'każ.

Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Introduzzjoni

3.40. Fl-2022, ippubblikajna erba' rapporti speċjali dwar suġġetti fil-qasam strateġiku "Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt" (ara l-***Figura 3.4***). F'termini ta' theddid estern għall-UE, ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna ffoka fuq l-istat tad-dritt u l-kooperazzjoni transfruntiera, filwaqt li f'termini ta' theddid intern iffukajna fuq iċ-ċibersigurtà u l-*frodi*.

Figura 3.4 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2022 fil-qasam strateġiku tar-reżiljenza u l-valuri Ewropej



Sors: il-QEA.

Il-messaġġi ewlenin tagħna

3.41. L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri fundamentali li fuqhom hija mibnija l-UE, u jirrappreżenta kundizzjoni essenzjali biex *pajjiżi kandidati* jissieħbu fl-UE. L-awditu li wettaqna eżamina jekk l-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani

tal-Punent fil-perjodu 2014-2020 kienx effettiv. Sibna[28] li filwaqt li l-azzjoni tal-UE kienet ikkontribwiet għal riformi f'oqsma tekniċi u operazzjonali, bħat-titjib tal-effiċjenza tal-ġudikatura u l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni rilevanti, kumplessivament ftit kellha impatt fuq ir-riformi fundamentali tal-istat tad-dritt fir-reġjun. Raġuni ewlenija għal dan kienet ir-rieda politika domestika insuffiċjenti biex tixpruna r-riformi meħtieġa. Barra minn hekk, l-IPA II kien nieqes minn klawżoli ta' kundizzjonalità stretti li jorbtu direttament ir-riformi tal-istat tad-dritt li jinsabu staġnati mar-restrizzjonijiet fuq il-finanzjament f'setturi oħra.

3.42. Il-kooperazzjoni transfruntiera hija element ewlieni tal-politika tal-viċinat tal-UE, li tkopri 16-il pajjiż tul il-*fruntieri esterni* tagħha. Eżaminajna jekk il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera kinux effettivi fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni territorjali bejn il-fruntieri esterni tal-UE.

3.43. Ikkonkludejna[29] li l-programmi tal-perjodu 2014-2020 ipprovdew appoġġ rilevanti u siewi lir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera esterna tal-UE, iżda li l-implimentazzjoni tagħhom bdiet tard ħafna. Minħabba l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni ssospendiet il-ftehimiet ta' finanzjament għall-programmi mar-Russja u l-Belarussja, u kien hemm dubji serji dwar l-implimentazzjoni ta' 9 minn 17-il programm proposti għall-perjodu 2021-2027 li jinvolvu r-Russja u l-Belarussja.

3.44. Minħabba l-informazzjoni sensittiva li jipproċessaw, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE huma miri attraenti għal attakkanti potenzjali. L-awditu li wettaqna taċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet tal-UE kkonkluda[30] li ma kinux laħqu livell ta' tħejjija ċibernetika li huwa proporzjonat mat-theddid. L-approċċ li ħadu għaċ-ċibersigurtà ma kienx konsistenti, il-kontrolli essenzjali u l-prattiki tajbin ewlenin fir-rigward taċ-ċibersigurtà mhux dejjem kienu fis-seħħ, u t-taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà ma ngħatax b'mod sistematiku.

3.45. Eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ħadet azzjoni xierqa dwar il-frodi fl-infiq taħt il-PAK u jekk kinitx identifikat u rreaġiet b'mod xieraq għar-riskji ta' frodi li jaffettwaw l-infiq taħt il-PAK. Sibna[31] li l-Kummissjoni kienet irreaġiet għall-każijiet ta' frodi fl-infiq taħt il-PAK, iżda ma kinitx suffiċjentement proattiva fl-indirizzar tal-impatt tar-riskju tal-ħtif illegali tal-art fuq il-pagamenti taħt il-PAK, fil-monitoraġġ tal-miżuri

[28] Ir-Rapport Speċjali 01/2022.

[29] Ir-Rapport Speċjali 27/2022.

[30] Ir-Rapport Speċjali 05/2022.

[31] Ir-Rapport Speċjali 14/2022.

kontra l-frodi meħuda mill-Istati Membri, u fl-isfruttament tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda.

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni

3.46. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat *dokument ta' ħidma tal-persunal*[32] li jipprovdi sett uniformi ta' indikaturi li jeħtieġ li jintużaw fl-interventi rilevanti kollha, biex jiġi żgurat li r-riżultati jistgħu jiġu aggregati, u l-impatt u l-eżiti tal-IPA III jistgħu jintwerew b'mod aktar ċar għall-istrument kollu.

3.47. F'Marzu 2022, il-Kummissjoni ħarġet proposta leġiżlattiva għal regolament dwar qafas komuni taċ-ċibersigurtà.

Dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

3.48. Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew ħejjew dokumenti ta' ħidma għal tnejn[33] mill-erba' rapporti speċjali f'dan il-qasam strateġiku, u rapport speċjali wieħed[34] ġie riferit lil kumitat ieħor.

3.49. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2021, tal-Parlament Ewropew, irreferiet għal tnejn mill-erba' rapporti[35]. Pereżempju, rigward ir-rapport tagħna dwar il-frodi fl-infiq taħt il-PAK, il-Parlament Ewropew enfasizza li dgħufijiet fil-verifiki mwettqa mill-Istati Membri huma suxxettibbli għal sfruttament minn frodaturi, u li jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja aħjar il-miżuri nazzjonali kontra l-frodi, tipprovdi gwida aktar konkreta, u tippromwovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni u l-kxif tal-frodi.

---

[32] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: The Instrument for Pre-Accession assistance (IPA III) Results Framework, 2022.

[33] Ir-Rapporti Speċjali 01/2022 u 14/2022.

[34] Ir-Rapport Speċjali 05/2022.

[35] Ir-Rapporti Speċjali 01/2022 u 14/2022.

3.50. Sa tmiem Marzu 2023, il-Kunsill kien abbozza konklużjonijiet għall-erba' rapporti speċjali tagħna kollha f'dan il-qasam strateġiku. B'mod ġenerali, dawn il-konklużjonijiet appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u kienu jinkludu kummenti addizzjonali.

3.51. Pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport speċjali tagħna dwar il-frodi fil-PAK issottolinjaw ukoll li l-impatt finanzjarju tal-*irregolaritajiet* frawdolenti rrappurtati kien baxx b'mod ġenerali u li l-għadd ta' irregolaritajiet u l-ammonti assoċjati ma kinux indikaturi diretti tal-ammont ta' frodi li jolqot il-baġit tal-UE.

It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali

Introduzzjoni

3.52. Fl-2022, ippubblikajna sitt rapporti speċjali dwar suġġetti fil-qasam strateġiku "It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali". Tlieta minn dawn ir-rapporti kienu jikkonċernaw suġġetti rigward il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, tnejn kienu jikkonċernaw suġġetti rigward l-enerġija u wieħed kien jikkonċerna s-suġġett trasversali tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE (ara l-***Figura 3.5***).

Figura 3.5 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2022 fil-qasam strateġiku tat-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali



Sors: il-QEA.

Il-messaġġi ewlenin tagħna

3.53. L-UE introduċiet il-programm LEADER bħala inizjattiva minn isfel għal fuq biex tappoġġa l-iżvilupp ta' żoni rurali żvantaġġati permezz ta' proġetti li jindirizzaw ħtiġijiet lokali. Eżaminajna jekk LEADER wassalx benefiċċji li ġġustifikaw l-ispejjeż u r-riskji addizzjonali tiegħu, b'mod partikolari meta mqabbel mal-programmi tradizzjonali ta' nfiq tal-UE (minn fuq għal isfel). Ikkonkludejna[36] li l-approċċ LEADER għall-iżvilupp rurali ffaċilita l-involviment lokali, iżda kien hemm ftit li xejn evidenza li l-benefiċċji ta' dan l-approċċ kienu akbar mill-ispejjeż u r-riskji tiegħu.

3.54. Mill-2007 'l hawn, l-UE nefqet bejn wieħed u ieħor EUR 10 biljun biex tiddiversifika l-ekonomija rurali tagħha u EUR 15-il biljun biex ittejjeb l-infrastruttura fiż-żoni rurali permezz tal-*programmi tal-iżvilupp rurali*. L-investimenti li ngħataw appoġġ permezz ta' dawk il-programmi kienu, inġenerali, meħtieġa li jibqgħu

[36] Ir-Rapport Speċjali 10/2022.

operazzjonali għal ħames snin. Aħna eżaminajna jekk dawn l-investimenti wasslux benefiċċji durabbli. Sibna[37] li l-biċċa l-kbira mill-proġetti tal-iżvilupp rurali rigward l-infrastruttura u d-diversifikazzjoni operaw matul il-perjodu legali ta' durabbiltà, iżda li l-proġetti ta' diversifikazzjoni ntemmu ftit wara u li l-għarfien dwar il-benefiċċji tal-proġetti matul iż-żmien kien limitat.

3.55. Is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ("sajd illegali") huwa waħda mill-akbar theddidiet għall-ekosistemi tal-baħar, filwaqt li jdgħajjef l-isforzi mwettqa biex is-sajd jiġi mmaniġġjat b'mod sostenibbli. Eżaminajna l-qafas, l-azzjoni u l-infiq tal-UE li jipprevienu lill-prodotti tas-sajd illegali milli jispiċċaw fuq il-platti taċ-ċittadini tal-UE. Ikkonkludejna[38] li s-sistemi ta' kontroll tal-UE taffew ir-riskju ta' sajd illegali, iżda li l-effettività tagħhom tnaqqset bl-applikazzjoni mhux uniformi mill-Istati Membri ta' verifiki u sanzjonijiet.

3.56. Titjib fl-effiċjenza fl-enerġija u l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam huma fatturi essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni tal-UE li ssir newtrali għall-klima sal-2050. Eżaminajna jekk il-fondi tal-UE għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi ntefqux b'mod tajjeb u jekk l-appoġġ mill-UE kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija fir-reġjuni tal-UE fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos.

3.57. Ir-rapport tagħna dwar l-effiċjenza fl-enerġija ġewwa l-intrapriżi sab[39] li l-Kummissjoni ma kinitx ivvalutat il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija jew il-ħtiġijiet ta' finanzjament, u li l-ippjanar tal-fondi mill-Istati Membri ma kienx allinjat mal-prijoritajiet nazzjonali tagħhom għall-effiċjenza fl-enerġija. Ikkonkludejna wkoll[40] li l-appoġġ mill-UE għar-reġjuni tal-faħam kellu fokus u impatt limitati fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjoni tal-enerġija. Minkejja l-progress kumplessiv, il-faħam baqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri.

3.58. L-awditu li wettaqna tal-infiq fuq l-azzjoni klimatika eżamina jekk il-Kummissjoni kinitx irrappurtat informazzjoni rilevanti u affidabbli dwar l-infiq fuq il-klima għall-perjodu 2014-2020. Sibna[41] li l-Kummissjoni kienet stmat b'mod eċċessiv dan l-infiq b'mill-inqas EUR 72 biljun, l-aktar minħabba stima eċċessiva tal-

---

[37] Ir-Rapport Speċjali 12/2022.

[38] Ir-Rapport Speċjali 20/2022.

[39] Ir-Rapport Speċjali 02/2022.

[40] Ir-Rapport Speċjali 22/2022.

[41] Ir-Rapport Speċjali 09/2022.

kontribuzzjoni tal-finanzjament agrikolu, iżda wkoll tal-finanzjament għall-infrastruttura u l-koeżjoni.

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni

3.59. Fl-2022, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal li jipprovdi sommarju tal-*evalwazzjonijiet ex post* tal-programmi tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2007-2013. B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' sinteżi dwar is-suġġetti indirizzati minn tlieta mir-rapporti speċjali tagħna fl-oqsma tal-iżvilupp rurali u tal-infiq fuq il-klima kienu konformi mas-sejbiet tagħna, għalkemm kienu jikkonċernaw *perjodu ta' programmazzjoni* differenti f'xi każijiet. Dawn il-konklużjonijiet kienu kif ġej:

- kienu biss 6 % tal-Istati Membri u r-reġjuni li rrappurtaw dwar l-effetti pożittivi tal-miżuri ambjentali fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Madankollu, dawn l-effetti pożittivi jistgħu jitqiesu bħala effetti sekondarji aktar milli bħala r-riżultat ta' mmirar ċar fil-programmi tal-iżvilupp rurali;

- l-interventi li jistimulaw id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali juru li jipproduċu effetti inqas diretti u li jistgħu jitkejlu għal żmien qasir;

- għalkemm l-approċċ LEADER irċieva rikonoxximent pożittiv mingħand il-partijiet ikkonċernati li sarulhom mistoqsijiet, kienu wisq ftit ir-rapporti li pprovdew konklużjonijiet dwar l-approċċ, u l-indikaturi kwantifikabbli ma setgħux jaqbdu l-karatteristiċi u l-objettivi speċifiċi tiegħu.

3.60. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar l-oqfsa leġiżlattivi u s-sistemi ta' infurzar li jintużaw mill-Istati Membri b'rabta mar-regolament tal-UE dwar sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-istudju identifika dgħufijiet sinifikanti f'ħafna oqfsa leġiżlattivi u nuqqas ta' sanzjonijiet rilevanti.

3.61. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat gwida għall-Istati Membri dwar l-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima għall-perjodu 2021-2030. Id-dokument ta' gwida ħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom biex iħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika lejn in-newtralità klimatika, inkluża l-eliminazzjoni gradwali tal-enerġija mill-faħam, filwaqt li jtaffu l-impatti soċjali u l-impatti fuq l-impjiegi.

3.62. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat *REPowerEU*, li hija proposta biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

Dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

3.63. Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew ħejjew dokumenti ta' ħidma għal ħamsa mis-sitt rapporti speċjali f'dan il-qasam[42], u wieħed minnhom ġie riferit lil kumitat ieħor[43].

3.64. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2021, tal-Parlament Ewropew, irreferiet għal tnejn mis-sitt rapporti[44]. Pereżempju, rigward ir-rapport tagħna dwar l-infiq fuq il-klima, lill-Parlament Ewropew iddispjaċih li l-Kummissjoni kienet għadha ma indirizzatx dgħufijiet fiċ-ċifri rappurtati tal-metodoloġija l-ġdida tagħha.

3.65. Il-Kunsill ħejja konklużjonijiet għal ħamsa[45] mis-sitt rapporti speċjali f'dan il-qasam. B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Kunsill appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u kienu jinkludu kummenti addizzjonali. Pereżempju:

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar l-approċċ LEADER għall-iżvilupp rurali osservaw li mhux dejjem kien possibbli li l-miri mixtieqa jiġu ddefiniti u milħuqa minħabba d-depopolazzjoni taż-żoni rurali;

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar id-durabbiltà fl-iżvilupp rurali ddikjaraw li l-proċedura tal-għażla jenħtieġ li tittejjeb aktar u osservaw li l-impatt għal żmien twil tal-proġetti appoġġati huwa essenzjali għall-iżvilupp rurali;

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar l-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi enfasizzaw li l-proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija li jiffaċċjaw żidiet fil-prezzijiet u problemi ta' tfixkil fil-katina tal-provvista jenħtieġ li jiġu kkompletati b'suċċess;

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapport tagħna dwar l-infiq fuq il-klima ġibdu l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm metodoloġija tal-UE għall-

---

[42] Ir-Rapporti Speċjali 02/2022, 09/2022, 10/2022, 12/2022 u 22/2022.

[43] Ir-Rapport Speċjali 20/2022.

[44] Ir-Rapporti Speċjali 09/2022, u 10/2022.

[45] Ir-Rapporti Speċjali 02/2022, 09/2022, 10/2022, 12/2022 u 22/2022.

insegwiment tal-klima li tkun solida, affidabbli, ikkomunikata b'mod ċar u bbażata fuq evidenza xjentifika, biex jittieħed kont tal-aħjar prattika fil-livell nazzjonali u dak lokali.

Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE

Introduzzjoni

3.66. Fl-2022, ippubblikajna ħames rapporti speċjali dwar suġġetti fil-qasam strateġiku "Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE". Tlieta minn dawn ir-rapporti ttrattaw problemi bażitarji tal-UE, waħda b'fondi ta' investiment u waħda bl-istatistika (ara l-***Figura 3.6***).

Figura 3.6 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2022 fil-qasam strateġiku tal-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi



Sors: il-QEA.

Il-messaġġi ewlenin tagħna

3.67. Meta timmaniġġja l-pagamenti mill-baġit tal-UE, il-Kummissjoni għandha l-għan li tevita li tidħol fi ftehimiet finanzjarji ma' kontropartijiet mhux affidabbli, bħalma huma dawk involuti fi frodi. L-awditu li wettaqna tal-blacklisting ivvaluta l-effettività tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex jintlaħaq dan l-objettiv. Billi l-Kummissjoni qed tuża, dejjem aktar, konsulenti esterni għat-twettiq ta' firxa ta' servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ, eżaminajna jekk l-użu ta' konsulenti esterni seħħx b'mod li ssalvagwardja l-interessi tal-UE u li żgura l-valur għall-flus.

3.68. Fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit, fejn l-*introjtu nazzjonali gross* (ING) tal-Istati Membri huwa s-sors prinċipali ta' finanzjament għall-baġit tal-UE, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx immaniġġjat, b'mod effettiv u effiċjenti, iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING li ġie kkompletat l-aktar reċentement (2016-2019).

3.69. Il-konklużjonijiet ewlenin ta' dawn ir-rapporti speċjali li indirizzaw problemi baġitarji kienu:

- il-blacklisting ta' entitajiet li japplikaw għall-fondi tal-UE[46] ma ntużax b'mod effettiv billi ma kienx hemm sett koerenti ta' obbligi għall-modi ta' pagament differenti. Pereżempju, l-użu ta' sistemi ta' esklużjoni ma kienx obbligatorju għal fondi mmaniġġjati mill-Istati Membri;

- il-ġestjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-użu ta' konsulenti esterni[47] ma żguratx bis-sħiħ il-valur massimu għall-flus. Ma mmaniġġjatx suffiċjentement ir-riskji ta' dipendenza żejda u ta' kunflitti ta' interess potenzjali, filwaqt li r-rappurtar tagħha dwar l-użu ta' konsulenti kien dgħajjef;

- b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kienet effettiva biex tidentifika problemi b'riskju għoli fil-verifikazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING[48] iżda ma indirizzathomx kollha b'mod f'waqtu.

3.70. Fil-qasam tas-swieq kapitali u l-fondi ta' investiment[49], l-UE għandha l-għan li toħloq suq kompetittiv uniku li jipprovdi għażla usa' ta' prodotti ta' investiment irħas iżda affidabbli u jiżgura l-istabbiltà finanzjarja. Eżaminajna l-isforzi tal-UE biex

---

[46] Ir-Rapport Speċjali 11/2022.

[47] Ir-Rapport Speċjali 17/2022.

[48] Ir-Rapport Speċjali 25/2022.

[49] Ir-Rapport Speċjali 04/2022.

tistabbilixxi dan is-suq uniku għall-fondi ta' investiment. Ikkonkludejna[50] li l-azzjonijiet tal-UE kienu ppermettew li jkun hemm suq uniku għall-fondi ta' investiment, iżda kienu għadhom ma kisbux l-eżiti mixtieqa, billi l-attivitajiet u l-benefiċċji transfruntieri reali għall-investituri kienu għadhom limitati. Il-konsistenza u l-effettività tas-superviżjoni tal-fondi u l-protezzjoni tal-investituri kienu insuffiċjenti wkoll.

3.71. Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni pprovdietx statistika Ewropea ta' kwalità għolja. Ikkonkludejna[51] li l-Kummissjoni pprovdiet statistika Ewropea ta' kwalità ġeneralment suffiċjenti, iżda identifikajna għadd ta' dgħufijiet, li jinkludu lakuni fid-*data* għal oqsma speċifiċi (eż. ix-xogħol, in-negozju u s-saħħa).

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Eżempji ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni

3.72. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat studju biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-istrateġija dwar l-investiment għall-konsumaturi li kienet ippjanata għall-2022 skont il-pjan ta' azzjoni tal-2020 dwar l-unjoni tas-swieq kapitali. Il-konklużjonijiet tal-istudju huma konsistenti ma' dawk tar-rapport tagħna.

3.73. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet proposta għar-riformulazzjoni tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-bażit ġenerali tal-UE. Din ir-riformulazzjoni adottat rakkomandazzjonijiet, mir-rapport speċjali tagħna dwar il-blacklisting, rigward l-esklużjoni ta' kontropartijiet mhux affidabbli mill-finanzjament u l-estensjoni tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni għal fondi taħt *ġestjoni kondiviża*.

Dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

3.74. Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Bażit tal-Parlament Ewropew ħejjew dokumenti ta' ħidma għal tliet rapporti speċjali[52], filwaqt li ż-żewġ rapporti speċjali l-oħra[53] ġew riferiti lil kumitati oħra.

---

[50] *Ibid.*

[51] Ir-Rapport Speċjali 26/2022.

[52] Ir-Rapporti Speċjali 11/2022, 17/2022 u 25/2022.

[53] Ir-Rapporti Speċjali 04/2022 u 26/2022.

3.75. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2021, tal-Parlament Ewropew, irreferiet għal tnejn mill-ħames rapporti[54]. Pereżempju, rigward ir-rapport tagħna dwar il-blacklisting, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni biex taħdem id f'id mal-Parlament fuq ir-riformulazzjoni tar-*Regolament Finanzjarju* biex is-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni tittejjeb aktar u biex din issir għodda effiċjenti u effettiva. Rigward ir-rapport tagħna dwar konsulenti esterni, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-qafas tagħha li jirregola l-użu ta' konsulenti esterni, u tagħmel użu aħjar mir-riżultati tas-servizzi ta' konsulenti esterni.

3.76. Il-Kunsill ħejja konklużjonijiet għal tlieta[55] mill-ħames rapporti speċjali tagħna rigward dan il-qasam strateġiku tal-QEA. Ma ħejja l-ebda konklużjoni għar-rapport dwar il-blacklisting billi t-twaqqit kien jikkoinċidi mad-diskussjonijiet dwar proposta leġiżlattiva, u l-konklużjonijiet rigward ir-rapport dwar l-istatistika Ewropea għadhom xogħol fl-idejn. B'mod ġenerali, dawn il-konklużjonijiet appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u kienu jinkludu kummenti addizzjonali, pereżempju:

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-fondi ta' investiment stiednu lill-Kummissjoni biex tkompli timmonitorja l-iżviluppi tas-suq f'dan il-qasam u tirrapporta regolarment dwar impedimenti possibbli għall-approfondiment tas-suq uniku għall-fondi ta' investiment;

- il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar konsulenti esterni stiednu lill-Kummissjoni biex tqis l-implikazzjonijiet baġitarji tal-attivitajiet u l-proċessi ta' esternalizzazzjoni kontra ż-żamma tagħhom bħala kompiti għall-persunal tagħha stess, filwaqt li tiżgura l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal fil-livell attwali u tfittex kisbiet fl-effiċjenza.

---

[54] Ir-Rapporti Speċjali 11/2022, u 17/2022.

[55] Ir-Rapporti Speċjali 04/2022, 17/2022 u 25/2022.

Parti 2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019

3.77. Din il-parti tipprovdi informazzjoni dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE li jkopri s-sena finanzjarja 2019. L-eżerċizzju ta' segwitu huwa parti importanti mill-proċess tal-awditjar u huwa spjegat f'aktar dettall fil-paragrafu ***3.81*** tal-***Parti 3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet***.

3.78. Ir-rapport kien fih ħames rakkomandazzjonijiet, u l-ħames rakkomandazzjoni kienet maqsuma f'erba' sottorakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet u s-sottorakkomandazzjonijiet kollha ġew indirizzati lill-Kummissjoni u aċċettati minnha.

3.79. Wettaqna rieżaminar biex nivvalutaw il-livell sa fejn ġew indirizzati d-dgħufijiet identifikati. Ir-riżultati ta' xogħolna jirriflettu s-sitwazzjoni fil-bidu ta' April 2023. Ikklassifikajna żewġ rakkomandazzjonijiet bħala implimentati bis-sħiħ, u tnejn bħala implimentati f'xi wħud mill-aspetti. Rigward ir-Rakkomandazzjoni 5, nivvalutaw tnejn mill-erba' sottorakkomandazzjonijiet tagħha bħala implimentati bis-sħiħ u t-tnejn l-oħra bħala implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

3.80. L-***Anness 3.1*** jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatus ta' implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjonijiet.

Parti 3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2019

Introduzzjoni

3.81. Kull sena, aħna nirrieżaminaw il-punt sa fejn l-entitajiet awditjati minna jkunu ħadu azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna tliet snin wara li nkunu għamilniehom. Dan is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħna huwa pass importanti fiċ-ċiklu tal-awditjar. Huwa jipprovdilna feedback dwar jekk l-entitajiet awditjati minna jkunux implimentaw l-azzjonijiet li rrakkomandajna u jekk il-problemi li qajjimna jkunux ġew indirizzati, u jagħti inċentiv lill-entitajiet awditjati minna biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna. Huwa importanti wkoll fit-tfassil u l-ippjanar tax-xogħol tal-awditjar futur tagħna u biex jinżamm kont tar-riskji.

3.82. Din is-sena, aħna analizzajna rakkomandazzjonijiet ta' 22 rapport speċjali mill-25 li ppubblikajna fl-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet li saru fit-tliet rapporti speċjali li jifdal[56] huma lil hinn mill-ambitu ta' dan l-eżerċizzju billi wettaqna segwitu tagħhom f'awditi separati jew se nagħmlu dan fil-futur qrib.

3.83. B'kollox, aħna wettaqna segwitu għal 213-il rakkomandazzjoni. Minn dawn, 179 kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea. L-34 rakkomandazzjoni li jifdal kienu indirizzati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kunsill Ewropew, lill-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil*, lill-Awtorità Bankarja Ewropea u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("*Frontex*").

3.84. Biex inwettqu x-xogħol ta' segwitu tagħna, aħna użajna analiżijiet dokumentarji u wettaqna intervisti mal-entitajiet awditjati. Biex niżguraw li jsir rieżaminar ġust u bbilanċjat, aħna bgħatna s-sejbiet tagħna lill-entitajiet awditjati u ħadna kont tar-risposti tagħhom fl-analiżi finali tagħna. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, ir-rakkomandazzjonijiet huma elenkati taħt l-entità awditjata li għaliha dawn kienu

---

[56] Ir-Rapport Speċjali 01/2019: "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE – jeħtieġ li tittieħed azzjoni", ir-Rapport Speċjali 03/2019: "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali", u r-Rapport Speċjali 12/2019: "Kummerċ elettroniku – Ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti".

prinċipalment indirizzati (bl-eċċezzjoni tar-Rapport Speċjali 13/2019, billi r-rakkomandazzjonijiet kienu indirizzati lit-tliet istituzzjonijiet kollha awditjati). Ir-riżultati ta' xogħolna jirriflettu s-sitwazzjoni fi tmiem April 2023.

Osservazzjonijiet

Naqas kemxejn il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew aċċettati bis-sħiħ mill-entitajiet awditjati minna

3.85. Mill-213-il rakkomandazzjoni li wettaqna segwitu tagħhom, l-entitajiet awditjati minna aċċettaw bis-sħiħ jew parzjalment 199 (93 %) minnhom u ma aċċettawx 14 (7 %) (ara l-***Figura 3.7***).

3.86. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet tagħna li ġew aċċettati bis-sħiħ naqas minn 83 % għal 79 %.

Figura 3.7 – Aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019 u tal-2018, mill-entitajiet awditjati minna



Sors: il-QEA.

Naqas kemxejn ukoll il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

3.87. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' 4 mill-213-il rakkomandazzjoni li wettaqna segwitu tagħhom kienet għadha ma għaddietx saż-żmien meta għamilna r-rieżaminar ta' segwitu. Mill-209 rakkomandazzjonijiet li jifdal, l-entitajiet awditjati minna implimentaw bis-sħiħ 114 (55 %). Huma implimentaw 32 rakkomandazzjoni oħra (15 %) fil-biċċa l-kbira mill-aspetti (ara l-***Figura 3.8***).

3.88. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti naqas

minn 75 % għal 70 %. Il-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati biss f'xi wħud mill-aspetti jew li ma ġewx implimentati żdied minn 20 % għal 27 %. L-***Anness 3.2*** u l-***Anness 3.3*** juru l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'aktar dettall.

Figura 3.8 – Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019 u tal-2018, mill-entitajiet awditjati minna



Sors: il-QEA.

Il-Kummissjoni Ewropea implimentat bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti 73 % tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lilha

3.89. L-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Kummissjoni kien ta' 205. Minn dawn, 26 ġew mit-3 rapporti speċjali (01/2019, 03/2019 u 12/2019), li huma koperti minn segwitu separat, u għalhekk mhumiex inklużi f'dan ir-rapport (ara l-paragrafu ***3.82***).

3.90. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' 4 mill-179 rakkomandazzjoni li koprejna kienet għadha ma għaddietx saż-żmien meta għamilna r-rieżaminar ta' segwitu. Mill-175 rakkomandazzjoni li jifdal, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 101 (58 %) u implimentat 26 (15 %) oħra fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni implimentat 24 (13 %) f'xi wħud mill-aspetti, u 17 (10 %) ma implimentathomx (ara l-***Figura 3.9***). Meta l-entitajiet awditjati minna ma implimentawx ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, ta' spiss dan kien minħabba li huma ma kinux aċċettawhom (ara l-paragrafu ***3.101***). F'seba' każijiet (4 %), aħna ma stajniex

nisiltu konklużjoni (eż. billi kien kmieni wisq biex nivvalutaw il-livell ta' implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni).

Figura 3.9 – Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019, li kienu indirizzati lill-Kummissjoni



Sors: il-QEA.

3.91. L-***Anness 3.2*** juri l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'aktar dettall. Jipprovdi wkoll deskrizzjonijiet qosra tat-titjib u tad-dgħufijiet li jifdal li jolqtu, pereżempju, ir-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti.

3.92. Għal 9 mit-22 rapport speċjali (ara l-***Anness 3.4***), il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti r-rakkomandazzjonijiet kollha li kienu indirizzati lilha .

3.93. Xi drabi l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dwar jekk u sa liema punt ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ġew implimentati, tkun differenti minn dik li nwettqu aħna. Jekk il-Kummissjoni tqis li rakkomandazzjoni tkun ġiet implimentata bis-sħiħ, normalment tieqaf milli twettaq segwitu tagħha, anki jekk il-valutazzjoni li nwettqu tal-livell ta' implimentazzjoni tkun differenti.

3.94. Fl-eżerċizzji ta' segwitu tagħna mill-2020 u l-2021, ivvalutajna li 47 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali tagħna tal-2017 u 97 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali tagħna tal-2018 kienu għadhom pendenti [57]. Din is-sena, 114 minn dawk il-144 rakkomandazzjoni baqgħu ma ġewx implimentati u ma baqgħux jingħataw

[57] Ara r-Rapport 2020 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE tagħna, il-paragrafi 7.11-7.13, u r-Rapport 2021 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE tagħna, il-paragrafi 3.13-3.15.

segwitu mill-Kummissjoni (ara l-*Figura 3.10*). Il-Kummissjoni ma kinitx aċċettat 32 minn dawk il-114-il rakkomandazzjoni fir-rapporti speċjali nfushom. Qieset li t-82 rakkomandazzjoni li jifdal kienu ġew implimentati bis-sħiħ saż-żmien tal-eżerċizzji ta' segwitu tal-aħħar sentejn, għalkemm il-valutazzjoni li wettaqna kienet differenti.

Figura 3.10 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2017 u tal-2018 li ma ġewx implimentati bis-sħiħ mill-Kummissjoni matul l-eżerċizzji ta' segwitu li wettaqna fis-sentejn preċedenti



Sors: il-QEA.

3.95. Il-Kummissjoni kompliet twettaq segwitu tat-30 rakkomandazzjoni li jifdal mill-144 li ma kinux ġew implimentati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni tqis li, minn dak iż-żmien 'il hawn, hija lestiet l-implimentazzjoni ta' 2 minn dawk it-30 rakkomandazzjoni. Filwaqt li napplikaw l-approċċ ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet pendenti li ntużaw għall-aħħar żewġ eżerċizzji ta' segwitu li wettaqna (mir-rapporti speċjali tagħna tal-2017 u tal-2018), aħna nkomplu nimmonitorjaw każijiet bħal dawn billi nanalizzaw id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni, iżda ma eżaminajnihomx fid-dettall.

56 % tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lil entitajiet oħra li awditjajna ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

3.96. Ir-Rapporti Speċjali 10/2019, 13/2019 u 24/2019 kien fihom total ta' 34 rakkomandazzjoni li kienu indirizzati lill-entitajiet awditjati għajr il-Kummissjoni Ewropea (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex")).

3.97. Dawn l-entitajiet awditjati implimentaw bis-sħiħ 13 (38 %) tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lilhom. Huma implimentaw sitt rakkomandazzjonijiet oħra (18 %) fil-biċċa l-kbira mill-aspetti (ara l-***Figura 3.11***). Mir-rakkomandazzjonijiet li jifdal, huma implimentaw disgħa (26 %) f'xi wħud mill-aspetti, u sitta (18 %) minnhom ma implimentawhom xejn. F'dawk is-sitt każijiet kollha, l-entità awditjata jew ma kinitx aċċettat ir-rakkomandazzjoni tagħna jew inkella kienet aċċettatha parzjalment biss.

Figura 3.11 – Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019, li kienu indirizzati lill-entitajiet awditjati għajr il-Kummissjoni



Sors: il-QEA.

3.98. L-***Anness 3.3*** jagħti ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-istatus ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-entitajiet awditjati għajr il-Kummissjoni. Huwa jipprovdi wkoll deskrizzjonijiet qosra tat-titjib li sar u tad-dgħufijiet li jifdal b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti.

Naqas il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu

3.99. Għal dawn l-aħħar ftit snin, aħna tajna b'mod konsistenti skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali tagħna. L-iskedi ta' żmien jiġu diskussi u maqbula mal-entità awditjata u jiġu speċifikati fir-rapporti speċjali tagħna biex jiġi żgurat li jkunu ċari għall-partijiet kollha kkonċernati.

3.100. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu naqas minn 60 % għal 38 %,

filwaqt li l-proporzjon mingħajr azzjoni meħuda baqa' relattivament stabbli (ara l-*Figura 3.12*). L-entitajiet li awditjajna semmew il-pandemija tal-COVID-19 bħala raġuni għad-dewmien.

Figura 3.12 – Il-puntwalità tal-azzjonijiet meħuda mill-entitajiet awditjati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019 u tal-2018



Nota: ġew eskluži mill-kalkolu r-rakkomandazzjonijiet fejn l-iskeda ta' żmien għadha ma għaddietx (16-il każ fl-2018 u 4 każijiet fl-2019), dawk fejn ma stajniex nisiltu konklużjoni (3 każijiet fl-2018 u 7 każijiet fl-2019) u dawk fejn ir-rakkomandazzjonijiet ma għadhomx rilevanti (13-il każ fl-2018).

Sors: il-QEA.

Il-livell ta' implimentazzjoni huwa korrelatat mal-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar min-naħa tal-entitajiet awditjati

3.101. L-analiżi li wettaqna turi li 105 (66 %) tal-159 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali, li ġew aċċettati bis-sħiħ mill-entitajiet awditjati, ġew implimentati bis-sħiħ. B'kuntrast ma' dan, 1 biss (8 %) mit-12-il rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali, li ma ġewx aċċettati mill-entitajiet awditjati, ġiet implimentata bis-sħiħ. Il-*Figura 3.13* tippreżenta l-livell ta' implimentazzjoni diżaggregat skont il-livelli differenti ta' aċċettazzjoni u turi l-korrelazzjoni fost l-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar min-naħa tal-entitajiet awditjati.

Figura 3.13 – Livell ta' implimentazzjoni diżaggregat skont il-livelli ta' aċċettazzjoni tal-entitajiet awditjati



Nota: il-valuri perċentwali tal-livell ta' implimentazzjoni jirrigwardaw il-livell rispettiv ta' aċċettazzjoni. Eskluż mill-kalkolu huma erba' każijiet li d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha ma għaddietx fiż-żmien tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna u seba' każijiet fejn ma stajniex nisiltu konklużjoni. Iċ-ċifri huma ppreżentati mingħajr ċifri frazzjonali biex titjieb il-leġibbiltà li tista' twassal għal differenzi fl-ittondjar.

Sors: il-QEA.

Konklużjoni

3.102. L-analiżi li wettaqna turi li l-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali tagħna tal-2019 naqset meta mqabbla mas-sena preċedenti, minn 83 % għal 79 %. Naqas il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, minn 75 % għal 70 %. Bl-istess mod, il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu naqas minn 60 % s-sena l-oħra għal 38 % din is-sena. Il-pandemija tal-COVID-19 kienet ir-raġuni li l-partijiet awditjati taw l-aktar għal dan id-dewmien fl-implimentazzjoni.

Annessi

Anness 3.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-“Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Livell ta’ puntwalità: f’waqtha; imdewma; id-data ta’ skadenza għadha pendenti; l-ebda azzjoni ta’ segwitu; l-ebda valutazzjoni tal-puntwalità.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta’ puntwalità
Rakkomandazzjoni 1: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-programmi ta’ nfiq tal-UE tal-inqas sakemm ikunu qed isiru ammonti sostanzjali ta’ pagamenti relatati ma’ perjodu partikolari tal-QFP, jiġifieri wara d-durata tal-perjodu tal-QFP ikkonċernat. Konsegwentement, għal xi żmien wara t-tnedija tal-programmi tal-QFP li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-prestazzjoni ta’ żewġ settijiet ta’ programmi b’mod parallel.				

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Rakkomandazzjoni 2: Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb aktar l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi u fl-AMPR (eż. permezz ta' kontrolli tal-kwalità, kondiviżjoni ta' prattiki tajba, u permezz ta' struzzjonijiet permanenti għad-dikjarazzjonijiet tal-programmi), u sistematikament tindika jekk ġewx identifikati xi problemi.			Il-linji gwida maħruġa mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni lid-direttorati ġenerali li jimplimentaw il-programmi finanzjarji ġew aġġornati, u jistipulaw li kwalunkwe problema identifikata b'rabta mal-affidabbiltà tad-*data* tal-indikaturi jeħtieġ li tiġi rrappurtata fid-*dikjarazzjonijiet tal-programmi*. Madankollu jenħtieġ li dawn il-linji gwida jinkludu, addizzjonalment, dettalji rigward il-verifiki fuq id-*data* ta' bażi li jridu jitwettqu mid-direttorati ġenerali, u jenħtieġ li r-riżultati ta' dawn il-verifiki jiġu rrappurtati fir-*rapporti annwali tal-attività* tagħhom.	
Rakkomandazzjoni 3: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-lezzjonijiet meħuda mill-iskrutinju mwettaq mill-BSR jiġu disseminati, biex b'hekk id-dgħufijiet, speċjalment dawk li jikkonċernaw it-tfassil u l-metodoloġija, jiġu evitati f'evalwazzjonijiet futuri.				
Rakkomandazzjoni 4: Sabiex tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispjega fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi kif il-miri għall-indikaturi ġew stabbiliti u minn fejn tiġi d-*data* ta' bażi.			L-istruzzjonijiet fiċ-ċirkulari tal-bagit ġew aġġornati u jirrikjedu li d-direttorati ġenerali jippubblikaw il-metodu li jkun intuża biex jiġu stabbiliti l-miri għall-indikaturi tal-programmi. Madankollu, għadd sinifikanti ta' metodoloġiji li jistabbilixxu l-miri għadhom ma jiġux dokumentati, u madwar terz tal-miri tal-indikaturi tal-programmi għad iridu jiġu ddefiniti.	

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Rakkomandazzjoni 5a: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni: (a) aktar analiżi tal-effiċjenza u l-ekonomija tal-programmi meta l-informazzjoni ssir disponibbli;				
Rakkomandazzjoni 5b: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni: (b) aktar analiżi sistematika tal-fatturi esterni sinifikanti li jolqtu l-prestazzjoni tal-programmi;				
Rakkomandazzjoni 5c: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni: (c) valutazzjonijiet ċari, għall-indikaturi tal-prestazzjoni kollha li jsir rapport dwarhom, ta' jekk humiex fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom;				

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Rakkomandazzjoni 5d: Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni: (d) valutazzjonijiet ċari u bbilanċjati tal-prestazzjoni, li jkopru l-objettivi kollha tal-programmi f'dettall xieraq.				

Anness 3.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2019 – il-Kummissjoni Ewropea

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; impossibbli li tinsilet konklużjoni.

Livell ta' puntwalità: f'waqtha; imdewma; id-data ta' skadenza għadha pendenti; l-ebda azzjoni ta' segwitu; l-ebda valutazzjoni tal-puntwalità.

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 02/2019: "Perikli kimiċi fl-ikel tagħna – Il-politika tal-UE dwar is-sikurezza alimentari tipproteġina, iżda jeżistu ċerti diffikultajiet"	1 (a)	73			Mill-2019, il-Kummissjoni kienet u għadha twettaq diversi evalwazzjonijiet u *valutazzjonijiet tal-impatt* ta' tipi differenti ta' leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni identifikat dgħufijiet u bdiet tieħu azzjoni biex tindirizza xi wħud minn dawn. Għadu għaddej il-proċess ta' valutazzjoni tal-bidliet potenzjali fil-leġiżlazzjoni dwar il-perikli kimiċi. Il-Kummissjoni qed tippjana li tikkompleta l-valutazzjoni tagħha sal-2025. Il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda riflessjoni ġenerali dwar kif il-leġiżlazzjoni għandha titfassal b'tali mod li tkun tista' tiġi applikata b'mod konsistenti.	
	1 (b)	73				
	2	75				
	3 (a)	76				
	3 (b)	76				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 04/2019: "Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi"	1 (a)	93	✓			
	1 (b)	93	✓			
	1 (c)	93	✓			
	2 (a)	97	✓			
	2 (b)	97	✓			
	2 (c)	97	✓		Il-Kummissjoni ħadet azzjoni speċifika biex issaħħaħ il-verifiki fuq firxa ta' prodotti organiċi importati minn diversi pajjiżi mhux tal-UE. Il-Kummissjoni ma ħarġitx gwida ġenerali lill-Istati Membri dwar kif għandhom iwettqu verifiki speċifiċi fuq is-superviżjoni li l-korpi ta' kontroll iwettqu fuq l-importaturi.	
	3 (a)	98	✓		Fi snin reċenti, il-Kummissjoni wettqet għadd limitat ta' eżerċizzji ta' traċċabbiltà. Ma hemm l-ebda evidenza li r-riżultati tagħhom jintużaw biex jiġu mmirati aħjar l-awditi jew il-verifiki *ad hoc* fuq il-korpi ta' kontroll u f'pajjiżi mhux tal-UE.	
	3 (b)	98	✓		F'Ġunju u Lulju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-eżerċizzji ta' traċċabbiltà u, lill-kumitat dwar il-produzzjoni organika, irrikonoxxietlu l-fatt li jeżistu dgħufijiet. Il-Kummissjoni għadha ma identifikatx azzjoni korrettiva li possibbilment tittieħed flimkien mal-awtoritajiet kompetenti.	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3 (c)	98			Fl-2021, il-Kummissjoni adottat dispożizzjonijiet legali biex ittejjeb l-aċċessibbiltà transfruntiera tad-*data* dwar iċ-ċertifikati organiċi u, aktar tard, biex testendi l-istess sistema lejn pajjiżi mhux tal-UE. L-iżviluppi operazzjonali meħtieġa sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà transfruntiera għadhom xogħol fl-idejn.	
RS 05/2019: "Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) – Appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu mhuwiex stabbilit"	1 (a)	61				
	1 (b)	61				
	1 (c)	61			Ir-Regolament dwar il-FSE+ ma jindirizzax il-punt partikolarment importanti tar-rakkomandazzjoni dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miri kwantifikati rakkomandati.	
	2 (b)	61				
	3	61			Ikkonkludejna li kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni.	
RS 06/2019: "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE – Jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu	1 (b)	80			Xi awtoritajiet maniġerjali fl-10 Stati Membri mingħajr strateġiji nazzjonali kontra l-frodi (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta u s-Slovakkja) adottaw politiki formali kontra l-frodi, iżda 6 Stati Membri għadhom ma ħadux miżuri konkreti (l-Irlanda, Ċipru, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja u l-Finlandja).	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni"	3 (b)	87			Il-Kummissjoni ħadet xi azzjoni ta' sensibilizzazzjoni, iżda nqisu li ċ-Ċentru tal-Għarfien u r-Riżorsi tal-Fondi tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Frodi jidduplika sa ċertu punt id-disseminazzjoni li teżisti permezz tas-sit tas-sistema ta' skambju elettroniku ta' *data*. Il-bidliet li ġew proposti fir-Regolament Finanzjarju riformulat, li għandhom l-għan li jagħmlu l-għodod għall-estrazzjoni ta' *data* obbligatorji, għandhom il-potenzjal li jestendu l-possibbiltà li tintuża l-analitika tad-*data* lejn il-partijiet rilevanti kollha, inkluża l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ma ttieħdet l-ebda miżura biex il-promozzjoni tal-metodi ta' detezzjoni tal-frodi tittejjeb permezz ta' tixrid regolari ta' każijiet speċifiċi tal-aħjar prattika, u l-Kummissjoni għadha ma ppubblikat l-ebda gwida speċifika għall-perjodu 2021-2027 dwar miżuri kontra l-frodi li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.	
	3 (c)	87			Il-profili tal-pajjiżi li jivvalutaw il-kapaċitajiet ta' detezzjoni u rappurtar tal-Istati Membri, li kienu diġà ppjanati fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, għadhom qed jiġu żviluppati u l-implimentazzjoni tagħhom iddewmet.	
	4 (a)	89			L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi aġġorna s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet biex jippermetti r-rappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, u sal-ġurnata tal-lum tliet Stati Membri diġà rrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata jew stabbilita, għalkemm	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					mhux b'rabta mal-politika ta' koeżjoni. Is-sistema tinkludi għodda analitika inkorporata li toffri għadd ta' analiżijiet imfassla apposta. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet għad trid tiġi adattata aktar, u l-Istati Membri għadhom ma jirrappurtawx biżżejjed l-għadd ta' każijiet ta' frodi suspettata, kif evidenzjat mix-xogħol tagħna dwar id-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*. Dan jindika li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali.	
	4 (b)	89			Fl-2019 u l-2020, il-Kummissjoni ħadet passi inizjali biex tfakkar lill-*awtoritajiet tal-awditjar*, iżda mhux lill-awtoritajiet maniġerjali, dwar l-obbligu tagħhom li jivvalutaw sistematikament l-implikazzjonijiet orizzontali tal-frodi. Fl-2022, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet maniġerjali jqisu każijiet ta' frodi identifikata fl-istrateġija ta' verifikazzjoni tal-ġestjoni tagħhom. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni tagħna kienet li dawn iqisu sistematikament l-implikazzjonijiet orizzontali ta' frodi suspettata jew stabbilita għall-operazzjonijiet l-oħra kollha potenzjalment milquta. Mill-2020 'il hawn, u b'mod partikolari wara l-adozzjoni tar-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni* l-ġdid għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ma ttieħed l-ebda pass ulterjuri biex l-awtoritajiet maniġerjali jiġu meħtieġa jwettqu din il-valutazzjoni.	
	4 (c)	89				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	5	91			Il-Kummissjoni ħeġġet lis-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi biex jespandu r-rwol tagħhom sabiex jinkludu l-koordinazzjoni mal-korpi nazzjonali kollha responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni potenzjali ta' frodi suspettata, aktar milli mal-awtoritajiet maniġerjali waħedhom. Sussegwentement, il-Kummissjoni ma pproponiet l-ebda kjarifika ulterjuri dwar il-funzjonijiet tas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi, li għadhom iddefiniti insuffiċjentement. Il-limitazzjonijiet fid-definizzjoni tal-funzjonijiet u l-obbligi tas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi jnaqqsu l-effettività ta' din l-azzjoni ta' segwitu. L-uniku mod biex jiġu rimedjati dawn il-limitazzjonijiet ikun li l-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni.	
RS 07/2019: "Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali – ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar"	1 (a)	68				
	1 (b)	68				
	1 (c)	68				
	2 (a)	70				
	2 (b)	70				
	3 (a)	72			Il-Kummissjoni bdiet tevalwa l-istrateġija tal-UE dwar mard rari. Għadha ma ddeċidietx jekk l-istrateġija	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					teħtieġx tiġi modifikata, iżda qed tippjana li tagħmel dan qabel l-2023, wara konsultazzjoni u riflessjoni.	
	3 (b)	72	✓			
	3 (c)	72	✓			
RS 08/2019: "Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku – jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE"	1	82	✓			
	2	83	✓			
	3 (a)	85	✓			
	3 (b)	85	✓			
	4	86	✓			
	5 (a)	87	✓	✗	Id-dewmien fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-grilja u tal-interkonnetturi għandu impatt fuq l-implimentazzjoni ta' sorsi rinnovabbli. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika dawk l-Istati Membri li għalihom il-grilja għadha qed tillimita l-użu ulterjuri ta' sorsi rinnovabbli.	✗
	5 (b)	87	✓	✗	Jeħtieġ li l-Kummissjoni tagħti parir lil dawk l-Istati Membri li għalihom il-grilja potenzjalment tfixkel l-implimentazzjoni tas-sorsi rinnovabbli biex jieħdu azzjonijiet sabiex jirriżolvu l-insuffiċjenzi fil-grilja.	✗

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	5 (c)	87	✓		F'diversi każijiet, il-Kummissjoni ssuġġeriet l-użu tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni għall-grilja u l-interkonnetturi. Madankollu, dawn il-miżuri ta' investiment kollha ttieħdu wara d-data mmirata għall-implimentazzjoni li kienet proposta fir-rakkomandazzjoni tagħna. L-ikkompletar tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-perjodu 2021-2027 u l-*Fond ta' Koeżjoni* se jipprovdi aktar evidenza li l-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni ntużaw għal dan l-iskop.	
	6	89	✓			
RS 09/2019: "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk – Sa issa riżultati limitati"	1 (i)	100	✓			
	1 (ii)	100	✓			
	1 (iii)	100	✓			
	2 (i)	101	✗			
	2 (ii)	101	✓			
	2 (iii)	101	✓			
	3 (i)	102	✓			
	3 (ii)	102	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3 (iii)	102				
	4 (i)	103			Il-Kummissjoni inizjalment irrifjutat ir-rakkomandazzjoni tagħna, filwaqt li żammet il-prattika tagħha ta' każ b'każ. Hija ma pprovditilniex proċeduri ċari li jappoġġaw dan l-approċċ. Għalhekk, ma nistgħux nikkonkludu b'mod aktar ġenerali dwar il-livell ta' implimentazzjoni lil hinn mill-każ individwali inkwistjoni.	
	4 (ii)	103			Il-Kummissjoni rrifjutat l-iżborżi meta l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati, u dan juri li r-rieżaminar tal-verifikazzjoni tal-pagamenti jaħdem kif kien intenzjonat. Madankollu, il-linji gwida aġġornati ma jipprevedux verifikazzjoni sistematika tad-*data* ta' sostenn.	
	4 (iii)	103			Il-Kummissjoni inizjalment irrifjutat ir-rakkomandazzjoni tagħna, filwaqt li żammet il-prattika tagħha ta' każ b'każ. Hija ma pprovditilniex proċeduri ċari li jappoġġaw dan l-approċċ. Għalhekk, ma nistgħux nikkonkludu b'mod aktar ġenerali dwar il-livell ta' implimentazzjoni lil hinn mill-każ individwali inkwistjoni.	
	5 (i)	104			L-għadd ta' żjarat fuq il-post li saru qabel l-2020 kien limitat (żjara waħda fuq il-post fl-2019 u żjara waħda fl-2021). Iż-żjarat fuq il-post ma ppermettewx li tittieħed azzjoni korrettiva matul il-perjodu ta' implimentazzjoni (qabel it-teħid ta' deċiżjoni dwar l-	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					iżborż). Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda metodoloġija biex tiddeċiedi jekk iż-żjarat fuq il-post humiex meħtieġa.	
	5 (ii)	104	✓			
	5 (iii)	104	✓			
	6	106	✓		Il-Kummissjoni żviluppat u implimentat pjan ta' azzjoni bir-reqqa dwar l-appoġġ għas-settur tas-saħħa, bi tliet kampanji speċifiċi. Iddefiniet ukoll għanijiet, mezzi speċifiċi ta' komunikazzjoni, u indikaturi li jistgħu jitkejlu. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-*Azzjoni Esterna* ma introduċew l-ebda obbligu li jorbot l-iżborżi mal-viżibbiltà. Il-programm ta' appoġġ għas-settur tas-saħħa (PASS III) kien nieqes mill-viżibbiltà għall-pubbliku ġenerali.	
RS 10/2019: "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha – inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni	5	113	✓		Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għal dgħufijiet fl-istruttura li teżisti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fir-rapport tagħha (COM(2022) 228) u lill-partijiet ikkonċernati talbithom fehmiethom. Il-Kummissjoni ma pproponiet l-ebda bidla fil-leġiżlazzjoni li teżisti biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati minħabba li qieset li l-koleġiżlaturi ma appoġġawx aktar bidliet u li t-twaqqit ma kienx xieraq.	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji"						
RS 11/2019: "Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-finanzjament ma kienx meħtieġ"	1	72	✓			
	2	72	✓			
	3 (a)	73	✓			
	3 (b)	73	✓			
	4 (a)	74	✓			
	4 (b)	74	✓			
	5 (a)	75	✓			
	5 (b)	75	✓		Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni kienet għadha ma għaddietx sa-żmien meta għamilna r-rieżaminar ta' segwitu. Il-pjanijiet ta' prestazzjoni l-ġodda, inklużi l-miri ta' prestazzjoni korrispondenti, jeħtieġ li jiġu ppreżentati biss sal-1 ta' Ottubru 2024.	
RS 13/2019: "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati	1 (2)	88	✓			
	1 (3)	88	✓			
	1 (4)	88	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
– Hemm lok għal titjib"	2 (1)	89				
	2 (2)	89				
	2 (3)	89			Il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' korp tal-etika interistituzzjonali fit-8 ta' Ġunju 2023 (COM(2023) 311 final).	
	3	90				
RS 14/2019: "Semma' leħnek!" – Il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jinvolvu liċ-ċittadini, iżda l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mhumiex biżżejjed"	1 (l-ewwel inċiż)	111				
	1 (it-tieni inċiż)	111				
	2 (l-ewwel inċiż)	113				
	2 (it-tieni inċiż)	113				
	3 (l-ewwel inċiż)	114				
	3 (it-tieni inċiż)	114				
	4 (l-ewwel inċiż)	115				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4 (it-tieni inċiż)	115				
	4 (it-tielet inċiż)	115				
	5 (l-ewwel inċiż)	117				
	5 (it-tieni inċiż)	117				
	6	118				
RS 15/2019: "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni – Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal"	1.1	97				
	1.2	97				
	2	97				
	3	97				
RS 16/2019: "Il-Kontijiet Ekonomiċi	1 (a)	58				
	1 (b)	58				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Ambjentali Ewropej – L-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb"	1 (c)	58				
	2 (a)	60				
	2 (b)	60			Abbażi tad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-kostijiet u l-benefiċċji, ġew inklużi tliet moduli ġodda għall-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej fil-proposta ta' Lulju 2022 biex jiġi rivedut ir-Regolament (UE) 691/2011 (COM(2022) 329). Mhuwiex ċar sa liema livell il-Kummissjoni vvalutat il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfassil tal-politika tad-dipartimenti rilevanti tagħha meta pproponiet dawn il-moduli l-ġodda.	
	3 (a)	62				
	3 (b)	62				
	3 (c)	62				
RS 17/2019: "Interventi tal-UE mmaniġġjati b'mod ċentrali għall-kapital ta' riskju – jeħtieġ li jkun hemm orjentament akbar"	1 (a)	113			Il-Kummissjoni rtirat il-proposta oriġinali tagħha tal-*InvestEU* tal-2018 u ppreżentat proposta ġdida tal-InvestEU f'Mejju 2020 b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 (COM (2020) 403 final). Minħabba l-urġenza tal-proposta, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt formali ta' dawk l-elementi li kienu ġodda meta mqabbla mal-proposta oriġinali tagħha tal-2018. Ir-rakkomandazzjoni tagħna kellha tiġi implimentata sa meta ġie ffirmat il-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-*Fond Ewropew tal-Investiment* (FEI), li sar f'Marzu 2022. Minkejja l-urġenza inizjali, il-perjodu ta' kważi sentejn bejn il-preżentazzjoni tal-proposta legali riveduta u l-iffirmar tal-ftehim kien ikun żmien biżżejjed biex sussegwentement titwettaq analiżi bir-reqqa kif rakkomandat.	
	1 (b)	113				
	1 (c)	113			Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	2 (a)	116			Il-linji gwida għall-investiment issa jinkludu għan ġdid rigward pajjiżi innovaturi moderati u emerġenti (MEICs). Kien limitat ukoll il-proporzjon tal-finanzjament totali mill-InvestEU li jista' jiġi allokat lil kwalunkwe tliet Stati Membri kkombinati flimkien. Għalkemm dawn il-miżuri huma passi 'l quddiem, huma modesti u x'aktarx li ma jiksbux bidla kbira lejn swieq ta' kapital ta' riskju inqas żviluppati. B'rabta ma' din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni ppreżentat aktar azzjonijiet ġenerali bħar-rieżaminar tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju. Dawn l-azzjonijiet jikkonċernaw is-swieq fl-intier tagħhom, iżda mhux is-swieq sottożviluppati b'mod speċifiku.	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2 (b)	116			Il-Kummissjoni tejbet id-definizzjoni tas-solli minimi għall-investiment privat għal kull fond billi ma baqgħetx tqis banek promozzjonali bħala privati, iżda ma stabbilietx miri. F'dak li għandu x'jaqsam mal-*inklużjoni* effettiva ta' investituri privati, is-solli minimi għal kull fond mhuma l-ebda sostitut għall-miri, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' politika, is-swieq lokali ta' kapital ta' riskju jew is-setturi ta' attività.	
	2 (c)	116			Il-Kummissjoni rreferiet għal dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' ħruġ permezz ta' *bejgħ sekondarju*. Il-bejgħ sekondarju jista' jiġi promoss permezz ta' klawżoli ta' ħruġ gradwali msemmija fil-ftehimiet relatati, iżda sa issa l-ftehimiet ta' garanzija ma inkludew l-ebda dispożizzjoni li tobbliga jew li tħeġġeġ lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jintroduċu klawżoli ta' ħruġ. Il-ftehimiet jipprevedu biss għażla ta' klawżoli ta' ħruġ, u dan ma jissodisfax l-iskop tar-rakkomandazzjoni tagħna. Għalhekk nivvalutaw ir-rakkomandazzjoni bħala mhux implimentata.	
	2 (d)	116			Il-linji gwida għall-investiment jippermettu devjazzjonijiet mill-*prinċipju pari passu* f'każijiet ta' rilevanza politika speċifika, li t-tifsira tagħha mhijiex speċifikata ulterjorment. L-iskema ta' Azzjoni ta' Espansjoni Ewropea għall-Kapital ta' Riskju msemmija fil-ftehim bejn l-UE u l-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment ma tikkwalifikax bħala asimetrika (ir-relazzjoni bejn riskju u qligħ	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					tinżamm f'dawn l-iskemi) u mhijiex marbuta ma' falliment tas-suq akut. Għalhekk, billi din taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni tagħna, nivvalutaw ir-rakkomandazzjoni bħala mhux implimentata.	
	3 (a)	121	⊗	✗	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	⊗
	3 (b)	121	✓		Ma stajniex nivvalutaw il-livell ta' implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni minħabba nuqqas ta' evidenza.	↻
	3 (c)	121	✓	✗	Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni, iżda d-dgħufijiet imsemmija fir-rapport speċjali tagħna għadhom jippersistu. L-identifikazzjoni ta' rotot ta' ħruġ kellha rwol marġinali biss fis-Sejħa għall-Interess ippubblikata mill-FEI.	⊗
	3 (d)	121	⊗	✗	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	⊗
	3 (e)	121	✓			
RS 18/2019: "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE – Rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar	1	70	✓			
	2 (a)	75	✓			
	2 (b)	75	✓		Lejn tmiem l-2022, bdejna awditu fuq il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, li huwa mistenni jippermettilna nwettqu segwitu ta' din ir-rakkomandazzjoni. Ir-	↻

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni"					rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat matul l-ewwel sitt xhur tal-2024.	
	2 (c)	75	✓			
RS 19/2019: "L-INEA – il-benefiċċji twasslu iżda n-nuqqasijiet tal-FNE għad iridu jiġu indirizzati"	1 (a)	83	✓			
	1 (b)	83	✓			
	2 (a)	84	✓			
	2 (b)	84	✓		Il-Kummissjoni u l-*Aġenzija Eżekuttiva* Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent indirizzaw ir-rakkomandazzjoni tagħna biex f'xi aspetti jsir użu minn għanijiet u indikaturi aktar orjentati lejn ir-riżultati. Xi indikaturi tal-prestazzjoni, bħal dawk li jkejlu l-kwalità tas-servizzi u s-sodisfazzjon tal-klijenti, ġew introdotti fir-rappurtar annwali tal-2021. L-indikaturi ma jkoprux aspetti ewlenin tal-prestazzjoni bħar-rata ta' implimentazzjoni tal-programm jew l-*assorbiment* tal-fondi.	
	3 (a)	85	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3 (b)	85	✓			
	3 (c)	85	✓			
	4 (a)	88	✓			
	4 (b)	88	✓			
	4 (c)	88	✓			
	5 (a)	89	✓		Ġiet implimentata għodda ta' monitoraġġ biex tinġabar informazzjoni biex tirrapporta dwar l-indikaturi tal-*output*. L-indikaturi introdotti għall-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* għall-perjodu 2021-2027 ma jkoprux ir-riżultati tal-proġetti.	
	5 (b)	89	✓	✗	Ma ġietx indirizzata r-rakkomandazzjoni tagħna li jiġu speċifikati l-*indikaturi tar-riżultati* fl-objettivi tas-sejħa, li dawn jiġu mmonitorjati fi ftehimiet u li jsir rapport dwarhom. Ma ġie introdott l-ebda indikatur ibbażat fuq ir-riżultati.	
RS 20/2019: "Sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jappoġġjaw il-kontroll fil-fruntieri – Għodda b'saħħitha, iżda	1	85	✓			
	2 (a)	88	✓			
	2 (b)	88	✓			
	3	91	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
tenħtieġ aktar enfasi fuq *data* li tkun f'waqtha u kompleta"	4 (a)	94	✓			
	4 (b)	94	✓			
	5 (a)	95	✓			
	5 (b)	95	✓			
RS 21/2019: "L-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi – Progress fis-settur tal-annimali, iżda din it-theddida għas-saħħa tibqa' sfida għall-UE"	1 (a)	68	✓			
	1 (b)	68	✓			
	1 (c)	68	✓			
	2	70	✓			
	3 (a)	75	✓		F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni nediet studju għall-evalwazzjoni *ex post* ta' Orizzont 2020, inkluż l-appoġġ tal-programm għar-riċerka dwar ir-reżistenza antimikrobika. Ir-rapport ta' evalwazzjoni *ex post* huwa mistenni jiġi ppubblikat fl-2023. Ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni komprensiva tal-appoġġ li l-Kummissjoni tat lir-riċerka dwar ir-reżistenza antimikrobika (inkluż iżda mhux limitat għall-appoġġ taħt Orizzont 2020) biex tidentifika dgħufijiet fis-sistema ta' finanzjament/*għotjiet* u tissuġġerixxi kif għandhom jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet.	
	3 (b)	75	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3 (c)	75	✓	Implimentat fil-biċċa l-kbira		Puntwalità moderata
RS 22/2019: "Ir-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali – Jeħtieġ li jissaħħu aktar u l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar"	1	100	✓	Implimentat fil-biċċa l-kbira		Puntwalità moderata
	2	101	✓	Implimentat parzjalment	Il-Kummissjoni wettqet analiżi soda tad-dgħufijiet prinċipali fir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji għal żmien medju u istituzzjonijiet fiskali indipendenti, u pprovdiet ideat għar-riformi. It-titjib f'dawn ir-rekwiżiti għadu pendenti, peress li dawn ma ġewx inklużi fil-leġiżlazzjoni attwali. Il-komunikazzjoni dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, ippubblikata fid-9 ta' Novembru 2022, lanqas ma tirrifletti dan it-titjib. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva dwar ir-riforma tal-governanza ekonomika f'April 2023. Din il-proposta tindirizza r-rakkomandazzjoni tagħna parzjalment biss prinċipalment fir-rigward tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, iżda sa livell ħafna inqas fir-rigward ta' oqfsa baġitarji għal żmien medju.	Puntwalità moderata
	3 (a)	102	✗	Mhux implimentat	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	Mhux puntwali
	3 (b)	102	✗	Mhux implimentat	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	Mhux puntwali
	4 (a)	105	✓	Implimentat fil-biċċa l-kbira		Puntwalità moderata
	4 (b)	105	✓	Implimentat fil-biċċa l-kbira		Puntwali

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4 (c)	105				
	4 (d)	105			Il-Kummissjoni ħejjiet strateġija għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-oqfsa baġitarji nazzjonali. L-istrateġija ma tiddeskrivix il-metodoloġija strutturata użata għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva Nru 2011/85. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx evidenza suffiċjenti tal-ewwel valutazzjoni mwettqa fl-2022 (inkluż kwalunkwe segwitu meħtieġ); lanqas ma ppreżentat evidenza suffiċjenti li l-istrateġija qed tiġi applikata fuq bażi regolari.	
RS 23/2019: "Stabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa – Sett komprensiv ta' għodod, iżda l-istrumenti ftit li xejn jintużaw u jeħtieġ li jiġi indirizzat il-kumpens eċċessiv"	1	86			Lejn tmiem l-2022, bdejna awditu fuq il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, li huwa mistenni jippermettilna nwettqu segwitu ta' din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat matul l-ewwel sitt xhur tal-2024.	
	2 (a)	88			Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	2 (b)	88			Skont il-PAK il-ġdida, il-Kummissjoni se tiġbor *data* aktar dettaljata dwar l-użu tal-għodod differenti għall-ġestjoni tar-riskju milli għamlet taħt il-PAK preċedenti. Il-Kummissjoni xorta waħda mhux se tkun tista' timmonitorja l-erja u l-kapital assigurat koperti mill-għodod tal-ġestjoni tar-riskju.	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3 (a)	90			Il-Kummissjoni tiddikjara r-raġunijiet għalfejn stabbiliet miżuri eċċezzjonali fil-premessi għar-regolamenti korrispondenti. Il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li tirrifjuta l-parti tar-rakkomandazzjoni li tirrikjedi definizzjoni *ex ante* ta' parametri u kriterji oġġettivi tas-suq u ekonomiċi li jiskattaw miżuri eċċezzjonali.	
	3 (b)	90			Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	4 (a)	91			Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	4 (b)	91			L-emenda tar-*Regolament Delegat* tal-Kummissjoni 2017/891 hija maħsuba biex tipprevieni każijiet ta' kumpens żejjed fis-settur tal-frott u l-ħaxix. Il-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni biex tipprevjeni każijiet ta' kumpens żejjed f'setturi oħra għajr is-settur tal-frott u l-ħaxix; lanqas li jkun meħtieġ kofinanzjament sinifikanti meta l-Istati Membri jkollhom rwol kbir fid-definizzjoni ta' elementi ewlenin tal-iskemi ta' appoġġ.	
RS 24/2019: "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti – Wasal iż-żmien li	1	152				
	2 (a)	157				
	2 (b) (i)	157				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-objettivi u r-riżultati"	2 (b) (ii)	157	✓			
	2 (b) (iii)	157	✓			
	2 (c)	157	✓			
	5 (a)	163	✓			
	5 (b)	163	✓			
	5 (c)	163	✓			
	6 (a)	166	✓			
	6 (b)	166	✓			
	6 (c)	166	✓			
	6 (d)	166	✓			
RS 25/2019: "Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju – dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli"	1	55	✓			
	2 (a)	56	✓			
	2 (b)	56	✓			
	3 (a)	57	✓			
	3 (b)	57	✓			

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4	58				
	5	59				
	6 (a)	60				
	6 (b)	60				

Anness 3.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2019 – Entitajiet awditjati oħra

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Livell ta' puntwalità: f'waqtha; imdewma; id-data ta' skadenza għadha pendenti; l-ebda azzjoni ta' segwitu; l-ebda valutazzjoni tal-puntwalità.

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)						
RS 10/2019: "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha – inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji"	1 (1)	109			L-awtorità Bankarja Ewropea (EBA) titlob aktar informazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti dwar il-proċessi tagħhom milli għamlet qabel u tqassarhom f'rapport. Hija ma ppjanat jew ma wettqet l-ebda verifika fuq il-post. Il-verifiki fuq ix-xogħol li jsir mill-awtoritajiet kompetenti jiffukaw fuq outliers statistiċi materjali f'oqsma ta' riskju għoli u fuq *żbalji* fid-*data*.	
	1 (2)	109				
	1 (3)	109				
	1 (4)	109				
	2	109			L-EBA bdiet taħdem fuq l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' test tal-istress minn fuq għal isfel. Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA ddeċieda li jintroduċi elementi ċentralizzati fil-qafas futur tat-testijiet tal-istress fl-UE kollha u li jibni għarfien	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					espert fl-immudellar minn fuq għal isfel. L-EBA bdiet tiżviluppa kapaċitajiet interni ta' test tal-istress minn fuq għal isfel, iżda r-riżultati tanġibbli sa issa kienu limitati.	
	3	110			L-EBA żiedet id-daqs globali tal-kampjun b'20 bank, u b'hekk saħħet il-kopertura ġeografika b'mod indirett. L-approċċ tagħha għall-għażla tal-kampjuni għat-testijiet tal-istress għadu mhuwiex ibbażat fuq ir-riskju u lanqas mhuwa speċifiku għall-pajjiż, billi l-Bord tas-Superviżuri ma appoġġax dan l-approċċ. It-testijiet tal-istress jistgħu ma jkoprux banek li huma iżgħar u mhux sistemiċi iżda li għadhom ta' riskju għoli, minkejja li jista' jkun importanti li tali banek jiġu koperti minħabba effetti konsegwenzjali potenzjali.	
	4 (1)	112				
	4 (2)	112			L-għażla li jkun hemm bosta xenarji tqieset iżda fl-aħħar mill-aħħar ma ġietx implimentata. L-EBA tqis li din l-għażla tista' tidħol fis-seħħ jekk fl-aħħar mill-aħħar jintuża approċċ minn fuq għal isfel. L-istess japplika fil-każ ta' riskji speċifiċi għall-pajjiż u analiżi tar-riskju.	
	4 (3)	112			L-EBA stabbiliet il-livell ta' severità ġenerali, f'termini tal-PDG u l-motivaturi tiegħu, b'mod ċar u bikri fix-xenarju avvers għat-test tal-istress tal-2020. Flimkien mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, l-EBA ddefiniet miżura ta' severità *ex ante* f'kull pajjiż, b'enfasi fuq il-PDG bħala motivatur ewlieni. Ix-xenarji għat-testijiet tal-istress fl-2020 u fl-2021 kienu bbażati fuq sett uniku ta' riskji	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
					identifikati. L-EBA ma wettqet l-ebda analiżi ta' *xokkijiet* jew ta' sensittività *speċifiċi għall-pajjiż*.	
	6 (1)	114			Ir-rapporti tal-EBA issa jinkludu rekwiżiti kapitali speċifiċi għall-banek u sa ċertu livell jippreżentaw riżultati skont il-grupp u skont it-tip ta' bank. Issa jqabblu r-riżultati tat-testijiet tal-istress ma' dawk f'rapporti preċedenti. Fit-test tal-istress tal-2023 fl-UE kollha, l-EBA qed tippjana li tkompli ttejjeb l-għodod interattivi billi tipprovdi tabelli li jinkludu l-banek kollha. Dan se jagħmilha possibbli li l-banek jitqabblu f'termini ta' impatti, livelli ta' kapital u metriċi importanti oħra, kif ukoll jipprovdi possibbiltajiet differenti ta' raggruppament għal skopijiet ta' analiżi. Għadu diffiċli għall-utenti biex iqabblu l-banek fuq indikaturi ewlenin bl-użu ta' dashboards interattivi. Meta jispjegaw ir-riżultati, ir-rapporti ma jorbtuhomx mal-istress li għalih huma esposti l-banek inkwistjoni.	
	6 (2)	114			L-EBA tagħmel aktar dikjarazzjonijiet dwar liema fatturi huma rilevanti għar-reżiljenza. Ir-rapporti tagħha jinkludu dikjarazzjonijiet dwar il-motivaturi ewlenin (bħar-riskju ta' kreditu jew ir-riskju tas-suq), iżda dawn jibqgħu pjuttost ġenerali. L-EBA ma tagħmel l-ebda dikjarazzjoni dwar liema elementi tax-xenarju huma l-motivaturi ewlenin tar-riskju. Lanqas ma jagħmel xi dikjarazzjonijiet ġenerali dwar ir-reżiljenza tas-sistema bankarja tal-UE.	

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Il-Parlament Ewropew						
RS 13/2019: "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati – Hemm lok għal titjib"	1 (1)	88			Il-Parlament Ewropew abbozza strateġija unika dwar l-etika li tinkludi wkoll proġetti futuri fil-qasam tal-etika. Madankollu, sa Diċembru 2022, l-abbozz ta' strateġija unika dwar l-etika kien għadu ma ġiex adottat, u ma jiddeskrivix objettivi u prijoritajiet dettaljati li għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' indikaturi tal-prestazzjoni.	
	1 (2)	88			Il-Parlament Ewropew inkorpora fluss tax-xogħol awtomatizzat għall-ipproċessar ta' talbiet relatati mal-etika, għal ġewwa l-Portal tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani tiegħu. Għadu ma ffinalizzax u ma approvax il-proċeduri tiegħu għall-verifiki fuq id-dikjarazzjonijiet tal-persunal.	
	1 (3)	88			Il-Parlament Ewropew la aċċetta u lanqas ma implimenta r-rakkomandazzjoni.	
	1 (4)	88				
	1 (5)	88			Il-Parlament Ewropew la aċċetta u lanqas ma implimenta r-rakkomandazzjoni.	
	1 (6)	88			Il-Parlament għadu ma ħax azzjoni suffiċjenti biex isaħħaħ id-dispożizzjonijiet ta' wara l-mandat għall-Membri tal-Parlament Ewropew.	
	2 (1)	89				
	2 (2)	89				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2 (3)	89				
	3	90				
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew						
RS 13/2019: "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati – hemm lok għal titjib"	1 (1)	88				
	1 (2)	88			Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill nieda ċentru dwar l-etika li jipprovdi gwida għall-persunal dwar kwistjonijiet relatati mal-kunflitt ta' interess. Ma hemm l-ebda proċedura standard interna bil-miktub għall-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal.	
	1 (4)	88				
	2 (1)	89				
	2 (2)	89				
	2 (3)	89				
	3	90				
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil						
RS 24/2019: "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-	3 (a)	159				
	3 (b)	159				

Numru u titlu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
ritorn ta' migranti – Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-objettivi u r-riżultati"	3 (c)	159				
L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex")						
RS 24/2019: "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti – Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-objettivi u r-riżultati"	4 (a)	160				
	4 (b)	160				
	4 (c)	160				

Anness 3.4 – Rapporti speċjali fejn ir-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati lill-Kummissjoni ġew implimentati jew bis-sħiħ jew inkella fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

- Ir-Rapport Speċjali 07/2019: "Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali – Ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar"
- Ir-Rapport Speċjali 09/2019: "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk – Sa issa riżultati limitati"
- Ir-Rapport Speċjali 11/2019: "Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-finanzjament ma kienx meħtieġ"
- Ir-Rapport Speċjali 14/2019: "Semma' leħnek!" – Il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jinvolvu liċ-ċittadini, iżda l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mhumiex biżżejjed"
- Ir-Rapport Speċjali 15/2019: "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni – Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal"
- Ir-Rapport Speċjali 16/2019: "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej – L-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb"
- Ir-Rapport Speċjali 18/2019: "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE – Rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni"
- Ir-Rapport Speċjali 24/2019: "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti – Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-objettivi u r-riżultati"
- Ir-Rapport Speċjali 25/2019: "Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju – Dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli"

Nota: Il-lista ta' hawn fuq teskludi t-tliet rakkomandazzjonijiet li d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha ma għaddietx fiż-żmien tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna u ż-żewġ rakkomandazzjonijiet li dwarhom ma stajniex nisiltu konklużjoni.

Kapitolu 4

Dħul

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**4.1. - 4.6.**
Deskrizzjoni qasira	4.2. - 4.3.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	4.4. - 4.6.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**4.7.**
Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern	**4.8. - 4.28.**
Dgħufijiet jippersistu fil-kontabbiltà tal-Istati Membri u fil-ġestjoni tar-RPT minn dawn tal-aħħar	4.9. - 4.13.
Dewmien fir-rivalutazzjoni ta' każijiet ta' tħassir tad-djun doganali	4.14. - 4.15.
Tnaqqis limitat fl-għadd ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tar-RPT, u dgħufijiet persistenti fil-ġestjoni tagħhom	4.16. - 4.18.
Nuqqasijiet fil-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT	4.19. - 4.20.
Ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* tal-ING jiġu koperti sew b'mod ġenerali, iżda hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet	4.21.
Progress fl-indirizzar u t-tneħħija tar-riżervi tal-ING, iżda ġie osservat xi dewmien	4.22. - 4.23.
Aktar dewmien fl-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni biex titjieb il-ġestjoni tar-riskju tar-RPT u jonqos in-nuqqas doganali	4.24. - 4.28.
Rapporti annwali tal-attività	**4.29. - 4.31.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**4.32. - 4.37.**
Konklużjoni	4.32. - 4.34.
Rakkomandazzjonijiet	4.35. - 4.37.

Annessi

Anness 4.1 – Il-proċess ta' tfassil tar-rapporti dwar ir-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet tal-UE u fil-baġit tagħha

Anness 4.2 – Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tar-RPT, li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2022, skont l-Istat Membru

Anness 4.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Dħul"

Introduzzjoni

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għad-dħul, li jinkludi r-*riżorsi proprji*, id-*dħul estern assenjat* li jintuża biex jiffinanzja n-nefqa taħt il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*[1], u dħul ieħor. Il-***Figura 4.1*** tagħti diżaggregazzjoni tad-dħul fl-2022.

Figura 4.1 – Dħul – Diżaggregazzjoni fl-2022(*)



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***17***). It-total ta' EUR 245.3 biljun jirrappreżenta d-dħul tal-baġit reali tal-UE. L-ammont ta' EUR 171.2 biljun ippreżentat fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja huwa kkalkulat bl-użu tal-*kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti*.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

[1] Dan jinkludi l-ammonti mislufa mill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ finanzjarju mhux rifondibbli lill-Istati Membri taħt in-*NextGenerationEU (NGEU)*, li l-Unjoni se jkollha tħallas lura fil-futur.

Deskrizzjoni qasira

4.2. Żewġ terzi (63.5 %) tad-dħul tal-UE fl-2022 jirriżulta mill-erba' kategoriji ta' riżorsi proprji[2]:

(a) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ibbażata fuq l-ING)*** tipprovdi 42.3 % tad-dħul tal-UE, u tibbilanċja l-baġit tal-UE wara li d-dħul mis-sorsi l-oħra kollha jkun ġie kkalkulat. Kull Stat Membru jikkontribwixxi approporzjon tal-ING tiegħu;

(b) ir-***riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)*** jipprovdu 10.6 % tad-dħul tal-UE. Huma jinkludu d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet li jinġabru mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE jirċievi 75 % tal-ammont totali; l-Istati Membri jżommu l-25 % li jifdal biex ikopru l-kostijiet tal-ġbir;

(c) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (ibbażata fuq il-VAT)*** tipprovdi 8.0 % tad-dħul tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet taħt din ir-riżorsa proprja jiġu kkalkulati bl-użu ta' rata uniformi applikata fuq l-ammont totali ta' riċevuti tal-VAT tal-Istati Membri, miġbura fir-rigward tal-provvisti taxxabbli kollha diviż bil-medja ponderata tar-rata tal-VAT;

(d) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik*** tipprovdi 2.6 % tad-dħul tal-UE. Din ġiet introdotta fl-2021 u tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni ta' rata uniformi fuq il-ponderazzjoni tal-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat f'kull Stat Membru.

4.3. Id-dħul estern assenjat, li jirrigwarda l-aktar l-ammonti mislufa biex l-Istati Membri jingħataw appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli fil-kuntest tal-NGEU, jipprovdi 25.4 % tad-dħul tal-UE. Hemm ukoll sorsi oħra ta' dħul tal-UE. Minn dawn, dawk l-aktar sinifikanti huma l-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet li huma marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-UE (8.5 % tad-dħul tal-UE), bħal dħul relatat mal-*approvazzjoni tal-konformità* tal-*fond agrikolu Ewropew ta' garanzija (FAEG)* u l-*fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (FAEŻR)*, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE għal programmi u attivitajiet tal-UE.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

4.4. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna ksibna aċċertament raġonevoli għall-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul billi wettaqna valutazzjoni tas-sistemi ewlenin magħżula, issupplementata minn ittestjar tat-tranżazzjonijiet. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* kif deskritt fl-***Anness 1.1***. Aħna eżaminajna dan li ġej għad-dħul fl-2022:

(a) kampjun ta' 65 *ordni ta' rkupru* tal-Kummissjoni, maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul (bl-inklużjoni ta' 10 tranżazzjonijiet rigward dħul assenjat estern għall-għotjiet taħt l-NGEU);

(b) is-sistemi tal-Kummissjoni:

  (i) biex jiġi żgurat li d-*data* tal-Istati Membri dwar l-ING, il-VAT u l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik tikkostitwixxi bażi xierqa għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji. Fl-ewwel każ, użajna wkoll ir-riżultati tar-rapport speċjali reċenti tagħna dwar l-ING[3];

  (ii) għall-ġestjoni tar-RPT u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom sistemi effettivi biex jiġbru u jirrappurtaw l-ammonti korretti tar-RPT u jagħmluhom disponibbli;

  (iii) għall-kalkolu tal-ammonti li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' korrezzjoni għar-riżorsi proprji;

  (iv) għall-ġestjoni tal-multi u l-penali;

(c) is-sistemi għall-kontabbiltà u għall-ġestjoni tar-RPT fi tliet Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja u l-Polonja) magħżula abbażi kemm tal-ammont ta' dazji doganali li huma ġabru kif ukoll tal-valutazzjoni tar-riskju li wettaqna. Wettaqna wkoll segwitu għar-rakkomandazzjoni tagħna fir-Rapport Annwali 2020 rigward l-affidabbiltà tar-rapporti Netherlandiżi dwar ir-RPT[4];

(d) l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-*regolarità*, li tinsab fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-DĠ BUDG u tal-Eurostat.

---

[3] Ir-Rapport Speċjali 25/2022: "Verifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross għall-finanzjament tal-baġit tal-UE – Ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* jiġu koperti sew b'mod ġenerali, iżda hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet".

[4] Ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 3.14 u r-Rakkomandazzjoni 3.3.

4.5. Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING u l-VAT kienet ibbażata fuq id-*data* tal-ING, li dwarha kien intlaħaq qbil, u fuq il-*bażi* armonizzata *tal-VAT* ipprovduta mill-Istati Membri. Ma ttestjajniex direttament l-istatistika u d-*data* li l-Kummissjoni u l-Istati Membri pproduċew. Għall-bażi tal-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik, irrieżaminajna l-proċess għall-kumpilazzjoni tad-*data* ta' tbassir, billi l-Istati Membri se jipprovdu l-ewwel stimi statistiċi reali tagħhom fl-2023. Barra minn hekk, ma eżaminajniex is-sistemi tal-Kummissjoni għall-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self relatati mal-NGEU. Is-sistemi ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni ġew skrutinizzati fir-rapport speċjali tagħna[5].

4.6. Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. Għalhekk id-dazji tal-importazzjoni realment miġbura se jkunu inqas mill-ammont li teoretikament jenħtieġ li jinġabar. Din id-differenza hija magħrufa bħala n-"*nuqqas doganali*". Dawn l-ammonti eważi ma jinqabdux mis-sistemi kontabilistiċi tar-RPT tal-Istati Membri u ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul. Madankollu, peress li n-nuqqas doganali jista' jolqot l-ammonti ta' dazji stabbiliti mill-Istati Membri, għar-raba' sena konsekuttiva vvalutajna l-azzjoni li ttieħdet mill-UE għat-tnaqqis fin-nuqqas u biex jiġi mmitigat ir-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti. B'hekk, eżaminajna l-progress miksub mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet magħżula li kienu ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali tagħha [6],li huma maħsuba biex jindirizzaw nuqqasijiet li ġew enfasizzati preċedentement fir-rapporti tagħna[7] u biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis fin-nuqqas doganali.

---

[5] Ir-Rapport Speċjali 16/2023: "Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika".

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Unjoni Doganali tittieħed għal-Livell li Jmiss: Pjan ta' Azzjoni" (COM(2020) 581), it-28 ta' Settembru 2020.

[7] Ara b'mod partikolari r-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 3.18, ir-Rapport Speċjali 04/2021: "Kontrolli doganali – Armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE" u r-Rapport Speċjali 12/2019: "Kummerċ elettroniku – Ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti".

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

4.7. Din it-taqsima tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul. Il-konklużjoni hija bbażata fuq l-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE, u fuq il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu u l-ġbir tad-dħul. L-eżaminar li wettaqna ta' kampjun ta' 65 ordni ta' rkupru żvela li l-ebda waħda minnhom ma kienet milquta minn *żball kwantifikabbli*.

Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern

4.8. Eżaminajna għadd ta’ sistemi ta’ kontroll (ara l-paragrafu ***4.4***). L-osservazzjonijiet dwar dawk is-sistemi ma jolqotx l-opinjoni mhux modifikata u kumplessiva tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul tal-UE (ara l-***Kapitolu 1***). Madankollu, tabilħaqq jiġbdu l-attenzjoni għal dgħufijiet fil-ġbir ta’ kategoriji individwali ta’ riżorsi proprji. B’żieda ma’ dan, osservajna dgħufijiet fl-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex tnaqqas in-nuqqas doganali u timmitiga r-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti.

Dgħufijiet jippersistu fil-kontabbiltà tal-Istati Membri u fil-ġestjoni tar-RPT minn dawn tal-aħħar

4.9. Eżaminajna kif tliet Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja u l-Polonja) ifasslu r-rapporti dwar ir-RPT tagħhom (li jinkludu rapport dwar id-dazji miġbura u rapport dwar id-dazji stabbiliti iżda li għadhom ma nġabrux[8], kif ukoll il-proċeduri tagħhom għall-ġestjoni tal-ammonti tar-RPT dovuti lill-baġit tal-UE (ara l-***Anness 4.1***).

4.10. Ma identifikajna l-ebda problema sinifikanti fil-mod kif il-Ġermanja u l-Polonja mmaniġġjaw id-dazji doganali miġbura u fasslu r-rapporti relatati dwar ir-RPT. Madankollu, osservajna nuqqasijiet fil-Belġju fir-rigward tal-kontabbiltà u l-ġestjoni ta’ dawn id-dazji fil-kuntest tar-RPT (ara l-Kaxxa ***4.1***). Bħalma ġie rrappurtat is-sena l-oħra[9], il-Kummissjoni vvalutat l-affidabbiltà tar-rapporti dwar ir-RPT bħala parzjalment sodisfaċenti fi 15-il Stat Membru u mhux sodisfaċenti fi Stat Membru wieħed. Aħna sibna li dawn l-Istati Membri għadhom ma indirizzawx id-dgħufijiet kollha li nqabdu.

---

[8] Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/194.

[9] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 3.10.

Kaxxa 4.1

Ommissjoni ta' ammonti sinifikanti mir-rapporti dwar ir-RPT Belġjani rigward id-dazji miġbura, minħabba żball li nqabad tard

Is-sistema tal-IT tad-Dwana Belġjana naqset milli tipproċessa *data* finanzjarja dwar id-dikjarazzjonijiet fuq l-importazzjonijiet li jkopru merkanzija bi statuses differenti għall-kalkolu tad-dazju doganali. Il-kontrolli interni ma qabdux dan in-nuqqas għal aktar minn sentejn. Dan wassal għall-ommissjoni ta' EUR 440 miljun mir-rapporti ta' kull xahar dwar ir-RPT rigward id-dazji doganali miġbura (bil-kostijiet tal-ġbir inklużi) minn nofs l-2019 sal-bidu tal-2022.

Filwaqt li l-awtoritajiet Belġjani identifikaw u kkoreġew dan l-iżball tard u għamlu l-ammonti relatati tar-RPT disponibbli għall-baġit tal-UE, saż-żmien meta wettaqna l-awditu la kienu wettqu valutazzjoni usa' tal-IT (awditu jew rieżaminar) tas-sistema kontabilistika tagħhom, u lanqas ma kienu indirizzaw id-dgħufijiet fil-kontroll intern. Dan jista' jolqot l-affidabbiltà tar-rapporti dwar id-dazji miġbura.

Wara l-awditu li wettaqna, l-awtoritajiet Belġjani infurmawna li xi wħud mill-kontrolli interni tagħhom fuq il-kumpilazzjoni tar-rapporti dwar ir-RPT kienu ssaħħu u li qed jippjanaw li jiċċentralizzaw l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar.

4.11. L-awditi li wettaqna fl-Istati Membri msemmija hawn fuq ma wasslu għall-ebda osservazzjoni sinifikanti dwar il-mod kif ifasslu r-rapporti dwar ir-RPT tagħhom rigward id-dazji doganali li jkunu ġew stabbiliti iżda li jkunu għadhom ma nġabrux. Madankollu, bħal fi snin preċedenti[10], sibna diversi nuqqasijiet fil-mod kif l-awtoritajiet doganali nazzjonali jimmaniġġjaw dawn id-dazji. B'mod partikolari, osservajna dgħufijiet fil-ġestjoni tad-djun doganali fil-Polonja, notevolment dewmien amministrattiv wara l-*kontrolli ta' wara r-rilaxx* (ara l-Kaxxa ***4.2***).

[10] Ara, pereżempju, ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 3.12, ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 3.16, u r-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 3.9.

Kaxxa 4.2

Dewmien amministrattiv fl-istabbiliment, fin-notifika u fl-irkupru tad-djun doganali wara t-twettiq ta' kontrolli ta' wara r-rilaxx fil-Polonja

Il-proċeduri amministrattivi Pollakki bbażati fuq id-dritt nazzjonali jdewmu għalxejn l-istabbiliment, in-notifika u l-irkupru tad-djun doganali wara l-kontrolli ta' wara r-rilaxx li jkunu twettqu. Il-proċeduri mhumiex allinjati bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-*Kodiċi Doganali tal-Unjoni*[11] fis-sens li jipprevedu passi addizzjonali b'żieda ma' dawk li jeżistu fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt tad-debitur li jinstema' u l-kalkolu tal-ammonti ta' djun finali. Iż-żmien addizzjonali meħud biex jiġu stabbiliti d-djun doganali jaf jimpedixxi l-irkupru effettiv ta' dawn l-ammonti.

L-awtoritajiet Pollakki infurmawna li l-Ministeru tal-Finanzi kien fil-proċess li jiddiskuti l-possibbiltà li l-proċeduri amministrattivi jiġu razzjonalizzati.

4.12. Sibna wkoll każijiet ta' kontabbiltà skorretta ta' djun doganali fil-Belġju, u dazji irrekuperabbli li ma tħassrux fil-kontijiet tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni tkompli taqbad dgħufijiet simili fil-ġestjoni tad-dazji doganali li jkunu għadhom ma nġabrux fl-Istati Membri, u tirrappurtahom. Hija twettaq ukoll segwitu għall-osservazzjonijiet kollha li nirrappurtaw lill-awtoritajiet doganali nazzjonali. Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' kontroll intern ewlenin tar-RPT tal-Istati Membri hija ppreżentata fil-***Figura 4.2***.

[11] B'mod partikolari, l-Artikoli 22(6), 29 u 105(3) tar-Regulation (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Figura 4.2 – Valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern ewlenin tar-RPT fl-Istati Membri magħżula



Sors: il-QEA.

4.13. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni indirizzata lin-Netherlands fir-Rapport Annwali 2020 tagħna, eżaminajna l-progress li sar biex jiġu riżolti dgħufijiet fis-sistemi tal-IT li laqtu l-affidabbiltà tar-rapporti dwar ir-RPT. Nilqgħu l-isforzi sinifikanti li saru mill-awtoritajiet doganali Netherlandiżi biex jimplimentaw sistema tal-IT modernizzata li tippermetti l-kumpilazzjoni awtomatizzata tar-rapporti. Madankollu, nosservaw li s-sistema l-ġdida ġiet implimentata f'Diċembru 2022 u li l-ewwel tliet xhur tal-2023 tqiesu bħala perjodu tranżizzjonali, li matulu l-awtoritajiet nazzjonali wettqu aktar xogħol biex jikkonfermaw l-affidabbiltà tad-*data* kkumpilata. Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni rigward l-affidabbiltà tar-rapporti dwar ir-RPT Netherlandiżi kienet ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti biss sad-data ta' skadenza ta' tmiem l-2022 (ara l-***Anness 4.3***).

Dewmien fir-rivalutazzjoni ta' każijiet ta' tħassir tad-djun doganali

4.14. Dejn doganali jista' jitħassar u jitneħħa mill-kontijiet tar-RPT tal-Istati Membri meta, wara perjodu speċifiku, l-ammonti juru li huma irrekuperabbli jew għal raġunijiet ta' force majeure jew inkella għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Qabel ma tħassar kwalunkwe dejn bħal dan li jkun

jaqbeż EUR 100 000, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta jekk teħlisx lill-Istati Membri mill-obbligu li jħallsu l-ammonti rilevanti lill-baġit tal-UE[12].

4.15. Eżaminajna l-każijiet pendenti ta' tħassir mill-Istati Membri u li jammontaw għal EUR 177.5 miljun, li fihom il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet għadha ma ġietx iffinalizzata fi tmiem l-2022. Osservajna li 58 % ta' dawn il-każijiet(59 minn 101) kienu dovuti għal talbiet ta' rivalutazzjoni mill-Istati Membri li ma qablux mal-valutazzjoni inizjali li l-Kummissjoni kienet wettqet. Ir-risposta tal-Kummissjoni għal xi wħud minn dawn it-talbiet kienet ilha pendenti mill-2015. Fattur li kkontribwixxa għal dan kien li ma kien hemm l-ebda limitu ta' żmien regolatorju. Dan jista' jwassal għal każijiet li jkunu ilhom pendenti, u għal inċertezza fir-rigward tal-baġit tal-UE. Nosservaw li, wara Mejju 2022[13], ġie introdott limitu ta' żmien regolatorju ta' tliet xhur għal każijiet ta' tħassir li r-rivalutazzjoni tagħhom tkun intalbet mill-Istati Membri fi żmien sitt xhur mill-valutazzjoni inizjali.

Tnaqqis limitat fl-għadd ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tar-RPT, u dgħufijiet persistenti fil-ġestjoni tagħhom

4.16. Il-***Figura 4.3*** turi l-proċess li l-Kummissjoni tuża biex tivverifika l-kalkolu tar-RPT u tal-bażijiet tal-VAT tagħhom imwettaq mill-Istati Membri. Eżaminajna dan il-proċess u pprovdejna stampa ġenerali, fi tmiem l-2022, tar-riżervi pendenti u l-punti miftuħa stabbiliti mill-Kummissjoni għad-dgħufijiet li nqabdu (ara l-***Anness 4.2***). Meta mqabbel mas-sena l-oħra, l-għadd ta' *riżervi tal-VAT* naqas kemxejn minn 82 għal 81 (1 %) u l-għadd ta' *punti miftuħa tar-RPT* naqas minn 304 għal 283 (7 %). Fl-2022, il-Kummissjoni neħħiet 30 % tar-riżervi tal-VAT (25 minn 82) u 27 % tal-punti miftuħa tar-RPT (81 minn 304) mill-għadd fil-bidu tas-sena.

[12] L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

[13] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2022/615 li jintroduċi l-Artikolu 13b.

Figura 4.3 – Il-proċess ta' verifikazzjoni tal-bażijiet tal-VAT u r-RPT tal-Istati Membri



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

4.17. Osservajna progress limitat fir-riżoluzzjoni tar-riżervi tal-VAT li jkunu ilhom pendenti u li jibqgħu miftuħa għal aktar minn ħames snin. Fl-2022, il-Kummissjoni kienet kapaċi tneħħi riżerva waħda biss li kienet ilha pendenti, filwaqt li 14 baqgħu miftuħa fi tmiem is-sena. Is-sena l-oħra[14], ħriġna r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni ttejjeb il-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT.

4.18. Fl-2022, il-Kummissjoni introduċiet dati ta' skadenza interni għax-xogħol ta' segwitu tagħha dwar il-punti miftuħa tar-RPT. Madankollu, osservajna dewmien persistenti fil-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Billi l-punti miftuħa għadhom mhumiex prijoritizzati skont is-sinifikat, inżommu l-valutazzjoni tas-sena l-oħra, li kienet li r-rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 rigward il-ħtieġa li tittejjeb il-ġestjoni tal-punti tar-RPT ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti[15].

[14] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 3.16 u r-Rakkomandazzjoni 3.2.

[15] *Ibid.*, il-paragrafu 3.17 u l-Anness 3.3.

Nuqqasijiet fil-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT

4.19. Erbgħa mir-riżervi tal-VAT li ilhom pendenti jirrigwardaw nuqqasijiet fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Sibna li waħda minnhom hija marbut mat-tnedija mill-Kummissjoni ta' *proċedura ta' ksur* kontra Stat Membru fl-2009 minħabba li naqas milli japplika d-Direttiva tal-VAT għat-tranżazzjonijiet ta' korpi pubbliċi u privati[16]. Il-Kummissjoni ma segwietx il-passi kollha tal-proċedura ta' ksur, u lanqas ma ħadet xi azzjoni oħra f'waqtha biex tirriżolvi n-nuqqas ta' konformità mingħajr il-ħtieġa ta' infurzar. L-Istat Membru ma adottax l-emenda leġiżlattiva meħtieġa biex jikkonforma mad-dritt tal-UE sa Diċembru 2021, b'effett minn Jannar 2024. Ikunu għaddew 15-il sena minn meta l-Istat Membru jikkonforma mad-Direttiva tal-UE. F'April 2023, wara spezzjoni f'dan l-Istat Membru, il-Kummissjoni vvalutat li n-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-UE ma kellu l-ebda impatt finanzjarju.

4.20. Eżaminajna riżerva oħra, li kienet tikkonċerna l-applikazzjoni skorretta tad-Direttiva tal-VAT minn Stat Membru fir-rigward ta' skema speċjali tal-VAT għall-aġenti tal-ivvjaġġar[17]. Sibna li kien hemm indikazzjonijiet li 13-il Stat Membru ma kinux implimentaw l-iskema inkwistjoni skont id-dritt tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni ma stabbilietx riżervi għall-Istati Membri l-oħra kkonċernati biex tivvaluta jekk kinux qed jiksru d-dritt tal-UE. Id-dewmien fl-istabbiliment tar-riżervi jżid ir-riskju ta' preskrizzjoni u jista' jirriżulta fil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet skorretti fil-baġit tal-UE.

Ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* tal-ING jiġu koperti sew b'mod ġenerali, iżda hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet

4.21. Fir-Rapport Speċjali tagħna tal-2022[18] dwar iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2016-2019 magħluq, ikkonkludejna li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kienet effettiva biex tidentifika problemi b'riskju għoli fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali fl-Istati Membri iżda ma indirizzathomx kollha b'mod f'waqtu. Sibna li l-Kummissjoni vverifikat ħafna problemi li wrew li kellhom impatt baxx fuq l-ING, u li kien hemm

---

[16] L-Artikoli 2, 9(1), 13 u 132 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva tal-VAT).

[17] L-Artikoli 306(1) u 308 tad-Direttiva tal-VAT.

[18] Ir-Rapport Speċjali 25/2022.

ineffiċjenzi b'rabta mal-għodod li hija użat biex tiddokumenta l-verifikazzjonijiet li twettaq.

Progress fl-indirizzar u t-tneħħija tar-riżervi tal-ING, iżda ġie osservat xi dewmien

4.22. Sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni kienet neħħiet 60 % tar-riżervi tal-ING speċifiċi għat-tranżazzjoni (96 minn 160) u 47 % tar-*riżervi trażversali* tal-ING (66 minn 140) stabbiliti b'riżultat taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni 2016-2019 (ara l-***Anness 4.2***). L-analiżi li wettaqna tar-*riżervi tal-ING* li kienu pendenti fi tmiem l-2022 uriet li l-Istati Membri kienu ppreżentaw l-informazzjoni rilevanti li tindirizza 21 riżerva speċifika għat-tranżazzjoni u 8 riżervi trażversali sad-data ta' skadenza ta' Settembru 2021. Madankollu, il-Kummissjoni ma laħqitx l-objettiv intern tagħha li tneħħi dawn ir-riżervi fi żmien sena minn meta tirċievi l-informazzjoni li kellha tivvaluta. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, dan kien minħabba l-ħtieġa li jinkisbu aktar kjarifiki mingħand il-pajjiżi kkonċernati u li jitwettaq xogħol addizzjonali. Osservajna wkoll li, sa tmiem l-2022, seba' Stati Membri[19] jew ma kinux indirizzaw ir-riżervi tal-ING jew inkella kienu indirizzawhom parzjalment biss, u li d-data ta' skadenza biex dan isir kienet diġà skadiet. Id-dewmien fl-indirizzar u t-tneħħija tar-riżervi tal-ING iżid l-inċertezza baġitarja fil-baġits nazzjonali u tal-UE fir-rigward tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING.

4.23. Il-Kummissjoni kompliet xogħolha dwar iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020-2024 billi wettqet valutazzjoni tar-riskju rigward il-kumpilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali, wettqet verifiki fl-uffiċċju fuq l-*inventarji tal-ING*, li jiddeskrivu l-proċeduri tal-Istati Membri għall-kumpilazzjoni tad-*data* statistika, iffinalizzat l-ewwel tqabbil bejn il-pajjiżi, u għamlet żjarat ta' informazzjoni lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika. Sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni kienet neħħiet ir-riżervi ġenerali tal-ING[20] għal erba' Stati Membri[21], li kienu damu biex jippreżentaw l-inventarji tagħhom lill-Kummissjoni, u żammet waħda miftuħa għal Malta, li ppreżentat l-inventarju tagħha tard ħafna, jiġifieri f'Diċembru 2022.

---

[19] Il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta u r-Rumanija.

[20] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 3.18.

[21] Il-Greċja, il-Kroazja, il-Lussemburgu u r-Rumanija.

Aktar dewmien fl-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni biex titjieb il-ġestjoni tar-riskju tar-RPT u jonqos in-nuqqas doganali

4.24. Is-sena l-oħra[22], irrieżaminajna l-implimentazzjoni kumplessiva tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni u rrappurtajna li kien hemm progress insuffiċjenti f'għadd ta' azzjonijiet. Fl-2022, eżaminajna f'aktar dettall l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet magħżula li kienu ppjanati biex isaħħu l-kapaċità tal-analiżi tad-*data* dwar l-importazzjonijiet fil-livell tal-UE, jirrevedu l-istrateġija ta' ġestjoni tar-riskju doganali, u jagħmlu bidliet leġiżlattivi biex jindirizzaw ir-riskju doganali relatat mal-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku. Xogħolna żvela aktar dewmien.

4.25. Il-Kummissjoni għamlet xi progress fl-iżvilupp ta' ħames proġetti ta' analiżi tad-*data* li jkunu jsaħħu l-kapaċità ta' valutazzjoni tar-riskju doganali fil-livell tal-UE iżda kienet iffinalizzat biss wieħed minnhom, u kkondividiet ir-riżultati relatati mal-Istati Membri, sa tmiem l-2022. Fit-tliet Stati Membri li awditjajna għar-RPT (ara l-paragrafu ***4.9***), l-għodda għall-analiżi tad-*data* inkwistjoni ma ntużatx fil-prattika minħabba li l-awtoritajiet doganali qiesu li s-sistemi nazzjonali tagħhom kienu aktar adatti għall-iskopijiet ta' ġestjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni ma laħqitx l-istadju importanti intern tagħha li timplimenta l-ħames proġetti kollha ta' analiżi tad-*data* sa tmiem l-2022. Issa hija tippjana li tikkompleta erbgħa minnhom sa tmiem l-2023, li hija d-data ta' skadenza sa meta rrakkomandajna, preċedentement, li tinbena kapaċità sħiħa ta' analiżi u ta' koordinazzjoni[23]. Il-***Kaxxa 4.3*** tiddeskrivi eżempji ta' sfidi fix-xogħol li jifdal dwar l-analiżi tad-*data* doganali fil-livell tal-UE li identifikajna.

---

[22] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 3.13.

[23] Ir-Rapport Speċjali 04/2021, ir-Rakkomandazzjoni 2.

Kaxxa 4.3

Eżempji tal-isfidi involuti fil-finalizzazzjoni ta' proġetti ta' analiżi tad-*data* doganali fil-livell tal-UE

- Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda ppjanar ta' proġetti formalizzat biex twettaq l-erba' proġetti ta' analiżi tad-*data* li jifdal, u b'hekk jiżdied ir-riskju li r-riżultati intenzjonati ma jinkisbux sa tmiem l-2023.
- Il-limitazzjonijiet li jeżistu fil-kunfidenzjalità u fil-kondiviżjoni tad-*data* għadhom ma ġewx riżolti, u dan jista' jillimita l-utilità tal-għodod u tar-riżultati tal-analiżi tad-*data*.
- Għadha ma tistax tinkiseb kapaċità sħiħa tal-analiżi tad-*data*, minħabba d-dewmien ta' xi Stati Membri biex jaġġornaw is-sistemi tal-IT tagħhom u jirrappurtaw id-*data* meħtieġa lill-Kummissjoni[24].

4.26. Il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva għal riforma doganali sinifikanti [25] f'Mejju 2023 bl-għan li ttejjeb il-funzjonament tal-unjoni doganali. L-istabbiliment tal-istrateġija l-ġdida għall-ġestjoni tar-riskju doganali ġie diferit mit-tielet trimestru tal-2022 sakemm ġiet adottata l-emenda għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk kompliet issegwi l-istrateġija tagħha tal-2014, li r-rapport ta' implimentazzjoni finali tagħha ġie ppreżentat lill-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-2021. Dan ifisser li mhuwa previst l-ebda rappurtar ulterjuri dwar l-implimentazzjoni mill-2022 'il quddiem sakemm l-istrateġija l-ġdida tiġi approvata.

4.27. Il-qafas legali attwali għall-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku ma jippermettix lill-Istati Membri jwettqu analiżi tar-riskju komprensiva, billi l-informazzjoni disponibbli mhijiex suffiċjenti, u dan iħalli impatt fuq l-*effettività* tal-kontrolli doganali. Għalkemm id-dikjarazzjoni l-ġdida dwar il-kummerċ elettroniku introdotta f'Lulju 2021 tipprovdi informazzjoni addizzjonali, l-Istati Membri li żorna għall-awditi tar-RPT indikaw li l-kompletezza, il-kwalità u l-kredibbiltà tagħha għall-analiżi tar-riskju huma limitati, u tkun meħtieġa *data* alternattiva jew komplementari dwar il-merkanzija importata. Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni[26] (ara l-paragrafu ***4.26***) għandha l-għan li tindirizza dawn il-problemi. Madankollu, bħalissa, il-

[24] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/237 tat deroga mid-data ta' skadenza ta' tmiem l-2022 u posponiment sa tmiem l-2023 tal-implimentazzjoni sħiħa tas-sistemi tal-IT doganali f'16-il Stat Membru.

[25] Il-proposta tal-Kummissjoni għal riforma doganali tal-UE, COM(2023) 258.

[26] *Ibid*.

Kummissjoni għadha ma adottat l-ebda gwida għall-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji finanzjarji li jeżistu u li huma assoċjati mal-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku.

4.28. Osservajna wkoll li, għalkemm kien skedat li jiġi kkompletat sad-data ta' skadenza estiża tat-tieni trimestru tal-2022, il-Kummissjoni għadha ma vvalutatx l-impatt tar-riskji li jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku fuq il-ġbir tad-dazji doganali. Fir-rapport tiegħu tal-2022[27], il-Grupp ta' Persuni Għorrief ikkonkluda li d-*data* disponibbli dwar l-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku ma tippermettix li ssir stima tan-nuqqas fid-dħul miġbur mill-awtoritajiet doganali nazzjonali.

[27] Ir-Rapport mill-Grupp ta' Persuni Għorrief: "Putting more union in the European Customs: Ten proposals to make the EU Customs Union fit for a Geopolitical Europe", Brussels, Marzu 2022.

Rapporti annwali tal-attività

4.29. L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2022 ippubblikati mid-DĠ BUDG u mill-Eurostat kienet tikkorrobora b'mod ġenerali s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna.

4.30. Id-DĠ BUDG neħħa r-*riżerva* li l-ammonti tar-RPT li ġew ittrasferiti għall-baġit tal-UE mhumiex preċiżi minħabba s-sottovalwazzjoni ta' tessuti u żraben importati miċ-Ċina matul il-perjodu mill-2011 sal-2017. Ir-riżerva ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2016, meta kien ġie kkwantifikat it-telf tar-RPT attribwibbli għar-Renju Unit, u mbagħad ġiet estiża għal Stati Membri oħra fl-2018, mingħajr kwantifikazzjoni.

4.31. Abbażi tad-deċiżjoni finali tal-QĠUE tat-8 ta' Marzu 2022[28] dwar il-kawża ta' ksur tal-Kummissjoni kontra r-Renju Unit, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid it-telf tar-RPT lill-baġit tal-UE, li ammonta għal EUR 1.4 biljun f'kapital u EUR 1.5 biljun oħra fi mgħax. Ir-Renju Unit ħallas l-ammonti dovuti[29]. Fl-2023, id-DĠ BUDG biħsiebu jikkalkula mill-ġdid it-telf tar-RPT attribwibbli għall-Istati Membri kollha billi juża l-istess approċċ li ġie applikat għar-Renju Unit wara s-Sentenza tal-QĠUE msemmija hawn fuq.

[28] Is-sentenza fil-Kawża C-213/19 *Il-Kummissjoni* vs *ir-Renju Unit*.

[29] Ir-Renju Unit ħallas EUR 0.7 biljun ta' kapital fl-2022, u l-ammonti li jifdal fl-2023.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

4.32. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fit-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul li eżaminajna kienu b'mod ġenerali effettivi. Madankollu, xi whud mill-kontrolli interni ewlenin tar-RPT li vvalutajna f'ċerti Stati Membri, il-ġestjoni ta' każijiet ta' tħassir tar-RPT, kif ukoll il-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-RPT fil-Kummissjoni kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafi ***4.9***-***4.12*** u ***4.16***-***4.20***).

4.33. Kif iddikjarajna fir-rapport speċjali reċenti tagħna dwar l-ING, ir-riskji fil-kumpilazzjoni tad-*data* kienu koperti sew b'mod ġenerali mill-verifikazzjoni li twettqet mill-Kummissjoni iżda kien hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet tagħha (ara l-paragrafu ***4.21***). Ir-rapport speċjali stabbilixxa rakkomandazzjonijiet għal titjib fiċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING li jibda fl-2025.

4.34. Sibna wkoll li kien hemm aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet magħżula fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi ***4.24***-***4.28***) li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fin-nuqqas doganali. Din id-dgħufija ma tolqotx l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul, billi ma tikkonċernax it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet iżda pjuttost ir-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti.

Rakkomandazzjonijiet

4.35. L-***Anness 4.3*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 tagħna. Il-Kummissjoni implimentat rakkomandazzjoni waħda f'xi whud mill-aspetti, filwaqt li l-oħra ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

4.36. Wettaqna segwitu wkoll għal rakkomandazzjoni waħda indirizzata lin-Netherlands fir-Rapport Annwali 2020 li kienet immirata biex tiġi implimentata sa tmiem l-2022, u rakkomandazzjoni waħda fir-Rapport Annwali 2021 li kienet immirata biex tiġi implimentata b'konformità mad-dati ta' skadenza stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali. Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet ġew implimentati f'xi whud mill-aspetti.

4.37. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2022, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 4.1 – Ittejjeb il-ġestjoni ta' każijiet relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT

Tirrieżamina l-proċeduri tagħha għall-ġestjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT li jista' jkollhom impatt fuq il-baġit tal-UE billi:

(a) timmonitorja l-iskedi ta' żmien sistematikament għad-diversi passi kemm tal-proċedura ta' ksur kif ukoll ta' azzjonijiet ta' infurzar oħra li huma intenzjonati li jirriżolvu n-nuqqas ta' konformità, u tieħu azzjoni f'waqtha biex tevita dewmien eċċessiv;

(b) tivvaluta jekk in-nuqqas ta' konformità li jolqot ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT li ġie identifikat fi Stat Membru wieħed huwiex trażversali min-natura tiegħu u jafx għalhekk japplika għal Stati Membri oħra;

(c) tieħu azzjoni f'waqtha, u possibbilment tistabbilixxi riżervi trażversali li jiżguraw il-pagament korrett tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq il-VAT għall-baġit tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2024

Rakkomandazzjoni 4.2 – Tikkonkludi r-rivalutazzjoni ta' każijiet ta' tħassir tar-RPT li mhumiex suġġetti għal limiti ta' żmien regolatorji

Tikkonkludi, mingħajr dewmien, ir-rivalutazzjoni ta' talbiet li waslu mingħand l-Istati Membri (qabel Mejju 2022 li mhumiex suġġetti għal limiti regolatorji) li jesprimu nuqqas ta' qbil mal-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni rigward każijiet ta' tħassir tar-RPT.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2024

Annessi

Anness 4.1 – Il-proċess ta' tfassil tar-rapporti dwar ir-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet tal-UE u fil-baġit tagħha



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni u r-regoli attwali tal-UE.

Anness 4.2 – Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tar-RPT, li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2022, skont l-Istat Membru



	Punti miftuħa tar-RPT	Riżervi tal-VAT	Speċifiċi għat-tranżazzjoni	Trażversali
TOTAL fil-31.12.2022	283	81	64	74
TOTAL fil-31.12.2021	304	82	121	140

← **Riżervi tal-ING** →

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness 4.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Dħul”

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2019	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** tipprovdi lill-Istati Membri appoġġ regolari fl-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta’ wara r-rilaxx billi: (a) tiġbor u tanalizza d-*data* rilevanti dwar l-importazzjonijiet fil-livell tal-UE, u tikkondividi r-riżultati tal-analiżi tagħha mal-Istati Membri (sa tmiem l-2021); (b) ladarba s-sistema Sorveljanza III tkun operazzjonali, tipprovdi gwida dwar kif għandha titwettaq l-analiżi tad-*data* fi ħdan din is-sistema l-ġdida (sa Ġunju 2023).		Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 1a), il-Kummissjoni għadha ma pprovdietx lill-Istati Membri appoġġ fl-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi fil-livell tal-UE għall-awditi ta’ wara r-rilaxx billi tiġbor u tanalizza *data* dwar l-importazzjonijiet, u billi tikkondividi r-riżultati tal-analiżi tagħha mal-awtoritajiet doganali nazzjonali. Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 1b), il-Kummissjoni ma pprovdietx gwida dwar l-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta’ wara r-rilaxx, billi d-*data* sħiħa ta’ Sorveljanza III għadha mhijiex disponibbli mingħand l-Istati Membri kollha.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2:** sa tmiem l-2021, tirrevedi l-proċeduri tagħha billi: (a) tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ ta' punti miftuħa tar-RPT abbażi ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi li jikklassifikaw in-nuqqasijiet li nqabdu fl-Istati Membri f'ordni ta' prijorità; (b) tistabbilixxi dati ta' skadenza għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet, u għal azzjonijiet ta' segwitu, inkluż il-kalkolu tal-imgħax ta' inadempjenza u l-irkupru ta' ammonti li għandhom isiru disponibbli għall-baġit tal-UE.		Ara l-paragrafu ***4.18***.
2020	Nirrakkomandaw li n-Netherlands: **Rakkomandazzjoni 3:** jiżguraw li r-rapporti annwali u ta' kull tliet xhur dwar ir-RPT tagħhom ikunu affidabbli billi jsolvu d-dgħufijiet attwali fis-sistema tal-IT doganali tagħhom rigward in-nuqqas ta' rendikont tal-entrati, ir-riskju ta' entrati doppji, u l-allokazzjoni skorretta tal-pagamenti parzjali (sa tmiem l-2022).		F'Diċembru 2022, il-proċess il-ġdid ta' kumpilazzjoni awtomatizzata kien qed jintuża għar-rapporti dwar id-dazji miġbura u indirizza l-biċċa l-kbira mid-dgħufijiet li konna identifikajna qabel. Madankollu, l-ewwel rapport dwar id-dazji doganali li ġew stabbiliti iżda li għadhom ma nġabrux ma ġiex ikkumpilat bl-użu tas-sistema l-ġdida qabel l-2023. Ara l-paragrafu ***4.13***.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3:** ittejjeb il-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji għar-RPT billi timplimenta l-miżuri rilevanti tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tagħha f'waqthom (sad-dati ta' skadenza stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali).		Ara l-paragrafu ***4.34***.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 5

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	5.1. - 5.6.
Deskrizzjoni qasira	5.2. - 5.5.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	5.6.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	5.7. - 5.24.
Fin-nefqa fuq ir-riċerka, il-kostijiet għall-persunal jibqgħu dawk l-aktar milquta minn żball	5.13. - 5.20.
Kalkolu skorrett tar-rati ta' kull siegħa	5.14. - 5.16.
Dgħufijiet fir-rappurtar tal-ħin	5.17.
Ksur tar-regola tal-limitu massimu doppju	5.18. - 5.19.
Żbalji oħra fil-kostijiet għall-persunal	5.20.
Sottokuntrattar ineliġibbli u *kostijiet diretti* oħra	5.21. - 5.23.
Parteċipanti ġodda u *Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs)* huma aktar suxxettibbli għal żbalji	5.24.
Rieżaminar tal-proċeduri tal-Kummissjoni għall-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa fil-qasam tar-riċerka	5.25. - 5.32.
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	5.33. - 5.39.
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	5.40. - 5.44.
Konklużjoni	5.40. - 5.42.
Rakkomandazzjonijiet	5.43. - 5.44.
Annessi	
Anness 5.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali"	

Introduzzjoni

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" tal-QFP (QFP1). Il-***Figura 5.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2022.

Figura 5.1 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali
EUR 25.2 biljun (12.9 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE)



(EUR biljun)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti

Pagamenti tal-2022 – total 25.2



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 – total 17.3



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Deskrizzjoni qasira

5.2. Il-*programmi* ffinanzjati taħt "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" huma diversi u għandhom l-għan li jiffinanzjaw proġetti li jikkontribwixxu għal, fost oħrajn, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp tan-*networks trans-Ewropej tat-trasport*, il-komunikazzjoni, l-enerġija, it-trasformazzjoni diġitali u s-suq uniku, kif ukoll il-politika dwar l-ispazju.

5.3. Il-programm prinċipali għar-riċerka u l-innovazzjoni jibqa' *Orizzont 2020*[1], billi s-suċċessur tiegħu, *Orizzont Ewropa*[2], għadu jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2022. L-2022 kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-programm qafas Orizzont Ewropa, li l-bidu tiegħu kien iddewwem minħabba li r-regolament ġie adottat aktar tard milli ppjanat. Madankollu, kien hemm irkupru sinifikanti, b'5 059 ftehim ta' *għotja* u 2 ftehimiet qafas li ġew iffirmati sa tmiem l-2022, għalkemm il-maġġoranza tal-pagamenti li saru kienu jikkostitwixxu prefinanzjamenti.

5.4. Il-QFP1 jiffinanzja wkoll proġetti ta' infrastruttura kbar bħall-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)*, il-programmi spazjali, bħal Galileo (is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE), EGNOS (is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja), u Copernicus, li huwa l-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja. Jinkludi wkoll il-Fond *InvestEU*, li, flimkien ma' Orizzont Ewropa, jibbenefika minn finanzjament addizzjonali mingħand in-NextGenerationEU (NGEU).

5.5. Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq dawn il-programmi jiġi mmaniġġjat b'mod dirett mill-Kummissjoni, inkluż permezz ta' *aġenziji eżekuttivi*, u jieħu l-għamla ta' għotjiet lil benefiċjarji pubbliċi jew privati li jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni tipprovdi prefinanzjamenti lill-benefiċjarji mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja, u aktar tard tirrimborża l-kostijiet iffinanzjati mill-UE, mingħajr ma tinkludi l-prefinanzjamenti. Il-programmi spazjali jiġu ġeneralment immaniġġjati b'mod indirett fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' delega u ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati bejn il-Kummissjoni u korpi ta' implimentazzjoni ddedikati (bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali). Strumenti finanzjarji taħt InvestEU jiġu implimentati prinċipalment mill-BEI jew mill-FEI, li min-naħa tagħhom jużaw intermedjarji finanzjarji.

---

[1] Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

[2] Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2021-2027.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

5.6. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2022:

(a) *kampjun statistikament rappreżentattiv* ta' 127 *tranżazzjoni*, li jkopri l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti fi 92 tranżazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (91 għal Orizzont 2020 u wieħed għal Orizzont Ewropa) u 35 tranżazzjoni taħt programmi u attivitajiet oħra, notevolment il-FNE, strumenti finanzjarji oħra, u programmi spazjali. Il-benefiċjarji awditjati kienu bbażati fi 17-il Stat Membru u f'6 pajjiżi mhux tal-UE. Ħadna kont ukoll tar-riżultati tal-awditi annwali li wettaqna tal-aġenziji u l-*impriżi konġunti*. L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' *żball* għal din l-intestatura tal-QFP u b'hekk nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*;

(b) il-proċeduri u l-gwida tal-Kummissjoni għal għotjiet iffinanzjati b'*somom f'daqqa* fil-qasam tar-riċerka;

(c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li ngħatat fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) u tad-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS), u li mbagħad ġiet inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

5.7. Mill-127 tranżazzjoni li eżaminajna, 43 (34 %) kien fihom żbalji. Abbażi tas-36 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2.7 %[3] (ara l-***Figura 5.2***). Il-***Figura 5.3*** tagħti diżaggregazzjoni tal-*livell ta' żball stmat* minna għall-2022 skont it-tip ta' żball, b'distinzjoni bejn ir-riċerka u tranżazzjonijiet oħra. Il-***Figura 5.4*** turi l-għadd ta' tranżazzjonijiet awditjati u l-għadd ta' żbalji li nstabu f'dawn l-aħħar ħames snin.

Figura 5.2 – *Impatt* stmat ta' żbalji *kwantifikabbli*



Sors: il-QEA.

[3] Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1.1 % u 4.3 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

Figura 5.3 – Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

Figura 5.4 – Tranżazzjonijiet li kienu milquta minn żball fil-perjodu 2018-2022



Sors: il-QEA.

5.8. Fir-rigward ta' Orizzont 2020, preċedentement irrappurtajna dwar titjib fit-tfassil tal-programmi u fl-istrateġija ta' kontroll tal-Kummissjoni[4]. Ċerti simplifikazzjonijiet, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' rata fissa għall-*kostijiet indiretti*, naqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u għandhom il-potenzjal li jnaqqsu r-riskju ta' żball. Madankollu, l-awditu li wettaqna juri li r-rata ta' żball kumplessiva għadha ma tnaqqsitx għal taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.

5.9. L-infiq taħt Orizzont 2020 jibqa' b'riskju għoli u huwa s-sors prinċipali tal-iżbalji li naqbdu. Sibna *żbalji kwantifikabbli* relatati ma' kostijiet ineliġibbli f'35 mit-92 tranżazzjoni li kkampjunajna fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jirrappreżenta 98 % tal-livell ta' żball stmat minna għal din l-intestatura fl-2022.

5.10. Fil-każ ta' programmi u attivitajiet oħra, qbadna żball kwantifikabbli f'1 mill-35 tranżazzjoni li kkampjunajna. Dan kien jikkonċerna *irregolarità* fil-proċedura ta' akkwist ta' proġett tal-FNE.

5.11. Il-Kummissjoni kienet applikat miżuri korrettivi li laqtu direttament tmienja mit-tranżazzjonijiet li kkampjunajna. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0.1 punt perċentwali. F'ħames każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti mill-Kummissjoni naqsu milli jipprevienu, jew milli jaqbdu u jikkoreġu, l-iżball qabel ma ġiet aċċettata n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni, jew l-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji (ara l-paragrafu ***5.12***), għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'0.2 punt perċentwali.

5.12. Fir-rigward tan-nefqa fuq ir-riċerka, element wieħed tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni huwa ċ-ċertifikat dwar ir-rapporti finanzjarji (CFS) maħruġ mill-awdituri li jkunu ġew ikkuntrattati mill-benefiċjarji. Dawn iċ-ċertifikati huma maħsuba biex jgħinu lill-Kummissjoni tivverifika jekk il-kostijiet iddikjarati fir-rapporti finanzjarji humiex eliġibbli. F'rapporti annwali preċedenti rrappurtajna ripetutament dgħufijiet f'dawn iċ-ċertifikati[5]. L-awdituri li ħejjew is-CFSs naqsu milli jaqbdu l-problemi li

---

[4] Ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.13, ir-Rapport Speċjali 28/2018: "Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib".

[5] Ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.15, ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.10, ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 4.11 u r-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 4.11.

rrappurtajna fil-ħames każijiet imsemmija hawn fuq. Minkejja dan, fl-aħħar mill-aħħar il-Kummissjoni hija responsabbli għall-operat ta' tali kontrolli.

Fin-nefqa fuq ir-riċerka, il-kostijiet għall-persunal jibqgħu dawk l-aktar milquta minn żball

5.13. Ir-regoli għad-dikjarazzjoni tal-kostijiet għall-persunal taħt H2020 għadhom kumplessi, minkejja li saru sforzi għas-simplifikazzjoni, u l-kalkolu tagħhom jibqa' sors prinċipali ta' żball fit-talbiet dwar il-kostijiet. Kif irrappurtajna fir-rapporti annwali preċedenti tagħna[6], il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet għall-persunal saret aktar kumplessa f'xi wħud mill-aspetti taħt H2020 (ara l-paragrafi ***5.14***, ***5.15***, ***5.16***), u dan żied ir-riskju ta' żball. Mill-35 tranżazzjoni milquta minn żbalji kwantifikabbli fil-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet fil-qasam tar-riċerka, 25, jiġifieri madwar 71 %, kienu milquta mill-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet għall-persunal.

Kalkolu skorrett tar-rati ta' kull siegħa

5.14. Kif indikajna f'rapporti annwali preċedenti[7], ir-regola li tirrikjedi l-użu tar-rata annwali ta' kull siegħa, ikkalkulata għas-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement, jaf twassal għal żbalji. Għal darba oħra, sibna evidenza ta' dan fl-2022.

5.15. Il-kalkolu skorrett tal-kostijiet għall-persunal wara t-tnaqqis fix-xejriet tal-ħin tax-xogħol li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 irriżulta fid-dikjarazzjoni ta' kostijiet għall-persunal li kienu ineliġibbli. F'diversi Stati Membri, ġew implimentati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex jiġu protetti l-impjiegi f'kumpaniji li kienu qed jesperjenzaw diffikultà ekonomika. Ħafna negozji għamlu użu minn dawn l-iskemi, li taħthom l-impjegati ħadmu inqas sigħat u parti mis-salarju tagħhom ġie rrimborżat mill-Istat. Fil-kalkoli tagħhom tal-kostijiet għall-persunal, il-benefiċjarji mhux dejjem irriflettew b'mod xieraq it-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol u/jew ir-rimborż li rċevew mingħand l-Istat.

---

[6] Ir-Rapport Annwali 2017, il-paragrafu 5.34, ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.16, ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.11, ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 4.13 u r-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 4.12.

[7] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 4.15, ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 4.14, u r-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.12.

5.16. Sibna wkoll li ntużaw rati ta' kull siegħa skorretti b'riżultat tal-fatt li bonusijiet ineliġibbli ttieħdu inkunsiderazzjoni.

Dgħufijiet fir-rappurtar tal-ħin

5.17. Minbarra l-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet għall-persunal, identifikajna 10 każijiet fejn defiċjenzi fir-reġistrazzjoni tal-ħin irriżultaw fid-dikjarazzjoni ta' kostijiet għall-persunal li kienu ineliġibbli. Dawn kienu jikkonċernaw prinċipalment sigħat li kienu ġew iddikjarati matul assenzi, btajjel pubbliċi u tmiem il-ġimgħa, kif ukoll sigħat li kienu ġew irreġistrati b'mod skorrett, jew li ma kinux sostnuti minn skedi bil-ħinijiet tax-xogħol jew minn reġistri oħra tal-ħinijiet.

Ksur tar-regola tal-limitu massimu doppju

5.18. Din ir-regola tal-limitu massimu doppju tistipula li l-għadd totali ta' sigħat iddikjarati għal persuna għal sena waħda ma jistax jaqbeż l-għadd ta' sigħat produttivi annwali użati biex tiġi kkalkulata r-rata ta' kull siegħa. Barra minn hekk, l-ammont totali tal-kostijiet għall-persunal li jiġu ddikjarati (għal rimborż bħala kostijiet reali) għal kwalunkwe persuna għas-sena partikolari ma jistax jaqbeż l-ammont totali tal-kostijiet għall-persunal irreġistrat fil-kontijiet *tal-benefiċjarju* għall-persuna kkonċernata għal dik l-istess sena.

5.19. Jekk ma jirrispettawx din ir-regola, il-benefiċjarji jaf jiddikjaraw u jiġu rrimborżati kostijiet għall-persunal li jkunu jaqbżu dawk li fil-fatt iġġarrbu f'sena partikolari, u b'hekk jiksru l-prinċipju ta' mingħajr skop ta' qligħ stabbilit fir-*Regolament Finanzjarju* tal-UE. Fil-***Kaxxa 5.1*** niddeskrivu eżempju bħal dan.

Kaxxa 5.1

Eżempju ta' ksur tar-regola tal-limitu massimu doppju

Fin-Netherlands, benefiċjarju ta' proġett taħt Orizzont 2020 kien ukoll ir-riċevitur ta' żewġ għotjiet mill-FEŻR li l-iskedi ta' żmien tagħhom kienu jikkoinċidu parzjalment ma' dawk tal-proġett taħt Orizzont 2020 li ġie awditjat. Xi whud mill-membri tal-persunal involuti fil-proġett taħt Orizzont 2020 kienu involuti wkoll fl-implimentazzjoni ta' wieħed mill-proġetti taħt il-FEŻR jew tat-tnejn li huma. Meta ddikjara l-kostijiet għall-persunal għall-proġett taħt Orizzont 2020 li ġie awditjat, il-benefiċjarju ma ħax kont tas-sigħat li kienu diġà ġew iddikjarati għall-proġetti taħt il-FEŻR u għalhekk, talab sinifikattivament aktar sigħat mill-massimu permess (1 720 siegħa jew *pro rata* korrispondenti għall-persuni li ma jaħdmux full time). Is-sigħat żejda (jiġifieri total ta' aktar minn 1 900 siegħa għal 6 membri tal-persunal) kienu ineliġibbli.

Żbalji oħra fil-kostijiet għall-persunal

5.20. Żbalji oħra fil-kostijiet għall-persunal kienu jinkludu d-dikjarazzjoni ta' xhur ineliġibbli fil-każ ta' persunal li jaħdem esklussivament fuq il-proġett (eż. xhur li ntalbu b'mod sħiħ minkejja li l-persunal kien ħadem inqas minn nofs il-ġranet tax-xogħol), it-talbiet ta' kostijiet għall-persunal għal persuni li ma kinux impjegati mill-benefiċjarju, u s-sottokuntrattar iddikjarat bħala kostijiet għall-persunal. Sibna wkoll kostijiet ineliġibbli relatati ma' tliet riċerkaturi li kienu qed jaħdmu fuq azzjoni ta' Skambju tal-Persunal għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Marie Skłodowska-Curie(MSCA-RISE), kif deskritt fil-***Kaxxa 5.2***.

Kaxxa 5.2

Eżempju ta' kostijiet ineliġibbli ddikjarati għal azzjoni ta' Skambju tal-Persunal għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Marie Skłodowska-Curie

Ir-regoli dwar l-azzjonijiet MSCA-RISE jistipulaw li l-kost eliġibbli huwa allowance supplimentari li trid tintuża esklussivament biex tappoġġa l-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tas-sussistenza ta' membru tal-persunal matul is-sekondar tiegħu. Is-salarji (jew ir-remunerazzjoni ekwivalenti) mhumiex kostijiet eliġibbli, u l-benefiċjarji huma mistennija li jkomplu jħallsu lill-persunal tagħhom matul is-sekondar barra mill-pajjiż.

Benefiċjarju li jieħu sehem fi proġett MSCA-RISE fil-Greċja ddikjara kostijiet tas-sekondar għal tliet riċerkaturi. Madankollu, il-kostijiet iddikjarati kienu jirrigwardaw remunerazzjoni mħallsa għax-xogħol li wettqu (jiġifieri l-ekwivalenti ta' salarju) u mhux mal-allowance supplimentari. Il-benefiċjarju ma setax jipprovdi evidenza li kien għamel pagamenti addizzjonali lir-riċerkaturi (b'żieda mar-remunerazzjoni mħallsa) biex ikopri l-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u/jew tas-sussistenza tagħhom, u b'hekk il-kostijiet tqiesu ineliġibbli.

Sottokuntrattar ineliġibbli u *kostijiet diretti* oħra

5.21. Meta meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-benefiċjarji jaf jixtru oġġetti, xogħlijiet jew servizzi, u jaġġudikaw sottokuntratti. Huma jeħtiġilhom jiżguraw l-aħjar valur għall-flus u jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess meta jagħmlu tali xiri u aġġudikazzjonijiet, u b'hekk jaderixxu mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà tal-kostijiet, jiġifieri l-kostijiet iridu jkunu raġonevoli u jikkonformaw mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Sibna diversi każijiet fejn il-benefiċjarji kienu naqsu milli juru li kienu konformi ma' din ir-regola. Eżempju huwa deskritt fil-***Kaxxa 5.3***.

Kaxxa 5.3

Eżempju ta' nuqqas ta' żgurar tal-aħjar valur għall-flus u ta' assenza ta' kunflitt ta' interess meta sottokuntratt jiġi aġġudikat

Il-benefiċjarju, li huwa entità pubblika fl-Iżvizzera, kien iddikjara b'mod espliċitu li ċerti partijiet mill-azzjoni kienu se jiġu sottokuntrattati u l-aħjar valur għall-flus kien se jiġi żgurat billi jintalbu u jitqabblu mill-inqas tliet offerti. Il-benefiċjarju, fl-aħħar nett, aġġudika s-sottokuntratt b'mod dirett u ddikjara li impriża waħda biss kellha l-privattiva għall-proċedura speċifika meħtieġa biex l-azzjoni tiġi implimentata. Madankollu, il-proċedura bi privattiva kienet ġiet ivvintata miż-żewġ mexxejja tal-proġetti li diġà kienu impjegati mill-benefiċjarju. Din il-proċedura skorretta rriżultat f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess li fiha l-benefiċjarju aġġudika l-kuntratt lil kumpanija mwaqqfa minn wieħed mill-mexxejja tal-proġetti, li kien ukoll membru tal-bord tad-diretturi. Ibbażat fuq dan, inqisu li l-kostijiet relatati huma ineliġibbli.

5.22. Kundizzjoni oħra li tirregola l-eliġibbiltà tal-kostijiet hija li dawn iridu jiġġarrbu b'rabta mal-azzjoni u jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha. Sibna okkażjonijiet fejn kien hemm kostijiet li ġew iddikjarati għal materjal konsumabbli li kien inxtara iżda li ma kienx intuża għall-proġett, tagħmir li kien intuża biss parzjalment għall-proġett iżda li ntalab b'mod sħiħ, u prototip li kien ġie żviluppat għal proġett differenti, kif ukoll kostijiet tal-ivvjaġġar li ma kellhomx għalfejn jiġġarrbu biex jiġi implimentat il-proġett.

5.23. *Żbalji* oħra li nstabu f'kategoriji oħra ta' kostijiet kienu jinkludu: kostijiet ta' tagħmir li kienu ineliġibbli minħabba l-kalkolu skorrett tad-deprezzament, id-dikjarazzjoni ta' VAT deduċibbli, oġġetti u servizzi fatturati internament li kienu ineliġibbli, kostijiet mhux imġarrba, dokumenti ta' sostenn neqsin u rati tal-kambju skorretti.

Parteċipanti ġodda u *Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs)* huma aktar suxxettibbli għal żbalji

5.24. Waħda mill-istrateġiji biex tingħata spinta lir-riċerka Ewropea hija li tiżdied il-parteċipazzjoni tas-settur privat, speċjalment minn parteċipanti ġodda u SMEs. L-SMEs kienu jirrappreżentaw 11 % tal-kampjun (14 minn 127 tranżazzjoni) iżda kienu jirrappreżentaw 29 % tar-rata ta' żball stmata. Barra minn hekk, l-iżbalji kwantifikabbli li nstabu fit-talbiet dwar il-kostijiet ta' tliet parteċipanti ġodda privati (li ħadu sehem fi proġett wieħed biss tal-UE) kienu jirrappreżentaw kważi nofs ir-rata ta' żball stmata. Dawn ir-riżultati jindikaw li l-SMEs u l-parteċipanti l-ġodda huma aktar suxxettibbli għal żbalji minn benefiċjarji oħra, kif ġie kkonfermat ukoll kemm mill-awditi mwettqa mill-Kummissjoni[8] kif ukoll fir-rapporti annwali preċedenti tagħna[9].

[8] Ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.16.

[9] Ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.19, ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.16, u r-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 4.20.

Rieżaminar tal-proċeduri tal-Kummissjoni għall-finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa fil-qasam tar-riċerka

5.25. Il-kunċett ta’ “somma f’daqqa unika” (li jkopri l-kostijiet eliġibbli kollha ta’ azzjoni) huwa ddefinit fir-Regolament Finanzjarju, li jirrikjedi li l-metodu użat biex jiġu ddeterminati l-ammonti ta’ somom f’daqqa individwali jrid jirrispetta l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. L-għotjiet iffinanzjati b’somom f’daqqa ntużaw fi proġett pilota mill-2018 sal-2020 taħt Orizzont 2020. L-għan ta’ dan it-tip ta’ finanzjament huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u konsegwentement ir-rata ta’ żball. Il-pagamenti ma għadhomx ibbażati fuq il-kostijiet imġarrba iżda fuq l-attivitajiet imwettqa (l-ikkompletar tal-pakketti ta’ ħidma), kif deskritt fil-ftehim ta’ għotja.

5.26. Ibbażat fuq l-ewwel snin tal-proġett pilota, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tipi kollha ta’ azzjonijiet taħt Orizzont Ewropa, fil-prinċipju, kienu adatti għal dan it-tip ta’ finanzjament, irrispettivament mill-kontenut jew mid-daqs tagħhom, u gradwalment introduċiet finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa. Din il-valutazzjoni kienet ibbażata prinċipalment fuq stħarriġiet minflok fuq evalwazzjoni sħiħa tal-proġett pilota li tkopri x-xerqien ta’ tali forom ta’ finanzjament f’termini tan-natura tal-azzjonijiet differenti jew il-programmi ta’ ħidma appoġġati, ir-riskju ta’ irregolaritajiet u *frodi*, u l-kostijiet tal-kontrolli.

5.27. Fi tmiem l-2022, l-għotjiet iffinanzjati b’somom f’daqqa taħt Orizzont Ewropa kienu jammontaw għal EUR 306 miljun, li jikkorrispondu għal 2 % tal-ammont totali ta’ għotjiet, u huwa ppjanat li l-għotjiet ta’ somom f’daqqa jiżdiedu għal EUR 1.86 biljun fl-2024. Dan se jikkorrispondi għal madwar 20 % tal-valur totali tal-għotjiet taħt Orizzont Ewropa (ara l-***Figura 5.5***).

Figura 5.5 – Evoluzzjoni tal-għotjiet iffinanzjati b'somom f'daqqa taħt Orizzont Ewropa fil-perjodu 2022-2024



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

5.28. Irrieżaminajna l-proċeduri u l-gwida tal-Kummissjoni dwar għotjiet iffinanzjati b'somom f'daqqa fil-qasam tar-riċerka billi eżaminajna d-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet ta' somom f'daqqa[10], speċjalment id-deċiżjoni dwar somom f'daqqa. Għażilna wkoll 10 għotjiet iffinanzjati b'somom f'daqqa, b'baġits li jvarjaw minn EUR 0.5 miljun sa EUR 11-il miljun, u eżaminajna l-proċedura użata biex jiġi ddeterminat il-baġit finali, b'fokus fuq il-valutazzjonijiet tal-evalwaturi esterni. L-għan kien li jiġi kkonfermat jekk il-baġit kienx ġie ddeterminat f'konformità kemm mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju dwar l-użu ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati[11], kif ukoll mad-deċiżjoni rispettiva tal-Kummissjoni, u jekk, b'riżultat ta' dan, il-kostijiet stmati kinux iġġustifikati.

5.29. Sibna li d-deċiżjoni dwar somom f'daqqa ma kienx fiha l-ġustifikazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 181(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tar-riskju ta' irregolaritajiet u frodi.

---

[10] Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-użu ta' kontribuzzjoni ta' somma f'daqqa taħt Orizzont Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "deċiżjoni dwar somom f'daqqa"), il-Programm ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2023-2024 u l-mudell ta' ftehim ta' għotja ta' somma f'daqqa.

[11] Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-Artikoli 181(4) u 183(4).

5.30. Pereżempju, ma hemm l-ebda regola speċifika li tirregola l-għotjiet ta' somom f'daqqa li jirrikjedu, matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-proġetti, konformità mar-regoli dwar l-akkwist. Id-deċiżjoni dwar somom f'daqqa ma kien fiha l-ebda informazzjoni dwar kontrolli u verifiki (bħal kontrolli *ex post*) fuq l-akkwist, minkejja li fir-rapport annwali tiegħu tal-2021 l-OLAF kien iddikjara li spiss investiga każijiet ta' frodi jew korruzzjoni fl-akkwist fi proċeduri ta' *akkwist pubbliku* li jinvolvu finanzjament mill-UE.

5.31. Fil-każ ta' proġetti li jibbenefikaw minn somom f'daqqa, l-implimentazzjoni xierqa ta' proġett hija l-unika kundizzjoni għall-pagament, u din tiġi vvalutata abbażi ta' pakketti ta' ħidma kkompletati. Filwaqt li l-ftehimiet ta' għotja jelenkaw l-objettivi, il-kompiti, ir-riżultati tanġibbli u l-istadji importanti għal kull pakkett ta' ħidma, huma ma jiddefinux liema minn dawn iridu jinkisbu bħala l-kundizzjoni għall-pagament. Il-Kummissjoni ma pprovdietx biżżejjed gwida dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-proġetti.

5.32. Matul ir-rieżaminar li wettaqna tal-10 proġetti magħżula li jibbenefikaw minn somom f'daqqa, sibna li l-gwida li l-Kummissjoni tat lill-evalwaturi esperti[12] ma tobbligahomx jużaw "parametri referenzjarji rilevanti" fil-valutazzjonijiet li jwettqu tal-baġits tal-proġetti, u dan huwa f'kuntrast ma' dak li huwa meħtieġ skont id-deċiżjoni dwar somom f'daqqa. Hemm ukoll dokumentazzjoni limitata li tappoġġa l-valutazzjonijiet imwettqa mill-esperti rigward il-baġits u kif l-istimi tal-baġit jikkonformaw mal-prinċipji tal-*ekonomija*, l-*effiċjenza* u l-*effettività* kif stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

[12] L-esperti jiġu kkuntrattati mill-Kummissjoni biex iwettqu l-evalwazzjoni tal-proposti għal għotjiet, inkluża l-valutazzjoni tal-baġit tagħhom.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

5.33. Ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) li eżaminajna[13] kienu jirriflettu l-informazzjoni disponibbli fid-DĠ rispettivi u, abbażi tagħha, taw valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja f'dak li jirrigwarda r-*regolarità* tat-tranżazzjonijiet ta' bażi relatati man-nefqa taħt il-QFP1.

5.34. Fir-rigward ta' Orizzont 2020, id-DĠ RTD irrapporta rata ta' żball rappreżentattiva mistennija ta' 2.71 % għad-DĠ kollha u għal korpi oħra tal-UE li jimmaniġġjaw l-infiq tal-UE fuq ir-riċerka. Ir-*rata tal-iżball residwu*, meta l-azzjonijiet korrettivi jittieħdu inkunsiderazzjoni, hija ta' 1.67 % (1.71 % għad-DĠ RTD waħdu). L-awditi *ex post* li fuqhom huma bbażati dawn ir-rati ta' żball koprew pagamenti li saru matul il-perjodu 2014-2021. Sabiex isolvi l-problema metodoloġika li tqajmet preċedentement mill-QEA, li kienet wasslet għal dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata ta' żball[14], is-Servizz tal-Awditjar Komuni kkalkula suppliment ibbażat fuq 1 937 awditu li ngħalqu fil-perjodu 2020-2022, u dan irriżulta f'żieda fir-rata ta' żball ta' 0.38 punt perċentwali, li ġiet iddivulgata fir-RAA tad-DĠ RTD.

5.35. L-2022 kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa. Billi l-kampanja tal-awditjar *ex post* għal dan il-programm qafas mistennija titnieda sa tmiem l-2023, id-DĠ RTD ma rrappurtax rata ta' żball identifikata għal Orizzont Ewropa fl-2022. Il-mira li l-Kummissjoni stabbiliet għar-rata tal-iżball residwu ta' Orizzont Ewropa hija ta' mhux aktar minn 2 % sa tmiem il-programm qafas.

5.36. Fir-RAA 2022 tiegħu, id-DĠ RTD iddivulga 17-il rakkomandazzjoni miftuħa maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS). Ħamsa mir-rakkomandazzjonijiet miftuħa ġew ikklassifikati bħala "importanti ħafna" u waħda ġiet ikklassifikata bħala "kritika". Ir-rakkomandazzjoni "kritika" kienet tikkonċerna l-awditu dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni bikrija tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) fid-DĠ RTD, l-*Aġenzija Eżekuttiva* Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (Eismea) u d-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-

[13] Id-DĠ RTD u d-DĠ DEFIS.

[14] Ir-rata ta' żball kienet ġiet ikkalkulata bħala sehem tal-kostijiet aċċettati kollha, minflok tal-ammont li effettivament ġie awditjat. Dan kien ifisser li d-denominatur fil-kalkolu tal-iżball kien ogħla, u għaldaqstant ir-rata ta' żball ġiet iddikjarata b'mod insuffiċjenti; ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.34.

Teknoloġija (DĠ CNECT). Jeħtieġ li jiġi osservat li qatt ma awditjajna l-EIC fil-kuntest tar-rieżaminar li wettaqna tar-RAA. L-IAS iqis li t-tfassil tal-qafas ta' governanza tal-programm tal-EIC għadu ma ġiex iffinalizzat, u b'hekk l-aspetti ewlenin tal-governanza ma jistgħux jiġu implimentati jew imwettqa b'mod adegwat. Skont l-IAS, ir-relazzjonijiet bejn l-Eismea u d-DĠ prinċipali tagħha għadhom ma ġewx formalizzati u ma ġiet iddefinita l-ebda regola ċara dwar is-separazzjoni tal-funzjonijiet. Dan irriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet mhux ċari kif ukoll f'kunflitti ta' interess.

5.37. Minħabba r-rakkomandazzjoni "kritika" tal-IAS, inħarġet *riżerva* għal raġunijiet ta' reputazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tard u d-dgħufijiet fis-sistemi ta' governanza u kontroll tal-komponent tal-investiment tal-iskema Aċċelleratur tal-EIC.

5.38. In-nefqa rilevanti prinċipali tad-DĠ DEFIS taħt il-QFP1 fl-2022 kienet tirrigwarda l-Programm Spazjali tal-UE, li fil-biċċa l-kbira huwa mmaniġġjat b'mod indirett permezz tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA), l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u entitajiet inkarigati oħra. Ir-rati ta' żball li ġew iddeterminati matul l-awditi *ex post* tal-programmi differenti huma baxxi ħafna (qrib iż-żero). Madankollu, billi l-kampjuni tat-tranżazzjonijiet awditjati mhumiex statistikament rappreżentattivi, id-DĠ DEFIS iddeċieda li jadotta approċċ konservattiv u jirrapporta rata ta' żball ta' 0.5 % għall-organizzazzjonijiet kollha li ma ġewx awditjati u għal dawk b'rata ta' żball żero.

5.39. Irrieżaminajna l-informazzjoni li tinsab fl-AMPR 2022 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament fl-oqsma ta' politika taħt il-QFP1. Il-Kummissjoni kkalkulat rata ta' żball ta' 1.5 % għall-QFP1. Dan il-perċentwal jinsab fil-limitu inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat u huwa taħt is-soll ta' materjalità.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

5.40. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu turi li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien materjali. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 2.7 %. In-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija l-aktar milquta minn żball, b'mod partikolari fil-qasam tal-kostijiet għall-persunal.

5.41. L-introduzzjoni ta' finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa unika għal għotjiet għar-riċerka ma kinitx ibbażata fuq *evalwazzjoni ex post*, iżda fuq ir-riżultati tal-istħarriġiet. B'konsegwenza ta' dan, hemm elementi importanti li huma neqsin, bħar-rekwiżit li l-esperti jużaw parametri referenzjarji rilevanti meta jivvalutaw il-baġits, l-obbligu li jikkonformaw mar-regoli dwar l-akkwist, rekwiżiti ċari rigward l-ikkompletar ta' kull pakkett ta' ħidma, u d-definizzjoni tal-ambitu tal-kontrolli *ex post*.

5.42. Ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament ippreżentat fl-AMPR huwa ta' 1.5 %. Dan il-perċentwal jinsab fil-limitu inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat u huwa taħt is-soll ta' materjalità. Għalhekk, fil-fehma tagħna, minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni, din ir-rata għadha ddikjarata b'mod insuffiċjenti.

Rakkomandazzjonijiet

5.43. L-***Anness 5.1*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2020 tagħna, li kellhom jiġu implimentati sal-2022[15]. Il-Kummissjoni implimentat rakkomandazzjoni waħda bis-sħiħ, u rakkomandazzjoni oħra ma ġietx implimentata.

5.44. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna rigward l-2022, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

---

[15] Ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 tagħna kienu jirrikjedu li tittieħed azzjoni sa tmiem l-2021. Għalhekk, wettaqna segwitu tagħhom fir-Rapport Annwali 2021. Ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna kienu jirrikjedu li tittieħed azzjoni sa mhux aktar tard minn nofs l-2023, u b'hekk se jingħataw segwitu fir-rapport annwali tas-sena d-dieħla.

Rakkomandazzjoni 5.1 – Tevalwa l-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa

(a) Fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa, tinkludi evalwazzjoni tal-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa sabiex tivvaluta jekk ċerti tipi ta' proġetti (f'termini ta' kontenut, daqs, eċċ.) humiex adatti jew le għal finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa, kif ukoll tkopri r-riskju ta' irregolaritajiet u frodi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa (tmiem l-2025)

(b) Qabel is-sejħiet li jmiss ta' Orizzont Ewropa, tivvaluta x-xerqien tal-użu ta' għotjiet iffinanzjati b'somom f'daqqa għal proġetti b'baġit kbir u tal-iffissar ta' ammont massimu għal tali għotjiet.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 5.2 – Ittejjeb l-evalwazzjonijiet li l-esperti jwettqu fir-rigward tal-għotjiet ta' somom f'daqqa

Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tiżgura li l-evalwazzjonijiet li l-esperti jwettqu fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, b'mod partikolari l-proposti tal-baġit fihom, isiru b'kunsiderazzjonijiet dovuti tal-parametri referenzjarji rilevanti u jiġu ddokumentati kif xieraq.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023

Rakkomandazzjoni 5.3 – Tiddefinixxi rekwiżiti aktar ċari dwar l-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt Orizzont Ewropa

Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tispeċifika aktar ir-rekwiżiti li jiddefinixxu l-implimentazzjoni xierqa, inklużi l-elementi ta' kull pakkett ta' ħidma li se jiskattaw pagament, kif ukoll tipprovdi gwida dettaljata lil dawk involuti fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-ewwel trimestru tal-2024

Rakkomandazzjoni 5.4 – Tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post* ta' għotjiet ta' somom f'daqqa

Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post*, li jenħtieġ li jinkludu l-verifiki fuq oqsma b'riskju għoli, bħar-regoli dwar l-akkwist, l-assenza ta' kunflitt ta' interess u l-użu tar-riżorsi indikati fil-ftehim ta' għotja.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2024

Annessi

Anness 5.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali"

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2020	Nirrakkomandaw li sal-2022 il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Testendi l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji biex jiġu inklużi l-kategoriji ta' spejjeż [kostijiet] unitarji għall-Programm Qafas għar-Riċerka l-ġdid, Orizzont Ewropa, sabiex jiżdied il-livell ta' detezzjoni u korrezzjoni ta' żbalji fl-ispejjeż unitarji.		Minkejja li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni, sakemm ġie ppubblikat ir-Rapport Annwali 2020, ir-regolament rilevanti kien diġà ġie adottat u ma kien fih l-ebda dispożizzjoni bħal din.
	Rakkomandazzjoni 3: Tkompli ttejjeb il-kwalità tal-awditi *ex post* billi jiġu indirizzati d-dgħufijiet fil-proċeduri tal-kampjunar fil-livell tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż [kostijiet] u tapplika l-korrezzjonijiet għall-metodu għall-kalkolu tal-iżbalji għal Orizzont Ewropa.		

Sors: il-QEA.

Kapitolu 6

Koeżjoni, reżiljenza u valuri

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**6.1. - 6.15.**
Deskrizzjoni qasira	**6.2. - 6.5.**
Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq	6.2.
Ġestjoni ta' fondi	6.3. - 6.5.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**6.6. - 6.15.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet, rapporti annwali tal-attività, u arranġamenti oħra ta' governanza	**6.16. - 6.76.**
Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna	**6.16. - 6.41.**
Kostijiet ineliġibbli	6.21. - 6.27.
Proġett ineliġibbli	6.28. - 6.29.
Ksur tar-regoli tas-suq intern: għajnuna mill-Istat u akkwist pubbliku	6.30. - 6.35.
Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn	6.36. - 6.37.
Strumenti finanzjarji	6.38. - 6.40.
Ġestjoni finanzjarja tajba	6.41.
Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar	**6.42. - 6.53.**
L-awtoritajiet maniġerjali huma l-"ewwel linja ta' difiża" kontra l-infiq irregolari, u l-awtoritajiet tal-awditjar huma t-"tieni linja ta' difiża"	6.42. - 6.43.
Rati tal-iżball residwu ogħla mill-materjalità għal aktar minn 60 % tal-valur tal-pakketti ta' aċċertament awditjati fl-2022	6.44. - 6.46.
Sehem ta' pakketti ta' aċċertament ogħla mill-materjalità li laħqu l-ogħla livell fl-2022	6.47.
Nuqqasijiet prinċipali identifikati fl-awditi tal-awtoritajiet tal-awditjar fl-2022	6.48. - 6.53.

Miżuri biex tiġi miġġielda u rrappurtata l-frodi kontra l-baġit tal-UE 6.54. - 6.62.

L-awtoritajiet tal-awditjar ma jindirizzawx biżżejjed ir-riskju ta' frodi 6.55. - 6.56.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jirrappurtawx każijiet ta' frodi suspettata fl-IMS kif meħtieġ 6.57. - 6.58.

Għodod ġodda tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju implimentati tard 6.59. - 6.61.

Segwitu għar-rapport speċjali tagħna dwar il-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni 6.62.

Ix-xogħol ta' aċċertament imwettaq mill-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha 6.63. - 6.76.

L-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni dwar ir-regolarità użat mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività huwa taħt is-soll ta' materjalità, filwaqt li l-istima tagħha tal-iżball massimu hija ogħla 6.64. - 6.67.

Il-Kummissjoni tkompli tidentifika irregolaritajiet permezz tal-awditi tal-konformità tagħha, iżda jippersistu limitazzjonijiet inerenti fl-analiżijiet mhux fuq il-post 6.68. - 6.72.

L-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2017-2013 għadu għaddej 6.73. - 6.75.

Rappurtar dwar diversi proċeduri tal-istat tad-dritt 6.76.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 6.77. - 6.85.

Konklużjoni 6.77. - 6.82.

Rakkomandazzjonijiet 6.83. - 6.85.

Annessi

Anness 6.1 – Diżaggregazzjoni tal-kampjun ta' tranżazzjonijiet tagħna u s-sejbiet assoċjati għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2022

Anness 6.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni, reżiljenza u valuri"

Introduzzjoni

6.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 2 “Koeżjoni, reżiljenza u valuri” tal-*QFP*. Il-***Figura 6.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2022.

Figura 6.1 – Pagament u l-popolazzjoni li awditjajna

Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri
EUR 79.1 biljun (40.4 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

(EUR biljun)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti

Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (is-Subintestatura 2a)

Pagamenti tal-2022 – total 72.9



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 – total 63.5



Reżiljenza u valuri (is-Subintestatura 2a)

Pagamenti tal-2022 – total 6.2



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 – total 3.4



(*) Iċ-ċifra ta' pagament għas-Subintestatura 2a tikkonsisti kemm f'pagamenti annwali bil-quddiem taħt *ġestjoni kondiviża* kif ukoll *pagamenti interim* annwali għall-*perjodu ta' programmazzjoni* 2014-2020 li ma ġewx aċċettati mill-Kummissjoni fl-2022. F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafi ***18*** u ***19***), dawn il-pagamenti jitqiesu bħala prefinanzjamenti u mhux parti mill-popolazzjoni li awditjajna għar-Rapport Annwali 2022.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Deskrizzjoni qasira

Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq

6.2. L-infiq taħt din l-intestatura jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE (is-Subintestatura 2a), kif ukoll fuq azzjonijiet li jappoġġaw u jipproteġu l-valuri tal-UE, biex b'hekk l-UE ssir aktar reżiljenti għall-isfidi tal-preżent u dawk tal-futur (is-Subintestatura 2b). Il-***Figura 6.2*** turi l-objettivi tal-infiq taħt l-Intestatura 2 "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" tal-QFP (is-Subintestatura 2a[1] u s-Subintestatura 2b) u l-fondi u l-istrumenti relatati[2].

[1] Ara l-Artikoli 162 u 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (p. 73 u pp. 81-82).

[2] Fil-***Kapitolu 11***, aħna nirrappurtaw dwar in-nefqa li saret fl-2022 taħt il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*.

Figura 6.2 – Objettivi ta' politika



Sors: il-QEA.

Ġestjoni ta' fondi

6.3. Il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni (il-*FEŻR*, l-*FSE* u l-*FK*) jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira min-nefqa taħt l-Intestatura 2 tal-QFP. Dawn il-fondi jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża. Il-***Figura 6.3*** tiddeskrivi dan il-proċess u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti.

Figura 6.3 – Rwoli u responsabbiltajiet fil-ġestjoni kondiviża



Sors: il-QEA.

6.4. L-*awtoritajiet tal-awditjar* għandhom rwol ewlieni flimkien mal-Kummissjoni fil-qafas ta' kontroll u aċċertament għall-infiq fil-perjodu 2014-2020 taħt ġestjoni kondiviża[3]. Huma jridu jiżguraw li r-*rata tal-iżball residwu*[4] fil-kontijiet annwali ta' *PO*

[3] Ara r-Rapport Annwali 2017 (il-paragrafi 6.5-6.15) u r-Rapport Annwali 2018 (il-Figura 6.1).

[4] Fir-RAA tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għal "rata tar-riskju residwu" (RRR) meta tittratta l-għeluq għall-*perjodu ta' programmazzjoni* 2007-2013, u għal "rata tal-iżball residwu totali" (*RTER*) meta tittratta l-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. F'dan il-kapitolu, aħna nirreferu għat-tnejn li huma bħala "rata/i tal-iżball residwu".

tibqa' taħt is-*soll ta' materjalità*[5] ta' 2 %. Wara l-verifiki mill-awtoritajiet maniġerjali tagħhom, li huma l-ewwel linja ta' difiża, l-Istati Membri jiċċertifikaw il-kontijiet annwali ta' kull PO u jikkomunikaw lill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-proċess ta' kontroll u aċċertament jiddependi mit-tliet elementi murija fil-***Figura 6.4***. Il-proċess li jwassal għall-*għeluq* tal-PO mill-*perjodu ta' programmazzjoni* 2007-2013 kien fil-biċċa l-kbira kumparabbli.

Figura 6.4 – Qafas ta' kontroll u ta' aċċertament



(*) L-Artikolu 130 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jillimita r-rimborż ta' pagamenti *interim* għal 90 %.

Sors: il-QEA.

6.5. L-Intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" tkopri wkoll il-finanzjament mogħti mill-UE permezz ta' *programmi* jew azzjonijiet li jiġu mmaniġġjati jew direttament mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni[6], jew indirettament bl-

[5] L-Artikolu 28(11) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[6] Id-DĠ EAC, id-DĠ EMPL, id-DĠ HERA, id-DĠ REFORM, id-DĠ REĠIO, id-DĠ SANTE u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) taħt is-superviżjoni tad-DĠ MOVE b'rabta man-nefqa fil-popolazzjoni li awditjajna għall-2022.

appoġġ ta' organizzazzjonijiet sħab jew ta' awtoritajiet oħra[7], fil-biċċa l-kbira fis-Subintestatura 2b (ara l-***Figura 6.2***).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

6.6. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* kumplessiva kif deskritt fl-***Anness 1.1***, u li nipprovdu valutazzjoni tar-*regolarità* tan-nefqa kemm taħt l-Intestatura 2 tal-QFP fl-intier tagħha kif ukoll għall-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni (is-Subintestatura 2a). Ivvalutajna wkoll l-affidabbiltà tax-xogħol tal-awditjar tal-awtoritajiet tal-awditjar u tal-Kummissjoni.

6.7. Biex nisiltu dawn il-konklużjonijiet tal-awditjar, bħal fi snin preċedenti, applikajna l-istess approċċ u metodi biex nawditjaw l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni kif stabbilit fl-**Anness 1.1**, u eżaminajna l-elementi deskritti fil-***Figura 6.5***.

Figura 6.5 – Elementi awditjati taħt l-approċċ tal-awditjar tagħna



(*) Għall-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni, il-**kampjun** kien jikkonsisti f'226 tranżazzjoni li għalihom in-nefqa kienet ġiet iċċertifikata f'pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq (li kienu ġew ivverifikati preċedentement minn *awtorità tal-awditjar*), u minn 15-il *strument finanzjarju* (is-Subintestatura 2a). Il-kampjun kien jinkludi wkoll 19-il tranżazzjoni mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni (4 taħt is-Subintestatura 2a u 15 taħt is-Subintestatura 2b).

Sors: il-QEA.

[7] Bħall-aġenziji nazzjonali ta' Erasmus +.

6.8. Il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 66.9 biljun) kienet tikkonsisti prinċipalment f'nefqa mill-perjodu 2014-2020 li kienet ġiet inkluża fil-kontijiet aċċettati li ġew ippreżentati fil-*pakketti ta' aċċertament* għas-sena kontabilistika 2020/2021 (413-il PO b'valur totali ta' EUR 56.1 biljun). Din kienet tinkludi wkoll nefqa mill-perjodu 2007-2013 taħt it-tliet PO li l-Kummissjoni kienet għalqet għalkollox jew parzjalment[8] fl-2022 (EUR 840 miljun), u nefqa mill-perjodu 2000-2006 taħt PO wieħed (EUR 32 miljun).

6.9. Fl-2022, il-Kummissjoni kienet għamlet pagamenti bil-quddiem biss għall-perjodu 2021-2027. Dawn il-pagamenti ammontaw għal EUR 6.5 biljun. Ladarba n-nefqa mħallsa mill-benefiċjarji tiġi rimborżata, awditjata mill-*awtoritajiet inkarigati mill-programmi* u inkluża fit-talbiet għall-pagament imħallsa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, hija ssir parti mill-popolazzjoni li nawditjaw. Minħabba li dan ma japplikax għall-pagamenti bil-quddiem, fl-2022 ukoll l-ebda pagament għall-perjodu 2021-2027 ma kien parti mill-popolazzjoni li awditjajna[9].

6.10. Mill-bidu tal-2020 'il quddiem, l-UE ħadet għadd ta' azzjonijiet biex tindirizza l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19 (*CRII* u CRII+). Dawn l-azzjonijiet kienu jinkludu simplifikazzjonijiet proċedurali għall-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni 2014-2020, inkluża l-possibbiltà ta' finanzjament ta' 100 % mogħti mill-UE. Il-kampjun tagħna kien jinkludi wkoll proġetti li jibbenefikaw minn din il-possibbiltà. Barra minn hekk, l-inizjattiva *REACT-UE* pprovdiet finanzjament addizzjonali, bl-istess rata ta' kofinanzjament mill-UE ta' 100 %. Billi l-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa fil-perjodu 2014-2020 spiċċa fil-31 ta' Diċembru 2023, il-finanzjament addizzjonali pprovdut permezz tar-REACT-EU seta' żied ukoll il-pressjoni għall-infiq[10]. Fl-istess ħin, ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % ippermettiet rata ta' *assorbiment* aktar mgħaġġla tal-finanzjament disponibbli għall-programmi tal-perjodu 2014-2020 mill-Istati Membri.

6.11. Il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament ma nbidilx minn dawn l-inizjattivi u l-Kummissjoni applikat is-sistema fl-2022 bl-istess mod kif għamlet għan-nefqa ta' qabel il-COVID-19. Il-popolazzjoni li awditjajna tkopri n-nefqa ddikjarata mill-

---

[8] Il-Kummissjoni tħallas biss l-ammonti mhux kontestati, u kwistjonijiet li għandhom impatt materjali jibqgħu miftuħa. Il-bilanċ finali jitħallas u l-PO jingħalaq ladarba jiġu riżolti l-problemi kollha li jkunu pendenti.

[9] Sa April 2023, il-Kummissjoni kienet adottat 379 programm għall-FEŻR, il-FK u l-ESF+ taħt il-perjodu 2021-2027.

[10] Ir-Rapport Speċjali 02/2023: "L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19".

awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021. L-awtoritajiet tal-awditjar wettqu l-verifiki tagħhom prinċipalment matul il-perjodu tal-pandemija tal-COVID-19 (ara l-*Figura 6.6*).

Figura 6.6 – Proċess ta' aċċertament fl-2022 għall-kontijiet annwali tal-perjodu 2020-2021 (b'rabta man-nefqa ddikjarata matul il-COVID-19)



Sors: il-QEA.

6.12. Aħna qsamna, f'2 stadji, il-kampjun tagħna ta' 226 *tranżazzjoni* b'nefqa ċċertifikata fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq matul l-2022. L-ewwel għażilna 35 pakkett (34 mill-perjodu 2014-2020 u 1 mill-perjodu 2007-2013) li jkopru 66 PO[11]. Minn dawn, aħna mbagħad ikkampjunajna tranżazzjonijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu vverifikaw preċedentement. Għall-2022, wettaqna żjarat tal-awditjar fuq il-post għal 67 tranżazzjoni, wara sentejn ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Bis-saħħa tagħhom stajna niksbu dokumenti oriġinali, nintervistaw lill-entitajiet awditjati wiċċ imb wiċċ u nivverifikaw l-eżistenza fiżika ta' *output* iffinanzjat mill-UE.

6.13. Fis-sena kontabilistika 2020/2021, l-Istati Membri rrappurtaw żborżi permezz ta' strumenti finanzjarji taħt 128 PO (EUR 5.5 biljun). Ħadna kampjun addizzjonali li jkopri 15-il strument finanzjarju mill-perjodu 2014-2020 li minnhom kienu saru pagamenti lir-*riċevituri finali*. B'kollox eżaminajna 96 selfa, 40 garanzija, 8 *investimenti fl-ekwità* u 3 tariffi ta' ġestjoni.

6.14. L-***Anness 6.1*** fih diżaggregazzjoni tal-kampjun ta' tranżazzjonijiet tagħna u ta' sejbiet relatati mat-tranżazzjoni li identifikajna fis-27 Stat Membru u fir-Renju Unit[12] għas-Subintestatura 2a.

6.15. Fl-2022, il-Kummissjoni ħallset jew approvat EUR 4.3 biljun għall-programmi taħt il-*ġestjoni diretta jew indiretta* tagħha, inklużi EUR 3.4 biljun f'nefqa taħt is-Subintestatura 2b. Eżaminajna kampjun ta' 19-il tranżazzjoni ffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-FK lill-*FNE*, il-kontribuzzjoni tal-FEŻR għall-Inizjattiva Ewropea tal-Viċinat (ENI), l-*ESI*, l-*Erasmus*+, il-programm tas-Saħħa u oħrajn.

---

[11] Permezz ta' *stratifikazzjoni*, għażilna b'mod aleatorju 3 mill-34 pakkett ta' aċċertament mill-Istati Membri li ma konniex awditjajna fi snin preċedenti sabiex inkopru lill-Istati Membri kollha matul l-awditu li wettaqna tal-perjodu 2014-2020.

[12] Il-programmi tal-perjodu 2014-2020 tar-Renju Unit għadhom parti min-nefqa taħt il-QFP2.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet, rapporti annwali tal-attività, u arranġamenti oħra ta’ governanza

Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna

6.16. Għall-2022, nistmaw li l-livell ta’ żball għall-Intestatura 2 tal-QFP huwa ta’ 6.4 %[13] (ara l-***Figura 6.7***). Dan huwa bbażat fuq l-awditu li wettaqna ta’ 260 tranżazzjoni, fejn identifikajna u kkwantifikajna 50 żball, u s-sejbiet tal-awtoritajiet tal-awditjar li rrappurtaw 58 żball ta’ dan it-tip. Barra minn hekk, ħadna kont tal-korrezzjonijiet b’valur totali ta’ EUR 618-il miljun li ġew applikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi. Skont l-Artikolu 287(2) tat-TFUE, “[il]-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina jekk id-dħul kollu jkunx daħal u l-ispiża kollha tkunx intefqet b’manjiera legali u regolari [...]. Meta tagħmel dan, għandha tiġbed l-attenzjoni b’mod partikolari [iżda mhux biss] għal każijiet ta’ *irregolarità*. Ir-rata ta’ żball tagħna tirreferi għas-sehem ta’ nefqa ddikjarata li għaliha aħna nqisu li l-kundizzjonijiet għall-pagament stabbiliti fir-*Regolament Finanzjarju*, ir-*RDK* u r-Regolament dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ma ġewx issodisfati bis-sħiħ, u dan wassal għal *impatt* finanzjarju dirett u li jista’ jitkejjel fuq l-ammont li dak iż-żmien ġie awtorizzat mill-baġit tal-UE; dan ma għandux jiġi interpretat bħala ekwivalenti għall-ammont potenzjali ta’ *korrezzjonijiet finanzjarji* li l-Kummissjoni tista’ timponi f’konformità mar-regoli applikabbli.

[13] Il-*livell ta’ żball stmat* għas-Subintestatura 2a biss huwa ta’ 6.6 % (limitu inferjuri tal-iżball ta’ 4.2 %, limitu superjuri tal-iżball ta’ 9.0 %). Il-livell ta’ żball stmat għall-fondi tal-politika ta’ koeżjoni biss huwa ta' 6.7 % (limitu inferjuri tal-iżball ta'4.2 %, limitu superjuri tal-iżball ta' 9.2 %).

Figura 6.7 – Impatt stmat ta' żbalji kwantifikabbli



Sors: il-QEA.

6.17. Din is-sena, kemm l-istima tar-rata ta' żball tagħna kif ukoll l-għadd ta' żbalji li sibna kienu ogħla milli kienu fi snin preċedenti. Dawn iż-żidiet ma jsegwux xejra ġeografika. Madankollu, aħna identifikajna żieda ta' tipi speċifiċi ta' żbalji (bħal kostijiet ineliġibbli u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku). Osservajna wkoll li resqin lejn l-aħħar tal-perjodu ta' eliġibbiltà b'xi pressjoni fuq l-assorbiment (31 ta' Diċembru 2023). Barra minn hekk, l-Istati Membri ngħataw flessibbiltà konsiderevoli fir-riprogrammazzjoni tal-fondi (inkluż finanzjament addizzjonali permezz tar-REACT-EU) u fid-dikjarazzjoni tan-nefqa mill-2020 'il hawn (ara l-paragrafu ***6.10***). B'żieda għal dan, matul il-perjodu tal-COVID-19, l-effettività tal-verifiki mill-awtoritajiet tal-awditjar u ta' ġestjoni setgħet naqset. Fil-***Figura 6.8*** nipprovdu tqabbil mas-sena l-oħra għal-*livell ta' żball stmat* f'punti perċentwali, u nindikaw id-diżaggregazzjoni skont il-kategorija. Fir-Rapport Annwali 2020[14] tagħna, aħna ġbidna l-attenzjoni għar-riskju li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti jistgħu jiddgħajfu matul il-perjodu tal-COVID-19, u dan potenzjalment iżid ir-riskju ta' żbalji u irregolaritajiet.

[14] Ara l-paragrafu 2.32 tar-Rapport Annwali 2020.

Figura 6.8 – Tqabbil tal-kontribut għal-Livelli ta' Żball Stmati (ELE) skont il-kategorija
(punti perċentwali)



Sors: il-QEA.

6.18. Fis-260 tranżazzjoni li awditjajna, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw 58 *żball kwantifikabbli*. Dawn kienu jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli (31), irregolaritajiet fil-*proċeduri ta' akkwist* pubbliku (21), dokumenti ta' sostenn neqsin (6), żbalji kontabilistiċi u żbalji ta' kalkolu (3) u (2) istanzi ta' ksur tar-regoli dwar *l-għajnuna mill-Istat*[15]. L-Istati Membri kienu applikaw *korrezzjonijiet finanzjarji*, u estrapolawhom kif kien meħtieġ, bil-ħsieb li jġibu r-rati tal-iżball residwu daqs jew taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.

6.19. Il-***Figura 6.9*** turi d-diżaggregazzjoni tal-50 żball addizzjonali li sibna skont il-kategorija (qabel ma ttieħed kont tal-korrezzjonijiet finanzjarji). Proġetti u kostijiet ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern ikkontribwew l-aktar għal-livell ta' żball stmat minna.

6.20. Il-paragrafi ***6.22***-***6.40*** jipprovdu aktar informazzjoni dwar dawn l-iżbalji.

[15] Tranżazzjoni waħda tista' tiġi milquta minn aktar minn tip wieħed ta' żball.

Figura 6.9 – Kontribuzzjoni tal-iżbalji li sibna lejn ir-rata ta' żball kumplessiva



Sors: il-QEA.

Kostijiet ineliġibbli

6.21. Meta jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni fil-kontijiet tagħhom, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċertifikaw li dan ikun iġġarrab f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali, u li l-għajnuna tkun ingħatat lill-benefiċjarji u lill-operazzjonijiet li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà tal-PO.

6.22. Fil-kampjun tagħna, sibna 37 każ ta' kostijiet ineliġibbli li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar u 2 każijiet f'*ġestjoni diretta*. Il-kawżi prinċipali ta' ineliġibbiltà kienu n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE jew mar-regoli nazzjonali, il-kostijiet mhux relatati mal-proġett, parteċipanti ineliġibbli, u nefqa li ma ġġarrbitx jew ma tħallsitx mill-benefiċjarju. Dawn il-każijiet kienu jirrappreżentaw 78 % tal-għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna, u madwar 4.6 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 73 % għall-iżball).

6.23. Il-***Kaxxa 6.1*** tagħti eżempju ta' nefqa ineliġibbli.

Kaxxa 6.1

Nefqa ineliġibbli għall-appoġġ ta' emerġenza tal-COVID-19 minħabba dikjarazzjoni mhux kompluta tal-introjtu mill-bejgħ

L-objettiv ta' miżura waħda tal-FSE awditjata fis-Slovakkja kien li jiġi mmitigat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-impjiegi u s-suq tax-xogħol billi jingħata appoġġ finanzjarju lill-impjegaturi jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom.

Biex jirċievi appoġġ għal 13-il ħaddiem, dan il-benefiċjarju finali rrapporta tnaqqis ta' 43.5 % fil-fatturat tiegħu fil-punt ta' tqabbil ta' Mejju 2020 kontra Mejju 2019.

Madankollu, dan it-tnaqqis ta' 43.5 % ma kienx preċiż. Huwa rrifletta biss it-tnaqqis fil-bejgħ fuq il-post. Ma ħax inkunsiderazzjoni l-bejgħ li n-negozju għamel permezz ta' mezzi oħra.

Meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-bejgħ mhux fuq il-post, it-tnaqqis kumplessiv fl-introjtu totali mill-bejgħ tal-kumpanija kien biss 9 %. Dan kien inferjuri għat-tnaqqis minimu rikjest fil-bejgħ ta' 20 % biex jikkwalifika għall-għajnuna. Għalhekk, inqisu li l-appoġġ għax-xahar ta' Mejju huwa ineliġibbli.

Għal żewġ benefiċjarji finali oħra tal-istess miżura, sibna li rċevew aktar appoġġ milli kien previst skont ir-regoli nazzjonali minħabba rappurtar inkorrett tal-introjtu.

Sibna kostijiet ineliġibbli b'rabta ma' miżuri tal-COVID-19 ukoll fil-Greċja (li diġà kienu nqabdu parzjalment mill-Kummissjoni), l-Italja u każ ieħor fis-Slovakkja.

6.24. Taħt il-qafas legali għall-perjodu 2014-2020, *proġetti maġġuri* ffinanzjati mill-FEŻR jew mill-FK huma operazzjonijiet li jsiru biex jagħtu appoġġ lil kompitu indiviżibbli u definit, li l-valur tiegħu jaqbeż EUR 50 miljun (EUR 75 miljun għal proġetti ta' trasport). Huma suġġetti għal proċeduri ta' approvazzjoni speċifiċi. Matul il-perjodu 2014-2020, proġetti kbar iridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Dan huwa rekwiżit obbligatorju qabel ma n-nefqa assoċjata ma' proġett kbir tkun tista' tiġi inkluża f'talbiet għall-pagament lill-Kummissjoni[16]. Fil-perjodu 2021-2027, din ir-regola ma għadhiex fis-seħħ[17]. Madankollu, id-*dispożizzjoni* tkompli tapplika għall-operazzjonijiet taħt il-perjodu 2014-2020.

[16] Ara l-Artikolu 102(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[17] Ara l-Artikolu 117(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

6.25. Sibna żewġ każijiet ta' nefqa introdotta fil-kontijiet għal operazzjonijiet li jaqbżu s-sollijiet ta' proġetti kbar, iżda li ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni (ara l-***Kaxxa 6.2***). Dawn il-każijiet jirrappreżentaw 0.8 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

Kaxxa 6.2

Nefqa ddikjarata mingħajr ma ntbagħtet notifika ta' proġett maġġuri lill-Kummissjoni

L-awtoritajiet maniġerjali jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-proġetti maġġuri li jagħżlu għall-finanzjament. Huwa biss wara li ssir din in-notifika li l-Istati Membri jistgħu jinkludu nefqa relatata ma' proġett maġġuri fl-applikazzjonijiet għall-pagament lill-Kummissjoni.

Fir-**Rumanija**, aħna awditjajna proġett għall-ħolqien ta' repożitorju elettroniku nazzjonali ta' dokumenti xjentifiċi. F'konformità mad-definizzjoni regolatorja ta' kostijiet eliġibbli totali, li tinkludi kontribuzzjonijiet pubbliċi u privati, il-kostijiet ta' dan il-kompitu indiviżibbli qabżu l-EUR 50 miljun. Għalhekk, skont il-linji gwida tal-Kummissjoni li kienu fis-seħħ dak iż-żmien, l-*awtorità maniġerjali* suppost bagħtet notifika dwar dan il-proġett kbir. Dan l-iżball konna diġà rrappurtajnih fl-awditu li wettaqna għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2020. Minkejja dan, l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi komplew jiddikjaraw nefqa b'rabta ma' dan il-proġett u inkludewha fil-kontijiet fl-2022.

Fl-**Ungerija**, sibna proġett, li oriġinarjament kien parti minn proġett kumplessiv, li kien jinvolvi x-xiri ta' 15-il ferrovija biex jintużaw f'diversi linji ferrovjarji fil-pajjiż kollu. Sussegwentement il-proġett inqasam f'żewġ partijiet. Dan ġie spjegat mill-ħtiġijiet tat-traffiku u l-iżvilupp tal-binarji ferrovjarji ta' linji ferrovjarji speċifiċi. Madankollu, sibna li l-ferroviji mixtrija ma ntużawx għal-linji indikati fil-proġetti separati, iżda ntużaw b'mod interkambjabbli għal diversi linji ferrovjarji fil-pajjiż kollu. Fid-dawl tal-fatt li l-awtorità kontraenti aġġudikat ukoll kuntratt uniku taħt proċedura ta' akkwist pubbliku komuni, aħna qisna l-proġett bħala proġett kbir.

6.26. Kost ineliġibbli huwa wkoll sors ewlieni ta' żball lil hinn mill-ġestjoni kondiviża. Identifikajna kostijiet ineliġibbli tal-persunal fi proġett iffinanzjat taħt programm tas-saħħa li kien taħt ġestjoni diretta fi Spanja. Barra minn hekk, identifikajna każ ieħor ta' kostijiet ineliġibbli fil-Polonja. Il-Kummissjoni aċċettat is-sejba tal-awditjar u se tagħti bidu għal proċeduri ta' rkupru fiż-żewġ każijiet.

6.27. Taħt il-politika ta' koeżjoni, l-*għażliet ta' kostijiet issimplifikati* (SCOs) huma miżura ta' simplifikazzjoni importanti, iżda l-implimentazzjoni mhux dejjem issir kif għandha ssir. Il-benefiċjarji għamlu użu minn SCOs għal 77 tranżazzjoni, jew 30 % tal-kampjun tagħna, u applikaw jew rati fissi, jew skali standard ta' kostijiet għal kull unità jew inkella kombinament tat-tnejn. Din is-sena, sibna żbalji relatati mal-użu ta' SCOs f'ħames tranżazzjonijiet fi tliet Stati Membri –iċ-Ċekja, Spanja u s-Slovakkja. Ara l-***Kaxxa 6.3*** għal eżempju.

Kaxxa 6.3

Kostijiet ineliġibbli minħabba kalkolu mhux xieraq tal-kostijiet indiretti

Fiċ-Ċekja, l-awtorità maniġerjali ta' *programm operazzjonali* tal-FES/FEŻR nediet sejħa komplementari għal proġetti approvati taħt il-programm Orizzont 2020.

Taħt ir-regoli ta' Orizzont 2020, il-kostijiet ta' deprezzament jistgħu jiġu inklużi fil-bażi għall-kalkolu tal-25 % tal-*kostijiet indiretti* li jistgħu jiġu ppreżentati għar-rimborż.

Madankollu, l-awtorità maniġerjali ttrasponiet b'mod inkorrett ir-regoli ta' Orizzont 2020 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan wassal għas-sitwazzjoni fejn il-benefiċjarji setgħu jiddikjaraw il-kostijiet ta' investiment bħala *kostijiet diretti* u deprezzament ipotetiku tal-istess investiment fil-bażi għall-kalkolu tal-kostijiet indiretti. Din is-sitwazzjoni wasslet għal dikjarazzjoni eċċessiva sistematika għall-proġetti kollha taħt l-istess regoli nazzjonali.

Proġett ineliġibbli

6.28. Identifikajna proġett wieħed fis-Slovakkja li ngħata għajnuna għalkemm ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà elenkati fir-Regolament applikabbli jew fil-liġi nazzjonali u fil-PO korrispondenti (ara l-***Kaxxa 6.4***). Dan il-proġett kien jirrappreżenta 2 % tal-għadd ta' żbalji kwantifikabbli kollha li sibna, u madwar 0.4 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 6 % għall-iżball).

Kaxxa 6.4

L-ambitu tal-proġett ma kienx konformi mal-kriterji tal-għażla

Fis-Slovakkja, għal programm taħt il-FEŻR, benefiċjarju ta' korp pubbliku ddikjara l-kostijiet kollha għar-rikostruzzjoni u rinnovazzjoni kompluta ta' spazji interni ġo bini pubbliku bħala nefqa eliġibbli.

Madankollu, bħala attivitajiet eliġibbli għall-kofinanzjament, is-sejħa tal-applikazzjonijiet għall-proġetti ssemmi biss miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija. Barra minn hekk, il-kriterji tal-għażla ddikjaraw espliċitament li l-proġett ma jkunx eliġibbli għall-finanzjament jekk aktar minn 25 % tan-nefqa fl-applikazzjoni għall-proġett jitqies bħala ineliġibli matul l-evalwazzjoni tal-proġett.

Peress li aktar minn 25 % tal-kostijiet tal-proġett ma kinux direttament marbuta ma' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, l-applikazzjoni tal-proġett diġà ma ssodisfatx il-kriterji tal-għażla, u għalhekk il-proġett ma kellux jintgħażel. B'mod partikolari, il-benefiċjarju kien iddikjara l-kostijiet għal xogħlijiet li, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tal-enerġija li sar preċedentement, ma kinux neċessarji (eż. sistema ġdida ta' ventilazzjoni) jew li ma kienu relatati xejn mat-tiżjid tal-effiċjenza fl-enerġija (eż. tagħmir sanitarju u ħitan interni).

Barra minn hekk, il-proġett ma ssodisfax kundizzjonijiet oħra tas-sejħa relatati mal-klassifikazzjoni tal-binja, l-użu tal-binja qabel u wara l-implimentazzjoni tal-proġett, u l-eżistenza ta' permess tal-bini rilevanti.

6.29. F'żewġ każijiet addizzjonali fi Spanja, sibna inkonsistenzi sinifikanti fl-ambitu tal-operazzjoni ddefinita fid-dokumenti li stabbilew il-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Ksur tar-regoli tas-suq intern: għajnuna mill-Istat u akkwist pubbliku

Seba' proġetti kisru r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

6.30. L-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) hu maħsub biex jiżgura li għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat ma twassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fl-UE. Sakemm l-għajnuna mill-Istat ma tkunx taħt limitu massimu *de minimis*[18], l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw l-għajnuna lill-Kummissjoni. Imbagħad il-Kummissjoni jeħtiġilha tiddeċiedi jekk din l-għajnuna hijiex kumpatibbli mas-suq intern u tagħti l-approvazzjoni espliċita tagħha. L-Istati Membri wkoll jistgħu jagħtu għajnuna mill-

[18] Ir-Regolament (UE) No 1407/2013 dwar l-għajnuna *de minimis*.

Istat jekk l-għajnuna taqa' taħt ir-*Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER)* jew skemi ta' eżenzjoni oħra.

6.31. Din is-sena identifikajna seba' proġetti li kisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat f'ħames Stati Membri – iċ-Ċekja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u r-Rumanija. Aħna nqisu li erbgħa minnhom suppost kellhom jiksbu inqas finanzjament pubbliku, jew l-ebda finanzjament pubbliku. Dawn il-proġetti kienu jirrappreżentaw 8 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha li sibna, u madwar 0.5 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 7 % għall-iżball). Ma kkwantifikajniex iż-żbalji l-oħra, billi ma kellhom l-ebda impatt fuq il-livell tal-finanzjament pubbliku. Nipprovdu eżempju ta' ksur relatat mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat fil-***Kaxxa 6.5***.

Kaxxa 6.5

Applikazzjoni inadegwata tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Fi proġett iffinanzjat mill-FEŻR fil-Polonja, kumpanija privata rċeviet *għotja* għal attivitajiet ta' R&Ż biex tiġi installata u ttestjata linja tal-produzzjoni pilota li tkun użata biex tiġi prodotta u jsiru esperimenti fuq firxa ta' sustanzi kimiċi innovattivi. Wara sensiela ta' testijiet, il-kumpanija kkonfermat li l-linja tal-produzzjoni kienet xierqa għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi ekoloġiċi. Ladarba ġie kkompletat il-proġett, il-kumpanija bdiet tuża l-linja għal skopijiet kummerċjali.

Matul ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna, sibna li l-kumpanija kienet iddikjarat il-kost ta' investiment sħiħ tal-linja għall-kofinanzjament. Dan kiser l-Artikolu 25 tal-GBER (għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp), li skontu l-ispejjeż ta' deprezzament biss huma eliġibbli f'każijiet fejn assi ma jintużax biss għall-proġett għall-ħajja sħiħa tiegħu. Billi l-linja tal-produzzjoni baqgħet tintuża wara li ġie kkompletat il-proġett, aħna kkonkludejna li parti sinifikanti mill-appoġġ mogħti għal dan il-proġett ma kinitx konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli, tal-UE jew dawk nazzjonali, dwar l-akkwist pubbliku

6.32. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jintefqu b'mod ekonomiku u effiċjenti filwaqt li jiġu mħarsa l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, it-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni. Fl-awditi tagħna, skont ir-RDK , neżaminaw il-konformità mar-regoli, kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali, dwar l-akkwist pubbliku.

6.33. F'erba' proċeduri, identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli, tal-UE jew dawk nazzjonali, dwar l-akkwist pubbliku li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar fiċ-Ċekja, Spanja u l-Portugall, u kkwantifikajna tlieta minn dawn l-erba' każijiet. Identifikajna wkoll tliet każijiet fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma kinux applikaw b'mod korrett id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fiċ-Ċekja, l-Italja u s-Slovakkja. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri applikaw rati aktar baxxi minn dawk li nqisu xierqa f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni. Dawn is-6 każijiet li kkwantifikajna kienu jirrappreżentaw 12 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha li sibna, jew madwar 0.9 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 14 % għall-iżball).

6.34. Sibna żewġ istanzi ta' ksur serju li kellhom impatt fuq l-eżitu tal-akkwist pubbliku għal żewġ proġetti taħt il-FEŻR fiċ-Ċekja. Każ wieħed huwa ppreżentat fil-***Kaxxa 6.6***.

Kaxxa 6.6

Proċedura ta' akkwist irregolari minħabba kunflitt ta' interess li ma nqabadx fil-livell tal-kuntrattur

Fiċ-Ċekja, l-awtorità kontraenti tal-proġett taħt il-FEŻR li ġie awditjat kienet kumpanija pubblika li forniet it-tisħin lir-residenti lokali. Wieħed mill-iskopijiet tal-operazzjoni awditjata kien li żżid l-użu tar-riżorsi rinnovabbli bl-installazzjoni ta' bojler modern biex jaħraq il-bijomassa. Il-liġi tal-UE u l-liġi nazzjonali jistipulaw li l-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jevitaw kunflitti ta' interess meta jwettqu proċeduri ta' akkwist.

Il-proċedura awditjata kienet taħt is-soll stabbilit fid-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku, u għaldaqstant kienet applikabbli l-liġi nazzjonali (l-Artikolu 44 tal-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku).

Aħna sibna li l-awtorità kontraenti ma identifikatx il-kunflitt ta' interess u ma applikatx miżuri ta' mitigazzjoni suffiċjenti meta għażlet offerta ppreżentata minn kumpanija li kienet ħadet sehem fit-tħejjija tal-applikazzjoni tal-proġett u t-tfassil tad-dokumentazzjoni tal-offerti. L-ispeċifikazzjoni teknika tal-offerta kienet imfassla apposta għall-prodott tal-kumpanija stess u *de facto* ma ppermettietx li l-offerta tiġi aġġudikata lil prodotti ekwivalenti. Żewġ offerti ġew ippreżentati għall-istess prodott inkluż f'din l-offerta: waħda mill-kumpanija stess u oħra minn wieħed mid-distributuri tagħha.

Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' kif ġara f'każ simili, l-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni ma indirizzax kif xieraq il-kunflitt ta' interess apparenti u ma talab l-ebda azzjoni ta' mitigazzjoni, bħalma hi opinjoni ta' espert indipendenti

dwar il-proċedura tal-awtorità kontraenti għall-għoti tal-offerta. Għalhekk inqisu li l-kuntratt awditjat u n-nefqa relatata huma irregolari.

L-awtorità tal-awditjar identifikat irregolarità oħra b'rabta ma' dan il-kuntratt, u l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi applikaw korrezzjoni finanzjarja ta' 25 %. Madankollu, la l-awtorità maniġerjali u lanqas l-awtorità tal-awditjar ma identifikaw il-kunflitt ta' interess, matul il-verifiki li wettqu, li għalih tkun meħtieġa korrezzjoni ta' 100 %[19].

6.35. Il-***Kaxxa 6.7*** tagħti eżempju ta' ksur tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku assoċjat mal-aġġudikazzjoni rapida ta' kuntratti għal volum kbir ta' oġġetti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

Kaxxa 6.7

Applikazzjoni inkonsistenti ta' eżenzjonijiet ta' emerġenza fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għax-xiri ta' maskri tal-wiċċ

Matul il-perjodu bikri tal-pandemija tal-COVID-19, il-provvisti mediċi u s-servizzi relatati kienu skarsi. Awditjajna proġett fi Spanja ffinanzjat mill-FEŻR, li kien jikkonċerna x-xiri ta' maskri tal-wiċċ protettivi biex jaslu sa April 2020.

L-awtorità kontraenti aġġudikat il-kuntratt direttament, mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, taħt proċedura ta' emerġenza f'konformità mal-liġi Spanjola dwar l-akkwist[20], li tippermetti devjazzjonijiet mill-proċedura ta' akkwist standard f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. F'tali sitwazzjonijiet, l-awtorità kontraenti jeħtiġilha turi li l-kuntrattur huwa l-uniku wieħed li jista' jwassal il-provvisti meħtieġa fil-limiti tekniċi u fir-restrizzjonijiet ta' ħin imposti mill-urġenza estrema[21]. Madankollu, l-awtorità kontraenti ma ddokumentatx l-għażla tal-kuntrattur. Barra minn hekk, suppost wettqet u ddokumentat ukoll ċerti verifiki

---

[19] Kategorizzazzjoni tan-nuqqasijiet fl-aġġudikazzjoni tal-kuntratti b'determinazzjoni tal-ammont tal-imposta għall-ksur tad-dixxiplina baġitarja, valida mit-22 ta' Novembru 2017, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.5.2019 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-*akkwist pubbliku*.

[20] L-Artikolu 120 tal-Liġi 9/2017 (il-kodiċi Spanjol dwar l-akkwist pubbliku).

[21] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni mill-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu tal-qafas tal-akkwist pubbliku fis-sitwazzjoni ta' emerġenza relatata mal-kriżi tal-COVID-19 (2020/C 108 I/01).

minimi biex tiddetermina jekk japplikawx raġunijiet għall-esklużjoni għall-kuntrattur u biex tippermetti deroga minn tali esklużjoni.

Biex tivverifika jekk applikawx raġunijiet għall-esklużjoni għall-kuntrattur, il-liġi Spanjola dwar l-akkwist tirrikjedi minn tal-inqas awtodikjarazzjoni[22]. Madankollu, b'devjazzjoni mill-prattika tagħha stess għal kuntratti simili, f'dan il-każ l-awtorità kontraenti ma wettqet u ma ddokumentat l-ebda verifika. L-awditu tagħna żvela li wieħed mill-amministraturi tal-kuntrattur kien instab ħati ta' reat kriminali.

Fl-aħħar nett, il-kuntrattur ma wassalx il-maskri sa tmiem April, data ta' skadenza li kienet il-ġustifikazzjoni proprja li għaliha ntuża għoti dirett ta' kuntratt mingħajr ma ġew imfittxija fornituri oħra. Il-biċċa l-kbira mill-maskri (76.5 %) ġew fornuti biss f'Lulju 2020.

Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn

6.36. Il-benefiċjarji u l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi huma meħtieġa jżommu sistemi u proċeduri li jiżguraw *rendikont tal-entrati* li jkun adegwat. Dan jinkludi ż-żamma ta' reġistri ta' dokumenti.

6.37. Aħna sibna li kien hemm informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa f'erbgħa mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna, iżda fl-ebda minn dawk li kkwantifikajna. F'każ fi Spanja, l-iskedi tal-ħin ta' kull xahar meħtieġa mill-ftehim ta' għotja ntwerew mill-benefiċjarju biss ladarba l-proġett ta' sentejn kien ġie kkompletat u diversi ġimgħat wara li t-talba dwar il-kostijiet kienet ġiet ippreżentata għar-rimborż, iżda qabel ma sar il-pagament lill-benefiċjarju. F'każ ieħor, fil-Portugal, l-awtorità tal-awditjar ipprovditilna konferma mill-universitajiet parteċipanti b'rabta mar-reġistrazzjoni u l-krediti miksuba, li kienet iddatata wara x-xogħol tal-awditjar li wettaqna fuq il-post. Fuq din il-bażi, aħna ddeċidejna li ma nikkwantifikawx l-iżball. Nosservaw li l-Kummissjoni biħsiebha tagħti segwitu għal dan il-każ.

Strumenti finanzjarji

6.38. Strumenti finanzjarji, bħal self, garanziji u ekwità, huma forma rimborżabbli ta' appoġġ. L-iżborż permezz ta' strumenti finanzjarji żdied minn EUR 2.1 biljun fis-sena kontabilistika 2019/2020 għal EUR 5 biljun fis-sena kontabilistika awditjata.

[22] L-Artikolu 85 tal-Liġi 9/2017 (il-kodiċi Spanjol dwar l-akkwist pubbliku).

6.39. Aħna sibna sitt każijiet kwantifikabbli ta' żborżi fejn jew ir-riċevituri finali jew l-attivitajiet appoġġati kienu ineliġibbli b'mod evidenti: wieħed fl-Italja (għal nuqqas ta' konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà tan-*NEET*), wieħed fiċ-Ċekja (għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat) u erbgħa fi Spanja (għal ineliġibbiltà tar-riċevituri finali u ineliġibbiltà tas-selfiet). Dawn il-każijiet jirrappreżentaw madwar 0.3 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat tagħna.

6.40. Identifikajna wkoll 14-il dgħufija fis-sistema fl-istrumenti finanzjarji. F'4 minn dawn l-14-il każ, id-dgħufijiet li identifikajna kienu dgħufijiet sinifikanti fil-livell tal-verifiki tal-awtorità maniġerjali jew tal-korp intermedjarju. Dawn kienu jinkludu nuqqas ta' verifiki dwar jekk ir-riċevituri finali kinux affettwati minn kunflitti ta' interess jew kellhomx fedina penali, u nuqqas ta' verifika dwar jekk il-proċedura għall-għażla tar-riċevitur finali kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PO.

Ġestjoni finanzjarja tajba

6.41. Il-bażit tal-UE jrid jiġi implimentat b'mod legali u regolari, skont il-*ġestjoni finanzjarja tajba*, li tinkludi l-prinċipji tal-*ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività*. Ir-RDK jirrikjedi li l-Istati Membri jħarsu dawn il-prinċipji meta jimplimentaw il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni. F'xogħolna, identifikajna 11-il każ fil-Ġermanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja u l-Ungerija fejn dawn il-prinċipji ma kinux ġew irrispettati (ara l-***Kaxxa 6.8***).

Kaxxa 6.8

L-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati rriżulta f'benefiċċju finanzjarju eċċessiv għal Stat Membru

Il-kampjun tagħna kien jinkludi erba' operazzjonijiet minn PO Taljan fejn kienu ntużaw SCOs. Il-benefiċjarji ta' dawn l-erba' operazzjonijiet kienu ddikjaraw b'mod korrett il-kostijiet eliġibbli abbażi ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, iddeterminati mill-awtorità maniġerjali abbażi tal-Artikolu 67 tar-RDK. Madankollu, l-ammont iddikjarat mill-awtorità maniġerjali lill-Kummissjoni kien ġie kkalkulat abbażi ta' mudell ieħor, bl-użu tal-iskali standard ta' kostijiet unitarji tal-Kummissjoni (skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament FSE).

B'*riżultat* ta' dan, l-ammonti ċċertifikati lill-Kummissjoni u mħallsa mill-bażit tal-UE għal kull operazzjoni kkonċernata kienu bejn 16 % u 30 % ogħla minn dawk maqbula u mħallsa lill-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-ammont ta' finanzjament mogħti mill-UE u rċevut minn Stat Membru ma jkunx fundamentalment differenti mill-ammont żborżat lill-benefiċjarji.

Konna diġà rrappurtajna dwar diversi każijiet bħal dawn fir-Rapport Annwali 2020 tagħna[23].

Ċentru kulturali rinnovat mhux aċċessibbli għall-pubbliku

Fl-Italja sibna li ċentru kulturali ffinanzjat mill-FEŻR kien għadu ma nfetaħx għall-pubbliku tliet snin wara t-tlestija tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u t-twassil tat-tagħmir u tal-għamara. Fi żmien meta wettaqna l-awditu tagħna, ma kienx hemm informazzjoni dwar l-eżistenza ta' ċentru kulturali għajr poster barra l-bini li kien għadu qed jirreferi għax-xogħlijiet li kienu għaddejjin. It-tagħmir teknoloġiku tal-librerija tal-media kien wasal fl-2019, iżda kien għadu fil-kaxxi. Kamra tal-konferenzi mgħammra b'kollox qatt ma kienet intużat.

Filwaqt li l-outputs kienu nkisbu, l-investiment ma tax *valur tajjeb għall-flus* billi l-objettivi tat-twaqqif ta' librerija għall-komunità, it-trawwim ta' parteċipazzjoni fil-komunità u t-tisħiħ tal-koeżjoni kulturali ma kinux inkisbu.

Kien biss wara ż-żjara tal-awditjar tagħna li l-benefiċjarju nieda sit web iddedikat għall-proġett, b'kalendarju ta' avvenimenti li kienu se jsiru fl-2023.

Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

L-awtoritajiet maniġerjali huma l-"ewwel linja ta' difiża" kontra l-infiq irregolari, u l-awtoritajiet tal-awditjar huma t-"tieni linja ta' difiża"

6.42. L-awtoritajiet maniġerjali huma l-"ewwel linja ta' difiża" Il-kontroll effettiv tagħhom huwa indispensabbli biex jiġu żgurati kemm il-konformità tal-operazzjonijiet mal-qafas legali kif ukoll il-*prestazzjoni* tagħhom. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna tul dawn l-aħħar sitt snin juru li dawn il-kontrolli għadhom ma jpattux biżżejjed għar-riskju inerenti għoli ta' żball fil-koeżjoni.

6.43. L-awtoritajiet tal-awditjar huma t-"tieni linja ta' difiża" fil-qafas għall-aċċertament u l-kontroll tal-infiq. Abbażi ta' kampjuni, dawn jivverifikaw ir-regolarità tan-nefqa ddikjarata mill-awtoritajiet maniġerjali lill-Kummissjoni. Mil-lat funzjonali jeħtiġilhom ikunu indipendenti mill-awtoritajiet maniġerjali.

[23] Ara l-paragrafi 5.24, 5.25 u 5.26.

Rati tal-iżball residwu ogħla mill-materjalità għal aktar minn 60 % tal-valur tal-pakketti ta' aċċertament awditjati fl-2022

6.44. Ivvalutajna x-xogħol ta' 24 minn 116-il awtorità tal-awditjar, f'18-il Stat Membru u fir-Renju Unit. Il-kampjun tagħna kien jinkludi 34 pakkett ta' aċċertament u pakkett wieħed ta' għeluq. Ħlief għal tliet każijiet, l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw rata tal-iżball residwu daqs, jew taħt, is-soll ta' 2 % lill-Kummissjoni.

6.45. Fir-*RAA* tagħha, b'kont meħud tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha u tar-riżultati preliminari tal-awditi li wettaqna, il-Kummissjoni aġġustat ir-rata tal-iżball residwu għal 10 mill-34 pakkett ta' aċċertament fil-kampjun tagħna għal aktar minn 2 %. Dan jinkludi każ fejn il-Kummissjoni kienet eskludiet pagamenti bil-quddiem għal strumenti finanzjarji li qabel ġew inklużi mill-awtorità tal-awditjar. F'dan il-każ ma sibna l-ebda żball addizzjonali.

6.46. B'kont meħud tal-iżbalji addizzjonali identifikati mill-Kummissjoni u tas-sejbiet tal-awditjar proprji tagħna, ix-xogħol li wettaqna fuq il-kampjun ta' din is-sena juri li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % f'16 mill-34 pakkett ta' aċċertament awditjati.

Sehem ta' pakketti ta' aċċertament ogħla mill-materjalità li laħqu l-ogħla livell fl-2022

6.47. Mill-2017 'il hawn, eżaminajna 87 pakkett ta' aċċertament f'27 Stat Membru u r-Renju Unit mill-inqas darba. Il-kopertura tal-kampjun annwali tagħna tvarja bejn 34 % u 62 % tan-nefqa ċċertifikata fil-kontijiet annwali (ara l-linji blu fil-***Figura 6.10***). Osservajna li l-proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżball residwu ogħla minn 2 % ma kienx niżel taħt id-39 % tan-nefqa fil-kampjuni tagħna, u laħaq l-ogħla livell ta' 61 % fl-2022 (ara l-linji ħomor fil-***Figura 6.10***). Dan jirrifletti n-nuqqasijiet persistenti fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar.

Figura 6.10 – Pakketti ta' aċċertament b'rata tal-iżball residwu ogħla minn 2 % (2017 sa 2022)



Għadd totali ta' pakketti ta' aċċertament	Għadd ta' pakketti ta' aċċertament fil-kampjun tagħna
354	34
354	31
352	26
308	20
202	15
50	12

Sors: il-QEA.

Nuqqasijiet prinċipali identifikati fl-awditi tal-awtoritajiet tal-awditjar fl-2022

6.48. Ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar irid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet legali[24], u jrid jieħu inkunsiderazzjoni l-*Istandards Internazzjonali tal-Awditjar*.

6.49. L-awditu li wettaqna fl-2022 wera wkoll żieda sinifikanti fin-nuqqasijiet fl-ambitu, il-kwalità u d-dokumentazzjoni ta' xogħol l-awtoritajiet tal-awditjar. F'165 operazzjoni (73 %), aħna kellna nwettqu mill-ġdid il-proċeduri tal-awditjar korrispondenti (ara l-***Figura 6.11***). Għal 135 operazzjoni (60 % tat-total), aħna konna obbligati navviċinaw lill-awtoritajiet maniġerjali, lill-korpi intermedjarji jew lill-benefiċjarji għad-dokumentazzjoni tal-awditjar meħtieġa.

[24] Ir *Regolament Delegat* tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014.

Figura 6.11 – Tipi ta' nuqqasijiet identifikati fil-livell tal-awtoritajiet tal-awditjar



(*) Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn diversi dgħufijiet.

Sors: il-QEA.

6.50. Il-kampjun tagħna jikkonsisti prinċipalment fi tranżazzjonijiet diġà awditjati minn awtoritajiet tal-awditjar (ara l-paragrafu ***6.12***). L-iżbalji li sibna apparti jirrappreżentaw dgħufijiet f'xogħol l-awtoritajiet tal-awditjar li l-Kummissjoni mhux dejjem setgħet tindirizza qabel taċċetta l-kontijiet. Id-dgħufijiet jimmaterjalizzaw f'firxa wiesgħa, pereżempju dawk li jikkonċernaw ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fejn jivverifikaw:

- l-eliġibbiltà tan-nefqa (eż. kostijiet tal-persunal, SCO u proġetti kbar, jekk il-benefiċjarju kienx realment ġarrab u ħallas il-kostijiet mitluba). Dan jinkludi każijiet fejn sibna li l-awtorità tal-awditjar ma wettqitx biżżejjed verifiki fuq informazzjoni pprovduta minn benefiċjarji jew fejn ma kinux fis-seħħ aspetti ewlenin ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jaħdmu sew (ara l-***Kaxxa 6.9***);
- l-eliġibbiltà tal-proġetti;
- il-konformità mar-regoli tas-suq intern (eż. jekk il-benefiċjarju kkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat u l-akkwist);
- ir-riskju ta' frodi u ta' kunflitt ta' interess (eż. f'każ wieħed fl-Awstrija, il-kompiti tal-awtorità maniġerjali u tal-*awtorità taċ-ċertifikazzjoni* twettqu mill-istess persuna. ma kienx hemm separazzjoni tal-funzjonijiet); u
- rieżami tal-kwalità insuffiċjenti fuq ix-xogħol tal-awdituri esterni li lilhom ġew sottokuntrattati l-verifiki għal tliet PO.

Kaxxa 6.9

L-awtodikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji mhux iċċekkjati ma' sorsi affidabbli u vverifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar

F'diversi Stati Membri (id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja), sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar serrħu esklussivament fuq l-awtodikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji biex jivverifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u rekwiżiti oħra (bħall-kapaċità teknika tal-offerenti, l-istatus ta' *SME* tagħhom, il-kundizzjonijiet għall-istatus ta' "barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ" (NEET), il-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi, ir-rispett tal-limitu massimu *de minimis*, in-nuqqas ta' finanzjament doppju u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess).

Sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati ma kinux talbu u vverifikaw evidenza ulterjuri ta' appoġġ biex jikkorroboraw l-affidabbiltà tal-informazzjoni ddikjarata bħala parti mill-awditjar tagħhom fuq subkampjun ta' awtodikjarazzjonijiet. Tali verifiki jkunu jiżguraw aħjar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji filwaqt li jżommu x-xogħol tal-awditjar f'limiti raġonevoli. Dan ikun jippermetti li l-awtoritajiet tal-awditjar jidentifikaw awtodikjarazzjonijiet mhux korretti jew mhux kompluti.

Nuqqasijiet fil-verifiki li wettqu l-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-istrumenti finanzjarji

6.51. Identifikajna wkoll dgħufijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar f'aktar minn nofs l-istrumenti finanzjarji li awditjajna (7 minn 13). Fiċ-Ċekja, l-awtorità tal-awditjar kienet irrappurtat, fir-*rapport annwali ta' kontroll* tagħha, li kienet awditjat strument finanzjarju, li fil-verità ma kienet awditjat xejn.

Natura pluriennali ta' operazzjonijiet li ma jittieħdux inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji

6.52. Il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni jipprovdu appoġġ, permezz ta' programmi pluriennali, lil operazzjonijiet li n-nefqa tagħhom tista' tiġi ċċertifikata fi snin differenti b'segwitu għall-progress tal-implimentazzjoni. Għalhekk, żball identifikat fin-nefqa ta' operazzjoni fl-ewwel sena jista' jkollu impatt fuq in-nefqa diġà ddikjarata fi snin preċedenti.

6.53. Kull meta l-awtoritajiet tal-awditjar jidentifikaw irregolaritajiet li jaffettwaw ukoll in-nefqa ċċertifikata f'perjodi preċedenti, jenħtieġ li jsaqsu lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni biex jikkoreġu n-nefqa ineliġibbli kollha fil-kontijiet. Fl-Italja, sibna operazzjoni taħt il-FEŻR fejn l-awtorità tal-awditjar kienet identifikat irregolarità li kellha impatt fuq in-nefqa ċċertifikata f'perjodi preċedenti.

Madankollu, l-Istat Membru kien applika korrezzjoni biss fuq in-nefqa li kienet ikkampjunat u vverifikat l-awtorità tal-awditjar.

Miżuri biex tiġi miġġielda u rrappurtata l-frodi kontra l-baġit tal-UE

6.54. Skont id-dritt tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jipproteġu l-baġit tal-UE minn frodi u irregolaritajiet[25]. Għal dan il-fini, huma meħtieġa jistabbilixxu sistemi ta' kontroll li jkunu effettivi. Ara l-paragrafu **1.48** għall-każijiet ta' frodi suspettata li identifikajna tul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fl-2022 u li rrappurtajna lill-OLAF u/jew lill-UPPE.

L-awtoritajiet tal-awditjar ma jindirizzawx biżżejjed ir-riskju ta' frodi

6.55. Matul ir-rieżaminar li wettaqna ta' xogħol l-awtoritajiet tal-awditjar, ivvalutajna jekk kinux indirizzaw b'mod adegwat ir-riskju ta' frodi, kemm permezz ta' taqsimiet speċifiċi fil-listi ta' kontroll tagħhom għall-awditi tal-operazzjonijiet, jew permezz ta' proċeduri tal-awditjar oħra speċifiċi għall-frodi, bħall-użu tal-għodda għall-kejl tar-riskju *Arachne*[26].

6.56. Sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar indirizzaw b'mod espliċitu r-riskju ta' frodi għal 65 % tal-operazzjonijiet awditjati fil-perjodu 2014-2020 (145 minn 222). Dan huwa titjib fuq it-38 % li sibna s-sena l-oħra[27], iżda xorta għadu insuffiċjenti.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jirrappurtawx każijiet ta' frodi suspettata fl-IMS kif meħtieġ

6.57. Skont ir-RDK, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtiġilhom jirrappurtaw il-każijiet kollha ta' frodi suspettata jew stabbilita relatata ma' proġetti ffinanzjati mill-UE li jidentifikaw. Huma jeħtiġilhom jirrappurtaw dawn il-każijiet anke jekk jidentifikawhom qabel jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni. Dan l-obbligu japplika għall-korpi ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni kollha fl-Istat Membru, mhux biss

---

[25] L-Artikolu 72(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[26] Arachne hija għodda speċifika ta' estrazzjoni tad-*data* li tiġi offruta mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni biex tgħinhom jidentifikaw proġetti li jaf ikunu suġġetti għal riskji ta' frodi.

[27] Il-paragrafu 5.52 tar-Rapport Annwali 2021.

għall-awtoritajiet inkarigati mill-programmi. Dan ir-rappurtar iseħħ permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) li hija operata mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

6.58. Fil-kampjun tagħna, sibna tliet każijiet ta' investigazzjonijiet ta' frodi li għadhom għaddejjin li ma kinux ġew irrappurtati fl-IMS. L-awtoritajiet inkarigati mill-programmi fl-Istati Membri jew ma kinux konxji tal-investigazzjoni li kienet qed titwettaq mill-korp ta' investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni rilevanti, jew kienu ttraskuraw l-obbligu regolatorju tagħhom li jirrappurtawhom. Nagħmlu wkoll referenza għar-Rakkomandazzjoni 5.2 fir-Rapport Annwali 2020 tagħna, li s'issa l-Kummissjoni implimentat fil-biċċa l-kbira mill-aspetti (ara l-***Anness 6.2***).

Għodod ġodda tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju implimentati tard

6.59. Attwalment, il-karta maqbula bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi fl-Istati Membri parteċipanti timpedixxi b'mod espliċitu lill-OLAF, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-QEA milli jaċċessaw l-għodda għall-kejl tar-riskju Arachne.

6.60. Fl-2022, il-Kummissjoni kienet ipproponiet riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju[28] li tipprevedi l-iżvilupp u l-użu obbligatorju ta' "sistema tal-IT integrata unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-kejl tar-riskju". Din l-għodda tkun taggrega u tisfrutta *data* dwar is-sidien benefiċjarji finali tal-fondi mill-UE pprovduti mill-Istati Membri. Fl-Opinjoni 06/2022 tagħna aħna lqajna l-proposta li tinħoloq din is-sistema tal-IT u li lill-korpi investigattivi u ta' kontroll, inklużi l-OLAF, l-UPPE u l-QEA, jingħatalhom aċċess għaliha[29].

6.61. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li din l-għodda tkun disponibbli sal-2028. Aħna nqisu li dan it-twaqqit mhux ġustifikat, billi l-qafas leġiżlattiv attwali għall-koeżjoni diġà jistipula li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu din id-*data* lill-

[28] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), COM (2022) 223.

[29] L-Opinjoni 06/2022 (skont l-Artikolu 322(1), TFUE) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni).

Kummissjoni.[30] Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għadha ma ħaditx azzjonijiet leġiżlattivi biex tkompli tiċċara l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' koordinazzjoni ta' kontra l-frodi fl-Istati Membri kif konna rrakkomandajna fir-Rapport Speċjali 06/2019 tagħna[31].

Segwitu għar-rapport speċjali tagħna dwar il-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni

6.62. Matul is-segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali 06/2019 tagħna, aħna sibna li xi dgħufijiet identifikati fl-awditu preċedenti li wettaqna baqgħu jippersistu: B'mod partikolari, il-Kummissjoni mhija se tippubblika l-ebda gwida speċifika għall-perjodu 2021-2027 dwar miżuri kontra l-frodi u ma kinitx ħadet miżuri biex ixxerred b'mod regolari l-aħjar prattiki. Fl-aħħar nett, ħames Stati Membri għadhom ma adottawx strateġija nazzjonali kontra l-frodi. Barra minn hekk, mhux l-awtoritajiet maniġerjali kollha f'dawn il-ħames Stati Membri adottaw politiki kontra l-frodi fil-programmi tagħhom (ara l-***Anness 3.1***).

Ix-xogħol ta' aċċertament imwettaq mill-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha

6.63. Ir-rapporti annwali tal-attività huma l-għodda prinċipali tad-DĠ tal-Kummissjoni biex jirrappurtaw jekk għandhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll jiżguraw ir-regolarità tan-nefqa.

L-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni dwar ir-regolarità użat mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività huwa taħt is-soll ta' materjalità, filwaqt li l-istima tagħha tal-iżball massimu hija ogħla

6.64. Fil-koeżjoni, il-Kummissjoni tuża rati tal-iżball residwu individwali rrappurtati mill-Istati Membri, ir-riżultati tax-xogħol tagħha stess relatat mar-regolarità u informazzjoni oħra disponibbli bħall-awditi li nwettqu biex tikkalkula rata ta' żball

---

[30] L-Opinjoni 06/2022 (skont l-Artikolu 322(1), TFUE) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni).

[31] Ir-Rapport Speċjali 06/2019: "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE – Jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni".

medja ponderata. Hija tirrapporta dik ir-rata bħala *indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI)* dwar il-*legalità u r-regolarità*. Bħal fi snin preċedenti, għall-kalkolu tal-KPI, il-Kummissjoni teskludi l-impatt tal-pagamenti bil-quddiem imħallsa lill-istrumenti finanzjarji.

6.65. Għas-sena kontabilistika 2020/2021, id-DĠ REGIO rrapporta KPI ta' 1.9 % u "rata massima" ta' 2.7 %. Ir-rati tad-DĠ EMPL kienu 1.9 % għall-KPI u 2.8 % għar-riskju massimu. Għaż-żewġ DĠ, ir-rata massima hija maħsuba biex tindirizza r-riskju ta' żbalji li jaqgħu barra mill-kampjun tat-tranżazzjonijiet fil-PO li ġew awditjati matul is-sena (jew mill-Kummissjoni jew inkella minna). Dawn ir-rati massimi jistgħu jinkludu wkoll "suppliment" jew rata fissa għall-PO mhux awditjati[32].

6.66. Il-***Figura 6.12*** tagħti stampa ġenerali tal-KPIs irrappurtati mill-Kummissjoni fir-RAAs tal-2022. Għas-sena kontabilistika 2020/2021, għall-ewwel darba dawn il-KPIs kienu jinsabu barra mill-firxa ta' żball stmat minna.

Figura 6.12 – Il-KPIs tal-Kummissjoni għall-koeżjoni mqabbla mar-rata ta' żball stmata minna



Sors: il-QEA.

[32] In-Nota 65 f'qiegħ il-paġna tar-RAA 2022 tad-DĠ REGIO u n-Nota 71 f'qiegħ il-paġna tar-RAA 2022 tad-DĠ EMPL.

6.67. Bl-istess mod, fl-*AMPR* tal-2022, l-indikaturi rrappurtati mill-Kummissjoni jinsabu barra mill-firxa tagħna ta' żball (ara wkoll il-***Figura 6.12***).

— Għall-Intestatura 2 tal-QFP fl-intier tagħha, riskju kkombinat fil-waqt tal-pagament ta' bejn 1.8 % u 2.6 %[33], u dan huwa bbażat fuq l-ammonti f'riskju konklużi mid-diversi direttorati ġenerali.

— Għas-Subintestatura 2a tal-QFP dwar il-koeżjoni, riskju kkombinat fil-waqt tal-pagament ta' bejn 1.9 % u 2.7 %[34], li għal darba oħra huwa bbażat fuq l-istimi tad-direttorati ġenerali għall-ammonti f'riskju u fuq il-KPIs tagħhom.

Il-Kummissjoni tkompli tidentifika irregolaritajiet permezz tal-awditi tal-konformità tagħha, iżda jippersistu limitazzjonijiet inerenti fl-analiżijiet mhux fuq il-post

6.68. L-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità rrappurtata fir-rapporti annwali tal-attività tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-kwalità tax-xogħol tal-awtoritajiet inkarigati mill-programmi. Il-Kummissjoni twettaq analiżijiet mhux fuq il-post u *awditi tal-konformità* biex tirrieżamina u tivvaluta x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Fl-analiżijiet mhux fuq il-post imwettqa minnha, hija tivverifika l-konsistenza tal-informazzjoni dwar ir-regolarità li tkun inkluża fil-pakketti ta' aċċertament. L-analiżijiet mhux fuq il-post li twettaq il-Kummissjoni għandhom limitazzjonijiet inerenti meta jiġu biex jikkonfermaw ir-*rata tal-iżball residwu totali*[35]. Dan jidher mill-iżbalji addizzjonali li qbadna matul l-awditi li wettaqna.

6.69. L-objettiv tal-awditi tal-konformità huwa li jinkiseb aċċertament raġonevoli li fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ma jkunx hemm dgħufijiet serji li jibqgħu ma jinqabdux, ma jiġux irrappurtati u għalhekk ma jiġux ikkoreġuti. Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet 27 awditu tal-konformità, li spiss ikopru l-programmi taħt il-FEŻR/FK u taħt il-FSE/*YEI*. Fi 15 minn dawn l-awditi, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rati tal-iżball residwu rrappurtati fir-rapport annwali ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika 2020/2021 kienu ġew stmati b'mod insuffiċjenti; għalhekk il-Kummissjoni żiedet dawk ir-rati. F'10 każijiet, dan wassal biex ir-rata tal-iżball residwu tkun ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %.

---

[33] Il-Volum III tal-AMPR 2022, l-Anness 5, p.15.

[34] Il-Volum II tal-AMPR 2022, l-Anness 2, p. 61.

[35] Ir-Rapport Speċjali 26/2021: "*Regolarità* tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali".

6.70. Fir-Rapport Annwali 2021 tagħna[36], osservajna li l-Kummissjoni kienet tejbet il-metodoloġija li tuża biex tistma r-riskju massimu billi inkludiet suppliment għal PO li ma ġewx awditjati. Sibna li għad hemm żewġ nuqqasijiet: il-Kummissjoni ma tapplikax dawn is-supplimenti fil-każ ta' PO li jkunu ġew awditjati fi snin kontabilistiċi preċedenti u, f'xi każijiet, il-livell ta' suppliment jista' ma jkunx suffiċjenti biex jieħu kont tal-iżbalji li l-Kummissjoni ma tkunx identifikat permezz tal-awditi tal-konformità tagħha. Dawn id-dgħufijiet jaffettwaw ukoll ir-riskju fil-waqt tal-għeluq tal-Kummissjoni, billi l-Kummissjoni jaf ma twettaqx il-korrezzjonijiet meħtieġa biex ir-rata tal-iżball residwu ġġibu taħt is-soll ta' materjalità fil-każijiet kollha.

Il-Kummissjoni għadha ma implimentatx korrezzjonijiet finanzjarji netti

6.71. Id-dispożizzjonijiet legali introdotti għall-perjodu 2014-2020 jagħtu aktar setgħa lill-Kummissjoni biex tiżgura li n-nefqa irregolari ma tibqax tiġi rimborżata mill-baġit tal-UE, permezz tal-possibbiltà tal-implimentazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika dawn il-korrezzjonijiet f'każijiet fejn defiċjenzi serji ma jiġux identifikati mill-Istati Membri taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 145(7) tar-RDK. Sal-aħħar tal-2022, il-Kummissjoni kienet għadha ma implimentat l-ebda korrezzjoni finanzjarja netta.

6.72. Eżaminajna jekk, sal-aħħar tal-2022, il-Kummissjoni (id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO) kinitx iddivulgat xi informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji netti. Id-DĠ REGIO rrapporta li kien għadu ma applikax korrezzjonijiet finanzjarji netti. Skont ir-RAA tad-DĠ EMPL, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti jidher li kienu ġew issodisfati f'każ wieħed u jista' jkun li tinbeda proċedura fl-2023.

L-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2017-2013 għadu għaddej

6.73. Il-31 ta' Marzu 2017 hija d-data ta' skadenza għall-Istati Membri biex jissottomettu d-dokumenti ta' għeluq għall-perjodu 2007-2013. Il-Kummissjoni mbagħad jeħtiġilha toħroġ l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien ħames xhur minn meta tirċievi d-dokumenti ta' għeluq[37]. Madankollu, m'hemmx data ta' skadenza regolatorja għall-Istat Membru biex jirrispondi għal dawn il-kummenti. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni, fil-linji gwida tagħha dwar l-għeluq, stabbiliet data ta' skadenza ta' xahrejn f'dan ir-rigward, li tista' tiġi estiża fuq talba. F'każ li jkun meħtieġ aktar xogħol

[36] Ara l-paragrafi 5.59-5.62.

[37] L-Artikolu 89 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

tal-awditjar, id-data ta' skadenza tista' tiġi estiża għal perjodu meqjus neċessarju biex jiġi konkluż dan ix-xogħol. Dawn il-linji gwida madankollu huma vinkolanti biss fuq il-Kummissjoni, mhux fuq l-Istati Membri. Fir-Rapport Speċjali 36/2016[38], enfasizzajna li n-nuqqas ta' dati ta' skadenza regolatorji jqiegħdu f'riskju it-tlestija tal-għeluq fil-ħin.

6.74. Sa tmiem l-2022, id-DĠ REGIO kien għalaq 276 minn 322 PO għall-perjodu 2007-2013. Għal 44 PO oħra, id-DĠ REGIO għamel pagament ta' qabel l-għeluq li jkopri biss l-ammonti mhux ikkontestati, filwaqt li kwistjonijiet pendenti (bħal investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin, sejbiet tal-awditjar miftuħa, irkupri pendenti, eċċ) għad iridu jiġu riżolti. Id-DĠ EMPL għalaq 101 minn 117-il PO u għalaq minn qabel 13-il PO. Sitt programmi (id-DĠ REGIO: 2, id-DĠ EMPL: 4) għadhom kompletament miftuħa minħabba kwistjonijiet pendenti. Peress li m'hemmx data ta' skadenza finali għall-għeluq fil-qafas legali, ma jistax jiġi mbassar kemm se jenħtieġ żmien biex jingħalqu l-PO kollha fil-perjodu 2007-2013.

6.75. Għall-perjodu 2014-2020, l-għeluq finali tal-programmi se jkun ibbażat biss fuq id-dokumenti relatati mas-sena kontabilistika finali u r-rapport finali ta' implimentazzjoni. Madanakollu, l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi xorta se jkollhom jindirizzaw il-valutazzjoni finali tal-eliġibbiltà tal-kostijiet iddikjarati għal xi operazzjonijiet, b'mod partikolari għal operazzjonijiet li jinvolvu investimenti li jsiru minn strumenti finanzjarji, l-approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem relatati mal-għajnuna mill-Istat, il-valutazzjoni finali tal-operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul, u t-trattament ta' operazzjonijiet mhux funzjonali. Dan jaf jeħtieġ korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, bir-riskju ta' aktar dewmien għall-għeluq.

Rappurtar dwar diversi proċeduri tal-istat tad-dritt

6.76. B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tagħna fir-rapport annwali tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni (id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL) inkludiet sommarju dwar l-istat ta' implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Baġitarja 2020/2022 fir-RAA tagħha. Sal-aħħar tal-2022, is-27 Stat Membru kienu rċevew il-prefinanzjament għall-programmi tagħhom 2021-2027. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2021/1060, dan jinkludi lill-Ungerija (EUR 468 miljun) u lill-Polonja (EUR 1.7 biljun), anki jekk ir-rimborż tat-talba għall-pagament huwa impedit għaliex, sa issa, l-ebda wieħed miż-żewġ Stati Membri ma jissodisfa għalkollox il-kundizzjoni abilitanti orizzontali marbuta mar-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

[38] Ir-Rapport Speċjali 36/2016: "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-*programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali* għall-2007-2013".

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

6.77. L-evidenza għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" kien materjali. Għall-Intestatura 2 tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 6.4 %.

6.78. Kważi l-iżbalji kollha li kkwantifikajna f'dan il-kapitolu jikkonċernaw l-infiq taħt is-Subintestatura 2a, li għalih l-istima tal-iżball kumplessiva tagħna hija 6.6 %.

6.79. Il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni fil-perjodu 2014-2020 tfassal biex jiġi żgurat li r-rati annwali tal-iżball residwu kienu taħt is-soll ta' materjalità. Jeħtieġ isir aktar titjib fil-mod kif il-qafas jiġi applikat, kemm mill-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-programmi kif ukoll mill-Kummissjoni.

6.80. Is-sejbiet tal-awditjar tagħna jissuġġerixxu li l-kontrolli tal-awtoritajiet maniġerjali mhux dejjem jipprevienu jew jidentifikaw b'suċċess l-irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, sibna dgħufijiet sinifikanti fix-xogħol ta' diversi awtoritajiet tal-awditjar koperti mill-kampjun tagħna (ara l-paragrafi ***6.44***-***6.58***). Dan jillimita d-dipendenza li tista' titqiegħed fuq xogħolhom. Ir-rata ta' żball li kkalkulajna mill-ġdid kienet ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % f'16 minn 34 pakkett ta' aċċertament għall-perjodu 2014-2020. Il-Kummissjoni aġġustat ir-rati tal-iżball residwu għal 10 minn dawn il-pakketti għal ċifra ogħla minn 2 %. B'dan il-mod, hija ħadet kont ukoll tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

6.81. Mill-2017 'il hawn, il-pakketti ta' aċċertament fil-kampjuni annwali tagħna ammontaw b'mod konsistenti għal aktar minn terz tan-nefqa aċċettata mill-Kummissjoni. Is-sehem tan-nefqa koperta minn pakketti ta' aċċertament b'rati residwi ogħla minn 2 % żdied minn 44 % fl-2017 għal 61 % fl-2022 (ara l-***Figura 6.10***).

6.82. Fl-AMPR u r-RAA tal-2022, il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni kumplessiva tagħna li hemm livell materjali ta' żball fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni. Fl-istess ħin, l-istimi tal-iżball tal-Kummissjoni huma sinifikattivament aktar baxxi minn tagħna (ara l-***Figura 6.12***).

Rakkomandazzjonijiet

6.83. L-***Anness 6.2*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 tagħna. Minn dawn, il-Kummissjoni kienet implimentat rakkomandazzjoni waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda f'xi wħud mill-aspetti.

6.84. Irrieżaminajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2020 u 2021 tagħna li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata, jew li kienu mmirati għall-implimentazzjoni matul l-2022 jew sa April 2023. Irrieżaminajna wkoll rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2017 u 2018 li kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ, iżda li għadhom rilevanti.

6.85. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2021, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 6.1 – Miżuri ta' mitigazzjoni għal żbalji rikorrenti

Issaħħaħ il-miżuri mfassla biex jindirizzaw l-iżbalji rikorrenti, speċifikament b'rabta ma' kostijiet u proġetti ineliġibbli, tiżgura kopertura suffiċjenti tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha għall-awtoritajiet tal-awditjar kollha, u xxerred ir-riżultati biex tnaqqas l-okkorrenza u l-impatt tal-infiq irregolari.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2025

Rakkomandazzjoni 6.2 – Notifiki tal-proġetti l-kbar

Tivverifika, meta tagħlaq il-programmi għall-2014-2020, li n-nefqa marbuta ma' notifiki tal-proġetti l-kbar biss ġiet aċċettata, u tieħu kont partikolari tas-sitwazzjoni identifikata dik is-sena.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: mhux aktar tard minn Marzu 2025

Rakkomandazzjoni 6.3 – Awditi tematiċi dwar il-kunflitt ta' interess

Tippjana u timplimenta awditi tematiċi ffukati fuq il-kunflitt ta' interess għall-programmi 2021-2027, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju proprja tagħha u fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2024

Rakkomandazzjoni 6.4 – Verifiki mmirati fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji għal operazzjonijiet pluriennali matul l-għeluq

Twettaq verifiki speċifiċi mmirati fl-awditi tal-għeluq tagħha għall-2014-2020 biex tiżgura li l-Istati Membri applikaw il-korrezzjoni finanzjarja neċessarja għal żbalji identifikati f'sena kontabilistika waħda li jaffettwaw ukoll in-nefqa f'perjodi kontabilistiċi oħra.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: minn Frar 2025 sa tmiem l-għeluq tal-PO kollha għall-2014-2020

Rakkomandazzjoni 6.5 – L-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet

Tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom fis-seħħ metodi xierqa biex jiċċekkjaw il-validità u l-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet u jikkondividu prattiki tajba, u dan filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni identifikata din is-sena.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2023

Rakkomandazzjoni 6.6 – Tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' frodi biex jiġi żgurat rappurtar aktar effettiv dwar frodi suspettata

(a) tippjana u timplimenta awditi tematiċi ffukati rigward is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju tal-awtoritajiet maniġerjali u l-użu tal-għodod għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-kejl tar-riskju għall-programmi 2021-2027.

(b) tispeċifika rekwiżiti minimi għall-awtoritajiet tal-awditjar biex ikopru r-riskju ta' frodi fil-listi ta' kontroll u x-xogħol tal-awditjar tagħhom.

(c) tfakkar lill-Istati Membri bl-obbligi tagħhom rigward ir-rappurtar tal-frodi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: għar-Rakkomandazzjoni 6.6(a) sa Diċembru 2025, għar-Rakkomandazzjonjiet 6.6(b) u 6.6(c) sa Diċembru 2023

Rakkomandazzjoni 6.7 – Implimentazzjoni tal-għodda għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju

tmexxi 'l quddiem id-data għall-mobilizzazzjoni tal-għodda unika integrata tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju mill-2028 għall-2025, l-ewwel sena li fiha mistenni jiġi ddikjarat ammont sinifikanti tan-nefqa għall-2021-2027. sadanittant, tiżgura li l-OLAF, l-UPPE u l-QEA jkollhom aċċess għal Arachne.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2025

Annessi

Anness 6.1 – Diżaggregazzjoni tal-kampjun ta' tranżazzjonijiet tagħna u s-sejbiet assoċjati għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2022



Bi żbalji relatati mat-tranżazzjonijiet
Mingħajr żbalji relatati mat-tranżazzjonijiet
Mhux awditjati

			Sejbiet relatati mat-tranżazzjonijiet	
Stat Membru(*)	**Kontribuzzjoni mill-UE (miljun EUR)**	**Tranżazzjonijiet awditjati**	**Żbalji kwantifikabbli**	**Żbalji mhux kwantifikabbli**
Il-Polonja	12 965	40	2	2
L-Italja	8 320	27	5	
Spanja	7 129	22	7	7
Iċ-Ċekja	3 775	14	6	2
L-Ungerija	3 769	20	7	7
Il-Portugall	3 654	12	5	3
Il-Greċja	3 511	12	1	
Ir-Rumanija	3 407	14	3	3
Il-Ġermanja	2 538	13	5	1
Franza	2 277	6		
Is-Slovakkja	1 921	13	4	
Kooperazzjoni territorjali(**)	1 551	6(***)	2	2
Ir-Renju Unit	1 191	7		
Il-Kroazja	1 150	8		
Il-Litwanja	955	7		
Il-Bulgarija	934	7		
Il-Latvja	683	--		
Is-Slovenja	628	1		
L-Irlanda	365	--		
L-Estonja	350	--		
Il-Belġju	276	--		
Ċipru	214	--		
L-Iżvezja	205	--		
Il-Finlandja	186	--		
L-Awstrija	168	--		
In-Netherlands	160	--		
Id-Danimarka	72	4		
Malta	72	4		3
Il-Lussemburgu	8	4	1	
TOTAL	**62 434**	**241**	**48**	**30**

(*) Il-kampjun tagħna mhux maħsub biex jikkonkludi fil-livell tal-Istat Membru.
(*) Il-kontribuzzjonijiet għall-kooperazzjoni territorjali jinkludu l-Ispazju tal-Alpi (l-Awstrija, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, is-Slovenja) u l-Ewropa Ċentrali (l-Awstrija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja, tmien Länder tal-Ġermanja u disa' reġjuni tal-Italja). Dawn il-kontribuzzjonijiet huma tranżnazzjonali u mhumiex inklużi f'din l-illustrazzjoni.
(***) Sħab awditjati minn: l-Awstrija, il-Polonja, il-Ġermanja, l-Italja (2) u s-Slovenja.

Sors: il-QEA.

Anness 6.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Koeżjoni, reżiljenza u valuri”

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2017	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-*FEI* jkunu adegwati fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Meta l-BEI/il-FEI jirrikorru għal proċeduri miftiehma ma’ awdituri esterni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċertament, tiddefinixxi l-kundizzjonijiet minimi ta’ kuntratti ta’ dan it-tip, b’mod partikolari l-obbligu li jitwettaq xogħol tal-awditjar suffiċjenti fil-livell tal-Istat Membru; (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)		Ir-*Regolament Omnibus* introduċa rekwiżit biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistemi u awditi tal-operazzjonijiet fuq l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, inklużi l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI, iżda jeskludi l-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs, li ġew stabbiliti qabel it-2 ta’ Awwissu 2018. Il-Kummissjoni ħadet miżuri addizzjonali billi inkludiet, fil-metodoloġija tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji, rakkomandazzjoni biex l-awtoritajiet tal-awditjar jawditjaw lill-intermedjarji finanzjarji għall-istrumenti implimentati mill-Grupp tal-BEI, irrispettivament minn meta ġew stabbiliti. Madankollu, il-metodoloġija ma tistax testendi l-mandat regolatorju tal-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni tat prova tal-fatt li, f’xi Stati Membri, l-awtoritajiet tal-awditjar diġà jwettqu kontrolli fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Madankollu, l-awditi li wettaqna fl-2020 u fl-2022 (Inizjattivi għall-SMEs fi Spanja) żvelaw li dawk il-kontrolli għadhom ma jitwettqux b’mod konsistenti (fl-Istat Membru li awditjajna, la l-awditur estern u lanqas l-awtoritajiet tal-awditjar ma kienu wettqu l-ebda awditu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji). Ma ġie pprovdut l-ebda element ġdid biex jintwera li dan ġie kkoreġut fl-2022.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 3 Tindirizza d-dgħufijiet li identifikajna fil-verifika li twettaq tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-kuntest tal-awditi tagħha tar-regolarità. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)		Ara l-paragrafi 6.58-6.64 tar-Rapport Annwali 2018, il-paragrafi 5.48-5.62 tar-Rapport Annwali 2019, il-paragrafi 5. 43-5.44 tar-Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 5.40-5.43 tar-Rapport Annwali 2021 u l-paragrafu 6.47 tar-Rapport Annwali 2022. Minkejja li l-Kummissjoni żiedet ix-xogħol tal-awditjar tal-konformità, xorta waħda għadna niltaqgħu ma' dgħufijiet fix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar.
	Rakkomandazzjoni 4 Tindirizza l-kumplessità tal-informazzjoni ppreżentata, fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament 2014-2020, billi: (…) (iii) tiddivulga rata kumplessiva tal-iżball residwu għas-Subintestatura 1b tal-QFP għal kull sena kontabilistika. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2019)		Il-punt (iii) huwa implimentat fil-biċċa l-kbira mill-aspetti peress li l-Kummissjoni tipprovdi stima kumplessiva għas-Subintestatura 2a tal-QFP fl-AMPR. Madankollu, meta DĠ jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit taħt diversi intestaturi tal-QFP, in-nefqa tiġi allokata lil intestatura tal-QFP waħda. B'riżultat ta' dan, din l-istima ma tirriflettix bis-sħiħ in-nefqa ta' bażi.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5 Tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar jinbidlu skont il-proposta li tkun għamlet il-Kummissjoni għall-istrumenti finanzjarji fil-qafas regolatorju wara l-2020, biex, għall-kalkolu tar-rati tal-iżball residwu, jintużaw biss il-fondi li verament ikunu ntużaw fil-livell tar-riċevituri finali. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: qabel tibda l-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għal wara l-2020)		Ir-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni* l-ġdid għall-perjodu 2021-2027 (ir-Regolament (UE) Nru 2021/1060) jipprevedi li pagament uniku bil-quddiem għal strumenti finanzjarji jiġi inkluż fl-ewwel applikazzjoni għall-pagament. Fir-risposti tagħha għas-segwitu tar-Rapport Annwali 2020, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tadotta att delegat li jkun jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jeskludu dan il-pagament bil-quddiem mill-popolazzjoni awditjata. Issa l-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid din il-pożizzjoni u ddikjarat li l-pagament inizjali bil-quddiem se jibqa' jagħmel parti mill-popolazzjoni li nawditjaw għas-sena kontabilistika kkonċernata.
	Rakkomandazzjoni 6 Twettaq kontrolli tar-regolarità li jkunu suffiċjenti biex tkun tista' tifformula konklużjonijiet dwar l-effettività tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar ir-regolarità tan-nefqa sa mhux aktar tard milli fir-rapporti annwali tal-attività li tippubblika s-sena ta' wara dik li fiha taċċetta l-kontijiet. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)		Ara l-paragrafu 5.64 tar-Rapport Annwali 2021.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2018	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 6.1 – Arranġamenti tal-awditjar għall-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs** Tiżgura li: (a) kontrolli regolari, ibbażati fuq kampjun rappreżentattiv ta' żborżi favur ir-riċevituri finali, jitwettqu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew mill-awtorità tal-awditjar jew inkella minn awditur magħżul mill-Grupp tal-BEI; (b) fejn dawn il-kontrolli ma jkunux suffiċjenti, tiżviluppa u timplimenta miżuri ta' kontroll xierqa għall-prevenzjoni tal-possibbiltà li ssir nefqa irregolari materjali fl-għeluq. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)		L-awditi preċedenti tagħna kkonfermaw li l-FEI diġà għamel jew qed jagħmel titjib fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tiegħu u estenda b'mod volontarju l-użu ta' rapporti ta' aċċertament raġonevoli għall-programmi ta' Inizjattivi għall-SMEs. Filwaqt li nirrikonoxxu li xi awtoritajiet tal-awditjar diġà wettqu verifiki fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, għadha ma ngħatatx prova tal-effettività sħiħa ta' dawn il-miżuri. Bħala eżempju aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riżultati tal-awditu ta' Inizjattivi għall-SMEs fi Spanja li twettqu fil-kuntest tad-*DAS* 2022.
2019	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 5.1 – Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-proġetti** Tikkjarifika xi jfissru operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew li ġew "implimentati bis-sħiħ". Dan ikun jgħin lill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-operazzjonijiet jikkonformaw mal-Artikolu 65(6) tar-RDK u jevitaw in-nuqqas ta' detezzjoni ta' operazzjonijiet ineliġibbli. Jenħtieġ li jiġi kkjarifikat li din il-kundizzjoni tirrelata biss ma' xogħlijiet jew attivitajiet li huma meħtieġa biex jinkiseb l-output tal-operazzjoni, u mhux ma' aspetti finanzjarji u amministrattivi. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)		Aħna nirrikonoxxu l-miżuri li diġà ngħataw bidu mill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-kunċetti ta' operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew li ġew "implimentati bis-sħiħ", inkluża l-proposta għall-modifika tat-"Tipoloġija ta' żbalji" għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 biex tiġi indirizzata l-kategorija separata ta' "proġetti retrospettivi". Madankollu, il-Kummissjoni ma kinitx xerrdet dawk il-kjarifiki jew it-"Tipoloġija ta' żbalji" immodifikati mal-Istati Membri kollha.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5.2 – Azzjoni biex tiżdied l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar Tanalizza s-sorsi prinċipali tal-iżbalji li ma jinqabdux u tiżviluppa l-miżuri meħtieġa, flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar, biex ikun hemm titjib fl-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2021)		Minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, kif ippreżentati fir-RAAs tad-DĠ REGIO (2019: pp. 25 u 2020: pp. 41-43 u 2021: pp. 32-33) u tad-DĠ EMPL (2019: p. 37, 2020: pp. 43-44 u 2021: p. 49), ix-xogħol tal-awditjar għall-2020 ma wriex titjib sinifikanti f'dan ir-rigward (ara pereżempju l-paragrafu 5.38 tar-Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 5.40 u 5.41 tar-Rapport Annwali 2021 u l-paragrafi 6.48, 6.49 u 6.50 tar-Rapport Annwali 2022. Il-Kummissjoni kienet implimentat l-analiżi tas-sorsi prinċipali ta' żbalji li ma nqabdux.
2020	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 5.2 – Jinżamm rekord tar-riskju ta' frodi fl-awditi li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu fir-rigward tal-operazzjonijiet** Tħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-awditjar b'mod espliċitu biex jintroduċu mistoqsijiet speċifiċi fil-listi ta' kontroll tagħhom dwar riskji ta' frodi u jiddokumentaw il-passi li jittieħdu biex jiġu indirizzati riskji bħal dawn li jiġu skoperti matul awditu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-awditjar jaħdmu f'kollaborazzjoni mas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi nazzjonali (AFCOSs) u jieħdu kont ta' każijiet ta' frodi suspettata jew stabbilita rrappurtati lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Nirreferu wkoll għar-rakkomandazzjonijiet tagħna fir-Rapport Speċjali 06/2019. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2022)		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5.3 – Segwitu tal-ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa Titlob lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni suffiċjenti fis-sommarju annwali dwar il-konklużjonijiet u s-segwitu tal-operazzjonijiet li għalihom ikunu ġibdu ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa mill-kontijiet. Dan ikun isaħħaħ it-trasparenza dwar il-mod kif l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi jimmonitorjaw dawn l-ammonti. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022)		
2021	**Rakkomandazzjoni 5.1 – Metodu użat għar-rimborż tal-benefiċjarji meta jiġu applikati l-SCOs biex tiġi ddeterminata l-kontribuzzjoni mill-UE għall-programm** Ittenni lill-awtoritajiet maniġerjali r-rekwiżiti marbuta mar-rimborż tal-benefiċjarji bl-użu ta' metodoloġija li tkun differenti mill-għażliet ta' kostijiet issimplifikati (SCOs) użati għall-kalkolu tal-pagamenti mill-baġit tal-UE li jsiru lill-Istati Membri, filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li ġiet identifikata din is-sena fi programm operazzjonali Irlandiż taħt il-FSE. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2022)		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5.2 – Kontribut tal-iskemi nazzjonali għall-objettivi tal-FSE Tiżgura li, meta l-programmi operazzjonali jkunu bbażati fuq skemi nazzjonali eżistenti, l-operazzjoni implimentata tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-objettivi tal-programm, filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li ġiet identifikata din is-sena b'rabta mal-parteċipanti NEET fil-programmi operazzjonali Spanjoli taħt il-FSE/YEI. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Novembru 2022)		
	Rakkomandazzjoni 5.3 – Verifika tal-istatus ta' NEET mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi Ittenni lill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi li jeħtiġilhom jikkonfermaw l-istatus ta' NEET tal-parteċipanti qabel ma jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għall-programmi taħt il-FSE/YEI mill-perjodu 2014-2020. Jenħtieġ li dawn il-kontrolli ta' eliġibbiltà jsiru abbażi ta' sorsi affidabbli u vverifikati, filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li ġiet identifikata din is-sena fil-PO Franċiżi u Irlandiżi taħt il-FSE/YEI. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2022)		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5.5 – Rendikont tal-entrati għall-kampjunar imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar Ittenni lill-awtoritajiet tal-awditjar li l-qafas legali jirrikjedi li huma jżommu rendikont tal-entrati, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-proċeduri ta' kampjunar tagħhom huma indipendenti, oġġettivi u mingħajr preġudizzju. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2022)		
	Rakkomandazzjoni 5.6 – Stat tad-dritt Fir-*rapporti annwali tal-attività* tagħha, tipprovdi informazzjoni dwar proċeduri tal-istat tad-dritt li jkunu għadhom għaddejjin fil-konfront tal-Istati Membri u dwar kif dawn jistgħu jaffettwaw l-aċċertament li l-Kummissjoni tista' tikseb rigward ir-regolarità tan-nefqa mis-sistemi ta' aċċertament u ta' kontroll tal-pajjiżi kkonċernati. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: April 2023 (ir-RAAs li jmiss)		Ara l-paragrafu ***6.76*** tar-Rapport Annwali 2022.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 7

Riżorsi naturali u ambjent

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**7.1. - 7.14.**
Deskrizzjoni qasira	**7.2. - 7.12.**
Objettivi u oqsma ta' politika	7.2. - 7.4.
Strumenti ta' nfiq	7.5. - 7.12.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**7.13. - 7.14.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**7.15. - 7.27.**
Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet	**7.15. - 7.25.**
Pagamenti diretti	7.19.
Żvilupp rurali, miżuri tas-suq u pagamenti oħra	7.20. - 7.25.
Verifiki tal-koerenza rigward l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri u fuq id-*data* tagħhom dwar pagamenti	**7.26. - 7.27.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**7.28. - 7.33.**
Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI u d-DĠ MARE, dwar ir-regolarità tal-infiq	**7.28. - 7.32.**
Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni	**7.33.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**7.34. - 7.37.**
Konklużjoni	**7.34. - 7.35.**
Rakkomandazzjonijiet	**7.36. - 7.37.**
Annessi	
Anness 7.1 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit	

Introduzzjoni

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 3 "Riżorsi naturali u ambjent" tal-QFP. Il-***Figura 7.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2022.

Figura 7.1 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna

Riżorsi Naturali u Ambjent
EUR 58.3 biljun (29.7 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

(EUR biljun)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Deskrizzjoni qasira

Objettivi u oqsma ta' politika

7.2. L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jirrappreżentaw 97 % tal-infiq tal-UE fuq "Riżorsi naturali u ambjent" u jiġu implimentati permezz tal-*politika agrikola komuni* (PAK). Il-PAK għandha tliet objettivi ġenerali[1]:

- produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;
- ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, b'enfasi fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;
- żvilupp territorjali bbilanċjat.

7.3. Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI), hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-PAK, hija tikkondividi l-ġestjoni ta' din tal-aħħar mal-*aġenziji tal-pagamenti* fl-Istati Membri. Mill-2015 'il hawn, il-*korpi taċ-ċertifikazzjoni* indipendenti fl-Istati Membri kienu u għadhom qed jipprovdu opinjonijiet annwali dwar il-*legalità u r-regolarità* tan-nefqa.

7.4. Din l-intestatura tal-QFP tkopri wkoll l-infiq tal-UE fuq il-politika marittima u tas-sajd iffinanzjata mill-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)*, taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), u l-*programm LIFE* għall-ambjent u l-azzjoni klimatika taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV) u għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA). Għall-ewwel darba, taħt il-QFP 2021-2027, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER) ukoll qed jimplimenta parti mill-programm LIFE.

[1] L-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Strumenti ta' nfiq

7.5. L-istrumenti prinċipali ta' nfiq għall-PAK huma:

- *pagamenti diretti* lill-bdiewa, li huma ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE;
- *programmi tal-iżvilupp rurali* nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, kofinanzjati mill-baġit tal-UE u mill-Istati Membri;
- *miżuri tas-suq* fis-settur agrikolu, li huma ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE ħlief għal ċerti miżuri, bħal miżuri ta' promozzjoni agroalimentari, li huma kofinanzjati mill-Istati Membri.

7.6. Il-pagamenti diretti jirrappreżentaw 66 % tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP (EUR 38.4 biljun fl-2022). L-iskemi prinċipali huma:

- l-"*iskema ta' pagament bażiku*" (EUR 14.9-il biljun) u l-"*iskema ta' pagament uniku skont l-erja*" (EUR 4.1 biljun), li jipprovdu appoġġ għall-introjtu bbażat fuq l-erja tal-art agrikola ddikjarata mill-bdiewa;
- il-"pagament ta' *ekoloġizzazzjoni*" (EUR 11.0-il biljun) biex jiġu appoġġati prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent;
- "*appoġġ akkoppjat* volontarju" (EUR 4.1 biljun) għal tipi speċifiċi ta' prodotti agrikoli (eż. iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib jew l-għelejjel li fihom il-proteini).

7.7. Il-pagamenti diretti lill-bdiewa huma bbażati fuq drittijiet, billi l-bdiewa jirċevuhom biss jekk jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Pagamenti bħal dawn jippreżentaw riskju aktar baxx ta' *żball* minn dak ippreżentat minn pagamenti bbażati fuq rimborżi, dment li l-kundizzjonijiet mehmuża ma jkunux kumplessi (ara l-paragrafu ***1.18***). Il-pagamenti diretti jiġu mmaniġġjati permezz tas-*Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)*, li torbot flimkien il-bażijiet ta' *data* tal-azjendi, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, ir-reġistri tal-annimali u l-erjas agrikoli. L-aġenziji tal-pagamenti jużaw is-SIAK, li tinkorpora s-*Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS)*, li hija sistema ta' informazzjoni ġeografika bbażata fuq bosta sorsi. L-LPIS tgħin lill-bdiewa jimlew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna relatata mal-erja u lill-aġenziji tal-pagamenti biex wara jiċċekkjawhom. Dan jagħtihom il-possibbiltà li jikkoreġu ċerti żbalji fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna u jnaqqsu r-riskju ta' żball.

7.8. L-iżvilupp rurali jirrappreżenta 26 % tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP, u jaqa' f'żewġ kategoriji wesgħin:

- pagamenti li jsiru lill-bdiewa abbażi tal-kriterji ambjentali u dawk relatati mal-klima applikati għall-erja agrikola jew skont l-għadd ta' annimali fl-azjenda agrikola ("relatati mal-erja/relatati mal-annimali");
- għajnuna għall-proġetti ta' investiment maħsuba biex jagħtu appoġġ lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'żoni rurali ("mhux ibbażat fuq l-erja"). Il-***Kaxxa 7.1*** tipprovdi eżempju ta' proġett ta' investiment rurali.

Kaxxa 7.1

Proġett ta' investiment f'żona rurali

Benefiċjarju privat fi Spanja rċieva appoġġ taħt il-Miżura 19 (Leader) biex iżid l-attività ekonomika f'żoni rurali żvantaġġati filwaqt li, fl-istess ħin, iżomm u joħloq l-impjiegi wara sejħa għal proposti għall-iżvilupp ta' negozji fiż-żona. L-objettiv ta' dan il-proġett kien li jiġi rinnovat maħżen li ma għadux jintuża u li jinżammu l-impjiegi ta' kumpanija ta' distribuzzjoni bħala parti mill-istrateġija tal-Grupp ta' Azzjoni Lokali biex jerġa' jqajjem dik li kienet żona industrijali. L-awditu li wettaqna kkonferma l-ikkompletar tax-xogħlijiet u r-rispett tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Ir-ritratti ta' hawn taħt juru l-bini tal-ħżin qabel u wara l-proġett.

7.9. L-Istati Membri jimplimentaw l-infiq tal-UE taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali nazzjonali u reġjonali. Il-Kummissjoni approvat 118-il programm tal-iżvilupp rurali fl-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020, li jikkonsistu f'20 miżura. B'segwitu għad-dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-PAK ta' wara l-2020, il-programmi kollha ġew estiżi sa tmiem l-2022[2]. Fl-2021 ġew introdotti miżuri addizzjonali biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19[3] u fl-2022 b'rispons għall-impatt tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna[4].

7.10. Il-miżuri tas-suq fis-settur agrikolu, li jirrappreżentaw 4.7 % tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP, jinkludu għadd ta' skemi differenti (eż. organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' frott u ħxejjex u r-ristrutturar tal-vinji), u kull waħda għandha l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tagħha stess. Il-***Kaxxa 7.2*** tipprovdi eżempju ta' miżura tas-suq.

[2] Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, il-programmi tal-iżvilupp rurali tal-Eks Stat Membru se jibqgħu għaddejjin sa tmiem l-2023 u se jingħalqu fl-2024.

[3] Ir-Regolament (UE) 2020/872li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżura speċifika biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-*Fond Agrikolu Ewropew għal Żvilupp Rurali (FAEŻR)* b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19.

[4] Ir-Regolament (UE) 2022/1033 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżura speċifika biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) b'rispons għall-impatt tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

Kaxxa 7.2

Eżempju ta' miżura tas-suq

Organizzazzjoni tal-produtturi fl-Italja rċeviet appoġġ mill-UE biex timmodernizza l-faċilitajiet tagħha għall-immaniġġjar tal-frott bl-għan li żżid il-produttività. Matul iż-żjara tagħna fuq il-post, aħna kkonfermajna li l-investiment kien sar f'konformità mal-programm operazzjonali approvat tagħhom u li t-tagħmir ġie installat u kien qed jitħaddem. Ir-ritratti ta' hawn taħt juru trakk forklift avvanzat u makkinarju ta' preċiżjoni għolja għall-għażla, l-użin u l-ippakkjar tal-frott.

7.11. It-3 % li jifdal tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP, prinċipalment taħt il-programmi *FEMS* u LIFE, jinvolvi wkoll varjetà ta' kriterji tal-għażla, rekwiżiti ta' eliġibbiltà u metodi ta' żborż.

7.12. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-biċċa l-kbira mill-infiq fuq l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u l-oqsma l-oħra ta' politika taħt Intestatura 3 tal-QFP lil hinn mill-PAK huma aktar kumplessi milli għall-pagamenti diretti, u r-riskju ta' żball huwa ogħla (ara l-paragrafu ***1.18***).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

7.13. L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP u li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għall-Intestatura 3 tal-QFP fl-2022:

(a) kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 218-il *tranżazzjoni*, li kien maħsub biex jistma l-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP u li jinkludi:

  (i) 88 pagament dirett, li jkopru l-iskemi prinċipali,

  (ii) 56 tranżazzjoni relatata mal-erja/relatata mal-annimali taħt programmi tal-iżvilupp rurali,

  (iii) 52 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali mhux ibbażata fuq l-erja,

  (iv) 14-il tranżazzjoni relatata ma' miżuri tas-suq, u

  (v) 8 tranżazzjonijiet taħt l-oqsma ta' nfiq lil hinn mill-PAK, 4 taħt il-FEMS, 3 taħt il-programm LIFE, u 1 taħt *Ftehim ta' Sħubija* dwar is-Sajd Sostenibbli;

(b) il-koerenza tal-"istatistika ta' kontroll" tal-PAK u tad-*data* dwar pagamenti ppreżentati lill-Kummissjoni minn aġenziji tal-pagamenti magħżula;

(c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-DĠ AGRI u tad-DĠ MARE, u mbagħad inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni* (AMPR) tal-Kummissjoni.

7.14. Il-218-il tranżazzjoni li awditjajna jkopru 17-il Stat Membru[5] u r-Renju Unit. Awditjajna l-pagamenti diretti fi 13-il Stat Membru, u l-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali kopra 20 programm nazzjonali u reġjonali f'16-il Stat Membru u r-Renju Unit.

[5] Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

7.15. Mill-218-il tranżazzjoni li eżaminajna, 46 (21 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-32 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball għall-Intestatura 3 tal-QFP huwa ta' 2.2 % (ara l-***Figura 7.2***).

Figura 7.2 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet



Sors: il-QEA.

7.16. Il-maġġoranza tal-iżbalji kwantifikati li sibna laqtu t-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali (21). Aħna sibna seba' *żbalji kwantifikabbli* f'pagamenti diretti, tnejn f'miżuri tas-suq, u tnejn fin-nefqa li ma taqax taħt il-PAK. Sibna wkoll 15-il problema ta' konformità mingħajr impatt fuq ir-rata ta' żball. Pereżempju, sibna każ fejn *awtorità maniġerjali* ma vverifikatx b'mod suffiċjenti r-raġonevolezza tal-kostijiet tas-servizzi pprovduti lil benefiċjarju minn partijiet relatati. L-***Anness 7.1*** jippreżenta stampa ġenerali tal-pagamenti taħt l-Intestatura 3 tal-QFP u r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet skont l-Istat Membru.

7.17. Il-***Figura 7.3*** tagħti diżaggregazzjoni tal-*livell ta' żball* stmat minna għall-2022, skont il-kategorija ta' żball.

Figura 7.3 – Il-biċċa l-kbira mil-*livell ta' żball stmat* huwa relatat mal-forniment ta' informazzjoni impreċiża dwar l-erjas jew l-annimali



Sors: il-QEA.

7.18. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu applikaw miżuri korrettivi li laqtu direttament 49 mit-tranżazzjonijiet li kkampjunajna. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0.9 punt perċentwali. F'19-il każ ta' *żbalji kwantifikabbli*, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu, l-iżball qabel ma jaċċettaw in-nefqa. Li kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'1.3 punt perċentwali.

Pagamenti diretti

7.19. Fit-88 tranżazzjoni tal-pagamenti diretti li ġew ittestjati, sibna biss 6 żbalji żgħar kwantifikabbli, li rriżultaw minn bdiewa li ddikjaraw b'mod eċċessiv l-erja eliġibbli ta' art agrikola. Sibna wkoll żball kwantifikabbli kbir, fejn l-attività agrikola ddikjarata ma kinitx seħħet (ara l-***Kaxxa 7.3***).

Kaxxa 7.3

Eżempju ta' dikjarazzjoni skorretta ta' attività agrikola

Bidwi fl-Italja rċieva *għajnuna diretta* biex iżomm għalla permanenti (siġar tal-lumi) fuq proporzjon kbir tal-azjenda tiegħu (enfasizzata bil-blu). Ir-ritratti mill-għoli ma wrewx linji ta' siġar bħal dawk fuq irqajja' art kontigwi. Iż-żjara tagħna fuq il-post ikkonfermat li l-erja ddikjarata ma kellha l-ebda siġra tal-lumi fuqha u ma kinitx inżammet fi stat agrikolu għal diversi snin. L-awtoritajiet nazzjonali ma identifikawx dan l-iżball.

Sors: ipprovdut mill-aġenzija tal-pagamenti Taljana AGEA.

Żvilupp rurali, miżuri tas-suq u pagamenti oħra

Infiq fuq l-iżvilupp rurali relatat mal-erja/relatat mal-annimali

7.20. Aħna eżaminajna 56 pagament tal-iżvilupp rurali bbażati fuq l-erja jew l-għedud ta' annimali ddikjarati mill-bdiewa. Dawn kienu jinkludu pagamenti biex jiġu ssodisfati *impenji agroambjentali klimatiċi* speċifiċi, pagamenti ta' kumpens għall-biedja organika, u pagamenti favur bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali.

7.21. Mis-56 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali relatata mal-erja jew mal-annimali u li ttestjajna, 15 kien fihom żbalji. Sibna 13-il żball kwantifikabbli, 9 relatati mad-dikjarazzjoni eċċessiva tal-erja eliġibbli. Għall-erba' sejbiet li jifdal, is-sorsi ta' żball kienu jinkludu benefiċjarju ineliġibbli, ksur tal-impenji agroambjentali klimatiċi, nuqqas ta' rispett tal-impenji fir-rigward tal-benessri tal-annimali u d-dikjarazzjoni ta' vinja li għaliha l-benefiċjarju ma kellux dritt ta' tħawwil.

Proġetti ta' investiment

7.22. Eżaminajna 52 pagament għall-iżvilupp rurali li kienu saru għal proġetti ta' investiment, bħal investimenti f'assi fiżiċi, l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u tan-negozji (inkluża għajnuna lil bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju), u l-ġestjoni tar-riskju (assigurazzjoni).

7.23. Ikkwantifikajna żbalji fi 8 pagamenti, li rriżultaw minn benefiċjarji li ddikjaraw nefqa jew attivitajiet li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà (2 żbalji kienu ogħla minn 20%). Pereżempju, f'każ wieħed, benefiċjarju fi Franza kien irċieva għajnuna maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju, minkejja li kien ilu kap ta' azjenda agrikola għal aktar minn 10 snin.

Miżuri tas-suq

7.24. Aħna ttestjajna 14-il tranżazzjoni tal-*miżuri tas-suq* u sibna 2 każijiet fejn l-aġenziji tal-pagamenti kienu rrimborżaw kostijiet ineliġibbli (wieħed minnhom kien ogħla minn 20 %).

Affarijiet marittimi, sajd, ambjent u azzjoni klimatika

7.25. Għall-oqsma tal-affarijiet marittimi, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, awditjajna tmien tranżazzjonijiet u sibna żewġ żbalji kwantifikabbli fit-tranżazzjonijiet li kienu taħt *ġestjoni diretta*.

Verifiki tal-koerenza rigward l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri u fuq id-*data* tagħhom dwar pagamenti

7.26. Kull sena, l-Istati Membri jippreżentaw *data* dwar il-verifiki tagħhom tal-pagamenti ta' għajnuna ("statistika ta' kontroll") lill-Kummissjoni, kif ukoll *data* dwar il-pagamenti li jsiru lill-benefiċjarji. Din id-*data* hija l-bażi li fuqha l-Kummissjoni tirrimborża l-fondi tal-UE lill-Istati Membri. Għas-sena finanzjarja 2022, eżaminajna l-kwalità u l-koerenza tal-istatistika ta' kontroll u d-*data* dwar pagamenti li ġew irrappurtati minn sitt aġenziji tal-pagamenti li ntgħażlu fil-kampjun li ħadna ta' pagamenti diretti. Minn meta wettaqna dan l-eżerċizzju għall-ewwel darba għas-sena finanzjarja 2020, eżaminajna l-istatistika ta' kontroll u d-*data* dwar pagamenti ta' 23 aġenzija tal-pagamenti.

7.27. Sibna xi inkonsistenzi bejn id-*data* dwar il-kontroll u d-*data* dwar pagamenti, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu dovuti għall-iskedi ta' aġġornament differenti taż-żewġ settijiet ta' *data*. Filwaqt li d-*data* dwar il-kontroll hija statika, imħejjija fil-15 ta' Lulju ta' kull sena, l-aġenziji tal-pagamenti jaġġornaw kontinwament id-*data* dwar pagamenti tagħhom matul is-sena finanzjarja. L-aġġornamenti huma bbażati fuq bidliet min-naħa tal-benefiċjarju (pereżempju, trasferimenti ta' azjendi) jew min-naħa tal-aġenzija (b'riżultat tal-verifiki tagħha). Minkejja dawn l-inkonsistenzi, sibna li s-sistemi tal-aġenziji tal-pagamenti magħżula kkalkulaw b'mod affidabbli l-pagamenti ta' għajnuna, u li ħadu inkunsiderazzjoni b'mod korrett l-aġġustamenti li rriżultaw mid-*data* dwar il-kontroll.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI u d-DĠ MARE, dwar ir-regolarità tal-infiq

7.28. Id-direttur ta' kull *aġenzija tal-pagamenti* jipprovdi lid-DĠ AGRI dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni dwar l-*effettività* tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-aġenzija tiegħu, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri jirrappurtaw kull sena dwar il-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post ("statistika ta' kontroll") imwettqa minnhom.

7.29. Mill-2015 'il hawn, sabiex jipprovdu aċċertament addizzjonali, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu meħtieġa jagħtu opinjoni annwali għal kull aġenzija tal-pagamenti dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għaliha l-Istati Membri jkunu talbu rimborż.

7.30. Id-DĠ AGRI juża r-rati ta' żball irrappurtati fl-istatistika ta' kontroll, filwaqt li jagħmel aġġustamenti bbażati fuq ir-riżultati tal-awditi mwettqa mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni u fuq l-awditi tiegħu stess tas-sistemi u l-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti, biex jikkalkula ċifra għar-"riskju fil-waqt tal-pagament" għall-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq. L-aġġustamenti li ġejjin mill-analiżi tad-DĠ AGRI stess jirriżultaw f'korrezzjonijiet. Id-DĠ AGRI jnaqqas l-istima tiegħu ta' *korrezzjonijiet finanzjarji* u ta' rkupri futuri mir-"riskju fil-waqt tal-pagament" biex jistma l-"ammont finali f'riskju".

7.31. L-istatistika ta' kontroll irrappurtata mill-aġenziji tal-pagamenti indikat livell ta' żball li huwa ekwivalenti għal 1.1 % tal-infiq taħt il-PAK fl-intier tiegħu. Id-DĠ AGRI, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni x-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u l-awditi tiegħu stess, ikkalkula li l-"ammont stmat f'riskju fil-waqt tal-pagament" huwa EUR 996 miljun, jiġifieri madwar 1.8 % tan-nefqa totali taħt il-PAK fl-2022. Id-DĠ AGRI stma riskju fil-waqt tal-pagament (rata ta' żball aġġustata) ta' madwar 1.3 % għall-pagamenti diretti, 2.7 % għall-iżvilupp rurali u 2.9 % għall-miżuri tas-suq.

7.32. Aħna wettaqna wkoll rieżaminar limitat tal-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ MARE. Osservajna li l-metodoloġija għall-kalkolu tar-riskju finali fil-waqt tal-pagament (jew l-*għeluq*) għad-DĠ AGRI u d-DĠ MARE kienet konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni

7.33. Għal “Riżorsi naturali”, l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament, imwettqa mill-Kummissjoni u ppreżentata fl-AMPR tagħha, hija ta’ 1.8 %.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

7.34. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Riżorsi naturali u ambjent", fl-intier tiegħu, kien materjali (ara l-paragrafu ***7.15***). Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 2.2 %.

7.35. Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball ma kienx materjali għall-pagamenti diretti, li jirrappreżentaw 66 % tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP, filwaqt li kien għadu materjali għall-oqsma l-oħra ta' nfiq (l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, l-affarijiet marittimi, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw 34 % tal-infiq. Barra minn hekk, nosservaw li l-għadd ta' dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar tal-erjas, kemm għall-pagamenti diretti kif ukoll għall-miżuri tal-iżvilupp rurali, żdied minn 4 żbalji fl-2021 għal 16-il żball fl-2022, li jaf jindikaw dgħufijiet speċifiċi fil-ġestjoni tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art min-naħa ta' xi Stati Membri.

Rakkomandazzjonijiet

7.36. Aħna eżaminajna r-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-aħħar tliet rapporti annwali tagħna. Minn dawk ir-rapporti annwali ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni li hija mmirata biex tiġi implimentata fl-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha fir-rapporti annwali tal-perjodu 2019-2021 jew ġew implimentati u rrappurtati f'rapport annwali preċedenti[6] jew inkella għandhom data mmirata għall-implimentazzjoni aktar tard mill-2022[7].

---

[6] Ir-Rapport Annwali 2019, ir-Rakkomandazzjoni 6.1, li fir-RA 2021 irrappurtajniha bħala implimentata f'xi wħud mill-aspetti.

[7] Ir-Rapport Annwali 2021, ir-Rakkomandazzjonijiet 6.1 u 6.2, li d-data mmirata għall-implimentazzjoni tagħhom hija l-2023 u l-2025.

7.37. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2022, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 7.1 – Monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* dwar l-erjas agrikoli

Peress li l-erja agrikola se tkun il-bażi għall-indikaturi tal-prestazzjoni taħt il-PAK il-ġdida għall-perjodu 2023-2027, tkompli timmonitorja kemm l-Istati Membri jivvalutaw b'mod preċiż l-erja eliġibbli fis-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024

Annessi

Anness 7.1 – Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit



Stat Membru / pajjiż	Kontribuzzjoni mill-UE (miljun EUR)	Tranżazzjonij iet awditjati	Żbalji kwantifikabbli	Żbalji mhux kwantifikabbli
Infiq taħt il-PAK	**56 079**	**210**	**30**	**10**
Franza	9 450	32	8	4
Spanja	6 992	24	1	0
Il-Ġermanja	6 371	22	1	2
L-Italja	5 914	22	4	1
Il-Polonja	4 787	20	3	1
Ir-Rumanija	2 992	12	0	0
Il-Greċja	2 880	12	1	0
L-Ungerija	1 983	8	1	0
L-Irlanda	1 579	4	2	1
Il-Portugall	1 458	10	1	0
L-Awstrija	1 339	4	2	1
Il-Bulgarija	1 055	8	1	0
L-Iżvezja	1 008	10	1	0
Il-Finlandja	997	4	1	0
In-Netherlands	835	9	1	0
Il-Litwanja	823	4	0	0
Il-Kroazja	759	8	1	0
Ir-Renju Unit	291	4	1	0
Stati Membri mhux awditjati	4 567	M/A	M/A	M/A
Infiq ieħor	**2 197**	**8**	**2**	**5**
TOTAL	**58 276**	**218**	**32**	**15**

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Kapitolu 8

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri
Sigurtà u difiża

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**8.1. - 8.9.**
Deskrizzjoni qasira	8.2. - 8.8.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	8.9.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**8.10. - 8.11.**
Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern	**8.12. - 8.15.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**8.16. - 8.18.**
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	**8.19. - 8.21.**
Konklużjoni	8.19.
Rakkomandazzjonijiet	8.20. - 8.21.
Annessi	
Anness 8.1 – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal 'Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri' u 'Sigurtà u difiża'	

Introduzzjoni

8.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 4 “Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri” u l-Intestatura 5 “Sigurtà u Difiża” tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)*. Fil-perjodu preċedenti tal-QFP, dawn l-intestaturi kienu prinċipalment ibbaġitjati u mniżżla taħt intestatura waħda, l-Intestatura 3 tal-QFP “Sigurtà u ċittadinanza”. Il-***Figura 8.1*** u l-***Figura 8.2*** jagħtu stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt dawn l-intestaturi fl-2022.

Figura 8.1 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna – Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri



Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri
EUR 3.4 biljun (1.7 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

(EUR biljun)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti



(*) Il-prefinanzjament jinkludi wkoll il-pagamenti bil-quddiem taħt il-*ġestjoni kondiviża*. F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi, il-*pagamenti ta' prefinanzjament* li saru fl-2022, iżda li *ma ġewx approvati* f'dik is-sena, mhumiex parti mill-popolazzjoni li awditjajna (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Figura 8.2 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna – Sigurtà u difiża



Sigurtà u difiża
EUR 1.2 biljun (0.6 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

(EUR biljun)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti

Pagamenti tal-2022 – total 1.2



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 – total 0.5



(*) Il-prefinanzjament jinkludi wkoll il-pagamenti bil-quddiem taħt il-ġestjoni kondiviża. F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, il-pagamenti ta' prefinanzjament li saru fl-2022, iżda li ma ġewx approvati f'dik is-sena, mhumiex parti mill-popolazzjoni li awditjajna (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Deskrizzjoni qasira

8.2. Minħabba l-importanza dejjem tiżdied tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri fi snin reċenti, l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-Intestatura 4 tal-QFP 2021-2027 speċifikament għal dawn l-oqsma ta' politika, kif jidher fil-***Figura 8.1***. Porzjon sinifikanti

tal-infiq f'dan il-qasam fl-2022 kienet għadha tikkonċerna l-ikkompletar ta' proġetti u skemi pendenti mill-QFP 2014-2020. Għalhekk, il-biċċa l-kbira mill-popolazzjoni li awditjajna ġejja mill-istralċ tal-*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*[1] (*AMIF*) għall-perjodu 2014-2020 u mill-ikkompletar tal-finanzjament mill-*Fond għas-Sigurtà Interna* – Strument għall-Fruntieri u l-Viżi[2] (FSI-BV). L-objettiv tal-AMIF 2014-2020 kien li jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji u li jwassal għal approċċ komuni fil-livell tal-UE għall-*ażil* u l-immigrazzjoni. L-għan tal-FSI-BV kien li jikkontribwixxi biex jiżgura livell għoli ta' sigurtà fl-UE filwaqt li jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, permezz ta' livell uniformi u għoli ta' kontroll fil-*fruntieri esterni* u l-ipproċessar effettiv tal-viżi ta' Schengen.

8.3. Dawn il-fondi tal-perjodu 2014-2020 ġew sostitwiti fil-QFP għall-perjodu 2021-2027 minn, rispettivament, AMIF ġdid[3] u l-*Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi*[4] (*BMVI) tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF).* L-objettiv tal-AMIF għall-perjodu 2021-2027 huwa li jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, u li jimplimenta, jsaħħaħ u jiżviluppa l-politika komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni. L-objettiv tal-BMVI huwa li jappoġġa ġestjoni integrata tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jiżgura livell għoli ta' sigurtà u jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fit-territorju tal-UE.

8.4. Qasam ta' nfiq sinifikanti ieħor għall-Intestatura 4 tal-QFP huwa l-finanzjament għal tliet *aġenziji deċentralizzati* (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (*Frontex*), *l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil* (*EUAA*), u l Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (*eu-LISA*)) li huma attivi fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viżi.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

8.5. Fil-QFP 2021-2027, l-Intestatura 5 hija ddedikata għas-sigurtà u d-difiża, kif jidher fil-***Figura 8.2***. Il-komponent "sigurtà" jinkludi finanzjament mill-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) għall-perjodu 2021-2027[5], l-ikkompletar ta' finanzjament mill-istrument Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija (FSI-P) għall-perjodu 2014-2020[6], finanzjament għad-dekummissjonar nukleari (appoġġ finanzjarju tal-UE għad-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari fil-Bulgarija, il-Litwanja u s-Slovakkja), u finanzjament għal tliet aġenziji deċentralizzati tal-UE fil-qasam tas-sigurtà (iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)). Il-komponent "difiża" jinkludi l-Fond Ewropew għad-Difiża[7], li jappoġġa proġetti ta' difiża kollaborattivi fl-istadji kollha tar-riċerka u l-iżvilupp.

8.6. Il-FSI għandu ambitu aktar ristrett għall-perjodu 2021-2027 minn dak preċedenti (peress li l-objettivi tal-FSI-BV għall-perjodu 2014-2020 ġew trasferiti fi strument differenti), u issa huwa ddedikat għall-objettivi tal-FSI-P għall-perjodu 2014-2020. L-iskop tiegħu huwa li jikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-UE, b'mod partikolari billi jipprevieni u jiġġieled it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata, u ċ-ċiberkriminalità, billi jassisti u jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità, kif ukoll billi jħejji għal, jipproteġi kontra u jimmaniġġja b'mod effettiv inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà. Porzjoni sinifikanti tal-infiq f'dan il-qasam fl-2022 kien jikkonċerna l-ikkompletar ta' proġetti pendenti mill-QFP 2014-2020.

8.7. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-finanzjament mill-AMIF u mill-FSI għall-perjodu 2014-2020, u l-biċċa l-kbira mill-finanzjament mill-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-perjodu 2021-2027 hija kondiviża bejn l-Istati Membri (jew il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen) u d-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) tal-Kummissjoni. Taħt dan l-arranġament, l-Istati Membri jimplimentaw programmi nazzjonali pluriennali li ġew approvati mill-Kummissjoni.

8.8. Mill-2019 'il hawn, l-Istati Membri taw spinta lill-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom tal-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2014-2020. Madankollu, ammonti sinifikanti għadhom ma ġewx żborżati (26 % għall-AMIF u 33 % għall-FSI fi

---

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1149 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna.

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha, u l-ġestjoni tar-riskji.

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża.

tmiem l-2022), għalkemm il-finanzjament għall-perjodu 2014-2020 jrid jintefaq sa Ġunju 2024[8]. Il-***Figura 8.3*** tistabbilixxi n-nefqa li l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni għar-rimborż minn meta beda l-*perjodu ta' programmazzjoni* 2014-2020.

Figura 8.3 – Progress tal-programmi nazzjonali tal-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2014-2020



(*) In-nefqa taħt l-AMIF/FSI li ssir fil-livell tal-Istati Membri tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni u approvata minnha fis-sena ta' wara li tkun iġġarrbet. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2022 juru din in-nefqa għall-2021.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq id-*data* mill-Kummissjoni (programmi nazzjonali u deċiżjonijiet ta' *approvazzjoni* sa tmiem l-2022).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.9. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għall-Intestaturi tal-QFP ta' dan il-kapitolu fl-2022.

(a) Kampjun ta' 23 tranżazzjoni li, filwaqt li jikkontribwixxi għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* kumplessiva, mhuwiex rappreżentattiv tal-infiq taħt dawn l-

[8] Ir-Regolament(UE) 2022/585 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014, 516/2014 u 2021/1147.

intestaturi tal-QFP. Għalhekk ma nistgħux nipprovdu *stima tar-rata ta' żball* għal dawn l-intestaturi. Il-kampjun kien jikkonsisti minn:

— 14-il tranżazzjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri (żewġ tranżazzjonijiet għal kull Stat Membru: il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit għall-Intestatura 4 tal-QFP; il-Kroazja u ċ-Ċekja għall-Intestatura 5 tal-QFP);

— sebgħa taħt il-*ġestjoni diretta* tal-Kummissjoni (ħamsa għall-Intestatura 4 tal-QFP, tnejn għall-Intestatura 5 tal-QFP) u tnejn taħt il-*ġestjoni indiretta* tagħha (wieħed għall-Intestatura 4 tal-QFP, u wieħed għall-Intestatura 5 tal-QFP).

Ħadna kont ukoll tar-riżultati tal-*awditi tal-konformità* li wettaqna tal-aġenziji.

(b) L-informazzjoni dwar ir-*regolarità* li tingħata fir-*Rapport Annwali tal-Attività (RAA)* tad-DĠ HOME, u li mbagħad ġiet inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni.

(c) Sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw kif l-awtoritajiet tal-awditjar f'sitt Stati Membri (il-Ġermanja, Spanja u r-Rumanija għall-AMIF, il-Latvja għall-BMVI; iċ-Ċekja u l-Kroazja għall-FSI) qegħdin jippreparaw għall-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-perjodu 2021-2027.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

8.10. Mit-23 tranżazzjoni li eżaminajna, 11 (48 %) kienu milquta minn *żbalji*. Aħna kkwantifikajna disa' żbalji li kellhom *impatt* fuq l-ammonti ddebitati lill-baġit tal-UE. Dawn l-iżbalji kienu relatati ma' nefqa ineliġibbli (pereżempju xi kostijiet tal-persunal jew tat-tagħmir, it-*taxxa fuq il-valur miżjud*) u kwistjonijiet ta' *akkwist pubbliku*. Il-***Kaxxa 8.1*** turi eżempji ta' żbalji li kkwantifikajna.

Kaxxa 8.1

Kostijiet ineliġibbli tal-persunal u tat-tagħmir

Awditjajna proġett taħt l-AMIF taħt ġestjoni diretta tad-DĠ HOME li kien jaqa' taħt l-umbrella tal-*azzjonijiet tal-Unjoni*. Huwa kien jikkonsisti fl-għoti ta' ħiliet tal-IT lil refuġjati biex jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Ħames kobenefiċjarji implimentaw il-proġett. Aħna vverifikajna kampjun ta' 10 elementi li kienu inklużi fit-talba dwar il-kostijiet.

Għal tliet elementi, sibna kostijiet ineliġibbli tal-persunal. F'istanza waħda, il-kuntratt ta' impjieg għall-maniġer tal-proġett ġie sostitwit matul il-proġett minn kuntratt ta' servizz. Dan wassal għal żieda sinifikanti fil-kostijiet tal-persunal għal dik il-persuna. Ma qisniex li l-kost akbar kien eliġibbli, billi ma kienx hemm bidla korrispondenti fil-kompiti assenjati. F'każ ieħor, il-kostijiet iddikjarati tal-persunal għal persuna waħda taħt kuntratti ta' servizz kienu sinifikattivament ogħla minn dawk ta' żewġ membri oħra tal-persunal b'kuntratti ta' mpjieg li jagħmlu kompiti simili (b'42 % u 34 % rispettivament). Fit-tielet każ, ir-rata ta' kuljum iddebitata fuq il-proġett għal konsulent kienet aktar mid-doppju tar-rata ta' kuljum maqbula fil-kuntratt ta' konsulenza.

Għal żewġ elementi oħra, sibna kostijiet ineliġibbli tat-tagħmir relatati mal-akkwiżizzjoni ta' kompjuters. Skont il-ftehim ta' għotja, il-kostijiet eliġibbli għat-tagħmir kienu limitati għad-deprezzament imġarrab matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett, iżda d-DĠ HOME kien effettivament aċċetta l-kost ta' akkwiżizzjoni sħiħ bħala eliġibbli.

B'mod ġenerali, inqisu li 19.4 % tan-nefqa aċċettata (total ta' EUR 706 592.15) huwa ineliġibbli għal finanzjament mill-UE. Xi kobenefiċjarji ppreżentaw ċertifikati tal-awditjar biex jakkumpanjaw it-talba dwar il-kostijiet tagħhom, iżda l-ebda wieħed mill-iżbalji deskritti hawn fuq ma kien ġie rrappurtat mill-awdituri esterni. Lanqas id-DĠ HOME ma sab dawn l-iżbalji meta wettaq il-kontrolli *ex ante* tiegħu qabel il-pagament.

Ineliġibbiltà tal-kostijiet iddikjarati għall-akkomodazzjoni minħabba irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku

Aħna awditjajna proġett taħt l-AMIF taħt ġestjoni kondiviża ma' Spanja. Il-proġett ġie implimentat minn organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ("il-*benefiċjarju*") u kien jikkonsisti prinċipalment fil-forniment ta' akkomodazzjoni (inkluż l-ikel) lil applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Permezz tar-rapport ta' implimentazzjoni finali li ġie ppreżentat mill-benefiċjarju lill-awtorità responsabbli Spanjola f'Novembru 2021, aħna vverifikajna kampjun ta' 10 elementi li kienu inklużi fit-talba dwar il-kostijiet, tmienja minnhom fatturi għal kmamar mikrija u l-ikel.

Awditjajna proċedura ta' akkwist li kienet wasslet għall-iffirmar ta' kuntratt ma' aġenzija tal-ivvjaġġar għall-akkomodazzjoni u l-ikel. Il-valur totali tas-servizzi pprovduti taħt dan il-kuntratt matul l-implimentazzjoni tal-proġett kien ta' EUR 2 400 492.85. Sibna li l-benefiċjarju kien naqas milli jħares ir-rekwiżiti applikabbli għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għal offerti. Barra minn hekk, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, l-offerent rebbieħ kellu jipprovdi garanzija wara li jkun ingħata l-kuntratt. Il-bażi għall-kalkolu tal-garanzija kienet inbidlet ftit qabel id-data ta' skadenza għall-offerti. Din il-bidla kienet naqset l-ammont tal-garanzija sinifikattivament, iżda ma kinitx ġiet ikkomunikata kif xieraq lill-offerenti potenzjali. Għalhekk il-garanzija serviet bħala ostaklu għall-kompetizzjoni, billi l-ammont ogħla inizjali tagħha seta' qata' qalb xi offerenti potenzjali milli japplikaw. Barra minn hekk, il-benefiċjarju ma stabbilixxa l-ebda metodoloġija biex jivvaluta b'mod oġġettiv l-offerti kontra l-kriterju għall-għoti. Aħna nqisu li, meħuda flimkien, dawn l-*irregolaritajiet* ifissru li kien hemm nuqqas ta' trasparenza fil-proċedura u raġunar insuffiċjenti wara l-għoti tal-kuntratt lill-aġenzija tal-ivvjaġġar.

Awditjajna wkoll proċedura ta' akkwist li kienet wasslet għall-iffirmar ta' kuntratt ma' lukanda għal valur massimu ta' EUR 417 240. Billi l-benefiċjarju kien mexxa l-proċedura ta' akkwist permezz ta' komunikazzjoni orali u ma seta' jipprovdi l-ebda evidenza dokumentarja li kienet ġiet prodotta dak iż-żmien, ma stajniex nivverifikaw jekk il-proċedura ta' akkwist kinitx verament saret. Dan in-nuqqas ta' evidenza wassalna biex nikkonkludu li l-kuntratt kien ingħata direttament lil-lukanda. Għalhekk qisna li 100 % tal-kostijiet iddikjarati għal din il-proċedura ta' akkwist partikolari kienu ineliġibbli.

B'mod ġenerali, qisna li 40.7 % tan-nefqa awditjata għal dan il-proġett taħt l-AMIF kien ineliġibbli għal finanzjament mill-UE.

8.11. Sibna wkoll erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji (iżda li ma kellhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE). Dawn kienu relatati ma', pereżempju, *rendikont tal-entrati* insuffiċjenti għall-verifika tal-ammonti fatturati.

Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

8.12. Għall-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-perjodu 2021-2027, ivvalutajna x-xogħol ta' sitt awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri (il-Ġermanja, Spanja u r-Rumanija għall-AMIF, il-Latvja għall-BMVI, iċ-Ċekja u l-Kroazja għall-FSI) kif ġej:

(a) kif l-implimentazzjoni tar-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)*[9] kienet qed taffettwa lil dawn l-awtoritajiet tal-awditjar;

(b) kif kienu qed jieħdu kont tar-rekwiżiti speċifiċi tar-RDK b'rabta mal-AMIF, il-BMVI u l-FSI; u

(c) jekk it-trasferiment ta' kompetenzi bejn l-awtoritajiet tal-awditjar kienx ġie organizzat kif ix-xieraq (għall-Istati Membri fejn l-awtoritajiet tal-awditjar għall-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2014-2020 ma kinux l-istess għall-perjodu 2021-2027.

8.13. Kull Stat Membru huwa meħtieġ ikollu fis-seħħ, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2023, deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tiegħu, li hija prerekwiżit biex jiddefinixxi l-istrateġija tal-awditjar tiegħu għall-awditi tas-sistemi u l-awditi tal-operazzjonijiet. B'mod ġenerali, is-sitt awtoritajiet tal-awditjar diġà kellhom stampa ċara tal-bidliet prinċipali meħtieġa fl-istrateġija tal-awditjar, fl-awditi tas-sistemi u fl-awditi tal-operazzjonijiet meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Madankollu, billi l-ebda Stat Membru fosthom ma kien iffinalizza d-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tiegħu fiż-żmien meta għamilna ż-żjarat tagħna (li saru bejn Settembru 2022 u Frar 2023), is-sitt Stati Membri kienu għadhom ma jistgħux japprovaw l-istrateġija tal-awditjar tagħhom, li hija prerekwiżit għas-sottomissjoni ta' "*pakkett ta' aċċertament*" lill-Kummissjoni. L-Artikolu 98 tar-RDK jgħid illi, kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Frar, "pakkett ta' aċċertament" li jinkludi l-kontijiet annwali tas-sena kontabilistika preċedenti awditjata mill-awtoritajiet tal-awditjar maħtura. Is-sitt

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

Stati Membri li żorna se jippreżentaw l-ewwel kontijiet annwali tagħhom għall-AMIF, il-BMVI u l-FSI lill-Kummissjoni l-aktar kmien fl-2024.

8.14. Eżaminajna wkoll ir-riżorsi li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-awtoritajiet tal-awditjar, partikolarment il-persunal u s-sistemi tal-IT. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri bdew jirreklutaw riżorsi addizzjonali għall-awtoritajiet tal-awditjar tagħhom. Kull awtorità tal-awditjar tas-sitt Stati Membri suppost għandha wkoll aċċess li jinqara biss għas-sistema tal-IT tal-*awtorità maniġerjali* fejn l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li għandhom bżonn għall-awditi tagħhom huma maħżuna mill-benefiċjarji tal-proġett u mill-awtoritajiet maniġerjali. Meta żorna lill-Istati Membri kkonċernati dawn is-sistemi jew kienu qed jiġu żviluppati jew kienu għadhom iridu jiġu żviluppati .

8.15. B'mod ġenerali, osservajna li s-sitt Stati Membri kienu qed jagħmlu progress fil-preparamenti tagħhom għall-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-2021-2027, anke jekk l-istrateġiji tal-awditjar tagħhom kienu għadhom ma ġewx adottati.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

8.16. Għas-sena finanzjarja 2022, irrieżaminajna r-RAA tad-DĠ HOME. L-analiżi li wettaqna ffukat fuq jekk id-DĠ HOME kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni, u jekk din l-informazzjoni kinitx konsistenti mal-għarfien li konna ksibna matul l-awditi li wettaqna. Ma sibna l-ebda informazzjoni li għandha mnejn tikkontradixxi s-sejbiet tagħna.

8.17. Irrieżaminajna l-istimi tad-DĠ HOME għal riskju fil-waqt tal-pagament u fil-waqt tal-għeluq. Aħna sibna li dawn ġew ikkalkulati skont il-metodoloġija interna u li ġew irrappurtati b’mod korrett fl-AMPR. Min-nefqa totali fl-2022 (EUR 2 479 miljun), id-DĠ HOME stma li l-ammont totali f’riskju fil-waqt tal-pagament kien ta’ EUR 34 miljun (1.4 %), u stma ċifra ta’ EUR 3 miljun għall-korrezzjonijiet li se jirriżultaw mill-kontrolli tiegħu fi snin futuri.

8.18. Id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ HOME iddikjarat li kellha aċċertament raġonevoli li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-RAA kienu ntużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u skont il-prinċipji tal-ġestjoni tajba, iżda b’xi *riżervi*. Billi l-kontrolli li wettaqna fuq 22 tranżazzjoni jikkonċernaw biss proporzjon żgħir tat-tranżazzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ HOME, ma stajniex nivverifikaw din id-dikjarazzjoni mar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

8.19. L-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet juri li n-nefqa kienet milquta minn kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' akkwist. Filwaqt li ma awditjajniex biżżejjed tranżazzjonijiet biex nistmaw il-livell ta' żball għal dawn l-intestaturi tal-QFP (ara l-paragrafu ***8.9***), ir-riżultati tal-awditjar tagħna jindikaw li dan huwa qasam b'riskju għoli. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

Rakkomandazzjonijiet

8.20. L-***Anness 8.1*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2020 tagħna, li d-data mmirata għall-implimentazzjoni tagħha kienet sa tmiem l-2022. Din ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-fondi tad-DĠ HOME kemm fil-QFP għall-2014-2020 kif ukoll f'dak għall-2021-2027. Hija tirreferi għad-dokumentazzjoni tal-kompletezza u l-kwalità tas-servizzi meta l-finanzjament ikun ibbażat fuq *kostijiet unitarji standard*. Inqisu li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ minħabba li d-DĠ HOME ħareġ linji gwida u manwal għall-prattikanti dwar l-użu tal-għażliet ta' kostijiet simplifikati.

8.21. Ibbażat fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2022, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 8.1 – Immirar aħjar tal-verifiki fuq l-eliġibbiltà tal-kostijiet tal-proġett għal azzjonijiet tal-Unjoni mmaniġġjati direttament mid-DĠ HOME

Twettaq verifiki *ex ante* mmirati aħjar fuq l-eliġibbiltà tan-nefqa għal azzjonijiet tal-Unjoni, b'fokus speċjali fuq ir-riskji potenzjali relatati ma', pereżempju, it-tip ta' nefqa (eżempju il-kostijiet tal-persunal, it-tagħmir l-akkwist), jew it-tip ta' benefiċjarju.

Meta tipprepara l-valutazzjoni tar-riskju tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ċ-ċertifikati tal-awditjar li jappoġġaw it-talbiet għall-pagament tal-benefiċjarji għandhom limitazzjonijiet.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Annessi

Anness 8.1 – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal ‘Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri’ u ‘Sigurtà u difiża’

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2020	Aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2:** tipprovdi gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni tal-fondi tad-DĠ HOME, kemm fil-QFP għall-2014-2020 kif ukoll f’dak għall-2021-2027, dwar id-dokumentazzjoni tal-kompletezza u l-kwalità tas-servizzi meta l-finanzjament ikun ibbażat fuq kostijiet unitarji standard.		

Sors: il-QEA.

Kapitolu 9

Vičinat u d-dinja

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**9.1.**
Deskrizzjoni qasira	**9.2. - 9.6.**
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**9.7.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**9.8. - 9.14.**
Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern	**9.15. - 9.17.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**9.18. - 9.26.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**9.27. - 9.34.**
Konklużjoni	**9.27.**
Rakkomandazzjonijiet	**9.28. - 9.34.**

Annessi

Anness 9.1 – Pagamenti skont id-delegazzjoni għad-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA

Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Viċinat u d-dinja"

Introduzzjoni

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 6 "Viċinat u d-dinja" tal-*QFP*. Il-***Figura 9.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2022.

Figura 9.1 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna

Viċinat u d-dinja
EUR 14.5-il biljun (7.4 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2022 skont il-fond *(biljun EUR)*



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti

Pagamenti tal-2022 – total 14.5



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 – total 10.1



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

Deskrizzjoni qasira

9.2. Il-qasam ta' nfiq jinkludi diversi strumenti ta' finanzjament, notevolment l-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali ("NDICI-Ewropa Globali")*[1] il-ġdid u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[2]. Huwa jkopri wkoll il-baġit għall-għajnuna umanitarja.

9.3. L-objettiv ġenerali tal-NDICI-Ewropa Globali huwa li jsostni u jippromwovi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-UE madwar id-dinja, u jgħin fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu u ta' sħubijiet aktar b'saħħithom ma' pajjiżi mhux tal-UE. Huwa jirrifletti żewġ bidliet ewlenin, meta mqabbla mal-QFP 2014-2020, fil-mod kif l-UE tiffinanzja l-*azzjoni esterna* (politika barranija):

(a) il-kooperazzjoni mal-pajjiż sħab Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, li qabel kienet iffinanzjata mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, issa nġiebet taħt il-baġit ġenerali tal-UE;

(b) tali kooperazzjoni issa hija ffinanzjata taħt l-istess strument bħall-politika tal-viċinat tal-UE, filwaqt li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żewġ tipi ta' appoġġ.

9.4. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni huwa li jagħti appoġġ lill-pajjiżi *benefiċjarji* fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa għall-allinjament mal-valuri tal-UE bil-ħsieb ta' sħubija, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tagħhom.

9.5. Id-direttorati ġenerali u s-servizzi prinċipali li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-azzjoni esterna tal-UE huma d-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja (DĠ ECHO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI).

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/947 dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1529 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II).

9.6. Fl-2022, il-pagamenti għal “Viċinat u d-dinja” ammontaw għal EUR 14.5-il biljun (*pagamenti ta’ prefinanzjament*, *interim* u finali) u ġew żborżati bl-użu ta’ diversi strumenti (ara l-***Figura 9.1***) u metodi ta’ twassil. Dawn jinkludu kuntratti ta’ xogħlijiet/provvisti/servizzi, *għotjiet*, self speċjali, garanziji ta’ self u assistenza finanzjarja, *appoġġ baġitarju* u f orom immirati oħra ta’ għajnuna baġitarja f’pajjiżi mhux tal-UE (ara l-***Anness 9.1***). It-total tal-pagamenti taħt din l-intestatura żdied minn EUR 10.9 biljun fl-2021 għal EUR 14.5-il biljun fl-2022. Iż-żieda fil-pagamenti hija prinċipalment taħt l-NDICI - minn EUR 5.8 biljun fl-2021 għal EUR 9.4 biljun u hija dovuta għal pagamenti ta’ prefinanzjament.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

9.7. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2022:

(a) kampjun ta' 72 tranżazzjoni li, filwaqt li jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna, mhuwiex rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Għalhekk ma nistgħux nipprovdu stima tar-rata ta' *żball* għal din l-intestatura. Aħna kkampjunajna 35 tranżazzjoni tad-DĠ NEAR, 17 tad-DĠ INTPA, 14 tad-DĠ ECHO u 6 tal-FPI.

(b) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-*Rapport Annwali tal-Attività (RAA)* tad-DĠ NEAR, u li mbagħad hija inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni Ewropea;

(c) sistemi magħżula f'erba' delegazzjonijiet tal-UE, inklużi s-sistemi tagħhom għal:

(i) awditu, verifika u segwitu – aħna vvalutajna jekk l-implimentazzjoni tal-pjanijiet annwali tal-awditjar u ta' verifika kinitx xierqa u konformi mar-regoli u l-linji gwida applikabbli;

(ii) prevenzjoni tal-*frodi* u etika – aħna vvalutajna jekk il-persunal irċeviex taħriġ xieraq fil-prevenzjoni tal-frodi u fl-etika u kellux sensibilizzazzjoni rigward il-proċeduri u l-obbligi f'każijiet ta' frodi suspettata.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

9.8. Mit-72 tranżazzjoni li eżaminajna, 34 (47 %) kienu milquta minn żbalji. Minkejja d-daqs limitat tal-kampjun, ir-*riżultati* tal-awditjar tagħna jindikaw li r-riskju ta' żball f'din l-intestatura tal-QFP huwa għoli. Aħna kkwantifikajna 25 żball li kellhom *impatt* finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati lill-baġit tal-UE. Dawn l-iżbalji kienu jirrigwardaw kostijiet ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn, akkwist pubbliku, u nefqa mhux imġarrba. Il-***Kaxxa 9.1*** turi eżempji tal-iżbalji li kkwantifikajna.

Kaxxa 9.1

Nuqqas serju fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aġġudikazzjoni ta' għotjiet

DĠ INTPA

Aħna awditjajna fattura ta' EUR 728 221 taħt kuntratt ta' għotja ffirmat ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs). Il-proġett kellu l-għan li jqawwi l-parteċipazzjoni pubblika fil-konsultazzjonijiet tal-gvern lokali f'pajjiż Afrikan. Il-kostijiet stmati tal-azzjoni ammontaw għal EUR 993 304, u 75 % minnhom kienu ffinanzjati mill-UE. Wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni kien li l-applikant ewlieni jkun direttament responsabbli mill-ġestjoni tal-azzjoni u mhux biss jaġixxi bħala intermedjarju.

L-applikazzjoni ġiet ippreżentata minn NGO internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru tal-UE, bħala applikant ewlieni. Waqt li kienet qed tħejji l-kuntratt, il-Kummissjoni skopriet li l-azzjoni ma kinitx se tiġi implimentata mill-applikant ewlieni, iżda pjuttost minn entità Afrikana relatata, li oriġinarjament ma kinitx imsemmija bħala entità li tapplika.

Madankollu, il-kumitat ta' evalwazzjoni aċċetta l-proposta minkejja li l-applikant ewlieni naqas milli jissodisfa l-kriterju ta' eliġibbiltà li jkun direttament responsabbli mill-ġestjoni tal-azzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żiedet l-entità Afrikana mal-kuntratt, u b'hekk ippermettiet tibdil mill-applikazzjoni oriġinali, li r-regoli ma jippreveduhiex. Għalhekk qisna li l-eżitu tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni kien skorrett u li n-nefqa ddikjarata kienet ineliġibbli għal finanzjament mill-UE.

Nefqa ineliġibbli li kienet inkluża fit-talba dwar l-ispejjeż

DĠ NEAR

Aħna awditjajna l-approvazzjoni ta' tranżazzjoni b'valur ta' EUR 3.79 miljun taħt *ftehim ta' delega tal-ġestjoni indiretta* ffinanzjat minn faċilità ta' investiment tal-

viċinat. It-tranżazzjoni kienet tirrigwarda proġett, implimentat minn aġenzija tal-iżvilupp, għall-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-Palestina* lejn ekonomija ekoloġika.

Il-proġett ġie ffinanzjat taħt miżura li kienet tikkonsisti f'faċilità ta' self, b'baġit totali ta' EUR 35.7 miljun (inkluża kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 10.7 miljun), u komponent ta' inċentiv ta' EUR 5 miljun iffinanzjat bis-sħiħ mill-UE. Il-komponent ta' inċentiv kien maħsub għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' għotjiet għal proġetti ekoloġiċi fl-oqsma tal-*effiċjenza* fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tat-tniġġis. Dan kien pagabbli lill-benefiċjarji finali permezz ta' bank sieħeb.

Fit-tieni nofs tal-2020, l-aġenzija tal-iżvilupp irrappurtat lill-Kummissjoni li kienet approvat għotja ta' EUR 190 500 għal benefiċjarju finali. L-approvazzjoni kienet ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-bank sieħeb, li offra lill-benefiċjarju finali l-faċilità ta' self fl-istess ħin. Madankollu, il-benefiċjarju qatt ma aċċetta l-finanzjament u ma implimentax il-proġett.

Sa tmiem l-2021 l-aġenzija tal-iżvilupp kienet għadha qed tikkomunika lill-Kummissjoni, fir-rapporti ta' progress tagħha, li l-proġett kien qed jiġi ffinanzjat, minkejja li qatt ma kien ġie implimentat. Il-Kummissjoni ħarset lejn il-proġett bħala nefqa mġarrba, abbażi tal-informazzjoni finanzjarja li kienet irċeviet mingħand l-aġenzija tal-iżvilupp. La l-aġenzija tal-iżvilupp u lanqas il-Kummissjoni ma kienu wettqu verifiki dwar din l-informazzjoni finanzjarja. Verifiki ta' dan it-tip setgħu, kieku, jaqbdu r-rappurtar skorrett mill-bank.

*Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

9.9. Sibna wkoll 17-il każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, (iżda li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE). Dawn kienu jirrigwardaw, pereżempju, proċeduri obbligatorji mhux segwiti, evidenza insuffiċjenti, allokazzjoni mhux ċara tal-kostijiet u nuqqas ta' rendikont tal-entrati. Il-***Kaxxa 9.2*** turi eżempju wieħed ta' żbalji li ma kkwantifikajniex.

Kaxxa 9.2

Valutazzjoni tar-riskju obbligatorja mhux imwettqa

DĠ NEAR

Aħna awditjajna l-pagament finali għal proġett biex jitwassal u jiġi installat tagħmir ta' komunikazzjoni għal awtorità tal-gvern fil-pajjiż benefiċjarju. Il-kuntratt ta' provvista ġie ffirmat ma' fornitur lokali għal total ta' EUR 255 492. Mal-iffirmar tal-

kuntratt, il-Kummissjoni għamlet pagament ta' prefinanzjament ta' EUR 102 197, li jirrappreżenta 40 % tal-prezz tal-kuntratt miftiehem.

Il-manwal tal-proċeduri jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tar-riskju biex tiżgura li l-pagamenti ta' prefinanzjament bejn EUR 60 000 u EUR 300 000 isiru biss mingħajr garanzija bankarja jekk ir-riskju jiġi vvalutat bħala baxx. F'dan il-każ, kienet meħtieġa valutazzjoni tar-riskju billi l-ammont tal-prefinanzjament kien ta' EUR 102 197. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet il-pagament mingħajr ma wettqet din il-valutazzjoni tar-riskju u mingħajr ma kisbet garanzija bankarja.

9.10. Aħna identifikajna żewġ oqsma ta' nfiq li fihom it-tranżazzjonijiet huma b'mod ġenerali inqas suxxettibbli għal żbalji minħabba kundizzjonijiet tal-pagament speċifiċi. Dawn l-oqsma huma (i) appoġġ baġitarju u (ii) proġetti li huma suġġetti għall-"*approċċ nozzjonali*", li jiġu implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Fl-2022, aħna awditjajna tliet tranżazzjonijiet taħt l-appoġġ baġitarju u ħames tranżazzjonijiet taħt l-"approċċ nozzjonali".

9.11. L-appoġġ baġitarju huwa kontribuzzjoni għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit li l-Istat jalloka għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE ammontaw għal EUR 1.7 biljun fl-2022. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ikkonformat mal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju li saru favur pajjiżi sħab u jekk kinitx ivverifikat li dawn il-pajjiżi kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà (bħal titjib sodisfaċenti fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku). L-awditu li wettaqna tar-regolarità ma jistax ikopri dak li jiġri wara li l-Kummissjoni tħallas l-għajnuna lill-pajjiż riċevitur, peress li dawn il-fondi mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji proprji ta' dak il-pajjiż.

9.12. Taħt l-"approċċ nozzjonali", meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jingħabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti identifikabbli u speċifiċi tan-nefqa, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità tan-nefqa mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed nefqa eliġibbli biex tkopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Aħna ħadna inkunsiderazzjoni dan l-approċċ fl-ittestjar sostantiv li wettaqna. Fl-2022, il-pagamenti li saru mill-baġit ġenerali tal-UE favur organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 4.7 biljun. Aħna ma nistgħux ngħidu x'inhuwa l-proporzjon ta' dan l-ammont li għalih japplika l-"approċċ nozzjonali", peress li l-Kummissjoni ma timmonitorjahx separatament. Aħna qbadna ħames żbalji *mhux kwantifikabbli* fit-tranżazzjonijiet taħt "approċċ nozzjonali"

9.13. Meta eżaminajna r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna osservajna wkoll eżempji ta' kontrolli effettivi li twettqu mill-Kummissjoni. Aħna nippreżentaw eżempju ta' dan it-tip fil-***Kaxxa 9.3***.

Kaxxa 9.3

Infiq ineliġibbli identifikat fir-rapport ta' verifika

DĠ NEAR

Permezz ta' kuntratt ta' għotja, il-Kummissjoni ffinanzjat azzjoni b'baġit ta' EUR 210 miljun biex ittejjeb l-istatus tas-saħħa tar-refuġjati fil-pajjiż ospitanti tagħhom.

Meta awditjajna n-nefqa mitluba taħt dan il-kuntratt ta' għotja, sibna li l-Kummissjoni kienet irrifjutat, b'mod korrett, ammont ta' EUR 2.27 miljun (6.67 %) minn fattura ta' EUR 34 miljun wara l-verifika li hija wettqet tan-nefqa. In-nefqa ineliġibbli kienet tikkonċerna, b'mod partikolari, l-użu ta' proċeduri ta' akkwist skorretti għax-xiri ta' servizzi u l-inklużjoni ta' *VAT* ineliġibbli fil-kostijiet mitluba.

9.14. Bħal fi snin preċedenti, ħabbatna wiċċna ma' dewmien biex nirċievu d-dokumentazzjoni mitluba mingħand xi organizzazzjonijiet internazzjonali u, konsegwentement, biex inwettqu xogħolna. Dawn l-organizzazzjonijiet ipprovdew biss aċċess limitat għad-dokumenti (eż. f'format li jinqara biss), u dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Dawn id-diffikultajiet baqgħu jippersistu minkejja t-tentattivi tal-Kummissjoni biex issolvihom billi tikkomunika kontinwament mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati.

Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern

9.15. Żorna erba’ delegazzjonijiet tal-UE f’pajjiżi mhux tal-UE (il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Maċedonja ta’ Fuq, ir-Rwanda u s-Serbja) u eżaminajna l-elementi li ġejjin tas-sistemi ta’ kontroll intern tagħhom:

(a) jekk id-delegazzjonijiet ħejjewx il-pjanijiet annwali tagħhom ta’ awditjar u verifika skont il-metodoloġija rilevanti;

(b) jekk wettqux valutazzjonijiet tar-riskju tal-proġetti skont il-linji gwida applikabbli;

(c) jekk ikkuntrattawx awditi u verifiki tan-nefqa fil-ħin u kif immaniġġjawhom, dawn;

(d) jekk wettqux segwitu tar-riżultati ta’ dawn l-awditi u l-verifiki tan-nefqa; u

(e) kif indirizzaw kwalunkwe sejba kritika.

9.16. Aħna vvalutajna wkoll is-sensibilizzazzjoni fost il-persunal tad-delegazzjonijiet fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi, l-etika u l-integrità. B’mod partikolari, aħna eżaminajna:

(a) jekk il-persunal tad-delegazzjonijiet kellux sensibilizzazzjoni rigward l-obbligi tiegħu f’każijiet ta’ frodi suspettata;

(b) jekk il-persunal attendiex b’mod regolari għal taħriġ xieraq f’dawn l-oqsma;

(c) kemm sar spiss dan it-taħriġ u min kien meħtieġ jattendi.

9.17. Aħna identifikajna xi nuqqasijiet fil-funzjonament tal-elementi tas-sistema ta’ kontroll intern li eżaminajna. Dawn in-nuqqasijiet kienu jirrigwardaw verifiki tan-nefqa, taħriġ għall-prevenzjoni tal-frodi u s-sistema tal-IT OPSYS tal-Kummissjoni. Il-***Kaxxa 9.4*** turi eżempji ta’ nuqqasijiet bħal dawn.

Kaxxa 9.4

Rapport ta’ verifika tan-nefqa riċevut wara l-pagament finali li jkun diġà sar

DĠ NEAR

Il-Kummissjoni normalment tirrikjedi li l-benefiċjarji tal-għotjiet iqabbdu kuntrattur biex jivverifika n-nefqa tagħhom sa dak il-jum u jipproduċi rapporti ta’ verifika tan-nefqa, li huma jippreżentaw lid-delegazzjoni tal-UE qabel ma jkunu jistgħu jirċievu aktar prefinanzjament jew pagamenti finali. Delegazzjoni waħda tal-UE li awditjajna qabbdet kuntratturi direttament biex jivverifikaw in-nefqa tal-benefiċjarji.

Eżaminajna tliet rapporti ta’ verifika tan-nefqa li waslu minn dik id-delegazzjoni tal-UE. F’każ wieħed, sabiex tilħaq id-data ta’ skadenza stabbilita fil-kuntratt ta’ għotja, id-delegazzjoni tal-UE kienet diġà għamlet il-pagament finali lill-benefiċjarju qabel ma rċeviet ir-rapport ta’ verifika tan-nefqa.

Xi membri tal-persunal tad-delegazzjonijiet mhux imħarrġa fil-prevenzjoni tal-frodi fl-aħħar ħames snin

Id-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA

Matul iż-żjarat tagħna lil erba’ delegazzjonijiet tal-UE, wettaqna intervisti ma’ erba’ membri tal-persunal li kienu ntgħażlu minn kull waħda minn dawk id-delegazzjonijiet. Osservajna li membru wieħed tal-persunal f’delegazzjoni waħda u żewġ membri tal-persunal f’delegazzjoni oħra ma kinux attendew għat-taħriġ fil-prevenzjoni tal-frodi fl-aħħar ħames snin.

Is-sistema ta’ informazzjoni OPSYS mhux kompletament operazzjonali

Diversi snin ilu, id-DĠ INTPA, id-DĠ NEAR u l-FPI nedew programm ta’ trasformazzjoni tan-negozju u tal-IT fuq skala kbira msejjaħ OPSYS għall-ġestjoni tal-portafoll kollu tal-azzjoni esterna tal-UE.

Matul iż-żjarat tagħna lid-delegazzjonijiet tal-UE, il-persunal irrapporta problemi bl-OPSYS li kienu wasslu għal dewmien, tfixkil fil-funzjonament bla xkiel tad-delegazzjoni u żieda fil-konsum tar-riżorsi.

Fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tiegħu, id-DĠ NEAR irrapporta diffikultajiet bl-implimentazzjoni tal-OPSYS, filwaqt li ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-għodda l-ġdida tal-IT xi drabi kienet instabbli, ma ssodisfatx l-aspettattivi tal-utenti u kienet tirrikjedi intervent frekwenti mit-timijiet ta’ appoġġ tad-DĠ INTPA u d-Direttorat

Ġenerali għall-Informatika (DIGIT). Dan jista' jwassal għal *data* inaffidabbli u informazzjoni ta' ġestjoni inkompleta.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

RAA tad-DĠ NEAR

9.18. Aħna eżaminajna r-RAA tad-DĠ NEAR għas-sena finanzjarja 2022. Iffukajna fuq jekk id-DĠ NEAR kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u jekk kienx konsistenti meta applika l-metodoloġija biex jiġu stmati l-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri.

9.19. Abbażi tal-istruzzjonijiet maħruġa mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija tar-RAA tagħhom, id-direttorati ġenerali jistmaw ir-riskju fil-waqt tal-pagament tagħhom billi jużaw id-*data* li jkollhom fil-pussess tagħhom. Għar-riskju fil-waqt tal-pagament japplikaw rata ta' *kapaċità korrettiva*, li tikkorrispondi għall-medja storika ta' rkupri u korrezzjonijiet ipprovduta mid-DĠ BUDG u aġġustata mid-direttorati ġenerali skont kif meħtieġ, biex jikkalkulaw ir-riskju tagħhom fil-waqt tal-għeluq. Ir-riskju fil-waqt tal-għeluq huwa indikatur importanti tal-*effettività* tal-kontroll intern ta' direttorat ġenerali.

9.20. Madankollu, ir-riskju fil-waqt tal-għeluq li d-DĠ NEAR jirrapporta fir-RAA tiegħu huwa derivat minn studju mwettaq minn kuntrattur estern f'isem id-DĠ NEAR, magħruf bħala l-istudju dwar ir-*rata tal-iżball residwu (RER)*. L-iskop tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta' dawk l-iżbalji mhux maqbuda mill-verifiki ta' ġestjoni kollha tad-DĠ NEAR għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' tali żbalji fil-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta' dawk il-verifiki. Dan huwa element importanti li fuqu hija bbażata d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tad-Direttur Ġenerali, u jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-azzjoni esterna ddivulgata fl-AMPR.

9.21. L-istudju dwar l-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu. Ir-rapporti annwali preċedenti tagħna[3] diġà ddeskrivew limitazzjonijiet fl-istudju li jistgħu jikkontribwixxu għall-istima insuffiċjenti tal-RER. B'mod aktar speċifiku, fi snin preċedenti aħna osservajna, fost affarijiet oħra, li l-kuntrattur jista' jserraħ għalkollox fuq ir-riżultati tax-xogħol ta' kontroll preċedenti. F'każijiet fejn dawn il-verifiki preċedenti twettqu skont il-*Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA)* bejn il-Kummissjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti, il-kuntrattur mhux dejjem ikun jista'

[3] Ir-Rapporti Annwali 2017, 2018, 2019, 2020 u 2021 .

jwettaq ittestjar sostantiv addizzjonali billi l-FAFA jillimita d-drittijiet ta' verifika tal-Kummissjoni.

9.22. Għall-2022, l-istudju dwar l-RER stma RER kumplessiva għad-DĠ NEAR fl-intier tiegħu (imsejħa r-"rata ta' żball globali (idderivata mid-DĠ)" fir-RAA) ta' 1.00 %, taħt is-*soll ta' materjalità* ta' 2 % tal-Kummissjoni. Il-kampjun tal-RER kien jikkonsisti f'256 tranżazzjoni taħt kuntratti li ngħalqu matul il-perjodu ta' referenza (Settembru 2021 sa Awwissu 2022). L-istudju dwar l-RER kien jinkludi wkoll stima tar-rata tal-iżball residwu għal għotjiet taħt *ġestjoni diretta* (ir-"rata tal-iżball residwu għall-għotjiet"). Madankollu, din ir-rata mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-RER kumplessiva tad-DĠ NEAR.

9.23. Abbażi tal-RER kumplessiva ta' 1.00 %, id-Direttur Ġenerali ddikjara li l-esponiment finanzjarju tad-DĠ NEAR kien taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %. Billi ma għandniex kampjun rappreżentattiv biex nagħmlu stima tar-rata ta' żball għall-Intestatura 6 "Viċinat u d-dinja" tal-QFP, ma ninsabux f'pożizzjoni li nivverifikaw din id-dikjarazzjoni bi tqabbil mar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

9.24. Mill-RER globali, id-DĠ NEAR idderiva riskju stmat fil-waqt tal-għeluq f'ammont ta' EUR 44 miljun. Imbagħad ħadem b'lura mir-riskju fil-waqt tal-għeluq biex wasal għar-riskju stmat fil-waqt tal-pagament. Dan kien jinvolvi ż-żieda ta' korrezzjonijiet futuri stmati li rriżultaw minn ordnijiet ta' rkupru fir-rigward ta' pagamenti mhux dovuti li kienu ġew identifikati mill-verifiki *ex post* tad-DĠ NEAR[4]. Id-DĠ NEAR stma li dawn il-korrezzjonijiet futuri kienu jammontaw għal EUR 4.2 miljun[5]. B'hekk wasal għal riskju fil-waqt tal-pagament li kien jammonta għal EUR 46.99 miljun (0.91 %) għan-nefqa tal-2022.

9.25. Barra minn hekk, sibna li ċ-ċifra tal-kapaċità korrettiva tal-2022 tad-DĠ NEAR ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv minħabba żbalji li ma nqabdux, jiġifieri l-inklużjoni fil-kalkolu ta' ordnijiet ta' rkupru rigward prefinanzjament li ma ntefaqx. Awditjajna 11-il ordni ta' rkupru u sibna 3 minnhom, b'total ta' EUR 0.7 miljun, skorretti.

---

[4] Ir-RAA 2022 tad-DĠ NEAR, in-Nota 6 f'qiegħ il-paġna tal-Anness 9.

[5] *Ibid.*

RAA tad-DĠ INTPA

9.26. Ix-xogħol li wettaqna fuq ir-RAA 2022 tad-DĠ INTPA huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

9.27. L-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi ġibed l-attenzjoni għal erba' oqsma fejn hemm lok għal titjib. Filwaqt li ma awditjajniex biżżejjed tranżazzjonijiet biex nistmaw il-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu ***9.7***), ir-riżultati tal-awditjar tagħna jindikaw li dan huwa qasam b'riskju għoli. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

Rakkomandazzjonijiet

9.28. L-***Anness 9.2*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għat-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni fir-rigward ta' rakkomandazzjoni waħda.

9.29. Aħna nqisu li ġiet implimentata r-Rakkomandazzjoni 1, jiġifieri li l-Kummissjoni tiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar l-RER fir-RAA 2020 tad-DĠ NEAR u fir-RAA futuri tiegħu. Dan jirrifletti l-valutazzjoni li wettaqna, jiġifieri li dawn il-limitazzjonijiet ġew iddivulgati fir-RAA 2020 u fir-RAA sussegwenti kollha.

9.30. Aħna nqisu li ġiet implimentata r-Rakkomandazzjoni 3, jiġifieri li d-DĠ NEAR, id-DĠ DEVCO, id-DĠ ECHO, id-DĠ CLIMA u l-FPI jsaħħu l-kontrolli [verifiki] billi jidentifikaw u jipprevienu żbalji ripetuti. Dawn id-direttorati ġenerali saħħew il-verifiki tagħhom u ħadu azzjoni biex jipprevienu żbalji ripetuti. Din kienet tinkludi l-ħruġ ta' gwida ġdida lill-persunal, iż-żieda fit-taħriġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni kemm għall-persunal tagħhom kif ukoll għall-benefiċjarji, u t-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-kontrolli finanzjarji.

9.31. Irrieżaminajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2020 u 2021 tagħna li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata jew li kienu mmirati għall-implimentazzjoni matul l-2022. Il-Kummissjoni kienet implimentat żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda f'xi wħud mill-aspetti (ara l-***Anness 9.2***).

9.32. Inqisu li ġiet implimentata r-Rakkomandazzjoni 2 mir-Rapport Annwali 2020 tagħna, jiġifieri li d-DĠ ECHO jistabbilixxi proċedura biex jiżgura li l-organizzazzjonijiet sħab jibbażaw l-allokazzjoni tagħhom tal-kostijiet kondiviżi fuq in-nefqa realment imġarrba[6].

9.33. Aħna nqisu li ġiet implimentata r-Rakkomandazzjoni 3 mir-Rapport Annwali 2020 tagħna, jiġifieri li d-DĠ NEAR jistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE li tkun inqabdet matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar l-RER. Il-metodoloġija tal-RER tad-DĠ NEAR tinkludi proċedura ġdida għall-kuntrattur biex jirrapporta suspetti ta' frodi u ta' sfruttament sesswali, abbuż u fastidju.

9.34. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2022, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 9.1 – Tipprevieni tibdil irregolari ta' proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar

Issaħħaħ il-kontrolli bħala prevenzjoni tat-tibdil irregolari ta' proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar meta taġġudika għotjiet fuq il-bażi ta' sejħa għal proposti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2024

Rakkomandazzjoni 9.2 – Tieħu passi biex b'hekk il-persunal jikkompleta valutazzjoni tar-riskju qabel ma tħallas prefinanzjament mingħajr garanzija bankarja

Twettaq valutazzjonijiet tar-riskju, kif meħtieġ mill-manwal tal-proċeduri, biex tiżgura li l-pagamenti ta' prefinanzjament ta' bejn EUR 60 000 u EUR 300 000 isiru biss mingħajr garanzija bankarja jekk ir-riskju jiġi vvalutat bħala baxx.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

[6] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 8.32.

Rakkomandazzjoni 9.3 – Tistabbilixxi skeda ta’ żmien xierqa meta tqabbad kuntratturi direttament għall-verifiki tan-nefqa

Tistabbilixxi skeda ta’ żmien xierqa biex b’hekk ir-rapporti ta’ verifika tan-nefqa li jinħarġu mill-kuntratturi għal kuntratti ta’ għotja jkunu disponibbli qabel l-ipproċessar tal-pagamenti jew l-approvazzjoni tan-nefqa.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025

Rakkomandazzjoni 9.4 – Issaħħaħ il-kontrolli biex teskludi, mill-kalkolu tal-kapaċità korrettiva, ordnijiet ta’ rkupru għal prefinanzjament li ma jintefaqx

Issaħħaħ il-kontrolli biex teskludi,mill-kalkolu tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ NEAR, ordnijiet ta’ rkupru għal prefinanzjament li ma jintefaqx.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: mir-Rapport Annwali tal-Attività 2023 ’il quddiem

Annessi

Anness 9.1 – Pagamenti skont id-delegazzjoni għad-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA





(*) Din id-dežinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

Sors: maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa ©Mapbox u ©OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Viċinat u d-dinja”

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2019	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 1:** Jiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar l-RER fir-RAA 2020 tad-DĠ NEAR u fir-RAA futuri tiegħu. Data mmirata għall-implimentazzjoni: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA li jmiss fl-ewwel tliet xhur tal-2021		
	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 2:** Iżid il-livell ta’ fiduċja li juża d-DĠ NEAR fil-metodoloġija tiegħu biex jikkalkula r-rata tal-għotja biex ikun tal-istess livell li jiġi applikat għall-bqija tal-popolazzjoni RER, biex jirrifletti b’aktar preċiżjoni r-riskju ogħla fil-qasam tal-għotjiet taħt ġestjoni diretta. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.		Id-DĠ NEAR ma aċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR, id-DĠ DEVCO, id-DĠ ECHO, id-DĠ CLIMA u l-FPI: **Rakkomandazzjoni 3:** Isaħħu l-kontrolli [verifiki] billi jidentifikaw u jipprevienu żbalji ripetuti (pereżempju nuqqas ta' sistemi ta' reġistrazzjoni tal-ħin u l-iddebitar ta' VAT ineliġibbli għal proġetti ffinanzjati mill-UE). Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.		
2020	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.		Il-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rigward l-aċċess li għandna għad-dokumenti. Xi organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) għadhom jipprovdu aċċess għad-dokumentazzjoni ta' sostenn f'format li jinqara biss, jew ma jipprovdux aċċess għad-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li tintalab.
	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ ECHO: **Rakkomandazzjoni 2:** Jistabbilixxi proċedura biex jiżgura li l-organizzazzjonijiet sħab jibbażaw l-allokazzjoni tagħhom tal-ispejjeż kondiviżi fuq l-infiq [in-nefqa] realment imġarrab.		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.		
	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 3:** Jistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar l-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE li tkun inqabdet matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar l-RER. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2022		
2021	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 3:** Jiddivulga t-tip u l-valur ta' kuntratti esklużi mill-popolazzjoni tal-istudju dwar l-RER fir-Rapport Annwali tal-Attività 2022 u fir-rapporti annwali tal-attività futuri. Data mmirata għall-implimentazzjoni: fir-Rapport Annwali tal-Attività 2022		Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2022, id-DĠ NEAR inkluda informazzjoni dwar it-tip ta' kuntratti li ġew eskluży mill-popolazzjoni tal-RER. Madankollu, ma semmiex il-valur tagħhom.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 10

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	10.1. - 10.2.
Deskrizzjoni qasira	10.3.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	10.4. - 10.5.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	10.6. - 10.15.
Osservazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet eżaminati	10.7. - 10.14.
Il-Parlament Ewropew	10.8. - 10.12.
Il-Kummissjoni Ewropea	10.13.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	10.14.
Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll	10.15.
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	10.16.
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	10.17. - 10.19.
Konklużjoni	10.17.
Rakkomandazzjonijiet	10.18. - 10.19.
Annessi	
Anness 10.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Amministrazzjoni pubblika Ewropea"	

Introduzzjoni

10.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 7 "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" tal-*QFP*. Il-***Figura 10.1*** tagħti stampa ġenerali tal-infiq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE taħt din l-intestatura fl-2022.

Figura 10.1 – Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna

Amministrazzjoni pubblika Ewropea
EUR 11.6-il biljun (5.9 % tal-infiq tal-bażit tal-UE)

(EUR biljun)

Ripartizzjoni tal-pagamenti għall-2022 skont l-istituzzjoni



Popolazzjoni li awditjajna għall-2022 imqabbla mal-pagamenti



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2022.

10.2. Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji tal-UE, l-entitajiet l-oħra tal-UE u l-Iskejjel Ewropej. Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar dawn il-korpi huma ppubblikati fuq is-sit web tagħna. Il-mandat tagħna ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Deskrizzjoni qasira

10.3. In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, inklużi l-pensjonijiet, li fl-2022 kienet tirrappreżenta madwar 70 % tat-total, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni. Ix-xogħol li wettaqna fuq medda ta' ħafna snin jindika li, b'mod ġenerali, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

10.4. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2022:

(a) kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 60 *tranżazzjoni*, li jkopri l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Ħadna tranżazzjonijiet minn kull istituzzjoni u korp tal-UE. L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' *żball* għal din l-intestatura tal-QFP u li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*.

(b) is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, u l-funzjonament tal-kontrolli ewlenin iddefiniti fir-*Regolament Finanzjarju*, inklużi l-kontrolli *ex ante* u *ex post* fuq il-pagamenti.

(c) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* mogħtija fir-*rapporti annwali tal-attività* tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni Ewropea li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva[1], u li mbagħad ġiet inkluża fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni* (AMPR) tal-Kummissjoni.

10.5. In-nefqa proprja tagħna tiġi awditjata minn ditta esterna[2]. Ir-riżultati tal-awditu li din wettqet tar-rapporti finanzjarji tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 huma koperti mill-paragrafu ***10.7***.

[1] Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell u fil-Lussemburgu u d-DĠ Informatika.

[2] ACG Auditing & Consulting Group S.r.l.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

10.6. Mis-60 tranżazzjoni li eżaminajna, 14 (23 %) kien fihom żbalji. Ibbażat fuq il-ħames żbalji li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball jinsab taħt is-*soll ta' materjalità*.

Osservazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet eżaminati

10.7. L-osservazzjonijiet tagħna, li niddeskrivu fil-paragrafi li ġejjin, jikkonċernaw il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Ma identifikajniex xi problemi speċifiċi li jikkonċernaw lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew jew lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Ibbażat fuq ix-xogħol li wettaq, l-awditur estern tagħna ma rrapporta l-ebda problema speċifika.

Il-Parlament Ewropew

10.8. Mill-kampjun tagħna ta' 13-il tranżazzjoni għall-Parlament Ewropew, 3 kienu relatati ma' pagamenti li saru lil gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew, u waħda kienet relatata ma' pagament li sar lil fondazzjoni politika Ewropea. Eżaminajna kampjuni tal-ispejjeż li ġew iddikjarati minn kull grupp politiku u fondazzjoni politika magħżula li kienu relatati ma' dawn il-pagamenti. Għal tlieta minn dawn l-erba' tranżazzjonijiet, sibna *żbalji kwantifikabbli* f'aktar minn terz tal-ispejjeż ikkampjunati (ara l-paragrafi ***10.9***, ***10.10*** u ***10.12***).

10.9. Aħna sibna li d-dispożizzjonijiet relatati mal-*akkwist pubbliku* fir-regoli interni tal-Parlament Ewropew[3] għall-ġestjoni tal-*approprjazzjonijiet* tal-gruppi politiċi tal-Parlament kienu għadhom mhumiex konformi mar-Regolament Finanzjarju. Ir-Regolament Finanzjarju jistipula l-użu ta' *proċeduri ta' akkwist miftuħa* jew *ristretti* għal kuntratti ta' valur għoli (jiġifieri kuntratti b'valur li jkun ogħla minn EUR 139 000). Madankollu, ir-regoli interni adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew, li dawn il-gruppi jeħtiġilhom isegwu, jirrikjedu l-użu ta' *proċeduri ta' akkwist innegozjati*. Dawn ir-regoli interni jillimitaw il-kompetizzjoni, billi jippermettu l-preselezzjoni ta' offerenti potenzjali għal kuntratti ta' valur għoli u ma jirrikjedux il-pubblikazzjoni ta' avviż dwar

[3] Regolamentazzjoni li tirregola l-utilizzazzjoni tal-*approprjazzjonijiet* tal-Linja Baġitarja 400, kif emendata l-aħħar fl-4 ta' Lulju 2022.

kuntratt. Fir-Rapport Annwali 2021[4], irrakkomandajna li l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mill-gruppi politiċi. Irrakkomandajna wkoll li tipproponi reviżjoni ta' dawn ir-regoli lill-Bureau tal-Parlament sabiex tallinjahom aħjar mar-Regolament Finanzjarju. Il-perjodu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet huwa tmiem l-2023.

10.10. Barra minn hekk, sibna li:

(a) tnejn minn tliet gruppi politiċi ma rrispettawx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku fir-regoli interni tal-Parlament Ewropew dwar il-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet[5], billi ma fittxewx li jiksbu biżżejjed offerti. Ġbidna l-attenzjoni għall-istess problema fir-rapport tagħna tal-2021.

(b) għal żewġ spejjeż ikkampjunati, wieħed mill-gruppi politiċi ma kellux kuntratti validi mal-fornitur ta' servizzi, u għalhekk ma stajniex nivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet kuntrattwali kinux ġew issodisfati jew jekk l-ammonti mħallsa kinux iġġustifikati.

(c) wieħed mill-gruppi politiċi ddikjara *VAT rekuperabbli* għal xi whud mix-xirjiet eliġibbli tiegħu, iżda l-*VAT* ma ġietx sussegwentement irkuprata, u dan irriżulta f'telf għall-baġit tal-UE. Għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-persunal, l-istess grupp uża rata fissa li kienet tistma l-kostijiet reali b'mod eċċessiv. Barra minn hekk, inqisu li l-grupp ħallas għal servizzi u rrimborża spejjeż li ma kinux imsemmija b'mod espliċitu fil-kuntratt iffirmat.

10.11. Minbarra dan, sibna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-proċeduri ta' akkwist min-naħa tal-gruppi politiċi, li ma kellu l-ebda impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-UE. Dawn jinkludu każijiet fejn il-gruppi politiċi ma ddokumentawx adegwatament il-kriterji li użaw biex jaġġudikaw il-kuntratti; ma ħejjewx rapporti ta' evalwazzjoni biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni; jew użaw kriterji tal-għażla diskriminatorji li setgħu rrestrinġew il-kompetizzjoni. B'mod ġenerali, ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna identifika dgħufijiet sinifikanti fil-proċeduri ta' akkwist għat-tranżazzjonijiet li eżaminajna fir-rigward tal-gruppi politiċi.

---

[4] Ara r-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 9.8 u r-Rakkomandazzjoni 9.1.

[5] Regolamentazzjoni li tirregola l-utilizzazzjoni tal-*approprjazzjonijiet* tal-Linja Baġitarja 400, kif emendata l-aħħar fl-4 ta' Lulju 2022.

10.12. Irrappurtajna żball kwantifikabbli għall-pagament li sar lil fondazzjoni politika Ewropea. Fattura waħda ġiet iddikjarata darbtejn mill-fondazzjoni, u għaldaqstant ġiet irrimborżata darbtejn, li jindika dgħufija fis-sistema ta' kontroll intern, u xi wħud mis-servizzi miksuba ma kinux koperti minn kuntratt validu ma' fornitur ta' servizzi.

Il-Kummissjoni Ewropea

10.13. Ma identifikajna l-ebda żball kwantifikabbli fil-pagamenti tal-Kummissjoni, iżda l-fajls tal-pensjonijiet għal tnejn mit-tmien pagamenti tal-pensjonijiet li awditjajna ma kienx fihom ċertifikat ta' ħajja reċenti. Ċertifikati ta' ħajja huma meħtieġa biex jintwera intitolament kontinwu għall-pensjoni u għal allowances oħra. Il-Kummissjoni kisbet dawn iċ-ċertifikati ta' ħajja wara l-awditu li wettaqna.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

10.14. Sibna żewġ żbalji kwantifikabbli f'pagamenti li saru mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Wieħed kien jikkonċerna n-nuqqas ta' kuntratt sottostanti validu għal servizzi tas-sigurtà miksuba minn Delegazzjoni tal-UE. L-ieħor kien relatat mal-allowances għall-ulied li membru tal-persunal rċieva minn sorsi oħra iżda li ma tnaqqsux mill-paga tiegħu. Is-sena l-oħra[6], sibna żbalji simili fir-rigward tal-allowances tal-familja mħallsa mill-Kummissjoni u fir-rigward ukoll tan-nuqqas ta' kuntratt validu għal servizzi miksuba minn Delegazzjoni oħra tal-UE.

Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll

10.15. Ma sibna l-ebda problema sinifikanti bis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li eżaminajna fil-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-paragrafu ***10.7***).

[6] Ara l-paragrafu 9.11 tar-Rapport Annwali 2021.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

10.16. Ir-rapporti annwali tal-attività li rrieżaminajna ma identifikawx livelli materjali ta’ żball, li huwa konsistenti mas-sejbiet tal-awditjar tagħna (ara l-paragrafu ***10.6***).

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

10.17. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" ma kienx materjali.

Rakkomandazzjonijiet

10.18. L-***Anness 10.1*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjoni li għamilna lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fir-Rapport Annwali 2019 tagħna. Inqisu li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti.

10.19. Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna, nirrakkomandaw dan li ġej:

Rakkomandazzjoni 10.1 – Il-Parlament Ewropew

Jenħtieġ li l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew issaħħaħ il-gwida tagħha tal-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet baġitarji min-naħa tal-gruppi politiċi Ewropej, u tipproponi lill-Bureau tal-Parlament azzjonijiet li jirrikjedu li l-gruppi politiċi japplikaw b'mod effettiv ir-regoli interni u jiżguraw il-konformità mal-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafi ***10.10***-***10.11***).

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2024

Annessi

Anness 10.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Amministrazzjoni pubblika Ewropea”

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2019	Aħna nirrakkomandaw li: **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jimplimenta politika biex jittratta l-funzjonijiet sensittivi, billi juża valutazzjoni tar-riskju komprensiva li twassal għall-identifikazzjoni ta’ kontrolli għall-mitigazzjoni tar-riskju li jieħdu inkunsiderazzjoni d-daqs tal-Kumitat u n-natura ta’ xogħlu.		Minn dak iż-żmien ’il hawn, il-Kumitat ħa azzjoni u qed jippjana li jaġġorna l-politika tiegħu dwar il-mobbiltà tal-persunal.

Sors: ir-Rapport Annwali 2019.

Kapitolu 11

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**11.1. - 11.18.**
Deskrizzjoni qasira	11.2. - 11.15.
Objettivi ta' politika	11.2. - 11.3.
Qafas ta' ġestjoni u kontroll għall-RRF	11.4. - 11.15.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	11.16. - 11.18.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**11.19. - 11.37.**
Il-mudell ta' nfiq tal-RRF jirrikjedi ambitu tal-awditjar differenti	11.20. - 11.21.
Lħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri	11.22. - 11.23.
Miżuri li bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà jew il-finanzjament taħt l-RRF ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti	11.24. - 11.26.
Finanzjament doppju	11.27. - 11.30.
Treġġigħ lura ta' miżura	11.31. - 11.33.
Problemi oħra li jirriżultaw mill-eżaminar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet	11.34. - 11.37.
Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll li għażilna	**11.38. - 11.55.**
Il-valutazzjonijiet *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni ma jkoprux sistematikament il-konformità mal-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà	11.39. - 11.41.
L-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni dwar l-istadji importanti u l-miri ma jintużawx sal-potenzjal sħiħ tagħhom	11.42. - 11.46.
Għad hemm dgħufijiet fl-istabbiliment u fil-funzjonament tas-sistemi tal-Istati Membri	11.47. - 11.55.
RAA u l-AMPR	**11.56. - 11.62.**

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet **11.63. - 11.65.**

Konklużjonijiet **11.63. - 11.64.**

Rakkomandazzjonijiet **11.65.**

Annessi

Anness 11.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Anness 11.2 – Riżultati tal-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

Anness 11.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Introduzzjoni

11.1. L-RRF ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 ("Regolament") li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Hija ilha tappoġġa riformi u proġetti ta' investiment fl-Istati Membri sa mill-bidu tal-pandemija fi Frar 2020, u se tibqa' tagħmel dan sal-31 ta' Diċembru 2026. L-RRF ġiet iffinanzjata permezz ta' EUR 723.8 biljun (bi prezzijiet attwali) f'selfiet (EUR 385.8 biljun) u kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux ripagabbli ("*għotjiet*") (EUR 338 biljun).

Deskrizzjoni qasira

Objettivi ta' politika

11.2. L-objettiv prinċipali tal-RRF huwa li timmitiga l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li tibni l-ekonomiji tal-Istati Membri biex ikunu aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi tal-ġejjieni, inkluż li taċċellera triqithom lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-RRF f'sitt oqsma ta' politika (ara l-***Figura 11.1***).

Figura 11.1 – Oqsma ta' politika indirizzati mill-RRF (sitt pilastri)



Sors: il-QEA.

11.3. Il-pjan *REPowerEU*, li huwa r-rispons tal-UE għat-tfixkil globali fis-suq tal-enerġija kkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, ġie ppreżentat mill-Kummissjoni f'Mejju 2022. L-objettiv prinċipali tiegħu huwa li jtemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi billi jittrasforma s-sistema tal-enerġija tal-UE. Fi Frar 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw emendi għar-Regolament dwar l-RRF li jippermettu li l-Istati Membri jinkludu "kapitolu REPowerEU" ddedikat fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Dawn jinkludu riformi u investimenti ġodda, mill-1 ta' Frar 2022 'il quddiem, li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU[1].

Qafas ta' ġestjoni u kontroll għall-RRF

11.4. L-RRF hija implimentata permezz ta' *ġestjoni diretta* mill-Kummissjoni. Dan it-tip ta' ġestjoni jfisser li l-Kummissjoni hija direttament responsabbli mill-implimentazzjoni ta' *programm*.

11.5. Ir-Regolament jistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-ġestjoni u l-kontroll tal-RRF meta jiġu biex jivvalutaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) ("stabbiliment"), japprovaw it-talbiet għall-pagament ("implimentazzjoni") u jwettqu verifiki wara li jkunu saru l-pagamenti ("awditi *ex post*") (ara l-***Figura 11.2***).

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/435.

Figura 11.2 – Qafas ta' ġestjoni u kontroll għall-RRF



Sors: il-QEA.

Stabbiliment

11.6. L-Istati Membri kienu meħtieġa jħejju l-RRPs tagħhom u jfasslu sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu xierqa. Jenħtieġ li l-RRPs jinkludu pakkett koerenti ta' investimenti u riformi pubbliċi (''miżuri''), miġbura flimkien f'komponenti. L-Istati Membri jeħtiġilhom jistabbilixxu stadji importanti u/jew miri għal kull miżura u – għall-miri – jipprovdu dettalji dwar il-linja bażi assoċjata.

11.7. Huma jeħtiġilhom ukoll jistabbilixxu sistemi biex jiġbru *data* dwar ir-*riċevituri finali* tal-fondi u biex jiżguraw l-aċċess għal din id-*data*[2]. Jistgħu jużaw is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll li jeżistu, jew sistemi oħra li jintużaw għal skopijiet relatati, bħal sistemi li jintużaw għall-ġestjoni ta' fondi oħra tal-UE. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw l-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-valutazzjoni tar-riskju. L-RRPs tal-Istati Membri jridu jiddeskrivu fid-dettall id-diversi korpi nazzjonali involuti.

11.8. Il-Kummissjoni tivvaluta l-RRPs ippreżentati mill-Istati Membri għar-rilevanza, l-*effettività*, l-*effiċjenza* u l-koerenza qabel ma jsir kwalunkwe pagament. Din il-valutazzjoni tivverifika wkoll ix-xerqien tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kif deskritt fl-RRPs tagħhom. Il-Kunsill jadotta l-valutazzjoni pożittiva tal-pjanijiet abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Implimentazzjoni

11.9. Wara l-approvazzjoni tal-RRP mill-Kunsill, l-Istati Membri jistgħu jitolbu prefinanzjament li jammonta għal mhux aktar minn 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Imbagħad il-prefinanzjament jiġi approvat b'mod proporzjonali permezz tal-pagamenti sussegwenti. Sa tmiem l-2022, l-RRPs kollha tas-27 Stat Membru kienu ġew approvati mill-Kunsill u 21 Stat Membru kienu rċevew prefinanzjament. L-Istati Membri kienu ppreżentaw 27 talba għall-pagament lill-Kummissjoni u hija kienet għamlet 14-il pagament (1 fl-2021 u 13 fl-2022) (ara t-***Tabella 11.1***).

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 22(2)(d).

Tabella 11.1 – Pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF li saru mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2022

(EUR miljun)

Stat Membru	2021			2022		
	Prefinanzjamenti	Pagament	Approvazzjoni	Prefinanzjamenti	Pagament	Approvazzjoni
Il-Belġju	770					
Il-Bulgarija					1 369	
Iċ-Ċekja	915					
Id-Danimarka	202					
Il-Ġermanja	2 250					
L-Estonja	126					
L-Irlanda						
Il-Greċja	3 965				1 718	257
Spanja	9 037	10 000	1 494		12 000	1 793
Franza	5 118				7 400	1 106
Il-Kroazja	818				1 400	209
L-Italja	24 893				20 000	2 989
Ċipru	157				85	13
Il-Latvja	237				201	30
Il-Litwanja	289					
Il-Lussemburgu	12					
L-Ungerija						
Malta	41					
In-Netherlands						
L-Awstrija	450					
Il-Polonja						
Il-Portugall	2 159				553	83
Ir-Rumanija	3 794				1 772	265
Is-Slovenja	231					
Is-Slovakkja	823				399	60
Il-Finlandja				271		
L-Iżvezja						
Total	**56 286**	**10 000**	**1 494**	**271**	**46 897**	**6 803**

Sors: il-QEA.

11.10. L-Istati Membri jeħtiġilhom jippreżentaw dan li ġej ma' kull talba għall-pagament:

(a) informazzjoni u evidenza li jikkonfermaw l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri stabbiliti fl-annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID);

(b) sommarju tal-awditi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi dettalji ta' kwalunkwe dgħufija identifikata u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda[3];

(c) dikjarazzjoni ta' ġestjoni[4] li tindika li:

(i) il-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom;

(ii) l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għall-pagament hija kompleta, preċiża u affidabbli; u

(iii) is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-fondi ġew immaniġġjati f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli mmirati lejn il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, *frodi*, korruzzjoni u finanzjament doppju.

11.11. L-iżborżi taħt l-RRF isiru bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jilħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri stabbiliti fis-CIDs li japprovaw l-RRPs tagħhom. Rekwiżiti oħra li għandhom jiġu rispettati huma: li l-miri jew l-istadji importanti li preċedentement intlaħqu b'mod sodisfaċenti minn Stat Membru ma kellhomx jitreġġgħu lura u li ma hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament jinkludu l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH), u n-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

11.12. Permezz tal-valutazzjonijiet preliminari tagħha, il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istadji importanti u l-miri li fuqhom hija bbażata t-talba għall-pagament intlaħqux b'mod sodisfaċenti. Ibbażat fuq din il-ħidma, il-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni preliminari tagħha lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) għal opinjoni u tieħu d-deċiżjoni finali dwar jekk tawtorizzax l-iżborż tal-fondi, suġġett għal skrutinju minn kumitat ta' esperti tal-Istati Membri.

---

[3] *Ibid.*, l-Artikolu 22(2)(c).

[4] *Ibid.*

11.13. Jekk matul il-valutazzjonijiet preliminari tagħha l-Kummissjoni tikkonkludi li stadju importanti jew mira ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, jenħtieġ li l-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha jiġi sospiż għal massimu ta' sitt xhur. Is-sospensjonijiet jistgħu jitneħħew biss jekk l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni evidenza tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri. Jekk dan ma jseħħx fi żmien sitt xhur, il-Kummissjoni jeħtiġilha tnaqqas l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja b'mod proporzjonali[5].

Awditi *ex post*

11.14. Wara li l-pagament ikun sar, il-Kummissjoni twettaq awditi *ex post* komplementari tal-istadji importanti u l-miri. Hija twettaq ukoll awditi tas-sistemi relatati u awditi li jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

11.15. Il-Kummissjoni tista' tirkupra l-ammonti mħallsa (tnaqqis fil-livell ta' appoġġ ipprovdut, jew irkupru ta' fondi li jkunu diġà ġew żborżati) jekk matul l-awditi *ex post* tagħha ssib:

(a) irregolaritajiet serji li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru; jew

(b) ksur serju tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet ta' finanzjament jew ta' self[6].

Ambitu u approċċ tal-awditjar

11.16. L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u nipprovdu l-bażi għall-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF għall-2022.

11.17. Il-popolazzjoni li awditjajna għall-2022 ammontat għal total ta' EUR 53.7 biljun u kienet tinkludi t-13-il pagament ta' għotja kollha li ammontaw għal EUR 46.9 biljun u l-*approvazzjoni* tal-prefinanzjament relatat li ammonta għal EUR 6.8 biljun (ara t-***Tabella 11.1***). Dawn it-13-il pagament ta' għotja u l-approvazzjonijiet tal-prefinanzjamenti ("nefqa taħt l-RRF") kienu saru lil 11-il Stat Membru u kienu jikkonċernaw l-ilħuq ta' 274 stadju importanti u 37 mira (ara l-***Figura 11.3***). L-awditu li wettaqna ma jkoprix il-parti tas-selfiet tal-RRF.

---

[5] *Ibid.*, l-Artikolu 24(6-8).

[6] *Ibid.*, l-Artikolu 22(5).

Figura 11.3 – Ammont awditjat u ammont totali ta' stadji importanti u miri li fuqhom huma bbażati l-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF għall-2022



Stat Membru	Għadd ta' stadji importanti awditjati	Għadd ta' miri awditjati	Għadd totali ta' stadji importanti	Għadd totali ta' miri
Spanja	21	9	31	9
L-Italja (*)	48	2	48	2
Franza	16	14	24	14
Ir-Rumanija	12	2	12	2
Il-Greċja	13	0	13	0
Il-Bulgarija	21	1	21	1
Il-Kroazja (*)	50	5	57	5
Il-Portugall	26	4	31	4
Is-Slovakkja	14	0	14	0
Il-Latvja	9	0	9	0
Ċipru	14	0	14	0
Total	**244**	**37**	**274**	**37**

(*) L-Italja u l-Kroazja rċevew żewġ pagamenti kull wieħed fl-2022

Sors: il-QEA.

11.18. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 11.1***, għall-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF għall-2022, aħna eżaminajna:

(a) l-ilħuq sodisfaċenti ta' 244 mill-274 stadju importanti kif ukoll tas-37 mira kollha li kienu inklużi fit-13-il pagament ta' għotja li saru fl-2022;

(b) 20 mira fuq il-post f'5 Stati Membri (Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja u r-Rumanija);

(c) l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri marbuta mas-sistemi ta' awditjar u kontroll tal-Istati Membri, inklużi s-sistemi għall-ġbir ta' *data* dwar ir-riċevituri finali;

(d) il-valutazzjoni preliminari li l-Kummissjoni wettqet tal-281 stadju importanti u mira sabiex jiġi stabbilit jekk il-valutazzjoni ġietx iddokumentata kif xieraq, tkoprix l-elementi kollha meħtieġa tal-istadju importanti jew tal-mira, hijiex ibbażata fuq evidenza għall-awditjar li hija suffiċjenti u xierqa, u tasalx għal konklużjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti li hija konsistenti ma' din l-evidenza;

(e) ħames *awditi ex post* imwettqa mill-Kummissjoni (Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja u l-Portugall), sabiex jiġi vvalutat jekk dawn twettqux b'mod effettiv biex jiġi pprovdut livell ta' aċċertament flimkien mal-valutazzjonijiet preliminari; u

(f) ir-rappurtar mid-DĠ ECFIN dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF għall-2022 fir-*Rapport Annwali tal-Attività (RAA)* tiegħu u l-mod kif din l-informazzjoni hija ppreżentata fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)*.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

11.19. Sibna li 15 mill-281 stadju importanti u mira kienu milquta minn problemi ta' regolarità (ara l-***Anness 11.2***). Dawn kienu jikkonċernaw 11 mit-13-il pagament taħt l-RRF (u l-approvazzjonijiet relatati tal-prefinanzjamenti). L-istadji importanti u l-miri milquta minn dawn il-problemi jew ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti jew inkella ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Minħabba n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-RRF, u meta jitqies li l-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti tal-Kummissjoni[7] tiddependi mill-għemil ta' ħafna ġudizzji, li possibbilment iwasslu għal interpretazzjonijiet differenti, aħna ma nipprovdux rata ta' *żball* komparabbli ma' oqsma oħra ta' nfiq tal-UE (ara l-***Anness 11.1***). B'kont meħud ta' dawn il-limitazzjonijiet, nistmaw li l-impatt finanzjarju minimu ta' dawn is-sejbiet huwa qrib is-*soll ta' materjalità* tagħna. Il-***Figura 11.4*** tippreżenta d-diżaggregazzjoni tas-sejbiet tagħna.

Figura 11.4 – Diżaggregazzjoni tas-sejbiet

Sors: il-QEA.

Il-mudell ta' nfiq tal-RRF jirrikjedi ambitu tal-awditjar differenti

11.20. Il-mudell ta' nfiq tal-RRF huwa bbażat fuq "finanzjament mhux marbut mal-kostijiet", u l-Istati Membri huma l-benefiċjarji. Dan il-finanzjament jingħata bil-kundizzjoni li jinkisbu *riżultati* mkejla permezz ta' stadji importanti li ġew stabbiliti preċedentement jew permezz ta' indikaturi tal-*prestazzjoni* jew inkella l-issodisfar tal-kundizzjonijiet, għall-kuntrarju ta' finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet

[7] L-Anness 2 tal-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Sentejn wara strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE (COM(2023) 99).

imġarrba u/jew il-konformità mal-kundizzjonijiet[8]. Konsegwentement, il-kundizzjoni prinċipali għall-pagament taħt l-RRF hija l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew il-miri predefiniti. Il-pagamenti parzjali individwali favur l-Istati Membri la huma bbażati fuq il-kost stmat tal-investimenti jew tar-riformi rilevanti u lanqas fuq in-nefqa reali mġarrba mir-riċevituri finali. Skont ir-Regolament, mat-talba għall-pagament tagħhom, l-Istati Membri mhumiex obbligati jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont ta' fondi tal-RRF li rċevew mir-riċevituri finali jew dwar in-nefqa mġarrba meta l-istadji importanti jew il-miri jiġu implimentati.

11.21. Billi l-istadji importanti u l-miri huma ddefiniti fil-livell tal-Istati Membri, l-awditu li wettaqna tar-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* tal-RRF li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE, jiġifieri l-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF favur l-Istati Membri, jiffoka prinċipalment fuq jekk il-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà rilevanti[9] ġewx issodisfati. Billi l-konformità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni għall-pagamenti taħt l-RRF, l-awditu tar-regolarità li wettaqna ma jinvolvix valutazzjoni sistematika ta' dan l-aspett.

Lħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri

11.22. Ir-Regolament ma jistipulax kriterji ulterjuri dwar kif għandha tiġi interpretata l-kelma "b'mod sodisfaċenti", u għalhekk il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li tippreżenta l-qafas għall-valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri[10]. Lħuq "sodisfaċenti" jfisser li – ħlief għal devjazzjonijiet minimi – ir-rekwiżiti ġew issodisfati. Lħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri jfisser li hemm riskju li l-objettivi tar-riforma jew tal-investiment rilevanti mhumiex se jintlaħqu bis-sħiħ (ara l-paragrafu ***(10)*** tal-***Anness 11.1***).

11.23. Il-verifiki li wettaqna identifikaw tmien stadji importanti u miri fi tmien pagamenti fejn ikkonkludejna li r-rekwiżiti ma kinux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti. Sibna li mhux l-elementi kollha meħtieġa mill-istadju importanti jew mill-mira kienu ntlaħqu, u li dawn l-elementi ma setgħux jitqiesu bħala devjazzjoni minima (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.1***).

---

[8] Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 125(1)(a)(ii).

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikoli 5, 9, 17(2) u 24(3).

[10] COM(2023) 99, l-Anness 1.

Kaxxa 11.1

Eżempji ta' stadji importanti li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti

Stadju Importanti 42 tal-Greċja – "Punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi – Dħul fis-seħħ tal-qafas legali"

Deskrizzjoni tal-istadju importanti fis-CID tal-Greċja:

"Id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjonijiet Ministerjali (MDs) kollha pprovduti fil-liġi 4710/2020 u ffirmati mill-Ministru tal-Ambjent u l-Enerġija; Il-Ministru tal-Infrastruttura u t-Trasport, il-Ministru tal-Intern u l-Ministru tal-Finanzi, l-organizzazzjoni tas-suq tal-vetturi elettriċi, b'enfasi fuq is-suq tas-servizzi tal-iċċarġjar u jipprovdi inċentivi bbażati fuq it-taxxa għax-xiri ta' vetturi elettriċi u l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi".

Il-liġi primarja pprevediet id-dħul fis-seħħ ta' 12-il deċiżjoni ministerjali meħtieġa għall-organizzazzjoni tas-suq tal-vetturi elettriċi. Sibna li l-istadju importanti ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti billi tliet deċiżjonijiet ministerjali (penali għall-atturi tas-suq, rekwiżiti għall-punti tal-iċċarġjar f'insedjamenti tradizzjonali, u taħriġ ta' persunal tekniku tal-vetturi elettriċi) ma daħlux fis-seħħ meta sar il-pagament.

Stadju Importanti 142 tar-Rumanija "Task force għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riformi u l-investimenti tat-Trasformazzjoni Diġitali stabbiliti u operazzjonali"

Deskrizzjoni tal-istadju importanti fis-CID tar-Rumanija:

"L-operazzjonalizzazzjoni ta' Task Force temporanja dwar it-Trasformazzjoni Diġitali li għandha timpjega matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza 17-il kariga kuntrattwali speċjalizzata ħafna fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali u l-ispeċjalisti tal-ġestjoni tal-proġetti. Il-kompiti ewlenin ta' din l-unità huma...".

Sibna li fid-data tat-talba għall-pagament (il-31 ta' Mejju 2022), il-kuntratti ta' impjieg kienu ġew iffirmati għal 4 biss mis-17-il membru tat-task force. Fiż-żmien meta sar il-pagament tal-Kummissjoni fl-24 ta' Ottubru 2022, 11-il membru biss kienu impjegati kif previst fis-CID. Barra minn hekk, f'konformità mal-objettivi tal-istadju importanti u sabiex ikunu operazzjonali, id-deskrizzjonijiet tal-impjieg kien imisshom irrikjedew esperjenza professjonali jew sfond edukattiv fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali u l-ġestjoni tal-proġetti. Sibna li dan ir-rekwiżit ma ġiex issodisfat għal erba' każijiet, u dan ifisser li l-istadju importanti ma kienx intlaħaq b'mod sodisfaċenti meta sar il-pagament.

Miżuri li bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà jew il-finanzjament taħt l-RRF ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti

11.24. Ir-Regolament jistipula kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li jiddefinixxu t-twaqqit u n-natura tal-miżuri li huma eliġibbli skont l-RRF. B'mod partikolari:

(a) huma biss il-miżuri li bdew wara l-1 ta' Frar 2020 li huma eliġibbli għall-finanzjament taħt l-RRF[11]; u

(b) barra minn hekk, jenħtieġ li l-fondi tal-RRF ma jissostitwux nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat[12].

11.25. Dan ifisser li jenħtieġ li l-RRF tiffinanzja biss azzjonijiet li ma jkunux ta' natura rikorrenti u li jaqgħu fi ħdan il-perjodu ta' eliġibbiltà. Pereżempju, jenħtieġ li l-kostijiet għall-persunal u dawk operatorji tal-entitajiet tal-gvern ma jiġux iffinanzjati mill-RRF billi dawn jirrappreżentaw nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti. B'kuntrast ma' dan, l-RRF tista' tiffinanzja investiment pubbliku tal-gvern bħall-kostruzzjoni ta' sptarijiet jew l-installazzjoni ta' pannelli solari dment li dawn l-investimenti jkunu bdew wara l-1 ta' Frar 2020.

11.26. F'pagament wieħed, sibna li żewġ miri ta' investiment kienu kontinwazzjoni ta' proġett preeżistenti li beda qabel Frar 2020. F'pagament ieħor, identifikajna tliet miri ta' riforma li kienu sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.2***).

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 17(2).

[12] *Ibid.*, l-Artikolu 5(1).

Kaxxa 11.2

Eżempju ta' finanzjament taħt l-RRF ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti

"Mira 384 – Mudell kooperattiv – Rapporti dwar it-Trasparenza" ta' Spanja

Deskrizzjoni tal-mira fis-CID ta' Spanja:

"L-Aġenzija tat-Taxxa għandha timplimenta proġett fl-2021 li għandu jinkoraġġixxi lill-intrapriżi multinazzjonali biex jiżvelaw informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-iżvelar jista' jkollu konsegwenzi fuq it-tassazzjoni ta' dawk il-kumpaniji. Il-mira għandha tkun ta' 20 Rapport ta' Trasparenza ppreżentati fl-2021."

Sibna li l-azzjoni kienet ilha attività rikorrenti ffinanzjata min-nefqa baġitarja nazzjonali sa mill-2017 meta kienu ġew ippreżentati l-ewwel rapporti dwar it-trasparenza għas-sena fiskali 2016. Mill-2017 'il hawn, l-għadd ta' rapporti dwar it-trasparenza ppreżentati dejjem kien akbar minn 20, u laħaq ċifra ta' 38 fl-2020. Billi l-Istat Membru rċieva finanzjament taħt l-RRF għall-ilħuq ta' din il-mira, inqisu li dan jirrappreżenta sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

Finanzjament doppju

11.27. L-evitar ta' finanzjament doppju huwa prinċipju ta' eliġibbiltà għan-nefqa tal-UE[13]. Skont dan il-prinċipju, il-kombinament ta' finanzjament mingħand strumenti differenti tal-UE fi proġett uniku huwa possibbli, sakemm l-istess kost ma jiġix iffinanzjat darbtejn minn flussi differenti ta' finanzjament tal-UE.

11.28. Ir-Regolament dwar l-RRF jipprojbixxi espliċitament il-finanzjament doppju tal-istess kostijiet bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE[14]. Barra minn hekk, ir-Regolament jistipula li l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu stimi tal-kostijiet għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet[15].

11.29. Għalkemm il-pagamenti taħt l-RRF isiru malli l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu b'mod sodisfaċenti, u dan ifisser li l-RRF mhijiex strument ta' finanzjament ibbażat fuq il-kostijiet, l-Istati Membri pprovdew stimi tal-kostijiet għall-miżuri fl-RRP.

---

[13] Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 191(3).

[14] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 9.

[15] *Ibid.*, l-Artikolu 18.4(k).

Abbażi ta' dawn l-istimi tal-kostijiet, il-Kummissjoni vvalutat il-plawżibbiltà tal-ammont kumplessiv ta' finanzjament taħt l-RRF għal kull Stat Membru. Xi miżuri tqiesu mill-Istati Membri bħala li huma "mingħajr kostijiet". Madankollu, dan ma jfissirx li l-finanzjament doppju bejn dawn il-miżuri u fondi oħra tal-UE jista' jiġi eskluż billi l-pagamenti taħt l-RFF isiru ladarba l-istadji importanti u l-miri ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Fis-sustanza, l-istess riżultat tanġibbli ma jistax jiġi ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE, kemm permezz ta' strument ta' finanzjament ibbażat fuq il-kostijiet kif ukoll permezz ta' strument ta' finanzjament mhux ibbażat fuq il-kostijiet.

11.30. Sibna każ wieħed ta' finanzjament doppju fis-Slovakkja. L-istadju importanti kien jikkonsisti fl-istabbiliment ta' pjan ta' investiment għal proġetti ta' infrastruttura ferrovjarja. Sibna li l-pjan ta' investiment ta' dan l-istadju importanti kien iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Għalkemm l-istadju importanti kien parti minn miżura mingħajr kostijiet stmati, inqisu li dan huwa finanzjament doppju billi l-istadju importanti ntlaħaq b'appoġġ mingħand il-Fond Soċjali Ewropew filwaqt li l-Istat Membru kien irċieva wkoll fondi tal-RRF wara l-ilħuq tal-istadju importanti.

Treġġigħ lura ta' miżura

11.31. Skont ir-Regolament, il-miżuri u l-azzjonijiet relatati mal-istadji importanti u l-miri li ntlaħqu preċedentement ma jridux ikunu treġġgħu lura[16]. L-Istati Membri huma meħtieġa jikkonfermaw li dan huwa tabilħaqq il-każ fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja t-talba għall-pagament.

11.32. Fir-rapport speċjali tagħna dwar is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF[17], ġbidna l-attenzjoni għan-nuqqas ta' gwida tal-Kummissjoni dwar kif għandu jiġi identifikat it-treġġigħ lura tal-istadji importanti u l-miri li ntlaħqu preċedentement, u dwar kif għandu jiġi vvalutat l-impatt finanzjarju ta' treġġigħ lura fuq it-talbiet għall-pagament tal-passat jew dawk attwali. Għalkemm irrakkomandajna li l-Kummissjoni tipprovdi gwida[18] f'dan il-qasam, hija għadha ma għamlitx hekk.

---

[16] *Ibid.*, l-Artikolu 24(3).

[17] Ir-Rapport Speċjali 07/2023: "It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF – Minkejja li qed jiġi ppjanat xogħol estensiv, fil-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni għad hemm nuqqas fl-aċċertament u fl-obbligu ta' rendikont fil-livell tal-UE".

[18] *Ibid.*, il-paragrafi 66-70 u r-Rakkomandazzjoni 2.

11.33. Sibna każ wieħed ta' treġġigħ lura ta' mira li jikkonċerna l-ewwel pagament li sar lill-Italja (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.3***).

Kaxxa 11.3

Treġġigħ lura ta' mira

Mira M1C1-54 tal-Italja "Reklutaġġ komplut ta' esperti għall-implimentazzjoni tal-pjan Taljan għall-irkupru u r-reżiljenza"

Deskrizzjoni tal-mira fis-CID tal-Italja:

"Tlesti l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-grupp ta' 1 000 espert li għandhom jiġu skjerati għal tliet snin biex jappoġġaw l-amministrazzjonijiet fil-ġestjoni tal-proċeduri l-ġodda li jipprovdu assistenza teknika".

F'Diċembru 2021, mal-ewwel talba għall-pagament, l-awtoritajiet Taljani rrappurtaw li 1 000 espert kienu ġew reklutati sat-30 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni vvalutat il-mira bħala li ntlaħqet b'mod sodisfaċenti, u għamlet il-pagament fit-13 ta' April 2022. L-awditu li wettaqna ta' dan il-pagament ikkonferma l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni wettqet awditu *ex post* f'Mejju-Ġunju 2022 u sabet li l-grupp ta' esperti kien naqas għal 935 f'Ġunju 2022. Madankollu, hija ma rrappurtatx il-problema bħala treġġigħ lura tal-mira li kienet intlaħqet preċedentement.

Il-Kummissjoni spiċċat il-valutazzjoni tagħha tat-tieni talba għall-pagament fis-27 ta' Settembru 2022 u għamlet it-tieni pagament fit-8 ta' Novembru 2022. F'din id-data, kien hemm biss 924 espert fil-grupp. B'hekk, fiż-żmien meta sar it-tieni pagament lill-Italja, il-Kummissjoni ma ssospendietx il-pagament għat-treġġigħ lura tal-mira li ntlaħqet preċedentement.

Matul il-missjoni li wettaqna fuq il-post fi Frar 2023, sibna li l-grupp ta' esperti kien kompla jonqos għal 920. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-għedud tal-persunal jistgħu jvarjaw fi ħdan firxa raġonevoli u li l-Istat Membru nieda proċeduri biex jimla l-postijiet vakanti, f'dan il-każ osservajna xejra 'l isfel persistenti li ma ġietx ikkoreġuta għal kważi sena.

Problemi oħra li jirriżultaw mill-eżaminar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

11.34. Għal 5 pagamenti, identifikajna 11-il każ ta' problemi b'rabta mal-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinkludu fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom. L-għan ta' dawn id-dikjarazzjonijiet huwa li

jipprovdu aċċertament li l-informazzjoni ppreżentata mat-talbiet għall-pagament hija kompleta, preċiża u affidabbli[19] (ara l-***Anness 11.2***).

11.35. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw biss it-talbiet għall-pagament lill-Kummissjoni meta l-istadji importanti u l-miri rilevanti jkunu ntlaħqu[20]. Fil-11-il każ identifikat, l-awtoritajiet tal-Istati Membri madankollu ppreżentaw it-talbiet għall-pagament mingħajr ma ntlaħqu l-istadji importanti u l-miri kollha. Fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkludu *riżervi* u jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal evidenza nieqsa. Madankollu, l-ebda wieħed mill-Istati Membri ma inkluda riżerva bħal din. Għalkemm il-Kummissjoni vvalutat l-istadji importanti u l-miri rilevanti bħala li ntlaħqu qabel ma għamlet il-pagament, dawn id-dgħufijiet jixħtu dubju fuq l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni.

11.36. Permezz tal-valutazzjoni li wettaqna tal-281 stadju importanti u mira, identifikajna wkoll 6 każijiet ta' tfassil dgħajjef fil-miżuri u fl-istadji importanti jew fil-miri ta' bażi. Dgħufijiet fit-tfassil għandhom mnejn iwasslu għal sitwazzjoni fejn, anki wara l-ilħuq sodisfaċenti, mhux l-elementi kollha tal-miżura se jiġu implimentati, jew inkella l-*output* jew l-eżitu mistenni ma jkunx inkiseb.

11.37. Ħlief għall-elementi kwantitattivi, il-valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tirrikjedi li jsiru diversi ġudizzji, u b'hekk twassal għal interpretazzjonijiet li possibbilment ikunu differenti. Dan huwa riskju partikolari meta l-istadju importanti jew il-mira jkunu ddefiniti b'mod vag. Fir-rapport speċjali tagħna dwar il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza[21] u fir-Rapport Annwali 2021[22] tagħna, ġbidna l-attenzjoni għar-riskju li sakemm l-istadji importanti u l-miri ma jkunux ċari, l-ilħuq ikun diffiċli biex jiġi vvalutat jew l-objettiv inizjali għandu mnejn ma jintlaħaqx. Għall-valutazzjonijiet tal-ġejjieni, irrakkomandajna li l-Kummissjoni tiżgura li l-istadji importanti u l-miri jiġu ddefiniti b'mod xieraq u jkunu suffiċjentement ċari.

---

[19] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 22(2)(c).

[20] *Ibid.*, l-Artikolu 24(2).

[21] Rapport Speċjali 21/2022:"Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – Inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni", il-paragrafu 82.

[22] Ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 10.29.

Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll li għażilna

11.38. Din il-parti tal-kapitolu fiha r-riżultati tal-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tal-RRF li għażilna fi ħdan il-Kummissjoni u fl-Istati Membri.

Il-valutazzjonijiet *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni ma jkoprux sistematikament il-konformità mal-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà

11.39. Fir-rapport speċjali tagħna dwar is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF[23], aħna vvalutajna t-tfassil tal-valutazzjonijiet preliminari u kkonkludejna li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kienet fasslet proċess ta' valutazzjoni preliminari estensiv għall-verifika tal-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri. Madankollu, kien għad hemm xi problemi prinċipalment rigward id-dokumentazzjoni u l-ispeċifikazzjoni tad-diversi kontributi tal-partijiet għall-istadji differenti tal-proċess ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, osservajna li l-ambitu tal-valutazzjoni preliminari kien limitat għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri u ma kienx ikopri l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà orizzontali, bħan-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa nazzjonali rikorrenti[24].

11.40. Ir-rieżaminar li wettaqna tal-valutazzjonijiet preliminari mwettqa mill-Kummissjoni għall-281 stadju importanti u mira jikkonferma dawn il-limitazzjonijiet. F'seba' każijiet, il-valutazzjoni preliminari mwettqa mill-Kummissjoni ma qabditx li l-miżuri li jikkorrispondu għal stadji importanti jew miri kienu ineliġibbli minħabba ksur tal-perjodu ta' eliġibbiltà jew minħabba nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju jew treġġigħ lura ta' miżura.

11.41. Identifikajna wkoll diversi dgħufijiet minuri fejn il-Kummissjoni kienet qagħdet fuq l-awtodikjarazzjonijiet jew il-verifiki tal-Istati Membri mingħajr ma wettqet verifiki ulterjuri hija stess, jew meta l-Kummissjoni użat *data* inkompleta u/jew skorretta meta kienet qed twettaq il-valutazzjoni tagħha.

---

[23] Ir-Rapport Speċjali 07/2023, il-paragrafi 40-53.

[24] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 5.

L-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni dwar l-istadji importanti u l-miri ma jintużawx sal-potenzjal sħiħ tagħhom

11.42. F'konformità mar-*Regolament Finanzjarju*[25], u l-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-Istati Membri, l-awditi *ex post* għandhom l-għan li jaqbdu u jikkoreġu żbalji relatati ma' operazzjonijiet wara li jkunu ġew awtorizzati. Il-Kummissjoni twettaq żewġ tipi ta' awditi *ex post* tal-istadji importanti u l-miri:

(a) awditi tal-istadji importanti u l-miri, li għandhom l-għan li jivverifikaw li l-istadji importanti u l-miri jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti;

(b) awditi li jiffukaw fuq il-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistemi stabbiliti. Dawn għandhom l-għan mhux biss li jivvalutaw il-ġestjoni tad-*data* u s-sistemi li jintużaw għall-ġbir, il-ħżin, l-aggregazzjoni u r-rappurtar dwar l-istadji importanti u l-miri, iżda wkoll li jivverifikaw l-affidabbiltà tad-*data* rrappurtata.

11.43. Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet awditi *ex post* fuq 23 stadju importanti u mira fi Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Portugall u r-Rumanija.

11.44. Billi kienu biss ir-rapporti finali tal-awditjar għal Franza u għal Spanja li kienu disponibbli fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, ibbażajna s-sejbiet tagħna għal Stati Membri oħra fuq l-abbozzi ta' rapporti tal-awditjar. Permezz tax-xogħol li wettaqna, ivvalutajna x-xogħol tal-awditjar *ex post* relatat ma' 15-il mira (5 għal Spanja; 5 għal Franza, 3 għall-Portugall, 1 għall-Kroazja u 1 għall-Italja).

11.45. Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-23 stadju importanti u mira kollha kienu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, il-Kummissjoni ħarġet għadd kbir ta' sejbiet li jikkonċernaw prinċipalment:

(a) elementi fil-mira li kienu ineliġibbli (indikaturi kwantitattivi) u li ma kellhom l-ebda impatt fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-mira billi kienu fi ħdan id-devjazzjoni massima aċċettata ta' 5 %;

(b) diskrepanzi bejn id-*data* rrappurtata u dik reali dwar l-istadji importanti u l-miri; u

(c) dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll u rappurtar tal-Istati Membri li rriżultaw f'verifiki insuffiċjenti tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u fi kwalità inadegwata tal-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni.

[25] Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 74(6).

11.46. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni implimentat b'mod effettiv il-pjan tal-awditjar *ex post* tagħha. Madankollu, sibna li l-proċeduri tal-awditjar *ex post* ma jipprevedux verifiki biex jiġi vverifikat jekk il-miri awditjati li preċedentement ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu ma treġġgħux lura wara li ġie vvalutat il-pagament, u jekk il-miżuri humiex f'konformità mal-prinċipju ta' nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti. Sibna wkoll li l-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni kkonkludew li tliet miri kienu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti minkejja li x-xogħol tal-awditjar li wettaqna aħna stess wassalna biex nikkonkludu mod ieħor (ara t-***Tabella 11.2***).

Tabella 11.2 – Riżultati tal-awditjar *ex post* u riżultati korrispondenti tal-QEA

Stat Membru	Il-Kummissjoni			Il-QEA		
	Stadji importanti koperti minn awditu *ex post*	Miri koperti minn awditu *ex post*	Stadji importanti u miri li ġew ivvalutati bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti	Miri koperti minn awditu *ex post* u rrieżaminati mill-QEA	Miri li ġew ivvalutati bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti	Miri bi problemi ta' eliġibbiltà
Franza	2	8	0	5	1	0
L-Italja	0	1	0	1	0	1
Spanja	0	5	0	5	1	2
Il-Portugall	0	3	0	3	1	0
Il-Kroazja	1	1	0	1	0	0
Ir-Rumanija	0	2	0	0	0	0
Total	3	20	0	15	3	3

Sors: il-QEA.

Għad hemm dgħufijiet fl-istabbiliment u fil-funzjonament tas-sistemi tal-Istati Membri

11.47. L-adegwatezza tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll proposti mill-Istati Membri kienet kundizzjoni għall-approvazzjoni tal-RRPs. Fil-valutazzjoni tagħha ta' dawn il-pjanijiet, il-Kummissjoni identifikat defiċjenzi f'xi wħud mis-sistemi tal-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lil 16-il Stat Membru (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja) biex jinkludu riformi u stadji importanti addizzjonali speċifiċi ("stadji importanti ta' kontroll") sabiex jiġu

indirizzati d-dgħufijiet li jifdal. Dawn l-istadji importanti ta' kontroll kellhom jintlaħqu qabel ma l-Istati Membri setgħu jitolbu l-ewwel pagament tagħhom.

11.48. Il-pagamenti taħt l-RRF għall-2022 kienu jikkonċernaw 16-il stadju importanti ta' kontroll fi 8 Stati Membri (il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, ir-Rumanija u s-Slovakkja). Irrieżaminajna l-valutazzjoni *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni għas-16-il stadju importanti ta' kontroll kollha. Barra minn hekk, għal tmien stadji importanti ta' kontroll, wettaqna żjarat fuq il-post f'erba' Stati Membri (Franza, il-Kroazja, l-Italja, ir-Rumanija).

11.49. B'mod ġenerali, inqisu li l-introduzzjoni ta' stadji importanti ta' kontroll tfisser li s-sistemi tal-Istati Membri ma kinux kompletament funzjonali meta l-pjanijiet bdew jiġu implimentati. Dan joħloq riskju għar-regolarità tal-pagamenti taħt l-RRF u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Dan ir-riskju huwa saħansitra akbar għar-riformi u l-investimenti li bdew fl-1 ta' Frar 2020, jiġifieri saħansitra qabel ma l-pjanijiet ġew approvati[26].

11.50. Sibna li l-istadji importanti ta' kontroll ivarjaw sinifikattivament fir-rekwiżiti u fil-granularità tagħhom. Pereżempju, l-istadju importanti ta' kontroll għal Franza jirrikjedi sempliċement Ċirkolari ffirmata mill-Prim Ministru, li tistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti, kif ukoll rapport dwar l-istrateġija ta' kontroll, filwaqt li għall-Greċja jirrikjedi l-istabbiliment tas-sistema ta' awditjar u kontroll. Għal xi Stati Membri oħra (il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovakkja), ir-rekwiżit huwa saħansitra aktar strett, u jirrikjedi li sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF tkun fis-seħħ u operazzjonali. Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex xi Stati Membri jkunu meħtieġa biss ifasslu s-sistema, filwaqt li oħrajn huma meħtieġa jkollhom sistema li tkun operazzjonali.

11.51. Għal Stat Membru wieħed (il-Kroazja), ġie inkluż stadju importanti ta' kontroll fit-tieni talba għall-pagament. Il-Kummissjoni identifikat din id-dgħufija fit-tfassil tas-CID u wettqet il-valutazzjoni tal-istadju importanti ta' kontroll flimkien mal-ewwel talba għall-pagament.

11.52. Matul il-ħidma *ex ante* li wettqet, il-Kummissjoni qieset l-istadji importanti ta' kontroll kollha bħala li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, matul l-awditi *ex post* li wettqet tas-sistemi, il-Kummissjoni sabet dgħufijiet fis-sistema ta' rappurtar u kontroll ta' sitt Stati Membri, bħal:

---

[26] Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafi 102 u 103.

- Nuqqas ta' persunal u ta' taħriġ adegwat tal-persunal involut fl-RRF;
- Nuqqas ta' ġbir ta' *data* elenkata fl-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament dwar l-RRF u dgħufijiet fl-affidabbiltà tad-*data* għall-miri;
- Nuqqas ta' pjan u ta' metodoloġija għall-verifiki ta' ġestjoni mwettqa fuq il-post, dgħufija fl-istabbiliment tal-istrateġija ta' valutazzjoni tar-riskju u fil-proċess ta' verifika tad-*data*;
- Użu limitat tas-sistema tal-IT tal-RRF u dgħufijiet fil-funzjonalità tal-monitoraġġ;
- Limitazzjonijiet fil-verifiki għall-kunflitt ta' interess u r-riskju ta' finanzjament doppju.

11.53. Identifikajna dgħufijiet fl-istadju importanti ta' kontroll għal żewġ Stati Membri (l-Italja u l-Kroazja). Dawn kienu jirrigwardaw xi funzjonijiet li ma kinux disponibbli fis-sistema tal-IT meta kienet saret it-talba għall-pagament. Billi s-sistema setgħet tiġbor id-*data* b'mezzi alternattivi, ikkonkludejna li dawn id-dgħufijiet ma kinux jolqtu l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju importanti ta' kontroll (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.4***).

Kaxxa 11.4

Dgħufijiet li jifdal fis-sistema repożitorja Taljana

L-istadju importanti ta' kontroll Taljan kien jirrikjedi li sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF tkun fis-seħħ u operazzjonali. Is-sistema trid tinkludi l-funzjonijiet minimi li ġejjin:

(a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri; u

(b) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d)(i) sa (iii) tar-Regolament.

Sibna li fiż-żmien meta saret l-ewwel talba għall-pagament mill-Italja (April 2022), il-korpi ta' implimentazzjoni ma kienx għad kellhom aċċess dirett għas-sistema, u għaldaqstant il-korp ta' koordinazzjoni uża l-fajls Excel li kien irċieva mill-korpi ta' implimentazzjoni biex idaħħal id-*data* li tappoġġa l-istadji importanti u l-miri. Dan kien jinvolvi riskju f'dak li jirrigwarda l-preċiżjoni u l-kompletezza tad-*data*, billi s-sistema ma tistax twettaq verifiki awtomatizzati.

11.54. Sibna wkoll li s-sistema ta' ġestjoni tad-*data* għall-RRP Franċiż ma setgħetx tiġbor u taħżen *data* sħiħa dwar ir-riċevituri finali. Dawn id-dgħufijiet wasslu biex l-

awtoritajiet Franċiżi ma setgħux jipprovdu dokumentazzjoni ta' sostenn sħiħa għal tliet miri fil-kampjun tagħna. Id-dgħufijiet inqabdu u ġew irrappurtati parzjalment mill-awtorità tal-awditjar fis-sommarju tal-awditi li jakkumpanja l-ewwel talba għall-pagament. Permezz tal-awditi *ex post* li wettqet, il-Kummissjoni identifikat ukoll problemi fil-ġbir u l-aggregazzjoni tad-*data* għal mira waħda. Għalkemm id-dgħufijiet mhumiex marbuta direttament mal-istadju importanti ta' kontroll għal Franza, dawn tabilħaqq jirrappreżentaw ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 22 tar-Regolament u għaldaqstant idgħajfu l-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kontroll għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

11.55. Osservajna dgħufija orizzontali li tolqot ħames Stati Membri (l-Italja, il-Greċja, il-Kroazja, ir-Rumanija u l-Bulgarija) – iżda b'implikazzjonijiet potenzjali għas-sistemi kollha tal-Istati Membri – fir-rigward tal-ġbir ta' *data* dwar is-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji barranin. Din l-informazzjoni tinġabar fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali, billi ma hemm l-ebda bażi ta' *data* ċentralizzata tal-UE li tipprovdi *data* kompleta dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-kumpaniji rreġistrati fl-UE. Soluzzjoni għal din il-problema hija l-introduzzjoni tas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri tas-Sjieda Benefiċjarja, li tkun tippermetti li r-reġistri tas-sidien benefiċjarji stabbiliti mill-Istati Membri jkunu interkonnessi[27]. Fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Novembru 2022, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-aċċess pubbliku miftuħ għar-reġistri tas-sidien benefiċjarji tal-kumpaniji tal-UE ma kienx se jibqa' validu[28]. Konsegwentement, ma hemm l-ebda indikazzjoni ċara ta' meta se tiġi indirizzata l-problema tal-aċċess għal informazzjoni kompleta dwar is-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji barranin.

[27] F'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849.

[28] Is-Sentenza tal-Qorti fil-Kawżi Magħquda C-37/20 u C-601/20.

RAA u l-AMPR

11.56. Ir-RAA huma l-għodda prinċipali tad-DĠ tal-Kummissjoni biex jirrappurtaw jekk għandhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll jiggarantixxu r-regolarità tan-nefqa.

11.57. Rigward il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE, ir-rapport speċjali tagħna dwar it-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF[29] sab li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għar-RAA 2021 tad-DĠ ECFIN kienet limitata. Hija kienet tkopri biss ir-responsabbiltà li jiġi rkuprat kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-UE f'każ ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, fejn l-Istat Membru jkun naqas milli jagħmel dan, jew f'każ ta' ksur serju stabbilit tal-ftehim ta' finanzjament jew ta' għotja. Fir-rapport tiegħu dwar il-*kwittanza* tal-Baġit 2021, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tqis mill-ġdid il-formulazzjoni tad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN[30].

11.58. Il-Kummissjoni rrevediet id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2022 tagħha għall-RRF. Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2022 mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN issa ġiet allinjata ma' dawk ta' Diretturi Ġenerali oħra tal-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN jipprovdi aċċertament li "l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi". Barra minn hekk, fit-Taqsima 3 tar-RAA ddedikata għall-RRF, id-DĠ ECFIN jispjega li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tkopri:

(a) fil-qasam tal-*għajnuna mill-Istat* u tal-*akkwist pubbliku*, l-Istati Membri jivverifikaw regolarment li l-finanzjament taħt l-RRF intuża f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, u l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment ikkonformaw mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess[31]. Nosservaw li din id-dikjarazzjoni mhijiex ċara dwar jekk il-verifiki regolari li jitwettqu mill-Istati Membri jipprovdux aċċertament raġonevoli li s-sistemi ta' kontroll tagħhom jiżguraw konformità mal-għajnuna mill-Istat u mal-

[29] Ir-Rapport Speċjali 07/2023.

[30] Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, it-Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi (2022/2081(DEC)).

[31] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 22(2).

akkwist pubbliku. Attwalment qed inwettqu awditu rigward is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri li jiżguraw il-konformità tal-investimenti ffinanzjati mill-RRF mar-regoli dwar l-akkwist u dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan l-awditu se jivvaluta l-aċċertament li jista' jinkiseb mill-verifiki mwettqa mill-Istati Membri; u

(b) l-implimentazzjoni ta' tnaqqis proporzjonat fl-appoġġ taħt l-RRF u l-irkupru ta' kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-UE jew it-talba għal ħlas lura bikri tas-self, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE u li Stat Membru ma jkunx ikkoreġa, jew ksur serju ta' obbligu tal-ftehim ta' finanzjament[32].

11.59. Bħal fil-każ tar-RAA 2021, il-Kummissjoni ma tistmax riskju relatat mal-pagamenti għan-nefqa taħt l-RRF għar-raġuni li ma tistax tiġi ddeterminata rata ta' żball sinifikanti, minħabba n-natura ta' dan l-istrument. Minflok, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tar-riskju (baxx, medju u għoli) għal kull pagament taħt l-RRF, abbażi tar-riżultati tal-verifiki *ex ante* u *ex post* tagħha.

11.60. Billi l-Kummissjoni ma vvalutat l-ebda mill-istadji importanti u mill-miri li fuqhom hija bbażata n-nefqa taħt l-RRF għall-2022 bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, il-konklużjoni ġenerali hija li l-pagamenti taħt l-RRF għall-2022 huma ta' riskju baxx. B'hekk, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ma tinkludi l-ebda riżerva bbażata fuq il-kriterji ta' materjalità tal-Kummissjoni u mhijiex konformi mas-sejbiet tagħna stess.

11.61. B'mod simili għas-sena preċedenti, in-nefqa taħt l-RRF għall-2022 mhijiex parti mir-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament għan-nefqa relatata mal-QFP iddivulgata fl-AMPR 2022 tal-Kummissjoni. Għall-RRF, abbażi tar-riżultati tal-kontroll u tal-aċċertament ipprovduti fir-RAA tad-DĠ ECFIN, il-Kummissjoni tikkonferma li għandha aċċertament raġonevoli dwar it-tliet elementi li d-DĠ ECFIN kien ġibed l-attenzjoni għalihom.

11.62. Aħna nosservaw li s-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ħareġ osservazzjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRF bħala parti mill-opinjoni tal-awditjar kumplessiva tiegħu fl-AMPR[33]. L-osservazzjoni tirreferi għall-ħtieġa li jissaħħu aktar il-miżuri biex jiġi protett il-baġit tal-UE billi:

---

[32] *Ibid.*, in-Nota 2 f'qiegħ il-paġna, l-Artikolu 22(5).

[33] L-AMPR 2022, l-Anness VI tal-Volum III.

— jiġu rrieżaminati u, jekk meħtieġ, jittejbu aktar it-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta’ ġestjoni finanzjarja u tal-istrateġiji ta’ awditjar u kontroll biex tiġi żgurata l-adegwatezza tagħhom;

— jiġu applikati b’mod effettiv il-qafas tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri kif ukoll il-metodoloġija ta’ sospensjoni tal-pagamenti tal-Kummissjoni, u tingħibed l-attenzjoni għall-ħtieġa potenzjali li dawn jiġu riveduti jew emendati hekk kif il-Kummissjoni tikseb aktar esperjenza f’dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tagħhom.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijiet

11.63. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar mix-xogħol li wettaqna kif ippreżentata f'dan il-kapitolu turi li:

(a) 15-il stadju importanti u mira kienu milquta minn problemi ta' regolarità b'impatt finanzjarju (ara l-paragrafu ***11.19***);

(b) kien hemm każijiet ta' tfassil dgħajjef fil-miżuri u fl-istadji importanti jew fil-miri ta' bażi (ara l-paragrafi ***11.36***-***11.37***);

(c) kien hemm problemi b'rabta mal-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom (ara l-paragrafi ***11.34***-***11.35***);

(d) l-ambitu tal-valutazzjonijiet preliminari u tal-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni ma jkoprix b'mod sistematiku l-kundizzjonijiet ewlenin għall-pagament bħall-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u n-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti. Il-proċeduri tal-awditjar *ex post* ma jipprevedux verifiki biex jiġi vverifikat jekk il-miri awditjati li preċedentement ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu ma treġġgħux lura wara l-pagament (ara l-paragrafi ***11.40*** u ***11.46***);

(e) l-introduzzjoni ta' stadji importanti ta' kontroll tfisser li s-sistemi rilevanti tal-Istati Membri ma kinux kompletament funzjonali meta l-pjanijiet bdew jiġu implimentati, u b'hekk joħolqu riskju għar-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Sibna wkoll li l-istadji importanti ta' kontroll ivarjaw sinifikattivament fil-granularità u fir-rekwiżiti tagħhom, għalkemm mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni valida (ara l-paragrafi ***11.49***-***11.50***); u

(f) għad hemm dgħufijiet fis-sistemi ta' rappurtar u kontroll tal-Istati Membri. Barra minn hekk, identifikajna problema orizzontali marbuta ma' limitazzjonijiet fid-disponibbiltà tad-*data* dwar is-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji barranin. Dan għaliex ma hemm l-ebda bażi ta' *data* ċentralizzata tal-UE li tipprovdi *data* kompleta dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-kumpaniji rreġistrati fl-UE (ara l-paragrafi ***11.53***-***11.55***).

11.64. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna mhumiex konformi mad-dikjarazzjoni pprovduta mill-*Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni* tad-DĠ ECFIN.

Rakkomandazzjonijiet

11.65. L-***Anness 11.3*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għat-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna fejn it-tieni rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ, filwaqt li għar-Rakkomandazzjonijiet 1 u 3 kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni billi ma kien hemm l-ebda valutazzjoni preliminari koperta mill-awditu wara d-data tar-rakkomandazzjoni tagħna. Ibbażat fuq ir-rieżaminar li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2021 u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2021, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 11.1 – Ittejjeb il-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi *ex post*

(a) fil-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi *ex post* li twettaq, tkopri l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u mal-prinċipju ta' nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti;

(b) tirrevedi l-proċeduri tal-awditjar *ex post* tagħha biex b'hekk dawn jipprevedu verifiki biex jiġi vverifikat jekk il-miri awditjati li preċedentement ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu treġġgħux lura wara l-pagament.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament

Rakkomandazzjoni 11.2 – Tivverifika li l-istadji importanti u l-miri kollha huma ddefiniti b'mod ċar meta jiġu rrieżaminati l-pjanijiet

Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-RRF, tivverifika li l-pjanijiet irrieżaminati jiddefinixxu b'mod ċar l-istadji importanti u l-miri kollha u li l-elementi ewlenin kollha ta' miżura jkunu koperti minn stadji importanti u miri.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament

Annessi

Anness 11.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Ġenerali

(1) Dan l-anness ikopri l-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF.

(2) Aħna noħorġu opinjoni separata dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF bħala parti mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna dwar il-baġit tal-UE. Dan għaliex aħna nqisu li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-RRF huwa differenti u li huwa strument temporanju. B'din l-opinjoni, għandna l-għan li nipprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-pagamenti, u li nipprovdu informazzjoni dettaljata abbażi ta' din l-opinjoni fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

(3) Il-biċċa l-kbira mill-aċċertament li nwettqu niksbuh mill-ittestjar sostantiv u mill-valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. L-aċċertament li nwettqu jiġi kkomplementat mir-RAA u l-AMPR, kif ukoll mir-rapporti tas-Servizz tal-Awditjar Intern. Ara l-***Figura 11.5***.

Figura 11.5 – Opinjoni tal-awditjar



Sors: il-QEA.

(4) Xogħolna jikkonforma mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżgura li l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa.

(5) Fir-rigward tal-proċeduri tal-awditjar tagħna b'rabta mal-frodi, aħna nsegwu l-approċċ dettaljat fil-parti 3 tal-***Anness 1.1***.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Kif niddefinixxu t-tranżazzjonijiet ta' bażi u kif nittestjawhom

(6) It-tranżazzjonijiet ta' bażi rilevanti għax-xogħol dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni rigward l-RRF huma pagamenti ta' għotjiet lill-Istati Membri u/jew approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti preċedenti. B'kuntrast mal-biċċa l-kbira mill-infiq fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, it-talbiet għall-pagament taħt l-RRF mhumiex appoġġati minn kostijiet imġarrba, iżda minn ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Billi s-selfiet taħt l-RRF mhumiex rikonoxxuti bħala nefqa fil-kontijiet tal-UE, dawn ma jagħmlux parti mill-awditu li wettaqna.

(7) L-ittestjar sostantiv li nwettqu jikkonsisti prinċipalment fil-valutazzjoni ta' jekk il-pagamenti taħt l-RRF sarux f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fir-Regolament[34]. Meta jkun fattibbli, inkopru n-nuqqas ta' treġġigħ lura tal-miżuri li ntlaħqu preċedentement u l-finanzjament doppju. Nivvalutaw ukoll l-issodisfar ta' kundizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà, bħan-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, il-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u l-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" [35].

(8) Biex nilħqu l-konklużjoni tagħna, l-ewwel użajna kampjun ibbażat fuq ir-riskju biex nirrieżaminaw jekk il-Kummissjoni kinitx ġabret evidenza suffiċjenti u xierqa matul il-valutazzjonijiet preliminari li kienet wettqet biex tappoġġa l-valutazzjoni tagħha tal-ilħuq sodisfaċenti. Jekk inqisu li l-evidenza disponibbli fil-fajls tal-Kummissjoni ma tkunx suffiċjenti għalina biex nilħqu konklużjoni, nitolbu direttament lill-Istat Membru biex jipprovdi aktar evidenza. Inwettqu wkoll żjarat fuq il-post f'kampjun ta' Stati Membri.

(9) Aħna nagħmlu għażla bbażata fuq ir-riskju ta' stadji importanti u miri individwali li għandhom jiġu ttestjati. L-ewwel nett, nagħżlu stadji importanti ta' kontroll u stadji importanti li huma relatati mar-*reġim ġenerali ta' kundizzjonalità* għall-

[34] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 24(3).

[35] *Ibid.*, l-Artikoli 5, 9 u 17(2).

protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[36]. Imbagħad napplikaw għadd ta' kriterji tar-riskju biex nagħżlu l-kampjun li jifdal.

(10) Għall-valutazzjoni tagħna ta' jekk l-istadji importanti u l-miri individwali ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, aħna nużaw il-qafas tal-Kummissjoni[37]. F'konformità ma' dan il-qafas, jekk in-natura tal-istadju importanti (u, jekk applikabbli, in-natura tal-mira) ma tippermettix it-twettiq ta' valutazzjoni bbażata fuq elementi kwantitattivi, aħna naċċettaw devjazzjonijiet minimi fis-sustanza, fil-forma u fit-twaqqit. Għal stadji importanti jew miri li għalihom tkun possibbli li ssir valutazzjoni bbażata fuq elementi kwantitattivi, aħna naċċettaw devjazzjonijiet taħt il-5 %.

(11) Jaf naqbdu każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess, finanzjament doppju jew ksur tal-ftehim ta' finanzjament (eż. in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri finali u ta' finanzjament minn fondi oħra tal-UE). F'dawn il-każijiet, nivvalutaw (meta jkun fattibbli) kif dawn l-"irregolaritajiet serji" għandhom impatt fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF.

Kif nevalwaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

(12) Aħna niddeterminaw it-tip ta' kull sejba.

(13) Sejbiet kwantitattivi għandhom impatt finanzjarju fuq l-ammont tal-pagament li jsir mill-Kummissjoni, u huma relatati ma' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament, jiġifieri l-ilħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri; it-treġġigħ lura tal-istadji importanti u l-miri li ntlaħqu preċedentement; in-nuqqas ta' konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju DNSH u l-finanzjament doppju.

F'konformità mal-istandards tal-awditjar, jenħtieġ li l-awditur juża l-kriterji li jeżistu[38]. Għalhekk, biex nikkwantifikaw l-impatt finanzjarju ta' dawn is-sejbiet, bħala bażi nużaw il-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata mill-Kummissjoni[39]. Il-metodoloġija tinvolvi approċċ fi tliet passi biex naslu għall-ammont li għandu jiġi sospiż:

---

[36] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.

[37] COM(2023) 99.

[38] L-ISSAI 4000.

[39] COM(2023) 99, l-Anness 2.

(i) id-determinazzjoni tal-valur ta' unità ta' stadju importanti jew mira inklużi fi pjan;

(ii) il-korrezzjoni tal-valuri ta' unità billi jiġi applikat koeffiċjent; u

(iii) l-aġġustament tal-valur ta' unità kkoreġut.

Ma nistmawx impatt finanzjarju meta l-istadju importanti jew il-mira jintlaħqu b'mod sodisfaċenti fi żmien sitt xhur[40] wara li jkun sar il-pagament u fi ħdan is-sena awditjata.

(14) Sejbiet marbuta ma' suspett ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess jiġu kkwantifikati biss jekk ikun hemm evidenza suffiċjenti li turi li dawn għandhom impatt fuq l-ilħuq ta' stadju importanti jew mira (jiġifieri każ frodulenti li jixħet dubju fuq l-eżistenza tal-elementi, jew l-assenza totali ta' proċedura ta' akkwist).

(15) Sejbiet mingħajr impatt finanzjarju huma sejbiet kwalitattivi.

Valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll

(16) Il-valutazzjoni li nwettqu tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll jaf tidentifika:

(a) dgħufijiet fl-attività ta' kontroll u awditjar li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu biex tiġi żgurata r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

(b) dgħufijiet fid-disponibbiltà tal-lista ta' riċevituri finali, kuntratturi, sottokuntratturi u sidien benefiċjarji;

(c) dgħufijiet fid-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-miżura u l-finanzjament pubbliku totali involut; u

(d) dgħufijiet fiż-żamma tar-rekords.

(17) Dawn id-dgħufijiet għandhom mnejn jolqtu r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF fil-livell tal-Istati Membri u jirriżultaw fi rkupru (jiġifieri tnaqqis fl-ammont kumplessiv tal-pjan) wara li l-Kummissjoni tkun għamlet il-pagament lill-Istat Membru. Il-ftehimiet ta' finanzjament jipprevedu korrezzjonijiet b'rata fissa għal ksur serju, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-frekwenza u l-firxa ta' dan il-ksur. Għall-valutazzjoni li nwettqu, inqisu d-dgħufijiet fis-sistema u l-ksur tal-ftehimiet ta' finanzjament bħala sejbiet kwalitattivi.

[40] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 24(8).

(18) Nivvalutaw ukoll l-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni. Dawn l-awditi jaf jidentifikaw l-istadji importanti u l-miri bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Meta jkun fattibbli, biex nifformulaw l-opinjoni tagħna, nużaw is-sejbiet li ma jkunux ġew ikkoreġuti matul is-sena tal-pagament.

Formulazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tagħna

(19) Il-materjalità hija kunċett fundamentali, billi tistabbilixxi l-livell ta' devjazzjoni li nqisu li x'aktarx jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħna.

(20) Niddefinixxu l-materjalità fuq bażi kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva.

(21) B'analoġija ma' awditi oħra, nużaw il-livell ta' 2 % bħala s-soll ta' materjalità għall-opinjoni tagħna, u nieħdu kont ukoll tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji, kif ukoll informazzjoni oħra disponibbli.

(22) Is-sejbiet kwantitattivi huma element importanti biex nilħqu l-konklużjoni tagħna. Biex nivvalutaw ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF, aħna nilħqu konklużjoni, abbażi tas-sejbiet kwantitattivi, dwar kif l-ammont ta' żball stmat jitqabbel mas-soll ta' materjalità. Biex nikkalkulaw l-impatt kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi (inklużi dawk inizjalment identifikati mill-kontrolli *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni), bħala bażi nużaw il-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata mill-Kummissjoni.

(23) Aħna nqisu wkoll l-impatt tas-sejbiet kwalitattivi u d-dgħufijiet fis-sistema.

(24) L-opinjoni tal-awditjar tagħna ma tiddivulgax ammont/rata ta' żball. Minħabba l-mudell ta' nfiq tal-RRF, mhuwiex possibbli li tiġi ddeterminata rata ta' żball kumparabbli ma' dawk irrappurtati f'kapitoli oħra tal-QFP. Dan għaliex ma hemm l-ebda rabta bejn il-pagamenti taħt l-RRF u l-kostijiet imġarrba mir-riċevituri finali. Barra minn hekk, in-natura tal-istadji importanti u l-miri u l-kampjunar ibbażat fuq ir-riskju ma jippermettux l-estrapolazzjoni tar-riżultati tagħna. Għalhekk, ir-riżultat tal-ittestjar li nwettqu jipprovdi biss stima tal-ammont minimu ta' żball.

Anness 11.2 – Riżultati tal-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

Stati Membri	Sejbiet kwantitattivi	Sejbiet kwalitattivi	Total
Spanja	4	0	4
L-Italja (*)	2	6	8
Franza	1	3	4
Ir-Rumanija	1	0	1
Il-Greċja	1	1	2
Il-Bulgarija	1	0	1
Il-Kroazja (*)	2	0	2
Il-Portugall	1	0	1
Is-Slovakkja	1	0	1
Il-Latvja	0	1	1
Ċipru	1	0	1
Total	**15**	**11**	**26**



(*) L-Italja u l-Kroazja rċevew żewġ pagamenti kull wieħed fl-2022.

Stmajna l-impatt finanzjarju għal 15-il sejba kwantitattiva (ara l-paragrafu ***11.19***)

Sors: il-QEA.

Anness 11.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-bidċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	**Rakkomandazzjoni 1:** Tiġġustifika b'mod ċar u trasparenti l-elementi, li jinsabu fl-Arranġamenti Operazzjonali u fis-CIDs, li hija ma tqisx li huma rilevanti għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri.	-	Għar-Rakkomandazzjonijiet 1 u 3 kien kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni billi ma kien hemm l-ebda valutazzjoni preliminari koperta mill-awditu li bdiet wara d-data tar-rakkomandazzjoni tagħna.
	Rakkomandazzjoni 2: Tiżviluppa metodoloġija biex tiddetermina l-ammont li għandu jiġi sospiż f'konformità mal-Artikoli 24.6 u 24.8 tar-Regolament.		Fi Frar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat il-metodoloġija tagħha għas-sospensjoni tal-pagamenti.
	Rakkomandazzjoni 3: Ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri billi tiddokumenta bis-sħiħ l-elementi kollha eżaminati matul ix-xogħol *ex ante*.	-	L-istess bħar-Rakkomandazzjoni 1.

Sors: il-QEA.

Risposti tal-istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022

Werrej

		Paġna
Kapitolu 1	Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	415
Kapitolu 2	Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	
	European Commission replies	425
Kapitolu 3	Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	431
	Risposti tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	445
	Risposti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	446
Kapitolu 4	Dħul	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	447
	Risposti tan-Netherlands	453
Kapitolu 5	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	454
Kapitolu 6	Koeżjoni, reżiljenza u valuri	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	464
Kapitolu 7	Riżorsi naturali u ambjent	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	486
Kapitolu 8	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri Sigurtà u difiża	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	489
Kapitolu 9	Vičinat u d-dinja	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	493

Kapitolu 10 Amministrazzjoni pubblika Ewropea

Risposti tal-Parlament Ewropew **500**

Kapitolu 11 Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea **501**

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 1: DIKJARAZZJONI TA' AĊĊERTAMENT U INFORMAZZJONI TA' SOSTENN

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Fl-2022, hekk kif l-ekonomija globali kienet qed tibda tirkupra mill-pandemija tal-COVID-19, fl-24 ta' Frar, ir-Russja nediet **gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna**, li ġabet magħha firxa wiesgħa ta' kriżijiet umanitarji, kif ukoll żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel u ambjent makroekonomiku ġdid b'żieda qawwija fir-rati tal-imgħax u fl-inflazzjoni.

F'dak il-kuntest, il-**baġit tal-UE** pprovda appoġġ politiku, umanitarju u finanzjarju kruċjali lill-Ukrajna, filwaqt li fl-istess ħin ipprovda għajnuna lil dawk affettwati mill-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra fl-UE u lil hinn minnha.

Barra minn hekk, f'dawn iż-żminijiet mingħajr preċendent, **il-Kummissjoni kompliet tagħti importanza kbira lill-iżgurar li l-baġit tal-UE jintefaq b'mod responsabbli u korrett**, u li taħdem mal-partijiet kollha involuti, inklużi l-Istati Membri biex tiżgura li jagħti riżultati tanġibbli fuq il-post.

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE tinvolvi l-ġestjoni ta' miljuni ta' tranżazzjonijiet, u mijiet ta' eluf ta' kontrolli, fil-programmi u fil-modi kollha ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża, stabbilew strateġiji ta' kontroll robusti u pluriennali mfassla biex jipprevjenu u jidentifikaw dgħufijiet u jikkoreġuhom meta dawn jiġu identifikati. Kull fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tkompli taġġusta, tiżviluppa, u ttejjeb dawn l-istrateġiji u tistinka bla heda għal aktar simplifikazzjonijiet fil-programmi kollha. Bis-saħħa ta' dawn il-kontrolli, u fuq il-bażi tar-riżultati tagħhom, **il-Kummissjoni hija kunfidenti li l-informazzjoni rigward ir-riskji fil-mument tal-pagament (1.9 % fl-2022) ippreżentata fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (Annual Management and Performance Report, AMPR) hija rappreżentattiva tal-livell ta' żball fil-mument tal-pagament.** L-istabbiltà tar-riskju fil-mument tal-pagament hija konsistenti mal-fatt li l-biċċa l-kbira tan-nefqa fl-2022 għadha relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014 – 2020 u li baqgħu stabbli r-regoli, is-sistemi u l-korpi ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar oqsma ta' nefqa speċifiċi.

Għall-2022, id-**differenza bejn ir-riskju stmat tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament** u **l-livell ta' żball stmat tal-QEA** hija sinifikanti għall-qasam ta' **"Koeżjoni, reżiljenza u valuri".** Il-Kummissjoni tieħu nota taż-żieda fir-rata ta' żball stmata mill-QEA din is-sena, meta mqabbla ma' livell relattivament stabbli ta' żball irrappurtat għall-aħħar ħames snin. Il-Kummissjoni tinnota li r-riskju fil-mument tal-pagament tagħha ddivulgat fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tal-2022 baqa' komparabbli ma' dawk tas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni tattribwixxi d-differenza l-aktar għall-fatt li l-QEA tirrapporta żbalji relatati ma' kull ksur tar-regoli applikabbli. Il-Kummissjoni mhux neċessarjament tqis in-nefqa assoċjat bħala ineliġibbli. Biex l-awtoritajiet tal-programm u l-Kummissjoni jimponu korrezzjonijiet finanzjarji, żball irid ikun irregolarità fis-sens tar-Regolament

dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). Mhux l-iżbalji kollha rrapportati mill-QEA jaqgħu f'din il-kategorija.

Għal intestaturi oħra tal-baġit, l-istimi tal-Kummissjoni jaqgħu fil-firxa tal-livelli stmati ta' żball tal-QEA.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' żball li tirrappreżenta l-aħjar l-isforzi kollha li saru, kemm mill-Istati Membri kif ukoll mis-servizzi tagħha, hija r-**riskju fl-għeluq,** li tkejjel il-livell ta' żball li jifdal ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet addizzjonali ex post kollha. Għall-2022, r-riskju globali fl-għeluq huwa stmat fil-livell ta' 0.9 %, ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, u f'konformità mal-livell tas-snin preċedenti (0.9 % fl-2020 u 0.8 % fl-2021). Fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, għall-perjodu 2007-2013 u għall-ewwel snin tal-2014-2020, il-Kummissjoni għandha evidenza li tikkonferma li r-riskju reali fl-għeluq issa huwa ferm inqas minn 2 %.

Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex **issib il-bilanċ it-tajjeb bejn livell baxx ta' żbalji, pagamenti rapidi u kostijiet raġonevoli tal-kontrolli.**

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Sejbiet tal-verifika

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-kontijiet tal-UE jitqiesu ħielsa minn żbalji materjali għall-16-il sena konsekuttiva.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Żball f'tipi speċifiċi ta' nfiq

Fir-rigward tan-naħa **tad-dħul tal-baġit tal-UE** (il-punt 1.14a), il-Kummissjoni tilqa', għal darb' oħra, li l-QEA tqis id-dħul ħieles minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' ġestjoni tad-dħul kienu ġeneralment effettivi. Kif tagħmel bis-sejbiet tagħha stess, il-Kummissjoni se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-awditu tal-QEA f'ċerti Stati Membri.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tintensifika s-segwitu fuq punti ta' riżorsi proprji tradizzjonali (traditional own resources,RPT) miftuħa li ilhom għaddejjin u tneħħi r-riżervi tal-VAT fejn possibbli.

Barra minn hekk, f'Mejju 2023, il-Kummissjoni għamlet pass kbir 'il quddiem billi pproponiet l-aktar riforma ambizzjuża tal-Unjoni Doganali mill-ħolqien tagħha. It-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapaċitajiet tal-analiżi tad-*data* tal-UE huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tar-riforma u l-proposta legali tindirizza b'mod dirett ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.

Fir-rigward tar-**regolarità tan-nefqa** il-punt 14b), fuq il-bażi tal-bosta awditi u kontrolli mwettqa, l-istima proprja tal-Kummissjoni tar-**riskju fil-mument tal-pagament**, jiġifieri l-livell ta' żball li jifdal fiż-żmien tal-pagament wara kontrolli preventivi, baqgħet stabbli fil-livell ta' 1.9 % tan-nefqa rilevanti, jiġifieri l-istess livell bħal fl-2020 u fl-2021.

Minħabba n-**natura pluriennali tan-nefqa tagħha u tal-istrateġiji ta' kontroll tagħha**, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża, tagħmel sforzi sostanzjali biex twettaq kontrolli wara l-pagamenti u biex tkompli tagħmel korrezzjonijiet. Dawn l-isforzi huma riflessi **fir-riskju stmat fl-għeluq tal-programm, li huwa stmat fil-livell ta' 0.9 % b'mod ġenerali** (0.8 % fl-2021). Dan huwa ferm taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %, f'konformità kemm mal-livelli milħuqa fis-snin preċedenti sa mill-2016 kif ukoll mal-objettiv tal-Kummissjoni.

Fir-rigward taż-żieda rrappurtata fir-rata ta' żball fl-Intestatura 2 tal-QFP ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri") (il-punt 1.16), il-Kummissjoni ma taqbilx dwar 18-il żball kwantifikabbli mit-48 irrappurtati mill-QEA. Għal 13 minn dawn l-iżbalji, il-Kummissjoni tqis li, f'konformità mal-RDK, ma setgħetx tikkonkludi dwar irregolarità li twassal għal nefqa ineliġibbli. Għal ħames każijet, il-Kummissjoni ma tistax tapplika l-livell ta' kwantifikazzjoni użat mill-QEA. Għal dawn it-18-il każ, il-Kummissjoni vvalutat li ma jkollhiex bażi legali biex timponi korrezzjonijiet finanzjarji (jew korrezzjonijiet ogħla minn dawk diġà applikati). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-fehma tal-QEA li **t-tmiem li qed joqrob tal-eliġibbiltà tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020** jista' jkollu rwol fiż-żieda rrappurtata fir-rata ta' żball għas-sena awditjata (2021-2022): **tliet snin kontabilistiċi oħra għadhom disponibbli** għall-Istati Membri biex jiddikjaraw in-nefqa qabel l-għeluq tal-2025 (l-aħħar pagament finali f'Lulju 2024). Il-Kummissjoni tivvaluta ulterjorment li l-impatt fuq ir-rata ta' żball kalkulat ġenerali tal-iżbalji kwantifikabbli relatati mal-miżuri skont l-**Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (Coronavirus Response Investment Initiative, CRII)** u s-**CRII+**, jew mal-operazzjonijiet li jibbenefikaw minn żieda temporanja fil-kofinanzjament tal-UE ta' 100 %, huwa simili għall-impatt tal-iżbalji identifikati f'tipi oħra ta' operazzjonijiet.

Fir-rigward tal-effettività tal-kontrolli u l-verifiki mill-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar (il-punt 1.16), il-**kwalità u l-livelli ta' żball irrappurtati fir-rapporti annwali ta' kontroll** li rċeviet il-Kummissjoni fi Frar 2022 (għas-sena kontabilistika mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021) kienu **simili għas-snin preċedenti.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għaliex il-pandemija tal-COVID-19 kienet taffettwa s-sistema ta' kontroll għall-politika ta' koeżjoni b'mod aktar akut minn programmi oħra ta' nfiq, taħt l-istess modi ta' ġestjoni jew modi ta' ġestjoni differenti.

Fir-rigward tal-livell stmat ta' żball għall-Intestatura 3 tal-QFP ("Riżorsi naturali u ambjent") (il-punt 1.17), il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ta' 2.2 % stmat mill-QEA. L-istima tal-Kummissjoni stess tar-riskju fil-mument tal-pagament, ta' 1.7 %, tibqa' konsistenti mar-riżultati miksuba fl-aħħar snin mill-Kummissjoni u mill-QEA. Dan huwa f'konformità mal-fatt li n-nefqa fl-2022 hija relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u li baqgħu stabbli r-regoli, is-sistemi u l-awtoritajiet. Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar ta' oqsma, il-Kummissjoni tinnota li l-għadd tagħhom jibqa' **f'konformità mal-livelli identifikati mill-QEA għall-2020 u s-snin ta' qabel.** Filwaqt li s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (Land Parcel Identification System, LPIS) hija l-bażi għall-applikazzjoni tal-għajnuna ġeospazjali, dikjarazzjonijiet eċċessivi jistgħu jirriżultaw ukoll minn żbalji li jsiru mill-bdiewa. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li d-dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar mhux neċessarjament jindikaw dgħufijiet speċifiċi fil-ġestjoni tal-LPIS mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha għall-punt 7.35.

L-impatt tar-regoli u tal-mod kif jiġu żborżati l-fondi tal-UE fuq ir-riskju ta' żball

Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-QEA li skontha **l-mod kif jiġu żborżati l-fondi għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball** (il-punt 1.19), u b'mod partikolari li r-riskju ta' żball huwa aktar baxx għan-nefqa soġġetta għal regoli simplifikati (prinċipalment f'pagamenti bbażati fuq intitolamenti) (il-punt 1.18).

Għalhekk, u f'konformità mat-talbiet mill-Parlament Ewropew[1], il-Kummissjoni stinkat biex **tkompli bl-isforzi tagħha ta' simplifikazzjoni** kemm jista' jkun meta tfassal il-programmi 2021–2027, speċjalment fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni u fil-politika ta' koeżjoni, billi tippromwovi l-użu ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-iskemi tal-kostijiet, u mal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni għall-politika agrikola komuni (PAK).

Minkejja dan, fuq il-bażi tal-informazzjoni dettaljata għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis li **r-riskji fil-waqt tal-pagament mhumiex materjali b'mod uniformi għall-pagamenti bbażati fuq ir-rimborż.** L-esponiment għar-riskju jista' jvarja fi ħdan l-istess qasam ta' politika u anke fi ħdan l-istess programm ta' nfiq.

B'mod speċifiku, bis-saħħa tar-rikkezza ta' informazzjoni miksuba permezz tal-kontrolli tagħha u l-analiżi dettaljata tagħha, inkluż dwar ir-riżultati ta' kontroll tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' **taqsam in-nefqa rilevanti**[2] bejn:

- **nefqa b'riskju aktar baxx,** b'riskju fil-mument tal-pagament ta' inqas minn 2 %, li tirrappreżenta 63 % tan-nefqa totali,
- **nefqa b'riskju medju,** b'riskju fil-mument tal-pagament bejn 2 % u 2.5 %, li tirrappreżenta **12 %** tan-nefqa totali u,
- **nefqa b'riskju ogħla,** b'riskju fil-mument tal-pagament ta' aktar minn 2.5 %, li tirrappreżenta **25 %** tan-nefqa totali għall-2022[3].

Bħala eżempju, għall-fondi reġjonali[4], il-Kummissjoni ssib li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw tajjeb jew biżżejjed għal 259 programm li jkopru 93 % tan-nefqa ċertifikata fil-kontijiet tal-2021-2022 iżda jippreżentaw nuqqasijiet serji għal 36 programm. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tista' tirrapporta li l-awtoritajiet tal-awditjar għall-fondi reġjonali jiffunzjonaw tajjeb u jipprovdu opinjonijiet tal-awditjar ġenerali affidabbli, ħlief għal seba' awtoritajiet tal-awditjar li għalihom l-awditi tal-Kummissjoni identifikaw nuqqasijiet serji. Dawn is-seba' awtoritajiet huma inkarigati mill-awditjar ta' inqas minn 2 % tan-nefqa mill-fondi reġjonali.

Il-Kummissjoni qed tieħu **azzjonijiet ta' rimedju mmirati** b'mod partikolari għall-kategoriji ta' riskju medju u ogħla. Tali azzjonijiet jinkludu s-sensibilizzazzjoni tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni dwar ir-regoli applikabbli tal-UE u dwar kwistjonijiet rikorrenti, l-aġġustament tal-istrateġiji ta' kontroll għal-livell ta' rsikju, l-applikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda għal programmi futuri u s-simplifikazzjoni tar-regoli kull fejn ikun possibbli. Fl-istess ħin, xi drabi jistgħu jkunu meħtieġa kundizzjonijiet u regoli ta' eliġibbiltà kumplessi li fihom ikun meħtieġ l-immirar tal-għajnuna, sabiex jinkisbu objettivi ta' politika ambizzjużi jew biex jiġu rrispettati l-prinċipji fundamentali tas-Suq Uniku (l-akkwist pubbliku jew ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

[1] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2023 b'osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III – Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi (2022/2081(DEC) – ara b'mod partikolari l-punti 14, 87, 92a, 92f, 109f, 124a u 146g.

[2] Aktar dettalji jinstabu fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2022, Volum II, paġna 57

[3] Fil-każ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-livell ta' riskju tqies għoli wkoll, irrispettivament mir-riskju fil-waqt tal-pagament, meta l-opinjoni tal-awditjar maħruġa fir-rapporti annwali tal-attività dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programmi operazzjonali kienet avversa jew inkella kwalifikata.

[4] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni

Il-legalità u r-regolarità iridu għalhekk ikunu **bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi tal-politika** filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-amministrazzjoni u l-kontroll.

Nefqa b'riskju għoli

Fir-rigward tas-**sejbiet tal-QEA dwar in-nefqa li tqis ta' riskju għoli** (il-punti minn 1.21 sa1.29), il-Kummissjoni tfakkar li l-istima tagħha stess hija li għal 37 % tan-nefqa, ir-riskju fil-mumenti tal-pagament huwa ogħla minn 2 %. Dan huwa relatat ma' xi programmi operazzjonali għal "Koeżjoni", jiġifieri dawk biss li juru nuqqasijiet serji u/jew għandhom rati ta' żball residwu ogħla minn 2 %; l-għotjiet għall-programm ta' riċerka Orizzont 2020 u għotjiet kumplessi oħra fl-istess intestatura tal-QFP; aġenziji tal-pagamenti individwali tal-PAK għall-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali kif ukoll għal xi Stati Membri għal miżuri tas-suq li għandhom rati ta' żball 'il fuq minn 2 %.

B'mod speċifiku:

- Fil-qasam ta' politika ta' **"Koeżjoni, reżiljenza u valuri"** (il-punt 1.22), fis-sena kontabilistika li qed tiġi analizzata, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rati ta' żball totali ogħla minn 2 % għal madwar wieħed minn kull ħamsa tal-programmi, biex b'hekk urew il-kapaċità ta' detezzjoni tagħhom.
  Abbażi tat-tipoloġija komuni tagħhom, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar identifikaw il-kategoriji li ġejjin bħala s-sorsi ewlenin ta' irregolaritajiet: nefqa ineliġibbli, akkwist pubbliku, rendikont tal-entrati u għajnuna mill-Istat. Dan huwa f'konformità mas-sejbiet proprji tal-QEA.
  Rigward b'mod speċifiku l-każijiet ta' żbalji ta' eliġibbiltà identifikati u kwantifikati mill-QEA f'fondi skont il-politika ta' koeżjoni (il-punt 1.27), il-Kummissjoni tqis li, għal bosta minn dawn il-każijiet, il-ksur ta' dispożizzjoni jew regola legali rrappurtati mill-QEA ma jippermettix lill-Kummissjoni tikkwalifika l-iżball bħala irregolarità li għandha tiġi koreġuta f'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2(36) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Għalhekk, l-Istat Membru jew il-Kummissjoni ma jistgħux isegwu proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja, u tali żbalji ma jidħlux fl-istima tal-Kummissjoni tar-riskju tagħha fil-mument tal-pagament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota wkoll li f'xi każijiet il-QEA ma kellhiex l-istess valutazzjoni tal-fatti jew l-istess interpretazzjoni tar-regoli nazzjonali jew speċifiċi għall-programm applikabbli. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għall-punti 6.16, 6.17, 6.21 u 6.77.

- Rigward il-qasam ta' politika ta' **"Riżorsi Naturali u ambjent"** (il-punt 1.23), il-Kummissjoni tara riskju ogħla ta' żbalji fl-oqsma tal-miżuri tas-suq u l-iżvilupp rurali, kif tagħmel ukoll il-QEA. Skont il-qafas leġiżlattiv 2014-2022 tal-PAK, japplikaw kundizzjonijiet kumplessi u regoli ta' eliġibbiltà fejn, sabiex jinkisbu objettivi ta' politika ambizzjużi, huwa meħtieġ li tiġi mmirata l-għajnuna. Huwa b'hekk meħtieġ li l-kunsiderazzjonijiet ta' legalità u regolarità jiġu bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi ta' politika filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-kontroll. Għall-perjodu 2023–2027, il-Kummissjoni qed tindirizza dan billi tippromwovi l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u billi tissimplifika l-PAK.

  Fil-qasam tas-"**Suq uniku, l-innovazzjoni u d-diġitali**" (il-punt 1.24), il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA, u t-tnaqqis tiegħu meta mqabbel mas-sena l-oħra. L-istima proprja tal-Kummissjoni tar-riskju fil-mument tal-pagament għal din l-intestatura tal-QFP hija fil-livell ta' 1.5 %, taħt il-livell limitu ta' materjalità Għal Orizzont 2020 speċifikament, il-Kummissjoni tistma li r-riskju fil-mument tal-pagament huwa fil-livell ta' 2.7 %, f'konformità mar-rata ta' żball tal-QEA għall-programm. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-finanzjament ibbażat fuq il-kostijiet reali għadu relattivament kumpless u suxxettibbli għall-iżbalji, b'mod partikolari għal ċerti tipi ta' benefiċjarji minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprovdi gwida lill-parteċipanti kollha. Barra minn hekk, bħala alternattiva għall-

finanzjament ibbażat fuq il-kostijiet reali, il-Kummissjoni qed iżżid l-użu ta' somom f'daqqa u sistema ta' kost unitarju għall-kostijiet tal-persunal disponibbli f'kull għotja, filwaqt li l-kostijiet tal-persunal huma sors ewlieni ta' żbalji.

- B'referenza għal **"Viċinat u d-dinja"** (il-punt 1.25), il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b'riskju aktar baxx taħt dan il-kapitolu mhijiex limitata biss għall-pagamenti ta' appoġġ baġitarju u għan-nefqa amministrattiva, iżda tinkludi wkoll nefqa oħra taħt segmenti ta' ġestjoni diretta u indiretta li għandhom riskju baxx jew medju fil-mument tal-pagament. Għalhekk, ir-riskju fil-mument tal-pagament għal din l-intestatura hija ta' 1.1 %, ferm taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %.

Il-Kummissjoni se tkompli tieħu azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u t-titjib tal-effettività tal-kontrolli ex ante u ex post. Fl-aħħar nett, kif indikat fit-tweġibiet għall-punti 6.16, 6.17, 6.21, 6.24, 6.28 u 6.32, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-QEA f'ċertu għadd ta' każijiet.

Nefqa b'riskju baxx

Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-QEA li l-**għajnuna diretta lill-bdiewa** (il-punt 1.30) tibqa' ħielsa minn żbalji materjali, biex b'hekk tikkonferma r-rwol importanti tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), inkluża l-LPIS, fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livell ta' żball.

L-informazzjoni dwar ir-regolarità tal-Kummissjoni

L-istima ta' żball tal-Kummissjoni

L-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tidentifika fejn il-kwistjonijiet għandhom jieħdu azzjonijiet ta' rimedju xierqa u mmirati kif xieraq. Sabiex tagħmel dan, bniet l-aċċertament tagħha minn isfel għal fuq u f'livell dettaljat, jiġifieri skont il-programm jew segment rilevanti ieħor tan-nefqa, peress li l-implimentazzjoni mhijiex omoġenja bejn il-programmi u l-Istati Membri.

Fl-AMPR, il-Kummissjoni tuża r-riskji fil-mument tal-pagament iddivulgati mis-servizzi tagħha fir-RAA rispettivi tagħhom. Dawn ir-riskji fil-mument tal-pagament jikkorrispondu għall-aħjar stimi tas-servizzi, ibbażati fuq mijiet ta' eluf ta' kontrolli mwettqa kull sena mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, billi jsegwu strateġiji ta' kontroll stabbiliti bir-reqqa, imfassla apposta għall-ispeċifiċitajiet tal-programmi ta' nfiq.

Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq, bil-għan li r-riskju fl-għeluq jinżamm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

L-approċċ tal-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, huwa differenti minn dak segwit mill-QEA fir-rwol tagħha ta' awditur estern. Dan jista' jirriżulta f'differenzi bejn l-istima tal-livell ta' żball miż-żewġ istituzzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhux dejjem tikkondividi l-valutazzjoni tal-QEA dwar żbalji individwali. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li **l-istimi tagħha tar-riskju fil-mument tal-pagament jaqgħu fil-firxa tal-livelli ta' żball stmati mill-QEA għall-intestaturi baġitarji kollha, ħlief, għall-ewwel darba f'għaxar snin, għall-qasam ta' "Koeżjoni, reżiljenza u valuri".**

Għal dan il-qasam, il-valur massimu tar-riskju tal-Kummissjoni fil-mument tal-pagament (2.6 % fl-2022), li jitqies fl-AMPR għall-kalkolu tar-riskju kumplessiv tal-Kummissjoni fil-mument tal-pagament, huwa taħt il-livell ta' żball stmat tal-QEA. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tirrapporta

riskju materjali fil-mument tal-pagament għall-koeżjoni, li jkopri sitwazzjoni differenzjata fil-livell ta' programm. Il-Kummissjoni tinnota li l-istima tagħha tirrifletti irregolaritajiet li jagħmlu n-nefqa sottostanti ineliġibbli u li għaliha l-Kummissjoni (u l-Istati Membri) jistgħu japplikaw b'mod effettiv korrezzjonijiet finanzjarji, filwaqt li l-istima tal-QEA tirrifletti kull ksur tar-regola applikabbli, anki jekk dan il-ksur ma jwassalx għal irregolarità kif definit fl-Artikolu 2(36) tar-RDK.

Il-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tkompli tieħu **azzjonijiet biex ittejjeb l-effettività tal-kontrolli ex post.** Madankollu, tfakkar li, sabiex jibqgħu kosteffettivi, jeħtieġ li l-kontrolli jkunu mmirati u bbażati fuq ir-riskju.

Fil-qasam ta' **"Riċerka u l-Innovazzjoni"**, il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi mis-Servizz tal-Awditjar Komuni biex tiggarantixxi l-kisba effettiva tal-objettivi tiegħu, filwaqt li żżomm bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll u tqis il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħra tal-kontrolli fil-livelli kollha, inkluż għall-benefiċjarji. Dan huwa f'konformità mal-esperjenza miksuba f'Orizzont 2020 li skontha huwa ppjanat li massimu ta' 7 % tal-għadd ta' benefiċjarji jista' jiġi awditjat. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni kompliet tintensifika l-frekwenza tat-taħriġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari mmirati lejn benefiċjarji suxxettibbli għall-iżbalji bħall-SMEs u parteċipanti ġodda.

Fil-qasam tal-**politika ta' koeżjoni**, il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, wieħed jista' joqgħod fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi ta' kontroll tagħhom, ħlief għal għadd limitat minnhom kif irrappurtat b'mod ċar fl-RAA. F'xi każijiet, żbalji addizzjonali misjuba huma okkażjonali u ma jindikawx dgħufija tas-sistema fil-livell tal-awtorità tal-awditjar. Fl-2022, il-Kummissjoni kompliet tikkoopera b'mod estensiv mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri biex tiżgura qafas ta' aċċertament u kontroll konsistenti u robust.

Fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-QEA dwar l-eżami dokumentarju skont il-programmi ta' koeżjoni, (il-punt 1.37), il-Kummissjoni hija kunfidenti li **l-valutazzjoni dettaljata tagħha bbażata fuq taħlita ta' ħidma tal-awditjar dokumentarju u fuq il-post** li jkopri l-programmi individwali u l-pakketti ta' aċċertament differenti, skont ir-riskji attribwiti lilhom, tippermettilha tistabbilixxi stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm, kull sena, u b'mod kumulattiv għal fondi tal-politika ta' koeżjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-eżamijiet dokumentarji sistematiċi tagħha jikkostitwixxu **approċċ effiċjenti u proporzjonat** għall-programmi li jinstabu li jirrapportaw b'mod affidabbli rati baxxi ta' żball sena wara sena. Għal programmi aktar riskjużi, l-awditi jitwettqu mill-ġdid jew l-eżami dokumentarju jiġi kkomplementat minn żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni.

Għall-pakketti ta' aċċertament li waslu fl-2022, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid ir-rata ta' żball residwu rapportata fl-AARs tad-Direttorati Ġenerali għall-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni u għall-politika reġjonali u urbana għal 35 u 79 programm rispettivament, aktar minn 2 % fi tnax-il każ, fuq il-bażi biss tal-eżami dokumentarju. Dan juri b'mod ċar il-valur miżjud ta' dan l-approċċ. Fl-aħħar nett, biex tqis ir-rakkomandazzjoni tal-QEA fir-Rapport Speċjali 26/2021 tagħha, il-Kummissjoni inkludiet żieda għall-programmi mhux awditjati fuq il-post fil-metodoloġija tagħha biex tikkalkula r-riskju massimu rrappurtat fir-rapporti annwali tal-attività.

Fil-qasam ta' politika **"Viċinat u d-dinja"**, il-Kummissjoni tqis li l-istudju dwar ir-rata ta' żball residwu (RER) – li la huwa inkarigu ta' aċċertament u lanqas awditu – huwa adegwat għall-użu tiegħu u mhuwiex soġġett għal limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal sottovalutazzjoni tal-iżbalji, iżda pjuttost għal stima eċċessiva; meta jkun hemm dipendenza parzjali jew sħiħa fuq kontrolli preċedenti mwettqa minn kuntratturi tal-Kummissjoni jew fuq awditi tal-QEA. Din hija r-raġuni għaliex il-metodoloġija tar-RER tippermetti d-dipendenza fuq ħidma preċedenti ta' kontroll taħt kundizzjonijiet

u kriterji stretti u li l-Kummissjoni tillimita l-għadd ta' każijiet ta' dipendenza sħiħa, li jibqgħu f'konformità mal-medja storika.

Rapportar tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri

Il-korrezzjonijiet huma element ewlieni tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni. Fl-AMPR dwar is-sena finanzjarja 2022, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi **stampa sħiħa u trasparenti** tal-miżuri kollha implimentati matul is-sena finanzjarja, kemm preventivi kif ukoll korrettivi, kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati Membri. Il-**miżuri** korrettivi ammontaw għal **EUR 1.8 biljun, li minnhom il-korrezzjonijiet finanzjarji netti ammontaw għal EUR 734 miljun** – żieda meta mqabbla mal-2021 (EUR 523 miljun). Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-fondi ta' ġestjoni kondiviża (il-politika agrikola komuni kif ukoll il-perjodi ta' programmazzjoni magħluqa skont il-politika ta' koeżjoni). L-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti tipproteġi l-baġit tal-UE milli jirrimborża nefqa irregolari.

Barra minn hekk, fil-qasam tal-**politika ta' koeżjoni, EUR 14.5 biljun** ġew irtirati temporanjament jew definittivament mill-Istati Membri mill-ammonti ċertifikati annwali, qabel ma ġew ippreżentati lill-Kummissjoni, mill-2014. Il-Kummissjoni temmen li dan l-ammont sinifikanti ta' rtirar huwa marbut mal-effett deterrenti tal-possibbiltà għall-Kummissjoni, skont ir-RDK, li tapplika **korrezzjonijiet finanzjarji netti** f'każ ta' miżuri korrettivi mhux aċċettati mill-Istati Membri, li jsaħħu r-rwol superviżorju tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-koleġiżlatur stabbilixxa kriterji stretti fil-qafas legali 2014-2020 biex il-Kummissjoni timplimenta korrezzjonijiet finanzjarji netti, li huma soġġetti għal rekwiżiti kumulattivi li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u fil-prattika jwasslu għal sfidi konsiderevoli fl-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti. Dan jispjega n-nuqqas ta' korrezzjonijiet netti s'issa u juri **r-rieda tal-koleġiżlatur li jagħmel użu minn din il-possibbiltà biss f'każijiet li fihom jintwerew nuqqasijiet serji.**

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li ma hemm l-ebda skadenza regolatorja biex ikompli jiġi protett il-baġit tal-UE. Il-korrezzjonijiet xorta waħda jistgħu jseħħu ħafna snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni jew fl-għeluq ta' programm.

Rappurtar dwar il-proċeduri tal-istat tad-dritt

Fis-16 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kkonfermat bis-sħiħ il-validità tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, u fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ħarġet gwida dwar l-applikazzjoni tiegħu. **Is-servizzi affettwati kollha rreferew għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità fir-RAA tagħhom għall-2022.**

2. Rapport dwar suspett ta' frodi

Fir-rigward tar-riskju ta' frodi f'**deċiżjonijiet ta' somma f'daqqa** (il-punt 1.50), il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 181(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju ma jirrikjedix li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tiddokumenta tali riskju. Madankollu, il-punt 2.2. tad-Deċiżjoni ta' somma f'daqqa ta' Orizzont Ewropa jiddeskrivi l-kontrolli u r-rieżamijiet li għandhom jitwettqu sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' irregolarità jew frodi. Hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li dan jindirizza b'mod adegwat ir-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju. Madankollu, il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid il-kontenut ta' din id-Deċiżjoni bil-ħsieb li tqis jekk l-aspetti relatati mar-riskju jistgħux isiru aktar espliċiti. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha għall-punt 5.29.

Fir-rigward tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar biex jindirizzaw ir-riskju ta' frodi fil-qasam tal-**politika ta' koeżjoni** (il-punt 1.50), il-Kummissjoni tfakkar li l-awtoritajiet tal-awditjar, bħala parti mill-awditi tas-sistemi tagħhom, **jivverifikaw l-effettività tal-miżuri proporzjonati fis-seħħ**

kontra l-frodi, bl-użu ta' listi ta' kontroll speċifiċi żviluppati mal-Kummissjoni. Għall-awditi ta' operazzjonijiet, il-Kummissjoni tilqa' ż-żieda fl-għadd ta' listi ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar li jippermettu d-dokumentazzjoni tal-azzjonijiet li jieħdu biex jidentifikaw twissijiet ta' allarm possibbli ta' azzjonijiet frodulenti kif irrappurtat mill-QEA fil-punt 6.56. Il-Kummissjoni se tkompli tfakkar lill-awtoritajiet tal-awditjar li fadal biex jiddokumentaw b'mod xieraq ukoll il-ħidma tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, skont il-**Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi**, ippjanat diversi azzjonijiet biex tfakkar lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom li jirrapportaw suspett ta' frodi fis-sistema ta' ġestjoni irregolari tal-OLAF. Il-Kummissjoni għenet ukoll lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw il-politiki kontra l-frodi, permezz ta' linji gwida ddedikati li jkomplu jkunu applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. B'mod parallel, l-użu **tal-għodda tagħha għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-valutazzjoni tar-riskju ARACHNE**, offruta lill-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jipprevjenu l-frodi u l-korruzzjoni u reċentement imtejba b'moduli ġodda, qed jevolvi b'mod pożittiv b'għadd dejjem ikbar ta' konnessjonijiet u utenti attivi.

In-negozjati dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, bi proposta biex l-użu ta' għodda għall-estrazzjoni tad-*data* jsir obbligatorju mill-2027, nedew mill-ġdid id-dibattitu dwar l-użu volontarju tal-għodda attwali f'għadd ta' Stati Membri li s'issa ma kinux ħerqana jagħmlu dan. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għall-punti 6.58 sa §6.63.

III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tibqa' fiduċjuża li l-informazzjoni rigward ir-riskji fil-mument tal-pagament (1.9 %) ippreżentata fl-AMPR tal-2022 hija rappreżentattiva tal-livell ta' żball fil-mument tal-pagament. Huwa f'konformità mal-livelli rrappurtati fis-snin preċedenti[5]. L-istabbiltà tar-riskju fil-mument tal-pagament hija konsistenti mal-fatt li l-biċċa l-kbira tan-nefqa fl-2022 għadha relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014 – 2020 u li baqgħu stabbli r-regoli, is-sistemi u l-korpi ta' implimentazzjoni.

Fir-rigward tal-konklużjoni tal-QEA li r-riskju stmat tal-Kummissjoni fil-mument tal-pagament huwa sinifikament taħt il-firxa tagħha (il-punt 1.55), il-Kummissjoni tinnota li dan huwa dovut għall-qasam tal-politika ta' koeżjoni, li għalih il-Kummissjoni ma tikkondividix il-valutazzjoni tal-QEA dwar 18-il żball individwali.

[5] Ir-riskju fil-mument tal-pagament tal-Kummissjoni kien ta' 1.9 % fl-2021 u fl-2020.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
KAPITOLU 2: ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura **implimentazzjoni sħiħa u effiċjenti tal-baġit tal-UE** f'konformità mal-qafas finanzjarju u legali eżistenti. Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod kostanti l-implimentazzjoni tal-baġit u l-evoluzzjoni tal-impenji pendenti, kif ukoll il-fatturi sottostanti relatati. Hija tinforma regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-ħtiġijiet imbassra (għal sena partikolari kif ukoll għas-snin ta' wara) u dwar ir-riskji potenzjali għall-futur u tippreżenta u tispjega regolarment is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-baġit. Id-dokumenti ewlenin ipprovduti għal dan l-għan huma: Id-Dokument ta' Ħidma V mehmuż mal-abbozz ta' baġit, ir-rapport annwali dwar it-tbassir fit-tul dwar il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE, li huwa parti mir-Rapportar Finanzjarju u ta' Rendikont Integrat (Integrated Financial and Accountability Reporting, IFAR), u dokumenti inizjali għal-laqgħat interistituzzjonali dwar il-pagamenti.

L-2022 kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP 2021-2027). Minħabba l-adozzjoni tardiva tar-Regolament QFP, (17 ta' Diċembru 2020) l-atti legali tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ġew adottati biss fl-2021. Barra minn hekk, l-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna kienu jeħtieġu li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni ta' miżuri urġenti tas-salvataġġ u l-irkupru . Is-sitwazzjoni usa' ta' kriżi affettwat il-bidu ta' ċerti attivitajiet u passi ta' implimentazzjoni (sejħiet, għażliet, kuntrattar) u, konsegwentement, il-pagamenti. Fl-2022, il-Kummissjoni mmonitorjat b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-baġit u għamlet bidliet jew proposti xierqa li essenzjalment żguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-approprjazzjonijiet ivvutati, jiġifieri 99,3 % għall-impenji[1] u 99,9 % għall-pagamenti meta jitqiesu kemm ir-riporti awtomatiċi kif ukoll dawk mhux awtomatiċi[1]. Sabiex tikseb dawk ir-riżultati, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għal baġits emendatorji (ħamsa b'kollox, li tlieta minnhom jemendaw in-naħa tan-nefqa tal-baġit), 23 proposta għal trasferimenti baġitarji u bosta trasferimenti awtonomi.

Sa tmiem l-2022, l-**impenji pendenti** totali ("reste à liquider" – RAL) ammontaw għal EUR 452,2 biljun u kif mistenni, żdiedu meta mqabbla mas-sena preċedenti (EUR 341,6 biljun sat-tmien tal-2021). Il-mutur ewlieni ta' dik iż-żieda kien l-implimentazzjoni tal-parti mhux ripagabbli ta' NextGenerationEU (NGEU) li kkontribwiet EUR 189,1 biljun (42 %) għall-RAL totali fi tmiem l-2022. Id-dħul assenjat tal-NGEU se jkompli jikkontribwixxi għal żieda temporanja tal-RAL peress li l-impenji għandhom isiru sa tmiem l-2023 u l-pagamenti sal-2026. Il-Kummissjoni se tkompli tipproponi livelli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li jissodisfaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' pagament matul il-proċeduri baġitarji annwali. Se tistinka biex tagħmel l-aħjar użu minn xi simplifikazzjonijiet estensivi adottati fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (jiġifieri użu usa' ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati) kif ukoll mid-diversi miżuri fis-seħħ biex tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

Fir-rigward tar-**riskji u l-isfidi** akbar għall-baġit tal-UE assoċjati mal-obbligi finanzjarji futuri b'rabta mal-avvenimenti straordinarji tal-pandemija tal-COVID u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni tinnota li f'dawn l-aħħar snin l-obbligazzjonijiet kontinġenti żdiedu,

[1] Kif awtorizzat mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju u/jew bażijiet legali ġodda

prinċipalment minħabba garanziji baġitarji pprovduti lil sħab ta' implimentazzjoni differenti biex jingranaw fondi esterni u jżidu l-impatt tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni hija kompletament trasparenti u tittratta l-obbligazzjonijiet kontinġenti f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà. L-obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu żvelati fil-kontijiet annwali tal-UE u jiġu vvalutati regolarment. Bis-saħħa tal-qafas robust tagħha għall-ġestjoni korporattiva tar-riskju u r-rappurtar tar-riskju, il-Kummissjoni tiżgura sorveljanza effettiva tal-ġestjoni tad-dejn, tal-assi u tal-obbligazzjonijiet kontinġenti bl-għan li tiżgura s-sostenibbiltà tal-baġit tal-UE.

Il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament l-**impatt ta' inflazzjoni fuq il-baġit tal-UE**. Fir-rigward tar-riskju għall-baġit tal-UE assoċjat mal-livell għoli ta' inflazzjoni, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ż-żieda bla preċedent tal-inflazzjoni esperjenzata fl-2022 taffettwa tipi distinti ta' nfiq u programmi b'mod differenti. Madankollu, l-impatt globali se jiddependi fuq l-eżitu tal-inflazzjoni reali, li bħalissa huwa diffiċli li jiġi stmat minħabba l-volatilità mbassra. Fil-każ tan-nefqa amministrattiva, il-Kummissjoni kompliet tirrispetta l-limitu ta' 2 % għan-nefqa mhux relatata mas-salarji, li abbażi tagħha huwa pprogrammat il-QFP attwali, permezz ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid, u talbet lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha biex japplikaw l-istess approċċ. Fir-rigward tar-remunerazzjoni, ir-rati attwali aġġornati li għandhom jiġu applikati f'sena baġitarja partikolari huma kkonfermati fl-aħħar ta' Ottubru, u kif sar fl-2022, il-Kummissjoni se tirrevedi l-ammonti mitluba għall-baġit u l-abbozz ta' baġit, f'konformità ma' din iċ-ċifra finali, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet kollha.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2022

Implimentazzjoni tal-baġit tal-UE - impenji u pagamenti

Użu ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament

Fl-analiżi tar-rati finali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tfakkar li, minbarra l-elementi kkunsidrati fir-rapport f' §2.3, hemm il-possibbiltà li approprjazzjonijiet li ma kinux implimentati fi tmiem is-sena, jiġu riportati għas-sena ta' wara f'każijiet permessi mir-Regolament Finanzjarju u/jew mill-bażijiet legali l-ġodda. Il-Kummissjoni rriportat EUR 1,5 biljun ta' impenji u EUR 1,9 biljun ta' pagamenti għall-2023 (inklużi l-istrumenti speċjali).

Bidu tal-implimentazzjoni tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021-2027 skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni mill-Istati Membri

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 (§2.10 sa 2.12), il-Kummissjoni taħdem kontinwament mal-Istati Membri u timmonitorja mill-qrib il-progress fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-UE. Mill-inqas darba f'sena, isiru laqgħat regolari tal-kumitat ta' monitoraġġ u kull sena jsir rieżami tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, avvenimenti aktar formali, trilogi tekniċi, skambju ta' ittri u komunikazzjoni informali oħra jsiru kif meħtieġ. F'każ li jiġu identifikati konġestjonijiet, il-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti sabiex issolvihom, bl-għajnuna ta' diversi għodod ta' assistenza teknika.

Tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), minħabba l-perjodu ta' żmien biex jintefqu r-riżorsi tan-NextGenerationEU (NGEU) sa tmiem l-2026.

Għalhekk ġiet proposta firxa kbira ta' azzjonijiet biex jitħaffef it-twettiq tal-JTF flimkien mal-għodod ta' appoġġ eżistenti.

L-użu tal-fondi SIE bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID u l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna

Fir-rigward tad-diversi inizjattivi tagħha ta' rispons għal emerġenza (§2.13 sa §2.17), il-Kummissjoni tfakkar li dawn l-aħħar tliet snin issawru minn sensiela ta' kriżijiet kontinwi – mill-pandemija tal-COVID-19 għall-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt usa' tagħha fuq il-prezzijiet tal-enerġija. B'reazzjoni għal dan, il-qafas leġiżlattiv tal-politika ta' koeżjoni ġie rivedut diversi drabi. Kull modifika (permezz ta' CRII (+), REACT-EU, CARE (+), FAST-CARE u SAFE) ipprovdiet aktar flessibbiltà fir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, aktar likwidità għall-Istati Membri u r-reġjuni biex jiffinanzjaw malajr proġetti urġenti u simplifikazzjoni li tippermetti li l-fondi jilħqu aktar malajr lill-persuni l-aktar fil-bżonn u tgħin biex jiġu evitati effetti saħansitra aktar negattivi fuq il-ħajja tan-nies u l-ekonomiji tal-Istati Membri u r-reġjuni, f'konformità mal-għan strateġiku tal-finanzjament ta' koeżjoni biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Twettqu aktar minn 600 emenda tal-programm għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni li s'issa rriżultaw f'finanzjament ġdid (EUR 50,6 biljun taħt REACT-EU), żieda fil-likwidità (kważi EUR 30,6 biljun[2]) u riallokazzjoni (EUR 24 biljun taħt CRII/CRII + u madwar EUR 1,3 biljun taħt CARE). Żieda ulterjuri fir-rata ta' prefinanzjament mill-perjodu 2021-2027 irriżultat fl-iżborż ta' EUR 3,5 biljun oħra (minħabba ż-żieda fil-prefinanzjament għall-programmi kollha tal-politika ta' koeżjoni taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir b' 0.5 % fl-2022 u l-2023 taħt FAST-CARE). Din kellha effett pożittiv fuq l-assorbiment tal-2014-2020.

Implimentazzjoni tal-NGEU u tal-RRF

Fir-rigward tal-progress fl-implimentazzjoni tal-NGEU (§2.18 sa 2.22), ir-Regolament RRF ilu fis-seħħ minn Frar 2021 u l-ewwel Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġew approvati mill-Kunsill f'Lulju 2021. Minn din id-data, sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni ħa tkun żborżat total ta' EUR 138,7 biljun skont il-Faċilità, kemm f'għotjiet (EUR 93,5 biljun) kif ukoll f'self (EUR 45,2 biljun). Dawn il-fondi jappoġġaw lill-Istati Membri biex jimplimentaw riformi u investimenti u jrawmu kemm l-irkupru mill-pandemija kif ukoll jibnu r-reżiljenza kontra xokkijiet futuri. B'mod aktar ġenerali, l-implimentazzjoni tal-RRF u tal-NGEU hija ġeneralment konformi mal-aspettattivi, filwaqt li titqies id-data tal-adozzjoni differenti tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Impenji pendenti

Fir-rigward tal-livell ta' impenji pendenti (§2.23 sa 2.26), l-eżistenza tal-RAL hija riżultat naturali tar-regoli ta' implimentazzjoni adottati għal kull qasam ta' politika mill-awtorità leġiżlattiva. Meta mqabbla mal-2021, iż-żieda fil-livell ta' impenji pendenti kienet mistennija minħabba l-implimentazzjoni tal-NGEU (il-parti mhux ripagabbli) li kkontribwiet 42 % għar-RAL globali. Il-Kummissjoni timmonitorja l-evoluzzjoni fil-livell ta' impenji pendenti. It-tbassir tal-pagamenti fit-tul ta' Ġunju 2023 jagħti aġġornament, f'termini assoluti, tal-ammont ta' pagamenti pendenti u aktar importanti fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) proġettata għas-snin li ġejjin.

[2]Magħmula minn: EUR 7,6 biljun fi prefinanzjament mhux irkuprat (CRII) + EUR 12,9 biljun minn kofinanzjament ta' 100 % fl-2020-2021 (CRII +) + EUR 6,6 biljun minn kofinanzjament ta' 100 % fl-2021-2022 (CARE) + EUR 3,5 biljun f'żieda fil-prefinanzjament minn REACT-EU (CARE +).

2. Riskji u sfidi

L-esponiment tal-baġit tal-UE fl-2022

Il-Kummissjoni taqbel mal-preżentazzjoni tal-QEA tal-iskopertura totali tal-baġit tal-UE fi tmiem l-2022 u s-sitwazzjoni tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni mill-31 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni tippubblika kull sena l-iskopertura totali annwali tal-baġit tal-UE għall-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 250 tar-Regolament Finanzjarju.

Riskji finanzjarji assoċjati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' proviżjonament marbuta mal-istrument tal-Assistenza Makrofinanzjarja Plus (AMF+) kontra r-riskju ta' inadempjenza (§2.44), il-Kummissjoni tenfasizza li r-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 211(2)) jbassar il-possibbiltà li att bażiku jistabbilixxi metodu speċifiku ta' proviżjonament jew inkella li jappoġġa obbligazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati debitament it-termini konċessjonali ħafna tas-self b'perjodi twal ta' ħlas lura tas-self tal-AMF+ (sa 35 sena, ara l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2022/2463), tal-bidu tal-ħlas lura tal-kapital mhux qabel l-2033, tal-kostijiet tal-imgħax sussidjati, kif ukoll tal-fatt li s-self tal-AMF+ qed jiġi pprovdut mill-UE lill-Ukrajna bħala pajjiż li huwa kandidat għas-sħubija fl-UE. F'ċirkostanzi speċifiċi u ċirkoskritti, l-użu tal-marġni ta' manuvra jirrappreżenta metodu effiċjenti għall-appoġġ tas-self tal-MFA+ minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu (inkluż l-ammont totali). Huwa jappoġġa l-ammont sħiħ tal-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati, bl-Istati Membri tal-UE jkunu obbligati jkopru sejħiet għal telf eventwali sal-Limitu tar-Riżorsi Proprji. Dan il-metodu huwa sempliċi f'termini amministrattivi u proċedurali meta mqabbel mal-użu alternattiv tal-garanziji tal-Istati Membri.

Riskji u sfidi marbuta mal-inflazzjoni

Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjoni tal-QEA (§2.50 sa 2.57) li l-inflazzjoni ta' aktar minn 2 % taffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE. Madankollu, tenfasizza li l-impatt ġenerali se jiddependi fuq kif jiġu affettwati tipi differenti ta' nefqa.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-prezzijiet li qed jogħlew għandhom it-tendenza li jwasslu għal dħul ogħla mir-riżorsi proprji tradizzjonali u r-riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Madankollu, jekk u sa liema punt iseħħx dan l-effett jiddependi wkoll fuq l-iżvilupp tal-volumi tan-negozju u l-imġiba tal-konsumatur, li għandhom jitqiesu wkoll fi tbassir affidabbli.

III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 2.1 – Tnaqqis sostanzjali tal-livell ta' impenji pendenti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fid-dawl tal-livell dejjem jiżdied ta' impenji pendenti li qed jistennew il-pagament mingħand baġits futuri tal-UE, tidentifika modi biex tgħin lill-Istati Membri jaċċelleraw l-użu tal-fondi mogħtija mill-UE, b'mod partikolari tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, filwaqt li tirrispetta l-ġestjoni finanzjarja tajba.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni diġà timmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit u l-evoluzzjoni tal-livell ġenerali tal-impenji pendenti (RAL), kif ukoll il-fatturi sottostanti relatati. Hija tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew regolarment dwar il-ħtiġijiet imbassra u r-riskji potenzjali għall-futur. Din l-informazzjoni hija inkluża b'mod partikolari fir-rapport annwali dwar it-tbassir fit-tul dwar il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE, li huwa parti mir-Rapportar Finanzjarju u ta' Responsabbiltà Integrat (IFAR) skont l-Artikolu 247 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tkompli tipproponi livelli adegwati ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-qafas tal-proċeduri baġitarji annwali sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' pagament, anke fid-dawl tar-regoli ta' implimentazzjoni għal programmi u fondi speċifiċi, kif adottati mill-koleġiżlaturi. Il-Kummissjoni tfakkar li l-adozzjoni tal-baġit fl-aħħar mill-aħħar taqa' taħt il-kompetenza tal-awtorità baġitarja.

Rakkomandazzjoni 2.2 – Twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq diversi snin fil-baġit tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq il-baġit tal-UE fuq diversi snin u tidentifika għodod biex timmitiga r-riskji ewlenin li jirriżultaw. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproteġi l-abbiltà tal-baġit tal-UE biex jissodisfa l-impenji legali u kuntrattwali tiegħu, bħall-kostijiet ta' finanzjament li qed jiżdiedu.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-baġit tal-UE fil-kuntest tal-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni se tfittex li tidentifika għodod speċifiċi biex ittaffi r-riskji relatati, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn żieda fil-kostijiet ta' finanzjament, filwaqt li tinnota li l-baġit tal-UE diġà għandu s-salvagwardji meħtieġa biex jissodisfa l-obbligi legali u kuntrattwali tiegħu.

Rakkomandazzjoni 2.3 – Sostenibbiltà tal-esponiment tal-baġit tal-UE

Fid-dawl tal-esponiment dejjem ikbar tal-baġit tal-UE mit-teħid b'self għall-ħtiġijiet ta' pagament addizzjonali, bħal dawk skattati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll mill-garanziji baġitarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni, tieħu kwalunkwe azzjoni xierqa meħtieġa biex tiżgura li l-għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju tagħha, bħall-fond ta' proviżjonament komuni, jkollhom kapaċità suffiċjenti u tippubblika l-istima li tkun wettqet tal-esponiment annwali.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2025)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni **parzjalment**.

Il-Kummissjoni tenfasizza li, fid-dawl tal-importanza dejjem tikber tal-garanziji baġitarji u l-programmi ta' assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, f'dawn l-aħħar snin tejbet l-għodod tagħha għall-ġestjoni tar-riskju biex tittratta l-obbligazzjonijiet kontinġenti. B'mod partikolari, stabbiliet qafas orizzontali bejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' tali programmi, bil-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti fil-qalba tiegħu. L-

objettiv aħħari huwa li l-baġit tal-UE jiġi protett bis-sħiħ mill-materjalizzazzjoni mhux imbassra ta' telf li joriġina mill-garanziji baġitarji jew mill-programmi ta' self proviżjonati.

Il-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni annwali tas-sostenibbiltà baġitarja kemm tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati kif ukoll dawk mhux proviżjonati fil-kuntest ta' rapporti mfassla f'konformità mal-Artikoli 41(5) u 250 tar-Regolament Finanzjarju. F'dak tal-ewwel, il-Kummissjoni diġà tivvaluta kull sena jekk il-marġni ta' manuvra huwiex biżżejjed biex jittratta l-iskopertura annwali ta' skoperturi mhux proviżjonati. F'dan tal-aħħar, il-Kummissjoni diġà tivvaluta jekk għandhiex biżżejjed proviżjonament għal skoperturi proviżjonati u jekk ir-rati ta' dispożizzjonijiet għadhomx adegwati. Għal skoperturi proviżjonati, il-Kummissjoni tqis li din hija l-analiżi rilevanti għall-monitoraġġ tar-riskji. Dan l-approċċ huwa konformi mar-Regolament Finanzjarju u għalhekk il-Kummissjoni mhux se tippubblika l-iskopertura totali annwali.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-adegwatezza tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tagħha għall-iżvilupp futur fil-profil tar-riskju u l-ammont ta' obbligazzjonijiet kontinġenti kemm proviżjonati kif ukoll mhux proviżjonati.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦALL-KAPITOLU 3 TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI: KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

Parti 1 – Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni tal-QEA

Il-konklużjonijiet ippreżentati fil-Parti 1 tal-Kapitolu 3 huma derivati mir-rapporti speċjali tal-QEA li ġew ippubblikati fl-2022. Dawn ir-rapporti speċjali kienu soġġetti għal proċeduri estensivi ta' kklirjar u kontradittorji, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. It-tweġibiet dettaljati tal-Kummissjoni li jirriflettu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti speċjali u r-rakkomandazzjonijiet relatati tagħhom ġew ippubblikati flimkien mar-rapporti u huma disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sommarji tal-QEA tad-dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill maħruġa wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti speċjali maħruġa fl-2022 u elenkati fil-Parti 1 tal-Kapitolu 3.

Il-Kummissjoni tissottolinja li r-**rata ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA** kif riflessa fil-Parti 1 (§3.7) **hija ġeneralment għolja ħafna**, u dan juri l-approċċ kostruttiv tal-Kummissjoni lejn l-indirizzar tal-kwistjonijiet identifikati mill-QEA. Il-Kummissjoni ma aċċettatx 3 % biss tar-rakkomandazzjonijiet.

B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar il-pożizzjoni tagħha dwar diversi rapporti speċjali msemmija mill-QEA fil-parti 1 tal-Kapitolu 3.

Fir-rigward tar-Rapport Speċjali 19/2022 tal-QEA dwar l-**akkwist** ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE (§3.14), il-Kummissjoni ssottolinjat fit-tweġibiet tagħha li l-Ewropej raw il-benefiċċji ta' x'tista' tikseb is-solidarjetà tal-UE fis-saħħa, speċjalment fir-rigward tal-istrateġija għall-vaċċini biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19. L-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini ppreżentata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2020 kellha l-għan li taċċellera l-iżvilupp, il-manifattura u l-użu tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Billi ħadmet flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni kienet kapaċi tiżgura l-aktar portafoll wiesa' ta' vaċċini fid-dinja u tiżgura li l-Istati Membri kollha – irrispettivament mid-daqs tagħhom - jirċevuhom fl-istess ħin. Għalkemm xi pajjiżi mxew ftit aktar malajr fil-bidu minħabba li kienu joperaw f'kuntest ġuridiku differenti, l-UE kisbet dan is-suċċess filwaqt li baqgħet miftuħa għad-dinja billi qasmet il-vaċċini. Il-**Kummissjoni aċċettat iż-żewġ rakkomandazzjonijiet** biex jinħolqu linji gwida dwar l-akkwist waqt pandemija abbażi tat-tagħlimiet meħuda u biex jiġi ttestjat l-istress tal-approċċ tal-UE għall-akkwist għal kontromiżuri mediċi.

Fir-rigward tar-Rapport Speċjali 21/2022 tal-QEA dwar il-**valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza** (§3.15), il-Kummissjoni fakkret li hija ħadmet b'mod proattiv mal-partijiet kollha, u b'mod partikolari mal-Istati Membri, biex tiżgura aġenda rapida u ambizzjuża ta' riforma u investiment madwar l-UE. Il-Kummissjoni impenjat ruħha immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-proposta tagħha għar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mal-Istati Membri, kemm biex tispjega u tiddiskuti d-dispożizzjonijiet legali, kif ukoll biex tiggwidahom fit-tħejjija tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tagħhom. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll rispons speċifiku għar-rapport speċjali tal-QEA fir-rigward ta' kif ġew stabbiliti l-profili tal-iżborż u fir-rigward tal-valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri. Fi Frar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat il-qafas tagħha għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-

miri kif ukoll metodoloġija għad-determinazzjoni tas-sospensjonijiet ta' pagamenti skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. **The Commission fully accepted the six recommendations** issued by the ECA, with the exception **of one sub-recommendation 4 b) which it partially accepted.**

Għar-Rapport Speċjali 9/2022 tal-QEA dwar l-**infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-2014-2020** (§3.58), fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni nnotat li filwaqt li rrikonoxxiet li l-metodoloġija tagħha għat-traċċar klimatiku użata għall-QFP 2014-2020 għadha approssimizzazzjoni, hija ma kinitx taqbel mal-fehma tal-QEA li r-rappurtar dwar il-klima ma huwiex affidabbli. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-fondi tal-UE hija għodda ewlenija biex tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE, kif issottolinjat mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni investiet riżorsi sostanzjali fl-iżvilupp ta' metodoloġija soda għat-traċċar u għar-rappurtar dwar l-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, filwaqt li bbenefikat minn skambji mill-qrib u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Il-Kummissjoni qed tfittex dejjem opportunitajiet biex ittejjeb il-metodoloġija tagħha, kif deskritt fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2021 dwar il-Qafas ta' Prestazzjoni għall-baġit tal-UE. Ġew indirizzati ħafna nuqqasijiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, pereżempju billi saret bidla għal metodoloġija "ibbażata fuq l-effett" għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 minn metodoloġija "ibbażata fuq l-intenzjoni" użata għall-QFP 2014-2020. Dan jiżgura konsistenza akbar fl-attribuzzjoni tar-rilevanza klimatika fi programmi differenti. Il-Kummissjoni **aċċettat it-tliet rakkomandazzjonijiet** dwar: ir-rilevanza klimatika tal-finanzjament agrikolu; it-titjib tar-rappurtar dwar il-klima; u r-rabta tal-baġit tal-UE mal-objettivi tal-klima u tal-enerġija. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem biex timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Parti 2 – Segwitu mill-QEA għar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019

Il-Kummissjoni tinnota li mill-ħames rakkomandazzjonijiet mir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2019, tlieta huma vvalutati mill-QEA bħala implimentati bis-sħiħ jew implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti. Għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li huma vvalutati bħala implimentati f'xi aspetti, il-Kummissjoni tixtieq tinnota dan li ġej:

Fir-rigward tar-**rakkomandazzjoni 4 relatata mal-preżentazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-programm ta' miri għall-indikaturi**, il-Kummissjoni tixtieq tindika li l-għadd ta' indikaturi li għalihom setgħet tippreżenta miri (u metodoloġiji assoċjati) żdied ħafna maċ-ċiklu ta' rappurtar li għaddej (marbut mar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-2022 u l-abbozz tal-baġit tal-2024). Dan jirrifletti l-aktar l-istabbiliment ta' miri għal dawk il-programmi (l-aktar b'ġestjoni kondiviża, inklużi l-Politika Reġjonali, il-FSE+, u l-FEMSA) li għalihom kien hemm dewmien fl-adozzjoni tal-atti bażiċi. Il-Kummissjoni tistma li, fil-preżent, ġew stabbiliti miri għal kważi 70 % tal-indikaturi ewlenin kollha tal-prestazzjoni għall-programmi tal-2021-2027. Dan il-perċentwal huwa ogħla (kważi 80 %) jekk wieħed jeskludi mill-isfera rilevanti l-indikaturi għal dawk il-programmi li bdew matul il-QFP (eż. il-PAK, li bdiet fl-2023 u l-programm l-UE għas-Saħħa), li għalihom huwa meħtieġ aktar żmien b'mod naturali, u dawk l-indikaturi (bħal fil-każ ta' InvestEU) li huma stabbiliti l-aktar għal finijiet ta' monitoraġġ, u li għalihom l-istabbiliment ta' mira ma huwiex xieraq minħabba n-natura xprunata mid-domanda tal-istrumenti.

Fir-rigward tar-**rakkomandazzjoni 2 relatata mal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet tal-programm u fl-AMPR**, il-Kummissjoni dejjem irrikonoxxiet li t-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni huwa sforz kontinwu. Fir-rigward tal-osservazzjonijiet speċifiċi li saru, il-Kummissjoni stabbiliet pjan ta' azzjoni biex

tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)[1] li se jiżgura titjib kemm fil-qafas ta' kontroll kif ukoll fir-rappurtar miċ-ċiklu ta' rappurtar li jmiss. Diġà ġie introdott xi titjib ieħor fiċ-ċiklu ta' rappurtar li għaddej. Pereżempju, il-Kummissjoni ssimplifikat ir-rappurtar f'dokument uniku għal kull programm (id-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm, li tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni tal-Programm u l-Ħarsa Ġenerali lejn il-Prestazzjoni tal-Programm), sabiex ittejjeb il-konsistenza, il-leġġibbiltà u l-aċċessibbiltà tar-rappurtar. Il-Kummissjoni investiet ukoll riżorsi sinifikanti fl-istabbiliment ta' pjattaforma ġdida tal-IT, ibbażata fuq l-SAP-BPC, li tagħmel id-*data* kkodifikata mid-DĠs soġġetta għall-finijiet tar-rappurtar ċentrali għal sensiela ta' regoli dwar in-negozju, u b'hekk timminimizza l-iżbalji ta' dħul/kodifikazzjoni involontarji.

Parti 3 – Segwitu mill-QEA għar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali mill-2019

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) indirizzati lill-Kummissjoni (§3.89-3.93), **il-Kummissjoni tagħti l-akbar importanza lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati kollha.** Il-Kummissjoni ssegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li impenjat ruħha li timplimenta u li jaqgħu fil-mandat tagħha. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li l-QEA tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet bħala parzjalment implimentati meta l-Kummissjoni tqishom bħala implimentati bis-sħiħ.

Aktar fid-dettall, fir-rigward tal-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet aċċettati bis-sħiħ (§3.85 – 3.88), il-livell ta' rakkomandazzjonijiet mhux aċċettati mill-Kummissjoni fl-2019 għadu stabbli meta mqabbel mal-2018 (madwar sebgħa fil-mija tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa). **Fir-rigward tan-nuqqas ta' aċċettazzjoni jew tal-aċċettazzjoni parzjali tar-rakkomandazzjonijiet**, dan jista' jkollu diversi raġunijiet. Dawn ikopru pereżempju (i) il-limiti involuti mill-qafas regolatorju eżistenti u/jew id-diffikultà li tiġi antiċipata l-leġiżlazzjoni futura tal-UE, (ii) il-mandat tar-rwoli u tal-kompetenzi (inklużi l-arranġamenti ta' responsabbiltà u ta' obbligu ta' rendikont) bejn l-Istituzzjonijiet, il-korpi, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati differenti tal-UE, (iii) il-komplementarjetà mal-politiki, mal-leġiżlazzjoni u mal-programmi, (iv) il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-fattibbiltà tar-rakkomandazzjonijiet u/jew tal-implikazzjonijiet tar-riżorsi u taż-żmien.

Fir-rigward tal-**korrelazzjoni bejn il-livell ta' implimentazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-entitajiet awditjati** (§3.101), fit-tweġibiet uffiċjali tagħha ppubblikati flimkien mar-rapporti korrispondenti tal-QEA, il-Kummissjoni pprovdiet ġustifikazzjonijiet għall-każijiet kollha fejn qieset li ma setgħetx timpenja ruħha li timplimenta rakkomandazzjonijiet speċifiċi, jew partijiet minnhom. Għalhekk wieħed jifhem li l-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta inizjalment, eventwalment ma ġewx implimentati (83 fil-mija (Illustrazzjoni 3.13)). Bl-istess mod, peress li l-livell ta' aċċettazzjoni parzjali tar-rakkomandazzjonijiet żdied għas-sena 2019 meta mqabbel mal-2018 (Illustrazzjoni 3.7 u Illustrazzjoni 3.13) dan tipikament iwassal għal żieda fil-valutazzjoni tal-QEA "implimentata f'xi aspetti" (§3.90). Il-QEA fil-fatt tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni skont ir-rakkomandazzjoni li fformulat, indipendentement minn jekk kinitx aċċettata bis-sħiħ mill-Kummissjoni jew le. Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni skont l-impenn li ħadet fit-tweġibiet għal rapporti speċjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li f'xi każijiet, l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tista' tiddependi wkoll minn azzjonijiet jew miżuri li jaqgħu fil-kompetenza ta' entitajiet oħra.

[1] Rapport tal-awditjar tal-IAS dwar is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni fir-rigward tal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni dwar il-programmi finanzjarji tal-UE

Fir-rigward tal-**implimentazzjoni f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet** (§3.99-3.100), il-puntwalità tal-azzjonijiet ta' segwitu għandha titqies ukoll flimkien mal-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha aċċettati fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fir-rapporti speċjali tal-QEA. Madankollu, dan ma huwiex applikabbli għar-rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni ma aċċettatx fl-ewwel lok, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fit-tweġibiet ippubblikati għar-rapport speċjali kkonċernat.

Barra minn hekk, f'xi każijiet, l-azzjonijiet ta' segwitu jistgħu jirrikjedu aktar żmien milli kien mistenni inizjalment minħabba l-kumplessità tal-miżuri, l-iżviluppi leġiżlattivi jew relatati mal-politika, ir-restrizzjonijiet tar-riżorsi, il-fatturi esterni, jew il-ħtieġa li jiġu involuti istituzzjonijiet jew entitajiet oħra. Il-fatt li rakkomandazzjoni ma tiġix implimentata bis-sħiħ sad-data tat-tlestija inizjali mistennija ma jfissirx li din ir-rakkomandazzjoni mhux se tiġi implimentata minn hemm 'il quddiem. Ċirkostanzi li jevolvu, jew bidliet fil-politika jew fil-kuntest politiku, jistgħu tipikament iwasslu għal riprijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet. F'dak il-kuntest, il-pandemija tal-COVID wasslet biex ħafna servizzi tal-Kummissjoni jiddefinixxu mill-ġdid u jaġġustaw il-prijoritajiet matul l-2020 u l-2021.

Anness – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali tal-2019 – il-Kummissjoni Ewropea

Rapport Speċjali 02/2019: Perikli kimiċi fl-ikel tagħna: il-politika tal-UE dwar is-sikurezza alimentari tipproteġina, iżda jeżistu ċerti diffikultajiet

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1a, il-paragrafu 73: Ir-rakkomandazzjoni tal-QEA li "tivvaluta l-bidliet potenzjali għal-leġiżlazzjoni li tirregola l-perikli kimiċi fid-dawl tal-kapaċità li tapplikaha b'mod konsistenti" ġiet implimentata bis-sħiħ mill-Kummissjoni permezz tal-eżerċizzju REFIT u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. Biex jintwera li r-rakkomandazzjoni ma hijiex implimentata biss permezz ta' azzjoni ta' darba iżda wkoll permezz ta' superviżjoni u miżuri kontinwi, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ SANTE) jindika l-pestiċidi u l-Materjali li Jiġu f'Kuntatt mal-Ikel bħala eżempji. Il-lista sħiħa ta' evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità kontinwi u ppjanati tiġi aġġornata kull sena fil-Pjan ta' Ġestjoni tad-DĠ SANTE.

Rapport speċjali 04/2019: Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi"

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2c, il-paragrafu 97: Il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Il-Kummissjoni ddiskutiet dokument ta' ħidma (12.06.2023) mal-Istati Membri li jagħti gwida dwar il-kontrolli fiżiċi, speċifikament it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi fil-laboratorju, ta' kunsinni minn pajjiżi terzi qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea. Il-verżjoni finali, li tinkorpora l-kummenti riċevuti, se titqassam matul ix-xahar ta' Ġunju 2023.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3a, il-paragrafu 98: Il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Il-Kummissjoni twettaq kontrolli ta' traċċabbiltà b'mod sistematiku fuq prodotti ċċertifikati mill-Korpi ta' Kontroll (CB) fi Stati Membri differenti, li spiss jinvolvu ingredjenti prodotti f'pajjiżi terzi. Dan l-eżerċizzju jintuża prinċipalment bħala għodda mill-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti ta' kontroll tagħha. L-irtirar ta' ħames Korpi ta' Kontroll mill-Indja u wieħed mill-Arġentina juri li l-Kummissjoni qed tuża eżerċizzji ta' traċċabbiltà b'mod effettiv biex twettaq il-kompiti ta' kontroll tagħha fuq il-Korpi ta' Kontroll. Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ SANTE) iwettaq eżerċizzji bħal dawn matul l-awditi biex jivverifika jekk l-Istati Membri jew il-pajjiż terz jew il-Korp ta' Kontroll għandhomx kontroll fuq il-katina kollha. Ir-riżultati tal-eżerċizzji ta' traċċabbiltà se jiġu integrati wkoll fil-pjan tal-awditu biex ikun immirat aħjar lejn il-Korpi ta' Kontroll u jiffoka fuq in-nuqqasijiet possibbli tagħhom.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 98: Il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Il-Kummissjoni tipprevedi li matul l-2023 se tkompli tanalizza b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri r-riżultati tal-eżerċizzju ta' traċċabbiltà u se taħdem fuq l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 98: L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja. Is-sistema ilha taħdem b'mod effettiv fl-Istati Membri minn Jannar 2023 u se tiġi estiża għal pajjiżi terzi mill-2024.

Rapport Speċjali 05/2019 Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD): Appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu ma huwiex stabbilit

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1c, il-paragrafu 61: Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni parzjalment, jiġifieri aċċettat il-parti li tikkonċerna l-istabbiliment tal-loġika ta'

intervent. Il-Kummissjoni tqis li din il-parti ġiet implimentata, kif rikonoxxut mill-analiżi tal-QEA. Il-Kummissjoni ma qisitx li l-istabbiliment ta' miri kwantifikati fil-programmi għall-operazzjonijiet inkwistjoni jkun sinifikattiv. Hija qieset li l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà biex maż-żmien jindirizzaw gruppi fil-mira differenti jew jikkomplementaw politiki nazzjonali bi strumenti differenti. Barra minn hekk, tista' wkoll ma tkunx proporzjonata, fid-dawl tal-isforzi meħtieġa mill-benefiċjarji li jaħdmu mal-voluntiera, u sabiex tiġi rispettata d-dinjità tar-riċeventi aħħarin.

RS 06/2019 L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1b, il-paragrafu 80: Il-Kummissjoni tinnota li r-rakkomandazzjoni tal-QEA ma tistabbilixxix obbligu ta' riżultat għall-Kummissjoni (li l-awtoritajiet maniġerjali kollha / l-Istati Membri kollha jkollhom sabbilita strateġija kontra l-frodi) iżda tirrakkomanda li jittieħdu passi biex l-awtoritajiet tal-Istati Membri jintalbu jadottaw strateġiji bħal dawn. Il-Kummissjoni ħadet għadd ta' passi bħal dawn (bħar-rakkomandazzjoni tal-OLAF fit-30 Rapport Annwali u fir-Rapporti Annwali sussegwenti dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE li l-Istati Membri għandhom jadottaw strateġija nazzjonali kontra l-frodi; il-workshop dwar l-istrateġiji kontra l-frodi u r-reġjuni li sar fit-13 ta' Ottubru 2020 bil-parteċipazzjoni, fost l-oħrajn, ta' Transparency International EU u tal-Membri tal-Parlament Ewropew; jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni biex jiġu adottati politiki kontra l-frodi fil-kuntest tan-negozjar tal-programmi l-ġodda għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027). Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel l-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi obbligatorji fil-qafas tar-riformulazzjoni kurrenti tar-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li implimentat ir-rakkomandazzjoni tal-QEA fil-biċċa l-kbira tal-aspetti.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 87: Il-Kummissjoni tissottolinja li ċ-"Ċentru tal-Għarfien u r-Riżorsi tal-Fondi tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Frodi" imur lil hinn mill-kontenut tas-sistema ta' skambju elettroniku ta' *data*. B'mod partikolari, fih il-"Librerija ta' Prattiki Tajba u Studji tal-każijiet" u tmien moduli tal-vidjow indirizzati lill-prattikanti u ffokati fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni fil-fondi tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed twettaq sessjonijiet ta' taħriġ regolari kontra l-frodi fuq erbat ijiem li huma indirizzati lill-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw il-fondi tal-politika ta' Koeżjoni. Hija nediet ukoll korsijiet regolari dwar il-Patti ta' Integrità. It-taħriġ jinkludi preżentazzjonijiet aġġornati, studji tal-każijiet u prattiki tajba li r-REGIO qed jagħmel disponibbli wkoll billi jippubblikahom fuq is-sit web ec.europa.eu. Il-"Gwida dwar l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ġestjoni tagħhom skont ir-Regolament Finanzjarju" tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2021 hija bbażata wkoll fuq studji tal-każijiet u prattiki tajba.

Il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri li n-noti ta' gwida diġà eżistenti maħruġa b'referenza għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandhom jitqiesu applikabbli b'analoġija fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 87: L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) lesta l-analiżi tiegħu tal-livell ta' rappurtar ta' irregolaritajiet (frawdolenti u mhux frawdolenti) għall-Istati Membri kollha fil-livell ta' Programmi Operazzjonali. L-analiżi toffri livell ġdid ta' għarfien dwar l-irregolaritajiet identifikati u rrappurtati mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-iskedi informattivi tal-pajjiżi li jinsabu fir-"Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-Ġlieda kontra l-frodi" tal-2022 (Rapport PIF) ġew aġġornati biex jinkludu ħarsa ġenerali lejn l-awtoritajiet kollha li jittrattaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fil-qasam tal-FSIE li huma esterni għas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħha. Dawn il-"prodotti" l-ġodda jirrappreżentaw il-profili tal-pajjiżi. Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni 3c hija implimentata bis-sħiħ.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4a, il-paragrafu 89: L-OLAF jibqa' jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar. Il-31 u t-32 Rapport PIF kien fihom rakkomandazzjonijiet u analiżijiet speċifiċi f'dan ir-rigward. L-OLAF qed jindirizza kwistjonijiet speċifiċi dwar ir-rappurtar (inkluż dwar il-frodi suspettata) fuq bażijiet bilaterali u se jniedi rieżami mmirat f'kooperazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri tal-"Manwal dwar ir-rappurtar tal-irregolaritajiet" fl-aħħar kwart tal-2023. Fir-rigward tar-rappurtar ta' suspetti ta' frodi, hemm problema sistemika marbuta mal-komunikazzjoni bejn is-servizzi ta' prosekuzzjoni u l-awtoritajiet ta' rappurtar fl-Istati Membri. Kif previst mir-Regolament (UE) Nru 2021/1060 (l-Anness XII, il-paragrafu 1.5) dwar l-obbligi ta' rappurtar, "fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipprevedu l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, tista' tiġi rrappurtata biss informazzjoni soġġetta għall-awtorizzazzjoni tat-tribunal, il-qorti jew korp ieħor kompetenti skont ir-regoli nazzjonali".

Minkejja dawn il-kwistjonijiet, meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ir-rata ta' identifikazzjoni tal-frodi rrappurtata fl-aħħar Rapport PIF fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni żdiedet, anke jekk din hija prinċipalment dovuta għal għadd limitat ta' Stati Membri.

Il-Kummissjoni qed tindirizza wkoll kwistjonijiet dwar il-kompletezza u l-kwalità tar-rappurtar fil-qafas taċ-ċiklu tal-2023 tal-laqgħat ta' koordinazzjoni annwali. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) ġiet żviluppata bis-sħiħ għar-rappurtar tal-irregolaritajiet marbuta mal-perjodu 2021-2027 u ma teħtieġ l-ebda adattament ulterjuri f'dan ir-rigward. Madankollu, huma previsti żviluppi ulterjuri biex tinżamm il-prestazzjoni tas-sistema u biex tittejjeb l-esperjenza tal-utenti. Dawn l-iżviluppi ma għandhom l-ebda impatt dirett fuq ir-rispett tal-obbligu ta' rappurtar mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4b, il-paragrafu 89: Il-Kummissjoni inkoraġġiet ripetutament lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jivvalutaw b'mod sistematiku l-implikazzjoni orizzontali ta' frodi suspettata identifikata fil-livell tal-programm, kif previst fit-taqsima 4.4 tan-nota ta' gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi.

Il-Kummissjoni infurmat b'dan ir-rekwiżit lill-Awtoritajiet tal-Awditjar kollha matul il-Trilogu Tekniku fl-2019 u lid-delegazzjonijiet kollha tal-Istati Membri matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (EGESIF) tal-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet punt dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi għall-aġenda standard tal-Laqgħat Annwali ta' Koordinazzjoni kollha mal-Awtoritajiet tal-Awditjar li seħħew fl-2022. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirreferi wkoll għal spjegazzjonijiet reċenti pprovduti lill-awtoritajiet tal-programm dwar kif għandhom jiġu implimentati verifiki tal-ġestjoni bbażati fuq ir-riskju fil-perjodu 2021 – 2027. Fir-rieżami tagħhom tal-valutazzjoni tar-riskju, l-awtoritajiet maniġerjali huma sistematikament mistiedna jirriflettu dwar ir-riskji identifikati u jqisuhom fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom u għall-finijiet tal-verifiki ta' ġestjoni tagħhom. Dan jippreżenta bidla sinifikanti fir-rigward tal-approċċ kurrenti ta' kontrolli sistematiċi li min-natura tagħhom ma jiffokawx fuq xi riskju speċifiku identifikat. B'dawn l-azzjonijiet kollha, il-Kummissjoni tqis li implimentat bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni 4b.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5, il-paragrafu 91: Il-Kummissjoni inkoraġġiet lis-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi biex jespandu r-rwol tagħhom ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet maniġerjali u biex jaħdmu flimkien mal-korpi nazzjonali kollha involuti fl-awditjar, fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' frodi suspettata. Bħala riżultat, il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Kjarifika ulterjuri dwar il-funzjonijiet tas-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi tmur lil hinn mir-rakkomandazzjoni oriġinali u għalhekk tmur lil hinn mill-impenn tal-Kummissjoni li timplimentaha.

Rapport Speċjali 07/2019: Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3, il-paragrafu 72: Għadd ta' riżultati tanġibbli huma mistennija sa tmiem l-2023 u dawn se jikkontribwixxu għall-proċess ta' konsultazzjoni u ta' riflessjoni li jista' jinbeda sa tmiem l-2023, li jissodisfa d-data ta' implimentazzjoni fil-mira.

Rapport Speċjali 08/2019: Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku: jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5a, il-paragrafu 87: Il-Kummissjoni ħadet azzjoni fil-kuntest usa' tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, fir-rigward tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li ħadet l-azzjoni li kienet impenjat ruħha li tieħu u għalhekk tqis ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata sal-punt ta' dak li ġie aċċettat.

Il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura ssir fil-livell nazzjonali permezz tal-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura u fil-livell tal-UE, b'mod ċentralizzat, fil-mument tat-TYNDP għall-Istati Membri kollha. Din il-ħidma tirfed ukoll il-valutazzjonijiet użati skont ir-Regolament dwar il-Governanza (NECPs) u l-proċess tas-Semestru Ewropew fejn l-interazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jippermettu wkoll li jiġu indikati kwistjonijiet speċifiċi fir-rigward tat-tisħiħ tal-grilja. Il-Kummissjoni tinnota li, minħabba l-ħtieġa li tintuża b'mod massiv l-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw din il-kwistjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament TEN-E rivedut issa jinkludi speċifikament l-Artikolu 13 dwar l-analiżi tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5b, il-paragrafu 87: Il-Kummissjoni ħadet azzjoni fil-kuntest usa' tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni tinteraġixxi mal-Istati Membri u tagħti pariri permezz tal-Gruppi ta' livell għoli u l-gruppi Reġjonali tan-Networks Trans-Ewropej tal-Enerġija (TEN-E). Dan minbarra l-proċess tas-Semestru Ewropew u l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs). Il-Kummissjoni intensifikat il-kuntatti u l-appoġġ għall-Istati Membri b'insegwiment tal-Pjan RepowerEU u stabbiliet il-pjattaforma għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli mill-għoti ta' permessi.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5c, il-paragrafu 87: Il-Kummissjoni enfasizzat lill-Istati Membri d-diversi opzjonijiet għall-finanzjament għall-grilja u għall-interkonnetturi f'diversi każijiet. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, huwa ppjanat li l-Istati Membri se jinvestu ammont ta' EUR 4,3 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)/ Fond ta' Koeżjoni (FK) f'sistemi tal-enerġija intelliġenti u fi ħżin relatat, li jinkludi grilji u interkonnetturi tal-enerġija. Din hija żieda sostanzjali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li fih ġew investiti EUR 1,9 biljun fi grilji tal-enerġija u fi ħżin. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, għalkemm b'azzjoni ta' segwitu mdewma.

Rapport Speċjali 09/2019: Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - Sa issa riżultati limitati

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(ii) u 2(iii), il-paragrafu 101: Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ġiet stabbilita bħala "sal-aħħar tal-2020" mill-QEA qabel il-pandemija; il-kriżi tas-saħħa affettwat b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, minkejja l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex timplimenta l-azzjonijiet kollha relatati mar-rakkomandazzjonijiet aċċettati.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4(i) u (iii), il-paragrafu 103: Il-Kummissjoni inizjalment ma kinitx aċċettat ir-rakkomandazzjoni u għalhekk ma tatx segwitu għal din ir-rakkomandazzjoni.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4(ii), il-paragrafu 103: Il-Kummissjoni ma aċċettatx din ir-rakkomandazzjoni, peress li qieset li l-fondi kienu ġew żborżati abbażi ta' evidenza affidabbli li l-miri kienu ntlaħqu, skont il-prattika standard. Matul l-awditu, ma kienx hemm qbil li għandu jsir aġġornament tal-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju. Il-Kummissjoni żżid tgħid li saru aġġornamenti fil-mudelli għad-dokumenti ta' azzjoni u l-appendiċi għall-appoġġ baġitarju, li

jirriflettu xi kummenti metodoloġiċi (jiġifieri attenzjoni akbar għall-kredibbiltà tas-sorsi ta' verifika). Filwaqt li tibni fuq il-materjal ta' taħriġ u ta' gwida aġġornat fl-2021, il-Kummissjoni tirrieżamina l-evidenza sottostanti li tappoġġa d-*data* dwar il-prestazzjoni pprovduta mill-pajjiżi sħab u tiżgura li, meta meħtieġ, jitwettqu kontrolli addizzjonali.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5(i), il-paragrafu 104: Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata parzjalment mill-Kummissjoni. Minħabba l-kriżi eċċezzjonali tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq il-moviment imposti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, il-Kummissjoni qieset bir-reqqa r-rilevanza taż-żjarat fuq il-post, abbażi ta' kundizzjonijiet li (ta' spiss) ivarjaw. B'riżultat ta' dan, iż-żjarat fuq il-post saru biss meta kien possibbli. Il-Kummissjoni tqis il-parti miftiehma tar-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 6, il-paragrafu 106: Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni parzjalment. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex issegwi approċċ strateġiku dwar il-komunikazzjoni, b'enfasi fuq xi setturi speċifiċi kif imsemmi hawn fuq. Il-Kummissjoni tqis il-parti miftiehma tar-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ.

Rapport Speċjali 10/2019: Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha: inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5, il-paragrafu 113: Fit-tweġiba oriġinali tagħha għar-Rapport Speċjali Nru 10/2019, il-Kummissjoni impenjat ruħha li terġa' tirrieżamina l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u li tiddetermina jekk ikunx iġġustifikat titjib ulterjuri fil-governanza tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), abbażi tal-eżitu ta' dak ir-rieżami. Fl-2022, il-Kummissjoni rrieżaminat l-operat tal-ASE (COM (2022)228 final) iżda kkonkludiet li ma kienx għadda biżżejjed żmien minn meta l-aħħar bidliet bdew japplikaw fil-prattika biex jiġi ddeterminat jekk kinux iġġustifikati emendi ulterjuri. Ir-rispons għall-konsultazzjoni wera b'mod ċar li l-partijiet ikkonċernati ma appoġġawx b'mod ġenerali bidliet leġiżlattivi ulterjuri. Għalhekk, wara r-rieżami tal-2022 tar-regolamenti ta' twaqqif tal-ASE, il-Kummissjoni żammet lura milli tipproponi bidliet ulterjuri.

Il-Kummissjoni temmen li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira tal-aspetti u ċertament sa fejn il-Kummissjoni impenjat ruħha oriġinarjament. Barra minn hekk, it-testijiet tal-istress suċċessivi mwettqa mill-EBA ġew ikkaratterizzati minn livelli ogħla ta' severità tal-parametri tal-ittestjar u b'hekk minn żieda fil-kredibbiltà tal-eżitu tal-ittestjar.

L-istruttura ta' governanza se tkompli tkun fl-ambitu ta' kwalunkwe rieżami futur tal-operat tal-ASE. Abbażi tal-eżitu ta' dawn ir-rieżamijiet futuri, il-Kummissjoni se tiddetermina jekk ikunx iġġustifikat titjib ulterjuri fil-governanza tal-EBA.

Rapport Speċjali 13/2019: L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati: hemm lok għal titjib

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(3), il-paragrafu 89: Fit-8 ta' Ġunju 2023[2], il-Kummissjoni għamlet proposta għal ftehim bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi kollha elenkati fl-Artikolu 13 tat-TUE li għandu l-għan li jistabbilixxi Korp interistituzzjonali tal-Etika tal-UE li għandu jiżviluppa standards komuni, fost l-oħrajn, għal dikjarazzjonijiet ta' interessi u assi minn membri tal-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi kollha (ara l-Artikolu 7(2) u (3) tal-ftehim propost).

[2] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_3106

Għalhekk, il-Kummissjoni offriet formalment lill-istituzzjonijiet l-oħra biex jaħdmu flimkien fuq dan is-suġġett. Il-passi li jmiss issa huma f'idejn l-istituzzjonijiet l-oħra (inkluża l-Qorti tal-Awdituri) biex jaċċettaw li jibdew negozjati bħal dawn u mbagħad biex jilħqu ftehim dwar il-proposta.

Għalhekk, il-Kummissjoni implimentat ir-rakkomandazzjoni billi għamlet proposta formali lill-istituzzjonijiet kollha biex jistabbilixxu korp li jiżviluppa standards komuni għal tali dikjarazzjonijiet kif ukoll għall-proċeduri biex jiġu vverifikati dawn id-dikjarazzjonijiet. **Rapport Speċjali 16/2019: Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb**

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(b), il-paragrafu 60: Il-ħidma preparatorja għall-proposta tal-Kummissjoni (COM/2022/329 final) seħħet bejn Jannar 2020 u Marzu 2022. L-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), li mexxa din l-inizjattiva tal-Kummissjoni, ikkonsulta lid-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ta' *data* dwar il-politika matul il-proċess ta' tħejjija u f'diversi livelli, inklużi: id-diskussjonijiet strateġiċi annwali fil-livell ta' maniġment superjuri ("Seduti ta' Smigħ") bejn il-Eurostat, id-DĠ Ambjent u d-DĠ Azzjoni Klimatika li seħħew fl-2020 u fl-2021; konsultazzjonijiet bilaterali fil-livell tekniku; il-parteċipazzjoni tad-DĠ fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Eurostat mal-Istati Membri fl-2020 u fl-2021; u l-konsultazzjoni formali bejn is-servizzi tal-Kummissjoni f'Marzu 2022.

Rapport Speċjali 17/2019: Interventi tal-UE mmaniġġjati b'mod ċentrali għall-kapital ta' riskju: jeħtieġ li jkun hemm orjentament akbar

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1(a), il-paragrafu 113: Il-Kummissjoni tqis l-elementi kollha li l-Kummissjoni aċċettat bħala implimentati bis-sħiħ. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għal i) il-proposta leġiżlattiva rilevanti (COM(2020) 403 final), inkluża l-valutazzjoni tal-impatt assoċjata, li tiddeskrivi l-lakuni fil-finanzjament f'diversi setturi fil-mira ta' InvestEU, u xi kultant anke f'sottosetturi, imqassma skont l-istrument, ii) l-informazzjoni pprovduta regolarment mill-BEI u mill-FEI kif ukoll id-*data* miġbura internament u l-istħarriġiet, u iii) l-implikazzjonijiet tal-provvista ta' analiżijiet estensivi tas-suq fit-tabelli ta' valutazzjoni fil-livell ta' kull proġett. Il-valutazzjoni tal-impatt titwettaq *ex ante* mill-Kummissjoni qabel ma tadotta proposta leġiżlattiva, ħlief f'każijiet ta' urġenza, mhux *ex post*.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(a), il-paragrafu 116: Il-Kummissjoni tqis l-elementi kollha li l-Kummissjoni aċċettat bħala implimentati bis-sħiħ. Is-segwitu mill-QEA ffoka biss fuq InvestEU, filwaqt li l-Kummissjoni ħadet diversi passi biex tappoġġa swieq ta' kapital ta' riskju inqas żviluppati anke taħt inizjattivi u politiki oħra, eżattament kif deskritt fit-tweġiba oriġinali tagħha għar-rakkomandazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-QEA ġiet mistiedna tqis il-miżuri leġiżlattivi u finanzjarji rilevanti kollha (inkluż fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-politika ta' koeżjoni) li jappoġġaw swieq ta' kapital ta' riskju inqas żviluppati, anke barra mill-programm InvestEU.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(b), il-paragrafu 116: Il-Kummissjoni tqis l-elementi kollha li l-Kummissjoni aċċettat bħala implimentati bis-sħiħ. Wieħed mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ huwa l-ammont ta' finanzjament privat mobilizzat mill-Fond InvestEU. F'dak ir-rigward, kien hemm bidla pożittiva peress li l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi, li pparteċipaw mill-kapital tagħhom stess f'ċikli ta' finanzjament, ma tistax tibqa' titqies bħala investiment privat. Barra minn hekk, il-ftehimiet ta' garanzija konklużi biex jiġi implimentat il-Fond InvestEU fihom dispożizzjonijiet dwar l-effett multiplikatur u ta' ingranaġġ kif ukoll dwar il-finanzjament privat immobilizzat biex jiġu mmonitorjati r-riżultati miksuba.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(c), il-paragrafu 116: Il-Kummissjoni tqis li implimentat din ir-rakkomandazzjoni. Il-Ftehimiet ta' Garanzija ta' InvestEU fihom dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ sekondarju ta' investimenti ta' fondi ta' ekwità.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(d), il-paragrafu 116: Il-Kummissjoni tqis li implimentat din ir-rakkomandazzjoni. Għall-kuntrarju tal-konklużjoni tal-QEA, il-Kummissjoni tindika li l-Azzjoni Ewropea ta' Espansjoni għall-mekkaniżmu tal-Kapital ta' Riskju (ESCALAR) fil-fatt tipprevedi l-kondiviżjoni asimmetrika tar-riskji, peress li meta l-fond jaħdem tajjeb, l-ishma tal-ESCALAR jiġu remunerati b'dik li tissejjaħ ir-rata hurdle u l-profitti żejda huma għall-benefiċċju tal-investituri privati. Għalhekk, f'dan il-każ, il-profitti ta' dawn tal-aħħar ma jkunux proporzjonati għar-riskju tagħhom.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3(b), il-paragrafu 121: Il-Kummissjoni tqis li implimentat din ir-rakkomandazzjoni. Kif iddikjarat fir-rispons tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni impenjat ruħha mal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) li ppreżenta l-politika tiegħu ta' allokazzjoni ta' ftehimiet, u għalhekk ir-rakkomandazzjoni kienet diġà implimentata fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-QEA. Speċifikament fl-ambitu ta' InvestEU, il-FEI huwa meħtieġ fl-ambitu tal-Ftehim ta' Garanzija li japplika l-politika ta' allokazzjoni tal-FEI għall-operazzjonijiet ta' InvestEU.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3(c), il-paragrafu 121: Il-Kummissjoni tqis li implimentat din ir-rakkomandazzjoni. Is-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess ippubblikata mill-FEI rigward il-Prodott ta' Ekwità InvestEU tirreferi għall-identifikazzjoni ta' rotot ta' ħruġ xierqa u li jistgħu jinkisbu għal investimenti mmirati bħala entrata li għandha titqies fil-valutazzjoni kummerċjali mill-FEI tal-applikazzjoni tal-intermedjarji. Fil-mument tal-investiment, ir-rotot ta' ħruġ ma jistgħux u ma għandhomx ikunu ddeterminati minn qabel. Għandhom jiġu vvalutati rotot ta' ħruġ potenzjali, iżda l-eżitu ma għandux jiġi stabbilit, peress li jiddependi mir-redditu tal-investiment, it-tkabbir tan-negozju u l-kundizzjonijiet tas-suq fiż-żmien tal-ħruġ.

Rapport Speċjali 19/2019 L-INEA: il-benefiċċji twasslu iżda n-nuqqasijiet tal-FNE għad iridu jiġu indirizzati

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(b), il-paragrafu 84: Il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni ċara bejn il-KPIs relatati mal-prestazzjoni tal-Aġenzija (stabbiliti wara diskussjoni fost l-aġenzija, id-DĠ prinċipali tagħha), u r-riżultati tal-programm ta' kejl tal-KPIs. Dawn tal-aħħar jinkludu indikaturi bħall-implimentazzjoni u l-assorbiment tal-fondi u ma għandhomx jintużaw bħala KPIs tal-aġenzija minħabba li diġà huma rrappurtati fid-Dikjarazzjonijiet tal-Programm, fl-evalwazzjoni tal-programmi delegati tal-UE u xi drabi fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-DĠ prinċipali.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5(a), il-paragrafu 89: Il-Parti I tal-Anness tar-Regolament tiddefinixxi qafas ta' prestazzjoni għall-monitoraġġ mill-qrib tal-programm u għall-kejl b'mod partikolari tal-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm. Barra minn hekk, bħalissa qed tiġi żviluppata loġika ta' intervent settorjali, sabiex jissaħħaħ dan il-qafas.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5(b), il-paragrafu 89: Il-proġetti infrastrutturali tan-Network Trans-Ewropew spiss ikunu Proġetti Globali li minnhom ċerti elementi biss huma appoġġati mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE); partijiet oħra qed jiġu ffinanzjati b'mezzi oħra. L-indikaturi tar-riżultati ta' proġetti bħal dawn (bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2, l-iffrankar tal-ħin tal-ivvjaġġar) jistgħu jitkejlu biss fuq terminu ta' żmien twil, wara t-tlestija tal-proġett. Il-Kummissjoni tipprevedi li tiġbor dawn ir-riżultati permezz ta' valutazzjonijiet *ex post* iddedikati.

Rapport Speċjali 21/2019: L-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi: progress fis-settur tal-annimali, iżda din it-theddida għas-saħħa tibqa' sfida għall-UE

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3(a), il-paragrafu 75: Il-Kummissjoni wettqet każ ta' studju relatat mar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi fit-tielet kwart tal-2022. Il-każ ta' studju jipprovdi elementi u linji li għandhom jittieħdu biex wieħed jibqa' jaħdem f'dan il-qasam.

Rapport Speċjali 22/2019: Ir-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali: jeħtieġ li jissaħħu aktar u l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2, il-paragrafu 101: Sadanittant, il-Kummissjoni ressqet proposti leġiżlattivi għar-riforma tal-governanza ekonomika (fis-26 ta' April 2023). L-emendi proposti għad-Direttiva jiffurmaw pakkett b'Regolament ġdid propost dwar il-parti preventiva u l-emendi proposti għar-Regolament dwar il-parti korrettiva li flimkien isaħħu b'mod sinifikanti l-IFIs (inkluż rigward is-sejbiet tal-QEA fil-paragrafu 36 sa fejn dan jista' jiġi rregolat f'Direttiva) u l-ibbaġitjar fuq terminu medju ta' żmien fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura obbligatorja, il-monitoraġġ u l-aġġornamenti possibbli. B'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni l-ġdida proposta ssaħħaħ l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti permezz tal-Artikolu 22 dwar il-parti preventiva, l-Artikoli 2, 3 u 10 dwar il-parti korrettiva, u l-Artikolu 8 il-ġdid tad-Direttiva u l-orjentazzjoni fuq terminu medju ta' żmien prinċipalment permezz tal-Artikoli 9 sa 12 tar-Regolament dwar il-parti preventiva u l-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva emendata. Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4(d), il-paragrafu 105: Il-Kummissjoni ħejjiet nota dwar il-kontrolli tal-implimentazzjoni għall-oqfsa baġitarji fuq terminu medju ta' żmien li saret fl-2022. Xi wħud mis-sejbiet se jiġu ppubblikati wkoll f'dokument ta' diskussjoni tal-ECFIN. Għall-2023, bdew il-kontrolli tal-implimentazzjoni fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs).

Rapport Speċjali 23/2019: Stabbilizzazzjoni tal introjtu tal bdiewa: sett komprensiv ta' għodod, iżda l istrumenti ftit li xejn jintużaw u jeħtieġ li jiġi indirizzat il kumpens eċċessiv

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 2(b), il-paragrafu 88: Il-Kummissjoni tqis li implimentat bis-sħiħ il-parti tar-rakkomandazzjoni li aċċettat. Il-Kummissjoni ma aċċettatx il-parti tar-rakkomandazzjoni biex tinġabar informazzjoni dwar l-indikaturi speċifiċi bħall-erja u l-kapital assigurati. Minħabba riżervi qawwija mill-Istati Membri dwar il-piż amministrattiv potenzjali assoċjat tiegħu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475 huwa limitat għal varjabbli li huma strettament relatati mal-ġestjoni tal-pagamenti tal-PAK. L-evalwazzjonijiet jistgħu jippermettu l-għoti ta' aktar informazzjoni dwar l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju implimentati mill-Istati Membri.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3(a), il-paragrafu 90: Il-Kummissjoni tqis li implimentat bis-sħiħ il-parti tar-rakkomandazzjoni li aċċettat. Il-Kummissjoni ma aċċettatx il-parti tar-rakkomandazzjoni biex jiġu ddefiniti parametri kummerċjali u ekonomiċi oġġettivi *ex ante* u kriterji li jiskattaw miżuri eċċezzjonali peress li dan imur kontra l-essenza tal-miżura billi jfixkel l-għan tagħha: l-indirizzar tar-riskji katastrofiċi, normalment f'daqqa u mhux prevedibbli.

Tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4(b), il-paragrafu 91: Il-Kummissjoni tqis li implimentat din ir-rakkomandazzjoni bis-sħiħ. Fir-rigward tal-użu ta' miżuri eċċezzjonali u meta jitqies li l-awditu ffoka fuq dawk fis-settur tal-frott u l-ħxejjex wara l-"projbizzjoni Russa", il-Kummissjoni wettqet l-azzjonijiet ta' segwitu tagħha f'dan il-qafas. L-ewwel nett, hija wettqet valutazzjoni tal-prattikalitajiet tal-istabbiliment tar-rati tal-għajnuna taħt il-100 % u tal-ħtieġa ta' kofinanzjament sinifikanti meta l-Istati Membri jkollhom rwol kbir fid-definizzjoni ta' elementi ewlenin tal-iskemi ta' appoġġ. Il-valutazzjoni wriet li l-Kummissjoni ma ngħatatx is-setgħa mill-koleġiżlaturi li tiddevja mill-appoġġ ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli għad-distribuzzjoni bla ħlas fis-settur tal-frott u l-ħxejjex peress li dan il-kriterju huwa stabbilit fir-Regolamenti (UE) 1308/2013 u (UE) 2021/2115 (filwaqt li l-appoġġ ġenerali huwa limitat għal 5 % tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-organizzazzjoni tal-produtturi). Il-Kummissjoni lanqas ma ngħatat is-setgħa li tistabbilixxi kwalunkwe rata ta' kofinanzjament tal-Istati Membri għal dawn il-programmi settorjali li għalihom l-appoġġ pubbliku huwa 100 % iffinanzjat mill-UE. Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni emendat il-leġiżlazzjoni sekondarja fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' kumpens żejjed, il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti (UE) 2020/743, (UE) 2022/1863 u (UE) 2022/2513 fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) għall-iskema ta' għajnuna għall-frott u l-ħxejjex kif ukoll ir-Regolamenti (UE) 2022/126 u

(UE) 2023/330 fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-interventi settorjali tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Barra minn hekk, skont ir-Regolament (UE) 2021/2115, dan l-approċċ japplika għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u għal setturi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 42(f) ta' dak ir-Regolament peress li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti ta' dawn is-setturi jimplimentaw programmi operazzjonali approvati bħal fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

TWEĠIBIET TAL-**AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA** GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI ANNESS 3.3: Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport Speċjali tal-2019 – Entitajiet awditjati oħra

Rakkomandazzjoni 1(1)

L-EBA tixtieq iżżid li hija twettaq sejħiet għal proposti ta' assigurazzjoni tal-kwalità u tiġbor feedback dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità f'żewġ ċikli separati. L-Awtorità tirrapporta lill-Bord tas-Superviżuri tagħha dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

Rakkomandazzjoni 2

L-EBA tixtieq tindika li xi elementi minn fuq għal isfel diġà ġew introdotti fit-test tal-istress tal-2023 fl-UE kollha, pereżempju, il-projezzjonijiet tal-introjtu nett tat-tariffi u l-kummissjonijiet issa jsiru b'mod minn fuq għal isfel.

Rakkomandazzjoni 3

Hija l-fehma tal-Awtorità li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata "fil-biċċa l-kbira mill-aspetti" b'kont meħud taż-żieda fil-kopertura tal-banek minn 50 għal 70 (minn 70 % għal 75 % f'termini ta' assi bankarji tal-UE). Nixtiequ nżidu li tali żieda b' 5 punti perċentwali tal-kopertura tal-assi bankarji meħtieġa biex jiżdied il-kampjun b'40 %, tirrappreżenta piż addizzjonali sostanzjali għall-partijiet ikkonċernati kollha u jistħoqqilha kunsiderazzjoni xierqa minn perspettiva ta' proporzjonalità. Il-kriterji għall-inklużjoni tal-banek fil-kampjun huma bbażati fuq kriterji oġġettivi u jinkludu l-pajjiżi li l-QEA tqis bħala vulnerabbli.

Rakkomandazzjoni 6 (1)

Hija l-fehma tal-Awtorità li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata "fil-biċċa l-kbira mill-aspetti". L-EBA inkludiet ir-rekwiżiti kapitali minimi speċifiċi għall-banek fl-informazzjoni li tippubblika u tippreżenta r-riżultati b'mod li jippermetti lill-utenti jqegħduhom f'perspettiva (eż., permezz ta' raggruppament tar-riżultati skont il-pajjiż, indirettament abbażi tal-livell ta' stress li l-banek kienu esposti għalih, u skont it-tip u d-daqs tal-bank).

Rakkomandazzjoni 6 (2)

Hija l-fehma tal-Awtorità li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata "fil-biċċa l-kbira mill-aspetti". L-EBA għamlet dikjarazzjonijiet dwar ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja tal-UE fl-intier tagħha meta mqabbla mat-test tal-istress preċedenti u tindika liema huma l-fatturi ewlenin li għandhom impatt fuq ir-reżiljenza kif mitlub mir-Rakkomandazzjoni.

TWEĠIBIET TAL-FRONTEX GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 3: KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

Anness 3.3. L-Aġenzija tixtieq ġentilment tindika li r-Rakkomandazzjoni 6a) tar-Rapport Speċjali 24/2019, fir-rigward tal-partijiet li għalihom il-Frontex kienet responsabbli, ġiet implimentata b'mod sħiħ u f'waqtu mill-Frontex.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
KAPITOLU 4: DĦUL

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tqis li d-dħul għadu **ħieles minn żbalji materjali** u li s-**sistemi relatati mad-dħul** li eżaminat kienu **ġeneralment effettivi**. Il-Kummissjoni se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA.

Fir-rigward tar-**riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT),** il-Kummissjoni se tinkludi r-rakkomandazzjonijiet fir-reviżjoni li għaddejja tagħha tal-proċeduri amministrattivi applikabbli għax-xogħol ta' spezzjoni għal din ir-riżorsa proprja partikolari. Ir-reviżjoni hija meħtieġa wkoll peress li l-qafas legali għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT inbidel għal simplifikazzjoni sinifikanti mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem. Il-Kummissjoni biħsiebha tlesti din il-ħidma sa nofs l-2024.

Fir-rigward tar-**Riżorsi Proprji Tradizzjonali** (RPT), il-Kummissjoni se tkompli l-monitoraġġ tal-punti miftuħa tar-RPT u r-rivalutazzjoni ta' każijiet ta' tħassir mhux soġġetti għal skadenza legali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tikkalkula mill-ġdid it-telf tar-RPT attribwibbli lill-Istati Membri kollha f'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) C-213/19 kontra r-Renju Unit.

Fir-rigward tad-**data dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross** (**GNI**) użata għall-finijiet tar-riżorsi proprji, il-Kummissjoni tilqa' r-rapport speċjali reċenti tal-QEA (Nru 25/2022) li kopra ċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2016-2019 u li l-QEA tirreferi għalih fir-rapport annwali, u l-konklużjonijiet li l-proċess ta' verifika tal-ING kien b'mod ġenerali effettiv. L-Eurostat ħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, inklużi aktar prijoritizzazzjoni u dokumentazzjoni tal-verifiki tiegħu, bil-ħsieb li jimplimentahom sal-2025, fil-bidu taċ-ċiklu ta' verifika wara ċ-ċiklu tal-2020-2024.

Il-Kummissjoni tagħti wkoll importanza kbira lill-monitoraġġ mill-qrib tal-puntwalità tal-preżentazzjoni, mill-Istati Membri, tal-ħidma fuq ir-riżervi tal-ING. Il-Kummissjoni stabbiliet sistema ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti legali. L-indirizzar u l-verifika tar-riżervi tal-ING huwa proċess kumpless u li jieħu ħafna ħin, li jinvolvi skambji intensivi ta' informazzjoni, li f'xi każijiet jista' jaqbeż l-objettiv intern tat-tneħħija tar-riżervi fi żmien sena.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Analiżi tal-elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

Il-kontabbiltà u l-ġestjoni tar-RPT mill-Istati Membri

Tweġiba għal Kaxxa 4.1

Ommissjoni ta' ammonti sinifikanti mir-rapporti dwar ir-RPT Belġjani rigward id-dazji miġbura, minħabba żball li nqabad tard

Il-Kummissjoni se ssegwi d-dgħufijiet identifikati mill-QEA fis-sistema tal-IT tal-awtoritajiet doganali Belġjani u l-kontrolli interni tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni "globalizzati", li kienu relatati mal-każ speċifiku identifikat mill-awtoritajiet Belġjani nfushom. L-ewwel ittra tal-Kummissjoni ntbagħtet lill-awtoritajiet Belġjani fis-17 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni fil-qafas tal-ispezzjonijiet futuri tar-RPT fil-Belġju.

Tweġiba għal Kaxxa 4.2

Dewmien amministrattiv fl-istabbiliment, fin-notifika u fl-irkupru tad-djun doganali wara t-twettiq ta' kontrolli ta' wara r-rilaxx fil-Polonja

Il-Kummissjoni se ssegwi s-sejbiet tal-QEA ta' dewmien amministrattiv fl-istabbiliment, fin-notifika u fl-irkupru tad-djun doganali wara t-twettiq ta' kontrolli ta' wara r-rilaxx fil-Polonja għal każijiet speċifiċi, u dwar il-proċess relatat ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni fil-qafas tal-ispezzjonijiet futuri tar-RPT fil-Polonja.

Fir-rigward tal-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT fin-Netherlands (§4.13), il-Kummissjoni se ssegwi s-sejbiet tal-QEA. B'mod partikolari, f'Ġunju 2023 se ssir spezzjoni ddedikata tar-RPT fin-Netherlands biex tiġi analizzata s-sistema l-ġdida tal-IT li għandha l-għan li tiżgura kompilazzjoni awtomatizzata tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT.

Każijiet ta' tħassir tad-dejn doganali

Fir-rigward tal-każijiet ta' tħassir tad-dejn doganali (§4.15), il-każijiet pendenti ta' tħassir mill-Istati Membri li għalihom kienet għadha ma ġietx iffinalizzata r-rivalutazzjoni tal-Kummissjoni fi tmiem l-2022, sal-1 ta' Ġunju 2023, l-għadd ta' 59 talba ta' rivalutazzjoni pendenti msemmija mill-QEA, li mhumiex soġġetti għal skadenza legali kien diġà tnaqqas għal 13.

Riżervi tal-VAT u punti miftuħa tar-RPT

Fir-rigward tas-segwitu tal-punti miftuħa tar-RPT (§4.18), il-Kummissjoni tifhem il-pożizzjoni tal-QEA dwar il-prijoritizzazzjoni tal-punti miftuħa tar-RPT skont is-sinifikat tagħhom. Madankollu fl-2019, il-Kummissjoni kienet diġà infurmat lill-QEA li fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, l-ammonti korretti inkwistjoni ma jistgħux jiġu ddeterminati immedjatament sakemm tingħata informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri. Minkejja dan, il-Kummissjoni ttenni l-impenn tagħha li kwalunkwe sejba - irrispettivament min-natura kwalitattiva u kwantitattiva tagħha - se tiġi segwita fil-ħin.

Riżervi tal-VAT relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT

Fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur (§4.19 u §4.20), il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lit-trattament f'waqtu tagħhom, inklużi dawk relatati mal-applikazzjoni skorretta tad-Direttiva tal-VAT. Il-Kummissjoni għandha sett ċar ta' regoli fis-seħħ għall-ġestjoni tal-proċeduri kollha ta' ksur. Dawn jinkludu parametri referenzjarji interni biex jitkejjel iż-żmien li jittieħed biex jiġu ttrattati l-proċeduri ta' ksur, li għandhom l-għan li jiżguraw trattament effiċjenti u f'waqtu. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tieħu azzjoni f'waqtha biex tiżgura l-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva tal-VAT.

Fir-rigward tal-każ speċifiku msemmi mill-QEA f' §4.19, ta' min jinnota li l-Istat Membru issa ta spjegazzjonijiet dwar il-metodoloġija, is-sorsi, u l-kalkoli ta' kumpens, u wieġeb ukoll għall-mistoqsijiet pendenti li tqajmu fl-ispezzjoni preċedenti. Il-pajjiż ippreżenta kalkoli għas-snin 2009-2021 bl-użu tal-istess metodoloġija. L-awtoritajiet nazzjonali taw evidenza ta' sostenn li turi li ma kien hemm l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT matul il-perjodu inkwistjoni. Ir-riżerva pendenti tneħħiet fl-aħħar rapport ta' spezzjoni.

Rigward §4.20, il-QEA tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (Staff Working Document, SWD) ippubblikat għall-ewwel darba fl-2016. Il-Kummissjoni ma nediet l-ebda proċedura ta' ksur ibbażata fuq l-informazzjoni fl-SWD. Il-Kummissjoni tistabbilixxi riżerva jekk ikun tnieda ksur jew wara li l-kwistjoni tkun ġiet eżaminata flimkien mal-Istat Membru, u jkun ġie stabbilit nuqqas ta' qbil.

Kompilazzjoni tad-data tal-ING

Fir-rigward tar-rapport speċjali tal-QEA dwar iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2016-2019 (§4.21), il-Kummissjoni tilqa' r-rapport u l-konklużjonijiet li l-proċess ta' verifika tal-ING kien b'mod ġenerali effettiv. L-Eurostat ħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-QEA, inkluži aktar prijoritizzazzjoni u dokumentazzjoni tal-verifiki tiegħu, bil-ħsieb li jimplimentahom sal-2025, fil-bidu taċ-ċiklu ta' verifika wara ċ-ċiklu tal-2020-2024.

Riżervi tal-ING

Fir-rigward tal-monitoraġġ tar-riżervi tal-ING (§4.22 u §4.23), il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-monitoraġġ mill-qrib tal-puntwalità tal-preżentazzjoni, mill-Istati Membri, tal-ħidma dwar ir-riżervi tal-ING. Il-Kummissjoni stabbiliet sistema ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti legali u tinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar is-sitwazzjoni attwali tar-riżervi b'mod trasparenti. Il-Kummissjoni ttenni li hija ssegwi kontinwament il-progress tal-ħidma fuq ir-riżervi tal-ING u tibgħat tfakkiriet u ittri dwar nuqqas ta' konformità fejn meħtieġ. L-indirizzar u l-verifika tar-riżervi tal-ING huwa proċess kumpless li jinvolvi skambji intensivi ta' informazzjoni. Għalhekk, mhux dejjem ikun fattibbli li jintlaħaq l-objettiv intern li jitneħħew ir-riżervi fi żmien sena minn meta tasal l-informazzjoni.

Azzjonijiet tal-Kummissjoni biex titjieb il-ġestjoni tar-riskju tar-RPT u jonqos id-distakk doganali

Fir-rigward tat-tlestija tal-proġetti tal-analiżi tad-data skont il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni (§4.24 u §4.25), il-Kummissjoni tqis li tinsab fit-triq it-tajba li tilħaq l-iskadenza tal-2023 miftiehma mal-QEA fir-Rapport Speċjali 04/2021 dwar il-kontrolli doganali. Barra minn hekk, f'Mejju 2023 il-Kummissjoni pproponiet l-aktar riforma ambizzjuża tal-Unjoni Doganali sa mill-ħolqien tagħha. It-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapaċitajiet tal-analiżi tad-data tal-UE huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tar-riforma u l-proposta legali tindirizza direttament ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA fir-Rapport Speċjali tagħha tal-2021 dwar il-"Kontrolli doganali".

2. Rapporti annwali tal-attività

Rigward il-kalkolu mill-ġdid tat-telf tar-RPT (§4.31), il-Kummissjoni talbet mill-Istati Membri kollha d-*data* meħtieġa biex tikkalkula mill-ġdid it-telf tar-RPT attribwibbli lilhom f'konformità mas-sentenza tal-QĠUE tat-8 ta' Marzu 2022 (C-213/19).

Rigward il-kalkolu għar-Renju Unit, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid it-telf tar-RPT għall-baġit tal-UE, li jammonta għal EUR 1,57 biljun ta' kapital u EUR 1,4 oħra f'imgħax. Fi Frar 2023, ir-Renju Unit ħallas l-ammonti pendenti kollha dovuti f'dan il-każ, u l-Kummissjoni għalqet il-ksur.

III. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Fir-rigward tal-ewwel rakkomandazzjoni fir-Rapport Annwali 2019 tal-QEA, kif indikat ukoll mill-QEA fil-Kaxxa 4.3 tagħha, l-użu sħiħ tad-*data* tas-Surveillance III fil-livell tal-UE għal analiżi tad-*data* aktar immirata u granulari jiddependi fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu s-sett ta' *data* sħiħ tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (Union Customs Code, UCC) bis-sistemi tal-IT nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni, filwaqt li għad hemm dewmien għal ħafna Stati Membri f'dan ir-rigward. Matul l-2022 u l-2023, il-Kummissjoni żviluppat u pprovdiet lill-Istati Membri b'għodod ta' analiżi tal-fluss kummerċjali, u pprovdiet gwida dwar kif għandhom jintużaw. Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni 1b) ġiet implimentata fir-rigward ta' dawn l-għodod analitiċi.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2(a) tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA, il-Kummissjoni ttenni li fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, l-ammonti korretti inkwistjoni ma jistgħux jiġu ddeterminati immedjatament sakemm tingħata informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li ssegwi kwalunkwe sejba - irrispettivament min-natura kwalitattiva u kwantitattiva tagħha - fil-ħin (ara wkoll §4.18). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata b'mod ġenerali. Fir-rigward tat-tielet rakkomandazzjoni fir-Rapport Annwali 2020 tal-QEA, il-Kummissjoni se ssegwi s-sejbiet tal-QEA dwar l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT għan-Netherlands. F'Ġunju 2023 se ssir spezzjoni ddedikata tar-RPT fin-Netherlands biex tiġi analizzata s-sistema l-ġdida tal-IT li għandha l-għan li tiżgura kompilazzjoni awtomatizzata tad-dikjarazzjonijiet tar-RPT. (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għal §4.13 hawn fuq).

Rakkomandazzjoni 4.1 – Ittejjeb il-ġestjoni ta' każijiet relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT

Tirrieżamina l-proċeduri tagħha għall-ġestjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT li jista' jkollhom impatt fuq il-baġit tal-UE billi:

(a) il-monitoraġġ sistematiku tal-puntwalita għad-diversi passi kemm tal-proċedura ta' ksur, kif ukoll ta' azzjonijiet oħra ta' infurzar maħsuba biex isolvu n-nuqqas ta' konformità, u t-teħid ta' azzjoni f'waqtha biex jiġi evitat dewmien eċċessiv;

(b) tivvaluta jekk in-nuqqas ta' konformità li jaffettwa r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT identifikata fi Stat Membru wieħed għandux natura trażversali u għalhekk jistax japplika għal Stati Membri oħra;

(c) tieħu azzjoni f'waqtha, u possibbilment tistabbilixxi riżervi trażversali li jiżguraw il-pagament korrett tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq il-VAT għall-baġit tal-UE.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjonijiet 4.1a), 4.1b) u 4.1c).

4.1a) il-Kummissjoni għandha fis-seħħ qafas intern għall-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-azzjonijiet ta' infurzar tagħha, inklużi proċeduri ta' ksur bl-għan li tiżgura t-trattament f'waqtu tagħhom. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2022 dwar *L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati* (COM (2022) 518 final), il-Kummissjoni ħabbret li għaddej eżerċizzju biex jinġabar rendikont fil-

Kummissjoni u mal-Istati Membri. B'mod partikolari, dan l-eżerċizzju jevalwa jekk il-mod kurrenti ta' ġestjoni tal-ilmenti, tal-proċessi tal-EU Pilot u tal-ksur għadhomx adattati għall-iskop tagħhom. Bħala parti minn din l-analiżi, diġà qiegħed jiġi kkunsidrat titjib varju fl-attivitajiet ta' infurzar.

4.1b) Għaddejja ħidma biex jiġu riveduti l-proċeduri interni li jirregolaw ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

4.1c). Beħsiebha tinkludi dan l-aspett fir-reviżjoni tal-proċeduri interni li jirregolaw ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.

Rakkomandazzjoni 4.2 – Tikkonkludi r-rivalutazzjoni ta' każijiet ta' tħassir tar-RPT li mhumiex soġġetti għal limiti ta' żmien regolatorji

Tikkonkludi, mingħajr dewmien, ir-rivalutazzjoni tat-talbiet li waslu mingħand l-Istati Membri (qabel Mejju 2022 li mhumiex soġġetti għal limiti regolatorji) li jesprimu nuqqas ta' qbil mal-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni ta' każijiet ta' tħassir tar-RPT.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni 4.2 u se tittratta t-talbiet ta' rivalutazzjoni li fadal sa nofs l-2024.

IT-TWEĠIBIET MIN-NETHERLANDS GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI (KAPITOLU 4 – DĦUL)

L-awtomazzjoni tal-amministrazzjoni tat-trasferiment ta' fondi kienet proċess twil, u Diċembru 2022 kien pass importanti għall-kisba tal-kumpilazzjoni awtomatizzata tad-dikjarazzjonijiet tad-dazji miġbura. Dan irrimedja n-nuqqasijiet fis-sistema tal-IT preċedenti. L-awtoritajiet doganali Netherlandiżi komplew itejbu s-sistema tal-IT fl-ewwel ftit xhur tal-2023, u d-dikjarazzjonijiet trimestrali tad-dazji doganali stabbiliti iżda li għadhom ma nġabrux issa huma wkoll kompletament awtomatizzati.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 5: SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-pagamenti skont l-Intestatura 1 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" (QFP1) ikopru diversi programmi bħall-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)**, **Orizzont 2020** u **Orizzont Ewropa**.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-**livell ta' żball** ikkalkulat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) (§5.7), u t-tnaqqis sinifikanti tiegħu meta mqabbel mas-sena l-oħra.

Orizzont Ewropa huwa l-akbar programm ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa, b'baġit ta' EUR 95.5 biljun. Dan il-programm huwa bbażat fuq l-esperjenza miksuba mill-Orizzont 2020.

Orizzont Ewropa juża l-**Mudell tal-Ftehim ta' Għotja (Model Grant Agreement, MGA) standard** għall-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE, jagħmel użu estensiv mill-għażliet ta' kostijiet issimplifikati (il-kost unitarju, ir-rata fissa u somom f'daqqa), juża skemi ta' rimborż tal-kostijiet aktar sempliċi f'oqsma xierqa u jimplimenta sistema ta' awditjar simplifikata.

B'mod partikolari, **l-użu ta' somom f'daqqa** f'Orizzont Ewropa ġie introdott b'kawtela, wara valutazzjonijiet pożittivi mill-Kummissjoni u fi studju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew. Huwa wkoll kompletament konformi mal-objettivi korporattivi tal-Kummissjoni li tissimplifika l-finanzjament tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-għotjiet ta' somma f'daqqa u ttejjeb l-approċċ jekk ikun meħtieġ. Iż-żieda fl-użu tiegħu u l-iżvilupp kontinwu ta' kost unitarju fakultattiv (rata unika ta' kuljum għal kull benefiċjarju), li jissostitwixxu l-kalkoli kollha għall-kostijiet tal-persunal, se jikkontribwixxu biex jitnaqqas ir-riskju tal-iżbalji.

Rigward il-kontrolli u l-awditi *ex post*, il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq l-**Istrateġija ta' Kontroll għal Orizzont Ewropa**. F'dan il-kuntest, l-istrateġija tal-awditjar hija mistennija li titnieda sa tmiem l-2023. Il-mira li l-Kummissjoni stabbiliet għar-rata tal-iżball residwu ta' Orizzont Ewropa hija ta' mhux aktar minn 2 % sa tmiem il-programm qafas. Il-Kummissjoni se tfittex li ssib il-bilanċ it-tajjeb biex tikseb l-assigurazzjoni meħtieġa b'miżuri kosteffettivi li ma jkunux ta' piż żejjed fuq il-benefiċjarji u jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju rigward il-kontrolli *ex post* għal somom f'daqqa.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ta' 2.7 % ikkalkulat mill-QEA (§5.7), li jirrappreżenta tnaqqis ta' 1.7 % meta mqabbel mal-2021. Il-Kummissjoni se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA (ara §5.7 sa §5.22 tar-rapport tal-QEA) kif ippreżentati fit-taqsimiet ta' hawn taħt.

Fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-UE, il-QEA tikkalkula livell stmat tar-rata fuq bażi annwali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed timplimenta strateġija ta' kontroll pluriennali għall-awditjar *ex post* għal kull Programm Qafas individwali. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tieħu stima tar-rata ta' żbalji residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u tal-awditjar kollha matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm.

Fir-rigward tat-tipi ta' żbalji identifikati (§5.8, §5.9), peress li l-programmi qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli, is-simplifikazzjoni tar-regoli applikabbli hija kruċjali biex jiġu evitati l-iżbalji mill-benefiċjarji meta jikkalkulaw il-kostijiet tagħhom għar-rimborż.

Il-Kummissjoni ssimplifikat ir-regoli għal Orizzont Ewropa meta mqabbla mal-predeċessur tiegħu Orizzont 2020 u għadha tagħmel dan. Bħala eżempju, is-sistema tal-kost unitarju għall-kostijiet tal-persunal f'Orizzont Ewropa, li bħalissa qed tiġi żviluppata, għandha potenzjal enormi peress li l-kostijiet tal-persunal jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-baġit ta' għotja medja, u hija bil-bosta l-akbar sors ta' żbalji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tipprovdi appoġġ lill-applikanti ta' Orizzont Ewropa permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni u sessjonijiet ta' ħidma, immirati lejn il-benefiċjarji l-aktar "suxxettibbli għall-iżbalji" bħall-intrapriżi żgħar u medji u l-parteċipanti ġodda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tagħmel użu akbar mill-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa (ara wkoll it-taqsima tat-tweġibiet hawn taħt) li jissimplifika l-imposta amministrattiva tal-benefiċjarji.

Fir-rigward tal-iżball identifikat għall-proġett tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) (§5.10), il-każ kien jikkonċerna irregolarità fi proċedura ta' akkwist u huwa relatat ma' sitwazzjoni fejn qorti nazzjonali kienet iddikjarat proċedura ta' akkwist illegali filwaqt li ma annullatx il-kuntratt. Peress li l-kuntratt baqa' fis-seħħ u peress li x-xogħlijiet effettivament twettqu, il-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-kostijiet eliġibbli u tagħmel il-pagamenti korrispondenti.

Il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri korrettivi li kienet applikat bħala parti mis-sistemi ta' kontroll tagħha wasslu għal nuqqas fil-livell stmat għall-kapitolu (§5.11). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tal-każijiet ta' żbalji kwantifikabbli rrappurtati mill-QEA għal azzjoni ulterjuri.

Fir-rigward ta' każijiet fejn l-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji biex joħorġu ċertifikati dwar rapporti finanzjarji (awdituri tas-CFS) ma qabdux l-iżbalji li nstabu mill-QEA (§5.12), ta' min jinnota li ċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji (CFS), maħruġa mill-awdituri tas-CFS, ikopru l-ammont tal-għotja mitluba mill-parteċipant u jiċċertifikaw *ex-ante* l-eliġibbiltà tat-talbiet dwar il-kostijiet rimborżati mill-Kummissjoni. Biex tkompli ttejjeb il-kwalità u l-affidabbiltà tas-CFSs, il-Kummissjoni torganizza webinars immirati lill-awdituri tas-CFSs biex tqajjem kuxjenza dwar l-aktar żbalji komuni li jinstabu waqt l-awditi (eż. il-kostijiet tal-persunal, is-sottokuntrattar u kostijiet diretti oħra, eċċ.). Minbarra l-mudell intwittiv għaċ-ċertifikati tal-awditjar tal-Orizzont 2020, il-Kummissjoni tipprovdi feedback lill-awdituri tas-CFSs meta jiġu identifikati żbalji fis-CFSs permezz ta' awditi finanzjarji *ex post*. Fl-aħħar nett, is-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka (helpdesk apposta dwar il-programmi ta' Riċerka tal-UE) jipprovdi gwida lill-awdituri tas-CFSs permezz ta' domandi online.

Il-kostijiet tal-persunal

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għalkemm l-Orizzont 2020 kien pass 'il quddiem fis-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli għar-rimborż tal-kostijiet imġarrba, il-kostijiet tal-persunal baqgħu s-sors ewlieni ta' żbalji (§5.13). Din tidher li hija, tal-inqas parzjalment, konsegwenza loġika tal-fatt li

il-kostijiet tal-persunal jammontaw għall-akbar sehem tal-kost totali ddikjarat mill-benefiċjarji ta' Orizzont 2020.

Il-Kummissjoni kompliet tintensifika l-frekwenza tat-taħriġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tagħha, immirati b'mod partikolari lejn benefiċjarji suxxettibbli għall-iżbalji bħall-SMEs u parteċipanti ġodda. Il-Kummissjoni kompliet torganizza webinars dwar "kif tevita l-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-kostijiet tal-persunal fl-għotjiet ta' Orizzont 2020". F'dawn is-sitwazzjonijiet li komplew iseħħu kull xahrejn fl-2022, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-użu tal-wizard għall-kostijiet tal-persunal.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni organizzat webinar għall-Uffiċjali tal-Proġetti u għall-Uffiċjali Finanzjarji fejn il-Kummissjoni qajmet kuxjenza dwar l-importanza li titnaqqas ir-rata ta' żball f'Orizzont 2020. Din l-attività inkludiet preżentazzjoni eżawrjenti dwar l-għodod disponibbli (l-għodod tal-IT, gwida, taħriġ, webinars) biex jitwettqu l-kontrolli *ex ante*.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stabbiliet Mudell ta' Ftehim ta' Għotja korporattiv, applikabbli wkoll għal Orizzont Ewropa[1], li jipprevedi metodu sempliċi għad-debitar tal-kostijiet tal-persunal, abbażi ta' kalkolu tar-rata ta' kuljum, li jissostitwixxi l-metodi suxxettibbli għall-iżbalji użati f'Orizzont 2020.

Kalkolu tar-rati fis-siegħa

Il-kalkolu tar-rati fis-siegħa (§5.14 sa §5.16) jibqa' ċ-ċentru tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni organizzati fuq bażi regolari mill-Kummissjoni msemmija hawn fuq. L-użu estensiv tal-Wizard għall-Kostijiet tal-Persunal (żviluppat mill-Kummissjoni) jgħin ukoll lill-benefiċjarji biex jiddikjaraw b'mod korrett il-kostijiet tal-persunal tagħhom. Barra minn hekk, il-benefiċjarji huma mħeġġa jagħmlu użu mis-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka biex jitolbu direttament kjarifiki dwar kwistjonijiet prattiċi relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet, inklużi eżempji prattiċi dwar l-eliġibbiltà tal-bonusijiet.

Ir-rappurtar tal-ħin

Il-Kummissjoni hija konxja tan-nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-ħin u r-rappurtar u ssimplifikat il-proċeduri tal-Orizzont 2020 billi ntroduċiet dikjarazzjoni għall-persuni li jaħdmu esklussivament għall-azzjoni.

F'Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni kompliet tissimplifika r-rekwiżiti formali relatati mar-reġistrazzjoni tal-ħin billi ntroduċiet metodoloġija simplifikata għall-kalkolu tar-rati ta' kuljum għall-kostijiet tal-persunal. F'dan il-kuntest, saru disponibbli dokumenti ta' gwida differenti, b'enfasi fuq in-natura obbligatorja li jiġu rreġistrati s-sigħat li ttieħdu għall-eżekuzzjoni tal-azzjoni. L-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji (awdituri tas-CFS) jingħataw ukoll struzzjonijiet biex jivverifikaw l-eżistenza ta' sistemi xierqa għaż-żamma tar-rekords meta jipprovdu ċ-Ċertifikat dwar ir-Rapporti Finanzjarji.

Ir-regola tal-limitu massimu doppju

Ir-regola tal-limitu massimu doppju hija importanti biex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju ta' mingħajr skop ta' qligħ, li huwa l-bażi għar-rimborżi tal-kostijiet skont il-programmi tal-UE. Il-Kummissjoni tagħmel disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-benefiċjarji biex jitolbu b'mod korrett il-kostijiet tal-persunal fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja Annotat[2] (li jinkludi eżempji

[1] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/agr-contr/general-mga_horizon-euratom_en.pdf

[2] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/aga_en.pdf

prattiċi dwar il-limitu massimu doppju, l-azzjonijiet MSCA-RISE eċċ.), is-Servizz ta' Inkjesta dwar ir-Riċerka jew l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' sensibilizzazzjoni.

Tweġiba għall-Kaxxa 5.1

Eżempju ta' ksur tar-regola tal-limitu massimu doppju

Is-segwitu għall-ksur tar-regola tal-limitu massimu doppju msemmija mill-QEA fil-Kaxxa 5.1 diġà jinsab għaddej. Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-ammont tad-dejn finali abbażi tal-perċentwal tal-kontribuzzjoni tal-UE.

Żbalji oħra fil-kostijiet tal-persunal

Tweġiba għall-Kaxxa 5.2

Eżempju ta' kostijiet ineliġibbli ddikjarati għal azzjoni ta' Skambju tal-Persunal għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Marie Skłodowska-Curie

Is-segwitu għall-eżempju tal-kostijiet ineliġibbli ddikjarati għal azzjoni ta' Skambju tal-Persunal għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Marie Skłodowska-Curie msemmija mill-QEA fil-Kaxxa 5.2 għadu għaddej.

Sottokuntrattar

Il-benefiċjarji tal-Orizzont jistgħu jagħtu sottokuntratti meta jkun meħtieġ, għall-implimentazzjoni ta' azzjoni. L-avvenimenti ta' komunikazzjoni ta' sensibilizzazzjoni speċifikati hawn fuq, il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja Annotat u s-Servizz ta' Inkjesta dwar ir-Riċerka huma sorsi ta' spjegazzjonijiet, kjarifiki, u eżempji prattiċi dwar is-sottokuntrattar biex il-benefiċjarji jiġu infurmati u jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji u r-rekwiżiti relatati. Barra minn hekk, it-tliet sorsi ta' informazzjoni jkopru kwistjonijiet li jikkonċernaw il-materjal konsumabbli, it-tagħmir, il-prototipi, u l-kostijiet tal-ivvjaġġar. B'mod simili, jittrattaw ukoll suġġetti li jikkonċernaw il-VAT, oġġetti u servizzi fatturati internament, rati tal-kambju, eċċ. (§5.21 sa §5.23).

Tweġiba għall-Kaxxa 5.3

Eżempju ta' nuqqas ta' żgurar tal-aħjar valur għall-flus u ta' assenza ta' kunflitt ta' interess meta sottokuntratt jiġi aġġudikat

Il-Kummissjoni taqbel mas-sejba tal-QEA fil-Kaxxa 3, relatata ma' **każ ta' nuqqas ta' żgurar tal-aħjar valur għall-flus u ta' assenza ta' kunflitt ta' interess meta sottokuntratt jiġi aġġudikat**. Dan l-iżball seta' jinqabad biss permezz ta' awditu *ex post*. Kwalunkwe ammont imħallas indebitament se jiġi rkuprat.

Intrapriżi Żgħar u Medji

Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-QEA li l-SMEs (u l-parteċipanti ġodda) huma l-benefiċjarji l-aktar suxxettibbli għall-iżbalji (§5.24). Madankollu, il-parteċipazzjoni tagħhom, vitali għas-suċċess tal-programm, hija mħeġġa fil-livelli kollha.

Biex jittaffa r-riskju ta' żbalji, il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-applikanti ta' Orizzont Ewropa permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni online u sessjonijiet ta' ħidma dwar l-evitar tal-iżbalji meta jiddikjaraw l-kostijiet. Dawn l-azzjonijiet huma mmirati lejn il-benefiċjarji li

huma l-aktar “suxxettibbli għall-iżbalji” bħall-intrapriżi żgħar u medji u l-parteċipanti ġodda. Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu ta’ finanzjament b’somma f’daqqa skont Orizzont Ewropa jissimplifika l-imposta amministrattiva tal-benefiċjarji u huwa mistenni li jkompli jnaqqas ir-rata ta’ żball. (Jekk jogħġbok ara wkoll it-taqsima tat-tweġibiet hawn taħt).

2. Rieżaminar tal-proċeduri tal-Kummissjoni għall-finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa fil-qasam tar-riċerka

L-introduzzjoni ta’ għażliet ta’ kostijiet issimplifikati

Ir-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi diversi għażliet ta’ kostijiet issimplifikati (simplified cost options, SCOs) bħal kostijiet unitarji u somom f’daqqa, li qed isiru mod dejjem aktar komuni biex jipprovdu finanzjament f’għotjiet tal-UE b’mod ġenerali, lil hinn mill-programm qafas għar-riċerka. Is-SCOs għandhom potenzjal enormi biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jgħinu lill-benefiċjarji jiffukaw aktar fuq il-kisbiet tal-proġetti ffinanzjati mill-UE u huma kruċjali biex titnaqqas ir-rata ta’ żball.

Il-Kummissjoni ppilotat finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa f’Orizzont 2020, f’konformità ma’ rakkomandazzjoni mill-QEA biex jiġu ttestjati somom f’daqqa fuq skala akbar fil-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni (ir-Rapport Speċjali tal-QEA 28/2018).

Il-proġett pilota Orizzont 2020 ġie analizzat fi studju mill-Kummissjoni Ewropea[3], li kkonkluda li t-tfassil ta’ somma f’daqqa kien ġeneralment adattat għal użu aktar estensiv. Abbażi ta’ dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża aktar finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa f’Orizzont Ewropa. F’konformità mas-sejbiet rigward id-daqs tal-proġett, il-finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa, jintuża l-aktar għal għotjiet żgħar u ta’ daqs medju, iżda mingħajr ma jiġu esklużi każijiet ta’ użu ta’ proġetti akbar. Id-Deċiżjoni li jiġi estiż l-użu ta’ somom f’daqqa kienet ukoll konformi ma’ studju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew[4] li juri li s-somom f’daqqa kienu popolari fost l-utenti.

L-istudji eżistenti ma setgħux ikopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa minħabba li l-biċċa l-kbira tal-għotjiet kienu għadhom għaddejjin. L-istennija għal valutazzjoni tal-proġett pilota komplut (§5.26) kienet timplika li l-introduzzjoni ta’ somom f’daqqa tiġi posposta għat-tmiem tal-Orizzont Ewropa jew għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Dan kien imur kontra l-objettivi tal-Kummissjoni u kien ifisser li l-potenzjal ta’ somom f’daqqa biex titnaqqas l-amministrazzjoni, jiġu ssimplifikati r-regoli ta’ finanzjament u ssir aktar enfasi fuq il-kisbiet, ma kienx jiġi sfruttat.

F’konformità mal-aspettattiva ta’ ħafna partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni għażlet li tintroduċi dan l-SCO b’mod gradwali u kawt. Il-Kummissjoni użat dan iż-żmien biex ittejjeb il-gwida u l-appoġġ rispettivi, filwaqt li segwiet ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin mill-istudji pilota.

[3]Valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-finanzjament fl-għamla ta’ somma f’daqqa (Ottubru 2021) https://ec.europa.eu/info/news/lump-sum-funding-works-practice-assessment-pilot-horizon-2020-2021-oct-06_mt

[4]Studju tal-Parlament Ewropew (STOA) dwar somom f’daqqa f’Orizzont 2020 (Mejju 2022) https://www.europarl.europa.eu/stoa/en/document/EPRS_STU(2022)697218 “Il-kontenut tad-dokument huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-awtur(i) tiegħu u kwalunkwe opinjoni espressa fih m'għandhiex titqies li tirrappreżenta pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament.”

Billi jibdew mill-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2023-2024, is-somom f'daqqa se jaraw għall-ewwel darba użu sinifikanti f'Orizzont Ewropa, li mistenni jkopri 20 % tal-baġit tas-sejħa fl-2024. Peress li s-somom f'daqqa huma ġodda għal ħafna parteċipanti, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi taħriġ intensiv u appoġġ dwarhom, timmonitorja l-għotjiet relatati mill-qrib, u taġġusta l-metodoloġija jekk ikun meħtieġ.

Għotjiet iffinanzjati permezz ta' somma f'daqqa

Il-Kummissjoni tilqa' l-awditu metodoloġiku tal-QEA dwar l-għotjiet ta' somma f'daqqa fin-nefqa fuq ir-riċerka.

Il-punt 2.2. tad-Deċiżjoni ta' somma f'daqqa ta' Orizzont Ewropa jiddeskrivi l-kontrolli u r-rieżamijiet li għandhom jitwettqu sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' irregolarità jew frodi. Hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li dan jindirizza b'mod adegwat ir-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju (§5.29). Madankollu, il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid il-kontenut ta' din id-Deċiżjoni bil-ħsieb li tikkunsidra jekk dan jistax isir aktar espliċitu.

Il-Kummissjoni tqis li hemm fis-seħħ regoli dwar il-konformità mal-akkwist (§5.30). Pereżempju, l-Artikolu 11 tal-"MGA ta' somma f'daqqa"[5] jistipula li l-benefiċjarju jrid jimplimenta l-azzjoni f'konformità mal-ftehim, u l-obbligi ġuridiċi kollha skont id-dritt tal-UE, internazzjonali u nazzjonali applikabbli (li tinkludi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist). Barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar is-somma f'daqqa ma tinkludix informazzjoni speċifika dwar il-verifiki u l-kontrolli fuq l-akkwist, peress li dan mhuwiex meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju.

Bħal kwalunkwe tip ieħor ta' riskju, ir-riskji frawdolenti jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni.

Skont il-mudell tal-ftehim ta' għotja ta' somma f'daqqa, il-pagament jirrikjedi li l-pakketti ta' ħidma jitlestew, u li x-xogħol jiġi implimentat kif xieraq kif deskritt fil-ftehim, irrispettivament mill-objettivi milħuqa. Il-gwida ta' somma f'daqqa korporattiva kellha l-għan li tiċċara l-kundizzjonijiet ta' pagament għal Orizzont Ewropa. Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb il-gwida tagħha biex tgħin lill-applikanti jiddeskrivu aħjar l-attivitajiet proposti, b'mod partikolari billi tkompli tiġi armonizzata aktar t-terminoloġija użata.

Fl-aħħar nett, il-gwida eżistenti dwar il-monitoraġġ ta' proġetti tapplika għall-għotjiet kollha ta' Orizzont Ewropa, inklużi l-għotjiet ta' somma f'daqqa. L-istandards mistennija tal-implimentazzjoni tal-proġett huma l-istess, indipendentement mit-tip ta' finanzjament użat (eż. kostijiet reali, kostijiet unitarji, jew somom f'daqqa) (§5.31).

Fir-rigward tal-gwida għall-evalwaturi esperti (§5.32), il-Kummissjoni tipprovdilhom briefing dettaljat dwar kif iwettqu l-kompitu tagħhom, inkluż għal proposti ta' somma f'daqqa. Dan ikopri l-valutazzjoni tal-baġit ta' somma f'daqqa u, sa tmiem l-2022, l-użu tad-"dashboard tal-Orizzont għal evalwazzjoni ta' somma f'daqqa", li huwa l-parametru referenzjarju pprovdut mill-Kummissjoni għall-kostijiet tal-persunal. Fil-prattika, l-evalwazzjonijiet ta' somom f'daqqa ilhom jużaw sistematikament dan il-parametru referenzjarju minn meta sar disponibbli. Fir-reviżjoni tal-gwida, l-użu tal-parametri referenzjarji se jsir obbligatorju.

Il-proposti ta' somma f'daqqa jipprovdu stimi dettaljati tal-kostijiet, u l-esperti jingħataw struzzjonijiet biex jivverifikaw il-ħtieġa ta' dawn il-kostijiet għall-attivitajiet proposti abbażi tal-opinjoni esperta tagħhom. Proposti oħra fihom ħafna inqas dettalji tal-baġit, li jfisser li l-livell ta' skrutinju f'termini ta' ekonomija, effiċjenza u effettività huwa ogħla fl-evalwazzjoni tal-proposti ta' somma f'daqqa.

[5] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/agr-contr/ls-mga_en.pdf

3. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni mill-QEA li r-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-DĠ RTD u tad-DĠ DEFIS jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja f'dak li jirrigwarda r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (§5.33).

Fir-rigward tal-livell ta' żball irrappurtat fir-RAA tiegħu (§5.34), id-DĠ RTD jirrapporta rata ta' żball rappreżentattiva kumulattivata' 2.71 % għal Orizzont 2020 u rata tal-iżball residwu ta' 1.67 %. Iż-żewġ rati ta' żball huma kkalkulati fuq ir-riżultati tal-awditi mwettqa mill-Kummissjoni f'Orizzont 2020 (2014-2021) għar-rata ta' żball rappreżentattiva u r-riżultat tal-korrezzjonijiet li saru għar-rata tal-iżball residwu.

Sabiex isolvi l-problema metodoloġika li tqajmet preċedentement mill-QEA (kampjun annwali kontra kampjun pluriennali), is-Servizz tal-Awditjar Komuni kkalkula suppliment ta' 0.38 %. Minkejja dan, il-Kummissjoni tibqa' kunfidenti bir-riżultat tar-rata ta' żball ikkalkulata skont il-metodoloġija tagħha.

Fir-rigward tal-kampanja tal-awditjar *ex post* għall-programm qafas il-ġdid Orizzont Ewropa (§5.35), il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq l-Istrateġija ta' Kontroll għal Orizzont Ewropa. F'dan il-kuntest, l-istrateġija tal-awditjar hija mistennija li titnieda sa tmiem l-2023. Il-mira li l-Kummissjoni stabbiliet għar-rata tal-iżball residwu ta' Orizzont Ewropa hija ta' mhux aktar minn 2 % sa tmiem il-programm qafas.

Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-pagamenti li saru għal Orizzont Ewropa huma ta' prefinanzjament. Għalhekk, bħalissa ma teżisti l-ebda bażi għal valutazzjoni tar-rata ta' żball għal dan il-Programm Qafas.

Fir-rigward tas-sbatax-il rakkomandazzjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) indirizzati lid-DĠ RTD u miftuħa fi tmiem l-2022 (§5.36), dawn tqiesu fil-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tad-DĠ RTD. Tħejjew u qed jiġu implimentati Pjanijiet ta' Azzjoni għar-rakkomandazzjonijiet kollha. Dan jinkludi r-rakkomandazzjoni kritika dwar il-qafas ta' governanza għall-programm tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) li għalih ġie abbozzat pjan ta' azzjoni konġunt f'koordinazzjoni mal-EISMEA u d-DĠ CNECT. Il-ħtieġa li l-Fond tal-EIC jiġi ristrutturat skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Orizzont Ewropa wasslet għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-Aċċelleratur tal-EIC, b'konsegwenzi operazzjonali għall-benefiċjarji peress li d-deċiżjonijiet ta' investiment u l-pagamenti individwali kellhom jiġu sospiżi. Madankollu, il-Kummissjoni qed tassorbi progressivament ix-xogħol b'lura ta' deċiżjonijiet ta' investiment. B'mod parallel, ġiet stabbilita soluzzjoni *interim* filwaqt li ġew iffinalizzati n-negozjati mal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-implimentazzjoni tal-modalità ta' ġestjoni indiretta, li mistennija jiġu konklużi fl-2023.

Fir-rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (Annual Management and Performance Report , AMPR, §5.39), il-Kummissjoni tuża r-riskji fil-waqt tal-pagament divulgati mid-DĠs fl-RAA tagħhom li jikkorrispondu għall-aħjar stima tagħhom u li jkunu għaddew minn rieżami tal-kwalità bir-reqqa u strutturat.

Abbażi tal-ħidma mwettqa, il-Kummissjoni tqis li r-riskju fil-waqt tal-pagament ippreżentat fl-AMPR għall-QFP1 hu rappreżentattiv u jagħti stampa veritiera u ġusta tal-livell ta' żball. Din l-istima hija bbażata fuq metodoloġija li lill-Kummissjoni tippermettilha, bħala l-maniġer tal-baġit tal-KE, tidentifika u tiddistingwi bejn oqsma ta' riskju ogħla, medju u aktar baxx, u għaldaqstant biex l-isforzi tal-Kummissjoni jkunu ffukati fuq il-mitigazzjoni tar-riskju.

III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 5.1 - Evalwazzjoni tal-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa

(a) Fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa, tinkludi evalwazzjoni tal-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa sabiex tivvaluta jekk ċerti tipi ta' proġetti (f'termini ta' suġġett, daqs, eċċ.) humiex adattati għall-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa, kif ukoll biex tkopri r-riskju ta' irregolaritajiet u frodi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa (tmiem l-2025)

(b) Qabel is-sejħiet li jmiss tal-Orizzont Ewropa, tivvaluta l-adegwatezza tal-użu ta' għotjiet iffinanzjati permezz ta' somma f'daqqa għal proġetti b'baġit għoli u tal-iffissar ta' ammont massimu għal tali għotjiet.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjonijiet 5.1a) u 5.1b).

5.1a) L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa se tanalizza l-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti fil-programm, inkluż l-użu ta' somom f'daqqa.

5.1b). Abbażi tal-proġett pilota f'Orizzont 2020, il-Kummissjoni sabet li l-finanzjament fl-għamla ta' somma f'daqqa għar-riċerka jaħdem l-aħjar għal proġetti żgħar u medji.

Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-introduzzjoni ta' tali limitu speċifikament għall-għotjiet ta' somma f'daqqa skont Orizzont Ewropa tgħinx biex jitnaqqsu r-riskji u jekk huwiex adegwat fir-rigward tar-riżultati li għandhom jinkisbu skont il-programm, kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju.

Rakkomandazzjoni 5.2 – Ittejjeb l-evalwazzjonijiet li l-esperti jwettqu fir-rigward tal-għotjiet ta' somom f'daqqa

Għall-għotjiet ta' somma f'daqqa, tiżgura li l-evalwazzjonijiet li l-esperti jwettqu fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, b'mod partikolari l-proposti tal-baġit fihom, isiru b'kunsiderazzjonijiet dovuti tal-parametri referenzjarji rilevanti u jiġu ddokumentati kif xieraq.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni taqbel li l-parametri referenzjarji rilevanti huma referenza utli li għandha tintuża fl-evalwazzjoni tal-baġit ta' somma f'daqqa, u jenħtieġ li valutazzjoni tiġi ddokumentata kif xieraq. Il-gwida rilevanti u l-briefing tal-esperti se jiġu rieżaminati biex dan jiġi ċċarat aktar.

Rakkomandazzjoni 5.3 – Tiddefinixxi rekwiżiti aktar ċari dwar l-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt Orizzont Ewropa

Tispeċifika aktar r-rekwiżiti għal għotjiet ta' somma f'daqqa li jiddefinixxu l-implimentazzjoni xierqa, inklużi l-elementi ta' kull pakkett ta' ħidma li se jiskatta pagament, kif ukoll tipprovdi gwida dettaljata lil dawk involuti fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: Q1 2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tirrieżamina (1) il-gwida rilevanti kollha biex tiżgura terminoloġija armonizzata f'dan ir-rigward (eż., attivitajiet vs. kompiti vs. il-ħidma mwettqa), u (2) ir-rekwiżiti fil-mudell tal-proposta għall-abbozzar tal-anness tekniku tal-proġetti.

Rakkomandazzjoni 5.4 – Tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post* tal-għotjiet ta' somma f'daqqa

Għal għotjiet ta' somma f'daqqa, , tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post*, li jenħtieġ li jinkludu verifiki fuq oqsma ta' riskju għoli, bħar-regoli tal-akkwist, in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess u l-użu tar-riżorsi indikati fil-ftehim ta' għotja.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tiżviluppa strateġija ta' kontroll *ex post* għall-għotjiet ta' Orizzont Ewropa (inklużi għotjiet ta' somma f'daqqa) ibbażata fuq ir-regoli tar-Regolament Finanzjarju. Ir-rieżaminar tekniku *ex post* se jkun element ewlieni, li jivverifika l-implimentazzjoni xierqa skont ir-regoli applikabbli filwaqt li jżid l-enfasi fuq il-kontenut.

Il-Kummissjoni se tkompli twettaq valutazzjonijiet tar-riskju sodi u se tiffoka r-riżorsi ta' kontroll tagħha fuq oqsma ta' riskju għoli. Il-Kummissjoni ma taċċettax il-parti tar-rakkomandazzjoni li tittratta l-kontroll *ex post* tal-użu tar-riżorsi, peress li r-riżorsi bbaġitjati huma sistematikament ivverifikati *ex ante*. Għalkemm il-Kummissjoni ma tistax tiddetermina minn qabel l-oqsma ta' riskju għoli, il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe kontroll ulterjuri fuq l-użu tar-riżorsi jkun jeħtieġ kontrolli finanzjarji (b'mod partikolari ta' skedi bil-ħinijiet tax-xogħol tal-persunal li jaħdmu fuq l-azzjoni) li jinvalidaw is-simplifikazzjoni potenzjali tal-użu ta' somom f'daqqa.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 6: KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-fondi ddedikati għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jintefqu permezz ta' sistema ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali.

L-Istati Membri huma l-ewwel nett responsabbli biex jimplimentaw sistemi robusti ta' ġestjoni u kontroll, li jippermettu l-implimentazzjoni tal-objettivi miftiehma permezz ta' operazzjonijiet u l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet fin-nefqa relatata, fejn meħtieġ u legalment fattibbli. Il-Kummissjoni tissorvelja l-funzjonament effettiv ta' dawn is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, filwaqt li tagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib kif meħtieġ, tfittex aċċertament raġonevoli li r-rata ta' żball annwali għal kull programm tkun inqas minn 2 % u, jekk ikun meħtieġ, tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali.

L-Istrateġija Unika tal-Awditjar għall-Koeżjoni tal-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb aċċertament raġonevoli bħal dan permezz ta' taħlita ta' rieżami u twettiq mill-ġdid tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-programmi. L-objettiv huwa li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda nuqqas serju li jibqa' ma jinqabadx jew li jibqa' ma jiġix ikkoreġut mill-Istati Membri fil-kontijiet ippreżentati kull sena mal-pakketti ta' aċċertament. L-approċċ tal-awditjar huwa kkumplimentat ukoll minn azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità li jinkludu d-definizzjoni ta' metodoloġiji komuni li għandhom jiġu applikati, azzjonijiet korrettivi rakkomandati u rispons dwar żbalji li jinqabdu li jippermettu lill-awtoritajiet tal-programmi jtejbu xogħolhom, fejn jitqies meħtieġ.

Abbażi tar-riżultati tal-awditjar nazzjonali u tal-Kummissjoni kollha disponibbli, u l-isforzi ma jaqtgħu xejn mill-awtoritajiet tal-programmi biex itejbu xogħolhom abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, id-direttorati ġenerali għall-politika reġjonali u urbana (REGIO) u għall-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni (EMPL) ikkonkludew fir-RAA tagħhom li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw tajjeb (jew tajjeb biżżejjed) għal kważi 90 % tal-programmi. Għall-programmi li jifdal, id-dgħufijiet għadhom prinċipalment fil-livell tal-awtoritajiet maniġerjali jew tal-korpi intermedji tagħhom (nuqqasijiet fil-verifiki maniġerjali, il-kontrolli tal-ewwel livell). Barra minn hekk, xi żbalji baqgħu ma nqabdux minn xi awtoritajiet tal-awditjar, madankollu fil-biċċa l-kbira tal-każijiet mingħajr ma poġġew f'dubju l-affidabbiltà tax-xogħol tal-awditjar imwettaq.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar tal-programmi ma qabdux u ma rrappurtawx deterjorament kumplessiv minn sena għal sena fil-funzjonament tal-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll matul is-sena kontabilistika awditjata mill-QEA (2020/2021). Fil-każijiet kollha fejn ġew identifikati nuqqasijiet jew irregolaritajiet, il-Kummissjoni talbet azzjonijiet ta' rimedju biex tevita r-rikorrenza ta' żbalji fil-futur, biex tikkoreġi n-nefqa affettwata tal-passat u waqqfet il-pagamenti tal-UE sakemm tali miżuri korrettivi ma jkunux ġew implimentati, f'konformità mal-għodod regolatorji għad-dispożizzjoni tagħha.

Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID, il-Kummissjoni ħadet il-miżuri meħtieġa biex tgħin lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun. Il-flessibbiltajiet mogħtija fl-użu tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni li għadhom ma ġewx impenjati (miżuri CRII/CRII+) u finanzjament addizzjonali li sar disponibbli (REACT-EU) wasslu għall-akbar eżerċizzju ta' riprogrammar u l-aktar wieħed rapidu tal-perjodu 2014-2020 biex jiġi żgurat li l-fondi jgħinu fil-ġlieda kontra l-effetti soċjoekonomiċi tal-pandemija. Il-QEA rrappurtat dwar dan il-perjodu diffiċli

fir-Rapport Speċjali 02/2023 tagħha: “L-adattament tar-regoli tal-politika ta’ koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19”.

Minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-programmi biex jagħtu attenzjoni partikolari lil riskji ġodda relatati mal-finanzjament addizzjonali li sar disponibbli taħt in-NextGenerationEU (NGEU,) b’mod partikolari r-riskju ta’ finanzjament doppju, kunflitt ta’ interess, frodi jew korruzzjoni, u lill-flessibbiltajiet introdotti mill-Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u l-emendi tal-Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+), speċjalment ir-riskju ta’ użu mhux ġustifikat ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku ta’ emerġenza. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha tar-rapporti annwali ta’ kontroll għal kull programm, qieset b’attenzjoni jekk tali riskji kinux ġew identifikati u, jekk iva, jekk ittieħdux miżuri korrettivi xierqa. Fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) rispettivi ta’ REGIO u EMPL sar rappurtar trasparenti dwar il-ksur identifikat tar-regoli applikabbli.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkooperaw mill-qrib matul dan il-perjodu biex jiżguraw li l-qafas ta’ kontroll u ta’ aċċertament seta’ jkompli jindirizza b’mod effettiv ir-riskji identifikati, filwaqt li qiesu l-flessibbiltajiet introdotti biex jippermettu rispons adegwat fis-sitwazzjoni ta’ emerġenza, kif adottat b’mod unanimu mill-koleġiżlaturi.

In-nefqa relatata bdiet tiġi rimborżata biss mill-Kummissjoni fil-kontijiet 2020/2021, kif rifless fil-kampjun awditjat mill-QEA. L-attività tal-awditjar relatata mal-kontijiet 2020/2021 gradwalment reġgħet lura għan-normal fil-biċċa l-kbira tal-każijiet u fi Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet l-istess rapporti annwali ta’ kontroll tal-kwalità bħala parti mill-pakketti ta’ aċċertament, b’livelli ta’ żball irrappurtati bħala simili għas-snin preċedenti. Ir-riskji fil-waqt tal-pagament irrappurtati fiż-żewġ RAA huma għalhekk konsistenti mas-snin preċedenti u jikkorrispondu għall-aħjar stima tal-Kummissjoni tal-livell ta’ żball fin-nefqa ċċertifikata, wara rieżami tal-kwalità bir-reqqa u strutturat dwar ir-riżultati rrappurtati. Minħabba s-segmentazzjoni dettaljata tan-nefqa tagħha skont il-profili tar-riskju u s-sistemi ta’ kontroll, il-Kummissjoni, meta tidentifika l-iżbalji, u filwaqt li tqis ukoll ix-xogħol tal-QEA, tista’ tidentifika l-parti speċifika tal-popolazzjoni tal-programm li x’aktarx tkun se tintlaqat l-aktar. Dan l-approċċ jippermetti li jiġu identifikati b’mod ċar l-oqsma fejn huwa meħtieġ titjib, li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji proporzjonati fejn xieraq u fejn ikun legalment possibbli u li tingħata stampa differenzjata tal-livell ta’ żball fost il-pagamenti li saru.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

Regolarità tat-tranżazzjonijiet, rapporti annwali tal-attività, u arranġamenti oħra ta’ governanza

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li twettaq mill-QEA

Il-Kummissjoni tieħu nota kif dovut taż-żieda fir-rata ta’ żball stmata mill-QEA din is-sena (il-para. 6.16), meta mqabbla ma’ livell relattivament stabbli ta’ żball irrappurtat għall-aħħar ħames snin. Ir-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament iddivulgat fir-RAA tal-2022 baqa’ komparabbli ma’ dak tas-snin preċedenti.

Il-Kummissjoni tattribwixxi d-differenza l-aktar għall-fatt li l-QEA tirrapporta żbalji relatati ma’ kwalunkwe ksur tar-regoli applikabbli. Il-Kummissjoni mhux neċessarjament tqis in-nefqa assoċjata bħala ineliġibbli. Biex l-awtoritajiet tal-programmi u l-Kummissjoni jimponu korrezzjonijiet

finanzjarji, żball irid ikun irregolarità fis-sens tal-Artikolu 2(36) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). Mhux l-iżbalji kollha rrappurtati mill-QEA jaqgħu f'din il-kategorija.

Ir-riskju fil-waqt tal-pagament irrappurtat mill-Kummissjoni stess għalhekk jirrappreżenta rata ta' irregolaritajiet li twassal għal korrezzjonijiet finanzjarji bbażati fuq dispożizzjonijiet regolatorji applikabbli, wara proċeduri kontradittorji mal-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati.

Barra minn hekk, mit-48 żball irrappurtat u kkwantifikat fl-2022 mill-QEA għall-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni ta' 18-il żball.

Għal 13 minn dawn l-iżbalji, il-Kummissjoni tqis li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-RDK imsemmija hawn fuq, ma setgħetx tikkonkludi dwar irregolarità li twassal għal nefqa ineliġibbli. Dan jinkludi żewġ tranżazzjonijiet ivvalutati mill-QEA bħala proġetti kbar mhux innotifikati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-operazzjonijiet relatati jikkorrispondu għad-definizzjoni ta' proġetti kbar fir-RDK (ara dettalji ulterjuri fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.24 u 6.25).

Barra minn hekk, għal ħames każijiet, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tapplika l-livell ta' kwantifikazzjoni użat mill-QEA. Dan jinkludi żewġ akkwisti pubbliċi fejn il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' korrezzjoni applikat mill-awtoritajiet tal-programmi huwa ġġustifikat mit-tip ta' ksur identifikat mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni (ara hawn taħt it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.32 u 6.33).

Kumplessivament, għal dawn it-18-il każ, il-Kummissjoni vvalutat li ma jkollhiex bażi legali biex timponi korrezzjonijiet finanzjarji (jew korrezzjonijiet ogħla minn dawk diġà applikati), kif żviluppat ulterjorment fit-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi ta' hawn taħt.

Il-Kummissjoni se tagħmel segwitu kif dovut tal-każijiet l-oħra kollha u se titlob korrezzjonijiet finanzjarji, fejn xieraq. Il-Kummissjoni se tirrakkomanda wkoll azzjonijiet ta' rimedju lill-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati biex itejbu ulterjorment is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-QEA (il-para. 6.17) dwar l-iżbalji kollha rrappurtati (ara t-tweġiba għall-paragrafu 6.16), u lanqas mal-fehma li ż-żieda fil-flessibbiltà fl-użu tal-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni matul il-pandemija tal-COVID tista' tispjega ż-żieda fir-rata ta' żball irrappurtata mill-QEA. Il-Kummissjoni tinnota li r-riżultati tal-kontroll tagħha stess jindikaw b'mod ġenerali funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll matul il-perjodu, ħlief għal għadd limitat ta' programmi (ara t-tweġiba għall-paragrafu 6.42). Il-Kummissjoni tivvaluta ulterjorment li l-impatt fuq ir-rata kumplessiva ta' żball ikkalkulata tas-17-il żball kwantifikabbli relatat mal-miżuri CRII/CRII+ jew ma' operazzjonijiet li jibbenefikaw minn kofinanzjament tal-UE ta' 100 % miżjud b'mod temporanju, huwa simili għall-impatt ta' żbalji identifikati f'tipi oħra ta' operazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tmiem li qiegħed joqrob tal-perjodu ta' eliġibbiltà għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u l-pressjoni ta' assorbiment possibbli, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li wara s-sena awditjata (2021–2022), tliet snin kontabilistiċi oħra kienu għadhom disponibbli għall-awtoritajiet tal-programmi biex jiddikjaraw in-nefqa qabel l-għeluq tal-2025 (l-aħħar pagament finali f'Lulju 2024).

Fir-rigward tal-iżbalji kwantifikabbli rrappurtati mill-awditjar nazzjonali (il-para. 6.18), l-awtoritajiet tal-awditjar jaqdu rwol importanti meta jiġu għall-identifikar tal-iżbalji u dan wassal għal korrezzjonijiet finanzjarji u rtirar sinifikanti qabel ma l-kontijiet tal-programmi ġew ippreżentati lill-Kummissjoni. Kif irrappurtat fir-RAA 2022 ta' REGIO u EMPL, l-Istati Membri naqqsu b'mod kumulattiv mill-kontijiet tal-programmi, mill-bidu tal-perjodu 2014–2020, EUR 2,5 biljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji definittivi għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta'

Koeżjoni (FK), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jew l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) frott il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar. Dawn l-ammonti niżżlu r-rata ta' żball residwu għal inqas minn 2 % fejn meħtieġ.

Fis-sena kontabilistika li qiegħda tiġi analizzata, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rati ta' żball totali 'l fuq minn 2 % għal madwar 20 % tal-programmi, u b'hekk taw xhieda tal-kapaċità ta' qbid tal-iżbalji tagħhom.

Il-Kummissjoni, madankollu, taqbel li xi żbalji baqgħu ma nqabdux jew tqiesu mhux kif suppost fil-kalkolu tar-rati ta' żball irrappurtati, f'każijiet individwali. Għal din ir-raġuni, REGIO u EMPL aġġustaw ir-riskju fil-waqt tal-pagament u l-KPI dwar il-legalità u r-regolarità li rrappurtaw fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi tagħhom, wara valutazzjoni skont il-programm.

Fir-rigward tat-tipi ta' żball (il-para. 6.19), abbażi tat-tipoloġija komuni tagħhom, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar identifikaw b'mod ġenerali l-istess kategoriji ta' irregolaritajiet bħall-QEA taħt il-Politika ta' koeżjoni: nefqa ineliġibbli, akkwist pubbliku, rendikont tal-entrati u għajnuna mill-Istat.

Il-Kummissjoni se tagħmel segwitu tal-iżbalji kollha rrappurtati li aċċettat u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji, fejn ikun xieraq u legalment fattibbli.

Eliġibbiltà tal-kostijiet

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jitfasslu biex jipprevjenu u jaqbdu l-iżbalji, b'mod partikolari l-kostijiet ineliġibbli (il-para. 6.21 u l-para. 6.22).

Il-Kummissjoni indirizzat gwida aġġornata lill-Istati Membri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li, flimkien mal-użu mtejjeb tal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati, kellhom l-għan li jtejbu ulterjorment l-effiċjenza tal-verifiki ta' ġestjoni biex jinqabdu operazzjonijiet u kostijiet ineliġibbli. Madankollu, l-effiċjenza tal-verifiki tiddependi fuq l-għadd ta' persunal disponibbli fl-amministrazzjonijiet ikkonċernati għal tali verifiki, il-livell ta' taħriġ li rċevew u l-esperjenza relatata tagħhom.

Il-Kummissjoni qiegħda tieħu azzjoni preventiva u korrettiva u titlob miżuri ta' rimedju hekk kif jiġu identifikati n-nuqqasijiet fil-kontrolli tal-ewwel livell. Dan jinvolvi titjib fl-għodod metodoloġiċi, ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali inklużi esperti, attivitajiet ta' taħriġ dwar għodod żviluppati ġodda jew dwar l-interpretazzjoni korretta tal-iżbalji l-aktar frekwenti, kif ukoll titjib fil-proċeduri tal-għażla. Fil-perjodu 2021–2027, il-verifiki ta' ġestjoni saru bbażati fuq ir-riskju biex ir-riżorsi amministrattivi disponibbli jkunu jistgħu jikkonċentraw aħjar fuq il-kawżi ewlenin tal-iżbalji fil-mira, inkluż in-nefqa ineliġibbli.

Barra minn hekk, għal 10 mis-37 żball ta' eliġibbiltà identifikat u kkwantifikat mill-QEA, il-Kummissjoni ma tikkondividix il-valutazzjoni tal-fatti mwettqa mill-QEA, jew l-interpretazzjoni tagħha tar-regoli nazzjonali jew speċifiċi għall-programm applikabbli, u tqis li ma għandha l-ebda raġuni biex timponi korrezzjonijiet finanzjarji.

Tweġiba għall-Kaxxa 6.1

Nefqa ineliġibbli għall-appoġġ ta' emerġenza tal-COVID-19 minħabba dikjarazzjoni mhux kompluta tal-introjtu mill-bejgħ

Il-kostijiet ineliġibbli li sabet il-QEA b'rabta mal-miżuri tal-COVID-19 fil-Greċja (il-Kaxxa 6.1) diġà kienu ġew parzjalment identifikati minn awditu tal-Kummissjoni u diġà fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru. Barra minn hekk, fl-Italja l-iżball irrappurtat ma kienx żball

fil-mument tal-pagament tal-UE u tal-awditjar tal-awtorità tal-awditjar, għalhekk dan l-iżball ma setax jiġi identifikat imbagħad ikkoreġut billi jiġi antiċipat jekk il-kundizzjoni għaż-żieda tal-għotja kinitx se tiġi ssodisfata jew le sa Marzu 2023. Dan l-iżball se jiġi kkoreġut fis-sena kontabilistika attwali u fil-fehma tal-Kummissjoni ma jaffettwax is-sena kontabilistika awditjata.

Fir-rigward taż-żewġ każijiet Slovakki, il-Kummissjoni se tagħmel segwitu kif xieraq tal-iżbalji identifikati.

Tweġiba għall-Kaxxa 6.2

Nefqa ddikjarata mingħajr ma ntbagħtet notifika ta' proġett kbir lill-Kummissjoni

Rigward iż-żewġ operazzjonijiet irrappurtati mill-QEA u meqjusa bħala parti minn proġetti kbar (il-para. 6.24, il-para. 6.25 u l-kaxxa 6.2), il-Kummissjoni taqbel mal-Istati Membri li dawn l-operazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżit tar-RDK li jkunu teknikament u ekonomikament diviżibbli, u li kienu fattibbli, funzjonali u utilizzabbli b'mod indipendenti.

Barra minn hekk, fil-każ Rumen, il-kost eliġibbli pubbliku totali tal-proġett huwa taħt il-livelli limitu tar-RDK skont il-bażi għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli taħt il-programm.

Il-Kummissjoni ma taqbilx ukoll mal-pożizzjoni tal-QEA li n-nefqa assoċjata ma' proġetti kbar li ma jiġux notifikati lill-Kummissjoni ssir ineliġibbli. Fl-eżerċitar tal-prerogattivi tagħha bħala awtorità pubblika, l-astensjoni ta' awtorità maniġerjali li tissottometti/tinnotifika proġett kbir f'konformità mal-Artikolu 102 RDK ma tirriżultax f'irregolarità fis-sens tal-Artikolu 2(36) RDK. Għaldaqstant, din ma tagħmilx ineliġibbli n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dan il-proġett kbir. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' notifika ma jwassal għall-ebda preġudizzju, attwali jew potenzjali, għall-baġit tal-Unjoni Ewropea peress li l-awtoritajiet tal-programmi jistgħu, fi kwalunkwe mument, jinnotifikaw il-proġett kbir u jikkonfermaw in-nefqa bħala kompletament eliġibbli. Din il-possibbiltà li tiġi introdotta mill-ġdid in-nefqa marbuta ma' proġetti kbar mhux notifikati skont l-Artikolu 102 tar-RDK mhijiex offruta għall-irregolaritajiet (pereż. nefqa ineliġibbli) skont l-Artikolu 2(36) tar-RDK.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li n-nefqa ddikjarata għal dawn iż-żewġ operazzjonijiet kienet eliġibbli.

Fir-rigward tal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati (SCOs, simplified cost options, il-para. 6.27), mill-bidu tal-introduzzjoni tagħhom, il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv biex testendi progressivament l-użu tagħhom u tinnota li dawn l-isforzi wasslu għal riżultati pożittivi u simplifikazzjoni u tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li huwa inkoraġġanti li aktar minn kwart tan-nefqa awditjata fil-kampjun tal-QEA ġiet iddikjarata taħt l-SCOs. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-imgħoddi tal-QEA, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi b'mod attiv l-użu tal-SCOs abbażi tad-dispożizzjonijiet rinforzati tar-RDK tal-2021–2027, sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, tippromwovi l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u tnaqqas ulterjorment ir-riskju ta' żball.

Il-Kummissjoni se twettaq segwitu tal-kwistjonijiet identifikati.

Eliġibbiltà tal-proġetti

Tweġiba għall-Kaxxa 6.4

L-ambitu tal-proġett ma kienx konformi mal-kriterji tal-għażla

Fir-rigward tas-sejbiet tar-rapport marbuta ma' proġetti ineliġibbli (il-para. 6.28 u l-kaxxa 6.4), il-Kummissjoni taqbel li parti min-nefqa fuq dan il-proġett kienet ineliġibbli, iżda ma taqbilx mal-livell ta' kwantifikazzjoni tal-iżball. Hija tal-fehma li parti mill-kostijiet tal-kostruzzjoni rrifjutati mill-QEA jistgħu effettivament ikunu marbuta ma' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, u għalhekk il-livell limitu ta' 25 % li kien jagħmel il-proġett ineliġibbli ma ntlaħaqx — ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.16.

Il-Kummissjoni nnutat dawn il-kwistjonijiet ta' konformità msemmija fil-para. 6.29 li, madankollu, ma wasslux għal kwantifikazzjoni tal-iżball u se twettaq segwitu mal-awtorità maniġerjali tal-programm biex tiżgura li d-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjoni għall-appoġġ lill-benefiċjarju pubbliku kkonċernat ikunu aktar ċari fil-futur.

Regoli tas-suq intern: għajnuna mill-Istat u akkwist pubbliku

Fir-rigward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tinnota l-iżbalji maqbuda mill-QEA u msemmija fil-para. 6.30 u fil-para. 6.31 u se twettaq segwitu tagħhom mal-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati. Tinnota ulterjorment, madankollu, li matul l-aħħar snin, l-iżbalji relatati mal-għajnuna mill-Istat jammontaw għal sehem iżgħar tal-iżbalji kollha identifikati, kif intwera mir-riżultati tal-QEA wkoll. Għas-sena kontabilistika l-aktar reċenti 2020/2021, 2,6 % jew 10 % biss tas-sejbiet tal-FEŻR/FK identifikati rispettivament mill-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat (ara r-RAA 2022 ta' REGIO).

Il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-miżuri mfassla skont il-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat billi tidentifika u xxerred prattiki tajbin u toffri taħriġ lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE), biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat jinftiehmu tajjeb u jiġu implimentati korrettament.

Fir-rigward tal-akkwist pubbliku (il-para. 6.32 sal-para. 6.34), dan huwa kkaratterizzat minn regoli nazzjonali u tal-UE kumplessi u jibqa' sors importanti ta' żball li madankollu llum il-ġurnata jinqabad u jiġi rrappurtat b'mod aħjar mill-awtoritajiet tal-awditjar. Dan huwa sinjal li l-azzjonijiet ta' kapaċità amministrattiva implimentati skont il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku jagħtu l-frott tagħhom. Dan huwa rifless ukoll fl-għadd relattivament limitat ta' żbalji fl-akkwist pubbliku rrappurtati mill-QEA f'dawn l-aħħar snin.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-iżbalji fl-akkwist pubbliku aġġornata f'Mejju 2019 (id-Deċiżjoni C (2019) 3452) tikkontribwixxi għal din il-kjarifika tal-qafas legali applikabbli. Dan l-approċċ armonizzat jippermetti lill-awtoritajiet tal-programmi jidentifikaw u jittrattaw aħjar il-ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku.

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kwantifikazzjoni f'sitta mis-seba' każijiet irrappurtati mill-QEA. Tqis li fi tliet każijiet, l-awtoritajiet ikkonċernati pprovdew evidenza ta' sostenn suffiċjenti u aċċettabbli biex jaċċettaw in-nefqa marbuta mal-kuntratti pubbliċi li huma ddikjaraw bħala eliġibbli (ara wkoll it-tweġiba għall-kaxxa 6.6). Barra minn hekk, fi tliet każijiet, il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjoni applikata mill-awtoritajiet tal-programmi kienet proporzjonata mal-irregolarità li seħħet, u li kienet konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

Fil-każ li jifdal, il-Kummissjoni taqbel mal-QEA. Madankollu, tinnota li kien hemm fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni biex jippermettu l-kompetizzjoni f'konformità mad-Direttiva, għalkemm il-QEA qieset li dawn ma kinux biżżejjed fir-rigward tal-prattika nazzjonali (ara l-kaxxa 6.6).

Tweġiba għall-kaxxa 6.7

Applikazzjoni inkonsistenti ta' eżenzjonijiet ta' emerġenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku għax-xiri ta' maskri tal-wiċċ

Il-Kummissjoni tinnota li l-każ imsemmi fil-kaxxa 6.7 dwar il-provvista ta' maskri tal-wiċċ f'Marzu 2020 fi Spanja seħħ f'konformità mal-proċeduri ta' emerġenza applikabbli. It-tifqigħa tal-COVID kienet tabilħaqq iġġenerat sitwazzjoni bla preċedent ta' urġenza li tirrikjedi miżuri eċċezzjonali biex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika.

Minkejja s-sitwazzjoni estremament diffiċli biex jinkisbu l-maskri fis-suq dinji f'dak iż-żmien (iċ-Ċina, *de facto* l-akbar fornitur, kienet irrestringiet ir-regoli tal-esportazzjoni tagħha f'April/Mejju 2020), il-kuntrattur żgura l-provvista effettiva ta' 150 miljun maskra tal-wiċċ tal-kwalità meħtieġa u bil-prezz stabbilit, minkejja li b'dewmien ta' tliet xhur u nofs fis-sitwazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa li baqgħet estremament akuta fi Spanja tul il-perjodu tal-konsenja.

Il-Kummissjoni taqbel mal-awtoritajiet Spanjoli li l-fatti ta' hawn fuq ma poġġewx f'dubju l-eliġibbiltà tan-nefqa relatata f'dan il-każ mhux kwantifikat. Se żżomm għajnejha fuq kwalunkwe żvilupp, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Spanjoli.

Dokumenti ta' sostenn

Għall-każ Spanjol (il-para. 6.36 u l-para. 6.37), il-Kummissjoni tinnota li l-benefiċjarju pprovda l-evidenza meħtieġa għall-eliġibbiltà għan-nefqa kkonċernata (skedi taż-żmien tal-parteċipanti), qabel ma sar il-pagament tagħha, f'konformità mar-regoli applikabbli skont is-sejħa tal-proġett u l-istruzzjonijiet lill-benefiċjarji. Madankollu, il-Kummissjoni se tfakkar lill-awtoritajiet tal-programmi biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-FSE jiffirmaw skedi ta' żmien adegwati b'sostenn tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fi żmien dovut.

Fil-każ Portugiż, il-Kummissjoni tqis li s-sistema stabbilita mill-universitajiet biex jiddeċiedu dwar il-boroż ta' studju għall-istudenti hija bbażata fuq valutazzjoni tad-dħul fiskali tal-unitajiet domestiċi kkonċernati, skont l-awtodikjarazzjonijiet mogħtija mill-istudenti kkonċernati u kontroverifikati mas-sistema tat-taxxa, u fuq ir-rekords akkademiċi tal-istudenti, disponibbli online kif sussegwentement ikkonfermat mill-universitajiet wara l-awditu tal-QEA. Meta jidhru riskji fl-awtodikjarazzjonijiet, l-istudenti jissejħu għal intervisti li jidħlu aktar fil-fond biex jiċċaraw l-applikazzjoni tagħhom li mbagħad tiġi aċċettata jew miċħuda. Għalkemm il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda borża ta' studju irregolari fil-kampjun tal-awtorità tal-awditjar rieżaminat mill-QEA, se tiddiskuti mal-awtoritajiet tal-programmi jekk għadux meħtieġ aktar titjib fis-sistema biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' kalkolu skorrett tal-ammonti mogħtija bħala borża ta' studju.

Strumenti finanzjarji

Għas-sitt każijiet irrappurtati mill-QEA (il-para. 6.38 sal-para. 6.40), il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet ipprovdew biżżejjed evidenza ta' sostenn li turi l-eliġibbiltà tar-riċevituri finali jew tal-attivitajiet appoġġati.

Il-Kummissjoni tinnota ulterjorment li r-RDK jipprevedi li l-eliġibbiltà tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u n-nefqa għall-istrumenti finanzjarji tiġi ddeterminata fl-għeluq (l-Artikolu 42 tar-RDK). Għalhekk, kwalunkwe irregolarità identifikata fil-livell tar-riċevituri finali tal-istrumenti finanzjarji xorta tista' tiġi kkoreġuta u sostitwita bin-nefqa eliġibbli skont l-istrument finanzjarju rispettiv sal-għeluq (fl-2025). L-istrateġiji tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet tal-awditjar jipprevedu tħejjija mmirata għall-awditi tal-għeluq biex tiġi aċċertata l-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata taħt l-

istrumenti finanzjarji sal-għeluq. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni se twettaq segwitu tad-dgħufijiet fis-sistema rrappurtati mill-QEA, kif meħtieġ.

Ġestjoni finanzjarja tajba

Tweġiba għall-kaxxa 6.8

L-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati rriżulta f'benefiċċju finanzjarju eċċessiv għal Stat Membru

Il-Kummissjoni tinnota li l-SCOs użati taħt dan il-programm tal-Edukazzjoni fl-Italja msemmi fil-kaxxa 6.8, fil-livelli tal-UE u tal-benefiċjarji, ikopru outputs differenti (is-suċċess tal-apprendisti/studenti wara l-parteċipazzjoni tagħhom fit-taħriġ fl-SCOs fil-livell tal-UE, u l-ispejjeż tal-korsijiet ta' taħriġ fl-SCOs nazzjonali). Għalhekk huwa mistenni li l-kostijiet rimborżati jvarjaw bejn iż-żewġ skemi. Barra minn hekk, skont ir-regolamenti u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tar-Regolament FSE, ma hemm l-ebda korrispondenza diretta bejn il-metodi applikati fil-livell nazzjonali għad-determinazzjoni tal-kostijiet eliġibbli tal-operazzjonijiet speċifiċi u l-metodi ta' kalkolu applikati bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni sabiex jiġi ddeterminat ir-rimborż tal-Unjoni. Iż-żewġ metodi japprossimizzaw il-kostijiet reali, u skont l-Artikolu 14(1), kwalunkwe differenza bejn dawn il-metodi ta' kalkolu ma għandhiex titqies ineliġibbli. Il-Kummissjoni se tissokta bis-segwitu tagħha mal-awtoritajiet tal-programmi sabiex tara li l-metodu ta' aġġustament għall-SCO, espliċitament previst fl-Artikolu 14(1), jiġi applikat kif meħtieġ.

Fir-rigward taċ-ċentru kulturali rinnovat fl-Italja, il-Kummissjoni fakkret lill-awtoritajiet tal-programmi li l-operazzjoni se jkollha titlesta fiżikament sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2025. Kwistjonijiet relatati mal-użu u l-kontribuzzjoni b'mod effettiv tal-operazzjonijiet għall-objettiv tal-programm huma enfasizzati ċar u tond fil-verżjoni aġġornata tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għeluq li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri (l-Avviż tal-Kummissjoni (2022/C 474/01) tal-14 ta' Diċembru 2022), u se jiġu mmonitorjati kif xieraq, fil-kuntest tal-għeluq tal-programmi.

Xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Awtoritajiet maniġerjali u awtoritajiet tal-awditjar

Taħt ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet tal-programmi huma responsabbli l-ewwel nett biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji (il-para. 6.42 u l-para. 6.43), permezz ta' verifiki ta' ġestjoni mill-awtorità maniġerjali (meta taċċetta nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji) u awditi ta' kampjuni rappreżentattivi tan-nefqa mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar (it-tieni livell biex jiġi vvalutat jekk l-ewwel livell kienx effettiv fl-iżgurar tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, qabel iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa fil-kontijiet annwali tal-programm).

Fl-2022, il-Kummissjoni kompliet tikkoopera b'mod estensiv mal-awtoritajiet tal-programmi biex tiżgura qafas ta' aċċertament u kontroll konsistenti u robust, inkluż wara r-restrizzjonijiet prattiċi matul il-pandemija.

Kif irrappurtat fir-RAA ta' REGIO u EMPL, il-Kummissjoni identifikat dgħufijiet u talbet titjib għal 52 awtorità maniġerjali tal-FEŻR/FK/FSE u 10 awtoritajiet tal-awditjar jew il-korpi ta' kontroll tagħhom (inkarigati mill-awditjar ta' 2,1 % u 8,5 % tan-nefqa tal-FEŻR/FK u l-FSE, il-YEI, u tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) rispettivament) mit-total ta' 116-il awtorità tal-awditjar tal-koeżjoni.

Il-Kummissjoni tivvaluta l-effettività u l-affidabbiltà tax-xogħol ta' awtorità tal-awditjar abbażi ta' diversi aspetti differenti, bir-rata ta' żball ikun biss aspett wieħed minnhom. Xi żbalji addizzjonali li jinqabdu mill-Kummissjoni huma aktar ta' darba fill: anki jekk jaffettwaw b'mod sinifikanti r-rata ta' żball, dawn mhux neċessarjament jindikaw dgħufija sistemika tal-awtorità tal-awditjar.

Rati ta' żball residwu

Għall-kontijiet aċċettati fl-2022 (il-para. 6.44 sal-para. 6.47), il-Kummissjoni kkonfermat rata ta' żball residwu:

— taħt il-materjalità (inkluż f'xi każijiet wara aġġustamenti mingħajr impatt materjali) għal 278 programm tal-FEŻR/FK/Strument ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)/Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI) (87 %) u 193 programm tal-FSE/YEI/FEAD (90 %), u

— ogħla mill-materjalità għal 41 programm tal-FEŻR/FK/IPA/ENI (13 %) u għal 22 programm tal-FSE/YEI/FEAD (10 %), rispettivament. Dawn il-programmi b'rata residwa ogħla mill-materjalità, fl-2022, irrappreżentaw 12 % tal-programmi kollha tal-Politika ta' koeżjoni. Matul l-aħħar snin dan il-proporzjon baqa' stabbli għall-programmi tal-FEŻR/FK (madwar 13 %) u saħansitra naqas għall-programmi tal-FSE/YEI/FEAD (minn 40 % fl-2017 għal 10 % fl-2022).

Il-Kummissjoni tqis li l-każijiet b'rati ta' żball residwu kkalkulati mill-ġdid mill-QEA 'l fuq minn 2 % fil-pakketti ta' aċċertament awditjati fl-2022 huma parzjalment attribwibbli għal differenzi fl-apprezzament ta' każijiet individwali jew l-interpretazzjoni tar-regoli applikabbli, li jistgħu jvarjaw bejn il-QEA u l-Kummissjoni u/jew l-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 6.16, 6.17, 6.21, 6.24, 6.28 u 6.32, fejn esprimiet ir-raġunijiet għaliex ma qablitx dwar għadd ta' żbalji rrappurtati mill-QEA li jikkontribwixxu għal dawn il-kalkoli mill-ġdid tar-rati ta' żball residwu 'l fuq minn 2 % għal għadd ta' programmi. Mis-16-il każ ta' pakketti ta' aċċertament ikkalkulati mill-ġdid 'l fuq minn 2 % mill-QEA, il-Kummissjoni kienet diġà aġġustat għaxra 'l fuq minn 2 %. Abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-fatti rrappurtati u tar-regoli applikabbli (li kellhom iwasslu lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jaqbdu u jikkwantifikaw b'mod effettiv l-iżbalji addizzjonali fil-każijiet ikkonċernati), il-Kummissjoni tqis li erbgħa biss mis-sitt pakketti ta' aċċertament li jifdal u li ġew irrappurtati mill-QEA għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid 'l fuq minn 2 %.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tivvaluta l-affidabbiltà tal-awtoritajiet tal-awditjar mhux biss abbażi tar-rati ta' żball ikkalkulati mill-ġdid (li jistgħu jiġu influwenzati minn żbalji singoli li jkollhom impatt statistiku importanti) iżda abbażi ta' għadd ta' kriterji li, jekk ma jiġux ivvalutati b'mod sodisfaċenti, jirriflettu l-preżenza ta' dgħufijiet sistemiċi fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar.

Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis dawn il-kriterji, l-evidenza għall-awditjar miġbura minnha, u r-riżultati tal-QEA din is-sena, tivvaluta li l-effettività tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar hija simili għal dik irrappurtata fis-snin preċedenti.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba komuni tagħha għall-paragrafi 6.48 sa 6.51, hawn taħt.

Awditi mill-awtoritajiet tal-awditjar fl-2022

Il-Kummissjoni tqis li għandha aċċertament raġonevoli fuq ix-xogħol tal-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-awditjar (il-para. 6.48 sal-para. 6.51), ħlief għal għadd limitat fosthom (10) li jeħtieġu titjib kbir fil-kapaċitajiet tal-awditjar tagħhom biex jirrimedjaw għad-dgħufijiet misjuba (ara t-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.43 u 6.44 hawn fuq).

L-azzjonijiet ta' rimedju fil-mira rrakkomandati f'diversi każijiet ippermettew li jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati u wasslu għal titjib konkret (pereż. l-awtorità tal-awditjar Bulgara, mingħajr ma nstab żball fis-snin reċenti, wara dawn l-aħħar snin ta' dgħufija sistemika fil-kwantifikazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku).

Minbarra r-rakkomandazzjonijiet biex jittejbu d-dgħufijiet immirati identifikati għal xi awtoritajiet tal-awditjar, il-Kummissjoni stabbiliet kooperazzjoni kontinwa robusta mal-komunità tal-awditjar. Dan jinkludi l-kondiviżjoni ta' għodod komuni tal-awditjar u prattiki tajba f'konformità mal- "Karta dwar prattiki tajba promossi mill-Komunità tal-Awditjar meta jiġu awditjati l-Fondi SIE".

Il-Kummissjoni qiegħda kontinwament tfakkar ukoll lill-awtoritajiet tal-awditjar biex iżommu rekord adegwat tal-awditjar tax-xogħol tal-awditjar tagħhom, f'konformità mad-"Dokument ta' riflessjoni dwar id-dokumentazzjoni tal-awditjar" elaborat b'mod konġunt mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni (ara r-Rapport Annwali tal-2020 tal-QEA).

Fir-rigward tad-dgħufijiet li l-QEA tqis li kien hemm fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar dwar il-verifika ta' għadd ta' kwistjonijiet, il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 6.16, u tindika l-fatt li l-awtoritajiet tal-awditjar ma jkollhomx il-bażi biex jikkunsidraw u jirrapportaw xi wħud mill-iżbalji kwantifikati mill-QEA, minħabba d-differenza fl-approċċi u fl-interpretazzjoni tar-regoli applikabbli.

Tweġiba għall-kaxxa 6.9

L-awtodikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji mhux ivverifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar ma' sorsi affidabbli u vverifikati

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li l-awtodikjarazzjonijiet huma għodda utli biex jinkiseb aċċertament fil-każijiet li fihom ikun diffiċli jew wisq għali amministrattivament għall-benefiċjarji, il-promoturi tal-proġetti jew il-parteċipanti biex isibu evidenza ta' sostenn alternattiva. Jistgħu jinqalgħu wkoll kwistjonijiet relatati mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Għalhekk, huwa meħtieġ ċertu livell ta' proporzjonalità fil-verifika ta' tali dikjarazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar biex tippromwovi approċċ ta' awditjar proattiv, meta jkun possibbli (kif għamlet pereżempju fil-verifika tal-istatus ta' "Barra mill-Impjieg, l-Edukazzjoni jew it-Taħriġ" (Not in Employment, Education or Training, NEET) fi Franza wara r-rakkomandazzjoni tal-QEA fir-rapport annwali tagħha tal-2021).

Nuqqasijiet fil-verifiki li wettqu l-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-istrumenti finanzjarji (il-para. 6.51)

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha fil-paragrafi 6.38 sa 6.40.

Natura pluriennali ta' operazzjonijiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji

It-talba biex jiġu implimentati korrezzjonijiet finanzjarji għan-nefqa kollha tal-passat, indipendentement mis-sena kontabilistika, meta jiġi identifikat nuqqas/irregolarità, hija prattika normali għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet tal-awditjar (il-para. 6.52 u l-para. 6.53). Dan huwa pereżempju l-każ tipikament għal żbalji ta' ksur li jirrigwarda l-akkwist pubbliku li jaffettwaw in-nefqa kollha ddikjarata sa issa mill-operazzjoni (kif ukoll in-nefqa tal-futur kollha li għandha tiġi ddikjarata taħt il-kuntratt affettwat). Minkejja dan, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura permezz tal-awditi tagħha li kwalunkwe irregolarità identifikata mill-awditi nazzjonali jew tal-UE f'operazzjoni tiġi kkoreġuta għan-nefqa kollha tal-passat li tkun ġiet affettwata.

Miżuri biex tiġi miġġielda u rrappurtata l-frodi kontra l-baġit tal-UE

Il-Kummissjoni għandha tolleranza żero għall-frodi (il-para. 6.54 sal-para. 6.56). Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti fir-RDK jinkludu wkoll "l-implimentazzjoni ta' miżuri proporzjonati u effettivi kontra l-frodi proporzjonati għar-riskji identifikati" għal kull programm (ir-rekwiżit ewlieni 7, l-Artikolu 125(4)(c) u l-Anness IV tar-Regolament 480/2014 kif emendat). Bħala parti mill-istrateġiji tal-awditjar tagħhom, issorveljati u mmonitorjati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistema tal-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżit ewlieni 7 għal kull programm.

Barra minn hekk, wara r-rakkomandazzjoni tal-QEA Nru 5.2, fir-rapport annwali tagħha tal-2020, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiddokumentaw aħjar il-ħidma tagħhom biex jidentifikaw twissijiet ta' frodi (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.55 tar-Rapport Annwali tal-2020 tal-QEA). Ir-riżultati tal-QEA din is-sena jirriflettu titjib meta mqabbla mas-snin preċedenti f'dak ir-rigward, u juru titjib kostanti fid-dokumentazzjoni ta' din il-parti tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar.

L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi u l-Istrateġija Konġunta Kontra l-Frodi speċifika għall-Politika ta' koeżjoni jipprevedu wkoll diversi azzjonijiet oħra kontra l-frodi, kollha implimentati fl-2022 (ara r-RAA ta' REGIO u EMPL, pp. 52 u 78, rispettivament).

Dan jinkludi l-inkoraġġiment kontinwu tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet tal-programmi, inklużi l-awtoritajiet tal-awditjar, biex jagħmlu użu sistematiku fil-ħidma tagħhom tal-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju ARACHNE, filwaqt li jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jipprevjenu l-frodi u l-korruzzjoni li jaffettwaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni taħt 6.60-6.62).

Ir-rappurtar mill-Istati Membri ta' każijiet suspettati ta' frodi fl-IMS

Il-Kummissjoni ppjanat diversi azzjonijiet skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (li bħalissa qiegħda tiġi aġġornata) biex tfakkar lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom li jirrappurtaw suspett ta' frodi fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet tal-OLAF — IMS (il-para. 6.57 u l-para. 6.58): taħriġ, sensibilizzazzjoni f'laqgħat regolari, pereżempju mas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS) jew mal-awtoritajiet tal-programmi, u aġġornament tal-gwida dwar ir-rappurtar (Manwal tal-IMS). Bħala parti mill-awditi tas-sistemi tagħhom, l-awtoritajiet tal-awditjar jiżguraw ukoll verifika speċifika tal-effettività tal-miżuri kontra l-frodi fis-seħħ (ir-rekwiżit ewlieni 7), bl-użu ta' listi ta' kontroll speċifiċi żviluppati mal-Kummissjoni. Fl-2021, REGIO u EMPL żiedu wkoll referenza ċara għar-rappurtar fl-IMS fil-listi ta' kontroll tal-awditjar, bl-għan li jiġu żgurati mekkaniżmi ċari ta' rappurtar kemm dwar suspetti ta' frodi kif ukoll dwar dgħufijiet fil-kontroll.

Fiż-żewġ każijiet mit-tlieta msemmija mill-QEA l-awtoritajiet ikkonċernati fil-frattemp ikkoreġew l-iżball inizjali tagħhom u rrappurtaw il-każijiet ta' irregolaritajiet u frodi possibbli fl-IMS. L-aħħar każ ma ssodisfax il-kriterji għar-rappurtar fil-mument tas-sottomissjoni tal-kontijiet peress li l-awtoritajiet nazzjonali ma kienu jafu bl-ebda investigazzjoni mnedija f'dak il-mument.

Barra minn hekk, fir-RDK, l-Anness XII, it-Taqsima 1.5 hemm iddikjarat li "*Fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipprevedu l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, tista' tiġi rrappurtata biss informazzjoni soġġetta għall-awtorizzazzjoni tat-tribunal, il-qorti jew korp ieħor kompetenti skont ir-regoli nazzjonali*." Il-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tista' għalhekk tispjega r-raġuni wara d-dewmien jew in-nuqqas ta' rappurtar ta' xi wħud mill-każijiet.

Għodod ġodda tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju

Mill-2010 'l hawn, il-Kummissjoni żviluppat l-għodda tagħha għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju ARACHNE u offriet lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sistematiku mill-għodda fil-ħidma tagħhom, mingħajr ħlas, biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jipprevjenu l-frodi u l-korruzzjoni li jaffettwaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-para. 6.59 sal-para. 6.61). Il-modulu *ex ante* li ħareġ dan l-aħħar jippermetti li l-għodda tintuża b'mod preventiv fil-fażi tal-għażla u tal-għoti tal-proġetti, minbarra l-verifiki *ex post* biex tiġi kkontrollata l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-użu ta' ARACHNE mill-Istati Membri qiegħed jevolvi b'mod pożittiv (għadd dejjem jiżdied ta' konnessjonijiet u utenti attivi). Barra minn hekk, in-negozjati dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, bi proposta biex l-użu ta' għodda għall-estrazzjoni tad-*data* jsir obbligatorju wara l-2027, nedew mill-ġdid id-dibattitu dwar l-użu volontarju tal-għodda attwali f'għadd ta' Stati Membri li sa issa ma tantx kienu ħerqana (l-Iżvezja ssieħbet fl-għodda għal eżerċizzju pilota fuq għadd ta' programmi).

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda biss għall-programmi adottati taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ta' wara l-2027 u ffinanzjati minnu għandha l-għan li tħalli biżżejjed żmien għall-adattament meħtieġ tas-sistemi tad-*data* elettronika, u għall-gwida u t-taħriġ. L-applikazzjoni volontarja (bi trasferiment obbligatorju tad-*data* fis-sistema) se tibqa' possibbli u mħeġġa matul dak il-perjodu tranżitorju.

L-użu volontarju tal-għodda huwa tabilħaqq ibbażat fuq Karta tad-drittijiet u l-obbligi maqbula b'mod konġunt li tipprevedi limitazzjonijiet għall-użu minn partijiet esterni tad-*data* tal-Istati Membri trasferita fl-għodda. Sa issa, il-Kummissjoni normalment tipprovdi aċċess għar-riżultati fil-mira f'ARACHNE għal każijiet partikolari kull meta ssir talba mill-OLAF, mill-QEA jew mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għall-ħtiġijiet tal-attivitajiet tagħhom. Bħalissa qiegħed jiġi żviluppat ukoll modulu ta' aċċess elettroniku mmirat għal dawn il-korpi ta' kontroll ta' partijiet terzi, biex jippermetti aċċess dirett, speċifiku (minflok ġenerali, f'konformità mal-Karta msemmija hawn fuq) għall-informazzjoni meħtieġa fl-għodda.

Segwitu għar-rapport speċjali tal-QEA dwar il-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni (il-para. 6.62)

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li ma toħroġx gwida fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 fi sforz li tissimplifika r-regoli għall-korpi tal-programmi u l-benefiċjarji. Minflok, il-gwida tal-2014–2020 għall-Istati Membri dwar kif għandhom jitfasslu miżuri proporzjonati kontra l-frodi u l-għodda ta' valutazzjoni tar-riskju mehmuża tibqa' tapplika b'analoġija għall-Istati Membri li mdorrijin b'dawn id-dokumenti.

Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet biex tgħin lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw politiki formali kontra l-frodi. "Linji gwida għal strateġiji nazzjonali kontra l-frodi għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)" inħarġu u tqassmu fl-2014. Id-dokument jibqa' applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha f'idejha evidenza li xi awtoritajiet maniġerjali fil-ħames Stati Membri msemmija mill-QEA adottaw politiki jew dikjarazzjonijiet formali kontra l-frodi għall-programmi tagħhom tal-2021–2027, jew saħħew il-miżuri tagħhom kontra l-frodi fil-kuntest tal-assistenza teknika pprovduta mill-finanzjament tal-UE.

Ix-xogħol ta' aċċertament imwettaq mill-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata ta' żball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha

L-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività (il-para. 6.64 sal-para. 6.67)

Il-Kummissjoni ddisinjat is-sistema ta' aċċertament tagħha b'tali mod li d-Diretturi Ġenerali jkunu jistgħu jipprovdu aċċertament fuq kull wieħed mill-416-il programm individwali taħt il-Politika ta'

koeżjoni, kif huma obbligati jagħmlu bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega. Il-Kummissjoni kkonkludiet fir-RAA ta' REGIO u EMPL li "*kumplessivament għall-koeżjoni, hemm livell materjali ta' nefqa irregolari li jibqa' fil-kontijiet aċċettati minkejja s-saffi ta' kontroll u l-korrezzjonijiet diġà applikati fil-livell tal-Istati Membri*". Abbażi tal-evidenza kollha għall-awditjar għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni hija fiduċjuża, madankollu, rigward ir-riskju stmat tagħha fil-waqt tal-pagament irrappurtat fl-AMPR, espress bħala massimu ta' 2,6 % tan-nefqa rilevanti. Il-Kummissjoni rrappurtat fid-dettall fir-RAA, il-programmi li għalihom ir-riżultati tal-awditjar kollha jindikaw il-ħtieġa għal korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali potenzjali, abbażi ta' metodoloġija bir-reqqa u robusta applikata għal kull programm. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha dwar l-aċċertament li kisbet dwar ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-paragrafi 6.49–6.51 hawn fuq.

Barra minn hekk, l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI, key performance indicator) aggregat huwa rrappurtat fir-RAA bħala medja ponderata tar-rati ta' żball ikkonfermati kollha, inkluż il-kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-awditjar soġġetti għall-proċedura kontradittorja fil-mument ta' din il-valutazzjoni. Il-Kummissjoni tirrapporta wkoll livell massimu ta' dan il-KPI (l-agħar xenarju possibbli), filwaqt li qieset l-informazzjoni pendenti kollha li għadha qiegħda tiġi vvalidata. Mis-sena l-oħra 'l hawn, dan il-livell massimu jinkludi "żieda" fir-riskju għall-programmi li qatt ma ġew awditjati mill-Kummissjoni nnifisha jew li għalihom l-awditi preċedenti żvelaw ċerti irregolaritajiet li setgħu jiġu ripetuti għal programmi mhux awditjati.

Fir-rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR, Annual Management and Performance Report), il-Kummissjoni tuża r-riskji fil-waqt tal-pagament divulgati mid-DĠ fir-RAA tagħhom li jikkorrispondu għall-aħjar stima tagħhom tal-livell ta' żball fin-nefqa ċċertifikata, wara valutazzjoni tal-kwalità bir-reqqa u strutturata tar-riżultati rrapportati għal kull programm. Minħabba din is-segmentazzjoni dettaljata tan-nefqa skont il-profili tar-riskju u s-sistemi ta' kontroll, il-Kummissjoni, meta taqbad l-iżbalji, u filwaqt li tqis ukoll ix-xogħol tal-QEA, tista' tidentifika l-parti speċifika tal-popolazzjoni tal-programmi li x'aktarx tkun se tintlaqat l-aktar. Dan l-approċċ jippermetti li jiġu identifikati b'mod ċar l-oqsma fejn huwa meħtieġ titjib, li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji fejn ġustifikat u legalment possibbli u li tingħata stampa differenzjata tal-livell ta' żball fost il-pagamenti li saru.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jwettqu awditi u jimplimentaw kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja meħtieġa addizzjonali f'perjodu pluriennali (inkluż sa tliet snin wara s-sena li fiha l-kontijiet ġew aċċettati). Din il-possibbiltà offruta mill-koleġiżlatur hija importanti għall-Kummissjoni biex tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE taħt programmi pluriennali.

Biex tirrifletti dawn l-azzjonijiet pluriennali, il-Kummissjoni tiddetermina riskju fl-għeluq, jiġifieri r-riskju ta' żball li jifdal fin-nefqa wara li jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet kollha. Għall-2022, ir-riskju fl-għeluq ġie stmat ta' 1,3 % għas-subintestatura 2a tal-QFP, simili għas-snin preċedenti. Abbażi tax-xogħol tal-awditjar ulterjuri mwettaq u l-korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali implimentati b'mod effettiv għas-snin kontabilistiċi preċedenti, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid ir-riskju ta' koeżjoni fl-għeluq għas-snin ta' rappurtar preċedenti u kkonkludiet li issa kien ferm inqas minn 2 %, kif kien ġie antiċipat. Għar-raġunijiet spjegati fit-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 6.16, 6.17, 6.21, 6.24, 6.28 u 6.32 hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li tista' tapplika b'mod effettiv korrezzjonijiet finanzjarji għal 30 mit-48 żball irrappurtat mill-QEA, wara l-proċedura kontradittorja dovuta tagħha stess mal-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati.

L-awditi tal-konformità u l-analiżijiet mhux fuq il-post tal-Kummissjoni jibqgħu hemm

Il-Kummissjoni tqis li l-analiżijiet mhux fuq il-post (il-para. 6.68 sal-para. 6.70) li twettaq għal kull programm kull sena huwa approċċ effiċjenti u proporzjonat għall-programmi li jinstabu li jirrapportaw b'mod affidabbli rati baxxi ta' żball sena wara sena.

Il-valutazzjoni mhux fuq il-post tal-Kummissjoni tqis l-għarfien kumulattiv kollu u r-riżultati tal-awditjar fir-rigward tax-xogħol tal-awditjar preċedenti mwettaq fuq l-awtorità tal-awditjar u l-programm ikkonċernat (inklużi l-awditi tal-Kummissjoni, tal-QEA u nazzjonali) biex jiġu rieżaminati b'mod kritiku l-konklużjonijiet tal-awditjar ipprovduti fir-rapport annwali ta' kontroll. Il-Kummissjoni tikkollabora mal-awtoritajiet tal-awditjar meta tkun teħtieġ kjarifiki. Għal programmi aktar riskjużi, l-analiżi mhux fuq il-post hija kkomplementata minn żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni jew jerġgħu jsiru l-awditi.

Fl-2022, abbażi biss ta' analiżijiet mhux fuq il-post, EMPL u REGIO kkalkulaw mill-ġdid ir-rata ta' żball residwu rrappurtata għal 35 u 79 programm rispettivament, 'il fuq minn 2 % fi tnax-il każ. Dan juri b'mod ċar il-valur miżjud ta' dan l-approċċ.

Fir-rigward tal-istima tar-rata ta' żball (KPI) fir-RAA, biex jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA fir-Rapport Speċjali 26/2021 tagħha (ara n-nota 26 f'qiegħ il-paġna fit-test tal-QEA), il-Kummissjoni kkomplementat il-kalkolu tagħha tar-riskju massimu b'żieda, stabbilita b'rata fissa, għall-programmi mhux awditjati. Fil-kalkolu tagħha, il-Kummissjoni tqis ukoll ir-riżultati tal-awditjar tal-QEA rrappurtati qabel l-iffirmar tar-RAA. Iż-żidiet (riskji massimi) jibqgħu stima bbażata fuq l-aħjar ġudizzju professjonali tal-Kummissjoni li jista' jiġi kkonfermat jew le minn xogħol tal-awditjar ulterjuri. Din il-metodoloġija tippermetti li tiġi stabbilita l-aħjar stima tar-riskju fil-waqt tal-pagament fil-mument tal-iffirmar tar-RAA, peress li l-Kummissjoni ma tawditjax (u ma tistax tawditja) fuq il-post kull programm individwali kull sena.

Ladarba titlesta l-analiżi mhux fuq il-post, il-Kummissjoni twettaq il-valutazzjoni tar-riskju tagħha biex tiddetermina l-programmi li għandhom jiġu awditjati fuq il-post. Il-Kummissjoni rrappurtat kompletament ir-riżultati tal-awditi tagħha fir-RAA.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għan-nuqqas ta' qbil tagħha ma' tmintax-il żball inklużi fir-rata ta' żball stmata tal-QEA (ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.16, 6.17, 6.21, 6.24, 6.28 u 6.32).

Korrezzjonijiet finanzjarji netti (il-para. 6.71 u l-para. 6.72)

Il-koleġiżlatur stabbilixxa kriterji stretti fil-qafas legali għall-Kummissjoni biex timplimenta korrezzjonijiet finanzjarji netti li huma soġġetti għal rekwiżiti kumulattivi stretti li jillimitaw b'mod konsiderevoli l-ambitu ta' applikazzjoni tagħhom u fil-prattika jwasslu għal sfidi konsiderevoli fl-applikazzjoni ta' tali korrezzjonijiet netti. Dan jispjega n-nuqqas ta' tali deċiżjonijiet sa issa u juri r-rieda tal-koleġiżlatur li jagħmel użu minn din il-possibbiltà biss f'każijiet ta' nuqqasijiet serji identifikati, wara li jkunu ngħataw il-possibbiltajiet kollha lill-Istati Membri biex jikkoreġu n-nefqa kkonċernata.

Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li s-sempliċi eżistenza ta' din id-dispożizzjoni legali, li ssaħħaħ ir-rwol superviżorju tal-Kummissjoni, fil-prattika kellha effett deterrenti u kkontribwiet biex jiżdiedu l-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Istati Membri meta mqabbla mal-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, u b'hekk naqqset il-ħtieġa li l-Kummissjoni tintervjeni permezz ta' deċiżjonijiet formali għal korrezzjonijiet finanzjarji netti. Dan jidher mill-ammonti kumulattivi importanti li l-Istati Membri ħadu temporanjament jew definittivament mill-ammonti annwali ċċertifikati (total ta' EUR 14,5 biljun mill-2014 'l hawn), kif irrappurtat fir-rapporti annwali tal-attività tal-2022 ta' REGIO u EMPL.

L-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013

Il-Kummissjoni tinnota li l-għeluq tal-2007–2013 (il-para. 6.73 sal-para. 6.75) issa huwa kważi lest, b'sitt programmi biss li għadhom kompletament miftuħa għall-Fondi kollha minħabba kwistjonijiet serji li għad baqa'. Il-Kummissjoni mhux se tagħmel il-pagament finali ta' 5 % għal

dawn il-programmi li għad baqa' qabel ma jiġu solvuti l-kwistjonijiet kollha, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' korrezzjoni finanzjarja biex jitnaqqas il-finanzjament tal-programmi (korrezzjonijiet netti), jekk ikun meħtieġ. Għall-programmi kollha tal-2007–2013 li ngħalqu sa issa, bħala riżultat tal-korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali importanti implimentati sal-għeluq u matulu, REGIO u EMPL irrappurtaw riskju residwu fl-għeluq ta' 0,3 % u 0,6 % rispettivament fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom għall-2022.

Tabilħaqq ma hemm l-ebda skadenza regolatorja biex ikompli jiġi protett il-baġit tal-UE. Il-korrezzjonijiet (ta' sikwit netti) xorta jistgħu jseħħu ħafna snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni jew l-għeluq ta' programm, kif irrappurtat fir-rapporti annwali tal-attività.

Fl-2021, il-Kummissjoni ħarġet gwida bikrija lill-Istati Membri biex tiżgura t-tħejjija dovuta għall-għeluq tal-programmi 2014–2020 (ippjanat fl-2025). L-għeluq se jiġi ssimplifikat minħabba l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet u l-approvazzjoni (parzjali) ta' kwistjonijiet ta' legalità/regolarità għas-snin kontabilistiċi preċedenti, iżda xorta se jinvolvi għadd ta' kontrolli importanti tal-eliġibbiltà finali tal-operazzjonijiet u n-nefqa, kif indikat mill-QEA. Peress li r-regolament jiddistingwi s-saldu finanzjarju ta' kull sena kontabilistika mill-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità, tali valutazzjoni għall-aħħar segment ta' nefqa se tmur lil hinn mill-għeluq tal-programmi (definit bħala s-saldu finanzjarju tal-aħħar sena kontabilistika u l-aċċettazzjoni tal-aħħar rapport ta' implimentazzjoni). It-tempistika biex eventwalment jiġu solvuti l-kwistjonijiet miftuħa kollha ta' legalità u regolarità se tiddependi fuq is-serjetà tal-kwistjonijiet identifikati u l-ħtieġa għal proċeduri kontradittorji dwar il-kwistjoni kkontestata mill-Istati Membri kkonċernati. Madankollu, għall-programmi 2014–2020 ta' riskju baxx u medju, l-għeluq tat-tliet aspetti kollha (il-kontabbiltà, ir-rapport ta' implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti) jista' jseħħ sa tmiem l-2025, skont l-aħjar stimi.

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress tal-għeluq għall-2014–2020 fir-rapporti annwali tal-attività, kif għamlet għall-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Rappurtar dwar diversi proċeduri tal-istat tad-dritt (il-para. 6.76)

Madankollu, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega tad-Direttorati Ġenerali REGIO u EMPL qiesu, fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, l-elementi rilevanti kollha li jistgħu jidhru fil-kuntest tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u li fuqhom għandhom il-possibbiltà li jaġixxu skont il-bażi legali settorjali.

Il-prefinanzjament mhuwiex soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti. L-unika konsegwenza ta' nuqqas li tiġi ssodisfata kundizzjoni abilitanti hija li n-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbuta mal-objettiv speċifiku kkonċernat, għalkemm jistgħu jiġu inklużi f'applikazzjonijiet għal pagament, ma għandhiex tiġi rimborżata_mill-Kummissjoni sakemm il-Kummissjoni ma tkunx infurmat lill-Istat Membru dwar l-issodisfar tal-kundizzjoni abilitanti (l-Artikolu 15(5) RDK). Għalhekk, il-Kummissjoni rrappurtat b'mod effettiv fir-RAA u fl-AMPR tal-2022 li l-ebda pagament *interim* lill-programmi Ungeriżi u Pollakki ma jista' jiġi rimborżat sakemm il-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tiġix ivvalutata bħala ssodisfata.

III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota kif dovut taż-żieda fir-rata ta' żball stmata mill-QEA din is-sena (il-para. 6.77u l-para. 6.78), meta mqabbla ma' livell relattivament stabbli ta' żball irrappurtat għall-aħħar ħames snin. Ir-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament iddivulgat fir-RAA tal-2022 jibqa' komparabbli ma' dak tas-snin preċedenti.

Il-Kummissjoni tattribwixxi d-differenza l-aktar għall-fatt li l-QEA tirrapporta żbalji relatati ma' kwalunkwe ksur tar-regoli applikabbli. Il-Kummissjoni mhux neċessarjament tqis in-nefqa assoċjata bħala ineliġibbli. Biex l-awtoritajiet tal-programmi u l-Kummissjoni jimponu korrezzjonijiet finanzjarji, żball irid ikun irregolarità fis-sens tal-Artikolu 2(36) tar-RDK. Mhux l-iżbalji kollha rrappurtati mill-QEA jaqgħu f'din il-kategorija.

Barra minn hekk, mit-48 żball irrappurtat u kkwantifikat fl-2022 mill-QEA għall-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni ta' 18-il żball.

Għal 13 minn dawn l-iżbalji, il-Kummissjoni tqis li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-RDK imsemmija hawn fuq, ma setgħetx tikkonkludi dwar irregolarità li twassal għal nefqa ineliġibbli. Dan jinkludi żewġ tranżazzjonijiet ivvalutati mill-QEA bħala proġetti kbar mhux innotifikati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-operazzjonijiet relatati jikkorrispondu għad-definizzjoni ta' proġetti kbar fir-RDK (ara dettalji ulterjuri fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.24 u 6.25).

Barra minn hekk, għal ħames każijiet, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tapplika l-livell ta' kwantifikazzjoni użat mill-QEA. Dan jinkludi żewġ akkwisti pubbliċi fejn il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' korrezzjoni applikat mill-awtoritajiet tal-programmi huwa ġġustifikat mit-tip ta' ksur identifikat mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni (ara hawn taħt it-tweġiba għall-paragrafi 6.32 u 6.33). Kumplessivament, għal dawn it-18-il każ, il-Kummissjoni vvalutat li ma jkollhiex bażi legali biex timponi korrezzjonijiet finanzjarji (jew korrezzjonijiet ogħla minn dawk diġà applikati).

Il-Kummissjoni se tagħmel segwitu kif dovut tal-każijiet l-oħra kollha u se titlob korrezzjonijiet finanzjarji, fejn xieraq. Il-Kummissjoni se tirrakkomanda wkoll azzjonijiet ta' rimedju lill-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati biex itejbu ulterjorment is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kif meħtieġ.

L-objettiv tal-mudell ta' aċċertament (il-para. 6.79) taħt il-Politika ta' Koeżjoni huwa li jkun hemm rata ta' żball residwu ta' inqas minn 2 % għal kull programm individwalment, kull sena. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha l-għodod biex tidentifika l-programmi individwali kkonċernati u biex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali meħtieġa, meta l-iżbalji residwi individwali jkunu 'l fuq minn 2 %.

Il-verifiki ta' ġestjoni (il-para. 6.80) huma l-ewwel linja ta' difiża kontra l-iżbalji u għandhom ikunu aktar effettivi fil-prevenzjoni u fil-qbid ta' żbalji fl-ewwel istanza għal għadd ta' programmi (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.42).

Il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-effettività tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fir-RAA tad-Direttorati Ġenerali REGIO u EMPL (il-paġni 43 u 69, rispettivament), u kkonkludiet, abbażi tal-evidenza għall-awditjar kumulattiva kollha li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw tajjeb jew tajjeb biżżejjed għal 88 % tal-Programmi ta' koeżjoni.

Il-Kummissjoni tqis li, kumplessivament, wieħed jista' jserraħ fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi ta' kontroll tagħhom (il-para. 6.81), bl-eċċezzjoni ta' għaxar istanzi rrappurtati ċar u tond fir-RAA. F'każijiet oħra, l-iżbalji addizzjonali maqbuda huma ta' darba fill u ma jindikawx dgħufija sistemika fil-livell tal-awtorità tal-awditjar.

Il-fatt li rata ta' żball residwu tirriżulta li tkun 'il fuq minn 2 % f'sena partikolari, minkejja li l-awtorità tal-awditjar tkun irrappurtat rata ta' inqas minn 2 %, mhux neċessarjament jindika nuqqas serju jew sistematiku fil-ħidma tal-awtorità tal-awditjar. Żbalji individwali li ma nqabdux, xi kultant kumplessi, mhux dejjem jistgħu jkunu rappreżentattivi tax-xogħol imwettaq mill-awtorità tal-awditjar u jistgħu jkunu dovuti għal interpretazzjonijiet differenti tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tivvaluta x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar filwaqt li tqis parametri differenti, inklużi r-riżultati mill-awditi tas-sistema, flimkien mar-rati ta' żball ikkalkulati mill-ġdid.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar tal-programmi kkonċernati, sabiex twettaq segwitu tal-konklużjonijiet maqbula u biex maż-żmien jinkiseb livell ta' żball residwu ta' inqas minn 2 % għall-programmi kollha, billi jintużaw l-istrumenti regolatorji biex jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri tal-awditjar biex tikseb aċċertament raġonevoli għal kull programm dwar jekk ir-rati ta' żball irrappurtati kull sena mill-awtoritajiet tal-awditjar differenti humiex aċċettabbli, jew jekk hemmx indikazzjonijiet jew evidenza li għad hemm livelli materjali ta' żbalji (il-para. 6.82).

Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjonijiet dettaljati tagħha jwasslu għal konklużjoni artikolata u differenzjata għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. L-evidenza għall-awditjar disponibbli għall-Kummissjoni u rrappurtata fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi ma tindikax żieda fl-istima tagħha tal-livell ta' żball (KPI) divulgat fir-RAA, kuntrarjament għal dak irrappurtat mill-QEA din is-sena.

Fl-AMPR, il-Kummissjoni tuża r-riskji fil-waqt tal-pagament ddivulgati mid-Direttorati Ġenerali (DĠ) fir-RAA tagħhom wara rieżami tal-kwalità bir-reqqa u strutturat. Minħabba s-segmentazzjoni dettaljata tan-nefqa tagħha skont il-profili tar-riskju u s-sistemi ta' kontroll, meta tidentifika l-iżbalji, u filwaqt li tqis ukoll ix-xogħol tal-QEA, il-Kummissjoni tista' tidentifika l-parti speċifika tal-programmi li x'aktarx tkun se tintlaqat l-aktar. B'hekk tkun tista' tipprovdi viżjoni differenzjata tal-livell ta' żball fost il-pagamenti li jkunu saru u tidentifika b'mod ċar l-oqsma li fihom ikun hemm bżonn ta' titjib.

Rakkomandazzjonijiet

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet rieżaminati mill-QEA mir-Rapporti Annwali 2020 u 2021 (6.84), il-Kummissjoni tinnota li r-Rakkomandazzjoni 5.6 dwar ir-rappurtar tal-proċeduri tal-Istat tad-dritt kontra l-Istati Membri, maħruġa fir-Rapport Annwali tal-2021, ma ġietx aċċettata.

Rakkomandazzjoni 6.1 – Miżuri ta' mitigazzjoni għal żbalji rikorrenti

Issaħħaħ il-miżuri mfassla biex jindirizzaw l-iżbalji rikorrenti, speċifikament b'rabta ma' kostijiet ineliġibbli u proġetti, tiżgura kopertura suffiċjenti tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha għall-awtoritajiet tal-awditjar kollha, u xxerred ir-riżultati biex tnaqqas l-okkorrenza u l-impatt tal-infiq irregolari.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Diċembru 2025)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Azzjonijiet kontinwi li għaddejjin mal-awtoritajiet tal-awditjar għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità ta' qbid tagħhom u jiżguraw kopertura adegwata tax-xogħol tal-awditjar tagħhom permezz tal-pjan tal-awditjar tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tipprovdi rispons regolari lill-awtoritajiet tal-programmi dwar żbalji li baqgħu ma nqabdux mill-awtoritajiet maniġerjali u/jew tal-awditjar. L-analiżi u l-monitoraġġ kontinwi tal-kawżi ewlenin ta' tali żbalji li ma jinqabdux jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tar-riskju annwali tal-Kummissjoni għall-għażla tal-programmi fid-dawl ta' awditi sussegwenti bbażati fuq ir-riskju.

Il-Kummissjoni tissokta bl-isforzi kollha meħtieġa sabiex tinkiseb il-mira biex jiġu żgurati l-konformità u riskju residwu taħt il-materjalità għall-programmi kollha, idealment kull sena u bil-mezzi kollha matul iż-żmien.

Rakkomandazzjoni 6.2 – Notifiki tal-proġetti l-kbar

Tivverifika, meta tagħlaq il-programmi għall-2014-2020, li n-nefqa marbuta ma' notifiki tal-proġetti l-kbar biss ġiet aċċettata, u tieħu kont partikolari tas-sitwazzjoni identifikata dik is-sena.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: mhux aktar tard minn Marzu 2025)

Għalkemm il-Kummissjoni ma taqbilx dwar operazzjonijiet individwali rrappurtati mill-QEA din is-sena bħala proġetti kbar allegati, il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni li jsiru kontrolli xierqa fl-għeluq.

Il-Kummissjoni timmonitorja proġetti kbar permezz tal-lista ta' tali proġetti inklużi fil-programmi operazzjonali, li qiegħda tevolvi abbażi ta' diskussjonijiet kontinwi mal-Istati Membri.

Fl-għeluq, l-Istati Membri se jintalbu jikkonfermaw l-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata skont ir-regoli applikabbli għall-proġetti kbar. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' notifika ta' proġett kbir ma jistax jiġi interpretat legalment bħala irregolarità, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(36) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li tagħmel in-nefqa u l-operazzjoni relatati kollha ineliġibbli.

Rakkomandazzjoni 6.3 – Awditi tematiċi dwar il-kunflitti ta' interess

Tippjana u timplimenta awditi tematiċi ffukati fuq il-kunflitti ta' interess għall-programmi 2021-2027, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju proprju tagħha u fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Diċembru 2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

F'konformità mal-Istrateġija Unika tal-Awditjar 2021–2027 tagħha, il-Kummissjoni biħsiebha twettaq awditi tematiċi differenti, fost l-oħrajn dwar miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' kunflitt ta' interess, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha stess. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tibbaża ruħha wkoll fuq il-metodoloġija u l-esperjenza żviluppata permezz ta' awditi tematiċi bħal dawn dwar il-kunflitt ta' interess imwettqa matul il-perjodu 2014–2020.

Rakkomandazzjoni 6.4 – Verifiki mmirati fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji għal operazzjonijiet pluriennali matul l-għeluq

Twettaq verifiki mmirati speċifiċi fl-awditi tal-għeluq tagħha għall-2014-2020 biex tiżgura li l-Istati Membri applikaw il-korrezzjoni finanzjarja neċessarja għal żbalji identifikati f'sena kontabilistika waħda li jaffettwaw ukoll in-nefqa f'perjodi kontabilistiċi oħra.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: minn Frar 2025 sa tmiem l-għeluq tal-PO kollha għall-2014-2020)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar jikkonfermaw li l-korrezzjonijiet kollha ġew implimentati b'mod korrett, l-aktar tard fl-aħħar rapport annwali ta' kontroll, frott l-awditi tal-kontijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar iridu jwettqu kull sena.

Il-Kummissjoni ppjanat għadd ta' awditi tematiċi dwar it-tħejjija għall-proċess tal-għeluq tal-programmi, inkluż dwar l-aspett rakkomandat.

Rakkomandazzjoni 6.5 – Affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet

Tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar ikollhom metodi xierqa fis-seħħ biex jiċċekkjaw il-validità u l-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet u jikkondividu prattiki tajba, u dan filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni identifikata din is-sena.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tiġbor u tikkondividi prattiki tajbin identifikati dwar kif tivverifika l-awtodikjarazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tfakkar, madankollu, li l-awtodikjarazzjonijiet huma sors alternattiv ta' aċċertament għall-awtoritajiet tal-programmi, meta sorsi affidabbli u vverifikati ma jkunux disponibbli faċilment u direttament. L-awtodikjarazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli skont metodoloġija xierqa vis-à-vis sorsi oħra ta' informazzjoni jekk ikunu disponibbli, iżda dan irid jiġi vvalutat skont il-każ.

Rakkomandazzjoni 6.6 – Tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' frodi biex jiġi żgurat rappurtar aktar effettiv dwar frodi suspettata

(a) Tippjana u timplimenta awditi tematiċi ffukati rigward is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju tal-awtoritajiet maniġerjali u l-użu tal-estrazzjoni tad-*data* u l-għodod għall-kejl tar-riskju għall-programmi 2021-2027.

(b) Tispeċifika rekwiżiti minimi għall-awtoritajiet tal-awditjar biex ikopru r-riskju ta' frodi fil-listi ta' kontroll u x-xogħol tal-awditjar tagħhom.

(c) Tfakkar lill-Istati Membri bl-obbligi tagħhom rigward ir-rappurtar tal-frodi.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: għar-Rakkomandazzjoni 6.6(a) sa Diċembru 2025, għar-Rakkomandazzjonijiet 6.6(b) u 6.6(c) sa Diċembru 2023)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

a) L-awditi tematiċi dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi kontra l-frodi huma parti mill-istrateġija kontra l-frodi u l-Istrateġija Unika tal-Awditjar għall-programmi 2021–2027. Barra minn hekk, appoġġ metodoloġiku speċifiku huwa offrut lill-awtoritajiet tal-programmi dwar il-verifiki ta' ġestjoni bbażati fuq ir-riskji, inklużi sessjonijiet ta' ħidma u awditi preventivi u bikrin tas-sistemi. Il-Kummissjoni tippromwovi u tħeġġeġ b'mod sistematiku l-użu tal-għodod tal-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju, u tiżgura monitoraġġ mill-qrib fir-rigward tal-użu ta' Arachne.
b) L-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi hija parti mir-rekwiżiti tas-sistema li l-awtoritajiet tal-awditjar jeħtieġ li jkopru fil-valutazzjoni tagħhom tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Ġew integrati oqsma speċifiċi fil-listi ta' kontroll tal-awditjar aġġornati tal-Kummissjoni għall-operazzjonijiet u l-awditi tas-sistema li ġew kondiviżi mal-awtoritajiet tal-awditjar bħala segwitu tar-Rapport Speċjali Nru 6/2019 tal-QEA dwar "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni". Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar jiddokumentaw kif suppost fil-listi ta' kontroll tagħhom kif koprew ir-riskju ta' frodi matul l-awditi tal-operazzjonijiet tagħhom.
c) Fl-awditi tagħhom, l-awdituri tal-Kummissjoni biħsiebhom jinkorporaw kontroll addizzjonali dwar jekk ir-rappurtar tal-awtoritajiet tal-programmi fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS, Irregularity Management System) jirriflettix kif xieraq l-iżbalji u l-irregolaritajiet maqbuda. Is-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mal-OLAF fuq quddiem nett, se jkomplu jfakkru lill-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom rigward ir-rappurtar tal-frodi. L-OLAF biħsiebu wkoll iniedi reviżjoni tal- "Manwal ta' rappurtar ta' irregolaritajiet fil-ġestjoni kondiviża" qabel tmiem l-2023. Dan il-proċess se jinvolvi esperti minn servizzi oħra tal-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Rakkomandazzjoni 6.7 – Mobilizzazzjoni tal-għodda għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju

Tmexxi 'l quddiem id-data għall-mobilizzazzjoni tal-għodda unika integrata tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju mill-2028 għall-2025, l-ewwel sena li fiha mistenni jiġi ddikjarat ammont sinifikanti tan-nefqa għall-2021-2027. Sadanittant, tiżgura li l-OLAF, l-UPPE u l-QEA jkollhom aċċess għal Arachne.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Diċembru 2025)

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-ewwel parti tar-rakkomandazzjoni li għandha l-għan li tmexxi 'l quddiem id-data għall-mobilizzazzjoni tal-għodda unika integrata tal-IT għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju mill-2028 għall-2025. Bħalissa qiegħda tiġi diskussa proposta tal-Kummissjoni għar-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju mill-koleġiżlatur, li fl-aħħar mill-aħħar se jiddeċiedi jekk l-użu tal-għodda għall-estrazzjoni tad-*data* huwiex obbligatorju u sa meta. Ir-rakkomandazzjoni tal-QEA qiegħda għalhekk tasal tard wisq fil-proċess leġiżlattiv. Barra minn hekk, antiċipazzjoni tal-użu ta' tali għodda fl-2025 mhijiex teknikament fattibbli minħabba l-ħtieġa

li tiġi estiża l-għodda eżistenti għall-użu korporattiv, jiġu inkorporati funzjonalitajiet avvanzati u teknoloġiji emerġenti.

Il-Kummissjoni taċċetta t-tieni parti tar-rakkomandazzjoni li għandha l-għan li tiżgura li fil-frattemp, l-OLAF, l-UPPE u l-QEA jkollhom aċċess għal Arachne fuq bażi ta' każ b'każ. Għall-QEA, dan l-aċċess dirett se jkopri entitajiet involuti f'operazzjonijiet li huma s-suġġett ta' awditi li għaddejjin bħalissa. L-iżviluppi jinsabu għaddejjin bħalissa biex jipprovdu tali aċċess dirett relatat mal-każijiet, fil-qafas tal-karta eżistenti tad-drittijiet u l-obbligi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-użu ta' Arachne.

IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI – KAPITOLU 7: RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

L-intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) "Riżorsi naturali u ambjent" tkopri l-infiq tal-UE fuq il-politika agrikola komuni, il-politika marittima u tas-sajd u l-programm LIFE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK), li hija responsabbli għall-parti l-kbira tal-infiq taħt din l-intestatura, hija politika ġenwinament Ewropea peress li l-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi biex joperaw politika komuni unika b'baġit Ewropew uniku. L-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fit-Trattat u fir-regolamenti tal-PAK huma: li tiżdied il-produttività agrikola; li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunitajiet agrikoli; l-istabbiltà tas-swieq; li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti; li tassigura li l-provvisti jilħqu lill-konsumatur bi prezzijiet raġonevoli.

B'6,3 miljun benefiċjarju tal-PAK, in-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija implimentata taħt ġestjoni kondiviża permezz ta' sistema komprensiva ta' ġestjoni u ta' kontroll, li hija mfassla biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fil-livell tal-benefiċjarji finali. Il-mudell robust ta' aċċertament tal-PAK jinkludi l-kontrolli tal-ewwel livell mill-aġenziji tal-pagamenti, ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni indipendenti u l-ħidma proprja tal-Kummissjoni permezz tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

Dan il-mudell ta' aċċertament stabbilit għall-PAK u b'hekk il-firxa u l-granularità tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-livell ta' kull aġenzija tal-pagamenti jikkontribwixxu għall-istima, bl-aktar mod preċiż possibbli, tal-livell ta' iżball fil-PAK, kif ippreżentat fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tad-DĠ AGRI.

Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-QEA li l-Pagamenti Diretti jibqgħu ħielsa minn żbalji materjali, u b'hekk tikkonferma r-rwol importanti li għandha s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), inkluża s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS), fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livell ta' żball. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-QEA għall-intestatura 3 tal-QFP fl-intier tagħha u tal-livell ta' żball għall-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq, li jibqa' materjali, f'konformità mal-valutazzjoni proprja tal-Kummissjoni. (§7.35).

Abbażi tal-qafas ta' aċċertament robust tagħha u tal-valutazzjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-istima proprja tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament, kif ippreżentata fir-RAA tad-DĠ AGRI għadha konsistenti mar-riżultati miksuba fl-aħħar snin mill-Kummissjoni u mill-QEA. Dan huwa konformi mal-fatt li n-nefqa fl-2022 hija relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u li r-regoli, is-sistemi u l-awtoritajiet baqgħu stabbli.

Fir-rigward taż-żieda identifikata mill-QEA fl-għadd ta' dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar tal-erjas meta mqabbel mal-2021, il-Kummissjoni tinnota li, meta wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni matul diversi snin, l-għadd ta' dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar fl-2022 għadu konformi mal-livelli misjuba mill-QEA għall-2020 u s-snin preċedenti. Filwaqt li l-LPIS hija l-bażi għall-applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali, id-dikjarazzjonijiet żejda jistgħu jirriżultaw ukoll minn żbalji li jsiru mill-bdiewa. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li d-dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar mhux neċessarjament jindikaw dgħufijiet speċifiċi fil-ġestjoni tal-LPIS mill-Istati Membri.

II. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-QEA ta' 2,2 % għall-intestatura 3 tal-QFP

Verifiki tal-koerenza bejn l-istatistika ta' kontroll u d-data dwar il-pagamenti trażmessi mill-Istati Membri

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li s-sistemi tal-aġenziji tal-pagamenti huma ġeneralment affidabbli u jipprovdu kalkolu korrett għall-ammont ta' għajnuna (§7.27). Il-Kummissjoni twettaq l-analiżi tagħha stess fil-forma ta' rieżamijiet annwali tal-kwalità tad-*data* tal-pagamenti u tal-kontroll ippreżentata mill-Aġenzija tal-Pagamenti kif ukoll awditi tal-integrità tad-*data* dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti, li jikkonfermaw il-valutazzjoni tal-QEA.

2. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

DĠ AGRI u DĠ MARE jirrapportaw dwar ir-regolarità tal-infiq (§7.28 to §7.32)

Il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni ilhom tmien snin jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Grazzi għal azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità mill-Kummissjoni (il-ħruġ ta' linji gwida, laqgħat regolari ta' gruppi ta' esperti), ir-rapporti tagħhom fihom informazzjoni soda, sostanzjali u siewja dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Din l-informazzjoni hija eżaminata fid-dettall minn DĠ AGRI u kienet il-bażi għall-kalkolu tar-rata ta' żball aġġustata tad-DĠ AGRI għas-sena finanzjarja 2022. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li bis-saħħa tal-azzjonijiet korrettivi kollha għall-PAK (stmati għal 1,5 %), l-ammont finali stmat f'riskju (riskju fl-għeluq) għall-PAK fl-2022 huwa stmat għal 0,35%, kif ippreżentat fir-RAA 2022 tad-DĠ AGRI.

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni tal-QEA li l-metodoloġija tad-DĠ AGRI u tad-DĠ MARE għall-kalkolu tar-riskju finali fil-waqt tal-pagament (jew fl-għeluq) kienet konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) (§7.33)

Fl-AMPR, il-Kummissjoni tuża r-riskji fil-waqt tal-pagament divulgati mid-DĠ fir-RAA tagħhom li jikkorrispondu għall-aħjar stima tagħhom tal-livell ta' żball fin-nefqa li saret, wara rieżami tal-kwalità bir-reqqa u strutturat.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tirrapporta riskju mhux materjali fil-waqt tal-pagament għall-Intestatura 3: Riżorsi naturali u ambjent, fuq il-bażi ta' mijiet ta' eluf ta' kontrolli mwettqa kull sena mill-Istati Membri u ta' awditi mill-Kummissjoni, wara l-istrateġiji ta' kontroll tagħhom li ġew stabbiliti bir-reqqa u ġew imfassla għall-ispeċifiċitajiet tal-Fondi. Bl-approċċ dettaljat tagħha, il-Kummissjoni tista' tidentifika l-partijiet speċifiċi tal-popolazzjoni tal-programm li huma l-aktar probabbli li jiġu affettwati minn żbalji, tidentifika b'mod ċar l-oqsma fejn huwa meħtieġ it-titjib, tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn xieraq u tagħti stampa differenzjata tal-livell ta' żball fost il-pagamenti magħmula. Abbażi tal-ħidma mwettqa, il-Kummissjoni tqis li r-riskju fil-waqt tal-

pagament ippreżentat fl-AMPR għall-Intestatura 3 “Riżorsi naturali u ambjent” huwa rappreżentattiv tal-livell ta’ żball.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 7.1 – Monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* dwar l-erjas agrikoli

Peress li l-erja agrikola se tkun il-bażi għall-indikaturi tal-prestazzjoni taħt il-PAK il-ġdida 2023-2027, tkompli timmonitorja kemm l-Istati Membri jivvalutaw b’mod preċiż l-erja eliġibbli fis-Sistema ta’ Identifikazzjoni tal-Irqajja’ tal-Art.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni, filwaqt li tirreferi għar-rekwiżit legali dwar il-Valutazzjoni tal-Kwalità tal-LPIS, stabbilit fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u fil-premessa 59 tar-Regolament imsemmi dwar l-obbligu tal-Istat Membru li jirrapporta dwar il-kwalità tal-LPIS tiegħu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tkompli l-evalwazzjoni annwali tagħha tal-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-LPIS tal-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni se tiġi implimentata bil-monitoraġġ li jmiss tal-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-LPIS.

IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 8: MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI – SIGURTÀ U DIFIŻA”

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tilqa’ l-osservazzjonijiet tal-QEA, taċċetta r-rakkomandazzjoni maħruġa fil-Kapitolu, li diġà qed tiġi implimentata, u timpenja ruħha li tinvolvi ruħha fl-oqsma fejn ġiet identifikata l-ħtieġa għal titjib, bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju ta’ żbalji fil-futur.

Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira tal-finanzjament taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) għall-2014-2020 u tal-biċċa l-kbira tal-finanzjament taħt l-AMIF, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-ISF għall-2021-2017 hija kondiviża mal-Istati Membri (jew il-Pajjiżi Assoċjati ma’ Schengen). Il-Kummissjoni tilqa’ r-rikonoxximent li l-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-Istati Membri eżaminati mill-QEA qed jagħmlu progress fit-tħejjijiet tagħhom għall-perjodu 2021-2027 u se timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi pendenti, filwaqt li tipprovdi gwida fejn meħtieġ. Peress li d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) japplika r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, bħala d-direttorati għall-Politiki Reġjonali u tal-Impjiegi (DĠ REGIO u DĠ EMPL), l-Awtoritajiet tal-Awditjar jissieħbu fil-laqgħat tekniċi organizzati mid-Direttorat Konġunt tal-Awditjar tad-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL (DAC).

Il-Kummissjoni tqis in-nefqa għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà u d-difiża bħala nefqa b’riskju baxx. B’referenza għall-paragrafu 8.19, il-Kummissjoni tqis li għandha evidenza dettaljata u robusta li tikkonkludi li hemm riskju fil-waqt tal-pagament ta’ inqas minn 2 % għan-nefqa fuq il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll fuq is-sigurtà u d-difiża. L-istima tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-kontrolli u l-awditi kollha mwettqa, filwaqt li l-kopertura tal-awditjar għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 tilħaq 21,7 % tan-nefqa mill-31.12.2022[1].

II. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li ġew eżaminati li kienu milquta minn żbalji (§8.10), il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati, issaħħaħ il-gwida fejn meħtieġ biex jitnaqqas l-għadd ta’ żbalji fil-futur.

[1] Il-valutazzjoni tal-livelli ta’ riskju ssir skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni, u tiġi żvelata fir-Rapport Annwali tal-2022 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (il-Volum I tal-AMPR - il-paġna 18 jew il-Volum II, l-Anness 2, it-taqsima 2.1.3 l-intestatura 4 u l-intestatura 5).

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li, f'każ wieħed, li huwa inkluż fil-kaxxa 8.1. (kostijiet għall-akkomodazzjoni minħabba irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku), fiż-żmien tal-awditu tal-QEA, il-kontrolli ta' verifika tal-Istat Membru ma ġewx iffinalizzati.

Tweġiba għall-Kaxxa 8.1

Kostijiet ineliġibbli tal-persunal u tat-tagħmir

Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejbiet tal-QEA.

Rigward l-eżempji mogħtija b'rabta mal-kostijiet ineliġibbli tal-persunal, il-Kummissjoni tixtieq tindika li fid-dawl tad-diversità tar-regoli fiskali u tas-sigurtà soċjali nazzjonali u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-suq tax-xogħol, il-Ftehim ta' Għotja ma jiddefinixxi l-ebda limitu ta' remunerazzjoni nominali relattiv għall-impjieg ta' persuni fil-qafas tas-servizzi diretti apparagun tal-kuntratti ta' impjiegi, u b'hekk iħalli lok għal apprezzament tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni.

Fil-każijiet ta' kostijiet ineliġibbli tat-tagħmir, il-kost tal-akkwist tal-kompjuters ġie ddikjarat filwaqt li skont il-ftehim ta' għotja, il-kostijiet ta' deprezzament tat-tagħmir biss kienu eliġibbli. Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li fiż-żewġ każijiet il-kompjuters kienu diġà ntużaw u wara ġew rinnovati u li l-prezz tal-kompjuters individwali kien ta' madwar EUR 300-350.

Ineliġibbiltà tal-kostijiet iddikjarati għall-akkomodazzjoni minħabba irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku

Fiż-żmien tal-awditu tal-QEA, il-kontrolli ta' verifika korrispondenti qabel il-pagament finali ma kinux ġew iffinalizzati mill-Awtoritajiet Responsabbli u tal-Awditjar fir-rigward tal-proġett taħt l-AMIF taħt ġestjoni kondiviża fi Spanja. It-tranżazzjoni magħżula mill-QEA kienet pagament magħmul mill-awtoritajiet Spanjoli lill-benefiċjarju tal-proġett u ddikjarat bħala pagament bil-quddiem lill-Kummissjoni, li għalih ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha ta' legalità u regolarità (jiġifieri, l-ebda dikjarazzjoni ta' kostijiet imġarrba ma hija meħtieġa f'dak l-istadju).

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-bażi legali, l-Istati Membri għandhom ineħħu kwalunkwe irregolarità misjuba fil-kontrolli tal-verifika finali mill-kontijiet. Il-Kummissjoni timmonitorja l-pagamenti finali magħmula mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-ammonti li nġibdu mill-kontijiet.

2. EŻAMINAR TA' ELEMENTI TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-awditi tas-sistema tas-sitt Awtoritajiet tal-Awditjar tal-Istati Membri ġew konklużi mingħajr sejbiet.

Il-pakkett ta' aċċertament jeħtieġ li jiġi pprovdut "għal kull sena kontabilistika li għaliha jkunu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għall-pagament" (l-Artikolu 98(1) CPR). Peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni għal pagament fis-sena kontabilistika 2022, l-ebda Stat Membru ma ppreżenta pakkett ta' aċċertament fi Frar 2023.

3. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

Rigward l-eżami tar-RAA (§8.18), il-Kummissjoni tfakkar li d-dikjarazzjoni ta' aċċertament tad-Direttur Ġenerali hija bbażata fuq l-eżami ta' informazzjoni differenti minn diversi sorsi (l-awtovalutazzjoni, il-kontrolli *ex post*, ir-rapporti tas-Servizz tal-Awditjar Intern u tal-QEA), u dan jiżgura l-affidabbiltà tagħha.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 8.1 – Immirar aħjar tal-verifiki fuq l-eliġibbiltà tal-kostijiet tal-proġett għal azzjonijiet tal-Unjoni mmaniġġjati direttament mid-DĠ HOME

Twettaq verifiki *ex ante* mmirati aħjar fuq l-eliġibbiltà tan-nefqa għal azzjonijiet tal-Unjoni, b'fokus speċjali fuq ir-riskji potenzjali relatati ma', pereżempju, it-tip ta' nefqa (eż. kostijiet tal-persunal, tagħmir, akkwist), jew it-tip ta' benefiċjarju.

Meta tipprepara l-valutazzjoni tar-riskju tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni li ċ-ċertifikati tal-awditjar li jappoġġaw it-talbiet għall-pagament tal-benefiċjarji għandhom limitazzjonijiet.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà ġiet implimentata.

Diġà teżisti metodoloġija għall-analiżi tat-talbiet finali għall-pagamenti fil-kuntest tal-azzjonijiet tal-Unjoni u l-Kummissjoni tkopri 100 % tat-tranżazzjonijiet bil-verifika *ex ante* tagħha. Il-listi ta' verifika ddedikati diġà ġew imsaħħa fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapport Annwali 2018 tal-QEA. Qabel ma jiġu eżegwiti l-pagamenti finali, jiġu applikati, skont kif meħtieġ il-kontrolli *ex ante*.

Bil-għan li tinżamm l-effettività tal-kostijiet tas-sistema ta' kontroll, il-Kummissjoni timpjega għadd sinifikanti ta' azzjonijiet preventivi, filwaqt li tagħti attenzjoni lill-eliġibbiltà tal-kostijiet fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-proġett filwaqt li tqis ukoll it-tipi differenti ta' nfiq u ttejjeb il-gwida mogħtija lill-benefiċjarji, b'mod partikolari lill-parteċipanti ġodda, fost l-oħrajn permezz tal-laqgħat tal-bidu.

Il-Kummissjoni diġà qed twettaq valutazzjoni mill-ġdid tal-metodoloġija *ex ante*, biex takkomoda diversi bidliet fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja għall-QFP 2021-2027. B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-Kummissjoni se tiżgura li l-metodoloġija timmira speċifikament il-verifiki fuq it-tip ta' benefiċjarju u l-kawżi ewlenin tal-iżbalji, identifikati fl-awditi kollha.

Il-mudell tal-Ftehimiet ta' Għotja jiddefinixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikat dwar ir-rapporti finanzjarji u l-metodoloġija tal-awditjar li għandhom jiġu applikati mill-awdituri.

Iċ-ċertifikat tal-awditjar huwa biss wieħed mill-elementi għall-aċċertament *ex ante* tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet tal-Unjoni. Qabel ma jiġu eżegwiti l-pagamenti finali, jiġu applikati, skont kif meħtieġ kontrolli *ex ante* oħra.

IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI – KAPITOLU 9: VIĊINAT U D-DINJA

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-konklużjonijiet tal-QEA għal dan il-kapitolu u hija impenjata li timplimenta l-azzjonijiet korrettivi xierqa fejn meħtieġ. Bi tweġiba għal xi osservazzjonijiet relatati mal-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu tad-DĠ NEAR, il-Kummissjoni tipprovdi kjarifiki dwar il-karatteristiċi tal-istudju u l-kontribut tiegħu għall-ħolqien tad-dikjarazzjoni annwali ta' aċċertament, flimkien ma' elementi l-oħra tal-qafas ta' kontroll intern. Bl-istess mod, it-tweġibiet u l-kjarifiki huma pprovduti bi tweġiba għal xi osservazzjonijiet relatati mar-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ NEAR.

Rigward xi osservazzjonijiet dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet awditjati, il-Kummissjoni tipprovdi kjarifiki dwar l-iżbalji rrapportati f'dan il-kapitolu tar-Rapport Annwali. Il-Kummissjoni tqis li l-iżbalji dwar l-approvazzjoni tal-prefinanzjament huma ta' natura temporanja, peress li kwalunkwe approvazzjoni ta' ammont żejjed tiġi aġġustata bl-aċċettazzjoni finali tal-kostijiet.

Il-Kummissjoni tkompli tiċċara li hija taqsam in-nefqa f'segmenti b'livelli differenti ta' riskju: aktar baxx (anqas minn 2%), medju (bejn 2 % u 2,5 %) u aktar għoli (aktar minn 2,5 %). Fl-2022, in-nefqa tal-intestatura tal-QFP "Viċinat u d-Dinja" vvalutata mill-Kummissjoni bħala "riskju medju" hija s-segment li jikkorrispondi għall-għotjiet taħt ġestjoni diretta biss. Is-segmenti l-oħra huma vvalutati f'livelli aktar baxxi ta' riskju. Il-valutazzjoni tal-livelli ta' riskju ssir skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni, u hija żvelata fir-Rapport Annwali tal-2022 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni: Rapporti annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (europa.eu).

II. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Fir-rigward tal-iżbalji rrappurtati bħala nefqa mhux imġarrba (§9.8 u l-Kaxxa 9.1), il-Kummissjoni tinnota li dawn jinkludu żbalji minħabba **approvazzjoni ta' ammont eċċessiv**, li jfisser prattika fejn in-nefqa mhux imġarrba tiġi inkluża fil-kontijiet bħala nefqa mġarrba. Il-Kummissjoni tqis dawn l-iżbalji bħala temporanji peress li mhux se jibqgħu jeżistu wara l-approvazzjonijiet finali. Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet inkluż li talbet lis-sħab tagħha jirrieżaminaw il-mudelli ta' rapportar tagħhom biex jippermettu identifikazzjoni aktar faċli tan-nefqa mġarrba u se żżid l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward. Hija tistenna li tara riżultati pożittivi fis-snin li ġejjin.

Tweġiba għall-Kaxxa 9.1

Nuqqas serju fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aġġudikazzjoni ta' għotjiet

DĠ INTPA

Il-Kummissjoni taqbel mas-sejba tal-QEA fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aġġudikazzjoni ta' għotjiet u tenfasizza li d-dispożizzjonijiet attwali huma stretti ħafna u ma jippermettu l-ebda tibdil tal-proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-proċeduri jistgħu jissaħħu biex jiġi evitat kwalunkwe każ ieħor simili għal dak identifikat fir-Rwanda. F'dan is-sens, il-gwida eżistenti dwar "It-tħejjija u l-iffirmar tal-kuntratt" se tissaħħaħ billi jiġu ċċarati l-obbligi tal-awtorità kontraenti, bħar-rispett tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà mħabbra fil-linji gwida meta jkun qed jitħejja l-kuntratt u billi ma tkun permessa l-ebda tibdil tal-proposti sottomessi.

Nefqa ineliġibbli li kienet inkluża fit-talba dwar l-ispejjeż

DĠ NEAR

Fil-kuntest ta' awditu tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali fil-Palestina *, il-QEA sabet li fi tmiem l-2021, aġenzija tal-iżvilupp kienet għadha qed tikkomunika lill-Kummissjoni fir-rapporti ta' progress tagħha li l-proġett kien qed jiġi ffinanzjat, minkejja li ma kienx qed jiġi implimentat. Il-QEA tikkonkludi billi tiddikjara li l-Kummissjoni qieset il-proġett bħala nefqa mġarrba.

Il-Kummissjoni approvat l-ammont abbażi tal-kostijiet imġarrba rrappurtati, dikjarazzjoni ta' ġestjoni u l-opinjoni tal-awditjar ipprovduta mill-aġenzija tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni tqis li approvazzjoni interim mhijiex ugwali għall-aċċettazzjoni finali tal-kost, li se sseħħ biss wara li jasal ir-rapport finali u l-approvazzjoni finali tan-nefqa totali taħt il-proġett. Abbażi tal-informazzjoni finanzjarja riċevuta mill-aġenzija tal-iżvilupp, il-Kummissjoni ma setgħetx taqbad l-iżball.

L-aġenzija tal-iżvilupp tqis il-fondi trasferiti lill-banek bħala impenjati u tqis biss il-fondi trasferiti lill-benefiċjarju finali bħala mġarrba. F'dan il-każ nuqqas ta' ftehim mill-fergħa lokali tal-aġenzija tal-iżvilupp kien il-kawża ta' rapport interim mhux korrett.

** Din id-dežinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.*

Tweġiba għall-Kaxxa 9.2

Valutazzjoni tar-riskju obbligatorja mhux imwettqa

DĠ NEAR

Il-QEA sabet li l-Kummissjoni għamlet pagament ta' prefinanzjament mingħajr ma wettqet il-valutazzjoni tar-riskju obbligatorja u fin-nuqqas ta' garanzija bankarja.

Il-Kummissjoni taqbel ma' din is-sejba iżda tindika li dan huwa każ iżolat, u li l-proċeduri applikabbli huma ċari u aċċessibbli għall-persunal. Peress li l-kontrolli rilevanti huma fis-seħħ iżda ma ġewx applikati b'mod korrett f'dan il-każ, l-azzjoni ta' rimedju se tikkonsisti fi tfakkira lid-Delegazzjonijiet kollha tar-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjonijiet tar-riskju.

Fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 9.8, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li xi żbalji fl-akkwist ma għandhomx impatt finanzjarju u għalhekk ma hemm l-ebda bażi legali biex jiġu rkuprati l-fondi.

Skont l-approċċ nozzjonali, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-kostijiet tal-UE jiġu ssodisfati dment li l-azzjoni tinkludi ammont ta' kostijiet eliġibbli skont ir-regoli tal-UE ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-UE, u l-ammont ikkontribwit minn donaturi oħra jkun biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż li huma ineliġibbli skont ir-regoli tal-UE (l-Artikolu 155(5) tar-Regolament Finanzjarju). Dan jagħmilha possibbli għall-UE li tikkontribwixxi għal azzjonijiet b'ħafna donaturi mingħajr l-allokazzjoni minn qabel ta' fondi (jiġifieri azzjonijiet kofinanzjati b'mod konġunt). Ma hemm l-ebda obbligu legali għall-Kummissjoni li tirrapporta separatament dwar il-proporzjoni tal-fondi, fdati lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li għalihom japplikaw l-approċċ nozzjonali.

2. Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

Tweġiba għall-Kaxxa 9.4

Rapport ta' verifika tan-nefqa riċevut wara l-pagament finali li jkun diġà sar

DĠ NEAR

Il-Kummissjoni normalment tirrikjedi li l-benefiċjarji tal-għotjiet iqabbdu kuntrattur biex jivverifika n-nefqa tagħhom sa dak il-jum u jipproduċi rapporti ta' verifika tan-nefqa. Il-QEA sabet li f'Delegazzjoni waħda tal-UE, il-pagament finali kien sar lill-benefiċjarju qabel ma rċeviet ir-rapport ta' verifika tan-nefqa.

Il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda nuqqas fil-funzjonament tas-sistema ta' kontroll intern tad-Delegazzjoni tal-UE, peress li huma permessi saffi differenti ta' kontrolli (mhux neċessarjament kumulattivi). Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li skont l-Artikolu 15.7[1] tal-Kundizzjonijiet Ġenerali u l-Artikolu 5.2 tal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-Ftehim tal-Għotja, rapport ta' verifika tan-nefqa mhuwiex meħtieġ f'każ li d-Delegazzjoni tal-UE tkun wettqet il-verifika hija stess. F'dan il-każ partikolari, id-Delegazzjoni tal-UE wettqet il-verifiki qabel il-pagament.

Bħala regola ġenerali, id-Delegazzjonijiet tal-UE jwettqu analiżi dokumentarja u żjarat fuq il-post qabel il-pagamenti finali għal kuntratti ta' għotja bir-rapport ta' verifika tan-nefqa jew mingħajru, f'konformità mal-metodoloġija ta' kontroll eżistenti.

Persunal tad-delegazzjonijiet mhux imħarreġ fil-prevenzjoni tal-frodi fl-aħħar ħames snin

DĠ NEAR u DĠ INTPA

Xi membri tal-persunal fid-delegazzjonijiet tal-UE awditjati ma attendewx korsijiet ta' taħriġ fil-prevenzjoni tal-frodi f'dawn l-aħħar ħames snin (il-kaxxa 9.4). L-attendenza għat-taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-frodi hija biss waħda mill-għodod disponibbli biex jiżdied l-għarfien tal-persunal fil-prevenzjoni tal-frodi f'organizzazzjoni moderna. B'riżultat ta' dan, l-objettiv tat-tagħlim tal-Istrateġiji Kontra l-Frodi huwa li tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni interna dwar kwistjonijiet relatati mal-frodi u ma jinvolvix objettiv ta' attendenza ta' 100 % tal-persunal għal taħriġ għall-prevenzjoni tal-frodi kull 5 snin.

[1] "Ir-rapport ta' verifika tan-nefqa ma għandux jiġi pprovdut mill-koordinatur jekk il-verifika ssir direttament mill-persunal tal-awtorità kontraenti stess, mill-Kummissjoni jew minn korp awtorizzat li jagħmel dan f'isimhom, skont l-Artikolu 5.2 tal-kundizzjonijiet speċjali."

Artikolu 5.2: "Il-verifika/i tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 15.7 tal-Anness II se titwettaq/jitwettqu mill-awtorità kontraenti jew minn kwalunkwe korp estern awtorizzat mill-awtorità kontraenti."

Il-membri kollha tal-persunal fir-relazzjonijiet esterni għandhom aċċess għal diversi opportunitajiet rilevanti ta' tagħlim. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdi firxa wiesgħa ta' għodod u ta' riżorsi biex tiżgura aċċess illimitat fiż-żmien u fiż-żona ġeografika għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-prevenzjoni tal-frodi. Fil-fatt, il-Kummissjoni toffri varjetà ta' attivitajiet u gwida addizzjonali biex tkopri kwistjonijiet relatati mal-frodi – inkluż network kontra l-frodi b'punti fokali maħtura kontra l-frodi, preżentazzjonijiet matul seminars u laqgħat rilevanti, noti tal-persunal, manwali u gwida, paġni tal-intranet, stħarriġiet, bullettini, missjonijiet ta' superviżjoni, eċċ.

Is-sistema ta' informazzjoni OPSYS mhux kompletament operazzjonali

Matul iż-żjara tal-QEA, il-persunal tad-Delegazzjoni tal-UE irrapporta problemi bl-OPSYS li kienu wasslu għal dewmien, tfixkil fil-funzjonament bla xkiel tad-delegazzjoni u żieda fil-konsum tar-riżorsi. Kif osservat mill-QEA, id-DĠ NEAR irrapporta diffikultajiet bl-implimentazzjoni tal-OPSYS fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu (RAA).

Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawk id-diffikultajiet ma rriżultawx f'*data* inaffidabbli jew informazzjoni ta' ġestjoni inkompleta. Inevitabbilment, l-introduzzjoni tal-OPSYS ġabet magħha sfidi sinifikanti fil-perjodu ta' tranżizzjoni għad-Delegazzjonijiet tal-UE, peress li kien hemm ċerti difetti tekniċi, b'mod partikolari matul l-eżerċizzju ta' tbassir. Madankollu, il-Kummissjoni kienet konxja ta' dawn il-kwistjonijiet matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u ħadet miżuri biex ittaffi r-riskji relatati, b'mod partikolari bir-riżoluzzjoni tal-aktar difetti problematiċi fi tmiem il-proċess (validazzjoni tat-tbassir).

3. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

RAA u RER (rata tal-iżball residwu) tad-DĠ NEAR

Il-Kummissjoni tqis li l-istudju dwar l-RER mhuwiex soġġett għal limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għas-sottovalutazzjoni tal-iżbalji. Għall-kuntrarju, jista' jkun hemm każijiet ta' sopravalutazzjoni. L-estrapolazzjoni tal-iżball għat-tranżazzjonijiet mhux ittestjati tista' fil-fatt twassal għal sopravalutazzjoni tar-rata ta' żball minħabba li l-iżball identifikat f'intestatura tal-baġit partikolari tar-rapport finanzjarju sottomess minn benefiċjarju mhuwiex neċessarjament mifrux f'intestaturi oħra tal-baġit.

Fir-rigward tad-dipendenza fuq ix-xogħol ta' oħrajn, il-Kummissjoni tfakkar li f'konformità mal-metodoloġija tal-RER, il-kuntrattur jista' jiddependi kompletament jew parzjalment fuq ir-riżultati tal-verifikazzjonijiet tan-nefqa mwettqa minn awdituri indipendenti għad-DĠ NEAR u fuq l-awditi tal-QEA. Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat li d-dipendenza sħiħa u parzjali mhumiex l-istess, u kull wieħed minnhom jeħtieġ li jsir sett ta' passi ta' ttestjar. Il-Kummissjoni tillimita l-għadd ta' każijiet ta' dipendenza sħiħa fl-istudji dwar l-RER, li għadhom konformi mal-medja storika (14 % fl-istudji dwar l-RER tad-DĠ NEAR fl-2021 u fl-2022).

Ir-rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ NEAR ifakkar ukoll li l-istudju dwar l-RER la huwa inkarigu ta' aċċertament u lanqas awditu. L-istudju dwar l-RER huwa mibni fuq metodoloġija distinta, li sservi skop speċifiku: biex titkejjel il-prestazzjoni kumplessiva tas-sistema ta' kontroll billi tiġi stmata rata tal-iżball residwu rappreżentattiva.

Ir-rata ta' żball globali tad-DĠ NEAR tibni fuq l-iżbalji li nstabu fis-segmenti kollha tan-nefqa, inklużi l-għotjiet taħt ġestjoni diretta, li huwa s-segment tan-nefqa li l-Kummissjoni tqis bħala "riskju medju". Madankollu, jitwettqu kontrolli addizzjonali fuq l-għotjiet biex tiġi kkalkulata rata ta'

żball speċifika għal dan is-segment tan-nefqa li jitqies bħala "riskju medju". Dawn il-kontrolli jipprovdu informazzjoni korroborattiva, li hija importanti għad-DĠ NEAR peress li din tikkomplementa l-informazzjoni relatata mal-għotjiet li ġejja mir-rata ta' żball prinċipali, fejn huma inklużi xi għotjiet.

Fir-rigward tal-iżbalji identifikati mill-QEA fl-istima tal-kapaċità korrettiva fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ, il-Kummissjoni tindika li minkejja l-verifiki tagħha fuq l-ordnijiet ta' rkupru tal-298, tliet ordnijiet ta' rkupru ġew inklużi b'mod skorrett fl-istima tal-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament tad-DĠ NEAR. Il-valur totali ta' dawn it-tliet ordnijiet ta' rkupru huwa ta' EUR 745 285. L-iżball irriżulta f'differenza ta' EUR 840 000 fl-istima tal-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament: EUR 46,99 miljun minflok EUR 46,15 miljun, minn nefqa rilevanti totali ta' EUR 5,14 biljun.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Rigward ir-Rakkomandazzjoni 2 mir-Rapport Annwali 2019 tal-QEA, il-Kummissjoni tfakkar li ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni, u għalhekk il-Kummissjoni għamlitha ċara fit-tweġibiet għar-Rapport Annwali tal-2019 li ma kinitx se timplimentaha.

Rigward ir-rakkomandazzjoni nru 1 mir-Rapport Annwali tal-QEA tal-2020, il-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali dwar l-aċċess tal-QEA għad-dokumenti. Il-Kummissjoni qed taħdem b'mod attiv mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali kkonċernati li t-tranżazzjonijiet tagħhom ikkontribwew għar-rata ta' żball, kemm permezz ta' soluzzjonijiet prattiċi kif ukoll permezz ta' djalogu ta' livell għoli.

Il-kwistjoni li l-QEA tingħata aċċess għad-dokumenti ġiet diskussa wkoll f'laqgħat reċenti tal-Grupp ta' Ħidma UE-NU FAFA u f'laqgħat bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali. Hija inkluża wkoll b'mod sistematiku fid-djalogu regolari mas-sħab tal-Kummissjoni bħall-Organizzazzjonijiet tan-NU. Il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll diskussjonijiet tekniċi bejn in-NU u l-QEA bil-ħsieb li jiġi żgurat fehim reċiproku tar-restrizzjonijiet tal-partijiet kollha u biex jiġu identifikati passi konkreti u prattiċi biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għad-dokumenti. Fl-2023, reġa' beda taħriġ konġunt mal-persunal tan-NU, u l-Kummissjoni qablet ukoll man-NU li tistabbilixxi Gruppi Konġunti ta' Referenza biex jiddiskutu regolarment kwistjonijiet ta' awditjar u kontroll.

Madankollu, għal xi Organizzazzjonijiet Internazzjonali, b'mod partikolari fil-familja tan-NU, l-għoti ta' aċċess li jkun aktar minn dak f'format "li jinqara biss" għad-dokumenti tagħhom imur kontra r-regoli interni tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli tieħu azzjoni biex issib soluzzjonijiet prattiċi u fit-tul għal dawn il-kwistjonijiet.

Rakkomandazzjoni 9.1 – Tipprevjeni tibdil irregolari ta' proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar

Issaħħaħ il-kontrolli bħala prevenzjoni tat-tibdil irregolari ta' proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar meta taġġudika għotjiet fuq il-bażi ta' sejħa għal proposti.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni u se ssaħħaħ il-gwida rilevanti.

Rakkomandazzjoni 9.2 – Tieħu passi sabiex il-persunal jikkompleta valutazzjoni tar-riskju qabel ma jitħallas prefinanzjament mingħajr garanzija bankarja

Twettaq valutazzjonijiet tar-riskju, kif meħtieġ mill-manwal tal-proċeduri, biex tiżgura li l-pagamenti ta' prefinanzjament ta' bejn EUR 60 000 u EUR 300 000 isiru biss mingħajr garanzija bankarja jekk ir-riskju jiġi vvalutat bħala baxx.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni u se tfakkar lill-persunal dwar ir-regoli eżistenti.

Rakkomandazzjoni 9.3 – Tistabbilixxi skeda ta' żmien xierqa meta tqabbad kuntratturi direttament għall-verifiki tan-nefqa

Tistabbilixxi skeda ta' żmien xierqa sabiex ir-rapporti tal-verifika tan-nefqa li jinħarġu mill-kuntratturi għal kuntratti ta' għotja jkunu disponibbli qabel l-ipproċessar tal-pagamenti jew l-approvazzjoni tan-nefqa.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025)

Il-Kummissjoni **ma taċċettax** din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-proċeduri fis-seħħ diġà jistabbilixxu l-iskeda ta' żmien xierqa. Meta ċirkostanzi speċifiċi jirrikjedu dan, id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jippermettu lill-Kummissjoni tipproċessa pagament abbażi ta' verifiki mwettqa mill-persunal tagħha.

Rakkomandazzjoni 9.4 – Ittejjeb il-kontrolli biex teskludi, mill-kalkolu tal-kapaċità korrettiva, ordnijiet ta' rkupru għal prefinanzjament li ma jintefaqx

Ittejjeb il-kontrolli biex teskludi, mill-kalkolu tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ NEAR, ordnijiet ta' rkupru għal prefinanzjament li ma jintefaqx

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: mir-rapport ta' attività annwali tal-2023 'il quddiem)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW
GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

KAPITOLU 10: Amministrazzjoni pubblika Ewropea

10.9. Skont l-Artikolu 1 tar-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400, il-gruppi politiċi jiġġestixxu l-fondi allokati lilhom skont il-prinċipji tal-ġestjoni indiretta tal-fondi b'applikazzjoni analoġika tal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Dawn ir-Regoli nfushom jissostitwixxu l-"ftehimiet ta' kontribuzzjoni" (kif imsemmi fl-Artikolu 155(6) tar-Regolament Finanzjarju).

L-amministrazzjoni tal-Parlament hija soġġetta għar-Regolament Finanzjarju u r-regoli dwar l-akkwist tiegħu. Madankollu, għall-gruppi politiċi, u għalihom biss, il-Bureau adotta r-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400, li fihom għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-proċeduri ta' akkwist li jqisu l-kapaċità amministrattiva tal-gruppi politiċi.

Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri (QEA). Skont l-Artikolu 1.4 tar-Regoli, il-gruppi politiċi għandhom ikunu responsabbli quddiem l-istituzzjoni għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom mill-Bureau għall-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni preżenti. Huma għandhom jiżguraw li l-approprjazzjonijiet ikunu ġestiti f'konformità ma' dawn ir-regoli u għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex tiġi evitata kull nefqa li ma tkunx konformi ma' dawn ir-regoli.

L-amministrazzjoni tal-Parlament diġà wriet sforzi biex tgħin lill-gruppi politiċi bl-għan li jtejbu l-ġestjoni finanzjarja interna tagħhom. Dan se jżid b'mod konsiderevoli l-gwida għall-gruppi politiċi.

10.10. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

10.11. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

10.12. Il-Parlament jaqbel mal-konklużjoni tal-QEA u se jipproponi li l-ammonti korrispondenti jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli matul l-eżerċizzju ta' għeluq li jmiss.

Rakkomandazzjoni 10.1 – Parlament Ewropew

L-amministrazzjoni tal-Parlament taqbel li żżid il-gwida tagħha lill-gruppi politiċi dwar l-implimentazzjoni xierqa tal-fondi skont ir-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400 u tassisti lill-gruppi politiċi bl-għan li jtejbu l-ġestjoni finanzjarja interna tagħhom. B'mod partikolari, se tkompli tiċċara l-linji gwida dwar l-akkwist mill-gruppi politiċi u se tipproponi li tallinja aħjar ir-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400 mar-Regolament Finanzjarju.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2022 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 11: FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kapitolu 11 tal-QEA li jikkonċerna speċifikament il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bil-mudell ta' finanzjament uniku tagħha.

Minn 311-il stadju importanti u mira li għalihom saru pagamenti għal appoġġ mhux ripagabbli fl-2022, il-QEA awditjat 281 u identifikat problemi ta' regolarità fi 15. Wara li eżaminat bir-reqqa dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ssostni li hija tqis li l-valutazzjoni oriġinali ta' "twettiq sodisfaċenti" hija korretta u tinnota li l-konklużjonijiet tal-QEA li xi stadji importanti u miri "ma ġewx issodisfati b'mod sodisfaċenti" huma prinċipalment ibbażati fuq **differenzi fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti legali, jew differenzi fil-ġudizzju kwalitattiv**.

F'każ speċifiku wieħed, il-QEA tikkonkludi li seħħ *finanzjament doppju* filwaqt li l-miżura inkwistjoni ma għandha l-ebda kost taħt l-RRF. Il-Kummissjoni tenfasizza li, f'konformità mal-formulazzjoni tar-Regolament RRF, il-kunċett ta' finanzjament doppju huwa marbut b'mod espliċitu mal-kost. Skont id-definizzjoni, jekk l-Istat Membru antiċipa li l-miżura tkun iffinanzjata kompletament minn sorsi oħra u b'hekk ma jkun ippreżenta l-ebda kost stmat bħala parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP),[1] il-RRF ma tkopri l-ebda kost għall-implimentazzjoni tal-miżura u ma jistax ikun hemm "finanzjament doppju". Il-Kummissjoni tenfasizza li r-riformi huma kriterju essenzjali biex ikun hemm valutazzjoni pożittiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza mill-Kummissjoni. Tali inklużjoni ta' ebda riforma tal-kostijiet ma żżidx l-allokazzjoni finanzjarja. Madankollu, l-inklużjoni tagħhom fil-pjan tiżgura l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tagħhom.

Xi sejbiet oħra tal-QEA huma relatati ma' jekk il-miżuri stabbiliti mill-Kunsill humiex *eliġibbli*. Għal kull waħda minn dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-ġudizzju ta' politika tal-QEA u ssostni li ma hemm l-ebda raġuni biex dawn il-miżuri jitqiesu bħala ineliġibbli. Barra minn hekk, dawn is-sejbiet, fil-fehma tal-Kummissjoni, ma għandhom l-ebda effett fuq il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti. L-Artikolu 24 tar-Regolament RRF[2] jobbliga lill-Kummissjoni tivvaluta l-istadji importanti u l-miri stabbiliti mill-Kunsill fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiegħu, u ma tivvalutax mill-ġdid l-*eliġibbiltà* tal-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif adottati mill-Kunsill. Jekk l-istadji importanti u l-miri kif stabbiliti mill-Kunsill fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiegħu jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni trid tħallas.

[1] Skont l-RRF, l-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw stima tal-kostijiet għal kull miżura li jinkludu fl-RRP tagħhom. Din l-istima tal-ispejjeż tista' tkun ukoll ta' EUR 0 jekk l-ispejjeż ikunu ffinanzjati kompletament minn sorsi oħra. L-istima tal-ispejjeż tiġġustifika l-allokazzjoni globali lill-Istat Membru. L-istima tal-kostijiet hija l-uniku mument li l-Istat Membru jindika l-kostijiet lill-Kummissjoni, peress li l-pagamenti aktar tard huma kompletament ibbażati fuq il-*prestazzjoni*, mhux il-kostijiet imġarrba.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Biex tikkwantifika l-impatt finanzjarju tas-sejbiet tagħha u tistabbilixxi l-livell ta' materjalità, il-QEA tuża l-metodoloġija ppubblikata mill-Kummissjoni għas-sospensjoni parzjali tal-pagament. Filwaqt li l-Kummissjoni żżomm il-fehma tagħha li l-istadji importanti u l-miri ġew ivvalutati b'mod korrett bħala ssodisfati b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni tinnota li l-QEA tqis li l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet huwa qrib il-livell limitu ta' materjalità tal-QEA. Din is-sejba mill-QEA hija bbażata fuq kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta' 281 stadju importanti u mira minn 311 biex tintlaħaq din il-konklużjoni (l-Anness 11.1, il-Paragrafu 8).

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, f'konformità ma' dik il-metodoloġija, hija kienet tapplika aġġustamenti b'mod differenti biex tqis bis-sħiħ il-progress fl-implimentazzjoni u/jew l-importanza tal-miżura, li jirriżulta f'valur ferm aktar baxx ikkunsidrat bi żball.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ma tqisx li xi stadji importanti u miri tħallsu bi żball u f'konformità mar-Rapport Annwali tal-Attività[3] tad-DĠ ECFIN, il-Kummissjoni tqis li fil-pagamenti tal-RRF tal-2022 kien hemm livell baxx ta' riskju.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jista' jsir aktar titjib fil-proċess tagħha għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-futur u qed tistabbilixxi bidliet biex tindirizza dawn is-sejbiet. F'dan ir-rigward, **il-Kummissjoni taċċetta b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet li l-QEA għamlet f'dan il-Kapitolu**.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-QEA li b'mod ġenerali l-Kummissjoni implimentat b'mod effettiv il-pjan tal-awditjar ex post tagħha u tieħu nota li l-QEA ma qajmet l-ebda kwistjoni relatata mat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll li ġew ivvalutati matul l-2022.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ECFIN[4] jagħmilha ċara l-ħidma li saret mill-Kummissjoni biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli li s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, inkluż dwar l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku. B'mod partikolari, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA u tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni żiedet il-ħidma tagħha f'dan il-qasam. Ir-rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ECFIN jispeċifika fid-dettall il-ħidma mwettqa mill-awdituri proprji tal-Kummissjoni, inkluża l-ħidma tal-awditjar fuq korpi li huma komuni għall-RRF u għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll kif il-Kummissjoni qieset ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-korpi nazzjonali tal-awditjar.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew tal-miri

[3] https://commission.europa.eu/publications/annual-activity-report-2022-economic-and-financial-affairs_mt

[4] https://commission.europa.eu/publications/annual-activity-report-2022-economic-and-financial-affairs_mt

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA tirrikonoxxi d-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija lill-Kummissjoni mir-Regolament RRF meta tivvaluta l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri (§11.22). Il-Kummissjoni tuża dik id-diskrezzjoni meta twettaq il-valutazzjoni teknika tal-issodisfar sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rilevanti u f'konformità mar-Regolament RRF. Il-Kummissjoni fasslet b'mod trasparenti l-eżerċizzju tagħha ta' din id-diskrezzjoni billi kkomunikat lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri, lill-QEA u lill-pubbliku ġenerali qafas għall-valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri[5]. Il-pagamenti kollha jiġu vvalutati skont dan il-qafas, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament ugwali. F'konformità mal-applikazzjoni tal-*prinċipju de minimis* u l-metodi ta' interpretazzjoni ġeneralment applikabbli, devjazzjonijiet minimi mir-rekwiżiti stabbiliti previsti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jistgħu jiġu aċċettati taħt ċirkostanzi speċifiċi, kif spjegat fil-qafas. Il-Kummissjoni tfakkar fl-involviment obbligatorju tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, magħmul mill-Istati Membri kollha, li jipprovdi opinjoni dwar it-twettiq sodisfaċenti u, għalhekk, jevalwa kif il-Kummissjoni użat din id-diskrezzjoni fuq kull każ. Skont rakkomandazzjoni preċedenti mill-QEA[6], il-Kummissjoni tirrapporta b'mod aktar trasparenti kwalunkwe użu ta' din id-diskrezzjoni. Dan jippermetti lill-Istati Membri jesprimu opinjoni pożittiva jew negattiva dwar l-approċċ tal-Kummissjoni għal kull stadju importanti u mira. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li kull deċiżjoni għall-ħlas hija soġġetta għal skrutinju minn kumitat ta' esperti tal-Istati Membri skont il-proċedura tal-komitoloġija. Is-servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, fil-kuntest tat-tħejjija tal-Opinjoni Ġenerali tiegħu tal-2022, wettaq impenn speċifiku li jkopri kampjun tal-pagamenti relatati mal-RRF awditjati mill-QEA fl-2022. Matul dan l-impenn, hija analizzat id-dokumentazzjoni ewlenija li fuqha hija bbażata l-ħidma tal-QEA kif ukoll il-pożizzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Abbażi tal-qafas tagħha għall-valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, il-Kummissjoni ma tikkondividix il-valutazzjoni tal-QEA li għal tmien stadji importanti u miri r-rekwiżiti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti (§11.23). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-QEA tiddubita jew l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill li l-Kummissjoni u l-Istati Membri applikaw meta vvalutaw l-istadju importanti jew il-mira, jew tagħmel ġudizzju kwalitattiv differenti. Il-Kummissjoni ppubblikat b'mod trasparenti l-valutazzjoni tagħha f'kull każ, u ġġustifikat l-interpretazzjoni tagħha f'konformità mal-qafas applikabbli, u rċeviet kemm l-opinjoni pożittiva tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kif ukoll tal-kumitat tal-komitoloġija tal-esperti tal-Istati Membri dwar l-approċċ u l-interpretazzjoni tagħha ta' kull każ. Il-Kummissjoni tenfasizza li f'kull każ id-diverġenzi bejn il-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-QEA huma speċifiċi għall-każ.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-każijiet fejn il-QEA tipprovdi l-interpretazzjoni legali tagħha stess, differenti, tal-istadju importanti jew tal-mira u, fuq din il-bażi tistabbilixxi li element wieħed, li l-QEA tqis bħala rekwiżit, mhuwiex issodisfat. L-ewwel eżempju fil-kaxxa 11.1 — Paragrafu 11.23 (Stadju Grieg 42), huwa eżempju ta' każ bħal dan: il-QEA u l-Kummissjoni għandhom fehim differenti ta' liema mid-Deċiżjonijiet Ministerjali previsti fil-liġi 4710/2020 huma meħtieġa għall- "organizzazzjoni tas-suq tal-vetturi elettriċi". Minn tmintax-il att sekondarju msemmija fil-liġi primarja, il-Kummissjoni u l-QEA jaqblu li sitta mhumiex rilevanti u ma għandhomx għalfejn jiġu ssodisfati. Disgħa oħra huma rilevanti għaż-żewġ istituzzjonijiet u tabilħaqq promulgati. Fl-aħħar nett, l-istituzzjonijiet ma jaqblux

[5] COM(2023) 99 final, Anness I

[6] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Annwali 2021, kapitolu 10 "Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza", Rakkomandazzjoni 1

dwar it-tliet atti sekondarji li jifdal: il-Kummissjoni tqis li mhumiex meħtieġa, filwaqt li l-QEA tqis li huma meħtieġa iżda ma kinux fis-seħħ fiż-żmien tal-pagament, u għalhekk tikkonkludi li l-istadju importanti mhuwiex issodisfat. Il-Kummissjoni kienet indikat b'mod trasparenti fil-valutazzjoni tagħha li tali atti ma kinux fis-seħħ iżda ma kinux meħtieġa biex jiġi organizzat is-suq, peress li kienu fis-seħħ dispożizzjonijiet legali eżistenti li jkopru t-tliet elementi kollha, fejn l-Istati Membri taw opinjoni pożittiva dwar din il-pożizzjoni. Minkejja dan, il-QEA madankollu tqis li l-istadju importanti ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti. Dan jinkludi, pereżempju, il-mod kif il-punti tal-iċċarġjar se jiġu installati f'insedjamenti tradizzjonali (bħal siti arkeoloġiċi u ta' wirt kulturali). Il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-vetturi elettriċi fil-Greċja jista' jiġi organizzat mingħajr element bħal dan u li fuq din il-bażi l-istadju importanti tqies b'mod korrett bħala ssodisfat b'mod sodisfaċenti.

It-tieni eżempju fil-kaxxa 11.1 - il-Paragrafu 11.23 (l-istadju importanti Rumen 142) jipprovdi każ ieħor, li għalih il-QEA għandha interpretazzjoni legali differenti għar-rekwiżiti minn dik tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Il-QEA tqis li task force ma kinitx operattiva peress li fiż-żmien tal-pagament ħdax biss minn sbatax-il persuna kienu impjegati u d-deskrizzjoni tal-impjieg ta' erba' persuni ma kinitx tirrikjedi esperjenza professjonali jew sfond edukattiv f'qasam li l-QEA tqis li huwa rekwiżit. Il-Kummissjoni[7] ma taqbilx ma' dan l-approċċ, fejn l-istadju importanti jirrikjedi li t-task force tkun operazzjonali, u ma tqisx li huwa meħtieġ persunal sħiħ biex jintlaħaq dan l-għan.

Eliġibbiltà tal-miżuri

Ir-Regolament RRF fih għadd ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà distinti li jeħtieġ li jiġu rispettati matul il-valutazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà hija li l-miżuri jridu jkunu bdew mill-1 ta' Frar 2020[8]. Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-koleġiżlaturi pprovdew din il-**'klawżola ta' retroattività'** biex jippermettu lill-Istati Membri jieħdu azzjonijiet immedjatament biex jindirizzaw il-pandemija, jibnu r-reżiljenza u jappoġġaw l-irkupru tal-Ewropa, anki qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament RRF innifsu. Bħala kundizzjoni kompletament separata, ir-Regolament RRF jirrikjedi li l-Faċilità ma għandhiex, sakemm f'każijiet debitament ġustifikati, tissostitwixxi **n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti**. Minflok it-twaqqit ta' meta jġarrbu l-kostijiet, din il-klawżola tipprevedi li l-RRF ma tistax tkopri l-ispejjeż annwali jew ta' kull xahar regolari, li l-Istat Membru jġarrab ukoll mingħajr l-RRF. It-tielet kundizzjoni ta' eliġibbiltà separata hija l-**kunċett speċifiku għall-RRF ta' "addizzjonalità" stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament RRF**: *"L-appoġġ mill-Faċilità għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost"*[9]. Din il-klawżola tiżgura li ma jseħħ l-ebda finanzjament doppju bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE. Madankollu, din il-klawżola ma għandha l-ebda effett fuq il-finanzjament nazzjonali: il-kontribuzzjoni tal-RRF fil-mument tal-pagament *issir* finanzjament nazzjonali. Għaldaqstant, qatt ma jista' jkun hemm

[7] Valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ewwel talba għal pagament mir-Rumanija, 14 ta' Settembru 2022

[8] L-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241: "*Il-miżuri mibdija mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem għandhom ikunu eliġibbli dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti mogħtija f'dan ir-Regolament*"

[9] Referenzjat ukoll skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/241: "*L-appoġġ mill-Faċilità m'għandux, għajr f'każijiet debitament ġustifikati, jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti u għandu jirrispetta l-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9.*"

"finanzjament doppju" tal-RRF u tal-fondi nazzjonali fil-livell tal-Istati Membri. L-addizzjonalità skont l-RRF għalhekk tikkonċerna biss l-addizzjonalità bejn l-RRF u fondi oħra tal-UE.

Il-Kummissjoni u l-QEA jinterpretaw dawn il-klawżoli u l-mument tal-valutazzjoni tagħhom b'mod differenti, li inevitabbilment iwassal għal konklużjonijiet diverġenti. Għall-eżempju fil-Kaxxa 11.2 — il-Paragrafu 11.26, il-QEA tinnota li qabel Spanja kienet wettqet tali *tip* ta' attività kif jitkejjel mill-mira. Fuq din il-bażi, mhux fuq il-merti tal-miżura sottostanti iżda pjuttost b'kunsiderazzjoni biss tal-mira speċifika, il-QEA tikkonkludi li l-miżura inkluża fl-RRP hija "kontinwazzjoni ta' attività rikorrenti" u tiddikjaraha ineliġibbli peress li tissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, inkluż minkejja l-fatt li l-Istat Membru ma ddikjara l-ebda kost biex il-miżura tiġi koperta taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-QEA tieħu dan l-approċċ f'għadd ta' każijiet biex tiddikjara ineliġibbli miżuri (jew partijiet mill-miżuri). Il-Kummissjoni tieħu nota ta' din il-pożizzjoni, iżda tfakkar li ma hemm l-ebda bażi għaliha fir-Regolament RRF. Qabel ma kienet teżisti l-RRF, l-Istati Membri kienu qed iwettqu azzjonijiet standard u rikorrenti li għalihom aktar tard ġew inklużi livell ogħla jew titjib ta' dawk l-azzjonijiet fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li r-Regolament jipprevedi b'mod espliċitu li tali nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti tista' tiġi inkluża taħt il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jekk ikun debitament ġustifikat. Barra minn hekk, kif jinbidlu ċ-ċirkostanzi, inkluż b'mod partikolari fil-kuntest tad-disturbi ekonomiċi u soċjali severi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, l-azzjonijiet li qabel kienu preżenti setgħu wkoll ma baqgħux iseħħu mingħajr l-inklużjoni tagħhom fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li, wara li jivvaluta l-eliġibbiltà tal-miżuri matul il-valutazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kunsill jiddeċiedi permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jekk miżura hijiex eliġibbli jew le. Fl-istadju tal-pagament, il-Kummissjoni ma tistax tmur kontra l-Kunsill biex tiddeċiedi li miżura partikolari ma għandhiex titħallas taħt l-RRF. F'dan ir-rigward, sakemm l-istadji importanti u l-miri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jintlaħqu b'mod sodisfaċenti, il-pagament relatat mill-Kummissjoni ma jistax jiġi affettwat minn żball.

Finanzjament doppju

Il-RRF hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, li jfisser li l-pagament ma jsirx abbażi tal-kostijiet iżda pjuttost abbażi tar-riżultati miksuba, kif imkejla mill-istadji importanti u l-miri. L-uniku mument li fih jitqiesu l-"kostijiet" taħt l-RRF, huwa meta l-Istat Membru inizjalment jippreżenta l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu. Din l- "istima tal-ispejjeż" isservi biex tistabbilixxi l-allokazzjoni kumplessiva tal-finanzjament lill-Istat Membru. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u komplementari tal-fondi tal-Unjoni, ir-Regolament RRF jipprevedi speċifikament li l-investimenti u r-riformi jistgħu jiġu appoġġati kemm mill-RRF kif ukoll minn fondi oħra tal-Unjoni, "dment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost". Il-Kummissjoni qieset din id-dispożizzjoni matul il-valutazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tal-investimenti u r-riformi speċifiċi mressqa mill-Istati Membri. B'mod partikolari, meta ppreżentaw l-istimi tal-kostijiet tagħhom għal miżuri taħt l-RRF, l-Istati Membri ddikjaraw "Spejjeż stmati li għalihom jintalab finanzjament mill-RRF" u "Finanzjament minn sorsi oħra" (inkluż finanzjament "Minn programmi oħra tal-UE") li għalihom ma ntalabx finanzjament mill-RRF. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tiżgura b'mod sistematiku li meta l-investimenti jew ir-riformi jkunu appoġġati minn strumenti oħra tal-Unjoni, il-RRF ma tkoprix l-istess kostijiet.

Il-RRF hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni fejn il-pagamenti jsiru esklużivament mat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri (ir-Regolament RRF, l-Artikolu 24(1)). Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li, f'konformità mal-Artikolu 5, "l-ebda ksur tal-prinċipju tal-finanzjament doppju" huwa prinċipju orizzontali li jeħtieġ li jiġi rispettat meta tiġi implimentata l-faċilità. Kwalunkwe każ attwali

ta' finanzjament doppju jista' jwassal għal "ksur serju tal-obbligu" skont il-Ftehim ta' Finanzjament tal-RRF, fejn ir-Regolament jipprovdi lill-Kummissjoni d-dritt li tnaqqas u tirkupra fondi f'ċirkostanzi bħal dawn (ir-Regolament RRF, l-Artikolu 22 (5)). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tqisx li "l-ebda ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju" huwa kundizzjoni għall-iżborż tal-RRF, kif indikat fil-paragrafu §11.11 tar-rapport tal-QEA, li jaffettwa r-regolarità tal-pagamenti (§11.19). Is-separazzjoni msemmija hawn fuq bejn it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri u l-arranġamenti biex jiġi evitat finanzjament doppju mhijiex biss rekwiżit tar-Regolament RRF, iżda hija inerenti fin-natura tal-istadji importanti u l-miri. Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mad-dikjarazzjoni tal-QEA li "*Fis-sustanza, l-istess riżultat ma jistax jiġi ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE, kemm jekk permezz ta' strument ta' finanzjament ibbażat fuq il-kostijiet jew mhux ibbażat fuq il-kostijiet.*" Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li l-RRF ma "tiffinanzjax" l-istadji importanti jew il-miri, li huma "*miżuri ta' progress lejn il-kisba ta' riforma jew investiment*" (ir-Regolament dwar l-RRF; L-Artikolu 2(4)) u azzjonijiet mhux finanzjabbli fihom infushom. Li element jissemma (jew rikjest) bħala parti minn stadju importanti jew mira, bħad-dħul fis-seħħ ta' liġi jew l-investigazzjonijiet tat-taxxa mwettqa mill-awtoritajiet, bl-ebda mod legali jew prattiku ma jista' jiġi interpretat li jfisser li huwa "ffinanzjat" mill-RRF. Kif imfakkar hawn fuq, il-finanzjament mill-RRF huwa ddeterminat abbażi tal-kostijiet stmati.

Għar-riforma Slovakka għat-tħejjija ta' proġetti ta' investiment fit-trasport, il-QEA tirrikonoxxi li ġew inklużi kostijiet żero fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza mressaq mill-Istat Membru rilevanti. Madankollu, il-QEA tikkonkludi li seħħ finanzjament doppju, peress li rapport speċifiku pprovdut għall-istadju importanti ġie prodott b'appoġġ minn fond ieħor tal-Unjoni (§11.30). Il-Kummissjoni ma tara l-ebda evidenza ta' finanzjament doppju ta' dan ir-rapport u tenfasizza li dan l-approċċ tal-QEA lejn dan il-każ imur kontra t-test tar-Regolament RRF, li jipprevedi li l-appoġġ tal-Unjoni għal miżura waħda jista' jiġi minn diversi strumenti dment li ma jkoprux l-istess kostijiet. Skont id-definizzjoni, jekk l-Istat Membru jindika li riforma jew investiment speċifiku jkun iffinanzjat bis-sħiħ mingħajr kontribuzzjoni mill-RRF, ma jistax ikun hemm "finanzjament doppju", anki jekk fond ieħor jiffinanzja l-implimentazzjoni tiegħu parzjalment jew kompletament peress li l-RRF ma kopriet l-ebda kost. Barra mill-kunsiderazzjonijiet legali, dan jimplika li ma jista' jkun hemm l-ebda komplementarjetà bejn l-RRF u strumenti oħra tal-Unjoni kif permess mir-Regolament[10] u jitnaqqas l-impatt tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni, li l-Kummissjoni tqis li huwa ta' dispjaċir kbir. Il-fatt li RRP jista' jinkludi miri jew stadji importanti marbuta ma' miżuri ta' "kost żero" ma jfissirx li l-RRF tkopri l-kostijiet relatati ma' dawn il-miżuri.

Treġġigħ lura ta' miżura

Hekk kif l-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, huwa imperattiv li l-istadji importanti u l-miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jitreġġgħux lura mill-Istat Membru. Il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li huwa importanti li tiġi pprovduta gwida ċara u qed tiżviluppa gwida u proċeduri interni għall-każ fejn Stat Membru jreġġa' lura stadju importanti jew mira li għalihom diġà sar pagament (eż. billi jħassar riforma).

Il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe approċċ li l-Kummissjoni ssegwi jekk jiġi ppreżentat bit-treġġigħ lura possibbli ta' stadju importanti jew mira li tkun ġiet issodisfata b'mod sodisfaċenti u l-pagamenti relatati li jkunu saru, jenħtieġ li jkun inkorporat fir-rekwiżiti legali li jirriżultaw mir-Regolament RRF. Dan jinkludi li l-istadji importanti u l-miri "*ma treġġgħux lura mill-Istat Membru kkonċernat*" (l-Artikolu 24(3)). Meta stadju importanti jew mira ma jitreġġgħux lura mill-Istat Membru kkonċernat

[10] Il-komplementarjetà hija espliċitament meħtieġa mill-Artikoli 9 u 28 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(eż. diżastru naturali jeqred investiment li jkun inħoloq), il-Kummissjoni ma tqisx li jkun seħħ "treġġigħ lura" skont it-tifsira tar-Regolament RRF.

Dwar il-każ speċifiku fil-kaxxa 11.3 – Paragrafu 11.33 (Mira Taljana M1C1-54) dwar mira għall-għadd ta' "*proċeduri ta' reklutaġġ kompluti*" għall-esperti, il-QEA tikkonferma l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-mira ntlaħqet bħala parti mill-ewwel talba għal pagament. Madankollu, il-QEA infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill *"tirrikjedi b'mod espliċitu li l-esperti jiġu stazzjonati għal perijodu ta' 3 snin"* u, peress li l-livell tal-1 000 ma nżammx kompletament, tikkonkludi li l-mira kienet inqalbet fiż-żmien tat-tieni pagament lill-Italja. Il-Kummissjoni tqis li l-mira speċifika kienet tikkonċerna l-proċeduri ta' reklutaġġ, mhux livell permanenti ta' persunal, u li anke jekk titqies il-fehma tal-QEA li huwa maħsub livell ta' persunal, l-Istat Membru ma jistax jipprevjeni xi fluttwazzjonijiet fil-livell tal-persunal, pereżempju li esperti individwali jibdlu l-karigi. Bħala tali, il-Kummissjoni ma tqisx li l-Istat Membru "reġġa' lura" din il-mira minħabba t-tnaqqis temporanju fil-persunal impjegat. B'mod partikolari, l-Istat Membru kien qed jieħu azzjoni faċilment biex jissostitwixxi l-persuni li kienu telqu billi rrekluta persunal ġdid, kif rikonoxxut mill-QEA. It-teħid ta' perspettiva ġenerali, l-impożizzjoni ta' rekwiżit li avvenimenti barra mill-kontroll tal-Istat Membru jammontaw għal treġġigħ lura, anki jekk l-Istat Membru jkun qed jieħu azzjoni lesta biex jindirizza s-sitwazzjoni, imur lil hinn mir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni.

Kwistjonijiet oħra

Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-kwalità u l-kompletezza tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li mhux l-Istati Membri kollha inkludew riżervi fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom (§11.35) meta kien hemm dewmien żgħir fit-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri; jew meta l-evidenza tkun ġiet ippreżentata biss wara s-sottomissjoni tat-talba għall-pagament. Il-Kummissjoni se ssegwi każijiet bħal dawn u taqbel mal-QEA li dan ma affettwax l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri inkwistjoni.

2. Valutazzjoni mill-QEA ta' sistemi magħżula ta' monitoraġġ u kontroll

Il-valutazzjonijiet ex ante tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li matul il-valutazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif meħtieġ mir-Regolament RRF, il-Kummissjoni vverifikat l-eliġibbiltà tal-miżuri kollha (investimenti u riformi) inklużi fil-Pjanijiet. Skont ir-Regolament, din il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għal kull miżura sseħħ matul l-approvazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, peress li kull investiment jew riforma jista' jkollha diversi stadji importanti u miri li jsegwu l-implimentazzjoni tagħha. Il-QEA tqis limitazzjoni li l-verifikazzjonijiet ex ante mwettqa mill-Kummissjoni ma qabdux każijiet ta' miżuri "ineliġibbli". (§11.38-11.39). Il-Kummissjoni tfakkar fil-punti fit-taqsima 1 u b'mod partikolari li l-miżuri huma stabbiliti mill-Kunsill wara valutazzjoni tal-eliġibbiltà meta l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġu ppreżentati inizjalment. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-fehma tal-QEA peress li dan iwassal biex il-Kummissjoni tiddubita d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. Lanqas ma hemm bażi ġuridika jew rekwiżit biex tiġi ripetuta l-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għal kull miżura ripetutament fil-valutazzjoni ta' kull stadju importanti u mira. Ir-ripetizzjoni tal-valutazzjoni kull darba twassal ukoll għal użu ineffiċjenti tar-riżorsi.

Il-QEA tqis ukoll li hija limitazzjoni li matul il-valutazzjoni ex ante tagħha, il-Kummissjoni ma sabitx dak li l-QEA tqis bħala treġġigħ lura. Il-Kummissjoni tfakkar fl-ispjegazzjoni tagħha ta' hawn fuq u ma taqbilx li kien hemm treġġigħ lura.

L-awditi ex post imwettqa mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-QEA li b'mod ġenerali l-Kummissjoni implimentat b'mod effettiv il-pjan tal-awditjar ex post tagħha.

Fir-rigward tal-awditi ex post tal-Kummissjoni dwar l-istadji importanti u l-miri, peress li l-QEA waslet għall-konklużjonijiet ta' "ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti" għall-istadji importanti u l-miri awditjati wkoll mill-Kummissjoni, hija tqis li l-awditi tal-Kummissjoni kellhom jidentifikaw l-istess kwistjonijiet. Il-Kummissjoni, bħala regola bażika fl-awditjar, tqis id-diversi bażijiet legali, jiġifieri d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjanijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw il-pagamenti. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-QEA li dawn l-istadji importanti u l-miri ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti fil-valutazzjoni inizjali u għalhekk lanqas ma tqis li tali kwistjonijiet kellhom jiġu identifikati fl-awditi ex post jew jirrappreżentaw dgħufija fil-kontrolli ex post tagħha.

Fir-rigward tal-użu ta' awditi ex post għall-monitoraġġ tat-treġġigħ lura, il-Kummissjoni fil-prattika kienet qed twettaq kontrolli bbażati fuq ir-riskju dwar jekk il-miri awditjati li qabel kienu ġew ivvalutati bħala ssodisfati b'mod sodisfaċenti ma tbiddlux wara l-pagament. Madankollu, il-Kummissjoni taċċetta li dan ma ġiex ikkodifikat fil-proċeduri tal-awditjar ex post tagħha. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-QEA tqis li l-awditi ex post dwar l-istadji importanti u l-miri jenħtieġ li jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mal-miżuri sottostanti. F'konformità ma' hawn fuq (ara t-taqsima *Eliġibbiltà tal-miżuri*), il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan il-punt.

It-twaqqif u l-funzjonament tas-sistemi tal-Istati Membri

Ir-Regolament RRF jipprevedi b'mod espliċitu fl-Artikolu 19 valutazzjoni ex ante tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll. Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, meta rilevanti, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri addizzjonali u introduċew "stadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll" speċifiċi, biex jiżguraw l-adegwatezza sħiħa tas-sistemi biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Loġikament, l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk is-sistemi ssegwi t-tfassil u l-evalwazzjoni inizjali tagħhom. Ir-Regolament RRF innifsu jipprevedi bażi ġuridika bl-iskop esklużiv li jiġu introdotti tali stadji importanti[11]. Il-QEA tqis "*riskju għar-regolarità tal-pagamenti taħt l-RRF u għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE*" li ġew introdotti stadji importanti ta' kontroll (§11.49). Il-Kummissjoni tinnota li l-istess kwistjoni diġà tqajmet fir-Rapport Speċjali Nru 07/2023 tal-QEA, li għalih il-Kummissjoni pprovdiet tweġibiet bil-miktub li jindirizzaw dan il-punt[12]. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li valutazzjoni ex ante u dispożizzjonijiet ta' retroattività fl-RRF ifissru li, deliberatament, is-sistemi ta' kontroll ma jistgħux ikunu kompletament fis-seħħ fiż-żmien meta l-pjanijiet jibdew jiġu implimentati.

Kull stadju importanti bħal dan irid ikun uniku għall-kuntest tal-Istat Membru u s-sistema ta' kontroll tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tal-QEA li ma hemm "*l-ebda*

[11] L-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) Nru 2021/241

[12] It-tweġibiet għar-RS 07/2023 huma disponibbli fuq is-sit web tal-QEA, ara t-taqsima II.1: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECAReplies/COM-Replies-SR-2023-07/COM-Replies-SR-23-07_MT.pdf

ġustifikazzjoni" biex dawn l-istadji importanti jvarjaw (§11.50). Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluża l-introduzzjoni ta' tali stadji importanti, ġiet koperta b'mod estensiv f'rapporti preċedenti tal-QEA, pereżempju r-Rapport Speċjali 21/2022 ("*Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza")* u l-QEA kkonkludiet li "*il-Kummissjoni mmaniġġjat il-proċess ta' valutazzjoni b'mod effettiv*[13].

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA ma qajmet l-ebda kwistjoni relatata mat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll li ġew ivvalutati matul l-2022. Il-Kummissjoni hi sodisfatta b'dan u tqis li tali stadji importanti huma passi huma passi importanti fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-RRF.

Mhuwiex rari li jinstabu differenzi bejn id-disinn inizjali u l-implimentazzjoni attwali tas-sistemi. Għal dak l-għan u biex tikkonferma l-implimentazzjoni ta' sistemi adegwati, il-Kummissjoni twettaq awditi tas-sistema għal kull Stat Membru u xogħol addizzjonali tal-awditjar ibbażat fuq ir-riskju biex tivverifika l-konformità tas-sistemi mar-rekwiżiti regolatorji. Fi tmiem l-2022, il-Kummissjoni kienet wettqet 16-il awditu tas-sistema li jkopru 64 ministeru u aġenzija. Fejn rilevanti, inħarġu rakkomandazzjonijiet għal titjib u l-Kummissjoni qed issegwi b'mod attiv l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Fir-rigward tas-sistema tal-ġbir tad-data ta' Franza (§11.53), il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi ħadu azzjoni biex itejbu d-dgħufijiet identifikati mill-awdituri nazzjonali u tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-QEA ma rċevietx l-informazzjoni mitluba għal xi wħud mit-talbiet tagħhom għal informazzjoni indirizzati lill-awtoritajiet Franċiżi.

3. Rapporti Annwali tal-Attività u r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni

Il-Kummissjoni qieset it-tħassib espress mill-QEA[14] u l-Parlament Ewropew[15] billi (a) allinjat il-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN ma' dik użata mid-Diretturi Ġenerali l-oħra kollha fil-Kummissjoni u (b) tipprovdi aktar dettalji fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ECFIN dwar il-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni, notevolment relatata mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Ir-rapport Annwali tal-Attività jispeċifika fid-dettall il-ħidma mwettqa mill-awdituri proprji tal-Kummissjoni, inkluż ix-xogħol tal-awditjar fuq korpi li huma komuni għall-RRF u għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll kif il-Kummissjoni qieset ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-korpi nazzjonali tal-awditjar. F'dan ir-rigward, kif inhu l-każ għad-dikjarazzjonijiet kollha ta' assigurazzjonijiet ipprovduti minn kull Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN għandha tinqara flimkien mar-Rapport Annwali tal-Attività kollu. Din hija r-raġuni għaliex id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni hija ppubblikata bħala parti mir-Rapport Annwali tal-Attività.

[13] Il-paragrafu 113 tar-Rapport Speċjali 21/2022

[14] Rapport Speċjali Nru 07/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar it-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) adottat fit-8 ta' Marzu 2023

[15] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2023 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021

Filwaqt li l-QEA tiġbed l-attenzjoni għal ċerti elementi fid-dikjarazzjoni ta' aċċertament li jiġu direttament mir-Regolament RRF, ir-Rapport Annwali tal-Attività jiddeskrivi b'mod ċar u komprensiv ix-xogħol li għamlet il-Kummissjoni biex tikseb aċċertament raġonevoli li s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, inkluż dwar l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku.

Fir-rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni, għall-RRF, il-Kummissjoni tuża l-livell ta' riskju ddivulgat mid-DĠ ECFIN fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu, li għadda minn rieżami tal-kwalità bir-reqqa u strutturat. Abbażi tal-ħidma mwettqa, il-Kummissjoni tqis li l-livell baxx ta' riskju ppreżentat fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-RRF huwa rappreżentattiv. Din l-istima hija bbażata fuq metodoloġija li tippermetti lill-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-Unjoni, tidentifika u tiddistingwi bejn oqsma ta' riskju ogħla, medju u aktar baxx u għalhekk tiffoka l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittaffi r-riskji.

4. Konklużjonijiet u materjalità tal-iżbalji

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA ma tipprovdix rata ta' żball iżda tqis li l- "impatt finanzjarju minimu" tas-sejbiet tagħha huwa qrib il-limitu ta' materjalità tagħha ta' tnejn fil-mija. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-QEA awditjat 281 stadju importanti u mira minn 311, fejn l-281 intgħażlu fuq bażi ta' riskju (l-Anness 11.1, il-Paragrafu 8). Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li, fl-istima tal-impatt finanzjarju, il-QEA tapplika l-metodoloġija tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tas-sospensjonijiet tal-pagamenti[16] u li l-kwantifikazzjoni ġiet diskussa mal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma taqbilx dwar xi punti mal-mod kif il-QEA applikat il-metodoloġija ta' sospensjoni tal-Kummissjoni biex tiddetermina l-impatt finanzjarju. Filwaqt li l-Kummissjoni żżomm il-fehma tagħha li l-istadji importanti u l-miri ġew ivvalutati b'mod korrett bħala ssodisfati, li kieku kellha tapplika din il-metodoloġija f'dawn il-każijiet, xorta waħda kienet tikkonferma l-konklużjoni tal-Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ECFIN li 2022 pagament tal-RRF ta' appoġġ mhux ripagabbli kienu soġġetti għal livell baxx ta' riskju.

Lil hinn minn nuqqas ta' qbil ma' sejbiet li, kif diġà ġie espress fit-taqsimiet preċedenti, huma prinċipalment ibbażati fuq differenzi fl-interpretazzjoni jew fil-ġudizzju, il-Kummissjoni tinnota:

Fir-rigward tas-sejbiet tal-istadji importanti u l-miri "mhux issodisfati" u "treġġigħ lura", il-Kummissjoni tifhem li l-QEA ma tapplikax il-metodoloġija bl-istess mod kif il-Kummissjoni tapplikaha. B'mod partikolari, f'konformità mad-diskrezzjoni pprovduta mir-Regolament RRF għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-issodisfar sodisfaċenti, il-metodoloġija tipprevedi diskrezzjoni għall-Kummissjoni li tapplika kemm koeffiċjenti 'il fuq kif ukoll 'l isfel u aġġustamenti 'l fuq u 'l isfel. Tali aġġustamenti jiġu applikati, pereżempju, biex jirriflettu li riforma hija ta' inqas importanza u/jew li l-Istat Membru jkun għamel progress sostantiv lejn il-kisba tal-objettiv ġenerali tar-riforma. Skont l-użu tal-koeffiċjenti u l-aġġustamenti, jista' jkun hemm stimi differenti tal-impatt finanzjarju stmat għall-istess sejbiet.

Fir-rigward tas-sejbiet ta' miżuri mhux eliġibbli, il-Kummissjoni tqis li tali "miżuri ineliġibbli", jekk fil-fatt jiġu kkonfermati, jeħtieġ li jiġu kkoreġuti bit-tneħħija ta' dawn il-miżuri mid-Deċiżjonijiet ta'

[16] COM (2023) 99 final, ANNESS II - Metodoloġija tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Implimentazzjoni tal-Kunsill. Peress li l-miżuri kollha kkonċernati minn din it-tip ta' sejba ma għandhom l-ebda kost għall-RRF, l-impatt finanzjarju jkun ta' EUR 0.

Fir-rigward tas-sejba ta' "finanzjament doppju", il-Kummissjoni ssostni li l-RRF ma "tiffinanzjax" l-istadji importanti jew il-miri, li huma '*miżuri ta' progress lejn il-kisba ta' riforma jew investiment*' (l-Artikolu 2 (4) tar-Regolament RRF) u azzjonijiet mhux finanzjabbli fihom infushom. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tqisx li miżura ta' "kost żero" tista' possibbilment timplika "finanzjament doppju" mill-RRF u fond ieħor tal-Unjoni. L-impatt finanzjarju tal-finanzjament doppju jimplika korrezzjoni tal-fondi żborżati darbtejn, li f'każ bħal dan jammontaw għal EUR 0.

Fil-qosor, il-Kummissjoni tqis li fi kwalunkwe każ is-sejbiet tal-ewwel żewġ tipi biss (mhux issodisfati u invertiti b'mod sodisfaċenti) jistgħu jitqiesu li jħallu impatt fuq il-livell ta' materjalità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, anki jekk is-sejbiet sottostanti jiġu aċċettati, l-impatt ikun ferm taħt il-livell ta' materjalità.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 11.1 – Titjib tal-valutazzjonijiet preliminari u tal-awditi ex post

Jenħtieg li l-Kummissjoni:

a) Tkopri fil-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi ex post tagħha l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u l-prinċipju tan-nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti;

b) Tirrevedi l-proċeduri tal-awditjar ex post tagħha sabiex dawn jipprevedu kontrolli biex jivverifikaw jekk il-miri awditjati li qabel kienu ġew ivvalutati bħala ssodisfati ma tbiddlux wara l-pagament.

(Id-data fil-mira għall-implimentazzjoni: immedjatament)

Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment din ir-rakkomandazzjoni, għal sottomissjonijiet futuri ta' talbiet għal pagament.

Il-Kummissjoni tfakkar l-ewwel li, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament RRF, il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tal-RRF huma bbażati biss fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Rakkomandazzjoni biex "jiġi estiż" il-kamp ta' applikazzjoni barra minn dan il-kuntest tmur lil hinn minn dak li huwa preskritt mill-bażi ġuridika.

Il-Kummissjoni **taċċetta** li tinkludi verifiki fil-ħidma ex ante tagħha dwar jekk l-evidenza li tiġi sottomessa biex jintlaħaq stadju importanti jew mira tkunx barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà. Il-Kummissjoni tqis li diġà hija parti mill-ambitu tal-awditi ex post tagħha li tivverifika jekk l-evidenza mressqa minn Stat Membru hijiex barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà.

Il-Kummissjoni **taċċetta** wkoll li tirrevedi l-proċeduri tal-awditjar ex post tagħha sabiex dawn jipprevedu kontrolli biex jivverifikaw jekk il-miri awditjati li qabel kienu vvalutati bħala ssodisfati ma tbiddlux wara l-pagament.

Madankollu, il-Kummissjoni **ma taċċettax** li fil-kuntest tal-ħidma fuq il-legalità u r-regolarità tal-*pagamenti* twettaq valutazzjoni mill-ġdid tar-rekwiżiti li r-Regolament japplika għall-valutazzjoni inizjali tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi ġuridika għal u għalhekk ma tistax tkun mistennija twettaq valutazzjoni mill-ġdid tal-eliġibbiltà tal-miżuri tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill u meqjusa eliġibbli minnhom. Għalhekk, ma jaċċettax li jerġa' jistaqsi ma' kull pagament, kemm fix-xogħol ex ante kif ukoll f'dak ex post, jekk il-prinċipju ta' nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti huwiex issodisfat.

Rakkomandazzjoni 11.2 — Ivverifika li l-istadji importanti u l-miri kollha huma definiti b'mod ċar meta jiġu rieżaminati l-pjanijiet

Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-RRF, tivverifika li l-pjanijiet rieżaminati jiddefinixxu b'mod ċar l-istadji importanti u l-miri kollha u li l-elementi ewlenin kollha ta' miżura huma koperti minn stadji importanti u miri.

(Id-data fil-mira għall-implimentazzjoni: immedjatament)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni, għar-reviżjonijiet li jmiss tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-Kummissjoni tenfasizza li biex issir proposta biex jinbidlu l-elementi ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jeħtieġ ġustifikazzjoni legali għal tali bidliet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni taqbel li tirrieżamina d-definizzjonijiet tad-deskrizzjonijiet tal-miżuri u r-rekwiżiti tal-istadju importanti u fil-mira għal miżuri ġodda u – fejn rilevanti – għal miżuri eżistenti li għalihom Stat Membru jkun ippreżenta pjan emendat jew rivedut u li għalihom bażi ġuridika tiġġustifika bidliet fil-miżura bħala parti minn reviżjoni speċifika tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022

Werrej

Paġna

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022 515

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea 552

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	01 - 07
Deskrizzjoni qasira tal-FEŻ	02 - 07
Implimentazzjoni Finanzjarja tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ	08 - 11
Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar il-FEŻ	I. - 38
Id-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tal-QEA dwar id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill	I. - XXI.
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	12 - 38
Ambitu u approċċ tal-awditjar	12 - 16
Affidabbiltà tal-kontijiet	17 - 19
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	20 - 38
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	39 - 44
Konklużjoni	39 - 40
Rakkomandazzjonijiet	41 - 44
Valutazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar tagħna	45 - 46
Annessi	
Anness I – Pagamenti mill-FEŻ fl-2022, skont ir-reġjun prinċipali	
Anness II – Status ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni	
Anness III – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet	

Introduzzjoni

01 Dan ir-rapport annwali jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-9, l-10 u l-11-il[1] Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-***Figura 1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u tal-infiq f'dan il-qasam fl-2022.

Figura 1 – Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp: stampa ġenerali finanzjarja għall-2022

Pagamenti mill-FEŻ skont il-linja bażitarja u t-tip



Pagamenti mill-FEŻ u l-popolazzjoni li awditjajna



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***18***).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2022.

Deskrizzjoni qasira tal-FEŻ

02 Imnedija fl-1959, il-FEŻ kienu l-istrumenti prinċipali, barra mill-baġit ġenerali tal-UE, li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea (UE) iffinanzjat il-kooperazzjoni għall-iżvilupp kemm mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani (sub-Saħarjani) u tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) kif ukoll mal-*pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE)* sa tmiem l-2020. Il-11-il FEŻ[2] ikopri l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020. Il-qafas li jirregola r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi AKP u l-PTEE kien *ftehim ta' sħubija* li ġie ffirmat f'Cotonou ("il-*Ftehim ta' Cotonou*") fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu attwalment ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2023. L-objettiv primarju tal-FEŻ huwa li jnaqqsu u eventwalment jeqirdu l-faqar, f'konformità mal-objettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

03 Għall-QFP 2021-2027, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi u r-reġjuni AKP hija koperta mill-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali ("NDICI-Ewropa Globali")* u l-kooperazzjoni mal-PTEE ġiet inkorporata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea, inkluża Greenland. Madankollu, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ infushom ma ġewx inkorporati fil-baġit ġenerali tal-UE u qed ikomplu jiġu implimentati u rrappurtati separatament sal-għeluq tagħhom.

04 Fl-2019, il-Kumissjoni għalqet it-*tranżazzjonijiet* pendenti li kien għad fadal għall-proġetti taħt it-8 FEŻ. Il-bilanċi u d-*diżimpenji* kollha ġew trasferiti lid-9 FEŻ. Fl-2021, il-Kummissjoni ħabbret l-għeluq finanzjarju u operazzjonali tat-8 FEŻ, u b'hekk ingħalqu l-kuntratti u d-deċiżjonijiet finanzjarji kollha fil-kontijiet tal-FEŻ.

05 Il-FEŻ huma speċifiċi minħabba li:

(a) huma ffinanzjati direttament mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit li huma bbażati fuq kwoti, jew "koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni", li ġew stabbiliti mill-gvernijiet nazzjonali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi ftehimiet interni sussegwenti konklużi bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill;

(b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE, u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI);

---

[2] *Ibid*.

(c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew jeżerċita rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli jeżerċita għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE; b'mod partikolari, huwa mhuwiex involut fl-istabbiliment u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità tal-*kwittanza*, minbarra għall-Faċilità ta' Investiment, li hija mmaniġġjata mill-BEI u li għalhekk taqa' barra mill-ambitu tal-awditu tagħna[3]. Ftehim tripartitiku konkluż fl-2012 bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-QEA (l-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ) jistabbilixxi r-regoli għall-awditjar li nwettqu ta' dawn l-operazzjonijiet.

(d) il-prinċipju tal-*annwalità* ma japplikax għall-FEŻ: ftehimiet relatati mal-FEŻ normalment kienu jiġu konklużi għal perjodu ta' *impenn* ta' minn ħames sa seba' snin, u l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu ta' żmien li jkun ħafna itwal.

06 Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi interament mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (id-DĠ INTPA). Proporzjon żgħir (5 %) tal-pagamenti li saru fl-2022 taħt il-FEŻ kien immaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO).

07 In-nefqa koperta f'dan ir-rapport titwassal fi 78 pajjiż (ara l-***Anness I***) bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' metodi bħal kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi, *għotjiet*, *appoġġ baġitarju*, *stimi ta' programmi* u *ftehimiet ta' delega* u ta' kontribuzzjoni konklużi ma' entitajiet *ivvalutati skont il-pilastru* (eż. organizzazzjonijiet internazzjonali).

[3] Ara l-Artikoli 38, 42-44 u 52 tar-Regolament (UE) 2018/1877 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Implimentazzjoni Finanzjarja tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ

08 Il-bagit tad-9 FEŻ (2000-2007) kien ta' EUR 13.8 biljun, u dak tal-10 FEŻ (2008-2013) ta' EUR 22.7 biljun.

09 Il-ftehim intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ (2015-2020) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015. Bejn l-2013 u l-2015, il-fondi ġew impenjati permezz ta' faċilità ta' *tranżizzjoni* biex tiġi żgurata l-kontinwità sakemm jiġi rratifikat il-11-il FEŻ. Il-11-il FEŻ jipprovdi EUR 30.5 biljun, li minnhom EUR 29.1 biljun ġew allokati lill-pajjiżi AKP u EUR 0.4 biljun lill-PTEE, u EUR 1.1 biljun ġew allokati għall-ispejjeż amministrattivi.

10 Il-***Figura 2*** turi l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ kemm fl-2022 kif ukoll b'mod kumulattiv għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ.

Figura 2 – Użu tar-riżorsi tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2022*

(EUR miljun)

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2021		*Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2022 (ammonti netti)*[6]				*Sitwazzjoni fi tmiem l-2022*				
	Ammont totali	Rata ta' implimentazzjoni[2]	*Id-9 FEŻ*[3]	*L-10 FEŻ*	*Il-11-il FEŻ*[3]	**Ammont totali**	*Id-9 FEŻ*	*L-10 FEŻ*	*Il-11-il FEŻ*	**Ammont totali**	*Rata ta' implimentazzjoni*[2]
A – RIŻORSI[1]	**66 092**		***-20***	***337***	***-721***	***-404***	***15 245***	***21 284***	***29 157***	***65 686***	
B – UŻU											
1. Impenji globali[4]	***65 348***	***98.9 %***	***-5***	***356***	***-18***	***333***	***15 245***	***21 162***	***29 275***	***65 682***	**100.0 %**
2. Impenji individwali[5]	***63 040***	**95.4 %**	***-1***	***241***	***611***	***851***	***15 244***	***20 841***	***27 806***	***63 891***	**97.3 %**
3. Pagamenti	***55 046***	**83.3 %**	***2***	***347***	***2 039***	***2 388***	***15 218***	***20 302***	***21 912***	***57 432***	**87.4 %**
C – Impenji pendenti (B1-B3)	**10 302**	**15.6 %**					***27***	***860***	***7 363***	***8 250***	**12.6 %**
D – Bilanċ disponibbli (A-B1)[7]	**744**	**1.1 %**					***0***	***122***	***-118***	***4***	**0.0 %**

* Ċifri ttondjati.

1 Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

2 Bħala perċentwal tar-riżorsi.

3 Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.

4 Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni.

5 Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali mal-benefiċjarji tal-proġetti.

6 Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

7 Il-bilanċ disponibbli jinkludi "riżerva mhux mobilizzabbli" (ma tistax tintuża mingħajr deċiżjoni unanima mill-Kunsill).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2022. Iċ-ċifri ppreżentati ma jkoprux il-parti tal-FEŻ li hija mmaniġġjata mill-BEI.

11 Kull sena, id-DĠ INTPA jistabbilixxi għalih innifsu *indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs)* u miri relatati dwar il-*ġestjoni finanzjarja tajba* u l-użu effiċjenti tar-riżorsi. L-indikaturi u l-miri relatati jkopru l-qasam ta' responsabbiltà kollu tad-DĠ INTPA, li jinkludi l-baġit ġenerali tal-UE, il-FEŻ u l-fondi fiduċjarji tal-UE. Għall-2022, id-DĠ INTPA laħaq il-miri tiegħu li jnaqqas il-prefinanzjament "antik" (jiġifieri prefinanzjament mhux approvat wara sentejn) b'40 % meta mqabbel mal-2021 u li jżomm il-proporzjon ta' kuntratti skaduti miftuħa (jiġifieri dawk li ma ngħalqux wara tmiem l-attivitajiet operazzjonali tagħhom) fil-portafoll tiegħu taħt it-13 %. Għall-KPI dwar it-tnaqqis tal-impenji li ma ntefqux, ir-riżultat tiegħu kien marġinalment inqas mill-mira – ara l-***Kaxxa 1***.

Kaxxa 1

KPIs relatati mat-tnaqqis tal-prefinanzjamenti antiki, l-impenji li ma ntefqux u l-proporzjon ta' kuntratti miftuħin skaduti

Fl-2022, id-DĠ INTPA ddeċieda li jistabbilixxi mira ġdida għall-KPI dwar it-tnaqqis tal-prefinanzjament antik (KPI 10), u żiedu minn 35 % għal 40 %. Huwa qabeż il-mira, u laħaq 54.31 % għall-FEŻ u 52.51 % għall-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu. Dan il-KPI jqis l-ammont ta' kull tranżazzjoni ta' prefinanzjament, iżda mhux l-għadd ta' snin li għalihom tkun baqgħet miftuħa. B'riżultat ta' dan, il-ksib, min-naħa tad-DĠ INTPA, ta' dan il-KPI ma rriflettiex id-diffikultajiet li kien iltaqa' magħhom fl-*approvazzjoni* ta' tranżazzjonijiet ta' prefinanzjament aktar antiki, li wħud minnhom kienu ilhom sa 12-il sena miftuħa (ara l-paragrafu ***19***). Bl-istess mod, id-DĠ INTPA stabbilixxa mira ġdida għall-KPI dwar il-proporzjon massimu ta' kuntratti skaduti miftuħa fil-portafoll tiegħu (KPI 11), u naqqasha minn 15 % għal 13 %. Għal darb'oħra, huwa qabeż il-mira, kemm għall-FEŻ (10.56 %) kif ukoll għall-baġit ġenerali tal-UE (8.39 %).

Id-DĠ INTPA żamm il-mira tas-sena preċedenti ta' 35 % għall-KPI tiegħu dwar it-tnaqqis tal-impenji li ma ntefqux. Huwa laħaq din il-mira għall-FEŻ (36.83 %), iżda mhux għall-baġit ġenerali tal-UE (34.85 %) minħabba kwistjonijiet tekniċi bis-sistema tal-IT, OPSYS[4].

[4] Il-***Kaxxa 4*** fil-***Kapitolu 9*** għal aktar dettalji dwar il-problemi tekniċi bl-OPSYS.

Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni dwar il-FEŻ

Id-*dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni* tal-QEA dwar id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Opinjoni

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2022, li ġew approvati;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi li l-ġestjoni finanzjarja tagħhom taqa’ taħt il-Kummissjoni[5].

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

II. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2022 jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta’ Diċembru 2022, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

[5] Skont l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, din id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni ma tapplikax għar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul

III. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Nefqa

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa

IV. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa", in-nefqa aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 hija milquta minn livell materjali ta' żball.

Bażi għal Opinjoni

V. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa

VI. In-nefqa rreġistrata fl-2022 taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ hija milquta minn livell materjali ta' żball. Il-*livell ta' żball stmat* minna għan-nefqa aċċettata fil-kontijiet huwa ta' 7.1 %.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

VII. Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom, u waqt li konna qed niffurmaw

l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda aħna ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet.

Imposti dovuti

VIII. Aħna vvalutajna l-imposti dovuti ppreżentati fil-kontijiet, li huma suġġetti għal livell għoli ta' stima. Fi tmiem is-sena 2022, il-Kummissjoni stmat li l-ispejjeż eliġibbli mġarrba, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati mill-benefiċjarji, ammontaw għal EUR 5 427 miljun (tmiem is-sena 2021: EUR 5 381 miljun).

IX. Eżaminajna l-kalkolu ta' dawn l-istimi tad-dovuti u rrieżaminajna kampjun ta' 30 prefinanzjament individwali u 28 fattura fil-pass 1 biex nindirizzaw ir-riskju li d-dovuti ġew iddikjarati b'mod skorrett. Ix-xogħol imwettaq ippermettielna naslu għall-konklużjoni li l-imposti dovuti rreġistrati fil-kontijiet finali kienu xierqa.

L-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-kontijiet tal-FEŻ għall-2022

X. Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. B'segwitu għall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") bejn iż-żewġ partijiet, ir-Renju Unit daħal għall-impenn li jibqa' jagħmel parti mill-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ preċedenti kollha li ma ngħalqux. Ir-Renju Unit se jassumi l-istess obbligi bħall-Istati Membri taħt il-ftehim intern li permezz tiegħu kien ġie stabbilit il-11-il FEŻ, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw minn FEŻ preċedenti sakemm dawn jingħalqu.

XI. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiddikjara wkoll li, fejn l-ammonti minn proġetti taħt l-10 FEŻ jew taħt FEŻ preċedenti ma jkunux ġew impenjati jew ikunu ġew diżimpenjati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, is-sehem ta' dawn l-ammonti li jkun tar-Renju Unit ma jerġax jintuża. L-istess regola tapplika wkoll għas-sehem li r-Renju Unit ikollu ta' fondi li ma jkunux ġew impenjati jew li jkunu ġew diżimpenjati taħt il-11-il FEŻ wara l-31 ta' Diċembru 2022.

XII. Ibbażat fuq dan, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju fuq il-kontijiet tal-FEŻ għall-2022 li jrid jiġi rrappurtat. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2022 kienu jirriflettu b'mod korrett l-istat tal-proċess tal-ħruġ sa dakinhar.

Responsabbiltajiet tal-maniġment

XIII. F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta' standards tal-kontabbiltà

għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba *frodi* u sew jekk minħabba xi żball. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ.

XIV. Fit-tħejjija tal-kontijiet tal-FEŻ, il-Kummissjoni hija responsabbli milli tivvaluta l-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li tiddivulga kull kwistjoni rilevanti u tuża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma tkunx biħsiebha tillikwida l-entità jew ittemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollha l-ebda alternattiva realistika ħlief li tagħmel dan.

XV. Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-FEŻ.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

XVI. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet tal-FEŻ.

XVII. Għad-dħul, aħna neżaminaw il-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul.

XVIII. Għan-nefqa, neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba n-nefqa tkun ġiet imġġarrba, irreġistrata u aċċettata. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (minbarra pagamenti bil-quddiem) fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati ladarba r-*riċevitur* tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

XIX. Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet tal-FEŻ u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

- niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.

- nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

- nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet tal-FEŻ jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.

- nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet annwali, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet annwali jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

XX. Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

XXI. Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

is-6 ta' Lulju 2023

Tony Murphy
Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 il-Lussemburgu

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Ambitu u approċċ tal-awditjar

12 L-***Anness 1.1*** tar-Rapport Annwali 2022 tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jippreżenta l-approċċ u l-metodi tal-awditjar tagħna, li japplikaw ukoll għall-awditjar tal-FEŻ.

13 L-osservazzjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ huma bbażati fuq ir-rapporti finanzjarji[6] tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li ġew approvati mill-Kummissjoni[7], flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li rċevejna fl-20 ta' Ġunju 2023. Aħna ttestjajna l-ammonti u d-divulgazzjonijiet u

[6] L-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1877.

[7] *Ibid.*, l-Artikolu 38.

vvalutajna l-prinċipji kontabilistiċi użati, kif ukoll kwalunkwe stima sinifikanti magħmula mill-Kummissjoni u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

14 Biex nawditjaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna eżaminajna kampjun ta' 140 tranżazzjoni (il-pagamenti kollha saru permezz tad-DĠ INTPA) li kien rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq taħt il-FEŻ. Dan kien jinkludi 27 tranżazzjoni relatati mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika, 98 tranżazzjoni awtorizzati minn 20 delegazzjoni tal-UE (il-Benin, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Djibouti, l-Etjopja, Fiġi, il-Gabon, São Tomé u Príncipe, il-Guinea-Bissau, il-Haiti, il-Kosta tal-Avorju, il-Liberja, Madagascar, il-Malawi, in-Niġerja, it-Tanzanija, il-Gambja, it-Togo, l-Uganda u ż-Żimbabwe) u 15-il tranżazzjoni approvati mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni. Fejn konna qbadna żbalji fit-tranżazzjonijiet, aħna analizzajna l-kawżi sottostanti biex nidentifikaw id-dgħufijiet potenzjali.

15 Fl-2022 eżaminajna wkoll dan li ġej:

(a) il-kontribuzzjonijiet kollha li saru mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul, bħalma huma l-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi oħra f'każijiet ta' kofinanzjament;

(b) is-sistemi użati mid-DĠ INTPA u mid-delegazzjonijiet tal-UE għal: (i) verifiki *ex ante* li twettqu mill-persunal tal-Kummissjoni u minn awdituri esterni (ikkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-benefiċjarji) qabel ma saru l-pagamenti, (ii) monitoraġġ u superviżjoni, b'mod partikolari s-segwitu ta' awditi esterni u l-istudju dwar ir-*rata tal-iżball residwu (RER)*;

(c) l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-*rapport annwali tal-attività (RAA)* tad-DĠ INTPA, il-konsistenza tal-metodoloġija biex jiġu stmati l-ammonti f'riskju, il-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni; u

(d) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

16 Kif indikat fil-paragrafu ***06***, id-DĠ INTPA jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' għajnuna esterna ffinanzjati kemm mill-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna dwar is-sistemi u dwar il-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-RAA jirreferu għall-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tal-DĠ INTPA, mhux biss il-FEŻ.

Affidabbiltà tal-kontijiet

17 Aħna sibna li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

18 Il-Kummissjoni ħabbret l-għeluq tat-8 FEŻ lill-Kunsill f'Ottubru 2021. Fil-kontijiet annwali tal-FEŻ għas-sena finanzjarja 2022, il-Kummissjoni indikat li l-attivitajiet kollha tat-8 FEŻ kienu ġew ikkompletati. Fost affarijiet oħra, dan kien ifisser li l-kuntratti u d-deċiżjonijiet finanzjarji kollha kienu ngħalqu fil-kontijiet tal-FEŻ u l-bqija tal-ordnijiet ta' rkupru miftuħa kienu ġew trasferiti għad-9 FEŻ. Madankollu, l-informazzjoni finanzjarja dwar t-8 FEŻ baqgħet tidher fil-kontijiet, u xi bilanċi tat-8 FEŻ kienu għadhom miftuħa fl-2022. Għaldaqstant, l-għeluq kontabilistiku sħiħ tat-8 FEŻ ma seħħx fil-ħin.

19 Filwaqt li ttestjajna t-tranżazzjonijiet ta' prefinanzjament, osservajna li xi wħud kienu ilhom sa 12-il sena miftuħa. Il-Kummissjoni mhux dejjem approvat il-prefinanzjament fuq bażi regolari biex tirrifletti b'mod xieraq l-ammonti reali ripagabbli lill-Kummissjoni min-naħa tal-benefiċjarji. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma approvatx il-fatturi (fatturi riċevuti u li għandhom jiġu vverifikati u aċċettati mill-Kummissjoni) biex jirriflettu l-ammonti reali pagabbli lill-benefiċjarji min-naħa tal-Kummissjoni. Fl-2021, infurmajna lill-Kummissjoni dwar dawn il-każijiet li nqabdu fil-kampjun tagħna. Il-miżuri tal-Kummissjoni biex tikkoreġi dawn il-problemi ma tawx ir-riżultati mistennija. Fl-2022, aħna komplejna nsibu tranżazzjonijiet ta' prefinanzjament u fatturi li kienu ilhom żmien twil miftuħa mingħajr ma ġew approvati.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Dħul

20 It-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx fihom livell materjali ta' żball.

Nefqa

21 Mill-140 tranżazzjoni li eżaminajna, 57 (40.7 %) kien fihom żbalji. Fuq il-bażi tat-48 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 7.1 % (ara l-***Figura 3***).

Figura 3 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet



Sors: il-QEA.

22 Il-***Figura 4*** tagħti diżaggregazzjoni tal-*livell ta' żball stmat* minna għall-2022 skont it-tip ta' żball.

Figura 4 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

23 Il-***Kaxxa 2*** tippreżenta eżempji ta' żbalji li kkwantifikajna, skont it-tip ta' żball ukoll.

Kaxxa 2

Nefqa mhux imġarrba: deficjenza fis-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament

F'delegazzjoni waħda tal-UE li żorna din is-sena, sibna li sitta mid-disa' tranżazzjonijiet li awditjajna kienu milquta mill-istess tip ta' żball. Il-Kummissjoni kienet approvat tranżazzjonijiet ta' prefinanzjament abbażi tan-nefqa totali ddikjarata tal-benefiċjarju ta' EUR 11-il miljun. Il-verifiki tagħna żvelaw li n-nefqa reali għall-proġetti kkonċernati kienet ta' EUR 3.8 miljun. Id-differenza, EUR 7.2 miljun, kienet tinkludi impenji li kienu għadhom ma ntefqux. Għalhekk qisna li din in-nefqa ma ġġarrbitx u għalhekk ma kinitx eliġibbli.

Il-fatt li qbadna dan l-iżball f'żewġ terzi tat-tranżazzjonijiet li awditjajna jindika dgħufija fil-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll intern tad-delegazzjoni għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament.

***Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)* ineliġibbli imposta fuq il-proġett**

Il-Kummissjoni ffirmat *ftehim ta' kontribuzzjoni* ma' organizzazzjoni internazzjonali għal azzjoni fil-Malawi biex ittejjeb in-nutrizzjoni u s-saħħa tal-istudenti billi tipprovdi ikliet diversifikati fl-iskejjel u ttejjeb l-iġjene u s-sanità. Il-kost totali ta' din l-azzjoni kienet ta' EUR 19-il miljun, b'kontribuzzjoni ta' EUR 16-il miljun mill-UE.

L-organizzazzjoni internazzjonali kriet maħżen biex timplimenta l-azzjoni u ddebitat EUR 33 000 għall-proġett, inklużi EUR 4 700 f'VAT. Il-VAT deducibbli ma titqiesx bħala nefqa eliġibbli u għalhekk ma kellhiex tiġi ddebitata fuq il-proġett.

Nuqqas serju ta' konformità mar-regoli dwar l-*akkwist pubbliku*: deċiżjonijiet mhux iġġustifikati mill-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni

L-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni tal-FEŻ tal-Benin ta kuntratt lil kumpanija ta' konsulenza biex issaħħaħ l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż. Il-kuntratt kellu valur ta' EUR 1.4 miljun u kien iffinanzjat 100 % mill-UE.

L-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni uża sejħa ristretta għall-offerti biex jagħti l-kuntratt. Erba' offerenti laħqu l-istadju finali tal-evalwazzjoni. Il-kumitat ta' evalwazzjoni rrifjuta lil wieħed minn dawn l-offerenti talli ma ssodisfax rekwiżit tekniku inkluż fil-fajl tal-offerta.

Aħna sibna li dan ir-rifjut kien ibbażat fuq metodu ta' kalkolu li kien differenti minn dak inkluż fil-fajl tal-offerta. Ikkonkludejna li l-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni kien ħa deċiżjoni mhux ġustifikata li kisret ir-regoli tal-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, sibna li l-kumitat ta' evalwazzjoni ma ddokumentax b'mod suffiċjenti l-proċedura. B'riżultat ta' dan, it-tranżazzjoni kienet milquta minn żball kwantifikabbli ta' 100 %.

Nuqqas ta’ dokumenti essenzjali ta’ sostenn

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta’ delega ma’ organizzazzjoni internazzjonali għal azzjoni maħsuba biex tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli fis-settur agrikolu u biex tirriduċi n-nuqqas ta’ sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fil-Gambja.

Komponent wieħed tal-proġett kien id-distribuzzjoni ta’ flus kontanti lill-iskejjel għall-ikliet. L-organizzazzjoni internazzjonali ma setgħetx tipprovdi dokumenti ta’ sostenn essenzjali għan-nefqa totali tal-komponent ta’ EUR 11 200, bħal evidenza li l-familji appoġġati kienu eliġibbli jew prova li l-appoġġ kien ġie riċevut mill-benefiċjarji finali.

Komponent ieħor tal-proġett kien it-twettiq ta’ attivitajiet ta’ taħriġ. Aħna ma rċevejniex evidenza ta’ sostenn ewlenija għal pagamenti b’valur ta’ EUR 5 400, li jinkludu allowances ta’ kuljum għal ċerti parteċipanti u nefqa għall-fjuwil.

Minħabba n-nuqqas ta’ dokumenti ta’ sostenn essenzjali, qisna li total ta’ EUR 16 600 għal dawn iż-żewġ komponenti kien ineliġibbli.

24 Bħalma ġara fil-passat, il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni wettqu aktar żbalji fi tranżazzjonijiet relatati ma’ stimi tal-programm u *għotjiet* u ma’ *ftehimiet ta’ kontribuzzjoni u ta’ delega* ma’ pajjiżi benefiċjarji, organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji tal-Istati Membri milli għamlu f’forom oħra ta’ appoġġ (bħalma huma dawk li jkopru l-kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi). Mid-99 tranżazzjoni ta’ dan it-tip li eżaminajna, 46 kien fihom *żbalji kwantifikabbli*, li kienu jirrappreżentaw 86 % tal-livell ta’ żball stmat (ara l-***Figura 5***).

Figura 5 – Żbalji relatati ma' stimi tal-programmi, għotjiet, u ftehimiet ta' kontribuzzjoni u ta' delega bejn l-2018 u l-2022



	2018	2019	2020	2021	2022
Għadd ta' tranżazzjonijiet ta' dan it-tip li ġew awditjati	61	65	67	92	99
Għadd ta' tranżazzjonijiet ta' dan it-tip li ġew milquta minn żball	33	25	27	39	46

Sors: il-QEA.

25 Fi 23 każ ta' żbalji kwantifikabbli u f'5 każijiet ta' żbalji mhux kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevieni, jew biex taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'5.5 punti perċentwali.

26 Barra minn hekk, 22 tranżazzjoni li kien fihom żbalji kwantifikabbli, li kkontribwew 2.3 punt perċentwali għal-livell ta' żball stmat, kienu suġġetti għal awditu jew għal verifikazzjoni tan-nefqa. Is-sistema ta' kontroll tad-DĠ INTPA hija bbażata fuq verifiki *ex ante*, li jivvalutaw l-eliġibbiltà tan-nefqa qabel l-aċċettazzjoni tagħha). L-informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-awditjar/ta' verifikazzjoni li tiddeskrivi x-xogħol li fil-fatt kien sar ma ppermettitilniex nivvalutaw jekk l-iżbalji setgħux jinqabdu u jiġu kkoreġuti matul dawn il-verifiki *ex ante*. Il-verifiki *ex ante* tad-DĠ INTPA jintgħażlu permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u, bħala tali, mhumiex intenzjonati li jkopru 100 % tan-nefqa rrappurtata. Dawn ir-rapporti mhux dejjem jagħtu dettalji suffiċjenti biex jiġi kkonfermat jekk l-entrati li għalihom identifikajna żbalji kinux parti mill-kampjun tagħhom.

27 Aħna identifikajna żewġ oqsma ta' nfiq li fihom it-tranżazzjonijiet huma inqas suxxettibbli għal żbalji minħabba kundizzjonijiet tal-pagament speċifiċi. Dawn l-oqsma

huma (i) l-appoġġ baġitarju u (ii) il-proġetti ffinanzjati minn bosta donaturi implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u suġġetti għall-"*approċċ nozzjonali*". Fl-2022, aħna awditjajna żewġ tranżazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u tmien proġetti b'"approċċ nozzjonali" mmaniġġjati minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-paragrafi ***9.11***-***9.12*** fil-***Kapitolu 9*** tar-Rapport Annwali 2022 tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jagħtu aktar dettalji dwar l-appoġġ baġitarju u l-approċċ nozzjonali.

28 Bħal fi snin preċedenti, ħabbatna wiċċna ma' dewmien biex nirċievu d-dokumentazzjoni mitluba minn xi organizzazzjonijiet internazzjonali u, konsegwentement, biex inwettqu xogħolna. Dawn l-organizzazzjonijiet ipprovdew biss aċċess limitat għad-dokumenti (eż. f'format li jinqara biss), u dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Dawn id-diffikultajiet baqgħu jippersistu minkejja t-tentattivi tal-Kummissjoni biex issolvihom billi tikkomunika kontinwament mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati.

Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

29 Kif kien għamel fi snin preċedenti, id-DĠ INTPA ħareġ pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tiegħu. Fl-2020 u l-2021, aħna rrappurtajna dwar il-progress sodisfaċenti li sar fir-rigward tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-2019 u l-2020;

30 Sa April 2023, l-istatus ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2020 baqa' l-istess bħal fl-2022: minn seba' azzjonijiet, erbgħa kienu ġew ikkompletati u tlieta kienu għadhom għaddejjin. Fil-pjan ta' azzjoni għall-2021, id-DĠ INTPA żied l-għadd ta' azzjonijiet għal tmienja. Erbgħa kienu ġew ikkompletati u erbgħa kienu għadhom għaddejjin.

31 Il-pjan ta' azzjoni għall-2022 jikkonsisti f'10 azzjonijiet. Ġew miżjuda erba' azzjonijiet ġodda: (i) jittejjeb is-segwitu tas-sejbiet tar-rapporti tal-QEA u tal-istudji dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER); (ii) jissaħħu l-kontrolli meta jiġi abbozzat ftehim ta' finanzjament għal operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju; (iii) jissaħħu l-kontrolli fir-rigward tal-bażijiet legali qabel l-iffirmar tal-kuntratti; u (iv) is-sħab jiġu mfakkra biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta jiġi identifikat li l-kontropartijiet jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni. Sa April 2023 kienet tlestiet azzjoni waħda, u disgħa kienu għadhom għaddejjin (ara l-***Anness II***).

Studju tal-2022 dwar ir-RER

32 Fl-2022, il-11-il studju tad-DĠ INTPA dwar ir-RER twettaq minn kuntrattur estern. L-iskop tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta' dawk l-iżbalji li ma jkunux inqabdu mill-verifiki ta' ġestjoni kollha tad-DĠ INTPA għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' tali żbalji fil-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta' dawk il-verifiki. L-istudju huwa element importanti li fuqu hija bbażata d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tad-Direttur Ġenerali, u jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-*azzjoni esterna* ddivulgata fl-AMPR.

33 L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u fuq il-manwal ipprovdut mid-DĠ INTPA. Ir-rapporti annwali preċedenti tagħna[8] dwar il-FEŻ diġà ddeskrivew limitazzjonijiet fl-istudji li setgħu kkontribwew għall-istima insuffiċjenti tar-RER. Għall-istudju tal-2022 dwar ir-RER, id-DĠ INTPA uża daqs ta' kampjun ta' 480 tranżazzjoni, bħal fis-snin preċedenti (xi whud mit-tranżazzjonijiet ikkampjunati kellhom valur ogħla mill-*intervall tal-kampjunar*; għaldaqstant, id-daqs tal-kampjun finali kien ta' 407). L-istudju stima li r-RER kumplessiva kienet ta' 1.15 % – taħt is-*soll ta' materjalità* ta' 2 % tal-Kummissjoni għas-seba' sena konsekuttiva.

34 Aħna eżaminajna l-metodu ta' kalkolu użat għall-istudju tal-2022 dwar ir-RER u sibna li l-metodoloġija għall-estrapolazzjoni ta' entrati ta' valur għoli ma kinitx ċara biżżejjed. B'riżultat ta' dan, il-kuntrattur estern ma kienx estrapola b'mod korrett entrati ta' valur għoli (jiġifieri dawk b'valur ogħla mill-intervall tal-kampjunar) mill-kampjun. Aħna nqisu li r-RER ma ġietx stmata b'mod suffiċjenti. Il-kalkolu tagħna jrendi RER ta' 1.35 %.

35 Bħal fi snin preċedenti, aħna osservajna, fost affarijiet oħra, li l-metodoloġija tar-RER tippermetti lill-kuntrattur iserraħ għalkollox fuq ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni tad-DĠ INTPA. Aħna nżommu l-fehma tagħna li d-dipendenza fuq xogħol awdituri oħra tmur kontra l-iskop ta' studju dwar l-RER, li huwa li jistma r-rata tal-iżbalji li ma jkunux inqabdu mill-verifiki ta' ġestjoni kollha tad-DĠ INTPA għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' tali żbalji. F'każijiet fejn dawn il-verifiki preċedenti twettqu skont il-*Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA)* bejn il-Kummissjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti, il-kuntrattur mhux dejjem ikun jista' jwettaq ittestjar sostantiv addizzjonali billi l-FAFA jillimita d-drittijiet ta' verifika tal-Kummissjoni.

---

[8] Ir-Rapporti Annwali 2017, 2018, 2019 u 2020 dwar il-FEŻ.

Rieżaminar tar-RAA 2022

36 Fir-RAA 2022, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali ma tinkludi l-ebda *riżerva*. Mill-2018'il quddiem, id-DĠ INTPA naqqas b'mod sinifikanti l-ambitu tar-riżervi (jiġifieri s-sehem tan-nefqa koperta minnhom), inizjalment minn 16 % għal 1 % u mbagħad għal żero. Il-***Figura 6*** turi l-ambitu tar-riżervi li ġew ippreżentati kull sena fir-RAA mill-2011 sal-2022.

Figura 6 – Riżervi fir-RAA tad-DĠ INTPA 2011-2022



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* mir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ INTPA, 2011-2022.

37 Aħna nsibu li n-nuqqas ta' riżervi fir-RAA 2022 mhuwiex iġġustifikat, u nqisu li dan jirriżulta parzjalment mil-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER. Is-sejbiet tagħna dwar dan l-istudju jikkonċernaw ukoll l-istimi tal-ammonti f'riskju bbażati fuqhom. Minħabba l-estrapolazzjoni skorretta ta' entrati ta' valur għoli (ara l-paragrafu ***34***), ir-rata ta' żball għan-nefqa relatata mal-*ġestjoni indiretta* ma' organizzazzjonijiet terzi qabżet is-*soll ta' materjalità* ta' 2 %. Għalhekk, il-Kummissjoni kien imissha fformulat riżerva għal din il-kategorija ta' nefqa, li tammonta għal 42.7 % tan-nefqa rilevanti tal-INTPA.

38 Id-DĠ INTPA jistma li l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' EUR 83.3 miljun (1.4 % tan-nefqa fl-2022) u l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta' EUR 71.7 miljun[9]. Mill-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament, id-DĠ INTPA jistma, abbażi ta' *data* storika, li EUR 11.6-il miljun (19 %) se jiġu kkoreġuti

[9] Ir-RAA 2022 tad-DĠ INTPA, p. 36.

mill-verifiki tiegħu fi snin sussegwenti (dan l-ammont huwa magħruf bħala l-“*kapaċità korrettiva*”). Bl-applikazzjoni tar-RER ta’ 1.35 % li tirriżulta mill-kalkolu tagħna, aħna naslu għal ammont kumplessiv f’riskju fil-waqt tal-pagament ta’ EUR 95.5 miljun u ammont kumplessiv f’riskju fl-għeluq ta’ EUR 83.9 miljun. Bħal fi snin preċedenti, id-DĠ INTPA wettaq verifiki mmirati fuq l-ordnijiet ta’ rkupru biex jikkoreġi d-diskrepanzi identifikati. Aħna rrieżaminajna l-kalkolu tal-kapaċità korrettiva għall-2022. Wara li ttestjajna 64.5 % (skont il-valur) tal-popolazzjoni totali tal-irkupri, aħna identifikajna każ wieħed li fih il-Kummissjoni kienet irreġistrat *ordni ta’ rkupru* b’mod skorrett fis-sistema tal-IT tagħha.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

39 L-awditu li wettaqna juri li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-*Regolament Finanzjarju* tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

40 L-awditu li wettaqna juri li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022:

(a) id-dħul tal-FEŻ ma kienx milqut minn livell materjali ta' żball;

(b) it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta' żball (ara l-paragrafi ***21***-***26***). Aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 7.1 %, ibbażat fuq l-ittestjar li wettaqna fir-rigward tat-tranżazzjonijiet.

Rakkomandazzjonijiet

41 L-***Anness III*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2019 tagħna dwar il-FEŻ. Il-Kummissjoni kienet implimentat waħda minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'xi aspetti, filwaqt li dwar l-oħra ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

42 Eżaminajna wkoll it-tliet rakkomandazzjonijiet mir-Rapport Annwali 2020 tagħna dwar il-FEŻ (ara l-***Anness III***). Il-Kummissjoni kienet implimentat waħda minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li waħda kienet ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti u dwar it-tielet waħda ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni.

43 Aħna nqisu r-rakkomandazzjoni 3, jiġifieri li d-DĠ INTPA jistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur tal-istudju dwar ir-RER li jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE, ġiet implimentata. Il-metodoloġija tar-RER tad-DĠ INTPA tinkludi proċedura ġdida għall-kuntrattur biex jirrapporta suspetti ta' frodi u ta' sfruttament sesswali, abbuż u fastidju.

44 Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2021, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 1 – Jiġi vverifikat li l-bilanċi kontabilistiċi għall-FEŻ magħluqa jiġu approvati b'mod f'waqtu

Jiġi vverifikat li l-bilanċi kontabilistiċi kollha għall-FEŻ magħluqa jiġu approvati u li l-informazzjoni fil-kontijiet annwali tiġi aġġornata b'mod f'waqtu.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: fil-ħin għat-tħejjija tal-kontijiet għall-2023

Rakkomandazzjoni 2 — Jiġi vverifikat li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu fil-kontijiet annwali

Jiġi vverifikat li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 3 — Jittieħdu miżuri biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament

Jittieħdu miżuri xierqa biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE ħalli l-ammonti li jkunu għadhom ma ntefqux, iżda li jkunu ntalbu bħala spejjeż imġarrba, jiġu identifikati qabel ma jsiru l-pagamenti jew tiġi approvata n-nefqa.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 4 — Jittenna l-obbligu ta' konformità mar-regoli tal-VAT u jitwettqu verifiki xierqa

Lill-benefiċjarji tal-proġetti tal-UE jittenna li jeħtiġilhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet kuntrattwali relatati mal-eliġibbiltà tal-VAT, u jwettqu l-verifiki meħtieġa biex jiżguraw li l-VAT deduċibbli ma tiġix imposta fuq il-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 5 — Jissaħħu l-kontrolli *ex ante* qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa

Titqies l-informazzjoni teknika u finanzjarja kollha disponibbli biex jiġu impediti, jew identifikati, u jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Rakkomandazzjoni 6 — Tittejjeb il-metodoloġija tar-RER u tiġi vverifikata l-applikazzjoni xierqa tagħha

Tittejjeb il-metodoloġija użata għall-istudju dwar ir-RER sabiex l-entrati ta' valur għoli jiġu estrapolati b'mod korrett, u jiġi vverifikat li l-kuntrattur japplikaha kif suppost.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024

Valutazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar tagħna

45 Din is-sena, bħala parti miż-żjarat tal-awditjar tagħna, aħna vvalutajna l-ksib tal-indikaturi tal-*prestazzjoni* għal proġetti li jew ġew ikkompletati jew kważi. L-għan tagħna kien li nagħmlu osservazzjonijiet dwar aspetti tal-prestazzjoni li jmorru lil hinn mir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-valutazzjoni tagħna kienet tinkludi, iżda ma kinitx limitata għal, rieżami tal-indikaturi tal-*output* u tal-eżiti, kif ukoll tar-riżultati tal-proġetti.

46 Il-verifiki li wettaqna żvelaw każijiet fejn il-finanzjament kien intuża b'mod effettiv u kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-proġett. Identifikajna wkoll każijiet fejn il-fondi tal-UE ntefqu b'mod inqas effiċjenti, billi l-oġġetti akkwistati ma kinux qed jintużaw kif ippjanat, u każijiet fejn l-objettivi u l-miri ta' prestazzjoni ma kinux intlaħqu — ara l-***Kaxxa 3***.

Kaxxa 3

Eżempji ta' osservazzjonijiet relatati mal-prestazzjoni

(a) Implimentazzjoni b'suċċess ta' proġett

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja għal EUR 2 miljun ma' kumpanija għal proġett li jikkontribwixxi għal governanza parteċipattiva u responsabbli fiż-Żimbabwe bil-ħsieb li jittejbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tat-tfal. Iż-żjara tal-awditjar tagħna kkonfermat li l-proġett kien għen biex tittejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), u b'hekk setgħu jipparteċipaw fi djalogu ta' politika. Dan wassal sabiex, pereżempju, iż-Żimbabwe jinkludi l-prevenzjoni taż-żwieġ tat-tfal fuq l-aġenda nazzjonali tiegħu. Il-promozzjoni sostnuta tal-OSĊ irriżultat fl-adozzjoni tal-Att dwar iż-Żwiġijiet, li jindirizza l-kwistjoni taż-żwieġ tat-tfal.

(b) Użu ineffettiv ta' tagħmir mixtri

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjoni internazzjonali għal proġett biex tiġi appoġġata l-edukazzjoni teknika vokazzjonali fil-Kosta tal-Avorju għal EUR 17-il miljun Matul iż-żjara tal-awditjar tagħna, sibna li waħda mill-iskejjel benefiċjarji ma kinitx qed tuża xi tagħmir tal-laboratorju mixtri skont il-

ftehim. Xi oġġetti baqgħu maħżuna mingħajr ma nfetħu, filwaqt li oħrajn ma setgħux jinstabu fl-iskola waqt iż-żjara tagħna.

Dan jindika li xi tagħmir mixtri skont il-ftehim jew ma kienx meħtieġ jew ma kienx qed jintuża għall-iskop maħsub tiegħu.

(c) Nuqqas ta' ksib tar-riżultati mistennija mill-proġetti minħabba objettivi ambizzjużi żżejjed

Il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ta' stima tal-programm għal EUR 2.8 miljun ma' kumpanija ta' konsulenza għal proġett għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar f'Madagascar. Dawn l-għanijiet kellhom jintlaħqu billi n-negozji ta' Madagascar isiru aktar kompetittivi fil-livell nazzjonali u internazzjonali.

Iż-żjara tal-awditjar tagħna kkonfermat li l-proġett ma kienx kiseb uħud mill-outputs ippjanati tiegħu, bħall-miri għall-għadd ta' kumpaniji li kellhom jiġu ċċertifikati jew ta' swieq ġodda li kellhom jiġu żviluppati. Raġuni waħda għal dan kienet li l-miri stabbiliti kienu ambizzjużi wisq minħabba d-durata u l-baġit tal-proġett; raġuni oħra kienet id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi attivitajiet.

Annessi

Anness I – Pagamenti mill-FEŻ fl-2022, skont ir-reġjun prinċipali

Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – l-Afrika



Sors: maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Pagamenti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp – il-Karibew u l-Paċifiku





Sors: maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Anness II – Status ta’ implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ azzjoni

Pjan ta’ azzjoni 2020			
A.1	Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotijiet.	🔵	Għadha għaddejja
A.2	Tinżamm sensibilizzazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ sikwit fil-ġestjoni finanzjarja u tad-dokumenti f’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta’ kuntratti ta’ għotjiet.	🟢	Implimentata
B.1	Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta' tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji.	🟢	Implimentata
C.1	Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu.	🔵	Għadha għaddejja
C.2	Tittejjeb il-metodoloġija u l-manwal użati għall-istudju dwar ir-RER (azzjoni ġdida mibnija fuq AP 2019/D4).	🟢	Implimentata
C.3	Titnaqqas l-approvazzjoni tal-ammont eċċessiv tal-prefinanzjament (azzjoni ġdida).	🔵	Għadha għaddejja
C.4	Titwettaq evalwazzjoni dwar l-użu tat-termini ta’ referenza għall-Verifikazzjonijiet tan-Nefqa (EV) (azzjoni ġdida).	🟢	Implimentata
Pjan ta’ azzjoni 2021			
A.1	Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotijiet.	🔵	Għadha għaddejja
B.1	Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta’ tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji.	🟢	Implimentata
B.2	Jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet ta’ riskju għoli mill-awditu tal-IAS dwar il-valutazzjoni tal-pilastri tal-azzjonijiet esterni (azzjoni ġdida).	🟢	Implimentata
C.1	Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu.	🔵	Għadha għaddejja
C.2	Tittejjeb il-metodoloġija u l-manwal użati għall-istudju dwar ir-RER.	🟢	Implimentata
C.3	Jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet għall-approvazzjoni tal-ammont eċċessiv tal-prefinanzjament.	🔵	Għadha għaddejja
C.4	Titwettaq evalwazzjoni dwar l-użu tat-Termini ta’ Referenza (ToR) għall-Verifikazzjonijiet tan-Nefqa (EV).	🟢	Implimentata
C.5	Tiġi kondiviża informazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ sikwit ma’ partijiet ikkonċernati ta’ kontroll rilevanti (azzjoni ġdida).	🔵	Għadha għaddejja

Pjan ta’ azzjoni 2022			
A.1	Jiġu ssimplifikati u kkjarifikati l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotijiet.	●	Għadha għaddejja
B.1	Titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali bil-ħsieb ta’ tnaqqis sostenibbli tal-iżbalji.	●	Implimentata
C.1	Jiġi kkjarifikat il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u jiġi promoss l-użu tiegħu.	●	Għadha għaddejja
C.2	Jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet għall-approvazzjoni tal-ammont eċċessiv tal-prefinanzjament.	●	Għadha għaddejja
C.3	Tiġi kondiviża informazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ spiss mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-kontroll (tinbena fuq AP 2021/C5).	●	Għadha għaddejja
C.4	Tiġi kondiviża informazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta’ spiss mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-kontroll (tinbena fuq AP 2021/C5).	●	Għadha għaddejja
C.5	Jittejjeb is-segwitu tas-sejbiet tal-QEA/RER (azzjoni ġdida).	●	Għadha għaddejja
C.6	Jissaħħu l-kontrolli meta jiġi abbozzat ftehim ta’ finanzjament għal operazzjonijiet ta’ appoġġ baġitarju (azzjoni ġdida).	●	Għadha għaddejja
C.7	Jissaħħu l-kontrolli fir-rigward tal-bażijiet legali qabel l-iffirmar tal-kuntratti (azzjoni ġdida).	●	Għadha għaddejja
C.8	Is-sħab jiġu mfakkra biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta jiġi identifikat li l-kontropartijiet jinsabu f’sitwazzjonijiet ta’ esklużjoni (azzjoni ġdida).	●	Għadha għaddejja

Sors: Il-pjanijiet ta’ azzjoni tal-Kummissjoni għall-2020, l-2021 u l-2022.

Anness III – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-bidċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2019	**Rakkomandazzjoni 1:** Ittejjeb aktar il-metodoloġija u l-manwal li jintużaw għall-istudju dwar ir-RER biex jiġu indirizzati l-problemi li identifikajna fir-rapport, sabiex ir-rata ta' żball irrappurtata fl-istudju tkun aktar affidabbli. Skeda ta' żmien: sa tmiem l-2021.		Il-Kummissjoni aġġornat kontinwament ir-regoli dwar ir-RER, iżda l-bidċa l-kbira mill-osservazzjonijiet mir-rieżamijiet preċedenti tagħna (eż. ir-rieżami tal-istudju tal-2021 dwar ir-RER) għadhom jippersistu.
	Rakkomandazzjoni 2: Toħroġ riżervi għall-oqsma kollha li jinsab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa totali u l-impatt finanzjarju tagħhom. Skeda ta' żmien: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA 2020		
2020	**Rakkomandazzjoni 1:** Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara. Skeda ta' żmien: sa tmiem l-2021.		Il-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rigward l-aċċess li għandna għad-dokumenti. Xi organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), bħall-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), ikomplu jipprovdu aċċess, li jinqara biss, għad-dokumentazzjoni ta' sostenn.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 2: Toħroġ riżervi għall-oqsma kollha li jinsab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa totali u l-impatt finanzjarju tagħhom. Skeda ta' żmien: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA 2021.		
	Rakkomandazzjoni 3: Tistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur inkarigat mit-twettiq tal-istudju dwar ir-RER biex jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-UE li tkun inqabdet matul il-xogħol tiegħu fuq l-istudju dwar ir-RER. Skeda ta' żmien: sa tmiem l-2022.		

Sors: il-QEA.

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2022

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI DWAR L-ATTIVITAJIET TAD-9, L-10 U L-11-IL FEŻ GĦAS-SENA FINANZJARJA 2022

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir ir-rapport tal-Qorti dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-implimentazzjoni tal-FEŻ isseħħ f'ambjenti riskjużi, kumplessi u li qed jevolvu dejjem aktar malajr. Hija kkaratterizzata mid-diversità:

- f'termini ta' dispersjoni ġeografika, li tkopri bosta Delegazzjonijiet tal-UE (DUE) differenti fid-dinja;
- f'termini ta' entitajiet ta' implimentazzjoni u pajjiżi sħab bil-kapaċitajiet differenti tagħhom ta' ġestjoni u kontroll, li jvarjaw minn NGOs lokali żgħar għal Organizzazzjonijiet Internazzjonali; kif ukoll
- f'termini ta' metodi ta' twassil tal-assistenza, inklużi proġetti tradizzjonali, appoġġ baġitarju, programmi ta' appoġġ għall-politika settorjali, kontribuzzjonijiet għal strumenti globali, taħlit, garanziji baġitarji, u modalitajiet oħra ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, mhuwiex faċli li jiġi impjegat persunal fid-Delegazzjonijiet f'pajjiżi fil-bżonn u hemm nuqqas ta' profili speċjalizzati kemm fid-DUE kif ukoll fil-kwartieri ġenerali (HQ).

Il-Kummissjoni tqis li f'dan il-kuntest diffiċli, xenarju ta' bla żbalji huwa improbabbli u ma jkunx kosteffiċjenti. Madankollu, il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effiċjenti tal-FEŻ skont il-qafas legali u finanzjarju eżistenti. Il-Kummissjoni tkompli tadatta u tirfina l-proċeduri tagħha biex tkompli tnaqqas ir-riskju ta' żbalji, filwaqt li fost l-oħrajn tqis ir-riżultati tad-dikjarazzjoni tal-QEA dwar l-aċċertament. Il-pjan ta' azzjoni li jiġi adottat kull sena mis-servizzi tal-Kummissjoni jinkludi, fost l-oħrajn, azzjonijiet li għandhom fil-mira t-tnaqqis ta' żbalji permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri, il-gwida aġġornata, it-taħriġ u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal u għas-sħab tagħha. Biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-2022 tal-QEA dwar il-FEŻ, il-Kummissjoni se tieħu aktar azzjonijiet biex issaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern tagħha kif tqis xieraq meta tqis ukoll il-kosteffiċjenza.

II. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li l-attivitajiet kollha tat-8 FEŻ tlestew fl-2021. Madankollu, għadhom jidhru xi bilanċi fil-kontijiet tat-8 FEŻ. Il-Kummissjoni se tapprova l-kontijiet rilevanti fil-ħin għat-tħejjija tal-kontijiet tal-2023.

Fir-rigward tal-anzjanità tal-fatturi miftuħa u tal-prefinanzjamenti li baqgħu mhux approvati sa 12-il sena (il-paragrafu 19), il-Kummissjoni tinnnota li l-maġġoranza ta' dawn il-prefinanzjamenti qodma huma marbuta ma' każijiet ta' litigazzjoni.

Biex jitnaqqsu l-prefinanzjamenti miftuħa qodma u biex tiġi indirizzata l-anzjanità tal-fatturi, il-Kummissjoni diġà stabbiliet kontrolli annwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tuża Dashboard tal-Portafoll li tippermetti lill-persunal tagħha:

- jimmonitorja l-anzjanità tal-prefinanzjamenti permezz ta' indikatur speċifiku[1];

-isir segwitu tal-fatturi li jkunu ilhom sospiżi għal aktar minn sena. Il-fatturi kollha li ilhom skaduti jiġu mmarkati fid-Dashboard sabiex l-uffiċjal awtorizzanti jkun jista' jidentifikahom u jieħu azzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja mill-qrib dawn it-tranżazzjonijiet miftuħa u se toħroġ aktar struzzjonijiet interni biex tnaqqashom.

2. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Nefqa

Rigward id-diżaggregazzjoni tal-iżbalji (il-paragrafu 22), il-Kummissjoni tinnota li fl-2022 madwar 50% tal-iżbalji miġburin flimkien huma dovuti għal **approvazzjoni ta' ammont eċċessiv**, li tfisser prattika fejn in-nefqa mhux imġarrba tiġi inkluża fil-kontijiet bħala nefqa mġarrba. Il-Kummissjoni tqis dawn l-iżbalji bħala temporanji billi huma mhux se jibqgħu jeżistu wara l-approvazzjonijiet finali. Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet inkluż li saqsiet lis-sħab tagħha jirrieżaminaw il-mudelli ta' rapportar biex jippermettu identifikazzjoni aktar faċli tan-nefqa mġarrba u se żżid l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward. Hija qed tistenna li tara riżultati pożittivi fis-snin li ġejjin.

L-iżbalji fil-**proċeduri tal-akkwist** jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 15 % tal-iżball kumplessiv. Dawn jistgħu jkunu minħabba dokument importanti nieqes jew xi żball matul l-evalwazzjoni. Madankollu, żbalji ta' dan it-tip mhux neċessarjament ifissru li l-proġetti rilevanti ma ġewx implimentati b'suċċess jew li hemm raġunijiet legali biex jiġu rkuprati l-fondi.

Tip ieħor ta' żball li l-Kummissjoni kkontestat ukoll fir-Rapporti Annwali passati u li huwa inkluż fin-nefqa ineliġibbli fil-Figura 4, jikkonċerna **7 % tal-ispejjeż indiretti ta' sottobenefiċjarji** li huma rrapportati bħala spejjeż diretti għas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan huwa konformi mar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li kemm is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kif ukoll is-sottobenefiċjarji huma intitolati għal massimu ta' 7 % kull wieħed ta' spejjeż indiretti/remunerazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li waħda mid-Delegazzjonijiet tal-UE kienet tirrappreżenta madwar 30 % tal-iżball totali. Bħalissa qed jittieħdu miżuri ta' rimedju sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fil-kontroll intern f'din id-Delegazzjoni.

Fir-rigward tar-rapporti tal-awditjar/ta' verifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 26, il-Kummissjoni tenfasizza li qed taġġorna regolarment it-termini ta' referenza għall-verifikazzjonijiet tan-nefqa biex tagħmilhom aktar effiċjenti u adatti għall-iskop tagħhom. Pereżempju, ir-rapporti tal-awditjar/ta' verifikazzjoni issa jeħtieġ li jinkludu l-lista ta' tranżazzjonijiet soġġetti għal awditjar/verifikazzjoni u jidentifikaw dawk li huma inklużi fil-kampjun. Din ir-reviżjoni għandha l-għan li ttejjeb il-kompletezza u ċ-ċarezza tar-rappurtar.

Tweġiba għall-Kaxxa 2

Nefqa mhux imġarrba: defiċjenza fis-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament

1. Indikatur I08 - Tnaqqis tal-Prefinanzjamenti Antiki.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-iżball; il-Kwartieri Ġenerali diġà ddeċieda dwar sett ta' azzjonijiet ta' rimedju biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-Delegazzjonijiet tal-UE, inkluż it-taħriġ tal-persunal u missjoni ta' superviżjoni, u nieda l-implimentazzjoni tagħhom.

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ineliġibbli imposta fuq il-proġett / Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn

Il-Kummissjoni hija involuta fi djalogu mal-Organizzazzjoni Internazzjonali kkonċernata u se tieħu azzjonijiet korrettivi xierqa.

Nuqqas serju ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku: deċiżjonijiet mhux iġġustifikati mill-uffiċjal nazzjonali tal-awtorizzazzjoni

Il-Kummissjoni tqis li l-evalwazzjoni tal-proċedura tal-akkwist pubbliku setgħet ġiet iddokumentata aħjar. Il-Kummissjoni tirrimarka li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni uża s-setgħa diskrezzjonali tiegħu biex japplika metodu ta' kalkolu meħtieġ biex jivverifika l-konformità mar-rekwiżit tekniku.

Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

Id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) ikompli jieħu azzjoni biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' kontroll kif xieraq. Filwaqt li d-DĠ INTPA jadotta pjan ta' azzjoni ġdid relatat mal-kontroll intern kull sena, kull pjan ġdid huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tal-pjan ta' azzjoni preċedenti, is-sejbiet mill-QEA u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u evalwazzjoni tar-riskji sottostanti. Għalhekk, il-pjanijiet ta' azzjoni fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jinkludu wkoll azzjonijiet relatati ma' oqsma soġġetti għal riżervi f'Rapporti Annwali tal-Attività preċedenti.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni attwali 2022 li jindirizza d-dgħufijiet identifikati fil-kontroll u r-riskji għoljin tinsab fit-triq it-tajba. Id-data fil-mira tal-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet (sitta) hija l-aħħar tal-2023 jew aktar tard. Id-DĠ INTPA se jivvaluta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2022 fil-ħarifa tal-2023, filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, is-sejbiet tal-QEA fir-Rapport Annwali tiegħu tal-2022 dwar il-FEŻ.

Studju dwar ir-RER

L-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu (Residual Error Rate, RER) huwa element importanti li fuqu hija bbażata d-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, iżda mhuwiex l-uniku sors ta' aċċertament. Id-DĠ INTPA għandu qafas ta' kontroll intern komprensiv u strateġija ta' kontroll li jkopru ċ-ċiklu sħiħ ta' implimentazzjoni. L-elementi kollha tal-qafas ta' kontroll iservu bħala elementi kostitwenti għall-aċċertament tiegħu li huwa rrappurtat fir-Rapporti Annwali tal-Attività tiegħu. Dan tal-aħħar huwa l-bażi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (Annual Management and Performance Report, AMPR).

Rigward il-paragrafu 34, il-Kummissjoni tqis li l-kuntrattur estern applika l-estrapolazzjoni ta' entrati ta' valur għoli f'konformità mal-metodoloġija tal-istudji dwar ir-RER. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-RER (1,15 %) ma kinitx sottovalutata.

Rigward il-fehma li t-tqegħid ta' dipendenza fuq ix-xogħol ta' awdituri oħra jmur kontra l-iskop ta' studju dwar ir-RER (il-paragrafu 35), il-Kummissjoni, wara osservazzjonijiet tal-passat dwar allegata dipendenza żejda, emendat id-dokumenti li jirregolaw l-Istudji dwar ir-RER. Issa l-Kummissjoni teħtieġ li każijiet ta' dipendenza sħiħa u parzjali fuq xogħol ta' kontroll minn qabel għandhom jiġu mmonitorjati fid-dawl ta' medji storiċi, li ma għandhomx jinqabżu b'mod sinifikanti mingħajr raġunament dettaljat.

Il-QEA ssib in-nuqqas ta' riżervi fir-RAA 2022 mhux ġustifikat u tqis li dan jirriżulta parzjalment mil-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER iżda wkoll mill-estrapolazzjoni skorretta tal-iżbalji. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-ispjegazzjoni ta' hawn fuq bi tweġiba għall-paragrafu 34, tqis li n-nuqqas ta' riżervi huwa ġġustifikat. Dan huwa r-riżultat tal-implimentazzjoni korretta tal-metodoloġija tar-RER u tal-istruzzjonijiet mis-servizzi ċentrali tagħha li permezz tagħhom riżerva, għajr dik reputazzjonali, għandha tinħareġ meta r-rata tal-iżball residwu għas-segment korrispondenti tan-nefqa tkun ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 1 mir-Rapport Annwali 2019 tal-QEA dwar il-FEŻ dwar it-titjib tal-metodoloġija u l-manwal użat għall-istudju dwar ir-RER, il-Kummissjoni aġġornat il-manwal tal-Istudju dwar ir-RER u l-metodoloġija f'Jannar 2022 filwaqt li indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA kif xieraq, mingħajr ma biddlet in-natura tal-istudju. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li hija implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA sa fejn ikun possibbli.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2 mir-rapporti annwali 2019 u 2020 tal-QEA dwar il-FEŻ dwar il-ħruġ ta' riżervi għall-oqsma kollha li nstabu li għandhom livell għoli ta' riskju, il-Kummissjoni ma aċċettatx dawn ir-rakkomandazzjonijiet għar-raġunijiet ipprovduti fit-tweġibiet ippubblikati mar-rapport tal-QEA. Mis-sena finanzjarja 2019 'l hawn, ġiet introdotta regola *de minimis* għall-ħruġ ta' riżervi fir-RAA fil-livell korporattiv, applikabbli għar-Rapporti Annwali tal-Attività kollha madwar il-Kummissjoni. L-għan tagħha huwa li tiffoka l-għadd ta' riżervi fuq dawk sinifikanti biss, filwaqt li żżomm it-trasparenza fir-rappurtar tal-ġestjoni peress li l-każijiet li għalihom tiġi applikata r-regola *de minimis* huma msemmija kif xieraq fir-RAA. B'riżultat ta' dan, ir-rakkomandazzjonijiet ġew miċħuda.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 1 mir-Rapport Annwali 2020 tal-QEA dwar il-FEŻ biex jiġi żgurat l-aċċess f'waqtu, illimitat u komplet għall-QEA għad-dokumenti tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, il-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali dwar l-aċċess tal-QEA għad-dokumenti. Il-Kummissjoni qed taħdem b'mod attiv mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali kkonċernati li t-tranżazzjonijiet tagħhom ikkontribwew għar-rata ta' żball, kemm permezz ta' soluzzjonijiet prattiċi kif ukoll permezz ta' djalogu ta' livell għoli. Il-Kummissjoni għandha wkoll punt ta' kuntatt permanenti li jikkollabora immedjatament mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali rilevanti kull meta problema tinġieb għall-attenzjoni tagħha mill-QEA, biex titħaffef is-sottomissjoni tad-dokumenti.

Il-kwistjoni tal-għoti ta' aċċess lill-QEA għad-dokumenti ġiet diskussa f'laqgħat reċenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (Financial and Administrative Framework Agreement, FAFA) bejn l-UE u n-NU u laqgħat bilaterali bejn il-Kummissjoni u s-sħab tagħha. Hija inkluża wkoll b'mod sistematiku fid-djalogu regolari mal-organizzazzjonijiet tan-NU. Il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll diskussjonijiet tekniċi bejn in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-QEA bil-ħsieb li jiġi żgurat fehim reċiproku tar-restrizzjonijiet tal-partijiet kollha u biex jiġu identifikati passi konkreti u prattiċi biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għad-dokumenti. It-taħriġ konġunt mal-persunal tan-NU reġa' beda fl-2023, u l-Kummissjoni qablet ukoll man-NU biex tistabbilixxi Gruppi Tekniċi Konġunti biex jiddiskutu regolarment kwistjonijiet ta' awditjar u kontroll. Madankollu, għall-Organizzazzjonijiet

tan-NU, l-għoti ta' aċċess li jkun aktar minn dak f'format "li jinqara biss" għad-dokumenti tagħhom imur kontra r-regoli interni tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tieħu azzjoni biex issib soluzzjonijiet prattiċi u fit-tul għal dawn il-kwistjonijiet.

Rakkomandazzjoni 1 – Jiġi vverifikat li l-bilanċi kontabilistiċi għall-FEŻ magħluqa jiġu approvati b'mod f'waqtu

Jiġi vverifikat li l-bilanċi kontabilistiċi kollha għall-FEŻ magħluqa jiġu approvati u li l-informazzjoni fil-kontijiet annwali tiġi aġġornata b'mod f'waqtu.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: fil-ħin għat-tħejjija tal-kontijiet tal-2023)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni u se timplimenta l-azzjoni rilevanti.

Rakkomandazzjoni 2 – Jiġi vverfikat li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu fil-kontijiet annwali

Jiġi vverifikat li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli timmonitorja mill-qrib dawn it-tranżazzjonijiet miftuħa. Barra l-kontrolli eżistenti, il-Kummissjoni se toħroġ aktar struzzjonijiet interni u tfakkar il-ħtieġa li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu.

Rakkomandazzjoni 3 – Jittieħdu miżuri biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament

Jittieħdu miżuri xierqa biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE ħalli l-ammonti li jkunu għadhom ma ntefqux, iżda li jkunu ntalbu bħala spejjeż imġarrba, jiġu identifikati qabel ma jsiru l-pagamenti jew tiġi approvata n-nefqa.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni u tqisha parzjalment implimentata. Diġà ttieħdu diversi miżuri, bħal lista ta' kontroll ġdida, gwida addizzjonali u seminars ta' taħriġ għall-persunal tagħha sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi evitat dan l-iżball rikorrenti fil-kontabbiltà.

Rakkomandazzjoni 4 – Jittenna l-obbligu ta' konformità mar-regoli tal-VAT u jitwettqu verifiki xierqa

Lill-benefiċjarji tal-proġetti tal-UE jittenna li jeħtiġilhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet kuntrattwali relatati mal-eliġibbiltà tal-VAT, u jwettqu l-verifiki meħtieġa biex jiżguraw li l-VAT dedućibbli ma tiġix imposta fuq il-proġetti.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni u se ttenni dan l-obbligu għall-benefiċjarji tal-proġetti tal-UE.

Rakkomandazzjoni 5 – Jissaħħu l-kontrolli *ex ante* qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa

Titqies l-informazzjoni teknika u finanzjarja kollha disponibbli biex jiġu impediti, jew identifikati, u jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli tqajjem kuxjenza lill-persunal tagħha biex jimplimenta b'mod korrett il-qafas kuntrattwali u l-proċeduri rilevanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunsiderazzjoni tal-informazzjoni teknika u finanzjarja disponibbli qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-analiżi tas-sejbiet rikorrenti sabiex jiġu impediti, identifikati u kkoreġuti l-iżbalji.

Rakkomandazzjoni 6 – Tittejjeb il-metodoloġija tar-RER u tiġi vverifikata l-applikazzjoni xierqa tagħha

Tittejjeb il-metodoloġija użata għall-istudju dwar ir-RER sabiex l-oġġetti ta' valur għoli jiġu estrapolati b'mod korrett, u jiġi vverifikat li l-kuntrattur japplikaha kif suppost.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024)

Il-Kummissjoni **ma taċċettax** ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li mhuwiex meħtieġ li tinbidel il-metodoloġija użata għall-istudju dwar ir-RER għall-estrapolazzjoni ta' oġġetti ta' valur għoli.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Kapitolu 3:

- Figura 3.1:
  din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- L-Anness 3.1, l-Anness 3.2, l-Anness 3.3:
  dawn it-tabelli tfasslu bl-użu ta' ikoni , , , minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Kapitolu 6:

- Figura 6.2:
  din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 6.3:
  din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni u minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 6.5:
  l-ikoni fl-għamla ta' ger li ntużaw ġew immodifikati mill-QEA, © **By Ramziia** – stock.adobe.com

Kapitolu 7:

- Kaxxa 7.1 u Kaxxa 7.2:
  il-QEA, bil-permess tal-AGEA, id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Kaxxa 7.3:
  ir-ritratt bis-satellita huwa proprjetà tal-AGEA u ġie mmodifikat minnha - © CGR SpA (Compagnia Generale Ripreseaeree), id-drittijiet kollha huma riżervati.

Kapitolu 9:

- Anness 9.1:
  maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa ©Mapbox u ©OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Kapitolu 11:

- Figura 11.1:
  din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 11.5:
  dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' ikoni , , minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 11.5:
  l-ikoni fl-għamla ta' ger li ntużaw  ġew immodifikati mill-QEA, © **By Ramziia** – stock.adobe.com

FEŻ:

Annessi I u II:

maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa ©Mapbox u ©OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-847-9982-4	ISSN 2600-1675	doi:10.2865/358427	QJ-AL-23-001-MT-N

Ir-rapport annwali tagħna jippreżenta l-opinjoni tagħna dwar jekk il-kontijiet annwali tal-UE humiex affidabbli u jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi tad-dħul u tan-nefqa jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Huwa jippreżenta wkoll l-analiżi li wettaqna tal-aspetti, relatati kemm mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja kif ukoll mal-prestazzjoni, tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea